Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Bejn L-Unjoni Ewropea U New Zealand

TABELLA TA' KONTENUT

PREAMBOLU

KAPITOLU 1 - DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

KAPITOLU 2 - TRATTAMENT NAZZJONALI U AĊĊESS GĦAS-SUQ GĦALL-OĠĠETTI

KAPITOLU 3 - REGOLI TAL-ORIĠINI U PROĊEDURI TAL-ORIĠINI

TAQSIMA A: REGOLI TAL-ORIĠINI

TAQSIMA B: PROĊEDURI TAL-ORIĠINI

TAQSIMA C: DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

KAPITOLU 4 - DWANA U FAĊILITAZZJONI TAL-KUMMERĊ

KAPITOLU 5 - RIMEDJI KUMMERĊJALI

TAQSIMA A: DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

TAQSIMA B: DAZJI ANTI-DUMPING U KUMPENSATORJI

TAQSIMA C: MIŻURI TA' SALVAGWARDJA GLOBALI

TAQSIMA D: MIŻURI TA' SALVAGWARDJA BILATERALI

SUBTAQSIMA 1: REGOLI PROĊEDURALI APPLIKABBLI GĦAL MIŻURI TA' SALVAGWARDJA BILATERALI

KAPITOLU 6 - KWISTJONIJIET SANITARJI U FITOSANITARJI

KAPITOLU 7 - SISTEMI TAL-IKEL SOSTENIBBLI

KAPITOLU 8 - IL-BENESSRI TAL-ANNIMALI

KAPITOLU 9 - OSTAKOLI TEKNIĊI GĦALL-KUMMERĊ

KAPITOLU 10 - LIBERALIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ FIS-SERVIZZI U L-INVESTIMENT

TAQSIMA A: DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

TAQSIMA B: LIBERALIZZAZZJONI TAL-INVESTIMENT

TAQSIMA C: KUMMERĊ TRANSFRUNTIER FIS-SERVIZZI

TAQSIMA D: DĦUL U SOĠĠORN TEMPORANJU TA' PERSUNI FIŻIĊI GĦAL FINIJIET TA' NEGOZJU

TAQSIMA E: QAFAS REGOLATORJU

SUBTAQSIMA 1: REGOLAMENTAZZJONI DOMESTIKA

SUBTAQSIMA 2: DISPOŻIZZJONIJIET TA' APPLIKAZZJONI ĠENERALI

SUBTAQSIMA 3: SERVIZZI TA' KONSENJA

SUBTAQSIMA 4: SERVIZZI TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI

SUBTAQSIMA 5: SERVIZZI FINANZJARJI

SUBTAQSIMA 6: SERVIZZI TAT-TRASPORT MARITTIMU INTERNAZZJONALI

KAPITOLU 11 - MOVIMENTI TA' KAPITAL, PAGAMENTI U TRASFERIMENTI

KAPITOLU 12 - KUMMERĊ DIĠITALI

TAQSIMA A: DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

TAQSIMA B: FLUSSI TRANSFRUNTIERA TAD-DATA U L-PROTEZZJONI TA' DATA PERSONALI

TAQSIMA C: DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

KAPITOLU 13 — ENERĠIJA U MATERJA PRIMA

KAPITOLU 14 — AKKWIST PUBBLIKU

KAPITOLU 15 — POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

KAPITOLU 16 — SUSSIDJI

KAPITOLU 17 — INTRAPRIŻI TAL-ISTAT

KAPITOLU 18 — PROPRJETÀ INTELLETTWALI

TAQSIMA A: DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

TAQSIMA B: STANDARDS LI JIRRIGWARDAW ID-DRITTIJIET TA' PROPRJETÀ INTELLETTWALI

SUBTAQSIMA 1: DRITTIJIET TAL-AWTUR U DRITTIJIET RELATATI

SUBTAQSIMA 2: MARKI KUMMERĊJALI

SUBTAQSIMA 3: DISINNI

SUBTAQSIMA 4: INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI

SUBTAQSIMA 5: PROTEZZJONI TA' INFORMAZZJONI MHUX DIVULGATA

SUBTAQSIMA 6: VARJETAJIET TA' PJANTI

TAQSIMA C: INFURZAR TAD-DRITTIJIET TA' PROPRJETÀ INTELLETTWALI

SUBTAQSIMA 1: INFURZAR ĊIVILI U AMMINISTRATTIV

SUBTAQSIMA 2: INFURZAR FIL-FRUNTIERI

TAQSIMA D: DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

KAPITOLU 19 - KUMMERĊ U ŻVILUPP SOSTENIBBLI

KAPITOLU 20 — KOOPERAZZJONI KUMMERĊJALI U EKONOMIKA MĀORI

KAPITOLU 21 — INTRAPRIŻI ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU

KAPITOLU 22 PRATTIKI REGOLATORJI TAJBA U KOOPERAZZJONI REGOLATORJA

KAPITOLU 23 — TRASPARENZA

KAPITOLU 24 — DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI

KAPITOLU 25 — EĊĊEZZJONIJIET U DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

KAPITOLU 26 — SOLUZZJONI TAT-TILWIM

TAQSIMA A: OBJETTIV U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

TAQSIMA B: KONSULTAZZJONIJIET

TAQSIMA C: PROĊEDURI TAL-BORD

TAQSIMA D: MEDJAZZJONI

TAQSIMA E: DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

KAPITOLU 27 — DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

ANNESS 2-A: SKEDI GĦAT-TNEĦĦIJA TAT-TARIFFI

TAQSIMA A: DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

TAQSIMA B: AMMINISTRAZZJONI TAL-KWOTI TARIFFARJI

TAQSIMA C: KWOTI TAR-RATI TARIFFARJI TAL-UNJONI EWROPEA

TAQSIMA D: FATTURI TA' KONVERŻJONI

ANNESS 3-A: NOTI INTRODUTTORJI GĦAR-REGOLI TAL-ORIĠINI SPEĊIFIĊI GĦALL-PRODOTT

ANNESS 3-B: REGOLI TAL-ORIĠINI SPEĊIFIĊI GĦALL-PRODOTT

APPENDIĊI 3-B-1: KWOTI TAL-ORIĠINI U ALTERNATTIVI GĦAR-REGOLI TAL-ORIĠINI SPEĊIFIĊI GĦALL-PRODOTT FL-ANNESS 3-B (REGOLI TAL-ORIĠINI SPEĊIFIĊI GĦALL-PRODOTT)

ANNESS 3-C: TEST TAD-DIKJARAZZJONI DWAR L-ORIĠINI

ANNESS 3-D: ID-DIKJARAZZJONI TAL-FORNITUR IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3.3(4) (AKKUMULAZZJONI TAL-ORIĠINI)

ANNESS 3-E: DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR IL-PRINĊIPAT TA' ANDORRA

ANNESS 3-F: DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR IR-REPUBBLIKA TA' SAN MARINO

ANNESS 6-A: AWTORITAJIET KOMPETENTI

ANNESS 6-B: KUNDIZZJONIJIET REĠJONALI GĦALL-PJANTI U GĦALL-PRODOTTI MILL-PJANTI

ANNESS 6-C: RIKONOXXIMENT TAL-EKWIVALENZA TAL-MIŻURI SPS

ANNESS 6-D: LINJI GWIDA U PROĊEDURI GĦAL AWDITU JEW VERIFIKA

ANNESS 6-E: ĊERTIFIKAZZJONI

TAQSIMA 1: KOMODITAJIET B'EKWIVALENZA SPEĊIFIKATA FL-ANNESS 6-C (RIKONOXXIMENT TAL-EKWIVALENZA TAL-MIŻURI SPS) – DIKJARAZZJONIJIET

TAQSIMA 2: TRAŻMISSJONI ELETTRONIKA TAD-DATA

TAQSIMA 3: RISPONS GĦALL-KRIŻIJIET

ANNESS 6-F: KONTROLLI U TARIFFI TAL-IMPORTAZZJONI

ANNESS 9-A: AĊĊETTAZZJONI TAL-VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ (DOKUMENTI)

ANNESS 9-B: VETTURI BIL-MUTUR U TAGĦMIR JEW PARTIJIET TAGĦHOM

APPENDIĊI 9-B-1: KATEGORIJI TA' VETTURI ESKLUŻI

ANNESS 9-C: ARRANĠAMENT IMSEMMI FIL-PUNT (b) TAL-ARTIKOLU 9.10(5) GĦALL-ISKAMBJU SISTEMATIKU TAL-INFORMAZZJONI F'RELAZZJONI MAS-SIGURTÀ TA' PRODOTTI MHUX TAL-IKEL U MIŻURI PREVENTIVI, RESTRITTIVI U KORRETTIVI

ANNESS 9-D: ARRANĠAMENT IMSEMMI FL-ARTIKOLU 9.10(6) GĦALL-ISKAMBJU REGOLARI TA' INFORMAZZJONI RIGWARD IL-MIŻURI MEĦUDA DWAR IL-PRODOTTI MHUX TAL-IKEL MHUX KONFORMI, APPARTI DAWK KOPERTI MILL-PUNT (b) tal-ARTIKOLU 9.10(5)

ANNESS 9-E: INBID U SPIRTI

APPENDIĊI 9-E-1: Il-liġi ta' New Zealand kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1) (Definizzjonijiet tal-prodotti u prattiki u proċessi enoloġiċi)

APPENDIĊI 9-E-2: Il-liġi ta' New Zealand kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 6(1) (Definizzjonijiet tal-prodotti u prattiki u proċessi enoloġiċi)

APPENDIĊI 9-E-3: PRATTIKI ENOLOĠIĊI TA' NEW ZEALAND

APPENDIĊI 9-E-4: Id-dritt tal-Unjoni kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 6(2) (Definizzjonijiet tal-prodotti u prattiki u proċessi enoloġiċi)

APPENDIĊI 9-E-5: Id-dritt tal-Unjoni kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 6(2) (Definizzjonijiet tal-prodotti u prattiki u proċessi enoloġiċi)

APPENDIĊI 9-E-6: PRATTIKI ENOLOĠIĊI TAL-UNJONI EWROPEA

APPENDIĊI 9-E-7: DOKUMENT VI-1 SIMPLIFIKAT

APPENDIĊI 9-E-8: ĊERTIFIKAT SIMPLIFIKAT

APPENDIĊI 9-E-9: DIKJARAZZJONIJIET

ANNESS 10-A: MIŻURI EŻISTENTI

ANNESS 10-B: MIŻURI FUTURI

ANNESS 10-C: VIŻITATURI GĦAL RAĠUNIJIET PROFESSJONALI B'FINIJIET TA' STABBILIMENT, ĦADDIEMA BI TRASFERIMENT INTRA-AZJENDALI U VIŻITATURI GĦAL RAĠUNIJIET PROFESSJONALI GĦAL ŻMIEN QASIR

ANNESS 10-D: LISTA TA' ATTIVITAJIET TA' VIŻITATURI PROFESSJONALI GĦAL ŻMIEN QASIR

ANNESS 10-E: FORNITURI TA' SERVIZZI KUNTRATTWALI U PROFESSJONISTI INDIPENDENTI

ANNESS 10-F: MOVIMENT TA' PERSUNI FIŻIĊI GĦAL SKOPIJIET PROFESSJONALI

ANNESS 13: LISTI TA' OĠĠETTI TAL-ENERĠIJA, IDROKARBURI U MATERJA PRIMA

ANNESS 14: IMPENJI TA' AĊĊESS GĦAS-SUQ TAL-AKKWIST PUBBLIKU

TAQSIMA A: SKEDA TAL-UNJONI EWROPEA

TAQSIMA B: SKEDA TA' NEW ZEALAND

SUBTAQSIMA 1: ENTITAJIET TAL-GVERN ĊENTRALI

SUBTAQSIMA 2: ENTITAJIET TAL-GVERN SUBĊENTRALI

SUBTAQSIMA 3: ENTITAJIET OĦRAJN

SUBTAQSIMA 4: PRODOTTI

SUBTAQSIMA 5: SERVIZZI

SUBTAQSIMA 6: SERVIZZI TAL-KOSTRUZZJONI

SUBTAQSIMA 7: NOTI ĠENERALI

ANNESS 18-A: KLASSIJIETTAL-PRODOTTI

ANNESS 18-B: LISTI TAL-INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI

TAQSIMA A: LISTA TA' INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI — UNJONI EWROPEA

TAQSIMA B: LISTA TA' INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI — NEW ZEALAND

ANNESS 19: OĠĠETTI U SERVIZZI AMBJENTALI

ANNESS 24: REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ

ANNESS 26-A: REGOLI TA' PROĊEDURA GĦAS-SOLUZZJONI TAT-TILWIM

ANNESS 26-B: KODIĊI TA' KONDOTTA GĦALL-MEMBRI TAL-BORD U L-MEDJATURI

ANNESS 26-C: REGOLI TA' PROĊEDURA GĦALL-MEDJAZZJONI

ANNESS 27: DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-UNJONIJIET DOGANALI

APPENDIĊI 2-A-1: SKEDA TARIFFARJA TAL-UNJONI EWROPEA

APPENDIĊI 2-A-2: SKEDA TARIFFARJA TA' NEW ZEALAND

PREAMBOLU

L-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni",

u

New Zealand,

minn hawn 'il quddiem imsejħa individwalment "Parti" u flimkien imsejħin il-"Partijiet",

FILWAQT LI JAGĦRFU s-sħubija fit-tul u b'saħħitha tagħhom ibbażata fuq il-prinċipji u fuq il-valuri komuni riflessi fil-Ftehim ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, li sar fi Brussell fil-5 ta' Ottubru 2016, u r-relazzjoni ekonomika, kummerċjali u ta' investiment importanti tagħhom;

DEĊIŻI li jsaħħu r-relazzjonijiet ekonomiċi tagħhom, u jespandu l-kummerċ u l-investiment bilaterali;

FILWAQT LI JAGĦRFU l-importanza tal-kooperazzjoni dinjija sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' interess komuni;

FILWAQT LI JAGĦRFU l-importanza tat-trasparenza fil-kummerċ u fl-investiment internazzjonali għall-benefiċċju tal-partijiet ikkonċernati kollha;

FILWAQT LI JFITTXU li jistabbilixxu ambjent stabbli u prevedibbli b'regoli ċari u vantaġġużi b'mod reċiproku li jirregolaw il-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet, u li jnaqqsu jew jeliminaw l-ostakli għalihom;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li te Tiriti o Waitangi/it-Trattat ta' Waitangi huwa dokument fundamentali ta' importanza kostituzzjonali għal New Zealand;

XEWQANA li jgħollu l-istandards tal-għajxien, jippromwovu t-tkabbir ekonomiku inklużiv u l-istabbilità ekonomika, joħolqu opportunitajiet ġodda ta' impjieg u jtejbu l-benesseri ġenerali u, għal dan l-għan, itennu l-impenn tagħhom li jippromwovu l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-investiment;

KONVINTI li dan il-Ftehim joħloq suq akbar u sigur għall-oġġetti u għas-servizzi, u b'hekk iżid il-kompetittività tal-kumpaniji tagħhom fis-swieq globali;

DETERMINATI li jsaħħu r-rabtiet ekonomiċi, kummerċjali u tal-investiment tagħhom f'konformità mal-objettiv ta' żvilupp sostenibbli, fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu, u li jippromwovu l-kummerċ u l-investiment li huma konsistenti mal-għanijiet ta' livelli għoljin ta' ħarsien tal-ambjent u ta' protezzjoni tal-ħaddiema u mal-istandards u mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti u rikonoxxuti fuq livell internazzjonali li huma parti għalihom;

DETERMINATI li jtejbu l-benesseri tal-konsumatur permezz ta' politiki li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, għażla għall-konsumatur u benesseri ekonomiku;

FILWAQT li JAFFERMAW id-dritt tal-Partijiet li jirregolaw fit-territorji tagħhom sabiex jilħqu objettivi ta' politika leġittimi, bħall-protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti; is-servizzi soċjali; l-edukazzjoni pubblika; is-sikurezza; l-ambjent, li jinkludi t-tibdil fil-klima; il-morali pubbliċi; il-protezzjoni soċjali jew tal-konsumatur; it-trattament xieraq tal-annimali; il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*; il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali; u, fil-każ ta' New Zealand, il-promozzjoni jew il-protezzjoni tad-drittijiet, tal-interessi, tad-dmirijiet u tar-responsabbiltajiet tal-Māori;

IMPENJATI li jikkomunikaw mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha mis-soċjetà ċivili, li jinkludu s-settur privat, it-trade unions u organizzazzjonijiet mhux governattivi oħrajn;

FILWAQT LI JAGĦRFU l-importanza tal-promozzjoni tal-parteċipazzjoni inklużiva fil-kummerċ internazzjonali, u tal-indirizzar tal-ostakli u ta' sfidi oħrajn li jeżistu għall-partijiet ikkonċernati domestiċi fl-aċċess għall-kummerċ internazzjonali u għall-opportunitajiet ekonomiċi, inkluż fil-kummerċ diġitali;

DETERMINATI li jindirizzaw l-isfidi partikolari li jiffaċċjaw l-intrapriżi żgħar u medji fil-kontribut għall-iżvilupp tal-kummerċ u tal-investiment dirett barrani;

FILWAQT LI JAGĦRFU l-importanza tal-kummerċ internazzjonali fl-abilitazzjoni u fl-avvanz tal-benesseri tal-Māori, u l-isfidi li jeżistu għall-Māori, inklużi l-wāhine Māori, fl-aċċess għall-opportunitajiet ta' kummerċ u ta' investiment derivati mill-kummerċ internazzjonali, inklużi l-opportunitajiet u l-benefiċċji maħluqin minn dan il-Ftehim;

FILWAQT LI JFITTXU li javvanzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa billi jippromwovu l-importanza ta' politiki u ta' prattiki inklużivi għall-ġeneri f'attivitajiet ekonomiċi, inkluż il-kummerċ internazzjonali, fi sforz sabiex jiġu eliminati l-forom kollha ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' ġeneru;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom lejn il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti ffirmata f'San Francisco fis-26 ta' Ġunju 1945 u wara li kkunsidraw il-prinċipji artikolati fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-10 ta' Diċembru 1948;

FILWAQT LI JIBNU fuq id-drittijiet u fuq l-obbligi rispettivi tagħhom skont il-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, li sar f'Marrakesh fil-15 ta' April 1994, u strumenti multilaterali u bilaterali oħrajn ta' kooperazzjoni li ż-żewġ Partijiet huma parti għalihom;

QABLU FUQ DAN LI ĠEJ:

KAPITOLU 1

Dispożizzjonijiet Inizjali

Artikolu 1.1

Objettivi ta' dan il-Ftehim

L-objettivi ta' dan il-Ftehim huma li jilliberalizzaw u jiffaċilitaw il-kummerċ u l-investiment, kif ukoll li jippromwovi relazzjoni ekonomika msaħħa bejn il-Partijiet.

Artikolu 1.2

Definizzjonijiet ġenerali

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "prodott agrikolu" tfisser prodott elenkat fl-Anness 1 għall-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

(b) "CCMAA" tfisser il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni u l-assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali ([1]), magħmul fi Brussell fit-3 ta' Lulju 2017;

(c) "awtorità doganali" tfisser:

(i) fir-rigward ta' New Zealand, is-Servizz Doganali ta' New Zealand; u

(ii) fir-rigward tal-Unjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea li huma responsabbli għall-materji doganali jew, kif xieraq, l-amministrazzjonijiet doganali u kwalunkwe awtorità oħra mogħtija s-setgħa fl-Istati Membri sabiex japplikaw u jinfurzaw il-leġiżlazzjoni doganali;

(d) "dazju doganali" tfisser kwalunkwe dazju jew imposta ta' kwalunkwe tip imposta fuq l-importazzjoni ta' oġġett jew b'rabta magħha, iżda ma tinkludix:

(i) imposta ekwivalenti għal taxxa interna imposta skont l-Artikolu III:2 tal-GATT tal-1994;

(ii) dazju anti-dumping jew kumpensatorju applikat f'konformità mal-GATT tal-1994, mal-Ftehim dwar l-Anti-dumping, u mal-Ftehim SCM ; u

(iii) tariffa jew imposta oħra imposta fuq importazzjoni li hija limitata fl-ammont għall-kost approssimattiv tas-servizzi mogħtijin, jew b'rabta magħha;

(e) "CPC" tfisser il-Klassifikazzjoni Proviżorja Ċentrali tal-Prodotti (Statistical Papers Series M No. 77, Department of Economic and Social Affairs, Statistical Office of the United Nations, New York, 1991);

(f) "jum" tfisser jum tal-kalendarju;

(g) "impriża" tfisser persuna ġuridika jew fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv ta' persuna ġuridika;

(h) "UE" jew "Unjoni" tfisser l-Unjoni Ewropea;

([1]) ĠU L 101, 20.4.2018, p. 6.

(i) "eżistenti" tfisser, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan il-Ftehim, effettiv fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

(j) "oġġett ta' Parti" tfisser prodott domestiku skont iit-tifsira tal-GATT tal-1994, u jinkludi oġġetti li joriġinaw f'dik il-Parti;

(k) "Sistema Armonizzata" jew "SA" tfisser is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija, inklużi n-noti legali kollha u l-emendi għalihom żviluppati mill-WCO;

(l) "intestatura" tfisser l-ewwel erba' figuri fin-numru tal-klassifikazzjoni tariffarja skont is-Sistema Armonizzata;

(m) "ILO" tfisser l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol;

(n) "persuna ġuridika" tfisser kwalunkwe entità legali debitament ikkostitwita jew organizzata b'xi mod ieħor skont il-liġi ta' Parti, kemm jekk għall-profitt jew għal fini ieħor, u kemm jekk tkun ta' proprjetà privata jew tal-gvern, inkluża kwalunkwe korporazzjoni, trust, sħubija, impriża konġunta, impriża individwali jew assoċjazzjoni;

(o) "miżura" tfisser kwalunkwe miżura minn Parti, kemm jekk fil-forma ta' liġi, ta' regolament, ta' regola, ta' proċedura, ta' deċiżjoni, ta' azzjoni amministrattiva, ta' rekwiżit jew ta' prattika, jew kwalunkwe forma oħra ([2]);

(p) "miżuri ta' Parti" tfisser kwalunkwe miżura adottata jew miżmuma minn ([3]):

(i) gvernijiet jew awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali; u

(ii) entitajiet mhux governattivi fl-eżerċizzju ta' setgħat iddelegati minn gvernijiet jew minn awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali;

(q) "Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni;

(r) "persuna fiżika ta' Parti" tfisser:

(i) għall-Unjoni, persuna bin-nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri skont il-liġi tiegħu ([4]); u

(ii) għal New Zealand, persuna bin-nazzjonalità ta' New Zealand skont il-liġi tagħha ([5]);

(s) "OECD" tfisser l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi;

(t) "oriġinarji" tfisser kwalifika bħala oriġinarji skont ir-regoli tal-oriġini stabbiliti fil-Kapitolu 3 (Regoli tal-oriġini u proċeduri ta' oriġini);

(u) "oġġett oriġinarju" jew "oġġett li joriġina f'Parti" tfisser oġġett li jikkwalifika skont ir-regoli tal-oriġini stabbiliti fil-Kapitolu 3 (Regoli tal-oriġini u proċeduri ta' oriġini);

(v) "persuna" tfisser persuna fiżika jew ġuridika;

(w) "trattament tariffarju preferenzjali" tfisser ir-rata tad-dazju doganali applikabbli għal oġġett oriġinarju skont l-iskedi ta' tneħħija ta' tariffi fl-Anness 2-A (Skedi ta' tneħħija ta' tariffi);

(x) "Ftehim Sanitarju" tfisser il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar il-miżuri sanitarji applikabbli fil-kummerċ ta' annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali ([6]), magħmul fi Brussell fis-17 ta' Diċembru 1996;

(y) "miżura sanitarja jew fitosanitarja" jew "miżura SPS" tfisser kwalunkwe miżura kif imsemmija fil-paragrafu 1 tal-Anness A tal-Ftehim SPS;

(z) "SDR" tfisser dritt speċjali ta' prelevament;

(aa) "fornitur ta' servizzi" tfisser persuna li tforni jew tfittex li tforni servizz;

([2]) Għal ċertezza akbar, it-terminu "miżura" jinkludi t-terminu "ommissjoni".

([3]) Għal ċertezza akbar, "miżuri ta' Parti" tinkludi miżuri li jiġu adottati jew li jinżammu permezz ta' struzzjonijiet, direzzjoni jew kontroll fuq l-imġiba ta' entitajiet oħrajn.

([4]) It-terminu "persuna fiżika ta' Parti" jinkludi wkoll persuni li jirrisjedu b'mod permanenti fir-Repubblika tal-Latvja li ma humiex ċittadini tar-Repubblika tal-Latvja jew ta' kwalunkwe Stat ieħor iżda li huma intitolati, skont id-dritt tar-Repubblika tal-Latvja, li jirċievu passaport ta' persuna mhux ċittadina.

([5]) L-Unjoni tafferma mill-ġdid l-obbligi tagħha rigward ir-residenti permanenti ta' New Zealand skont il-GATS. Għal dak l-għan, it-terminu "persuna fiżika ta' Parti" jinkludi wkoll persuni li għandhom id-dritt ta' residenza permanenti fi New Zealand u li ma humiex ċittadini ta' New Zealand, sa fejn it-tali persuni fiżiċi huma koperti mill-impenji tal-Unjoni skont il-GATS.

([6]) ĠU L 57, 26.2.1997, p. 5.

(bb) "SME" tfisser intrapriża żgħira u medja;

(cc) "territorju" tfisser, fir-rigward ta' kull Parti, iż-żona fejn japplika dan il-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 1.4 (Applikazzjoni territorjali);

(dd) "TFUE" tfisser it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

(ee) "il-Ftehim ta' Pariġi" tfisser il-Ftehim ta' Pariġi skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ([7]), magħmul f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015;

(ff) "il-Ftehim ta' Shubija" tfisser il-Ftehim ta' Shubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra ([8]), magħmul fi Brussell fil-5 ta' Ottubru 2016;

(gg) "pajjiż terz" tfisser pajjiż jew territorju lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' dan il-Ftehim;

(hh) "WTO" tfisser l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ; u

(ii) "WCO" tfisser l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali.

Artikolu 1.3

Ftehimiet tad-WTO

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Ftehim dwar l-Agrikoltura" tfisser il-Ftehim dwar l-Agrikoltura, inkluż fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(b) "Ftehim dwar is-Salvagwardji" tfisser il-Ftehim dwar is-Salvagwardji, inkluż fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(c) "Ftehim Anti-dumping" tfisser il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994, inkluż fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(d) "Ftehim dwar il-Valutazzjoni Doganali" tfisser il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994, inkluż fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(e) "DSU" tfisser il-Qbil dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim, inkluż fl-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO;

(f) "GATS" tfisser il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, inkluż fl-Anness 1B tal-Ftehim tad-WTO;

(g) "GATT tal-1994" tfisser il-Ftehim Ġenerali tal-1994 dwar it-Tariffi u l-Kummerċ, inkluż fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(h) "GPA" tfisser il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi, kif emendat mill-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi, li sar f'Ġinevra fit-30 ta' Marzu 2012;

(i) "Ftehim dwar il-Liċenzjar għall-Importazzjoni" tfisser il-Ftehim dwar il-Liċenzjar għall-Importazzjoni, inkluż fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(j) "Ftehim SCM" tfisser il-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta' Kumpens, inkluż fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(k) "Ftehim SPS" tfisser il-Ftehim dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji, inkluż fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(l) "Ftehim dwar l-OTK" tfisser il-Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ, inkluż fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

(m) "Ftehim TRIPS" tfisser il-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ, inkluż fl-Anness 1C tal-Ftehim tad-WTO; u

(n) "Ftehim tad-WTO" tfisser il-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, magħmul f'Marrakesh fil-15 ta' April 1994.

([7]) ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.
([8]) ĠU L 321, 29.11.2016, p. 3.

Artikolu 1.4

Applikazzjoni territorjali

1. Dan il-Ftehim japplika:

(a) għat-territorji li fihom japplikaw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-TFUE u bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawk it-Trattati; u

(b) għat-territorju ta' New Zealand u għaż-żona ekonomika esklużiva, għal qiegħ il-baħar u għas-sottoswol li fuqhom New Zealand teżerċita drittijiet sovrani fir-rigward tar-riżorsi naturali f'konformità mad-dritt internazzjonali, iżda ma jinkludix it-Tokelau.

2. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim dwar it-trattament tariffarju tal-oġġetti, inklużi r-regoli tal-oriġini u l-proċeduri ta' oriġini, dan il-Ftehim japplika wkoll għal dawk iż-żoni tat-territorju doganali tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) li ma humiex koperti mill-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Ir-referenzi għal "territorju" f'dan il-Ftehim għandhom jinftiehmu fis-sens imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, sakemm ma jkunx iddikjarat espliċitament mod ieħor.

Artikolu 1.5

Rabta ma' ftehimiet internazzjonali oħrajn

1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, il-ftehimiet internazzjonali eżistenti bejn il-Komunità Ewropea, l-Unjoni, jew l-Istati Membri, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, ma jiġux sostitwiti jew itterminati b'dan il-Ftehim.

2. Dan il-Ftehim għandu jkun parti integrali mir-relazzjonijiet bilaterali ġenerali kif irregolati bil-Ftehim ta' Sħubija u għandu jifforma parti mill-qafas istituzzjonali komuni.

3. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom fir-rigward ta' xulxin skont il-Ftehim tad-WTO. Għal ċertezza akbar, xejn f'dan il-Ftehim ma jeħtieġ li Parti taġixxi b'mod li ma jkunx konsistenti mal-obbligi tagħha skont il-Ftehim tad-WTO.

4. F'każ ta' kwalunkwe inkonsistenza bejn dan il-Ftehim u kwalunkwe ftehim internazzjonali ieħor għajr il-Ftehim tad-WTO li għalih huma parti ż-żewġ Partijiet, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw ma' xulxin minnufih bl-għan li jsibu soluzzjoni sodisfaċenti b'mod reċiproku.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, meta ssir referenza għal ftehimiet internazzjonali jew dawn jiġu inkorporati f'dan il-Ftehim, fis-sħuħija tagħhom jew f'parti minnhom, għandha tinftiehem li dawn jinkludu l-emendi tagħhom u l-ftehimiet suċċessuri tagħhom li jidħlu fis-seħħ għaż-żewġ Partijiet fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jew wara din.

6. Jekk tqum xi kwistjoni rigward l-implimentazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim bħala riżultat ta' kwalunkwe emenda tiegħu jew ftehim suċċessur kif imsemmi fil-paragrafu 5, il-Partijiet, fuq talba ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet, jistgħu jikkonsultaw ma' xulxin bl-għan li jsibu soluzzjoni sodisfaċenti b'mod reċiproku għal tali-kwistjoni skont kif ikun neċessarju.

Artikolu 1.6

Stabbiliment ta' żona ta' kummerċ ħieles

Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu żona ta' kummerċ ħieles, f'konformità mal-Artikolu XXIV tal-GATT tal-1994 u mal-Artikolu V tal-GATS.

([9]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

KAPITOLU 2

Trattament nazzjonali u aċċess għas-suq għall-oġġetti

Artikolu 2.1

Objettiv

Il-Partijiet għandhom progressivament u reċiprokament jilliberalizzaw il-kummerċ fl-oġġetti f'konformità ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 2.2

Kamp ta' applikazzjoni

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, dan il-Kapitolu japplika għall-kummerċ fl-oġġetti ta' Parti.

Artikolu 2.3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "carnet A.T.A." tfisser id-dokument riprodott f'konformità mal-Anness tal-Konvenzjoni Doganali dwar l-A.T.A. Carnet għad-dħul temporanju ta' oġġetti, magħmul fi Brussell fis-6 ta' Diċembru 1961;

(b) "tranżazzjoni konsulari" tfisser il-proċedura sabiex tinkiseb, minn konslu tal-Parti li timporta fit-territorju tal-Parti li tesporta, jew fit-territorju ta' pajjiż terz, fattura konsulari jew viża konsulari għal fattura kummerċjali, ċertifikat ta' oriġini, manifest, dikjarazzjoni ta' esportazzjoni tal-konsenjatur jew kwalunkwe dokumentazzjoni doganali oħra b'konnessjoni mal-importazzjoni tal-oġġett;

(c) "proċedura ta' liċenzjar għall-esportazzjoni" tfisser proċedura amministrattiva li tirrikjedi s-sottomissjoni ta' applikazzjoni jew ta' dokumentazzjoni oħra, għajr dik ġeneralment meħtieġa għall-finijiet ta' żdoganar tal-merkanzija, lill-korp jew lill-korpi amministrattivi rilevanti bħala kundizzjoni minn qabel għall-esportazzjoni mit-territorju tal-Parti li tesporta;

(d) "proċedura ta' liċenzjar għall-importazzjoni" tfisser proċedura amministrattiva li teħtieġ is-sottomissjoni ta' applikazzjoni jew ta' dokumentazzjoni oħra, għajr dik ġeneralment meħtieġa għall-finijiet ta' żdoganar tal-merkanzija, lill-korp jew lill-korpi amministrattivi rilevanti bħala kundizzjoni minn qabel għall-importazzjoni fit-territorju tal-Parti li timporta;

(e) "oġġett manifatturat mill-ġdid" tfisser oġġett klassifikat fil-Kapitoli 84 sa 90 tas-SA jew taħt l-intestatura 94.02 li:

  (i) ikun magħmul kollu jew parzjalment minn partijiet miksubin minn oġġetti użati;

  (ii) ikollu kundizzjonijiet ta' prestazzjoni u operazzjonali simili meta mqabbel ma' oġġetti ekwivalenti, meta jkun ġdid; u

  (iii) jingħata l-istess garanzija bħal dik applikabbli għal oġġetti ekwivalenti, meta jkun ġdid;

(f) "tiswija" jew "alterazzjoni" tfisser kwalunkwe operazzjoni ta' pproċessar imwettqa fuq oġġett, irrispettivament minn kwalunkwe żieda fil-valur tal-oġġett, sabiex jiġu rimedjati difetti operazzjonali jew ħsara materjali u li tinvolvi l-istabbiliment mill-ġdid tal-oġġett għall-funzjoni oriġinali tiegħu jew sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tekniċi għall-użu tiegħu, li mingħajrha l-oġġett ma jkunx jista' jibqa' jintuża bil-mod normali għall-finijiet li għalihom kien maħsub; tiswija jew alterazzjoni ta' oġġett tinkludi restawr u manutenzjoni iżda ma tinkludix operazzjoni jew proċess li:

  (i) jeqred il-karatteristiċi essenzjali ta' oġġett, jew joħloq oġġett ġdid jew kummerċjalment differenti;

  (ii) jittrasforma oġġett mhux lest f'oġġett lest; jew

  (iii) jintuża sabiex ibiddel sostanzjalment il-funzjoni ta' oġġett; u

(g) "kategorija tal-eliminazzjoni gradwali" tfisser il-perjodu ta' żmien għall-eliminazzjoni tad-dazji doganali li jvarja minn żero għal seba' snin, li warajh oġġett ikun ħieles mid-dazju doganali, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Anness 2-A (Skedi ta' tneħħija ta' tariffi).

Artikolu 2.4

Trattament nazzjonali dwar it-tassazzjoni u r-regolamenti interni

Kull Parti għandha tagħti trattament nazzjonali lill-oġġetti tal-Parti l-oħra f'konformità mal-Artikolu III tal-GATT tal-1994 inklużi n-Noti interpretattivi u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu. Għal dak l-għan, l-Artikolu III tal-GATT tal-1994 u n-Noti interpretattivi u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu huma inkorporati u integrati f'dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

Artikolu 2.5

Tneħħija tad-dazji doganali

1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, kull Parti għandha tnaqqas jew telimina d-dazji doganali fuq l-oġġetti li joriġinaw mill-Parti l-oħra f'konformità mal-Anness 2-A (Skedi ta' tneħħija ta' tariffi).

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, ir-rata bażi tad-dazji doganali għandha tkun ir-rata bażi speċifikata għal kull oġġett fl-Anness 2-A (Skedi ta' tneħħija ta' tariffi).

3. Jekk Parti tnaqqas ir-rata tad-dazju doganali applikata għall-aktar nazzjon iffavorit tagħha, tali rata tad-dazju għandha tapplika għall-oġġetti li joriġinaw mill-Parti l-oħra sakemm tkun aktar baxxa mir-rata tad-dazju doganali ddeterminata skont l-Anness 2-A (Skedi ta' tneħħija ta' tariffi).

4. Sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, fuq it-talba ta' Parti, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw sabiex jikkunsidraw jaċċelleraw it-tnaqqis jew it-tneħħija tad-dazji doganali stabbiliti fl-Anness 2-A (Skedi ta' tneħħija ta' tariffi). Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjoni sabiex jemenda l-Anness 2-A (Skedi ta' tneħħija ta' tariffi) sabiex jaċċellera t-tnaqqis jew it-tneħħija ta' tariffi.

5. Fi kwalunkwe ħin, Parti tista' taċċellera b'mod awtonomu t-tneħħija tad-dazji doganali stabbiliti fl-Anness 2-A (Skedi ta' tneħħija ta' tariffi) fuq oġġetti li joriġinaw mill-Parti l-oħra. Dik il-Parti għandha tinforma lill-Parti l-oħra kmieni kemm jista' jkun qabel ma tidħol fis-seħħ ir-rata tad-dazju doganali l-ġdida.

6. Jekk Parti taċċellera b'mod awtonomu t-tneħħija tad-dazji doganali f'konformità mal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, dik il-Parti tista' tgħolli d-dazji doganali kkonċernati għal-livell stabbilit fl-Anness 2-A (Skedi ta' tneħħija ta' tariffi) għas-sena rispettiva wara kwalunkwe tnaqqis awtonomu.

Artikolu 2.6

Klawżola standstill

Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan il-Ftehim, Parti ma għandhiex iżżid kwalunkwe dazju doganali stabbilit bħala r-rata bażi fl-Anness 2-A (Skedi ta' tneħħija ta' tariffi) jew tadotta kwalunkwe dazju doganali fuq oġġett li joriġina mill-Parti l-oħra.

Artikolu 2.7

Dazji fuq l-esportazzjoni, taxxi jew imposti oħrajn

1. Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm:

(a) kwalunkwe dazju, taxxa jew imposta oħra ta' kwalunkwe tip imposta fuq, jew b'rabta mal-esportazzjoni ta' oġġett lill-Parti l-oħra; jew

(b) kwalunkwe taxxa interna jew imposta oħra fuq oġġett esportat lejn il-Parti l-oħra li taqbeż it-taxxa jew l-imposta li tkun imposta fuq oġġetti simili meta jkunu destinati għall-konsum domestiku.

2. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jipprevjeni lil Parti milli timponi tariffa jew imposta li hija permessa skont l-Artikolu 2.8 (Tariffi u formalitajiet) fuq l-esportazzjoni ta' oġġett.

Artikolu 2.8

Tariffi u formalitajiet

1. Kull Parti għandha tiżgura, f'konformità mal-Artikolu VIII:1 tal-GATT tal-1994 inklużi n-Noti interpretattivi u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu, li t-tariffi u l-imposti l-oħrajn kollha ta' kwalunkwe karattru imposti minn Parti fuql-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' oġġetti, jew b'rabta magħha, huma limitati fl-ammont għall-kost approssimattiv tas-servizzi pprovduti, u ma jirrappreżentawx protezzjoni indiretta għall-oġġetti domestiċi jew tassazzjoni tal-importazzjonijiet jew tal-esportazzjonijiet għal skopijiet fiskali.

2. Parti ma għandhiex timponi t-tariffi u imposti oħrajn ta' kwalunkwe karattru msemmija fil-paragrafu 1 fuq bażi *ad valorem*.

3. Kull Parti għandha tippubblika minnufih it-tariffi u l-imposti l-oħrajn kollha ta' kwalunkwe karattru li timponi fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' oġġetti, jew b'rabta magħhom, b'mod li l-gvernijiet, in-negozjanti u partijiet interessati oħrajn ikunu jistgħu jsiru midħla tagħhom.

4. Parti ma għandhiex teħtieġ tranżazzjoni konsulari, inkluż tariffi relatati u imposti oħrajn ta' kwalunkwe karattru, b'rabta mal-importazzjoni ta' kwalunkwe oġġett tal-Parti l-oħra.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-tariffi jew imposti oħrajn ta' kwalunkwe karattru ma jinkludux taxxi fuq l-esportazzjoni, dazji doganali, imposti ekwivalenti għal taxxa interna, jew imposti interni oħrajn imposti b'mod konsistenti mal-Artikolu III:2 tal-GATT tal-1994, jew dazji anti-dumping jew kumpensatorji.

Artikolu 2.9

Oġġetti msewwijin jew mibdulin

1. Parti ma għandhiex tapplika dazju doganali għal oġġett, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, li jidħol mill-ġdid fit-territorju tal-Parti wara li dak l-oġġett ikun ġie temporanjament esportat mit-territorju tagħha lejn it-territorju tal-Parti l-oħra għal tiswija jew għal alterazzjoni, irrispettivament minn jekk jistax ikun li dik it-tiswija jew l-alterazzjoni seħħet fit-territorju tal-Parti minn fejn l-oġġett ikun ġie esportat għat-tiswija jew għall-alterazzjoni.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax għal oġġett importat f'bond, f'żoni ta' kummerċ ħieles, jew fi status simili, li huwa mbagħad esportat għat-tiswija jew għall-alterazzjoni u li ma jiġix importat mill-ġdid f'bond, f'żoni ta' kummerċ ħieles, jew fi status simili.

3. Parti ma għandhiex tapplika dazju doganali għal oġġett, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, importat temporanjament mit-territorju tal-Parti l-oħra għal tiswija jew għal alterazzjoni.

Artikolu 2.10

Oġġetti manufatturati mill-ġdid

1. Parti ma għandhiex tagħti trattament lil oġġetti manifatturati mill-ġdid tal-Parti l-oħra li jkun anqas favorevoli minn dak li tagħti l-Parti lil oġġetti ekwivalenti, meta jkunu ġodda.

2. Għal ċertezza akbar, l-Artikolu 2.11 (Restrizzjonijiet tal-importazzjonijiet u tal-esportazzjonijiet) japplika għal projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti manifatturati mill-ġdid. Jekk Parti tadotta jew iżżomm projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet tal-importazzjonijiet jew tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti użati, hija ma għandhiex tapplika t-tali miżuri għal oġġetti manifatturati mill-ġdid.

3. Parti tista' teżiġi li l-oġġetti manifatturati mill-ġdid jiġu identifikati bħala tali għad-distribuzzjoni jew għall-bejgħ fit-territorju tagħha u li l-oġġetti jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi applikabbli kollha li japplikaw għal oġġetti ekwivalenti, meta jkunu ġodda.

Artikolu 2.11

Restrizzjonijiet tal-importazzjonijiet u tal-esportazzjonijiet

1. L-ebda Parti ma għandha tadotta jew iżżomm xi projbizzjoni jew restrizzjoni tal-importazzjoni ta' xi oġġett tal-Parti l-oħra jew tal-esportazzjoni jew tal-bejgħ għall-esportazzjoni ta' xi oġġett destinat għat-territorju tal-Parti l-oħra, ħlief f'konformità mal-Artikolu XI tal-GATT tal-1994, inklużi n-Noti interpretattivi u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu. Għal dak l-għan, l-Artikolu XI tal-GATT tal-1994 u n-Noti interpretattivi u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu huma inkorporati u integrati f'dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

2. Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm:

(a) rekwiżiti tal-prezz tal-esportazzjoni u tal-importazzjoni ([10]), għajr kif permess fl-infurzar ta' ordnijiet u ta' impenji tad-dazju kumpensatorju u anti-dumping; jew

(b) liċenzjar għall-importazzjoni bil-kundizzjoni li jiġi ssodisfat rekwiżit tal-prestazzjoni.

Artikolu 2.12

Marka tal-oriġini

1. Jekk New Zealand tkun teħtieġ marka tal-oriġini fuq l-importazzjoni ta' oġġetti mill-Unjoni, New Zealand għandha taċċetta l-marka tal-oriġini "Magħmul fl-UE" b'kundizzjonijiet li ma jkunux anqas favorevoli minn dawk applikati għall-marki tal-oriġini ta' Stat Membru.

2. Għall-finijiet tal-marka tal-oriġini "Magħmul fl-UE", New Zealand għandha tittratta lill-Unjoni bħala territorju wieħed.

Artikolu 2.13

Proċeduri ta' liċenzjar għall-importazzjoni

1. Kull Parti għandha tadotta u tamministra kwalunkwe proċedura ta' liċenzjar għall-importazzjoni f'konformità mal-Artikoli 1 sa 3 tal-Ftehim dwar il-Liċenzjar għall-Importazzjoni. Għal dak l-għan, l-Artikoli 1 sa 3 tal-Ftehim dwar il-Liċenzjar għall-Importazzjoni huma inkorporati u integrati f'dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

2. Parti li tadotta proċedura ġdida ta' liċenzjar għall-importazzjoni jew timmodifika proċedura eżistenti ta' liċenzjar għall-importazzjoni, għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar it-tali adozzjoni jew modifika mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 60 jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-proċedura rilevanti. In-notifika għandha tinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 5(2) tal-Ftehim dwar il-Liċenzjar għall-Importazzjoni. Parti għandha titqies konformi ma' dan l-obbligu ta' notifika jekk tinnotifika l-adozzjoni ta' proċedura ġdida ta' liċenzjar għall-importazzjoni, jew modifika għal proċedura eżistenti ta' liċenzjar għall-importazzjoni, lill-Kumitat tad-WTO dwar il-Liċenzjar għall-Importazzjoni stabbilit mill-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar il-Liċenzjar għall-Importazzjoni, inkluż l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 5(2) ta' dak il-Ftehim.

3. Fuq talba ta' Parti, il-Parti l-oħra għandha tipprovdi minnufih kwalunkwe informazzjoni rilevanti, inkluża l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 5(2) tal-Ftehim dwar il-Liċenzjar għall-Importazzjoni, fir-rigward ta' kwalunkwe proċedura ta' liċenzjar għall-importazzjoni li jkollha l-ħsieb li tadotta jew li żżomm kif ukoll kwalunkwe modifika għal proċedura eżistenti ta' liċenzjar għall-importazzjoni.

4. Jekk Parti tiċħad applikazzjoni għal liċenzja tal-importazzjoni fir-rigward ta' oġġett tal-Parti l-oħra, hija għandha, fuq talba, u f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara li tirċievi t-talba, tipprovdi lill-applikant bi spjegazzjoni bil-miktub għar-raġuni għaċ-ċaħda.

([10]) Għal ċertezza akbar, dan il-l-punt mhuwiex maħsuba sabiex tipprevjeni lil Parti milli tiddependi fuq il-prezz tal-importazzjonijiet sabiex tiddetermina r-rata applikabbli ta' dazju doganali f'konformità ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 2.14

Proċeduri ta' liċenzjar għall-esportazzjoni

1. Kull Parti għandha tippubblika kull proċedura ġdida ta' liċenzjar għall-esportazzjoni, jew kull modifika għal xi proċedura eżistenti ta' liċenzjar għall-esportazzjoni b'mod li l-gvernijiet, in-negozjanti u partijiet interessati oħrajn ikunu jistgħu jsiru midħla tagħhom. Tali pubblikazzjoni għandha ssir, kull meta jkun prattikabbli, 45 jum qabel ma tidħol fis-seħħ il-proċedura l-ġdida ta' liċenzjar għall-esportazzjoni jew kwalunkwe modifika ta' proċedura eżistenti ta' liċenzjar għall-esportazzjoni, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mid-data li fiha tidħol fis-seħħ il-proċedura ta' liċenzjar għall-esportazzjoni jew kwalunkwe modifika ta' proċedura eżistenti ta' liċenzjar għall-esportazzjoni.

2. Kull Parti għandha tiżgura li tinkludi l-informazzjoni li ġejja fil-pubblikazzjoni tagħha tal-proċeduri ta' liċenzjar għall-esportazzjoni:

(a) it-testi tal-proċeduri tagħha ta' liċenzjar għall-esportazzjoni, jew ta' kwalunkwe modifika li l-Parti tagħmel f'dawk il-proċeduri;

(b) l-oġġetti soġġetti għal kull proċedura ta' liċenzjar għall-esportazzjoni;

(c) għal kull proċedura ta' liċenzjar għall-esportazzjoni, deskrizzjoni tal-proċess għall-applikazzjoni għal liċenzja u kwalunkwe kriterju li applikant jeħtieġlu jissodisfa sabiex ikun eliġibbli sabiex japplika għal liċenzja, bħall-pussess ta' liċenzja ta' attività, l-istabbiliment jew iż-żamma ta' investiment, jew l-operat permezz ta' forma partikolari ta' stabbiliment fit-territorju ta' Parti;

(d) punt jew punti ta' kuntatt minn fejn il-persuni interessati jistgħu jiksbu aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet sabiex tinkiseb liċenzja għall-esportazzjoni;

(e) il-korp jew il-korpi amministrattivi li lilhom trid tiġi ppreżentata applikazzjoni għal liċenzja jew dokumentazzjoni rilevanti oħra;

(f) deskrizzjoni ta' kull miżura li tkun qed tiġi implimentata permezz tal-proċedura ta' liċenzjar għall-esportazzjoni;

(g) il-perjodu li matulu se tkun fis-seħħ xi proċedura ta' liċenzjar għall-esportazzjoni, sakemm il-proċedura ta' liċenzjar għall-esportazzjoni ma tibqax fis-seħħ sakemm tiġi rtirata jew riveduta, u tirriżulta f'pubblikazzjoni ġdida;

(h) jekk il-Parti jkun biħsiebha tuża proċedura ta' liċenzjar għall-esportazzjoni sabiex tamministra kwota tal-esportazzjoni, il-kwantità kumplessiva u, jekk applikabbli, il-valur tal-kwota u d-dati tal-ftuħ u tal-għeluq tal-kwota; u

(i) kwalunkwe eżenzjoni jew eċċezzjoni li tissostitwixxi r-rekwiżit li tinkiseb liċenzja għall-esportazzjoni, kif jistgħu jintalbu jew jintużaw dawk l-eżenzjonijiet jew l-eċċezzjonijiet, u l-kriterji għall-għoti tagħhom.

3. Fi żmien 30 jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar il-proċeduri eżistenti tagħha ta' liċenzjar għall-esportazzjoni. Parti li tadotta proċeduri ġodda ta' liċenzjar għall-esportazzjoni, jew modifiki ta' proċeduri ta' liċenzjar eżistenti, għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra b'tali adozzjoni jew modifika fi żmien 60 jum wara l-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe proċedura ġdida ta' liċenzjar għall-esportazzjoni jew kwalunkwe modifika ta' proċedura ta' liċenzjar eżistenti. In-notifika għandha tinkludi r-referenza għas-sors jew għas-sorsi fejn tkun ippubblikata l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 2 u , meta jkun xieraq, l-indirizz tas-sit web jew tas-siti web rilevanti tal-gvern.

4. Għal ċertezza akbar, xejn f'dan l-Artikolu ma jesiġi li Parti tagħti liċenzja għall-esportazzjoni, jew jipprevjeni lil Parti milli timplimenta l-impenji tagħha skont ir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll skont reġimi multilaterali ta' nonproliferazzjoni u arranġamenti ta' kontroll tal-esportazzjoni, inklużi:

(a) il-Ftehim ta' Wassenaar dwar il-Kontrolli tal-Esportazzjoni għall-Armi Konvenzjonali u l-Prodotti u t-Teknoloġiji b'Użu Doppju, magħmul f'The Hague fid-19 ta' Diċembru 1995;

(b) il-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta' Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom, magħmula f'Pariġi fit-13 ta' Jannar 1993;

(c) il-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni u l-Ħażna ta' Armi Batterjoloġiċi (Bijoloġiċi) u Tossiniċi u dwar il-Qerda Tagħhom, magħmula f'Londra, f'Moska u f'Washington fl-10 ta' April 1972;

(d) it-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari, magħmul f'Londra, f'Moska u f'Washington fl-1 ta' Lulju 1968; u

(e) il-Grupp Awstralja, il-Grupp ta' Fornituri Nukleari, u s-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili.

Artikolu 2.15

Rati tal-utilizzazzjoni tal- preferenzi

1. Għall-fini tal-monitoraġġ tal-funzjonament ta' dan il-Ftehim u tal-kalkolu tar-rati tal-utilizzazzjoni tal-preferenzi, kull sena, il-Partijiet għandhom jiskambjaw statistiki komprensivi dwar l-importazzjoni għal perjodu li jibda sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sa 10 snin wara li titlesta t-tneħħija ta' tariffi għall-oġġetti kollha f'konformità mal-Anness 2-A (Skedi ta' tneħħija ta' tariffi). Sakemm il-Kumitat għall-Kummerċ ma jiddeċidix mod ieħor, dak il-perjodu għandu jiġi estiż awtomatikament għal ħames snin, u wara dan il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jiddeċiedi li jestendih ulterjorment.

2. L-iskambju ta' statistiki dwar l-importazzjoni għandu jkopri *data* li tappartjeni għall-aktar sena riċenti disponibbli, inklużi l-valur u, jekk applikabbli, il-volum, fil-livell tal-linji tariffarji għall-importazzjonijiet ta' oġġetti tal-Parti l-oħra li jibbenefikaw minn trattament preferenzjali tad-dazju skont dan il-Ftehim u għall-importazzjoni ta' dawk l-oġġetti li jkunu rċevew trattament mhux preferenzjali inkluż taħt ir-reġimi differenti użati mill-Partijiet mal-importazzjoni. Statistika bħal din kif ukoll ir-rati tal-utilizzazzjoni tal-preferenzi jistgħu jiġu ppreżentati għal skambju ta' fehmiet lill-Kumitat għall-Kummerċ.

Artikolu 2.16

Dħul temporanju

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-terminu "dħul temporanju" tfisser il-proċedura doganali li biha ċerti oġġetti, inkluż il-mezz tat-trasport, ikunu jistgħu jiddaħħlu fit-territorju ta' Parti b'mod kundizzjonali mill-pagament ta' dazji u ta' taxxi tal-importazzjoni u mingħajr l-applikazzjoni ta' projbizzjonijiet tal-importazzjonijiet jew ta' limitazzjonijiet tal-importazzjonijiet ta' karattru ekonomiku, bil-kondizzjoni li l-oġġetti jkunu importati għal skop speċifiku u jkunu maħsubin għall-esportazzjoni mill-ġdid f'perjodu speċifikat mingħajr ma tkun saritilhom xi bidla ħlief għal deprezzament normali minħabba l-użu magħmul minn dawk l-oġġetti.

2. Kull Parti għandha tagħti dħul temporanju skont il-liġijiet, ir-regolamenti jew il-proċeduri tagħha, lill-oġġetti li ġejjin, irrispettivament mill-oriġini tagħhom:

(a) tagħmir professjonali, inkluż tagħmir għall-istampa jew għat-televiżjoni, software, u tagħmir tax-xandir u ċinematografiku, neċessarji għat-twettiq tal-attività tan-negozju, tas-sengħa, jew tal-professjoni ta' persuna li tkun qiegħda żżur it-territorju tal-Parti l-oħra sabiex twettaq kompitu speċifikat;

(b) oġġetti, inklużi l-partijiet komponenti tagħhom, apparat anċillari, u aċċessorji, maħsubin għall-wiri jew għall-użu f'wirjiet, f'fieri, f'laqgħat jew f'avvenimenti simili;

(c) kampjuni kummerċjali u films u reġistrazzjonijiet ta' reklamar (media viżwali reġistrata jew materjali tal-awdjo, li jikkonsistu essenzjalment f'immaġnijiet jew f'ħoss li juri n-natura jew l-operat tal-oġġetti jew tas-servizzi offruti għall-bejgħ jew għal-lokazzjoni minn persuna stabbilita jew residenti fit-territorju ta' Parti dment li tali materjali jkunu ta' tip xieraq għall-wiri lil klijenti prospettivi iżda mhux għax-xandir lill-pubbliku ġenerali); u

(d) oġġetti importati għal skopijiet sportivi, inklużi kompetizzjonijiet, wirjiet, taħriġ, tiġrijiet jew avvenimenti simili.

3. Għad-dħul temporanju tal-oġġetti elenkati fil-paragrafu 2, kull Parti għandha taċċetta carnets A.T.A. maħruġin fil-Parti l-oħra, approvati hemmhekk u ggarantiti minn assoċjazzjoni li tifforma parti mill-katina internazzjonali tal-garanzija, iċċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti u validi fit-territorju tal-Parti li timporta.

4. Kull Parti għandha tiddetermina l-perjodu li matulu l-oġġetti jistgħu jibqgħu taħt il-proċedura ta' ammissjonijiet temporanji. Il-perjodu inizjali jista' jiġi estiż b'mod awtonomu minn Parti.

5. Kull Parti tista' titlob li l-oġġetti li jibbenefikaw minn dħul temporanju:

(a) jintużaw biss minn ċittadin jew minn resident tal-Parti l-oħra jew taħt is-superviżjoni personali tiegħu fl-eżerċizzju tal-attività tan-negozju, tas-sengħa, tal-professjoni, jew tal-isport imwettaq minn dak iċ-ċittadin jew ir-resident;

(b) ma jinbigħux, ma jinkrewx, ma jintremewx, u ma jiġux ittrasferiti waqt li jkunu fit-territorju tagħha;

(c) ikunu akkumpanjati minn garanzija li tkun konsistenti mal-obbligi tal-Parti li timporta skont il-konvenzjonijiet doganali internazzjonali rilevanti li tkun aderiet magħhom;

(d) ikunu identifikati meta jkunu importati u esportati;

(e) jiġu esportati mat-tluq jew qabel it-tluq taċ-ċittadin jew tar-resident imsemmi fil-punt (a), jew f'perjodu relatat mal-iskop tad-dħul temporanju li l-Parti tista' tistabbilixxi, jew fi żmien sena, sakemm ma jiġix estiż;

(f) jiġu ammessi fi kwantità mhux akbar minn dik raġonevoli għall-użu maħsub tagħhom; jew

(g) ikunu altrimenti ammissibbli fit-territorju tal-Parti skont il-liġi tagħha.

6. Jekk kwalunkwe kundizzjoni li Parti tista' timponi skont il-paragrafu 5 ma tkunx ġiet issodisfata, il-Parti tista' tapplika d-dazju doganali u kwalunkwe imposta oħra li normalment tkun dovuta fuq l-oġġett kif ukoll kwalunkwe imposta jew penali oħra prevista skont il-liġi tagħha.

7. Kull Parti għandha tippermetti li oġġett ammess temporanjament skont dan l-Artikolu jiġi riesportat permezz ta' punt tat-tluq awtorizzat doganali għajr dak li permezz tiegħu jkun ġie ammess.

8. Parti għandha teħles lill-importatur jew lil persuna oħra responsabbli għal oġġett ammess temporanjament skont dan l-Artikolu mir-responsabbiltà għan-nuqqas ta' esportazzjoni ta' oġġett ammess temporanjament skont dan l-Artikolu mal-preżentazzjoni ta' prova sodisfaċenti lill-Parti li timporta li l-oġġett ammess temporanjament skont dan l-Artikolu ikun inqered jew ikun intilef għal kollox, f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali ta' dik il-Parti.

Artikolu 2.17

Dħul mingħajr dazju ta' kampjuni kummerċjali ta' valur negliġibbli u materjal ta' reklamar stampat

1. Kull Parti għandha, f'konformità mal-liġijiet, mar-regolamenti jew mal-proċeduri tagħha, tagħti dħul mingħajr dazju lil kampjuni kummerċjali ta' valur negliġibbli u materjal ta' reklamar stampat importat mill-Parti l-oħra, irrispettivament mill-oriġini tagħhom.

2. Parti tista' tiddefinixxi kampjuni kummerċjali ta' valur negliġibbli bħala:

(a) li jkollhom valur, individwalment jew fl-aggregat kif ikkonsenjati, ta' mhux aktar mill-ammont speċifikat fil-liġi ta' Parti; jew

(b) immarkati, imqattgħin, imtaqqbin, jew ittrattati b'xi mod ieħor b'tali mod li ma jkunux adattati għall-bejgħ jew għall-użu ħlief bħala kampjuni kummerċjali.

3. Il-materjali ta' reklamar stampati huma ddefiniti bħala oġġetti kklassifikati fil-Kapitolu 49 tas-SA, inklużi fuljetti, pamphlets, volantini, katalogi kummerċjali, pubblikazzjonijiet annwali minn assoċjazzjonijiet kummerċjali, materjali promozzjonali turistiċi, u kartelluni, li jintużaw għall-promozzjoni, għall-pubbliċizzazzjoni, jew għar-reklamar ta' oġġett jew ta' servizz, huma essenzjalment maħsubin sabiex jirreklamaw oġġett jew servizz, u huma pprovduti mingħajr ħlas.

Artikolu 2.18

Miżuri speċifiċi li jikkonċernaw il-ġestjoni tat-trattament preferenzjali

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-prevenzjoni, fid-detezzjoni u fil-ġlieda kontra l-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali relatata mat-trattament preferenzjali mogħti skont dan il-Kapitolu f'konformità mal-Kapitolu 3 (Regoli tal-oriġini u proċeduri ta' oriġini) u mat-Titoli I, III, IV u V tas-CCMAA.

2. Parti tista' tissospendi temporanjament it-trattament preferenzjali rilevanti tal-oġġetti kkonċernati f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 3 sa 5, jekk:

(a) il-Parti tkun għamlet sejba, fuq il-bażi ta' informazzjoni oġġettiva, konvinċenti u verifikabbli, li twettaq ksur sistematiku u settorjali tal-leġiżlazzjoni doganali relatat mat-trattament preferenzjali mogħti skont dan il-Kapitolu, li jirriżulta f'telf sinifikanti ta' dħul għal dik il-Parti; u

(b) il-Parti l-oħra tirrifjuta ripetutament u b'mod mhux ġustifikat jew inkella tonqos milli tikkoopera fir-rigward tal-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali msemmi fil-punt (a).

3. Il-Parti li tkun għamlet sejba kif imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2 għandha, mingħajr dewmien żejjed, tinnotifika lill-Kumitat għall-Kummerċ u tidħol f'konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra fil-Kumitat għall-Kummerċ sabiex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ naħat.

4. Jekk il-Partijiet jonqsu milli jaqblu dwar soluzzjoni aċċettabbli fi żmien tliet xhur wara n-notifika kif imsemmi fil-paragrafu 3, il-Parti li tkun għamlet is-sejba tista' tiddeċiedi li tissospendi temporanjament it-trattament preferenzjali rilevanti tal-oġġetti kkonċernati. Is-sospensjoni temporanja għandha tapplika biss għal dawk in-negozjanti li ż-żewġ Partijiet matul il-konsultazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 3 ikunu identifikaw u jkunu qablu li dawk in-negozjanti kienu involuti fil-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali. Tali sospensjoni temporanja għandha tiġi notifikata lill-Kumitat għall-Kummerċ mingħajr dewmien żejjed.

5. Jekk Parti tkun għamlet sejba kif imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2, u fi żmien tliet xhur wara n-notifika kif imsemmi fil-paragrafu 4 tkun stabbiliet li s-sospensjoni temporanja kif imsemmi fil-paragrafu 4 ma kinitx effettiva fil-ġlieda kontra l-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali relatat mat-trattament preferenzjali mogħti skont dan il-Kapitolu, il-Parti tista' tiddeċiedi li tissospendi temporanjament it-trattament preferenzjali rilevanti tal-oġġetti kkonċernati. Il-Parti tista' tiddeċiedi wkoll li tissospendi temporanjament it-trattament preferenzjali rilevanti tal-oġġetti kkonċernati jekk, matul il-konsultazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 3, il-Partijiet ma setgħux jidentifikaw u jaqblu dwar in-negozjanti involuti fil-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali. Din is-sospensjoni temporanja għandha tiġi notifikata lill-Kumitat għall-Kummerċ mingħajr dewmien żejjed.

6. Is-sospensjonijiet temporanji msemmijin f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss għall-perjodu neċessarju sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Parti kkonċernata, u fi kwalunkwe każ ma għandhomx japplikaw għal aktar minn sitt xhur. Jekk il-kundizzjonijiet li wasslu għas-sospensjoni temporanja inizjali jippersistu malli jiskadi l-perjodu ta' sitt xhur, il-Parti kkonċernata tista' tiddeċiedi li ġġedded is-sospensjoni temporanja wara li tinnotifika lill-Parti l-oħra. Kwalunkwe sospensjoni bħal din għandha tkun soġġetta għal konsultazzjonijiet perjodiċi fil-Kumitat għall-Kummerċ.

7. Kull Parti għandha tippubblika, f'konformità mal-proċeduri interni tagħha, notifiki lill-importaturi dwar kwalunkwe deċiżjoni li tikkonċerna s-sospensjonijiet temporanji msemmijin f'dan l-Artikolu.

8. Minkejja l-paragrafu 5, jekk importatur ikun jista' jissodisfa lill-awtorità doganali tal-Parti li timporta li l-oġġetti kkonċernati huma konformi bis-sħiħ mal-liġi doganali tal-Parti li timporta, mar-rekwiżiti ta' dan il-Ftehim, u ma' kwalunkwe kundizzjoni xierqa oħra relatata mas-sospensjoni temporanja stabbilita mill-Parti li timporta f'konformità mal-liġi tagħha, il-Parti li timporta għandha tippermetti lill-importatur japplika għal trattament preferenzjali u jirkupra kwalunkwe dazju mħallas b'eċċess tar-rati tariffarji preferenzjali applikabbli meta l-oġġetti jkunu ġew importati.

Artikolu 2.19

Kumitat għall-Kummerċ dwar l-Oġġetti

1. Dan l-Artikolu jikkomplementa u jispeċifika aktar l-Artikolu 24.4 (Kumitati speċjalizzati).

2. Fir-rigward ta' dan il-Kapitolu, il-funzjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ dwar l-Oġġetti għandhom jinkludu:

(a) il-promozzjoni tal-kummerċ dwar l-oġġetti bejn il-Partijiet, inkluż permezz ta' konsultazzjoni dwar l-aċċellerazzjoni tat-tneħħija ta' tariffi skont dan il-Ftehim;

(b) l-indirizzar minnufih tal-ostakli għall-kummerċ dwar l-oġġetti bejn il-Partijiet;

(c) mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim), il-konsultazzjoni dwar u l-isforz sabiex tiġi solvuta kwalunkwe kwistjoni relatata ma' dan il-Kapitolu, inklużi d-differenzi li jistgħu jinħolqu bejn il-Partijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-klassifikazzjoni tal-oġġetti skont is-Sistema Armonizzata u l-Anness 2-A (Skedi ta' tneħħija ta' tariffi), jew għal emenda għall-Istruttura tal-Kodiċi tas-Sistema Armonizzata jew għan-novitajiet rispettivi ta' kull Parti, sabiex jiġi żgurat li l-obbligi ta' kull Parti skont l-Anness 2-A (Skedi ta' tneħħija ta' tariffi) ma jinbidlux;

(d) il-monitoraġġ tar-rati tal-utilizzazzjoni tal-preferenzi u tal-istatistika, li d-*data* tagħhom tista' tiġi ppreżentata għal skambju ta' fehmiet mill-Kumitat għall-Kummerċ dwar l-Oġġetti lill-Kumitat għall-Kummerċ; u

(e) il-ħidma ma' kwalunkwe kumitat speċjalizzat jew korp ieħor stabbilit jew mogħti l-awtorità sabiex jaġixxi skont dan il-Ftehim dwar kwistjonijiet li jistgħu jkunu rilevanti għal dak il-kumitat Speċjalizzat jew il-korp ieħor, kif xieraq.

Artikolu 2.20

Punti ta' kuntatt

Fi żmien 90 jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha taħtar punt ta' kuntatt responsabbli sabiex jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwistjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu u għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt għall-punt ta' kuntatt. Kull Parti għandha tinnotifika minnufih lill-Parti l-oħra bi kwalunkwe bidla f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

KAPITOLU 3

Regoli tal-oriġini u proċeduri ta' oriġini

Taqsima A

Regoli tal-oriġini

Artikolu 3.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "kunsinna" tfisser prodott li jew jintbagħat simultanjament minn konsenjatur lil konsenjatarju jew inkella kopert b'dokument uniku tat-trasport li jkopri trasportazzjoni mill-konsenjatur lill-konsenjatarju jew, fin-nuqqas ta' dokument bħal dan, b'fattura waħda;

(b) "esportatur" tfisser persuna, li tinsab f'Parti li, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi ta' dik il-Parti, tesporta jew tipproduċi l-prodott oriġinarju u tagħmel dikjarazzjoni dwar l-oriġini;

(c) "importatur" tfisser persuna li timporta l-prodott oriġinarju u titlob trattament tariffarju preferenzjali għalih;

(d) "materjal" tfisser kwalunkwe sustanza użata fil-produzzjoni ta' prodott, inkluż kwalunkwe ingredjent, materja prima, komponent jew parti;

(e) "materjal mhux oriġinarju" tfisser materjal li ma jikkwalifikax bħala oriġinarju skont dan il-Kapitolu, inkluż materjal li l-istatus oriġinarju tiegħu ma jistax jiġi determinat;

(f) "prodott" tfisser ir-riżultat ta' produzzjoni, anke jekk maħsub għall-użu bħala materjal fil-produzzjoni ta' prodott ieħor; u

(g) "produzzjoni" tfisser kwalunkwe tip ta' xogħol jew ta' pproċessar, inkluż l-assemblaġġ.

Artikolu 3.2

Rekwiżiti ġenerali għall-prodotti oriġinarji

1. Għall-fini tal-applikazzjoni tat-trattament tariffarju preferenzjali minn Parti għal oġġett oriġinarju tal-Parti l-oħra f'konformità ma' dan il-Ftehim, dment li prodott jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli l-oħrajn kollha ta' dan il-Kapitolu, prodott għandu jitqies li joriġina fil-Parti l-oħra jekk ikun:

(a) miksub għalkollox f'dik il-Parti fis-sens tal-Artikolu 3.4 (Prodotti miksubin għalkollox);

(b) prodott f'dik il-Parti esklużivament minn materjali oriġinarji; jew

(c) prodott f'dik il-Parti li jinkorporaw materjali mhux oriġinarji dment li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodotti).

2. Jekk prodott ikun kiseb status oriġinarju, il-materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni ta' dak il-prodott ma għandhomx jitqiesu bħala materjali mhux oriġinarji meta dak il-prodott ikun inkorporat bħala materjal fi prodott ieħor.

3. L-akkwist ta' status oriġinarju għandu jseħħ mingħajr interruzzjoni fi New Zealand jew fl-Unjoni.

Artikolu 3.3

Kumulazzjoni tal-oriġini

1. Prodott li joriġina f'Parti għandu jitqies li huwa oriġinarju fil-Parti l-oħra jekk dak il-prodott jintuża bħala materjal fil-produzzjoni ta' prodott ieħor f'dik il-Parti l-oħra.

2. Il-produzzjoni mwettqa f'Parti fuq materjal mhux oriġinarju tista' tittieħed f'kunsiderazzjoni għall-fini ta' determinazzjoni ta' jekk prodott huwiex oriġinarju fil-Parti l-oħra.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma japplikawx jekk il-produzzjoni mwettqa fil-Parti l-oħra ma tmurx lil hinn minn operazzjoni waħda jew aktar minn fost dawk imsemmijin fl-Artikolu 3.6 (Ħdim jew ipproċessar insuffiċjenti).

4. Sabiex esportatur jimla d-dikjarazzjoni dwar l-oriġini msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 3.16(2) (Talba għal trattament tariffarju preferenzjali) għal materjal mhux oriġinarju, l-esportatur għandu jikseb mill-fornitur tiegħu dikjarazzjoni tal-fornitur kif prevista fl-Anness 3-D (Dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fl-Artikolu 3.3(4) (Kumulazzjoni tal-oriġini)) jew dokument ekwivalenti li jkun fih l-istess informazzjoni li tiddeskrivi l-materjali mhux oriġinarji kkonċernati f'dettall suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati.

Artikolu 3.4

Prodotti miksubin għalkollox

1. Dawn li ġejjin jitqiesu bħala miksubin għalkollox f'Parti:

(a) sustanza minerali jew li sseħħ b'mod naturali estratta jew meħuda mill-ħamrija jew minn qiegħ il-baħar ta' Parti;

(b) pjanta jew ħxejjex imkabbrin jew maħsudin f'Parti;

(c) annimal ħaj imwieled u mrobbi f'Parti;

(d) prodott miksub minn annimal ħaj imrobbi f'Parti;

(e) prodott miksub minn annimal imbiċċer imwieled u mrobbi f'Parti;

(f) prodott miksub mill-kaċċa jew mis-sajd imwettaq f'Parti, iżda mhux lil hinn mil-limiti esterni tal-baħar territorjali tal-Parti;

(g) prodott miksub mill-akkwakultura f'Parti, jekk l-organiżmi akkwatiċi, li jinkludu l-ħut, il-molluski, il-krustaċji, invertebrati akkwatiċi oħrajn u pjanti akkwatiċi jitwieldu jew jitrabbew minn stokk ta' żrieragħ bħal bajd tal-ħut, ħut immatur jew larva, b'intervent fil-proċessi ta' trobbija jew ta' tkabbir sabiex tittejjeb il-produzzjoni bħall-istokkjar regolari, it-tagħlif jew il-protezzjoni kontra l-predaturi;

(h) prodott tas-sajd fil-baħar u prodott ieħor meħud f'konformità mad-dritt internazzjonali mill-baħar barra minn kwalunkwe baħar territorjali minn bastiment ta' Parti;

(i) prodott magħmul abbord bastiment fabbrika ta' Parti esklużivament minn prodott imsemmi fil-punt (h);

(j) prodott meħud jew estratt minn Parti jew minn persuna ta' Parti minn qiegħ il-baħar jew mis-sottoswol, barra minn kwalunkwe baħar territorjali, dment li dik il-Parti jew il-persuna ta' dik il-Parti jkollha d-dritt li taħdem dak il-qiegħ il-baħar jew is-sottoswol f'konformità mad-dritt internazzjonali;

(k) skart jew ruttam li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' manifattura li jsiru f'Parti;

(l) prodott użat miġbur f'Parti u li huwa adattat biss għall-irkupru ta' materja prima, inkluża materja prima bħal din; u

(m) prodott manifatturat f'Parti esklużivament mill-prodotti msemmijin fil-punti (a) sa (l).

2. It-termini "bastiment ta' Parti" u "bastiment fabbrika ta' Parti" fil-punti (h) u (i) tal-paragrafu 1 rispettivament jirreferu biss għal bastiment u għal bastiment fabbrika li:

(a) ikun reġistrat fi Stat Membru jew fi New Zealand;

(b) ibaħħar bil-bandiera ta' Stat Membru jew ta' New Zealand; u

(c) jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) mill-anqas 50 % tiegħu ikun proprjetà ta' persuni li għandhom in-nazzjonalità ta' Stat Membru jew ta' New Zealand; jew

(ii) ikun proprjetà ta' persuna ġuridika waħda jew aktar li:

(A) ikollha l-uffiċċju prinċipali u l-post ewlieni tan-negozju tagħha fi Stat Membru jew fi New Zealand; u

(B) ikollha tal-anqas 50 % tal-proprjetarji tagħha entitajiet pubbliċi jew persuni ta' Stat Membru jew ta' New Zealand.

Artikolu 3.5

Tolleranzi

1. Jekk materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni ta' prodott ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodotti), il-prodott għandu jitqies bħala oriġinarju f'Parti, dment li:

(a) għall-prodotti kollha, ħlief għall-prodotti kklassifikat taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-SA, il-valur ta' materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni tal-prodotti kkonċernati ma jaqbiżx l-10 % tal-prezz mill-fabbrika ta' dawk il-prodotti;

(b) għall-prodotti kklassifikat taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-SA, japplikaw it-tolleranzi stabbiliti fin-Noti 7 u 8 tal-Anness 3-A (Noti introduttorji għar-Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodotti).

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax jekk il-valur jew il-piż tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni ta' prodott jaqbeż kwalunkwe wieħed mill-perċentwali għall-valur jew għall-piż massimu tal-materjali mhux oriġinarji kif speċifikati fir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodotti).

3. Il-paragrafu 1 ma japplikax għall-prodotti miksubin għalkollox f'Parti skont it-tifsira tal-Artikolu 3.4 (Prodotti miksubin għalkollox). Jekk l-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodotti) jeħtieġ li l-materjali użati fil-produzzjoni ta' prodott ikunu miksubin għalkollox f'Parti skont it-tifsira tal-Artikolu 3.4 (Prodotti miksubin għalkollox), japplikaw il-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 3.6

Ħdim jew ipproċessar insuffiċjenti

1. Minkejja l-punt (c) tal-Artikolu 3.2(1) (Rekwiżiti ġenerali għal prodotti oriġinarji), prodott ma għandux jitqies bħala li joriġina f'Parti jekk il-produzzjoni tal-prodott f'Parti tkun tikkonsisti biss f'waħda jew f'aktar mill-operazzjonijiet li ġejjin imwettqin fuq materjali mhux oriġinarji:

(a) operazzjonijiet ta' preservazzjoni bħat-tnixxif, l-iffriżar, iż-żamma f'salmura u operazzjonijiet simili oħrajn meta l-iskop uniku tagħhom ikun li jiżguraw li l-prodott jibqa' f'kundizzjoni tajba matul it-trasport u l-ħżin ([11]);

(b) it-tqassim jew l-immuntar ta' pakketti;

(c) il-ħasil jew it-tindif, it-tneħħija tat-trab, tal-ossidu, taż-żjut, taż-żebgħa jew ta' koperturi oħrajn;

(d) mogħdija jew pressa tat-tessuti u ta' oġġetti tessili;

(e) operazzjonijiet sempliċi ta' żebgħa jew ta' lostru;

(f) it-tfesdiq u l-maċinazzjoni parzjali jew sħiħa tar-ross; illostrar u gglejżjar ta' ċereali u ta' ross;

(g) operazzjonijiet għall-kolorazzjoni jew għall-għoti ta' aromi fiz-zokkor jew għall-iffurmar taċ-ċangaturi taz-zokkor, it-tħin parzjali jew totali taz-zokkor kristallizzat;

(h) it-tqaxxir, it-tneħħija tal-għadma jew it-tfesdiq ta' frott, ta' ġewż u ta' ħaxix;

(i) it-tisnin, it-tħin sempliċi, jew il-qtugħ sempliċi;

(j) l-għarbil, it-tnaqqija, l-għażla, il-klassifikazzjoni, l-għoti ta' grad, it-tqabbil, inkluż it-tfassil ta' settijiet ta' oġġetti;

(k) it-tqegħid sempliċi fi fliexken, f'laned, fi flasks, f'boroż, f'kontenituri, f'kaxxi, it-twaħħil fuq kartun jew fuq twavel u l-operazzjonijiet sempliċi l-oħrajn kollha ta' imballaġġ;

(l) it-twaħħil jew l-istampar ta' marki, ta' tikketti, ta' logos, u ta' sinjali oħrajn simili ta' distinzjoni fuq il-prodott jew fuq l-imballaġġ tiegħu;

(m) it-taħlit sempliċi ta' prodotti, kemm jekk ta' tipi differenti kif ukoll jekk le; it-taħlit taz-zokkor ma' kwalunkwe materjal;

(n) is-sempliċi żieda ta' ilma jew id-dilwizzjoni bl-ilma jew b'sustanza oħra li ma tbiddilx materjalment il-karatteristiċi tal-prodott, jew id-deidratazzjoni jew id-denaturazzjoni tal-prodotti

(o) l-assemblaġġ sempliċi ta' partijiet ta' oġġetti sabiex jiġi kkostitwit oġġett sħiħ jew iż-żarmar tal-prodott f'partijiet; jew

(p) l-iskarnar ta' annimali.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-operazzjonijiet għandhom jitqiesu li huma sempliċi jekk ma jkunu meħtieġa la ħiliet speċjali u lanqas makkinarji, apparati jew tagħmir manifatturati jew installati b'mod speċjali għat-twettiq ta' dawk l-operazzjonijiet.

Artikolu 3.7

Unità tal-kwalifika

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, l-unità tal-kwalifika għandha tkun il-prodott partikolari li jitqies bħala l-unità bażika meta l-prodott jiġi kklassifikat skont is-SA.

([11]) Fil-kuntest tal-punt (a), operazzjonijiet ta' preservazzjoni bħat-tkessiħ, l-iffriżar jew il-ventilazzjoni jitqiesu insuffiċjenti, filwaqt li operazzjonijiet bħat-tindif tal-metall bl-aċidu, it-tnixxif jew l-affumikar li huma maħsubin sabiex jagħtu karatteristiċi speċjali jew differenti tal-prodott ma jitqisux insuffiċjenti.

2. Jekk kunsinna tkun imsawra minn numru ta' prodotti identiċi klassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull prodott individwali għandu jitqies meta jiġi applikat dan il-Kapitolu.

Artikolu 3.8

Materjali tal-ippakkjar u kontejners għat-trasportazzjoni

Il-materjali tal-ippakkjar u l-kontejners għat-trasportazzjoni li jintużaw sabiex prodott jiġi protett matul il-ġarr għandhom jiġu injorati meta jiġi ddeterminat jekk prodott ikollux status oriġinarju.

Artikolu 3.9

Materjali tal-imballaġġ u kontenituri għall-bejgħ bl-imnut

1. Il-materjali tal-imballaġġ u l-kontenituri li fihom prodott jiġi imballat għall-bejgħ bl-imnut, jekk ikklassifikati ma' dak il-prodott, għandhom jiġu injorati fid-determinazzjoni ta' jekk il-materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni tal-prodott ikunux ġew soġġetti għall-bidla applikabbli fil-klassifikazzjoni tariffarja jew għal operazzjoni speċifika ta' manifattura jew ta' proċessar kif stabbilita fl-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodotti) jew jekk il-prodott ikunx miksub għalkollox f'Parti skont it-tifsira tal-Artikolu 3.4 (Prodotti Miksubin għalkollox);.

2. Meta prodott ikun soġġett għal rekwiżit tal-valur kif stabbilit fl-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodotti), il-valur tal-materjali tal-imballaġġ u tal-kontenituri li fihom jiġi imballat il-prodott għall-bejgħ bl-imnut, jekk ikklassifikati ma dak il-prodott, għandu jkun ikkunsidrat bħala oriġinarju jew mhux oriġinarju, skont il-każ, fil-kalkolu għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-rekwiżit tal-valur għall-prodott.

Artikolu 3.10

Aċċessorji, spare parts u għodod

1. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, aċċessorji, spare parts, għoddod u materjali struzzjonali jew ta' informazzjoni oħrajn ta' prodott ikunu koperti jekk ikunu:

(a) ikklassifikati, ikkonsenjati u fatturati mal-prodott; u

(b) tat-tip, tal-kwantità u tal-valur li jkunu komuni għall-prodott ikkonċernat.

2. Fid-determinazzjoni ta' jekk prodott:

(a) ikunx miksub għalkollox f'Parti skont it-tifsira tal-Artikolu 3.4 (Prodotti miksubin għalkollox), jew jissodisfax proċess ta' produzzjoni jew ta' bidla fir-rekwiżit ta' klassifikazzjoni tariffarja kif stabbilit fl-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodotti), aċċessorji, spare parts, għodod u materjali struzzjonali jew ta' informazzjoni oħrajn ta' dak il-prodott għandhom jiġu injorati; u

(b) jissodisfax rekwiżit tal-valur kif stabbilit fl-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott), il-valur tal-aċċessorji, tal-ispare parts, tal-għodod u tal-materjali struzzjonali jew ta' informazzjoni oħrajn ta' dak il-prodott għandu jiġi kkunsidrat bħala materjali oriġinarji jew mhux oriġinarji, skont kif ikun il-każ, fil-kalkolu għall-fini tal-applikazzjoni tar-rekwiżit tal-valur għall-prodott.

Artikolu 3.11

Settijiet

Is-settijiet, kif definiti fir-Regola Ġenerali 3, il-punt (a) u (b), tar-Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata, għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw f'Parti jekk il-komponenti kollha tagħhom ikollhom status oriġinarju. Meta sett ikun magħmul minn komponenti oriġinarji u mhux oriġinarji, is-sett bħala element sħiħ għandu jitqies bħala oriġinarju f'Parti jekk il-valur tal-komponenti mhux oriġinarji ma jkunx jaqbeż il-15 % tal-prezz mill-fabbrika ta dak is-sett.

Artikolu 3.12

Elementi newtrali

Sabiex jiġi ddeterminat jekk prodott joriġinax minn Parti, ma għandux ikun neċessarju li jiġi ddeterminat l-istatus oriġinarju tal-elementi newtrali li ġejjin:

(a) l-enerġija u l-fjuwil;

(b) l-impjant u t-tagħmir, inklużi prodotti użati għall-manutenzjoni tagħhom;

(c) magni, għodod, mastri u forom;

(d) spare parts u materjali użati fil-manutenzjoni ta' tagħmir u ta' bini;

(e) lubrikanti, griż, materjali komposti u materjali oħrajn użati fil-produzzjoni jew użati sabiex jitħaddmu tagħmir u binjiet;

(f) ingwanti, nuċċalijiet, żraben, ilbies, tagħmir u provvisti tas-sikurezza;

(g) tagħmir, apparati u provvisti użati għall-ittestjar jew għall-ispezzjonar tal-prodott;

(h) katalisti u solventi; u

(i) materjali oħrajn li la huma inkorporati u lanqas maħsubin sabiex jiġu inkorporati fil-kompożizzjoni finali tal-prodott.

Artikolu 3.13

Metodu ta' segregazzjoni kontabilistika għall-materjali funġibbli u għall-prodotti funġibbli

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "materjali funġibbli" jew "prodotti funġibbli" tfisser materjali jew prodotti li huma tal-istess tip u kwalità kummerċjali, bl-istess karatteristiċi tekniċi u fiżiċi, u li ma jistgħux jiġu distinti minn xulxin għall-finijiet tal-oriġini.

2. Materjali funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji jew prodotti funġibbli għandhom jiġu ssegregati fiżikament waqt il-ħżin sabiex jinżamm l-istatus oriġinarju u mhux oriġinarju tagħhom.

3. Minkejja l-paragrafu 2, materjali funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji jistgħu jintużaw fil-produzzjoni ta' prodott mingħajr ma jiġu ssegregati fiżikament waqt il-ħażna jekk jintuża metodu ta' segregazzjoni kontabilistika.

4. Minkejja l-paragrafu 2, prodotti funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji kklassifikati fil-Kapitoli 10, 15, 27, 28, 29, l-intestaturi minn 32.01 sa 32.07, jew l-intestaturi minn 39.01 sa 39.14 tas-Sistema Armonizzata jistgħu jinħażnu f'Parti qabel l-esportazzjoni lejn il-Parti l-oħra mingħajr ma jkunu segregati fiżikament, jekk jintuża metodu ta' segregazzjoni kontabilistika.

5. Il-metodu ta' segregazzjoni kontabilistika msemmi fil-paragrafi 3 u 4 għandu jiġi applikat f'konformità ma' metodu ta' ġestjoni tal-inventarju skont il-prinċipji kontabilistiċi li jiġu ġeneralment aċċettati fil-Parti fejn jintuża l-metodu ta' segregazzjoni kontabilistika.

6. Il-metodu ta' segregazzjoni kontabilistika għandu jkun kwalunkwe metodu li jiżgura li fi kwalunkwe ħin ma jkunx hemm aktar prodotti li jirċievu status oriġinarju milli kieku l-materjali jew il-prodotti jkunu ġew segregati fiżikament.

Artikolu 3.14

Prodotti ritornati

Jekk prodott oriġinarju ta' Parti esportat minn dik il-Parti lejn pajjiż terz jirritorna lejn dik il-Parti, għandu jitqies bħala prodott mhux oriġinarju ħlief jekk il-prodott irritornat:

(a) ikun l-istess bħal dak esportat; u

(b) ma saritlux xi operazzjoni minbarra dik li hija neċessarja sabiex jiġi ppreservat f'kundizzjoni tajba waqt li kien fil-pajjiż li lilu jkun ġie esportat jew waqt li kien qiegħed jiġi esportat.

Artikolu 3.15

Nonalterazzjoni

1. Prodott oriġinarju dikjarat għall-użu domestiku fil-Parti li timporta ma għandux, wara l-esportazzjoni u qabel ma jiġi ddikjarat għal użu domestiku, ikun ġie alterat, ittrasformat b'xi mod jew soġġett għal operazzjonijiet għajr dawk ta' preservazzjoni f'kundizzjoni tajba jew ta' żieda jew ta' twaħħil ta' marki, ta' tikketti, ta' siġilli jew ta' xi dokumentazzjoni oħra sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' rekwiżiti speċifiċi tal-Parti li timporta.

2. Il-ħżin jew il-wiri ta' prodott oriġinarju jista' jsir f'pajjiż terz jekk dak il-prodott oriġinarju ma jiġix approvat għall-użu domestiku f'dak il-pajjiż terz.

3. Mingħajr preġudizzju għat-Taqsima b (Proċeduri ta' oriġini) ta' dan il-Kapitolu, il-qsim tal-kunsinni jista' jsir f'pajjiż terz jekk il-kunsinni ma jiġux approvati għall-użu domestiku f'dak il-pajjiż terz.

4. F'każ ta' dubju dwar jekk ikunux rispettati r-rekwiżiti previsti fil-paragrafi 1 sa 3, l-awtorità doganali tal-Parti li timporta tista' titlob lill-importatur jipprovdi evidenza ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, li tista' tingħata bi kwalunkwe mezz, inklużi dokumenti tat-trasport kuntrattwali bħal poloz ta' kargu jew evidenza fattwali jew konkreta bbażata fuq il-markatura jew l-enumerazzjoni tal-pakketti jew kwalunkwe evidenza relatata mal-prodott innifsu.

Taqsima B

Proċeduri tal-oriġini

Artikolu 3.16

Talba għal trattament tariffarju preferenzjali

1. Il-Parti li timporta għandha tagħti trattament tariffarju preferenzjali lil prodott oriġinarju fil-Parti l-oħra fuq il-bażi ta' talba mill-importatur għat-trattament tariffarju preferenzjali. L-importatur għandu jkun responsabbli għall-korrettezza tat-talba għal trattament tariffarju preferenzjali u għall-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

2. Talba għal trattament tariffarju preferenzjali għandha tkun ibbażata fuq jew:

(a) dikjarazzjoni dwar l-oriġini li l-prodott huwa oriġinarju magħmula mill-esportatur; jew

(b) l-għarfien tal-importatur li l-prodott huwa oriġinarju.

3. Talba għal trattament tariffarju preferenzjali u l-bażi tagħha kif imsemmi fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 għandhom ikunu inklużi fid-dikjarazzjoni doganali dwar l-importazzjoni f'konformità mal-liġi tal-Parti li timporta.

4. L-importatur li jagħmel talba għal trattament tariffarju preferenzjali bbażat fuq dikjarazzjoni dwar l-oriġini msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2 għandu jżomm id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini u, meta jkun meħtieġ jagħmel hekk mill-awtorità doganali tal-Parti li timporta, għandu jipprovdi kopja ta' din lill-awtorità doganali.

Artikolu 3.17

Talba għal trattament tariffarju preferenzjali wara l-importazzjoni

1. Jekk l-importatur ma jkunx għamel talba għal trattament tariffarju preferenzjali fiż-żmien tal-importazzjoni, u l-prodott ikun ikkwalifika għal trattament tariffarju preferenzjali fiż-żmien tal-importazzjoni, il-Parti li timporta għandha tagħti trattament tariffarju preferenzjali u tħallas lura jew tagħti remissjoni ta' kwalunkwe dazju doganali żejjed imħallas.

2. Il-Parti li timporta tista' titlob bħala kundizzjoni għall-għoti ta' trattament tariffarju preferenzjali skont il-paragrafu 1 li l-importatur jagħmel talba għal trattament tariffarju preferenzjali u tipprovdi l-bażi għat-talba kif imsemmi fl-Artikolu 3.16(2) (Talba għal trattament tariffarju preferenzjali). Tali talba għandha ssir mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data tal-importazzjoni jew f'perjodu itwal jekk speċifikat fil-liġi tal-Parti li timporta.

Artikolu 3.18

Dikjarazzjoni dwar l-oriġini

1. Dikjarazzjoni dwar l-oriġini tista' ssir minn esportatur ta' prodott fuq il-bażi tal-informazzjoni li turi li l-prodott huwa oriġinarju, inkluża, meta tkun applikabbli, informazzjoni dwar l-istatus oriġinarju tal-materjali użati fil-produzzjoni ta' dak il-prodott. L-esportatur għandu jkun responsabbli għall-korrettezza tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini u tal-informazzjoni pprovduta.

2. Dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandha ssir f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi inklużi fl-Anness 3-C (Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini) fuq fattura jew fuq kwalunkwe dokument ieħor li jiddeskrivi l-prodott oriġinarju f'dettall suffiċjenti sabiex tkun tista' ssir l-identifikazzjoni tiegħu ([12]). Il-Parti li timporta ma għandhiex teħtieġ li l-importatur jissottometti traduzzjoni tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini.

3. Dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandha tkun valida għal sena mid-data ta' meta tkun saret.

4. Dikjarazzjoni dwar l-oriġini tista' tapplika għal:

(a) trasportazzjoni waħda ta' prodott wieħed jew aktar importat f'Parti; jew

(b) diversi trasportazzjonijiet tal-istess prodotti importati f'Parti fikwalunkwe perjodu speċifikat fid-dikjarazzjoni dwar l-oriġini li ma jaqbiżx it-12-il xahar.

5. Il-Parti li timporta għandha, fuq talba tal-importatur u soġġetta għal rekwiżiti li l-Parti li timporta tista' tipprovdi, tippermetti dikjarazzjoni unika dwar l-oriġini għal prodotti mhux assemblati jew żmantellati skont it-tifsira tar-Regola Ġenerali 2, il-punt (a), tar-Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tas-SistemaArmonizzata li jaqgħu fit-Taqsimiet XV sa XXI tas-Sistema A rmonizzata meta jiġu importati b'pagamenti parzjali.

Artikolu 3.19

Żbalji żgħar jew diskrepanzi żgħar

L-awtorità doganali tal-Parti li timporta ma għandhiex tirrifjuta talba għal trattament tariffarju preferenzjali minħabba żbalji żgħar jew diskrepanzi żgħar fid-dikjarazzjoni dwar l-oriġini.

Artikolu 3.20

Għarfien tal-importatur

L-għarfien tal-importatur li prodott joriġina mill-Parti li tesporta għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni li turi li l-prodott ikun oriġinarju u jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu.

Artikolu 3.21

Rekwiżiti ta' żamma tar-rekords

1. Għal minimu ta' tliet snin wara d-data li fiha tkun saret it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali imsemmija fl-Artikolu 3.16 (Talba għal trattament tariffarju preferenzjali) jew it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali wara l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 3.17 (Talba għal trattament tariffarju preferenzjali wara l-importazzjoni) jew it-għal perjodu itwal li jista' jiġi speċifikat fil-liġi tal-Parti li timporta, importatur li jagħmel dik it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali jew dik it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali wara l-importazzjoni għal prodott importat fil-Parti li timporta għandu jżomm:

(a) id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini magħmula mill-esportatur, jekk it-talba kienet ibbażata fuq dikjarazzjoni dwar l-oriġini; jew

([12]) Għal ċertezza akbar, filwaqt li d-dikjarazzjoni dwar l-oriġini trid issir mill-esportatur u l-esportatur għandu jkun responsabbli sabiex jipprovdi biżżejjed dettall sabiex jiġi identifikat il-prodott oriġinarju, ma għandu jkun hemm l-ebda rekwiżit dwar l-identità jew il-post tal-istabbiliment tal-persuna li toħroġ l-fattura jew kwalunkwe dokument ieħor, jekk dak id-dokument jippermetti identifikazzjoni ċara tal-esportatur.

(b) ir-rekords kollha li juru li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti sabiex jikseb status oriġinarju, jekk it-talba kienet ibbażata fuq l-għarfien tal-importatur.

2. Esportatur li jkun għamel dikjarazzjoni dwar l-oriġini għandu, għal minimu ta' erba' snin wara li tkun saret dik id-dikjarazzjoni jew fi żmien perjodu itwal previst fil-liġi tal-Parti li tesporta, iżomm kopja ta' dik id-dikjarazzjoni u rekords oħrajn li juru li l-prodott jissodisfa r-rekwiżiti sabiex jikseb status oriġinarju.

3. Jekk esportatur ma jkunx il-produttur tal-prodotti, u jkun ibbaża fuq informazzjoni minn fornitur dwar l-istatus oriġinarju tal-prodotti, l-esportatur għandu jkun meħtieġ iżomm l-informazzjoni pprovduta minn dak il-fornitur.

4. Ir-rekords li għandhom jinżammu f'konformità ma' dan l-Artikolu jistgħu jinżammu f'format elettroniku.

Artikolu 3.22

Rinunzja tar-rekwiżiti proċedurali

1. Minkejja l-Artikoli 3.16 sa 3.21, il-Parti li timporta għandha tagħti trattament tariffarju preferenzjali lil:

(a) prodott mibgħut f'pakkett żgħir minn persuni privati lil persuni privati; jew

(b) prodott li jifforma parti mill-bagalji personali ta' vjaġġatur.

2. Il-paragrafu 1 japplika biss għal prodotti li kienu soġġetti għal dikjarazzjoni doganali li tiddikjara l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu, u li għalihom l-awtorità doganali tal-Parti li timporta ma jkollha l-ebda dubju dwar il-veraċità ta' tali dikjarazzjoni.

3. Il-prodotti li ġejjin huma esklużi mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1:

(a) prodotti importati permezz ta' negozju, ħlief għal importazzjonijiet li huma okkażjonali u li jikkonsistu biss fi prodotti għall-użu personali tar-riċevituri jew tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom jekk ikun evidenti min-natura u mill-kwantità tal-prodotti li l-importazzjonijiet ma jkollhom l-ebda skop kummerċjali;

(b) prodotti li l-importazzjoni tagħhom tifforma parti minn serje ta' importazzjonijiet li jistgħu jiġu kkunsidrati b'mod raġonevoli li jkunu saru separatament għall-fini li jiġu evitati r-rekwiżiti tal-Artikolu 3.16 (Talba għal trattament tariffarju preferenzjali);

(c) prodotti li għalihom il-valur totali jaqbeż:

(i) għall-Unjoni, EUR 500 fil-każ ta' prodotti mibgħutin pakketti żgħar, jew EUR 1 200 fil-każ ta' prodotti li jkunu parti minn bagalja personali ta' vjaġġatur. L-ammonti li għandhom jintużaw f'munita nazzjonali partikolari għandhom ikunu l-ekwivalenti f'dik il-munita tal-ammonti f'euro hekk kif kienu fl-ewwel jum ta' xogħol ta' OttubruIr-rati tal-kambju għandhom jiġu ppubblikati għal dakinhar mill-Bank Ċentrali Ewropew, sakemm ma tiġix ikkomunikata rata tal-kambju differenti lill-Kummissjoni Ewropea sal-15 ta' Ottubru ta' kull sena, u għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinnotifika lil New Zealand dwar ir-rati tal-kambju rilevanti;

(ii) għal New Zealand, NZD 1 000 kemm fil-każ ta' prodotti mibgħutin pakketti żgħar kif ukoll fil-każ ta' prodotti li jkunu parti minn bagalja personali ta' vjaġġatur.

4. L-importatur għandu jkun responsabbli għall-korrettezza tad-dikjarazzjoni doganali msemmija fil-paragrafu 2. Ir-rekwiżiti ta' żamma tar-rekords stabbiliti fl-Artikolu 3.21 (Rekwiżiti taż-żamma tar-rekords) ma japplikawx għall-importatur meta jiġi applikat dan l-Artikolu.

Artikolu 3.23

Verifika

1. L-awtorità doganali tal-Parti li timporta tista' twettaq verifika dwar jekk prodott ikunx oriġinarju jew jekk ikunux issodisfati r-rekwiżiti l-oħrajn ta' dan il-Kapitolu, fuq il-bażi ta' metodi ta' valutazzjoni tar-riskju, li jistgħu jinkludu għażla aleatorja. Tali verifika tista' titwettaq permezz ta' talba għal informazzjoni lill-importatur li jkun għamel it-talba għat-trattament tariffarju preferenzjali msemmija fl-Artikolu 3.16 (Talba għal trattament tariffarju preferenzjali), fil-mument li tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni tal-importazzjoni, jew qabel jew wara r-rilaxx tal-prodotti.

2. L-informazzjoni mitluba skont il-paragrafu 1 ma għandhiex tkopri aktar mill-elementi li ġejjin:

(a) jekk it-talba kienet ibbażata fuq dikjarazzjoni dwar l-oriġini msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 3.16(2) (Talba għal trattament tariffarju preferenzjali), dik id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini;

(b) jekk il-kriterju tal-oriġini jkun bbażat fuq:

(i) il-fatt li l-prodott huwa "miksub għalkollox", il-kategorija applikabbli (bħall-ħsad, l-estrazzjoni, is-sajd) u l-post tal-produzzjoni;

(ii) bidla fil-klassifikazzjoni tariffarja, lista tal-materjali mhux oriġinarji kollha, inkluża l-klassifikazzjoni tariffarja tagħhom (f'format diġitali ta' żewġ, erba' jew sitt ċifri, skont il-kriterju tal-oriġini);

(iii) metodu ta' valur, il-valur tal-prodott finali kif ukoll il-valur tal-materjali mhux oriġinarji kollha użati fil-produzzjoni ta' dak il-prodott finali;

(iv) piż, il-piż tal-prodott finali kif ukoll il-piż tal-materjali mhux oriġinarji rilevanti użati fil-produzzjoni ta' dak il-prodott finali;

(v) proċess tal-produzzjoni speċifiku, deskrizzjoni speċifika ta' dak il-proċess tal-produzzjoni.

3. Meta jipprovdi l-informazzjoni mitluba, l-importatur jista' jżid kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-finijiet ta' verifika.

4. Jekk it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali tkun ibbażata fuq dikjarazzjoni dwar l-oriġini, l-importatur għandu jinforma lill-awtorità doganali tal-Parti li timporta li l-importatur ma jkollux id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 3.16(2) (Talba għal trattament tariffarju preferenzjali). F'dak il-każ, l-importatur jista' jinforma lill-awtorità doganali li l-informazzjoni mitluba se tiġi pprovduta mill-esportatur direttament.

5. Jekk it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali tkun ibbażata fuq l-għarfien tal-importatur kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 3.16(2) (Talba għal trattament tariffarju preferenzjali), wara li l-ewwel ikun talab informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità doganali tal-Parti li timporta li twettaq il-verifika tista' tibgħat talba għal informazzjoni addizzjonali lill-importatur jekk tqis li tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali sabiex jiġi vverifikat jekk prodott għandux status oriġinarju jew jekk ir-rekwiżiti l-oħrajn ta' dan il-Kapitolu humiex issodisfati. L-awtorità doganali tal-Parti li timporta tista' titlob mingħand l-importatur dokumentazzjoni u informazzjoni speċifiċi, jekk ikun xieraq.

6. Matul il-verifika, il-Parti li timporta għandha tippermetti r-rilaxx tal-prodotti kkonċernati. Il-Parti li timporta tista' tikkundizzjona tali rilaxx fuq l-importatur li jipprovdi garanzija jew li jimplimenta miżuri xierqa oħrajn ta' prekawzjoni meħtieġa mill-awtoritajiet doganali. Kwalunkwe sospensjoni ta' trattament tariffarju preferenzjali għandha tintemm mill-aktar fis possibbli wara li l-awtorità doganali tal-Parti li timporta tkun aċċertat li l-prodotti kkonċernati jkollhom status oriġinarju, u li r-rekwiżiti l-oħrajn ta' dan il-Kapitolu huma ssodisfati.

Artikolu 3.24

Kooperazzjoni amministrattiva

1. Sabiex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jikkooperaw, permezz tal-awtorità doganali ta' kull Parti, fil-verifika ta' jekk prodott ikunx oriġinarju u konformi mar-rekwiżiti l-oħrajn previsti f'dan il-Kapitolu.

2. Jekk it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali tkun ibbażata fuq dikjarazzjoni dwar l-oriġini u wara li l-ewwel titlob informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 3.23(1) (Verifika), l-awtorità doganali tal-Parti li timporta li twettaq il-verifika tista' titlob ukoll informazzjoni mill-awtorità doganali tal-Parti li tesporta fi żmien sentejn wara d-data li fiha tkun saret it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali abbażi ta' dikjarazzjoni dwar l-oriġini msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 3.16(2) (Talba għal trattament tariffarju preferenzjali jew) it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali wara l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 3.17(2) (Talba għal trattament tariffarju preferenzjali wara l-importazzjoni), jekk l-awtorità doganali tal-Parti li timporta tqis li teħtieġ informazzjoni addizzjonali sabiex tivverifika l-istatus oriġinarju tal-prodott jew jekk humiex issodisfati r-rekwiżiti l-oħrajn previsti f'dan il-Kapitolu. L-awtorità doganali tal-Parti li timporta tista' titlob dokumentazzjoni u informazzjoni speċifiċi mill-awtorità doganali tal-Parti li tesporta, jekk ikun xieraq.

3. It-talba għal informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2 għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) id-dikjarazzjoni dwar l-oriġini;

(b) l-identità tal-awtorità doganali li toħroġ it-talba;

(c) l-isem tal-esportatur;

(d) is-suġġett u l-ambitu tal-verifika; u

(e) meta applikabbli, kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti.

4. F'konformità mal-liġi tagħha, l-awtorità doganali tal-Parti li tesporta tista' titlob dokumentazzjoni jew eżaminazzjoni billi titlob kwalunkwe evidenza, jew billi żżur il-bini tal-esportatur, sabiex tirrieżamina r-rekords u tosserva l-faċilitajiet użati fil-produzzjoni tal-prodott.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6, l-awtorità doganali tal-Parti li tesporta li tirċievi t-talba għal informazzjoni kif msemmi fil-paragrafu 2 għandha tipprovdi lill-awtorità doganali tal-Parti li timporta l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dokumentazzjoni mitluba, meta disponibbli;

(b) opinjoni dwar l-istatus oriġinarju tal-prodott;

(c) id-deskrizzjoni tal-prodott soġġett għall-eżaminazzjoni u għall-klassifikazzjoni tariffarja rilevanti għall-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(d) deskrizzjoni u spjegazzjoni tal-proċess tal-produzzjoni b'sostenn tal-istatus oriġinarju tal-prodott;

(e) informazzjoni dwar il-mod kif saret l-eżaminazzjoni; u

(f) dokumentazzjoni ta' sostenn, meta xierqa.

6. L-awtorità doganali tal-Parti li tesporta ma għandhiex tipprovdi lill-awtorità doganali tal-Parti li timporta l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 5 mingħajr il-kunsens tal-esportatur.

7. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet doganali tagħha u għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bi kwalunkwe modifika fihom fi żmien 30 jum mid-data tat-tali modifika. Għall-Unjoni, il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun responsabbli għan-notifiki kif imsemmi f'dan il-paragrafu.

Artikolu 3.25

Ċaħda tat-trattament tariffarju preferenzjali

1. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità doganali tal-Parti li timporta tista' tiċħad trattament tariffarju preferenzjali, jekk:

(a) fi żmien tliet xhur mid-data ta' talba għal informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3.23(1) (Verifika):

(i) ma tkun ingħatat l-ebda tweġiba mill-importatur;

(ii) f'każijiet fejn it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali tkun ibbażata fuq dikjarazzjoni dwar l-oriġini, ma tkun ingħatat l-ebda dikjarazzjoni dwar l-oriġini; jew

(iii) f'każijiet fejn it-talba għal trattament tariffarju preferenzjali tkun ibbażata fuq l-għarfien tal-importatur, l-informazzjoni pprovduta mill-importatur ma tkunx adegwata sabiex jiġi kkonfermat li l-prodott ikollu status oriġinarju;

(b) fi żmien tliet xhur mid-data ta' talba għal informazzjoni addizzjonali msemmija fl-Artikolu 3.23(5) (Verifika):

(i) ma tkun ingħatat l-ebda tweġiba mill-importatur; jew

(ii) l-informazzjoni pprovduta mill-importatur tkun inadegwata sabiex jiġi kkonfermat li l-prodott ikollu status oriġinarju;

(c) fi żmien għaxar xhur wara d-data ta' konsenja ta' talba għal informazzjoni skont l-Artikolu 3.24(2) (Kooperazzjoni amministrattiva):

(i) ma ngħatat l-ebda tweġiba mill-awtorità doganali tal-Parti li tesporta; jew

(ii) l-informazzjoni pprovduta mill-awtorità doganali tal-Parti li tesporta tkun inadegwata sabiex jiġi kkonfermat li l-prodott ikollu status oriġinarju.

2. L-awtorità doganali tal-Parti li timporta tista' tiċħad it-trattament tariffarju preferenzjali għal prodott li għalih importatur jitlob trattament tariffarju preferenzjali jekk l-importatur jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu għajr dawk relatati mal-istatus oriġinarju tal-prodotti.

3. Jekk l-awtorità doganali tal-Parti li timporta jkollha biżżejjed informazzjoni sabiex tiċħad it-trattament tariffarju preferenzjali skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, f'każijiet li fihom l-awtorità doganali tal-Parti li tesporta tkun ipprovdiet opinjoni dwar l-istatus ta' oriġini tal-prodott imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 3.24(5) (Kooperazzjoni amministrattiva) li fiha tikkonferma l-istatus oriġinarju tal-prodotti, l-awtorità doganali tal-Parti li timporta għandha tinnotifika lill-awtorità doganali tal-Parti li tesporta bir-raġunijiet u bl-intenzjoni tagħha li tiċħad it-trattament tariffarju preferenzjali fi żmien xahrejn mid-data li tirċievi dik l-opinjoni.

4. Jekk tkun saret in-notifika kif imsemmi fil-paragrafu 3, il-konsultazzjonijiet għandhom isiru fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, fi żmien tliet xhur wara d-data ta' tali notifika. Il-perjodu għall-konsultazzjonijiet jista' jiġi estiż skont il-każ permezz ta' ftehim reċiproku bejn l-awtoritajiet doganali tal-Partijiet. Il-konsultazzjonijiet għandhom isiru f'konformità mal-proċedura stabbilita mill-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bejn l-awtoritajiet doganali tal-Partijiet.

5. Mal-iskadenza tal-perjodu għall-konsultazzjonijiet, fejn l-awtorità doganali tal-Parti li timporta ma tkunx tista' tikkonferma li l-prodott ikun oriġinarju, tista' tiċħad it-trattament tariffarju preferenzjali jekk ikollha ġustifikazzjoni suffiċjenti sabiex tagħmel dan u wara li tkun tat lill-importatur id-dritt li jinstema'. Madankollu, meta l-awtorità doganali tal-Parti li tesporta tikkonferma l-istatus oriġinarju tal-prodotti u tipprovdi ġustifikazzjoni għal tali konferma, l-awtorità doganali tal-Parti li timporta ma għandhiex tiċħad it-trattament tariffarju preferenzjali għal prodott għar-raġuni unika li l-Artikolu 3.24(6) (Kooperazzjoni amministrattiva) ġie applikat.

6. Fi żmien xahrejn wara d-data tad-deċiżjoni finali tagħha dwar l-istatus oriġinarju tal-prodott, l-awtorità doganali tal-Parti li timporta għandha tinnotifika lill-awtorità doganali tal-Parti li tesporta li pprovdiet opinjoni dwar l-istatus ta' oriġini tal-prodott imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 3.24(5) (Kooperazzjoni amministrattiva) dwar dik id-deċiżjoni finali.

Artikolu 3.26

Kunfidenzjalità

1. Kull Parti għandha żżomm, f'konformità mal-liġi tagħha, il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni pprovduta mill-Parti l-oħra jew minn persuna ta' dik il-Parti, skont dan il-Kapitolu, u għandha tipproteġi dik l-informazzjoni mid-divulgazzjoni

2. Informazzjoni miksuba mill-awtoritajiet tal-Parti li timporta tista' tintuża biss għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu. Parti tista' tuża l-informazzjoni miġbura skont dan il-Kapitolu fi kwalunkwe proċediment amministrattiv, ġudizzjarju jew semiġudizzjarju mibdi minħabba nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu. Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra jew persuna ta' dik il-Parti li tkun ipprovdiet l-informazzjoni qabel tali użu.

3. Kull Parti għandha tiżgura li informazzjoni kunfidenzjali miġbura skont dan il-Kapitolu ma għandhiex tintuża għal finijiet li ma jkunux jikkonċernaw l-amministrazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet u determinazzjonijiet marbutin mal-oriġini u ma' kwistjonijiet doganali, ħlief bil-permess tal-Parti l-oħra jew persuna ta' dik il-Parti li tkun ipprovdiet tali informazzjoni kunfidenzjali. Jekk tintalab informazzjoni kunfidenzjali għall-proċedimenti ġudizzjarji li ma jkunux relatati ma' kwistjonijiet ta' oriġini u doganali sabiex ikun hemm konformità mal-liġi ta' Parti, u sakemm dik il-Parti tinnotifika lill-Parti l-oħra jew persuna ta' dik il-Parti li pprovdiet l-informazzjoni minn qabel u tiddikjara r-rekwiżit legali għal tali użu, ma għandux ikun meħtieġ il-permess tal-Parti l-oħra jew persuna ta' dik il-Parti li pprovdiet l-informazzjoni kunfidenzjali.

Artikolu 3.27

Miżuri u sanzjonijiet amministrattivi

Kull Parti għandha tiżgura li jsir infurzar effettiv ta' dan il-Kapitolu. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu, f'konformità mal-liġi tagħha, jimponu miżuri amministrattivi, u meta xierqa, sanzjonijiet, għal ksur tal-obbligi skont dan il-Kapitolu.

Taqsima C

Dispożizzjonijiet Finali

Artikolu 3.28

Ceuta u Melilla

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, it-terminu "Parti" ma jinkludix lil Ceuta u Melilla.

2. Il-prodotti li joriġinaw minn New Zealand, meta jiġu importati f'Ceuta u Melilla, għandhom f'kull aspett ikunu soġġetti għall-istess reġim doganali, inkluż trattament tariffarju preferenzjali, bħal dak li huwa applikat għall-prodotti li joriġinaw fit-territorju doganali tal-Unjoni skont il-Protokoll 2 dwar il-Gżejjer Kanarji u Ceuta u Melilla, tal-Att tal-Adeżjoni tal-1985 ([13]). New Zealand għandha tapplika fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti koperti minn dan il-Ftehim u li joriġinaw minn Ceuta u Melilla l-istess sistema doganali, inkluż trattament tariffarju preferenzjali, bħal dik li tapplika għall-prodotti importati u oriġinarji mill-Unjoni.

3. Ir-regoli tal-oriġini u l-proċeduri ta' oriġini applikabbli għal New Zealand skont dan il-Kapitolu għandhom japplikaw fid-determinazzjoni tal-oriġini tal-prodotti esportati minn New Zealand lejn Ceuta u Melilla. Ir-regoli tal-oriġini u l-proċeduri ta' oriġini applikabbli għall-Unjoni skont dan il-Kapitolu għandhom japplikaw fid-determinazzjoni tal-oriġini tal-prodotti esportati minn Ceuta u Melilla lejn New Zealand.

4. Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala territorju wieħed.

5. L-awtoritajiet doganali Spanjoli għandhom ikunu responsabbli mill-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu f'Ceuta u Melilla.

Artikolu 3.29

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali għal prodotti fi tranżitu jew f'ħażna

Dan il-Ftehim jista' jiġi applikat għal prodotti li jikkonformaw ma' dan il-Kapitolu u li fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jew ikunu fi tranżitu mill-Parti li tesporta lejn il-Parti li timporta jew taħt kontroll doganali fil-Parti li timporta mingħajr il-ħlas ta' dazji tal-importazzjoni u ta' taxxi, soġġetti għal talba għal trattament tariffarju preferenzjali msemmija fl-Artikolu 3.16 (Talba għal trattament tariffarju preferenzjali) lill-awtorità doganali tal-Parti li timporta, fi żmien 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim..

Artikolu 3.30

Il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali

1. Dan l-Artikolu jikkomplementa u jispeċifika aktar l-Artikolu 24.4 (Kumitati speċjalizzati).

2. Il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali, stabbilit skont is-CCMAA għandu, fir-rigward ta' dan il-Kapitolu, ikollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kunsiderazzjoni ta' emendi possibbli għal dan il-Kapitolu, inklużi dawk li jirriżultaw mir-rieżami tas-Sistema Armonizzata;

([13]) ĠU L 302, 15.11.1985, p. 9.

(b) l-adozzjoni, permezz ta' deċiżjonijiet, ta' noti ta' spjegazzjoni sabiex jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu; u

(c) l-adozzjoni ta' deċiżjoni sabiex tiġi stabbilita l-proċedura għal konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3.25(4) (Tiċħid tat-trattament tariffarju preferenzjali).

KAPITOLU 4

Dwana u faċilitazzjoni tal-kummerċ

Artikolu 4.1

Objettivi

L-objettivi ta' dan il-Kapitolu huma li:

(a) jippromwovi l-faċilitazzjoni tal-kummerċ għall-oġġetti nnegozjati bejn il-Partijiet filwaqt li jiżgura kontrolli doganali effettivi, b'kunsiderazzjoni tal-evoluzzjoni tal-prattiki kummerċjali;

(b) jiżgura t-trasparenza tal-liġijiet u tar-regolamenti ta' kull Parti relatati mar-rekwiżiti għall-importazzjoni, għall-esportazzjoni u għat-tranżitu tal-oġġetti u l-konsistenza tagħhom mal-istandards internazzjonali applikabbli;

(c) jiżgura applikazzjoni prevedibbli, konsistenti u mhux diskriminatorja minn kull Parti tal-liġijiet u tar-regolamenti doganali tagħha relatati mar-rekwiżiti għall-importazzjoni, għall-esportazzjoni u għat-tranżitu tal-oġġetti;

(d) jippromwovi s-simplifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-proċeduri u tal-prattiki doganali ta' kull Parti;

(e) ikompli jiżviluppa tekniki għall-ġestjoni tar-riskju sabiex jiffaċilita l-kummerċ leġittimu filwaqt li jissalvagwardja l-katina tal-provvista kummerċjali internazzjonali; u

(f) isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fil-qasam tal-materji doganali u tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ.

Artikolu 4.2

Kooperazzjoni doganali u assistenza amministrattiva reċiproka

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet għandhom jikkooperaw fi kwistjonijiet doganali bl-għan li jiżguraw li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 4.1 (Objettivi).

2. Minbarra s-CCMAA, il-Partijiet għandhom jiżviluppaw il-kooperazzjoni, inkluż fl-oqsma li ġejjin:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-liġijiet u r-regolamenti doganali, l-implimentazzjoni tagħhom, u l-proċeduri doganali, partikolarment fl-oqsma li ġejjin:

(i) l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali mill-awtoritajiet doganali;

(ii) il-faċilitazzjoni tal-movimenti ta' tranżitu u tat-trażbord; u

(iii) ir-relazzjonijiet maċ-ċrieki kummerċjali;

(b) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tad-dwana f'organizzazzjonijiet internazzjonali bħad-WTO u l-WCO;

(c) l-impenn għall-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti tad-*data* tagħhom għall-importazzjoni, għall-esportazzjoni u għal proċeduri doganali oħra billi jimplimentaw standards u elementi tad-*data* komuni f'konformità mal-Mudell tad-*Data* tad-WCO;

(d) l-iskambju, meta jkun rilevanti u xieraq, permezz ta' komunikazzjoni strutturata u rikorrenti bejn l-awtoritajiet doganali tal-Partijiet, ta' ċerti kategoriji ta' informazzjoni relatata mad-dwana għall-finijiet tat-titjib tal-ġestjoni tar-riskju u tal-effettività tal-kontrolli doganali, immirati lejn oġġetti ta' riskju għoli u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ leġittimu. L-iskambji skont dan il-punt għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-iskambji ta' informazzjoni li jistgħu jseħħu bejn il-Partijiet skont id-dispożizzjonijiet tas-CCMAA dwar l-assistenza amministrattiva reċiproka;

(e) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tagħhom fit-tekniki ta' ġestjoni tar-riskju, inkluża l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, u fejn xieraq, tal-informazzjoni dwar ir-riskju u tar-riżultati tal-kontrolli; u

(f) l-istabbiliment, meta jkun relevanti u xieraq, tar-rikonoxximent reċiproku ta' programmi tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati u tal-kontrolli doganali, inklużi miżuri ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ ekwivalenti.

3. Mingħajr preġudizzju għal forom oħrajn ta' kooperazzjoni previsti skont dan il-Ftehim, l-awtoritajiet doganali tal-Partijiet għandhom jikkooperaw, inkluż permezz ta' skambju ta' informazzjoni, u jipprovdu lil xulxin b'assistenza amministrattiva reċiproka fil-kwistjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu f'konformità mad-dispożizzjonijiet tas-CCMAA. Kwalunkwe skambju ta' informazzjoni bejn il-Partijiet skont dan il-Kapitolu għandu jkun *mutatis mutandis* soġġett għar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u l-protezzjoni tal-informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 17 CCMAA kif ukoll kwalunkwe rekwiżit ta' kunfidenzjalità u ta' privatezza li għandu jintlaħaq qbil dwaru mill-Partijiet.

Artikolu 4.3

Dispożizzjonijiet u proċeduri doganali

1. Kull Parti għandha tiżgura li d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri doganali tagħha jkunu bbażati fuq:

(a) l-istrumenti u l-istandards internazzjonali applikabbli fil-qasam tad-dwana u tal-kummerċ, li kull Parti tkun aċċettat, inklużi l-elementi sostantivi tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni tal-Proċeduri Doganali, magħmula fi Kyoto fit-18 ta' Mejju 1973, kif emendata, (Konvenzjoni Riveduta ta' Kyoto), il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti, magħmula fi Brussell fl-14 ta' Ġunju 1983, kif ukoll il-Qafas ta' Standards għas-Salvagwardja u għall-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ Globali u l-Mudell tad-*Data*tad-WCO;

(b) il-protezzjoni u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ leġittimu permezz ta' infurzar effettiv u konformità mar-rekwiżiti applikabbli previsti skont il-liġi tiegħu;

(c) il-liġijiet u r-regolamenti doganali li huma proporzjonati u mhux diskriminatorji, li jevitaw piżijiet mingħajr bżonn fuq l-operaturi ekonomiċi, li jipprevedu aktar faċilitazzjoni għall-operaturi li jiżguraw livelli għoljin ta' konformità, inkluż trattament favorevoli fir-rigward tal-kontrolli doganali qabel ir-rilaxx tal-oġġeti, u li jiżguraw salvagwardji kontra l-frodi u attivitajiet illeċiti jew li jistgħu jġarrbu ħsara; u

(d) regoli li jiżguraw li kwalunkwe penali imposta għal ksur tal-liġijiet u tar-regolamenti doganali tkun proporzjonata u mhux diskriminatorja u li l-impożizzjoni ta' tali penali ma ddewwimx mingħajr bżonn ir-rilaxx tal-oġġetti.

2. Jenħtieġ li kull ċertu żmien kull Parti tirrieżamina l-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri doganali tagħha. Il-proċeduri doganali għandhom jiġu applikati wkoll b'mod li jkun prevedibbli, konsistenti u trasparenti.

3. Sabiex jittejbu l-metodi ta' ħidma, kif ukoll sabiex jiġu żgurati n-nondiskriminazzjoni, it-trasparenza, l-effiċjenza, l-integrità u r-responsabbiltà tal-operat, kull Parti għandha:

(a) tissimplifika u tirrieżamina r-rekwiżiti u l-formalitajiet, kull meta jkun possibbli bl-għan li jiġu żgurati r-rilaxx u l-iżdoganar rapidi tal-oġġetti; u

(b) taħdem favur is-simplifikazzjoni u l-istandardizzazzjoni ulterjuri tad-*data* u tad-dokumentazzjoni meħtieġa mill-aġenziji awtoritajiet doganali u minn aġenziji oħrajn.

Artikolu 4.4

Rilaxx tal-oġġetti

1. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri doganali li:

(a) jipprevedu r-rilaxx fil-pront tal-oġġetti f'perjodu li ma jkunx itwal minn dak neċessarju sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha u, sa fejn ikun possibbli, mal-wasla tal-oġġetti;

(b) jipprevedu s-sottomissjoni u l-ipproċessar elettroniċi bil-quddiem tad-dokumentazzjoni u kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa qabel il-wasla tal-oġġetti, sabiex jippermettu r-rilaxx tal-oġġetti mal-wasla;

(c) jippermettu r-rilaxx tal-oġġetti qabel id-determinazzjoni finali tad-dazji doganali, tat-taxxi, tat-tariffi u tal-imposti applikabbli, jekk tali determinazzjoni ma ssirx qabel, jew mal-wasla, jew kemm jista' jkun malajr wara l-wasla u dment li jkunu ġew issodisfati r-rekwiżiti regolatorji l-oħrajn kollha. Bħala kundizzjoni għal tali rilaxx, kull Parti tista' teħtieġ garanzija għal kwalunkwe ammont li jkun għadu ma ġiex iddeterminat fil-forma ta' avall, ta' depożitu jew ta' strument xieraq ieħor previst fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha. Tali garanzija ma għandhiex tkun akbar mill-ammont li l-Parti tkun teħtieġ sabiex tiżgura li l-pagament tad-dazji doganali, tat-taxxi, tat-tariffi u tal-imposti finalment dovuti għall-oġġetti koperti mill-garanzija. Il-garanzija għandha tiġi rrilaxxata meta ma tibqax meħtieġa; u

(d) tippermetti li l-oġġetti jiġu rrilaxxati fil-punt tal-wasla, mingħajr trasferiment temporanju fl-imħażen jew f'faċilitajiet oħrajn, dment li l-oġġetti jkunu altrimenti eliġibbli għar-rilaxx.

2. Kull Parti għandha, sa fejn ikun possibbli, timminimizza d-dokumentazzjoni meħtieġa għar-rilaxx tal-oġġetti.

3. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tippermetti r-rilaxx rapidu tal-oġġetti li jkunu jeħtieġu awtorizzazzjoni urġenti, inkluż barra mill-ħinijiet tal-ftuħ regolari tal-awtoritajiet doganali u ta' awtoritajiet rilevanti oħrajn.

4. Kull Parti għandha, sa fejn ikun possibbli, tadotta jew iżżomm proċeduri doganali li jipprevedu r-rilaxx rapidu ta' ċerti kunsinni filwaqt li żżomm kontroll doganali xieraq, inkluż li tippermetti s-sottomissjoni ta' dokument uniku li jkopri l-oġġetti kollha fit-trasportazzjoni, jekk possibbli, b'mezzi elettroniċi.

Artikolu 4.5

Oġġetti li jitħassru malajr

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "oġġetti li jitħassru malajr" huma oġġetti li jeħżienu malajr minħabba l-karatteristiċi naturali tagħha, b'mod partikolari fin-nuqqas ta' kundizzjonijiet tal-ħżin adegwati.

2. Sabiex jiġi evitat deterjorament jew telf evitabbli ta' oġġetti li jitħassru malajr, kull Parti għandha tagħti prijorità xierqa lill-oġġetti li jitħassru malajr meta tiġi skedata u titwettaq kwalunkwe eżaminazzjoni li tista' tkun meħtieġa.

3. Minbarra l-punt (a) tal-Artikolu 4.4(1) (Rilaxx tal-oġġetti), u fuq talba tal-operatur ekonomiku, kull Parti għandha, meta jkun prattikabbli u f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha:

(a) tipprovdi għall-awtorizzazzjoni ta' kunsinna ta' oġġetti li jitħassru malajr barra mill-ħinijiet tal-ftuħ regolari tal-awtoritajiet doganali u ta' awtoritajiet rilevanti oħrajn; u

(b) tippermetti li l-kunsinni ta' oġġetti li jitħassru malajr jiġu ttrasferiti u żdoganati fil-bini tal-operatur ekonomiku.

Artikolu 4.6

Proċeduri doganali simplifikati

Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri li jippermettu lin-negozjanti jew lill-operaturi li jissodisfaw il-kriterji speċifikati fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha jibbenefikaw minn simplifikazzjoni ulterjuri tal-proċeduri doganali. Tali miżuri jistgħu jinkludu:

(a) dikjarazzjonijiet doganali li jkun fihom sett imnaqqas ta' *data* jew ta' dokumenti ta' sostenn; jew

(b) dikjarazzjonijiet doganali perjodiċi għad-determinazzjoni u għall-pagament tad-dazji doganali u tat-taxxi li jkopru diversi importazzjonijiet f'perjodu partikolari, wara r-rilaxx ta' dawk l-oġġetti importati.

Artikolu 4.7

Tranżitu u trażbord

1. Kull Parti għandha tiżgura l-faċilitazzjoni u l-kontroll effettiv tal-operazzjonijiet ta' trażbord u tal-movimenti ta' tranżitu mit-territorju rispettiv tagħha.

2. Kull Parti għandha tiżgura l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-aġenziji kkonċernati kollha fit-territorju rispettiv tagħha sabiex tiffaċilita t-traffiku fi tranżitu.

3. Dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti regolatorji kollha, kull Parti għandha tippermetti li l-oġġetti maħsubin għall-importazzjoni jitmexxew fit-territorju tagħha taħt kontroll doganali minn uffiċċju doganali tad-dħul għal uffiċċju doganali ieħor fit-territorju tagħha minn fejn l-oġġetti jiġu rrilaxxati jew żdoganati.

Artikolu 4.8

Ġestjoni tar-riskju

1. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm sistema ta' ġestjoni tar-riskju għall-kontroll doganali.

2. Kull Parti għandha tfassal u tapplika l-ġestjoni tar-riskju sabiex jiġu evitati d-diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli jew restrizzjonijiet moħbijin għall-kummerċ internazzjonali.

3. Kull Parti għandha tikkonċentra l-kontroll doganali u kontrolli rilevanti oħrajn fil-fruntieri fuq kunsinni ta' riskju għoli u għandha tħaffef ir-rilaxx ta' kunsinni b'riskju baxx. Kull Parti tista' wkoll tagħżel il-kunsinni għal dawn il-kontrolli fuq bażi aleatorja bħala parti mill-ġestjoni tar-riskju tagħha.

4. Kull Parti għandha tibbaża l-ġestjoni tar-riskju fuq il-valutazzjoni tar-riskju permezz ta' kriterji ta' selettività adegwati.

Artikolu 4.9

Awditu ta' wara r-rilaxx

1. Sabiex tħaffef ir-rilaxx tal-oġġetti, kull Parti għandha tadotta jew torganizza awditi ta' wara l-iżdoganar sabiex tiżgura l-konformità ma' liġijiet u ma' regolamenti doganali u oħrajn relatati.

2. Kull Parti għandha tagħżel persuna jew kunsinna għall-awditu ta' wara r-rilaxx fuq il-bażi tar-riskju, li tista' tinkludi kriterji ta' selettività xierqa. Kull Parti għandha twettaq awditu ta' wara r-rilaxx b'mod trasparenti. Meta persuna tkun involuta fil-proċess tal-awditjar u jkunu nkisbu riżultati konklużivi, il-Parti, mingħajr dewmien, għandha tinnotifika lill-persuna li r-rekord tagħha ġie awditjat bir-riżultat, bid-drittijiet u bl-obbligi tal-persuna u bir-raġunijiet għar-riżultati.

3. L-informazzjoni miksuba f'awditu ta' wara r-rilaxx tista' tintuża fi proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji ulterjuri.

4. Kull fejn ikun prattikabbli, il-Partijiet għandhom jużaw ir-riżultat tal-awditu ta' wara r-rilaxx fl-applikazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju.

Artikolu 4.10

Operaturi ekonomiċi awtorizzati

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm programm ta' sħubija għall-operaturi li jissodisfaw kriterji speċifiċi (minn hawn 'il quddiem imsejħin "operaturi ekonomiċi awtorizzati").

2. Il-kriterji speċifikati sabiex wieħed jikkwalifika bħala operatur ekonomiku awtorizzat għandhom jiġu ppubblikati u għandhom ikunu relatati mal-konformità mar-rekwiżiti speċifikati fil-liġijiet u fir-regolamenti jew fil-proċeduri rispettivi tal-Partijiet. Tali kriterji jistgħu jinkludu:

(a) rekord adegwat ta' konformità ma' liġijiet u ma' regolamenti doganali u ma' liġijiet u ma' regolamenti relatati oħrajn;

(b) sistema għall-ġestjoni tar-rekords li tippermetti l-kontrolli interni neċessarji;

(c) solvenza finanzjarja, inkluż fejn ikun adegwat, l-għoti ta' titoli ta' sigurtà jew ta' garanzija suffiċjenti; u

(d) is-sigurtà tal-katina tal-provvista.

3. Il-kriterji speċifikati sabiex wieħed jikkwalifika bħala operatur ekonomiku awtorizzat ma għandhomx jitfasslu jew jiġu applikati b'tali mod li jagħmlu jew joħolqu diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata bejn l-operaturi meta jipprevalu l-istess kundizzjonijiet u għandhom jippermettu l-parteċipazzjoni tal-SMEs.

4. Il-programm tal-operaturi ekonomiċi awtorizzati għandu jinkludi benefiċċji speċifiċi għal operatur ekonomiku awtorizzat, bħal:

(a) rata baxxa ta' spezzjonijiet u ta' eżamijiet fiżiċi, kif ikun xieraq;

(b) trattament ta' prijorità jekk jintgħażel għal kontroll;

(c) ħin tar-rilaxx rapidu, kif ikun xieraq;

(d) pagament differit ta' dazji , ta' taxxi, ta' tariffi u ta' imposti doganali;

(e) użu ta' garanziji komprensivi jew ta' garanziji mnaqqsin;

(f) dikjarazzjoni doganali unika għall-importazzjonijiet jew għall-esportazzjonijiet kollha f'perjodu partikolari; u

(g) l-iżdoganar tal-oġġetti fil-bini tal-operatur ekonomiku awtorizzat jew f'post ieħor awtorizzat mill-awtoritajiet doganali.

5. Minkejja l-paragrafi 1 sa 4, Parti tista' toffri l-benefiċċji eżemplari elenkati fil-paragrafu 4 permezz ta' proċeduri doganali ġeneralment disponibbli għall-operaturi kollha, f'liema każ dik il-Parti ma tkunx meħtieġa tistabbilixxi skema separata għall-operaturi ekonomiċi awtorizzati.

6. Il-Partijiet jistgħu jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u awtoritajiet jew aġenziji oħrajn tal-gvern f'Parti fir-rigward ta' programmi ta' operaturi ekonomiċi awtorizzati. Tali kooperazzjoni tista' tinkiseb, fost l-oħrajn, billi jiġu allinjati r-rekwiżiti, jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-benefiċċji u tiġi minimizzata d-duplikazzjoni mingħajr bżonn.

Artikolu 4.11

Pubblikazzjoni u disponibbiltà ta' informazzjoni

1. Kull Parti għandha tippubblika minnufih, b'mod mhux diskriminatorju u faċilment aċċessibbli, u sa fejn ikun possibbli permezz tal-internet, il-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri doganali, relatati mar-rekwiżiti għall-importazzjoni, għall-esportazzjoni u għat-tranżitu tal-oġġetti. Dan għandu jinkludi:

(a) il-proċeduri ta' importazzjoni, ta' esportazzjoni u ta' tranżitu, inklużi l-proċeduri tal-portijiet, tal-ajruporti, u proċeduri oħrajn marbutin mal-punti ta' dħul, u l-formoli u d-dokumenti meħtieġa;

(b) ir-rati tad-dazju u tat-taxxi applikati ta' kull tip imposti fuq l-importazzjonijiet jew fuq l-esportazzjonijiet, jew b'rabta magħhom;

(c) it-tariffi u l-imposti li jiġu imposti minn, jew f'isem, aġenziji tal-gvern fuq importazzjonijiet, fuq esportazzjonijiet jew fuq it-tranżitu jew b'rabta magħhom;

(d) ir-regoli għall-klassifikazzjoni jew għall-valutazzjoni tal-prodotti għal finijiet doganali;

(e) il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali li jkollhom x'jaqsmu mar-regoli tal-oriġini;

(f) ir-restrizzjonijiet jew il-projbizzjonijiet tal-importazzjonijiet, tal-esportazzjonijiet jew tat-tranżitu;

(g) id-dispożizzjonijiet dwar il-penali għall-ksur ta' formalitajiet tal-importazzjoni, tal-esportazzjoni, jew tat-tranżitu;

(h) il-proċeduri ta' appell;

(i) il-ftehimiet jew il-partijiet minn ftehimiet ma' kwalunkwe pajjiż jew ma' pajjiżi, li għandhom x'jaqsmu mal-importazzjoni, mal-esportazzjoni jew mat-tranżitu;

(j) il-proċeduri relatati mal-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji;

(k) is-sigħat tal-ftuħ għall-uffiċċji doganali; u

(l) l-avviżi rilevanti ta' natura amministrattiva.

2. Kull Parti għandha timpenja ruħha li tippubblika liġijiet, regolamenti u proċeduri doganali ġodda, relatati mar-rekwiżiti għall-importazzjoni, għall-esportazzjoni u għat-tranżitu tal-oġġetti qabel l-applikazzjoni tagħhom, kif ukoll il-bidliet u l-interpretazzjonijiet tagħhom.

3. Sa fejn possibbli, kull Parti għandha, tiżgura li jkun hemm perjodu ta' żmien raġonevoli bejn il-pubblikazzjoni ta' liġijiet, ta' regolamenti u ta' proċeduri doganali, ta' tariffi jew ta' imposti emendati jew ġodda u d-dħul fis-seħħ tagħhom.

4. Kull Parti għandha tagħmel disponibbli, u taġġorna kif xieraq, dawn li ġejjin permezz tal-internet:

(a) deskrizzjoni tal-proċeduri ta' importazzjoni, ta' esportazzjoni u ta' tranżitu tagħha, inklużi l-proċeduri ta' appell, li tinforma dwar il-passi prattiċi meħtieġa għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni, u għat-tranżitu;

(b) il-formoli u d-dokumenti meħtieġa għall-importazzjoni fit-territorju ta' dik il-Parti, għall-esportazzjoni jew għat-tranżitu minnu; u

(c) informazzjoni ta' kuntatt tal-punti ta' assistenza.

5. Kull Parti, soġġetta għar-riżorsi disponibbli tagħha, għandha tistabbilixxi jew iżżomm punti ta' assistenza li jwieġbu fi żmien raġonevoli għad-domandi mill-gvernijiet, min-negozjanti u minn partijiet interessati oħrajn dwar kwistjonijiet koperti mill-paragrafu 1. Parti ma għandhiex titlob il-ħlas ta' tariffa għat-tweġib għal domandi mill-Parti l-oħra.

Artikolu 4.12

Deċiżjonijiet bil-quddiem

1. L-awtorità doganali ta' kull Parti għandha toħroġ deċiżjonijiet bil-quddiem lil applikant li jistabbilixxu t-trattament li għandu jingħata lill-oġġetti kkonċernati, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha. Tali deċiżjonijiet għandhom jinħarġu bil-miktub jew f'format elettroniku b'mod marbut biż-żmien u għandu jkun fihom l-informazzjoni neċessarja kollha. Kull Parti għandha tiżgura li deċiżjoni bil-quddiem tkun tista' tinħareġ lil, u tintuża f'dik il-Parti minn, applikant tal-Parti l-oħra.

2. Għandhom jinħarġu deċiżjonijiet bil-quddiem fir-rigward ta' dawn:

(a) il-klassifikazzjoni tariffarja tal-oġġetti;

(b) l-oriġini tal-oġġetti; u

(c) il-metodu jew il-kriterji xierqa, u l-applikazzjoni tagħhom, li għandhom jintużaw għad-determinazzjoni tal-valur doganali skont sett partikolari ta' fatti, jekk permessi mil-liġijiet u mir-regolamenti ta' Parti.

3. Id-deċiżjonijiet bil-quddiem għandhom ikunu validi għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin mid-data tal-ħruġ tagħhom jew xi data oħra, jekk tkun speċifikata fid-deċiżjoni. Il-Parti li toħroġ id-deċiżjoni tista' timmodifika jew tirrevoka, tinvalida jew tannulla deċiżjoni bil-quddiem jekk id-deċiżjoni tkun ibbażata fuq informazzjoni skorretta, mhux kompluta, falza jew qarrieqa, fuq żball amministrattiv jew jekk ikun hemm bidla fil-liġi, fil-fatti materjali jew fiċ-ċirkostanzi li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni.

4. Parti tista' tirrifjuta li toħroġ deċiżjoni bil-quddiem jekk il-kwistjoni mqajma fl-applikazzjoni tkun is-suġġett ta' rieżami amministrattiv jew ta' stħarriġ ġudizzjarju, jew jekk l-applikazzjoni ma tkunx relatata ma' xi użu maħsub tad-deċiżjoni bil-quddiem jew ma' kwalunkwe użu maħsub ta' proċedura doganali. Jekk Parti tonqos milli toħroġ deċiżjoni bil-quddiem, dik il-Parti għandha mill-ewwel tinnotifika lill-applikant bil-miktub, u tistipula l-fatti rilevanti u fuq liema bażi tkun ħadet id-deċiżjoni tagħha.

5. Kull Parti għandha tippubblika, tal-anqas:

(a) ir-rekwiżiti għall-applikazzjoni għal deċiżjoni bil-quddiem, inkluża l-informazzjoni li trid tingħata kif ukoll il-format;

(b) il-perjodu ta' żmien għall-ħruġ ta' deċiżjoni bil-quddiem; u

(c) it-tul ta' żmien li għalih tkun valida d-deċiżjoni bil-quddiem.

6. Jekk Parti, timmodifika, tirrevoka, tinvalida jew tannulla deċiżjoni bil-quddiem, hija għandha tagħti avviż bil-miktub lill-applikant li fih tistipula l-fatti rilevanti u l-bażi għad-deċiżjoni tagħha. Parti tista' biss timmodifika, tirrevoka, tinvalida jew tannulla deċiżjoni bil-quddiem b'effett retroattiv,jekk id-deċiżjoni bil-quddiem tkun ittieħdet fuq il-bażi ta' informazzjoni mhux kompluta, mhux korretta, falza, jew qarrieqa.

7. Deċiżjoni bil-quddiem maħruġa minn Parti għandha tkun vinkolanti fuq dik il-Parti fir-rigward tal-applikant li jkun fittixha. Il-Parti tista' tistipula li d-deċiżjoni bil-quddiem tkun vinkolanti għall-applikant.

8. Kull Parti għandha tipprovdi, fuq talba bil-miktub mill-applikant, rieżami ta' deċiżjoni bil-quddiem jew ta' deċiżjoni sabiex id-deċiżjoni bil-quddiem tiġi emendata, irrevokata jew invalidata.

9. Kull Parti għandha tfittex li tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet bil-quddiem, filwaqt li tqis il-ħtieġa li tiġi protetta informazzjoni personali u kummerċjalment kunfidenzjali.

10. Kull Parti għandha toħroġ deċiżjoni bil-quddiem mingħajr dewmien, u normalment fi żmien 150 jum wara d-data li fiha tirċievi l-informazzjoni neċessarja kollha. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti ta' Parti, jekk ikun meħtieġ żmien addizzjonali sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet bil-quddiem jinħarġu b'mod korrett u uniformi. F'dak il-każ, il-Parti għandha tinforma lill-applikant bir-raġuni għall-estensjoni u bid-durata tagħha.

Artikolu 4.13

Kummissarji tad-dwana

Id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri doganali ta' Parti ma għandhomx jirrikjedu l-użu mandatorju ta' kummissarji tad-dwana. Kull Parti għandha tinnotifika u tippubblika l-miżuri tagħha dwar l-użu ta' kummissarji tad-dwana. Kull Parti għandha tapplika regoli trasparenti, nondiskriminatorji u proporzjonati, jekk u meta tagħti l-liċenzja lill-kummissarji tad-dwana.

Artikolu 4.14

Valutazzjoni doganali

1. Il-Partijiet għandhom jiddeterminaw il-valur doganali tal-oġġetti f'konformità mal-Ftehim dwar il-Valutazzjoni Doganali. Għal dak l-għan, il-Parti 1 tal-Ftehim dwar il-Valutazzjoni Doganali hija b'dan inkorporata u magħmula parti minn dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bl-għan li jsibu approċċ komuni dwar kwistjonijiet relatati mal-valutazzjoni doganali.

Artikolu 4.15

Attivitajiet ta' spezzjoni qabel it-trasportazzjoni

Parti ma għandhiex teħtieġ l-użu obbligatorju ta' attivitajiet ta' spezzjonij qabel it-trasportazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 1(3) tal-Ftehim dwar l-Ispezzjoni Qabel it-Trasportazzjoni, li jinsab fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO.

Artikolu 4.16

Appell u rieżami

1. Kull Parti għandha tipprovdi proċeduri effettivi, immedjati, mhux diskriminatorji u faċilment aċċessibbli sabiex tiggarantixxi d-dritt ta' appell kontra azzjonijiet amministrattivi, kontra sentenzi u kontra deċiżjonijiet tal-awtoritajiet doganali jew ta' awtoritajiet kompetenti oħrajn li jaffettwaw l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' oġġetti jew oġġetti fi tranżitu.

2. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe persuna li fir-rigward tagħha tieħu azzjoni amministrattiva msemmija fil-paragrafu 1 li lilha toħroġ deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 jkollha aċċess għal:

(a) appell amministrattiv jew rieżami minn awtorità amministrattiva ogħla minn jew indipendenti mill-uffiċjal jew mill-uffiċċju li jkun ħa l-azzjoni amministrattiva jew li jkun ħareġ id-deċiżjonijew is-sentenza, ; jew

(b) appell ġudizzjarju jew stħarriġ ġudizzjarju tal-azzjoni amministrattiva jew tas-sentenza jew tad-deċiżjoni.

3. Kull Parti għandha tiżgura li, f'każijiet li fihom id-deċiżjoni dwar l-appell amministrattiv jew ir-rieżami skont il-punt (a) tal-paragrafu 2 ma toħroġx fil-perjodu ta' żmien previst fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha jew ma toħroġx mingħajr dewmien żejjed, il-petizzjonant ikollu d-dritt għal appell jew għal rieżami amministrattiv jew għal appell jew għal stħarriġ ġudizzjarju ulterjuri jew għal kwalunkwe rikors ieħor quddiem awtorità ġudizzjarja f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti ta' dik il-Parti.

4. Kull Parti għandha tiżgura li l-petizzjonant jingħata bil-miktub, inkluż b'mod elettroniku, ir-raġunijiet għad-deċiżjoni amministrattiva, sabiex il-petizzjonant ikun jista' jirrikorri għal proċeduri ta' appell jew ta' rieżami, meta jkunu neċessarji.

Artikolu 4.17

Involviment taċ-ċrieki kummerċjali

1. Meta titqies il-ħtieġa għal konsultazzjonijiet f'waqthom u regolari mar-rappreżentanti tal-kummerċ dwar proposti leġiżlattivi u proċeduri ġenerali relatati ma' kwistjonijiet doganali u ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ, l-amministrazzjoni doganali ta' kull Parti għandha tagħmel konsultazzjonijiet maċ-ċrieki kummerċjali ta' dik il-Parti.

2. Kull Parti għandha tiżgura, meta jkun possibbli, li r-rekwiżiti u l-proċeduri doganali u relatati tagħha jkomplu jissodisfaw il-ħtiġijiet taċ-ċrieki kummerċjali, isegwu l-aħjar prattiki aċċettati internazzjonalment, u jibqgħu l-anqas restrittivi possibbli għall-kummerċ.

Artikolu 4.18

Il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali

1. Dan l-Artikolu jikkomplementa u jispeċifika aktar l-Artikolu 24.4 (Kumitati speċjalizzati).

2. Fir-rigward tal-Kapitoli u tad-dispożizzjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenzi tiegħu skont l-Artikolu 24.4(2) (Kumitati speċjalizzati), ħlief għall-Kapitolu 3 (Regoli tal-oriġini u proċeduri ta' oriġini), il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jidentifika l-oqsma għat-titjib fl-implimentazzjoni u fl-operat tagħhom; u

(b) ifittex modi u metodi xierqa sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma b'mod reċiproku fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni li tista' tinqala'.

3. Il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali jista' jadotta deċiżjonijiet fir-rigward tal-oqsma elenkati fl-Artikolu 4.2(2) (Kooperazzjoni doganali u assistenza amministrattiva reċiproka), inkluż, meta jqis li dan ikun neċessarju, għall-finijiet ta' implimentazzjoni tal-punti (d) u (f) tal-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu.

KAPITOLU 5

Rimedji kummerċjali

Taqsima A

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 5.1

In-nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli preferenzjali tal-oriġini

Għall-finijiet tat-Taqsimiet B (Dazji anti-dumping u kumpensatorji) ta' dan il-Kapitolu u t-Taqsima C (Miżuri ta' salvagwardja globali) ta' dan il-Kapitolu, ir-regoli preferenzjali tal-oriġini skont il-Kapitolu 3 (Regoli tal-oriġini u proċeduri ta' oriġini) ma japplikawx.

Artikolu 5.2

Nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim

Il-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim) ma japplikax għat-Taqsima B (Dazji anti-dumping u kumpensatorji) ta' dan il-Kapitolu u t-Taqsima C (Miżuri ta' salvagwardja globali) ta' dan il-Kapitolu.

Taqsima B

Dazji anti-dumping u kumpensatorji

Artikolu 5.3

Trasparenza

1. Jenħtieġ li r-rimedji kummerċjali jintużaw f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti rilevanti tad-WTO u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq sistema ġusta u trasparenti.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6.5 tal-Ftehim dwar l-Anti-dumping u għall-Artikolu 12.4 tal-Ftehim SCM, kull Parti għandha tiżgura kemm jista' jkun malajr wara kwalunkwe impożizzjoni ta' miżuri provviżorji u qabel ma ssir determinazzjoni finali, divulgazzjoni sħiħa u sinifikanti tal-fatti u tal-kunsiderazzjonijiet essenzjali kollha li fuqhom tkun ibbażata deċiżjoni li jiġu applikati miżuri definittivi. Id-divulgazzjonijiet għandhom isiru bil-miktub u jagħtu lill-partijiet interessati żmien suffiċjenti sabiex jagħmlu l-kummenti tagħhom.

3. Sakemm din ma tittardjax mingħajr bżonn it-tmexxija tal-investigazzjoni, kull parti interessata għandha tingħata l-possibbiltà ta' smigħ sabiex tesprimi l-fehmiet tagħha waqt l-investigazzjonijiet dwar ir-rimedji kummerċjali.

Artikolu 5.4

Kunsiderazzjoni tal-interess pubbliku

1. Parti tista' żżomm lura milli tapplika miżuri anti-dumping jew kumpensatorji fuq l-oġġetti tal-Parti l-oħra jekk, fuq il-bażi tal-informazzjoni magħmula disponibbli matul l-investigazzjoni skont ir-rekwiżiti skont il-liġijiet u r-regolamenti ta' dik il-Parti, jista' jiġi konkluż li ma jkunx fl-interess pubbliku li jiġu applikati tali miżuri.

2. Meta tagħmel determinazzjoni finali dwar l-impożizzjoni ta' dazji, kull Parti għandha, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, tqis l-informazzjoni pprovduta mill-partijiet interessati rilevanti, li jistgħu jinkludu l-industrija domestika, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti rappreżentattivi u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumaturi.

Artikolu 5.5

Regola tad-dazju inferjuri

Jekk Parti timponi dazju anti-dumping fuq l-oġġetti tal-Parti l-oħra, l-ammont ta' tali dazju ma għandux jaqbeż il-marġni tad-dumping. Jekk dazju li l-ammont tiegħu jkun anqas mill-marġni tad-dumping ikun suffiċjentisabiex jitneħħa d-dannu għall-industrija domestika, il-Parti għandha tadotta t-tali dazju anqas f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha.

Taqsima C

Miżuri ta' salvagwardja globali

Artikolu 5.6

Trasparenza

1. Fuq talba tal-Parti l-oħra, il-Parti li tibda investigazzjoni ta' salvagwardja globali jew li jkollha l-ħsieb li tapplika miżuri ta' salvagwardja globali għandha tipprovdi minnufih notifika bil-miktub tal-informazzjoni pertinenti kollha li twassal għall-bidu ta' investigazzjoni ta' salvagwardja globali jew għall-impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja globali, inkluż dwar is-sejbiet provviżorji, jekk rilevanti. Dan huwa mingħajr ħsara għall-Artikolu 3.2 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

2. Kull Parti għandha tieħu impenn li timponi miżuri ta' salvagwardja globali b'mod li l-anqas jaffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, jekk Parti tqis li r-rekwiżiti legali jkunu ssodisfati għall-impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja globali definittivi, il-Parti li jkun beħsiebha tapplika tali miżuri għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra u għandha tieħu impenn li tipprovdi opportunità adegwata għal konsultazzjonijiet minn qabel ma' dik il-Parti, bl-għan li tiġi rrieżaminata l-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 1 u jiġu skambjati l-fehmiet dwar il-miżuri ta' salvagwardja globali proposti qabel ma tiġi adottata deċiżjoni finali.

Taqsima D

Miżuri ta' salvagwardja bilaterali

Artikolu 5.7

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "miżura ta' salvagwardja bilaterali" tfisser miżura ta' salvagwardja bilaterali speċifikata fl-Artikolu 5.8 (Applikazzjoni ta' miżura ta' salvagwardja bilaterali);

(b) "industrija domestika" fir-rigward ta' oġġett importat, tfisser il-produtturi kumplessivament tal-prodotti simili jew f'kompetizzjoni diretta li joperaw f'Parti, jew il-produtturi li l-produzzjoni kollettiva tagħhom tal-oġġetti simili jew f'kompetizzjoni diretta tikkostitwixxi sehem kbir mill-produzzjoni domestika totali ta' tali oġġetti;

(c) "deterjorament serju" tfisser diffikultajiet kbar f'settur tal-ekonomija li jipproduċi oġġetti simili jew f'kompetizzjoni diretta;

(d) "dannu serju" tfisser indeboliment ġenerali sinifikanti fil-pożizzjoni ta' industrija domestika;

(e) "theddida ta' deterjorament serju" tfisser deterjorament serju li jkun imminenti b'mod ċar fuq il-bażi tal-fatti u mhux biss fuq il-bażi ta' allegazzjoni, ta' konġentura jew ta' possibbiltà remota,;

(f) "theddida ta' dannu serju" tfisser dannu serju li jkun imminenti b'mod ċar, fuq il-bażi tal-fatti u mhux biss fuq il-bażi ta' allegazzjoni, ta' konġentura jew ta' possibbiltà remota,; u

(g) "perjodu ta' tranżizzjoni" tfisser perjodu ta' seba' snin li jibda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 5.8

Applikazzjoni ta' miżura ta' salvagwardja bilaterali

1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u għall-obbligi tal-Partijiet skont it-Taqsima C (Miżuri ta' salvagwardja globali) ta' dan il-Kapitolu, jekk, bħala riżultat tat-tnaqqis jew tat-tneħħija ta' dazju doganali skont dan il-Ftehim, oġġett li joriġina f'Parti jkun qiegħed jiġi importat fit-territorju tal-Parti l-oħra fi kwantitajiet akbar bħal dawn, f'termini assoluti jew relattivi għall-produzzjoni domestika, u f'tali kundizzjonijiet li jikkawża jew jhedded li jikkawża dannu serju lill-industrija domestika tal-Parti l-oħra, dik il-Parti l-oħra tista' tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali matul il-perjodu ta' tranżizzjoni u biss f'konformità mal-kundizzjonijiet u mal-proċeduri stabbiliti f'din it-Taqsima,.

2. Il-miżuri ta' salvagwardja bilaterali applikati skont il-paragrafu 1 jistgħu jikkonsistu biss f'dawn:

(a) is-sospensjoni ta' kwalunkwe tnaqqis ulterjuri tar-rata tad-dazju doganali fuq l-oġġett ikkonċernat f'konformità mal-Kapitolu 2 (Trattament nazzjonali u aċċess għas-suq għall-oġġetti); jew

(b) iż-żieda tar-rata tad-dazju doganali fuq l-oġġett ikkonċernat għal livell li ma jaqbiżx l-anqas waħda minn fost dawn:

(i) ir-rata tad-dazju doganali applikata għan-nazzjon l-aktar iffavorit li tkun fis-seħħ fil-jum li fih tiġi applikata l-miżura ta' salvagwardja bilaterali; jew

(ii) ir-rata tad-dazju doganali tal-pajjiż l-aktar iffavorit fis-seħħ fil-jum immedjatament qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 5.9

Standards għal miżura ta' salvagwardja bilaterali

1. Miżura ta' salvagwardja bilaterali ma għandhiex tiġi applikata:

(a) ħlief sal-punt, u għal tali żmien, kif jista' jkun neċessarju sabiex jiġi evitat jew indirizzat id-dannu serju jew it-theddida ta' deterjorament serju għall-industrija domestika jew id-deterjorament serju, jew it-theddida ta' deterjorament serju, fis-sitwazzjoni ekonomika tar-reġjun jew tar-reġjuni ultraperiferiċi;

(b) għal perjodu ta' aktar minn sentejn; u

(c) wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

2. Il-perjodu msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 jista' jiġi estiż b'sena dment li:

(a) l-awtoritajiet investigattivi kompetenti tal-Parti li timporta jiddeterminaw, f'konformità mal-proċeduri speċifikati fis-Subtaqsima 1 (Regoli proċedurali applikabbli għal miżuri ta' salvagwardja bilaterali), li l-miżura ta' salvagwardja bilaterali tkun għadha neċessarja sabiex tipprevjeni jew tirrimedja d-dannu serju, jew it-theddida ta' dannu serju, għall-industrija domestika jew id-deterjorament serju, jew theddida ta' dannu serju fis-sitwazzjoni ekonomika tar-reġjun jew tar-reġjuni ultraperiferiċi; u

(b) ikun hemm evidenza li l-industrija domestika qiegħda taġġusta u l-perjodu totali ta' applikazzjoni ta' miżura ta' salvagwardja bilaterali, inkluż il-perjodu ta' applikazzjoni inizjali u kwalunkwe estensjoni tiegħu, ma jaqbiżx it-tliet snin.

3. Meta Parti ma tibqax tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali, ir-rata tad-dazju doganali għandha tkun ir-rata li kienet tkun fis-seħħ għall-oġġett ikkonċernat, f'konformità mal-Anness 2-A (Skedi ta' tneħħija ta' tariffi).

4. Miżura ta' salvagwardja bilaterali ma għandhiex tiġi applikata għall-importazzjoni ta' oġġett ta' Parti li diġà kien soġġett għal tali miżura ta' salvagwardja bilaterali għal perjodu ta' żmien ugwali għal nofs id-durata tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali preċedenti.

5. Parti ma għandhiex tapplika għall-istess oġġett u fl-istess ħin:

(a) miżura ta' salvagwardja bilaterali provviżorja, miżura ta' salvagwardja bilaterali jew miżura ta' salvagwardja għar-reġjuni ultraperiferiċi skont dan il-Ftehim; u

(b) miżura ta' salvagwardja skont l-Artikolu XIX tal-GATT tal-1994 u l-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

Artikolu 5.10

Miżuri ta' salvagwardja bilaterali provviżorji

1. F'ċirkostanzi kritiċi, li fihom dewmien ikun jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, Parti tista' tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali provviżorja, skont determinazzjoni preliminari li jkun hemm evidenza ċara li l-importazzjonijiet ta' oġġett li joriġina mill-Parti l-oħra żdiedu bħala riżultat tat-tnaqqis jew tal-eliminazzjoni ta' dazju doganali skont dan il-Ftehim, u li tali importazzjonijiet jikkawżaw dannu serju, jew it-theddida ta' dannu serju għall-industrija domestika jew id-deterjorament serju, jew it-theddida ta' deterjorament serju fis-sitwazzjoni ekonomika tar-reġjun jew tar-reġjuni ultraperiferiċi.

2. Id-durata ta' kwalunkwe miżura ta' salvagwardja bilaterali provviżorja ma għandhiex taqbeż il-200 jum. Matul dan il-perjodu, il-Parti għandha tikkonforma mar-regoli proċedurali rilevanti stabbiliti fis-Subtaqsima 1 (Regoli proċedurali applikabbli għal miżuri ta' salvagwardja bilaterali).

3. Id-dazju doganali impost bħala riżultat tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali provviżorja għandu jitħallas lura fil-pront jekk l-investigazzjoni sussegwenti msemmija fis-Subtaqsima 1 (Regoli proċedurali applikabbli għal miżuri ta' salvagwardja bilaterali) ma jiddeterminax li ż-żieda fl-importazzjonijiet tal-oġġett soġġett għall-miżura ta' salvagwardja bilaterali provviżorja tikkawża dannu serju, jew it-theddida ta' dannu serju għall-industrija domestika jew deterjorament serju, jew it-theddida ta' deterjorament serju fis-sitwazzjoni ekonomika tar-reġjun jew tar-reġjuni ultraperiferiċi.

4. I d-durata ta' kwalunkwe miżura ta' salvagwardja bilaterali provviżorja għandha tingħadd bħala parti mill-perjodu stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 5.9(1) (Standards għal miżura ta' salvagwardja bilaterali).

5. Il-Parti li tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali provviżorja għandha tinforma lill-Parti l-oħra minnufih malli tapplika tali miżura ta' salvagwardja bilaterali provviżorji.

6. Fuq talba tal-Parti l-oħra, il-konsultazzjonijiet għandhom isiru immedjatament wara l-applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali provviżorja.

Artikolu 5.11

Reġjuni ultraperiferiċi

1. Meta kwalunkwe prodott li joriġina minn New Zealand ikun qiegħed jiġi importat direttament fit-territorju ta' reġjun jew ta' diversi reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni ([14]) fi kwantitajiet tant akbar u f'tali kundizzjonijiet li jikkawża deterjorament serju jew it-theddida ta' deterjorament serju fis-sitwazzjoni ekonomika tar-reġjun jew tar-reġjuni ultraperiferiċi kkonċernati, l-Unjoni, wara li tkun eżaminat soluzzjonijiet alternattivi, tista' tapplika b'mod eċċezzjonali miżuri ta' salvagwardja bilaterali limitati għat-territorju tar-reġjun ultraperiferiku jew tar-reġjuni kkonċernati.

([14]) Fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni huma Guadeloupe, il-Guyana Franċiża, Martinique, Réunion, Mayotte, St. Martin, l-Azores, Madeira u l-Gżejjer Kanarji. Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għal pajjiż jew għal territorju ekstra-Ewropew li jibdel l-istatus tiegħu għal reġjun ultraperiferiku b'deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 355(6) tat-TFUE mid-data tal-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni. Fil-każ li reġjun ultraperiferiku tal-Unjoni jibdel l-istatus tiegħu bħala tali bl-istess proċedura, l-Artikolu 5.11 ma għandux jibqa' applikabbli mid- d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni relevanti. tal-Kunsill Ewropew. L-Unjoni għandha tinnotifika lil New Zealand bi kwalunkwe bidla fir-rigward tat-territorji kkunsidrati bħala reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, id-determinazzjoni ta' deterjorament serju għandha tkun ibbażata fuq fatturi oġġettivi, li jinkludu l-elementi li ġejjin:

(a) iż-żieda fil-volum ta' importazzjonijiet f'termini assoluti jew relattivi għall-produzzjoni domestika u għall-importazzjonijiet minn sorsi oħrajn; u

(b) l-effett ta' dawn l-importazzjonijiet fuq is-sitwazzjoni tal-industrija rilevanti jew tas-settur ekonomiku kkonċernat, inkluż fuq il-livelli ta' bejgħ, fuq il-produzzjoni, fuq is-sitwazzjoni finanzjarja u fuq l-impjiegi.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, din it-Taqsima tapplika għal kwalunkwe miżura ta' salvagwardja adottata skont dan l-Artikolu, *mutatis mutandis*.

Artikolu 5.12

Kumpens u sospensjoni tal-konċessjonijiet

1. Mhux aktar tard minn 30 jum wara d-data tal-applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali, il-Parti li tapplika dik il-miżura għandha tipprovdi opportunità għal konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra biex jintlaħaq qbil b'mod reċiproku dwar kumpens xieraq għal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fil-forma ta' konċessjonijiet li jkollhom effett kummerċjali sostanzjalment ekwivalenti.

2. Jekk il-konsultazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ma jirriżultawx fi qbil dwar il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fi żmien 30 jum wara l-ewwel jum ta' dawk il-konsultazzjonijiet, il-Parti li għall-oġġett oriġinarju tagħha tiġi applikata l-miżura ta' salvagwardja bilaterali tista' tissospendi l-applikazzjoni ta' konċessjonijiet li jkollhom effett kummerċjali sostanzjalment ekwivalenti fir-rigward tal-Parti li tapplika l-miżura ta' salvagwardja bilaterali.

3. L-obbligu li jiġu pprovduti konċessjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 u d-dritt li jiġu sospiżi dawk il-konċessjonijiet skont il-paragrafu 2 għandhom japplikaw biss sakemm tinżamm il-miżura ta' salvagwardja bilaterali.

4. Minkejja l-paragrafu 3, id-dritt ta' sospensjoni imsemmi f'dak il-paragrafu ma għandux jiġi eżerċitat għall-ewwel 24 xahar li matulhom tkun fis-seħħ miżura ta' salvagwardja bilaterali, dment li l-miżura ta' salvagwardja bilaterali tkun ġiet applikata bħala riżultat ta' żieda assoluta fl-importazzjonijiet u dment li l-miżura ta' salvagwardja bilaterali tikkonforma ma' dan il-Ftehim.

Subtaqsima 1

Regoli proċedurali applikabbli għal miżuri ta' salvagwardja bilaterali

Artikolu 5.13

Dritt applikabbli

Din is-Subtaqsima tapplika għall-miżuri ta' salvagwardja bilaterali li huma koperti mit-Taqsima D (Miżuri ta' salvagwardja bilaterali) ta' dan il-Kapitolu u applikati mill-awtorità investigattiva kompetenti ta' Parti. F'każijiet mhux koperti minn din is-Subtaqsima, l-awtorità kompetenti tal-investigazzjoni għandha tapplika r-regoli stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni domestika tagħha dment li dawk ir-regoli jkunu konformi ma' din it-Taqsima.

Artikolu 5.14

Proċeduri ta' investigazzjoni

1. Parti għandha tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali biss wara li tkun twettqet investigazzjoni mill-awtoritajiet investigattivi kompetenti tagħha f'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4(2), il-punti (a) u (c), tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji. Għal dak l-għan, l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4(2), il-punti (a) u (c), tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji huma inkorporati f'dan il-Ftehim u jifformaw parti minnu, *mutatis mutandis*.

2. Sabiex tiġi applikata miżura ta' salvagwardja bilaterali, l-awtorità kompetenti li tinvestiga għandha turi fuq il-bażi ta' evidenza oġġettiva l-eżistenza ta' rabta ta' kawżalità bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat u d-dannu serju jew it-theddida ta' dannu serju jew l-eżistenza ta' rabta ta' kawżalità bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat u d-deterjorament serju jew it-theddida ta' deterjorament serju. L-awtorità kompetenti li tinvestiga għandha teżamina wkoll fatturi magħrufin għajr iż-żieda fl-importazzjonijiet sabiex tiżgura li d-dannu kkawżat minn tali fatturi oħrajn ma jiġix attribwit għaż-żieda fl-importazzjonijiet.

3. L-investigazzjoni għandha titlesta f'kull każ fi żmien sena wara d-data ta' tnedija tagħha.

Artikolu 5.15

Notifika u konsultazzjoni

1. Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub minnufih jekk din:

(a) tibda investigazzjoni ta' salvagwardja bilaterali skont dan il-Kapitolu;

(b) tiddetermina li ż-żieda fl-importazzjonijiet tikkawża dannu serju jew it-theddida ta' dannu serju jew deterjorament serju, jewit-theddida ta' deterjorament serju fis-sitwazzjoni ekonomika tar-reġjun jew ir-reġjuni ultraperiferiċi;

(c) tiddeċiedi li tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali provviżorja, jew li tapplika jew testendi miżura ta' salvagwardja bilaterali; jew

(d) tiddeċiedi li timmodifika miżura ta' salvagwardja bilaterali adottata qabel.

2. Parti għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra kopja tal-verżjoni pubblika tal-ilment u r-rapport tal-awtoritajiet investigattivi kompetenti tagħha li huwa meħtieġ skont l-Artikolu 3 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

3. Meta Parti tinnotifika lill-Parti l-oħra li ddeċidiet tapplika jew testendi miżura ta' salvagwardja bilaterali kif imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1, dik il-Parti għandha tinkludi fin-notifika tagħha l-informazzjoni pertinenti kollha, bħal:

(a) evidenza li, bħala riżultat tat-tnaqqis jew tat-tneħħija ta' dazju doganali skont dan il-Ftehim, iż-żieda fl-importazzjonijiet tal-oġġett tal-Parti l-oħra qiegħda tikkawża dannu serju, jew it-theddida ta' dannu serju għall-industrija domestika jew deterjorament serju, jew it-theddida ta' deterjorament serju fis-sitwazzjoni ekonomika tar-reġjun jew tar-reġjuni ultraperiferiċi;

(b) deskrizzjoni preċiża tal-oġġett soġġett għall-miżura ta' salvagwardja bilaterali, inkluż l-intestatura jew is-subintestatura tiegħu skont is-SA li fuqha huwa bbażat l-Anness 2-A (Skedi ta' tneħħija ta' tariffi);

(c) deskrizzjoni preċiża tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali;

(d) id-data tal-applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali, id-durata mistennija tagħha u, jekk applikabbli, skeda ta' żmien għal-liberalizzazzjoni progressiva ta' dik il-miżura; u

(e) fil-każ ta' estensjoni tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali, evidenza li l-industrija domestika kkonċernata qiegħed taġġusta.

4. Fuq talba tal-Parti li l-oġġett tagħha huwa soġġett għal proċediment ta' salvagwardja bilaterali skont dan il-Kapitolu, il-Parti li tmexxi dak il-proċediment għandha tipprovdi opportunità adegwata għal konsultazzjonijiet mal-Parti rikjedenti qabel ma tittieħed deċiżjoni finali sabiex jiġu applikati miżuri ta' salvagwardja bilaterali, bil-ħsieb li tiġi rrieżaminata notifika kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew kwalunkwe avviż jew rapport pubbliku li l-awtorità investigattiva kompetenti tkun ħarġet b'rabta mal-proċediment, u jiġu skambjati l-fehmiet dwar il-miżura proposta u jintlaħaq ftehim dwar il-kumpens previst fl-Artikolu 5.12 (Kumpens u sospensjoni tal-konċessjonijiet).

KAPITOLU 6

Miżuri sanitarji u fitosanitarji

Artikolu 6.1

Objettivi u dispożizzjonijiet ġenerali

1. L-objettivi ta' dan il-Kapitolu huma li:

(a) jipproteġi s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti fit-territorji rispettivi tal-Partijiet filwaqt li jiffaċilita l-kummerċ bejniethom;

(b) jiżgura li l-miżuri sanitarji u fitosanitarji tal-Partijiet ma joħolqux ostakli bla bżonn għall-kummerċ;

(c) jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Ftehim SPS, tal-istandards internazzjonali u tat-testi relatati, u b'mod partikolari, ir-reġjonalizzazzjoni u l-ekwivalenza;

(d) iżomm il-kooperazzjoni f'korpi internazzjonali ta' standardizzazzjoni;

(e) jippromwovi t-trasparenza u l-fehim dwar l-applikazzjoni tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji ta' kull Parti;

(f) isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet u r-rikonoxximent tal-objettivi komuni tal-Partijiet għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi (minn hawn 'il quddiem imsejħa "AMR"); u

(g) itejjeb il-komunikazzjoni, il-kooperazzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet sanitarji u fitosanitarji li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet.

2. Fir-rigward tal-Ftehim SPS, il-Partijiet ifakkru b'mod partikolari:

(a) il-prinċipju li l-miżuri SPS ta' Parti jkunu bbażati fuq valutazzjoni tar-riskju f'konformità mal-Artikolu 5 u ma' dispożizzjonijiet rilevanti oħrajn tal-Ftehim SPS; u

(b) il-kunċett ta' miżuri SPS provviżorji.

Artikolu 6.2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tagħhom skont il-Ftehim Sanitarju.

2. Soġġett għall-paragrafu 3, dan il-Kapitolu japplika:

(a) għal miżuri sanitarji u fitosanitarji ta' Parti li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet; u

(b) għall-kooperazzjoni dwar l-AMR.

3. Dan il-Kapitolu ma japplika għall-ebda miżura ta' Parti jew għal kwistjonijiet koperti mill-Ftehim Sanitarju.

Artikolu 6.3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-definizzjonijiet fl-Anness A tal-Ftehim SPS;

(b) id-definizzjonijiet adottati taħt l-awspiċji tal-Kummissjoni Codex Alimentarius;

(c) id-definizzjonijiet adottati taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;

(d) id-definizzjonijiet adottati taħt l-awspiċji tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"IPPC");

(e) "awtorità kompetenti" tfisser korp governattiv elenkat fl-Anness 6-A (Awtoritajiet kompetenti) u jinkludi l-organizzazzjonijiet nazzjonali rilevanti għall-protezzjoni tal-pjanti; u

(f) "verifika tal-importazzjoni" tfisser valutazzjoni li tista' tinkludi spezzjoni, eżami, kampjunar, rieżami tad-dokumentazzjoni, testijiet jew proċeduri, inkluż fil-laboratorju, organolettiċi jew ta' identità, imwettqin fil-fruntiera ta' Parti li timporta mill-awtorità kompetenti tal-Parti li timporta sabiex tiddetermina jekk kunsinna tikkonformax mar-rekwiżiti SPS tal-Parti li timporta.

Artikolu 6.4

Kundizzjonijiet speċifiċi relatati mas-saħħa tal-pjanti

1. F'konformità mal-istandards applikabbli miftehmin skont l-IPPC, il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar l-istatus relatat mal-pesti tagħhom fit-territorji rispettivi tagħhom. Fuq talba ta' Parti, il-Parti l-oħra għandha tipprovdi l-ġustifikazzjoni għall-kategorizzazzjoni tal-pesti u għall-miżuri fitosanitarji relatati.

2. Fir-rigward tal-kategorizzazzjoni tal-pesti, kull Parti għandha tistabbilixxi u taġġorna lista ta' pesti regolati għall-pjanti u għall-prodotti tal-pjanti li għalihom jeżisti tħassib fitosanitarju. Tali lista għandu jkun fiha:

(a) il-pesti ta' kwarantina mhux preżenti f'xi parti mit-territorju tagħha;

(b) il-pesti ta' kwarantina preżenti iżda mhux mifruxin b'mod wiesa' u taħt kontroll uffiċjali;

(c) il-pesti ta' kwarantina f'żoni protetti; u

(d) meta applikabbli, il-pesti regolati mhux ta' kwarantina.

3. Kull Parti għandha tillimita r-rekwiżiti tal-importazzjoni tagħha għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti għal dawk meħtieġa sabiex jittaffew ir-riskji tal-introduzzjoni ta' pesti regolati. Ir-rekwiżiti tal-importazzjoni sabiex jittaffa r-riskju minn pesti ta' kwarantina f'żoni protetti ma għandhomx japplikaw sakemm id-destinazzjoni ta' kwalunkwe pjanta jew prodott tal-pjanti ma tkunx magħrufa li tkun f'żona protetta.

4. Jenħtieġ li l-ispezzjoni ta' qabel l-esportazzjoni mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-Parti li timporta ma tkunx rekwiżit mill-Parti li timporta, meta l-ispezzjoni tal-pjanti jew tal-prodotti tal-pjanti tkun fl-ambitu tal-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-Parti li tesporta.

Artikolu 6.5

Rikonoxximent ta' ħelsien mill-pesti

Meta r-reġjonalizzazzjoni tiġi ddefinita fir-rigward ta' żona ħielsa mill-pesti, ta' post ta' produzzjoni ħieles mill-pesti, ta' sit ta' produzzjoni ħieles mill-pesti, jew ta' żona protetta fis-settur tal-pjanti u tal-prodotti mill-pjanti:

(a) il-Partijiet jirrikonoxxu l-kunċetti ta' żoni ħielsa mill-pesti, ta' postijiet ta' produzzjoni ħielsa mill-pesti u ta' siti ta' produzzjoni ħielsa mill-pesti kif speċifikati fl-Istandards Internazzjonali rilevanti tal-IPPC għall-Miżuri Fitosanitarji ("ISPMs");

(b) il-Partijiet għandhom jaċċettaw:

(i) iż-żoni ħielsa mill-pesti, il-postijiet ta' produzzjoni ħielsa mill-pesti u s-siti ta' produzzjoni ħielsa mill-pesti ta' xulxin; u

(ii) il-kontrolli uffiċjali ta' xulxin fl-istabbiliment u fiż-żamma ta' żoni ħielsa mill-pesti, ta' postijiet ta' produzzjoni ħielsa mill-pesti u ta' siti ta' produzzjoni ħielsa mill-pesti;

(c) New Zealand għandha tirrikonoxxi l-kunċett ta' żoni protetti fit-territorju tal-Unjoni bħala ekwivalenti għal żona ħielsa mill-pesti kif speċifikata fl-ISPM 4 tal-IPPC ("Rekwiżiti għall-istabbiliment ta' żoni ħielsa mill-pesti");

(d) il-Parti li tesporta, jekk tintalab mill-Parti li timporta, għandha tidentifika ż-żoni ħielsa mill-pesti, il-postijiet ta' produzzjoni ħielsa mill-pesti, is-siti ta' produzzjoni ħielsa mill-pesti u ż-żoni protetti, u, jekk tintalab mill-Parti li timporta, tipprovdi spjegazzjoni sħiħa u *data* ta' sostenn kif previst fl-ISPMs rilevanti jew kif jitqies xieraq mod ieħor; u

(e) il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjoni sabiex jemenda l-Anness 6-B (Kundizzjonijiet reġjonali għall-pjanti u għall-prodotti tal-pjanti) sabiex jistabbilixxi kwalunkwe kwistjoni oħra li tista' tikkonċerna r-reġjonalizzazzjoni jew sabiex jispeċifika kwalunkwe kundizzjoni speċjali xierqa bbażata fuq ir-riskju.

Artikolu 6.6

Ekwivalenza

1. Il-Partijiet jagħrfu li r-rikonoxximent tal-ekwivalenza huwa mezz importanti sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ.

2. Fid-determinazzjoni tal-ekwivalenza ta' miżura SPS speċifika, grupp ta' miżuri SPS jew fuq bażi li tkopri sistemi sħaħ, kull Parti għandha tqis il-gwida rilevanti tal-Kumitat tad-WTO dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Kumitat SPS tad-WTO") u l-istandards, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjoni sabiex jistabbilixxi gwida u proċeduri ulterjuri sabiex tiġi ddeterminata, rikonoxxuta u tinżamm l-ekwivalenza fl-Anness 6-C (Rikonoxximent tal-ekwivalenza tal-miżuri SPS).

3. Fuq talba tal-Parti li tesporta, il-Parti li timporta għandha, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, tispjega l-objettiv u r-raġunament tal-miżura SPS tagħha u tidentifika b'mod ċar ir-riskju li dik il-miżura SPS tkun maħsuba li tindirizza.

4. Il-Parti li timporta għandha tagħraf l-ekwivalenza ta' miżura SPS jekk il-Parti li tesporta turi b'mod oġġettiv li l-miżura SPS tagħha tilħaq il-livell xieraq ta' protezzjoni tal-Parti li timporta (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ALOP") fir-rigward tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti.

5. Jekk valutazzjoni tal-ekwivalenza ma tirriżultax f'determinazzjoni tal-ekwivalenza mill-Parti li timporta, il-Parti li timporta għandha tipprovdi lill-Parti li tesporta bir-raġunament għad-deċiżjoni tagħha.

6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6.8(6) (Ċertifikazzjoni), il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjoni sabiex jemenda l-Anness 6-C (Rikonoxximent tal-ekwivalenza tal-miżuri SPS) sabiex:

(a) jistabbilixxi t-tipi ta' komoditajiet tal-Parti li tesporta li l-Parti li timporta tirrikonoxxi bħala koperti minn miżura SPS ekwivalenti għal tagħha stess jew jistabbilixxi l-kontrolli uffiċjali tal-Parti li tesporta li l-Parti li timporta tirrikonoxxi bħala ekwivalenti għal tagħha stess; u

(b) jispeċifika kwalunkwe kundizzjoni speċjali xierqa bbażata fuq ir-riskju jew kwalunkwe stat miftiehem b'rabta ma' pest jew ma' marda.

7. Jekk Parti temenda miżura SPS b'mod li tqis li ma jaffettwax id-determinazzjoni tal-ekwivalenza speċifikata f'dan il-Kapitolu, id-determinazzjoni għandha tkun applikabbli għall-aktar verżjoni riċenti tal-liġi jew tar-regolament rilevanti li jemenda dik il-miżura SPS.

8. Jekk Parti tqis li tkun affettwata determinazzjoni preċedenti tal-ekwivalenza, dik il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra b'dik il-kunsiderazzjoni.

9. Jekk Parti li timporta temenda miżura SPS u tqis li d-determinazzjoni tal-ekwivalenza speċifikata f'dan il-Kapitolu tista' tiġi affettwata, hija għandha:

(a) tikkunsidra b'mod oġġettiv jekk id-determinazzjoni ta' ekwivalenza preċedenti ma għadhiex biżżejjed sabiex tissodisfa l-ALOP tagħha; u

(b) tikkonsulta mal-Parti li tesporta u mbagħad tiddeċiedi jekk id-determinazzjoni ta' ekwivalenza tistax tkompli bi kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew mingħajr.

Artikolu 6.7

Kundizzjonijiet kummerċjali u proċeduri ta' approvazzjoni

1. Il-Parti li timporta għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku r-rekwiżiti fitosanitarji tas-saħħa tagħha għall-importazzjonijiet u l-proċeduri użati sabiex tistabbilixxi dawk ir-rekwiżiti.

2. Jekk il-Partijiet jidentifikaw b'mod konġunt pjanta jew prodott tal-pjanti speċifiku bħala prijorità, il-Parti li timporta għandha tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi tal-importazzjoni għal dak il-prodott mingħajr dewmien żejjed għajr f'ċirkostanzi debitament ġustifikati.

3. Meta talba għall-importazzjoni tiġi riċevuta fir-rigward ta' pjanta jew ta' prodott tal-pjanti speċifiku li qabel kien approvat għall-importazzjoni mill-Parti li tesporta, il-Parti li timporta għandha tivvaluta l-profil tar-riskju u, jekk tiddetermina li jkun l-istess, tlesti l-proċedura ta' approvazzjoni mingħajr dewmien żejjed, għajr f'ċirkostanzi debitament ġustifikati.

4. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri użati għall-approvazzjoni tal-importazzjonijiet mill-Parti l-oħra jitwettqu u jitlestew mingħajr dewmien żejjed, inkluż, jekk ikunu meħtieġa, awditi u l-miżuri leġiżlattivi jew amministrattivi neċessarji sabiex titlesta l-proċedura ta' approvazzjoni. B'mod partikolari, kull Parti għandha tevita talbiet għal informazzjoni mhux neċessarji jew li jkunu ta' piż bla bżonn, li għandhom ikunu limitati għal dak li jkun neċessarju u tqis l-informazzjoni diġà disponibbli għall-Parti li timporta, bħal informazzjoni dwar il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli u r-rapporti tal-awditjar tal-Parti li tesporta.

5. Ħlief kif previst fl-Artikolu 6.5 (Rikonoxximent tal-ħelsien mill-pesti), kull Parti għandha tapplika l-kundizzjonijiet fitosanitarji tal-importazzjoni tagħha għat-territorju kollu tal-Parti l-oħra fejn jipprevali l-istess status ta' pest.

6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6.10 (Miżuri ta' emerġenza), kull Parti għandha tirrikonoxxi bħala ekwivalenti l-kontrolli uffiċjali applikati mill-Parti l-oħra għall-kummerċ dment li mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ma jkun hemm l-ebda bidla sinifikanti fis-sistemi ta' kontroll uffiċjali tal-Parti li tesporta li tkun tnaqqas il-livell ta' assigurazzjoni għall-Parti li timporta.

7. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6.10 (Miżuri ta' emerġenza), il-Parti li timporta ma għandhiex tirrifjuta jew twaqqaf l-importazzjoni ta' oġġett tal-Parti li tesporta biss għar-raġuni li l-Parti li timporta tkun qiegħda twettaq rieżami tal-miżuri SPS tagħha, jekk il-Parti li timporta tkun ippermettiet l-importazzjoni ta' dak l-oġġett mill-Parti l-oħra meta jkun inbeda r-rieżami.

8. Mingħajr ebda proċess ta' approvazzjoni sussegwenti, il-Partijiet għandhom jaċċettaw il-listi ta' stabbilimenti ta' xulxin li huma soġġetti għall-miżuri SPS għall-kummerċ.

9. Kull Parti għandha tagħmel il-listi tal-istabbilimenti msemmijin fil-paragrafu 8 disponibbli lill-parti l-oħra meta mitluba jagħmlu dan.

Artikolu 6.8

Ċertifikazzjoni

1. Fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa għall-pjanti u għall-prodotti tal-pjanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-prinċipji stabbiliti fl-ISPM 7 tal-IPPC ("Sistema ta' Ċertifikazzjoni tal-Esportazzjoni") u fl-IPCC ISPM 12 ("Linji Gwida għaċ-Ċertifikati Fitosanitarji").

2. Kull Parti għandha tippromwovi l-implimentazzjoni ta' ċertifikazzjoni elettronika u ta' teknoloġiji oħrajn sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 6.2 (Ambitu) u 6.10 (Miżuri ta' emerġenza), iċ-ċertifikazzjoni tas-sikurezza alimentari ma għandhiex tkun meħtieġa għal ikel ipproċessat kopert minn dan il-Kapitolu sakemm ma tkunx appoġġata minn analiżi tar-riskju.

4. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjoni sabiex jemenda l-Anness 6-E (Ċertifikazzjoni) sabiex jispeċifika gwida, proċeduri u rekwiżiti ulterjuri fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni.

5. Jekk il-Parti li timporta tkun aċċettat miżura SPS ta' komodità tal-Parti li tesporta bħala ekwivalenti għal tagħha stess, il-Parti li tesporta tista' tinkludi l-mudell tal-attestazzjoni tas-saħħa stabbilit fit-Taqsima 1 tal-Anness 6-E (Ċertifikazzjoni) dwar iċ-ċertifikat uffiċjali tas-saħħa.

6. Jekk Parti li timporta, f'konformità mal-Artikolu 6.6(7) (Ekwivalenza) jew mal-Artikolu 6.6(8) (Ekwivalenza), tkun iddeterminat li l-ekwivalenza hija miżmuma, iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-importazzjoni previst fl-Anness 6-E (Ċertifikazzjoni) għandu, meta jkun prattikabbli u jekk applikabbli, jiddikjara l-liġijiet u r-regolamenti inizjali tal-Parti li timporta li abbażi tagħhom tkun ġiet iddeterminata l-ekwivalenza.

7. Jekk Parti li timporta tiddetermina li kundizzjoni speċjali inkluża fl-Anness 6-C (Rikonoxximent tal-ekwivalenza tal-miżuri SPS) ma tibqax neċessarja, il-garanziji għal dik il-kundizzjoni speċjali ma għandhomx jibqgħu meħieġa u l-Kumitat għall-Kummerċ għandu jadotta deċiżjoni sabiex jiġi emendat l-Anness 6-C (Rikonoxximent tal-ekwivalenza tal-miżuri SPS), kif xieraq, f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

Artikolu 6.9

Trasparenza, skambju ta' informazzjoni u konsultazzjoni teknika

1. Il-Partijiet għandhom jinformaw minnufih lil xulxin bi kwalunkwe element sinifikanti minn fost dawn li ġejjin:

(a) sejbiet ta' importanza epidemjoloġika li jistgħu jkunu relatati ma' prodott li jkun qiegħed jiġi nnegozjat bejn il-Partijiet;

(b) kwistjonijiet ta' sikurezza alimentari relatati ma' prodott li jkun qiegħed jiġi nnegozjat bejn il-Partijiet; jew

(c) informazzjoni pertinenti oħra għall-implimentazzjoni adegwata ta' dan il-Kapitolu.

2. Jekk l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 1 tkun saret disponibbli permezz ta' notifika lid-WTO jew lill-korp internazzjonali ta' standardizzazzjoni rilevanti f'konformità mar-regoli tagħhom, jew fuq sit web aċċessibbli għall-pubbliku ta' Parti, l-obbligu fil-paragrafu 1 għandu jitqies issodisfat.

3. Jekk kwalunkwe Parti jkollha tħassib serju fir-rigward ta' riskju sanitarju jew fitosanitarju, il-konsultazzjonijiet tekniċi dwar dak ir-riskju sanitarju jew fitosanitarju għandhom, fuq talba, isiru mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 14-il jum wara d-data tal-konsenja tat-talba.

4. Jekk Parti jkollha tħassib sinifikanti dwar miżura SPS li l-Parti l-oħra tkun ipproponiet jew implimentat, dik il-Parti tista' titlob konsultazzjonijiet tekniċi mal-Parti l-oħra. Il-Parti li lilha tiġi indirizzata t-talba għandha twieġeb fi żmien 30 jum wara d-data ta' konsenja tat-talba.

5. Fir-rigward tal-paragrafi 3 u 4, kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tipprovdi l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex jiġi evitat tfixkil fil-kummerċ u sabiex il-Partijiet ikunu jistgħu jilħqu soluzzjoni reċiprokament aċċettabbli li effettivament timmaniġġja kwalunkwe riskju sanitarju jew fitosanitarju.

6. Il-Partijiet għandhom ifittxu li jsolvu kwalunkwe tħassib li jirriżulta mill-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu permezz ta' konsultazzjonijiet tekniċi skont dan l-Artikolu ([15]) qabel ma jibdew is-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim).

Artikolu 6.10

Miżuri ta' emerġenza

1. Jekk Parti tadotta miżura ta' emerġenza li tkun neċessarja għall-protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, l-awtorità kompetenti ta' dik il-Parti għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Parti l-oħra fi żmien 24 siegħa. Jekk Parti titlob sabiex isiru konsultazzjonijiet tekniċi għall-indirizzar tal-miżura SPS ta' emerġenza, il-konsultazzjonijiet tekniċi għandhom jsiru fi żmien 14-il jum wara d-data ta' konsenja tan-notifika tal-miżura SPS ta' emerġenza. Il-Partijiet għandhom iqisu kull informazzjoni pprovduta permezz tal-konsultazzjonijiet tekniċi.

2. Il-Parti li tapplika l-miżura ta' emerġenza għandha tqis kwalunkwe informazzjoni pprovduta fil-ħin mill-Parti li tesporta meta tieħu d-deċiżjoni tagħha fir-rigward ta' kwalunkwe kunsinna li, fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miżura SPS ta' emerġenza, tkun qiegħda tiġi ttrasportata bejn il-Partijiet.

3. Meta miżura ta' emerġenza tfixkel jew tissospendi b'mod serju l-kummerċ, il-Parti li timporta għandha, mill-aktar fis prattikament possibbli, tirrevoka dik il-miżura ta' emerġenza jew tipprovdi ġustifikazzjoni xjentifika u teknika rilevanti għall-kontinwazzjoni tagħha.

([15]) Għal ċertezza akbar, il-konsultazzjonijiet tekniċi skont dan l-Artikolu ma għandhomx jissostitwixxu l-konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 26.3 (Konsultazzjonijiet) sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

Artikolu 6.11

Awditi

1. Għall-fini li tinżamm il-fiduċja fl-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, kull Parti għandha d-dritt li twettaq awditu bbażat fuq is-sistemi tas-sistema ta' kontroll kollha, jew parti minnha, tal-awtorità kompetenti tal-Parti l-oħra sabiex tiddetermina li qiegħda tiffunzjona kif maħsub.

2. Fit-twettiq ta' awditu, Parti għandha tqis il-gwida rilevanti tal-Kumitat SPS tad-WTO u l-istandards, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali.

3. Kwalunkwe deċiżjoni jew azzjoni meħuda mill-Parti tal-awditjar li tista' taffettwa b'mod negattiv il-kummerċ bħala riżultat tal-awditu għandha tqis u tkun proporzjonata għal:

(a) ir-riskju vvalutat, appoġġat minn evidenza u minn *data* oġġettivi li jistgħu jiġu vverifikati; u

(b) l-għarfien tal-Parti tal-awditjar dwar il-Parti awditjata, l-esperjenza rilevanti magħha u l-fiduċja fiha.

4. Il-Parti tal-awditjar għandha tipprovdi evidenza u *data* oġġettivi lill-Parti awditjata fuq talba.

5. Il-Parti tal-awditjar għandha tħallas għall-kostijiet tagħha stess assoċjati mal-awditi.

6. Kull Parti għandha tiżgura li jkun hemm fis-seħħ proċeduri għall-prevenzjoni tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali li tinkiseb matul awditu tal-awtoritajiet kompetenti tal-Parti l-oħra, inklużi proċeduri sabiex titneħħa kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali minn rapport tal-awditjar finali li jsir disponibbli għall-pubbliku.

7. Il-Parti tal-awditjar għandha tikkunsidra kwalunkwe kumment dwar ir-rapport mill-Parti awditjata u għandha tiddetermina jekk ir-rapport jew parti minnu tkunx disponibbli għall-pubbliku jew tkunx disponibbli b'mod aktar limitat.

8. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjoni sabiex jemenda l-Anness 6-D (Linji Gwida u proċeduri għal awditu jew għal verifika) sabiex jistabbilixxi jew jispeċifika l-linji gwida u l-proċeduri tal-awditjar.

Artikolu 6.12

Kontrolli tal-importazzjonijiet u tariffi

1. Il-Parti li timporta għandu jkollha d-dritt li twettaq kontrolli tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tar-riskji sanitarji jew fitosanitarjiassoċjati mal-importazzjonijiet. Tali kontrolli għandhom jitwettqu mingħajr dewmien żejjed u b'effetti minimi ta' tfixkil fuq il-kummerċ.

2. Jekk il-kontrolli tal-importazzjonijiet jiżvelaw nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti relevanti tal-importazzjoni, l-azzjoni li tieħu l-Parti li timporta għandha tkun ibbażata fuq standards internazzjonali, tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju involut u ma għandhiex toħloq restrizzjoni akbar għall-kummerċ milli jkun meħtieġ sabiex jinkiseb l-ALOP tal-Parti li timporta.

3. L-awtorità kompetenti tal-Parti li timporta għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Parti li tesporta meta kwalunkwe nuqqas ta' konformità jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti.

4. L-awtorità kompetenti tal-Parti li timporta għandha tinnotifika lill-importatur jew lir-rappreżentant tagħha dwar kunsinna mhux konformi inkluża r-raġuni għan-nuqqas ta' konformità, u tagħti lil dak l-importatur jew lir-rappreżentant tiegħu opportunità għal rieżami tad-deċiżjoni. L-awtorità kompetenti tal-Parti li timporta għandha tikkunsidra kwalunkwe informazzjoni rilevanti sottomessa sabiex tgħin f'tali rieżami.

5. Kwalunkwe tariffa imposta għal proċeduri fuq prodotti importati ma għandhiex tkun ogħla minn kwalunkwe tariffa mitluba għal kontrolli komparabbli ta' prodotti domestiċi simili u mhux ogħla mill-kost reali tas-servizz.

6. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjoni sabiex jemenda l-Anness 6-f (Kontrolli tal-importazzjonijiet u tariffi) sabiex jistabbilixxi r-rati tal-frekwenza u t-tariffi għall-kontrolli tal-importazzjonijiet għal ċerti komoditajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

Artikolu 6.13

Robustezza xjentifika u trasparenza fil-proċessi ta' awtorizzazzjoni speċifikati ([16])

1. Il-Partijiet jagħrfu li l-proċessi ta' awtorizzazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq xjenza robusta u jitwettqu b'mod trasparenti sabiex jibnu u jżommu l-fiduċja u l-kunfidenza pubbliċi. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex iżidu r-robustezza u t-trasparenza ta' dawk il-proċessi ta' awtorizzazzjoni.

2. Il-Partijiet jagħrfu li l-proċessi ta' awtorizzazzjoni rispettivi tagħhom huma maħsubin sabiex jipprovdu eżiti komparabbli u li l-kooperazzjoni f'dan il-qasam hija mixtieqa.

3. Jekk persuna responsabbli sabiex tiżgura li r-rekwiżiti għall-kisba ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq jiġu ssodisfati min-negozju taħt il-kontroll tagħha tikkummissjona studji xjentifiċi f'istituzzjoni xjentifika ([17]) li tinsab f'Parti bl-għan li tappoġġa applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni fil-kuntest ta' ċerti proċessi ta' awtorizzazzjoni speċifikati fil-Parti l-oħra, u dan jinġieb għall-attenzjoni tal-Parti li fiha tinsab l-istituzzjoni xjentifika, iż-żewġ Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jaqsmu t-tali informazzjoni ma' xulxin.

4. Il-Partijiet jistgħu jiskambjaw ukoll informazzjoni dwar il-proċessi ta' awtorizzazzjoni tagħhom.

5. Parti tista' titlob żjara ta' ġbir ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu lil istituzzjoni xjentifika li tinsab fil-Parti l-oħra sabiex tiġbor informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-istandards rilevanti mill-istituzzjoni xjentifika meta twettaq studju xjentifiku għall-finijiet ta' ċerti proċessi ta' awtorizzazzjoni speċifikati fil-Parti li titlob żjara ta' ġbir ta' informazzjoni.

6. Jekk Parti tfittex li twettaq żjara ta' ġbir ta' informazzjoni, hija għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra mhux aktar tard minn 60 jum qabel tali żjara.

7. Jekk Parti tfittex li twettaq żjara ta' ġbir ta' informazzjoni u l-istituzzjoni xjentifika taqbel ma' tali żjara, l-uffiċjali tal-Parti l-oħra jistgħu jakkumpanjaw lill-uffiċjali tal-Parti li tkun qiegħda żżur matul iż-żjara ta' ġbir ta' informazzjoni.

8. Ir-rapport finali ta' kwalunkwe żjara ta' ġbir ta' informazzjoni għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Partijiet. Il-porzjonijiet rilevanti tar-rapport finali għandhom ikunu disponibbli wkoll għall-istituzzjoni xjentifika li tkun saritilha ż-żjara.

9. Il-kostijiet ta' kwalunkwe żjara ta' ġbir ta' informazzjoni bħal din għandhom jiġġarrbu mill-Parti li titlob żjara ta' ġbir ta' informazzjoni.

10. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjoni sabiex jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni dettaljati u kwalunkwe gwida neċessarja fir-rigward tal-paragrafi 3 sa 9.

Artikolu 6.14

Reżistenza għall-antimikrobiċi

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-AMR hija theddida serja għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali.

([16]) Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-proċessi ta' awtorizzazzjoni jkopru l-awtorizzazzjonijiet kollha ta' qabel it-tqegħid fis-suq fil-qasam tal-katina alimentari: jiġifieri l-kultivazzjoni ta' organiżmi ġenetikament modifikati/ikel u għalf ġenetikament modifikati, addittivi tal-għalf, addittivi/enzimi/aromatizzanti, aromatizzanti bl-affumikar, prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, ikel ġdid, materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, indikazzjonijiet dwar is-saħħa, u ż-żieda ta' vitamini u ta' minerali u ta' sustanzi oħrajn mal-ikel.

([17]) Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "istituzzjoni xjentifika" tinkludi istituzzjonijiet li jwettqu studji xjentifiċi bi ħlas, pereżempju, universitajiet, laboratorji, u faċilitajiet ta' ttestjar jew ta' riċerka.

2. Il-Partijiet għandhom, f'konformità mal-approċċ "Saħħa Waħda", jikkooperaw u jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni, inkluż fir-rigward ta' regolamenti, ta' linji gwida, ta' pjanijiet nazzjonali, ta' standards, ta' għarfien espert u ta' esperjenzi fil-qasam tal-AMR, u jidentifikaw fehmiet, interessi, prijoritajiet u politiki komuni f'dak il-qasam.

3. Il-Partijiet jagħrfu li:

(a) l-istandards regolatorji, il-linji gwida u s-sistemi ta' sorveljanza tal-antimikrobiċi rispettivi tagħhom jipprovdu kontrolli u eżiti tas-saħħa komparabbli;

(b) l-aġenti antimikrobiċi li huma kritiċi għat-trattament u għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali huma fokus ewlieni tal-istrateġiji rispettivi tagħhom tal-AMR; u

(c) jittieħdu inizjattivi fuq iż-żewġ naħat, fl-istrateġiji u l-politiki rispettivi tagħhom, sabiex tiġi promossa t-tneħħija gradwali tal-użu ta' aġenti antibijotiċi bħala promoturi tat-tkabbir, b'mod partikolari dawk ta' importanza medika, u sabiex jitnaqqas l-użu ta' aġenti antimikrobiċi fil-produzzjoni tal-annimali.

4. Barra minn hekk, il-Partijiet għandhom:

(a) jikkooperaw f'fora internazzjonali rilevanti dwar l-iżvilupp ta' kodiċijiet, ta' linji gwida, ta' standards, ta' rakkomandazzjonijiet u ta' inizjattivi futuri;

(b) jikkooperaw fuq pjanijiet ta' azzjoni internazzjonali, speċjalment fir-rigward tal-użu responsabbli u prudenti tal-aġenti antimikrobiċi sabiex tiġi miġġielda l-AMR b'mod aktar effettiv; u

(c) fil-kuntest tal-istrateġiji u tal-politiki rispettivi tagħhom jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni u ta' strateġiji internazzjonali miftehmin dwar l-AMR.

5. Kwalunkwe regolament, linja gwida, pjan strateġiku, standards u inizjattivi oħrajn dwar l-AMR ma għandhomx jintużaw sabiex jinħolqu jew jiġu implimentati miżuri li jaffettwaw il-kummerċ sakemm dawk il-miżuri ma jkunux konsistenti mal-Ftehim SPS u mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Kapitolu.

6. Il-Kumitat dwar Miżuri Sanitarji jew Fitosanitarji jista' jistabbilixxi grupp ta' ħidma tekniku dwar l-AMR.

Artikolu 6.15

Frodi f'komoditajiet innegozjati

1. Il-Partijiet jagħrfu li attivitajiet frodulenti minn operaturi kummerċjali involuti fil-kummerċ internazzjonali jistgħu:

(a) jaffettwaw is-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali, tal-pjanti u, b'konsegwenza, tal-ambjent; u

(b) jimminaw il-prattika kummerċjali ġusta u l-kunfidenza tal-konsumatur.

2. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni rilevanti u jikkooperaw sabiex jiskoraġġixxu prattiki li huma, jew li jidhru li huma, mhux konformi mal-miżuri SPS rispettivi tagħhom jew li jqarrqu bil-konsumaturi u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn.

Artikolu 6.16

Implimentazzjoni u riżorsi

Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jkollhom ir-riżorsi neċessarji sabiex jimplimentaw dan il-Kapitolu b'mod effettiv.

Artikolu 6.17

Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji

1. Dan l-Artikolu jikkomplementa u jispeċifika aktar l-Artikolu 24.4 (Kumitati speċjalizzati).

2. Fir-rigward ta' dan il-Kapitolu, il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jipprovdi forum għall-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sistema regolatorja ta' kull Parti inkluża l-bażi xjentifika u tal-valutazzjoni tar-riskju għall-miżuri SPS tagħha;

(b) jidentifika opportunitajiet għall-kooperazzjoni, inklużi inizjattivi ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ u aktar ħidma fuq it-tneħħija ta' ostakli bla bżonn għall-kummerċ bejn il-Partijiet;

(c) jippromwovi l-kooperazzjoni f'fora multilaterali, inkluż fil-Kumitat SPS tad-WTO u f'korpi internazzjonali ta' standardizzazzjoni, kif xieraq;

(d) jistabbilixxi gruppi ta' ħidma *ad hoc*;

(e) jipprovdi forum għall-Partijiet sabiex jaġġornaw lil xulxin fi stadju bikri dwar il-kunsiderazzjonijiet regolatorji relatati mal-miżuri SPS;

(f) mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim), iservi bħala forum sabiex jiġi solvut ħassib kummerċjali speċifiku meta l-Partijiet ma jkunux jistgħu jsibu soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku permezz ta' konsultazzjonijiet tekniċi skont l-Artikolu 6.9 (Trasparenza, skambju ta' informazzjoni u konsultazzjoni teknika);

(g) jieħu kwalunkwe azzjoni oħra bħal din fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont kif jaqblu l-Partijiet; u

(h) jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni oħra relatata ma' dan il-Kapitolu.

3. Sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor, il-Kumitat għandu jiltaqa' u jistabbilixxi l-programm ta' ħidma tiegħu mhux aktar tard minn sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 7

Sistemi tal-ikel sostenibbli

Artikolu 7.1

Objettivi

1. Il-Partijiet, filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza tat-tisħiħ tal-politiki u d-definizzjoni ta' programmi li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' sistemi tal-ikel sostenibbli, inklużivi, tajbin għas-saħħa u reżiljenti, jaqblu li jistabbilixxu kooperazzjoni mill-qrib sabiex jinvolvu rwieħhom b'mod konġunt fit-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli (minn hawn 'il quddiem imsejħa "SFS").

2. Dan il-Kapitolu japplika flimkien mal-Kapitoli l-oħra ta' dan il-Ftehim, u mingħajr preġudizzju għalihom, b'rabta mas-sistemi tal-ikel jew mas-sostenibbiltà, b'mod partikolari l-Kapitolu 6 (Miżuri sanitarji u fitosanitarji), il-Kapitolu 9 (Ostakli tekniċi għall-kummerċ) u l-Kapitolu 19 (Kummerċ u żvilupp sostenibbli).

Artikolu 7.2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għall-kooperazzjoni bejn il-Partijiet sabiex tittejjeb is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel rispettivi tagħhom.

2. Dan il-Kapitolu jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-kooperazzjoni f'oqsma li jistgħu jiksbu sistemi tal-ikel aktar sostenibbli. L-oqsma indikattivi għall-kooperazzjoni huma elenkati fl-Artikolu 7.4 (Kooperazzjoni sabiex tittejjeb is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel).

3. Il-Partijiet jagħrfu li l-prijoritajiet għall-kooperazzjoni jistgħu jinbidlu maż-żmien hekk kif jiżviluppaw il-fehim rispettiv tagħhom u l-fehim u t-trattament internazzjonali tas-sistemi tal-ikel.

Artikolu 7.3

Definizzjoni ta' sistema tal-ikel sostenibbli

1. Il-Partijiet jagħrfu li s-sistemi tal-ikel huma diversi u speċifiċi għall-kuntest, li jinkludu firxa ta' atturi u l-attivitajiet interkonnessi tagħhom fl-oqsma kollha tas-sistema tal-ikel, inklużi l-produzzjoni, il-ħsad, l-ipproċessar, il-manifattura, it-trasport, il-ħżin, id-distribuzzjoni, il-bejgħ, il-konsum u r-rimi ta' prodotti tal-ikel.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, u filwaqt li jagħrfu li d-definizzjoni ta' SFS tista' tevolvi maż-żmien, il-Partijiet iqisu li l-SFS hija sistema tal-ikel li tiżgura aċċess għal ikel sikur, nutrittiv u suffiċjenti matul is-sena kollha b'tali mod li l-ekonomija, soċjali, il-bażijiet kulturali u ambjentali sabiex jiġu ġġenerati s-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni għall-ġenerazzjonijiet futuri ma humiex kompromessi.

Artikolu 7.4

Kooperazzjoni sabiex tittejjeb is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-kooperazzjoni bħala mekkaniżmu għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu peress li jsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment tagħhom.

2. Filwaqt li jqisu l-prijoritajiet u ċ-ċirkostanzi rispettivi tagħhom, il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jindirizzaw kwistjonijiet ta' interess komuni relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Tali kooperazzjoni tista' sseħħ b'mod bilaterali kif ukoll f'fora internazzjonali.

3. Il-kooperazzjoni tista' tinkludi l-iskambju ta' informazzjoni, ta' għarfien espert u ta' esperjenzi, kif ukoll il-kooperazzjoni fir-riċerka u fl-innovazzjoni.

4. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw f'suġġetti bħal:

(a) il-metodi u l-prattiki tal-produzzjoni tal-ikel li għandhom l-għan li jtejbu s-sostenibbiltà, inklużi l-biedja organika u l-agrikoltura riġenerattiva, fost l-oħrajn;

(b) l-użu effiċjenti tar-riżorsi naturali u tal-inputs agrikoli, inkluż it-tnaqqis tal-użu u tar-riskju ta' pestiċidi u ta' fertilizzanti kimiċi, meta jkun xieraq;

(c) l-impatti ambjentali u klimatiċi tal-produzzjoni tal-ikel, inkluż fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura, il-bjar ta' karbonju u t-telf tal-bijodiversità;

(d) pjanijiet ta' kontinġenza sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista tal-ikel u tal-kummerċ fi żminijiet ta' kriżi internazzjonali;

(e) l-ipproċessar sostenibbli tal-ikel, it-trasport, il-bejgħ bl-ingrossa, il-bejgħ bl-imnut u s-servizzi tal-ikel;

(f) dieti tajbin għas-saħħa, sostenibbli u nutrittivi;

(g) l-impronta tal-karbonju tal-konsum;

(h) it-telf u l-ħela tal-ikel, f'konformità mal-mira 12.3 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti;

(i) it-tnaqqis tal-effetti ambjentali negattivi tal-politiki u tal-miżuri marbutin mas-sistema alimentari; u

(j) l-għarfien, il-parteċipazzjoni u t-tmexxija indiġeni fis-sistemi tal-ikel, f'konformità maċ-ċirkostanzi rispettivi tal-Partijiet.

Artikolu 7.5

Dispożizzjonijiet addizzjonali

1. L-attivitajiet ta' kooperazzjoni skont dan il-Kapitolu ma għandhomx jaffettwaw l-indipendenza tal-aġenziji ta' kull Parti, inklużi l-aġenziji reġjonali ta' Parti.

2. Filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ id-dritt ta' kull Parti li tirregola, xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jiġi interpretat li jobbliga lil Parti sabiex:

(a) timmodifika r-rekwiżiti tal-importazzjoni tagħha;

(b) tiddevja minn proċeduri tagħha għat-tħejjija jew għall-adozzjoni ta' miżuri regolatorji;

(c) tieħu azzjoni li tkun iddgħajjef jew timpedixxi l-adozzjoni f'waqtha ta' miżuri regolatorji għall-ilħuq tal-objettivi tal-ordni pubbliku tagħha; jew

(d) tadotta kwalunkwe miżura regolatorja partikolari.

Artikolu 7.6

Kumitat għas-Sistemi tal-Ikel Sostenibbli

1. Dan l-Artikolu jikkomplementa u jispeċifika aktar l-Artikolu 24.4 (Kumitati speċjalizzati).

2. Fir-rigward ta' dan il-Kapitolu, il-Kumitat għas-Sistemi tal-Ikel Sostenibbli għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istabbiliment ta' prijoritajiet għall-kooperazzjoni u ta' pjanijiet ta' ħidma għall-implimentazzjoni ta' dawk il-prijoritajiet;

(b) il-promozzjoni tal-kooperazzjoni f'fora multilaterali; u

(c) it-twettiq ta' kwalunkwe funzjoni oħra relatata mal-implimentazzjoni jew mat-tħaddim ta' dan il-Kapitolu.

3. Fit-twettiq tal-objettivi ta' dan il-Kapitolu, u għall-monitoraġġ tar-riżultati miksuba mill-implimentazzjoni tiegħu, kull sena l-Kumitat dwar is-sistemi tal-Ikel Sostenibbli għandu jistabbilixxi pjan ta' ħidma annwali li jinkludi azzjonijiet b'objettivi u stadji intermedji għal dawk l-azzjonijiet.

4. Meta jkun xieraq, il-Kumitat dwar is-Sistemi tal-Ikel Sostenibbli jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma li jikkonsistu minn rappreżentanti fil-livell ta' esperti ta' kull Parti.

5. Il-Kumitat dwar is-Sistemi tal-Ikel Sostenibbli għandu jiltaqa' fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u minn hemm 'il quddiem kif miftiehem reċiprokament.

6. Il-Kumitat dwar is-Sistemi tal-Ikel Sostenibbli jista' jistabbilixxi regoli li jtaffu kunflitti ta' interess potenzjali għall-esperti li jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tiegħu u dawk ta' kwalunkwe grupp ta' ħidma li jirrapporta lilu.

Artikolu 7.7

Punti ta' kuntatt

Fi żmien 90 jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha taħtar punt ta' kuntatt sabiex jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwistjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu u għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt għall-punt ta' kuntatt. Kull Parti għandha tinnotifika minnufih lill-Parti l-oħra bi kwalunkwe bidla f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

KAPITOLU 8

Trattament xieraq tal-annimali

Artikolu 8.1

Objettiv

L-objettiv ta' dan il-Kapitolu huwa li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet dwar it-trattament xieraq tal-annimali tar-razzett bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat il-kummerċ bejn il-Partijiet.

Artikolu 8.2

Dispożizzjonijiet ġenerali u kooperazzjoni

1. Il-Partijiet jagħrfu li l-annimali huma ħlejqiet li jħossu ([18]).

([18]) Kif definit fil-liġijiet u fir-regolamenti ta' kull Parti dwar it-trattament xieraq tal-annimali.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-prattiki tal-biedja tagħhom huma sostanzjalment differenti iżda jagħrfu li l-istandards rispettivi tagħhom dwar it-trattament xieraq tal-annimali u s-sistemi assoċjati jipprovdu eżiti komparabbli dwar it-trattament xieraq tal-annimali.

3. Il-Partijiet għandhom jagħmlu l-aħjar sforzi sabiex jikkooperaw f'fora internazzjonali bl-għan li jippromwovu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' standards tat-trattament xieraq tal-annimal bbażati fuq ix-xjenza. B'mod partikolari, il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex isaħħu u jwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tal-istandards tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom, b'enfasi fuq l-annimali tar-razzett.

4. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni, għarfien espert u esperjenzi fil-qasam tat-trattament xieraq tal-annimali b'rabta mat-trattament tal-annimali fil-farms, matul it-trasport u waqt l-iskarnar jew il-qtil.

5. Il-Partijiet għandhom ikomplu jikkooperaw fir-riċerka fil-qasam tat-trattament xieraq tal-annimali sabiex jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' standards dwar it-trattament xieraq tal-annimali bbażati fuq ix-xjenza b'rabta mat-trattament tal-annimali fil-farms, matul it-trasport u waqt l-iskarnar jew il-qtil.

Artikolu 8.3

Grupp ta' ħidma tekniku dwar it-trattament xieraq tal-annimali

Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu grupp ta' ħidma tekniku dwar it-trattament xieraq tal-annimali. Il-grupp ta' ħidma tekniku dwar it-trattament xieraq tal-annimali għandu jirrapporta u jwettaq attivitajiet speċifikati mill-Kumitat dwar Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji.

KAPITOLU 9

Ostakli tekniċi għall-kummerċ

Artikolu 9.1

Objettivi

L-objettivi ta' dan il-Kapitolu huma li jiffaċilita l-kummerċ fl-oġġetti bejn il-Partijiet billi jiġu evitati, identifikati u eliminati ostakli tekniċi mhux neċessarji għall-kummerċ, u li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fi kwistjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu.

Artikolu 9.2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għat-tħejjija, għall-adozzjoni u għall-applikazzjoni tar-regolamenti tekniċi, tal-istandards u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità kollha kif definiti fl-Anness 1 tal-Ftehim dwar l-OTK li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ fl-oġġetti bejn il-Partijiet.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

(a) speċifikazzjonijiet tax-xiri mħejjin minn korpi governattivi għar-rekwiżiti tal-produzzjoni jew tal-konsum tal-korpi li għalihom japplika l-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku); jew

(b) miżuri SPS li għalihom japplika l-Kapitolu 6 (Miżuri sanitarji u fitosanitarji).

Artikolu 9.3

Relazzjoni mal-Ftehim dwar l-OTK

1. L-Artikoli 2 sa 9 u l-Annessi 1 u 3 tal-Ftehim dwar l-OTK huma inkorporati f'dan il-Ftehim u saru parti minnu, *mutatis mutandis*.

2. It-termini wżati f'dan il-Kapitolu, inkluż fl-Annessi ta' dan il-Kapitolu, għandu jkollhom l-istess tifsira li għandhom fil-Ftehim dwar l-OTK.

Artikolu 9.4

Regolamenti tekniċi

1. Minbarra l-Artikolu 22.8 (Valutazzjoni tal-impatt), kull Parti għandha tieħu impenn li twettaq valutazzjoni tal-impatt tar-regolamenti tekniċi ppjanati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri regolatorji definiti fil-punt (b) tal-Artikolu 22.2 (Definizzjonijiet) li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kummerċ, f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri tagħha. Għal ċertezza akbar, dan il-paragrafu japplika wkoll għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jkunu parti minn tali regolamenti tekniċi.

2. Jekk titwettaq valutazzjoni tal-impatt skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, allura, minbarra dak stipulat fil-punt (b) tal-Artikolu 22.8(2) (Valutazzjoni tal-impatt), kull Parti għandha tivvaluta l-għażliet regolatorji u mhux regolatorji fattibbli u xierqa għar-regolament tekniku propost li jistgħu jissodisfaw l-objettivi leġittimi tal-Parti f'konformità mal-Artikolu 2.2 tal-Ftehim dwar l-OTK. Għal ċertezza akbar, tali obbligu ta' valitazzjoni japplika wkoll għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jkunu parti minn tali regolamenti tekniċi.

3. Minbarra kif speċifikat fl-Artikoli 2.3 u 2.4 tal-Ftehim dwar l-OTK, kull Parti għandha tirrieżamina r-regolamenti tekniċi tagħha minn żmien għal żmien. Fit-twettiq ta' tali rieżami, kull Parti għandha, fost l-oħrajn, tqis b'mod pożittiv iż-żieda fil-konverġenza mal-istandards internazzjonali rilevanti, filwaqt li tqis kwalunkwe żvilupp ġdid fir-rigward tal-istandards internazzjonali rilevanti u jekk għadhomx jeżistu ċ-ċirkostanzi preċedenti li wasslu għal diverġenzi minn kwalunkwe standard internazzjonali rilevanti.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu 22 (Prattiki regolatorji tajbin u kooperazzjoni regolatorja), meta tiżviluppa regolamenti tekniċi ewlenin li jista' jkollhom effett sinifikanti fuq il-kummerċ, kull Parti għandha, kif meħtieġ mir-regoli u mill-proċeduri tagħha, tippermetti lill-persuni tal-Partijiet jipprovdu kontribut permezz ta' proċess ta' konsultazzjoni pubblika, ħlief meta jinqalgħu jew jheddu li jinqalgħu problemi urġenti ta' sikurezza, tas-saħħa, ta' ħarsien tal-ambjent jew ta' sigurtà nazzjonali. Kull Parti għandha tippermetti lill-persuni tal-Parti l-oħra jipparteċipaw f'tali konsultazzjonijiet f'termini mhux anqas favorevoli minn dawk mogħtijin lill-persuni tagħha stess, u għandha tagħmel ir-riżultati ta' dak il-proċess ta' konsultazzjoni pubbliċi.

Artikolu 9.5

Standards internazzjonali

1. Standards internazzjonali żviluppati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (International Organization for Standardization, "ISO"), mill-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (International Electrotechnical Commission, "IEC"), l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (International Telecommunication Union, "ITU"), u mill-Kummissjoni Codex Alimentarius ("Codex") għandhom jitqiesu bħala l-istandards internazzjonali rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2 u tal-Artikolu 5, u tal-Anness 3, tal-Ftehim dwar l-OTK dment li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Standard żviluppat minn organizzazzjoni internazzjonali, minbarra dawk imsemmijin fil-paragrafu 1, jista' jitqies ukoll bħala standard internazzjonali rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2 u tal-Artikolu 5 u tal-Anness 3 tal-Ftehim dwar l-OTK, dment li:

(a) ikun ġie żviluppat minn korp ta' standardizzazzjoni li jfittex li jistabbilixxi kunsens jew:

   (i) fost id-delegazzjonijiet nazzjonali tal-Membri parteċipanti tad-WTO li jirrappreżentaw il-korpi nazzjonali kollha tal-istandards fit-territorju tagħhom li adottaw, jew qed jistennew li jadottaw, standards dwar il-materja li magħha tkun relatata l-attività ta' standardizzazzjoni internazzjonali; jew

   (ii) fost il-korpi governattivi tal-Membri parteċipanti tad-WTO; u

(b) ikun ġie żviluppat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ stabbilit mill-Artikolu 13 tal-Ftehim dwar l-OTK dwar il-Prinċipji għall-Iżvilupp ta' Standards, ta' Gwidi u ta' Rakkomandazzjonijiet Internazzjonali fir-rigward tal-Artikolu 2u tal-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-OTK u tal-Anness 3 tiegħu.

3. Jekk Parti ma tkunx użat standards internazzjonali bħala bażi għar-regolamenti tekniċi tagħha u għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità relatati, Parti għandha, fuq talba mill-Parti l-oħra, tidentifika kwalunkwe devjazzjoni sostanzjali mill-istandard internazzjonali rilevanti u tispjega r-raġunijiet għaliex tali standards tqiesu mhux xierqa jew mhux effettivi għall-għan segwit, u tipprovdi l-evidenza li fuqha tkun ibbażata dik il-valutazzjoni, meta tkun disponibbli.

Artikolu 9.6

Standards

1. Bil-ħsieb li l-istandards jiġu armonizzati fuq bażi wiesgħa kemm jista' jkun, u minbarra l-Artikolu 4.1 tal-Ftehim dwar l-OTK, kull Parti għandha tħeġġeġ lill-korpi tal-istandardizzazzjoni fit-territorju tagħha, kif ukoll lill-korpi reġjonali tal-standardizzazzjoni li Parti jew il-korpi tal-istandardizzazzjoni fit-territorju tagħha jkunu membri tagħhom, sabiex:

(a) jirrieżaminaw f'intervalli regolari l-istandards nazzjonali u reġjonali li ma jkunux ibbażati fuq l-istandards internazzjonali rilevanti, bl-għan li jżidu l-konverġenza ta' dawk l-istandards nazzjonali u reġjonali ma' standards internazzjonali rilevanti, fost kunsiderazzjonijiet oħrajn;

(b) jikkooperaw mal-korpi rilevanti ta' standardizzazzjoni tal-Parti l-oħra f'attivitajiet ta' standardizzazzjoni internazzjonali, inkluż permezz ta' kooperazzjoni fil-korpi internazzjonali ta' standardizzazzjoni jew fil-livell reġjonali; u

(c) irawmu l-kooperazzjoni bilaterali bejn il-korpi ta' standardizzazzjoni tal-Parti l-oħra.

2. Jenħtieġ li l-Partijiet jiskambjaw informazzjoni dwar:

(a) l-użu tagħhom tal-istandards b'sostenn tar-regolamenti tekniċi; u

(b) il-proċessi ta' standardizzazzjoni rispettivi tagħhom, u l-firxa ta' kemm jużaw l-istandards internazzjonali, reġjonali jew subreġjonali bħala bażi għall-istandards nazzjonali tagħhom.

3. Jekk l-istandards isiru obbligatorji permezz ta' inkorporazzjoni f'abbozz ta' regolament tekniku jew ta' proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità jew b'referenza fihom, għandhom japplikaw l-obbligi ta' trasparenza stabbiliti fl-Artikolu 9.8 (Trasparenza) ta' dan il-Kapitolu u fl-Artikolu 2 jew fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-OTK, sa fejn ikun permess mid-drittijiet tal-awtur applikabbli.

Artikolu 9.7

Valutazzjoni tal-konformità

1. Jekk Parti tkun teħtieġ valutazzjoni tal-konformità bħala aċċertament pożittiv li prodott ikun konformi ma' regolament tekniku, hija għandha:

(a) tagħżel proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità proporzjonati għar-riskji involuti;

(b) taċċetta l-użu tad-sikjarazzjoni ta' konformità tal-fornitur (minn hawn 'il quddiem imsejħa "SDoC"), meta jkun xieraq; u

(c) jekk tintalab mill-Parti l-oħra, tispjega r-raġuni għall-għażla ta' proċeduri partikolari ta' valutazzjoni tal-konformità għal prodotti speċifiċi.

2. Il-Partijiet jagħrfu li teżisti firxa wiesgħa ta' mekkaniżmi sabiex jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni tar-riżultati tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità. Tali mekkaniżmi jistgħu jinkludu:

(a) SDoC;

(b) rikonoxximent, min-naħa ta' Parti, tar-riżultati ta' proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità mwettqin fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(c) arranġamenti kooperattivi u volontarji bejn korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jinsabu fit-territorji tal-Partijiet;

(d) ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku għar-riżultati tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità fir-rigward ta' regolamenti tekniċi speċifiċi li jitwettqu minn korpi li jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(e) l-użu ta' proċeduri ta' akkreditazzjoni sabiex jiġu kkwalifikati korpi ta' valutazzjoni tal-konformità; u

(f) il-ħatra mill-gvern ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità.

3. Jekk Parti tkun teħtieġ valutazzjoni tal-konformità ta' parti terza bħala garanzija pożittiva li prodott ikun konformi ma' regolament tekniku u din ma tkunx irriżervat dan il-kompitu għal awtorità governattiva kif speċifikat fil-paragrafu 4, hija għandha:

(a) tagħti preferenza lill-użu tal-akkreditazzjoni sabiex jiġu kkwalifikati korpi ta' valutazzjoni tal-konformità;

(b) tuża standards internazzjonali għall-akkreditazzjoni u għall-valutazzjoni tal-konformità;

(c) meta jkun prattikabbli, tuża ftehimiet internazzjonali li jinvolvu l-korpi ta' akkreditazzjoni tal-Partijiet, pereżempju, permezz tal-mekkaniżmi tal-Kooperazzjoni Internazzjonali ta' Akkreditazzjoni tal-Laboratorji (International Laboratory Accreditation Cooperation (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ILAC") u tal-Forum Internazzjonali ta' Akkreditazzjoni (International Accreditation Forum (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "IAF");

(d) tħeġġeġ l-użu ta' ftehimiet jew ta' arranġamenti internazzjonali li jiffunzjonaw għall-armonizzazzjoni, jew il-faċilitazzjoni tal-aċċettazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità;

(e) tiżgura li r-regoli u l-proċeduri tagħha ma jirrestrinġux bla bżonn l-għażla għall-operaturi ekonomiċi fost il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità maħturin mill-awtoritajiet tagħha għal prodott partikolari jew għal sett ta' prodotti;

(f) tiżgura li l-attivitajiet tal-korpi ta' akkreditazzjoni tagħha jkunu konsistenti mal-istandards internazzjonali għall-akkreditazzjoni u, f'dak ir-rigward, li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess bejn il-korpi ta' akkreditazzjoni u l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità fir-rigward tal-attivitajiet ta' konformità tagħhom, inkluż il-persunal;

(g) tiżgura li l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità jwettqu l-attivitajiet tagħhom b'mod li jipprevjeni kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-eżitu tal-valutazzjoni tal-konformità;

(h) tippermetti lill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità jużaw sottokuntratturi sabiex iwettqu l-ittestjar jew l-ispezzjonijiet fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità, inklużi sottokuntratturi li jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra. Xejn f'dan il-punt ma għandu jiġi interpretat li jipprojbixxi lil Parti milli tirrikjedi li s-sottokuntratturi jissodisfaw l-istess rekwiżiti li l-korp ta' valutazzjoni tal-konformità li lilu tkun kuntrattata jkun meħtieġ jissodisfa sabiex iwettaq it-testijiet jew l-ispezzjoni kuntrattati huwa stess; u

(i) tiżgura li d-dettalji, inkluż l-ambitu tal-ħatra, tal-korpi li nħatru sabiex iwettqu tali valutazzjoni tal-konformità, jiġu ppubblikati online.

4. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jipprekludi lil Parti milli teħtieġ li l-valutazzjoni tal-konformità fir-rigward ta' prodotti speċifiċi titwettaq mill-awtoritajiet governattivi speċifikati tal-Parti. Jekk Parti teħtieġ li l-valutazzjoni tal-konformità titwettaq mill-awtoritajiet governattivi speċifikati tagħha, dik il-Parti għandha:

(a) tillimita t-tariffi għall-valutazzjoni tal-konformità għall-kost approssimattiv tas-servizzi mogħtijin u, fuq it-talba ta' applikant għal valutazzjoni tal-konformità, tispjega kif kwalunkwe tariffa li timponi għat-tali valutazzjoni tal-konformità tkun limitata għall-kost approssimattiv tas-servizzi mogħtijin; u

(b) tiżgura li t-tariffi tal-valutazzjoni tal-konformità jkunu disponibbli fuq talba, jekk ma jkunux ippubblikati.

5. Minkejja l-paragrafi 1, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, fl-oqsma elenkati fl-Anness 9-A (Aċċettazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità (dokumenti)) li fir-rigward tagħhom l-Unjoni taċċetta SDoC, New Zealand għandha, jekk tqis li l-valutazzjoni tal-konformità mhux tal-ewwel parti tkun meħtieġa bħala assigurazzjoni li prodott jikkonforma mar-rekwiżiti tar-regolamenti tekniċi ta' New Zealand, taċċetta:

(a) ċertifikati u rapporti ta' testijiet maħruġin minn korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni u li jkunu ġew akkreditati minn membru tal-korp ta' akkreditazzjoni tal-arranġamenti internazzjonali għar-rikonoxximent reċiproku tal-ILAC jew tal-IAF, jew il-korpi suċċessuri tagħhom, jew li jkunu rikonoxxuti b'mod ieħor skont ir-regolamenti tekniċi ta' New Zealand; jew

(b) fir-rigward tal-aspetti tas-sikurezza elettrika u tal-kompatibbiltà elettromanjetika, iċ-ċertifikati u r-rapporti tat-testijiet maħruġin minn korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni u taħt l-Iskema tal-Korp taċ-Ċertifikazzjoni (CB) tas-Sistema tal-IEC għall-Iskemi ta' Valutazzjoni tal-Konformità għat-Tagħmir u għall-Komponenti Elettrotekniċi (IECEE).

6. L-SDoC hija attestazzjoni tal-konformità tal-ewwel parti maħruġa ([19]) mill-manifattur jew minn parti oħra awtorizzata taħt ir-responsabbiltà unika tagħha fuq il-bażi tar-riżultati ta' tip xieraq ta' attività ta' valutazzjoni tal-konformità u eskluża valutazzjoni obbligatorja ta' parti terza.

7. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-qasam tar-rikonoxximent reċiproku f'konformità mal-Ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand ([20]), magħmul f'Wellington fil-25 ta' Ġunju 1998. Il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu wkoll, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak il-Ftehim, li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu fir-rigward tal-prodotti, tar-rekwiżiti regolatorji applikabbli jew tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità rikonoxxuti.

Artikolu 9.8

Trasparenza

1. Ħlief meta jinqalgħu jew jheddu li jinqalgħu problemi urġenti ta' sikurezza, tas-saħħa, ta' ħarsien tal-ambjent jew ta' sigurtà nazzjonali, kull Parti għandha tippermetti lill-Parti l-oħra tipprovdi kummenti bil-miktub dwar ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità proposti notifikati fi żmien perjodu ta' mill-inqas 60 jum wara d-data tat-trażmissjoni tan-notifika ta' tali regolamenti jew proċeduri lir-Reġistru Ċentrali tan-Notifiki tad-WTO. Parti għandha tagħti kunsiderazzjoni pożittiva għal kull talba raġonevoli għall-estensjoni ta' dak il-perjodu għall-kummenti.

2. Fil-każ li t-test notifikat ma jkunx f'waħda mil-lingwi uffiċjali tad-WTO, kull Parti għandha tipprovdi deskrizzjoni dettaljata u komprensiva tal-kontenut tar-regolament tekniku propost jew tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità fil-format ta' notifika tad-WTO.

3. Jekk Parti tirċievi kummenti bil-miktub dwar ir-regolament tekniku propost jew il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità tagħha mill-Parti l-oħra, hija għandha:

(a) jekk tintalab tagħmel hekk mill-Parti l-oħra, tiddiskuti l-kummenti bil-miktub bil-parteċipazzjoni tal-awtorità regolatorja kompetenti tagħha, kull meta jkun possibbli, fi żmien meta l-kummenti jkunu jistgħu jitqiesu; u

(b) twieġeb bil-miktub għal kwistjonijiet sinifikanti jew sostantivi ppreżentati fil-kummenti mhux aktar tard mid-data tal-pubblikazzjoni tar-regolament tekniku jew tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità.

4. Kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku, preferibbilment billi tippubblika fuq sit web, it-tweġibiet tagħha għal kwistjonijiet sinifikanti jew sostantivi ppreżentati f'kummenti li jaslu mingħand Membri oħrajn tad-WTO dwar in-notifika tagħha ta' OTK kif imsemmi fil-paragrafu 1 tal-proposta għar-regolament tekniku jew għall-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità.

5. Jekk tintalab tagħmel hekk mill-Parti l-oħra, Parti għandha tipprovdi informazzjoni rigward l-objettivi ta' kwalunkwe regolament tekniku jew proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, u l-ħsieb warajha, li l-Parti tkun adottat jew tkun qiegħda tipproponi li tadotta.

6. Kull Parti għandha tiżgura li r-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità adottati tagħha jiġu ppubblikati online u jkunu aċċessibbli mingħajr ħlas.

7. Kull Parti għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tar-regolament tekniku jew tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità u tat-test finali adottat permezz ta' addendum għan-notifika oriġinali lid-WTO.

8. Minbarra l-Artikolu 2.12 tal-Ftehim dwar l-OTK, it-terminu "intervall raġonevoli" għandu jinftiehem li jfisser perjodu ta' mhux anqas minn sitt xhur, ħlief fejn dan ma jkunx effettiv sabiex jintlaħqu l-objettivi leġittimi segwiti.

([19]) Skont ir-regolamenti tekniċi ta' kull Parti.
([20]) ĠU L 229, 17.8.1998, p. 62

9. Parti għandha tikkunsidra talba raġonevoli mill-Parti l-oħra, riċevuta qabel it-tmiem tal-perjodu tal-kumment kif imsemmi fil-paragrafu 1 wara t-trażmissjoni lir-Reġistru Ċentrali tan-Notifiki tad-WTO sabiex jiġi estiż il-perjodu ta' żmien bejn l-adozzjoni tar-regolament tekniku u d-dħul fis-seħħ tiegħu, ħlief meta dan ma jkunx effettiv sabiex jintlaħqu l-objettivi leġittimi segwiti.

Artikolu 9.9

Markatura u tikkettar

1. Regolament tekniku ta' Parti jista' jinkludi jew jittratta esklużivament rekwiżiti ta' markatura jew ta' tikkettar. F'każijiet bħal dawn, il-prinċipji rilevanti tal-Artikolu 2.2 tal-Ftehim dwar l-OTK japplikaw għal dawn ir-regolamenti tekniċi.

2. Jekk Parti tirrikjedi markatura jew tikkettar mandatorju ta' prodotti, hija għandha:

(a) sa fejn possibbli, tirrekjedi biss informazzjoni li tkun rilevanti għall-konsumaturi jew għall-utenti tal-prodott jew li tindika li l-prodott jikkonforma mar-rekwiżiti tekniċi mandatorji;

(b) ma teħtieġ l-ebda approvazzjoni, reġistrazzjoni jew ċertifikazzjoni minn qabel tal-markaturi jew tat-tikketti tal-prodotti, u lanqas xi żborż ta' tariffi, bħala prekundizzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti tagħha li, mill-bqija, jikkonformaw mar-rekwiżiti tekniċi mandatorji tagħha sakemm ma tkunx neċessarja fid-dawl tar-riskju tal-prodotti jew tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet magħmulin fuq il-markaturi u fuq it-tikketti għas-saħħa jew għall-ħajja tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, tal-ambjent jew għas-sikurezza nazzjonali;

(c) jekk teħtieġ l-użu ta' numru ta' identifikazzjoni uniku mill-operaturi ekonomiċi, hija għandha toħroġ tali numru lill-operaturi ekonomiċi tal-Parti l-oħra mingħajr dewmien bla bżonn u fuq bażi mhux diskriminatorja;

(d) dment li l-markatura u t-tikkettar ta' prodott ikunu konformi mar-rekwiżiti regolatorji tal-Parti li timporta u ma jqarrqux, ma jkunux kontradittorji u ma joħolqux konfużjoni fir-rigward tagħhom, tippermetti ([21]) dan li ġej:

(i) informazzjoni b'lingwi oħrajn flimkien mal-lingwa meħtieġa mill-Parti li timporta;

(ii) nomenklaturi, pittogrammi, simboli jew grafika aċċettati internazzjonalment; u

(iii) informazzjoni addizzjonali għal dik meħtieġa fil-Parti li timporta;

(e) taċċetta li t-tikkettar, inkluż it-tikkettar supplimentari jew il-korrezzjonijiet għat-tikkettar, isir fit-territorju tal-Parti li timporta, f'konformità mar-regolamenti u mal-proċeduri rilevanti tagħha bħala alternattiva għat-tikkettar fil-Parti li tesporta, sakemm tali tikkettar ma jkunx neċessarju fid-dawl tal-objettivi leġittimi msemmijin fl-Artikolu 2.2 tal-Ftehim dwar l-OTK; u

(f) jekk tqis li l-objettivi leġittimi msemmija fl-Artikolu 2.2 tal-Ftehim dwar l-OTK ma jkunux kompromessi, tieħu impenn li taċċetta tikketti mhux permanenti jew li jistgħu jinqalgħu, jew markatura jew tikkettar fid-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament, minflok ma tirrekjedi li l-markatura jew it-tikkettar ikun imwaħħal fiżikament mal-prodott.

3. Il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma japplikax għall-immarkar jew għat-tikkettar ta' prodotti mediċinali u ta' apparati mediċi, kif definit mil-liġijiet u mir-regolamenti ta' Parti.

Artikolu 9.10

Kooperazzjoni dwar is-sorveljanza tas-suq, is-sikurezza u l-konformità ta' prodotti mhux tal-ikel

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-terminu "sorveljanza tas-suq" tfisser attivitajiet imwettqin u miżuri meħudin mill-awtoritajiet pubbliċi, inklużi dawk meħudin f'kooperazzjoni mal-operaturi ekonomiċi, fuq il-bażi tal-proċeduri ta' Parti, sabiex dik il-Parti tkun tista' timmonitorja jew tindirizza s-sikurezza tal-prodotti jew il-konformità tagħhom mar-rekwiżiti stabbiliti fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha.

([21]) Għal ċertezza akbar, dan il-punt jirreferi għall-Parti li timporta.

2. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-kooperazzjoni fis-sorveljanza tas-suq, fis-sikurezza u fil-konformità tal-prodotti mhux tal-ikel għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ u għall-protezzjoni tal-konsumaturi u ta' utenti oħrajn, u l-importanza tal-bini ta' fiduċja reċiproka bbażata fuq l-informazzjoni kondiviża.

3. Kull Parti għandha tiżgura:

(a) imġiba imparzjali u indipendenti tal-funzjonijiet ta' sorveljanza tas-suq minn funzjonijiet ta' valutazzjoni tal-konformità bil-ħsieb li jiġu evitati kunflitti ta' interess ([22]); u

(b) in-nuqqas ta' kwalunkwe interess li jaffettwa l-imparzjalità tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq fit-twettiq tal-kontroll jew tas-superviżjoni tal-operaturi ekonomiċi.

4. Il-Partijiet jistgħu jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni fil-qasam tas-sorveljanza tas-suq, tas-sikurezza u tal-konformità ta' prodotti mhux tal-ikel, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) attivitajiet u miżuri ta' sorveljanza tas-suq u ta' infurzar;

(b) metodi ta' valutazzjoni tar-riskju u ttestjar tal-prodotti;

(c) sejħiet lura koordinati ta' prodotti mis-suq jew azzjonijiet simili oħrajn;

(d) kwistjonijiet xjentifiċi, tekniċi u regolatorji sabiex itejbu s-sikurezza u l-konformità tal-prodotti mhux tal-ikel;

(e) kwistjonijiet emerġenti ta' rilevanza sinifikanti għas-saħħa u għas-sikurezza;

(f) attivitajiet relatati mal-istandardizzazzjoni; u

(g) skambju ta' uffiċjali.

5. L-Unjoni tista' tipprovdi lil New Zealand b'informazzjoni magħżula mis-Sistema ta' Twissija Rapida tagħha għal prodotti mhux tal-ikel perikoluż fir-rigward tal-prodotti għall-konsumatur kif imsemmi fid-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([23]) jew is-sistema suċċessura tagħha, u New Zealand tista' tipprovdi lill-Unjoni b'informazzjoni magħżula dwar is-sikurezza ta' prodotti tal-konsumatur mhux tal-ikel u dwar miżuri preventivi, restrittivi u korrettivi meħudin, fir-rigward ta' prodotti tal-konsumatur kif imsemmi fil-leġiżlazzjoni rilevanti ta' New Zealand. L-iskambju ta' informazzjoni jista' jieħu l-forma ta':

(a) skambju *ad hoc*, f'każijiet debitament ġustifikati; jew

(b) skambju sistematiku, ibbażat fuq arranġament stabbilit b'deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ skont l-Anness 9-C (Arranġament imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 9.10(5) għall-iskambju sistematiku ta' informazzjoni fir-rigward tas-sikurezza ta' prodotti mhux tal-ikel u ta' miżuri preventivi, restrittivi u korrettivi relatati).

6. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjoni sabiex jistabbilixxi skont l-Anness 9-D (Arranġament imsemmi fl-Artikolu 9.10(6) għall-iskambju regolari ta' informazzjoni dwar il-miżuri meħudin dwar prodotti mhux tal-ikel mhux konformi, minbarra dawk koperti fil-punt (b) tal-Artikolu 9.10(5) arranġament dwar l-iskambju regolari ta' informazzjoni, inkluż b'mezzi elettroniċi, dwar il-miżuri meħudin fir-rigward ta' prodotti mhux tal-ikel mhux konformi, għajr dawk koperti fil-punt (b) tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

7. Kull Parti għandha tuża l-informazzjoni miksuba skont il-paragrafi 4, 5 u 6 għall-iskop uniku tal-protezzjoni tal-konsumaturi, tas-saħħa, tas-sikurezza jew tal-ambjent.

8. Kull Parti għandha tittratta l-informazzjoni miksuba skont il-paragrafi 4, 5 u 6 bħala kunfidenzjali.

9. L-arranġamenti msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 5 u fil-paragrafu 6 għandhom jispeċifikaw it-tip ta' informazzjoni li għandha tiġi skambjata, il-modalitajiet għall-iskambju u l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni ta' *data* personali.

([22]) Kull Parti għandha tiżgura li jiġu stabbiliti salvagwardji sabiex jiżguraw l-imparzjalità u n-nuqqas ta' kunflitti ta' interess jekk entità waħda tkun fdata biż-żewġ funzjonijiet ta' sorveljanza tas-suq mill-funzjonijiet ta' valutazzjoni tal-konformità;.

([23]) Id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4).

10. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jkollu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet sabiex jiddetermina jew jemenda l-arranġamenti msemmija fl-Annessi 9-C (Arranġament imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 9.10(5) għall-iskambju sistematiku ta' informazzjoni fir-rigward tas-sikurezza ta' prodotti mhux tal-ikel u ta' miżuri preventivi, restrittivi u korrettivi relatati) u 9-D (Arranġament imsemmi fl-Artikolu 9.10(6) għall-iskambju regolari ta' informazzjoni dwar il-miżuri meħudin fuq prodotti mhux tal-ikel mhux konformi, minbarra dawk koperti fil-punt (b) tal-Artikolu 9.10(5)).

Artikolu 9.11

Diskussjonijiet u konsultazzjonijiet tekniċi

1. Jekk Parti tqis li abbozz jew proposta ta' regolament tekniku jew proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità tal-Parti l-oħra jista' jkollha effett avvers sinifikanti fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet, hija tista' titlob li jsiru diskussjonijiet tekniċi dwar il-kwistjoni. It-talba għandha ssir bil-miktub u għandha tidentifika:

(a) il-miżura inkwistjoni;

(b) id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu li magħhom huwa relatat it-tħassib; u

(c) ir-raġunijiet għat-talba, inkluża deskrizzjoni tat-tħassib tal-Parti rikjedenti dwar il-miżura.

2. Parti għandha tagħti t-talba tagħha lill-Koordinatur tal-kapitolu dwar l-OTK tal-Parti l-oħra maħtur skont l-Artikolu 9.14 (Koordinatur tal-Kapitolu dwar l-OTK).

3. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, il-Partijiet għandhom jiltaqgħu sabiex jiddiskutu t-tħassib imqajjem fit-talba, personalment, jew permezz ta' kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni, inklużi t-telefon, il-vidjokonferenza jew mezzi elettroniċi oħrajn ta' komunikazzjoni, fi żmien 60 jum wara d-data ta' konsenja tat-talba u għandhom jagħmlu ħilithom sabiex isolvu l-kwistjoni malajr kemm jista' jkun. Jekk Parti rikjedenti temmen li l-kwistjoni tkun urġenti, tista' titlob li kwalunkwe laqgħa ssir f'perjodu iqsar ta' żmien. F'każijiet bħal dawn, il-Parti rispondenti għandha tagħti kunsiderazzjoni pożittiva għal tali talba.

4. Parti tista' titlob konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra rigward kwalunkwe kwistjoni li tinqala' skont dan il-Kapitolu billi tibgħat talba bil-miktub lill-Koordinatur tal-Kapitolu dwar l-OTK tal-Parti l-oħra. Il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jaslu għal soluzzjoni tat-tali kwistjoni li tissodisfa liż-żewġ naħat.

5. Għal ċertezza akbar, dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim).

Artikolu 9.12

Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet jistgħu jikkooperaw fir-rigward ta' oqsma partikolari ta' interess reċiproku, bl-għan li jeliminaw, inaqqsu jew jevitaw il-ħolqien ta' ostakli tekniċi għall-kummerċ, u jiffaċilitaw il-kummerċ bejn il-Partijiet, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet diġitali.

2. Il-Partijiet jistgħu jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-Anness 9-A (Aċċettazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità (dokumenti)), inkluża l-implimentazzjoni tiegħu.

Artikolu 9.13

Projbizzjoni tal-ittestjar fuq l-annimali

1. Kull Parti għandha tkompli tappoġġa u tippromwovi b'mod attiv ir-riċerka, l-iżvilupp, il-validazzjoni u l-aċċettazzjoni regolatorja ta' metodi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali.

2. Kull Parti għandha taċċetta, għall-fini tal-valutazzjoni tas-sikurezza tal-prodotti li jaqgħu taħt id-definizzjoni tat-terminu "prodott kożmetiku" fil-ġuriżdizzjoni tagħha, ir-riżultati tat-testijiet iġġenerati minn metodi alternattivi vvalidati għall-ittestjar fuq l-annimali.

3. Parti ma għandhiex teħtieġ li prodott li jaqa' taħt id-definizzjoni tat-terminu prodott kożmetiku fil-ġuriżdizzjoni tagħha jiġi ttestjat fuq l-annimali sabiex tiġi ddeterminata s-sikurezza ta' tali prodott.

Artikolu 9.14

Koordinatur tal-Kapitolu dwar l-OTK

1. Kull Parti għandha taħtar Koordinatur tal-kapitolu dwar l-OTK u tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt tiegħu. Kull Parti għandha tinnotifika minnufih lill-Parti l-oħra bi kwalunkwe bidla f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

2. Il-Koordinaturi tal-kapitolu dwar l-OTK għandhom jaħdmu flimkien sabiex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fil-kwistjonijiet kollha dwar l-OTK. Għal dak l-għan u soġġetti għall-proċeduri interni ta' kull Parti, il-Koordinaturi tal-kapitolu dwar l-OTK għandu jkollhom, b'mod partikolari, ir-responsabbiltajiet li ġejjin:

(a) li jimmonitorjaw l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni ta' dan il-Kapitolu, li jindirizzaw fil-pront kwalunkwe kwistjoni li xi Parti tqajjem b'rabta mal-iżvilupp, mal-adozzjoni, mal-applikazzjoni jew mal-infurzar ta' regolamenti tekniċi, ta' standards u ta' proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, u meta jintalbu minn xi waħda mill-Partijiet, li jikkonsultaw fuq kwalunkwe kwistjoni li tinqala' b'rabta ma' dan il-Kapitolu;

(b) itejbu l-kooperazzjoni fl-iżvilupp u fit-titjib tar-regolamenti tekniċi, tal-istandards u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità;

(c) jorganizzaw id-diskussjonijiet jew il-konsultazzjonijiet tekniċi msemmijin fl-Artikolu 9.11 (Diskussjonijiet u konsultazzjonijiet tekniċi);

(d) jorganizzaw l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma ([24]), meta rilevanti; u

(e) jiskambjaw informazzjoni dwar żviluppi f'fora mhux governattivi, reġjonali u multilaterali relatati mar-regolamenti tekniċi, mal-istandards u mal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità.

3. Il-Koordinaturi tal-kapitolu dwar l-OTK għandhom jikkomunikaw ma' xulxin bi kwalunkwe metodu miftiehem li jkun xieraq sabiex iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom.

KAPITOLU 10

Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Taqsima A

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 10.1

Objettivi

1. Il-Partijiet, filwaqt li jaffermaw l-impenn tagħhom li joħolqu klima aħjar għall-iżvilupp tal-kummerċ u tal-investiment bejniethom, b'dan jistabbilixxu l-arranġamenti neċessarji għal-liberalizzazzjoni reċiproka progressiva tal-kummerċ fis-servizzi u fl-investiment.

([24]) Għal ċertezza akbar, l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma bħala tali jista' jiġi deċiż biss mill-Kumitat għall-Kummerċ skont il-punt (a) tal-Artikolu 24.2(2) (Funzjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ).

2. Il-Partijiet itennu d-dritt ta' kull Parti li tirregola fit-territorji tagħha sabiex tilħaq objettivi ta' politika leġittimi, bħall-protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, tas-servizzi soċjali, tal-edukazzjoni pubblika, tas-sikurezza, tal-ambjent, inklużi t-tibdil fil-klima, il-morali pubbliċi, il-protezzjoni soċjali jew tal-konsumatur, it-trattament xieraq tal-annimali, il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*, il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali u, fil-każ ta' New Zealand, il-promozzjoni jew il-protezzjoni tad-drittijiet, tal-interessi, tad-dmirijiet u tar-responsabbiltajiet tal-Māori.

Artikolu 10.2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal miżuri li jaffettwaw persuni fiżiċi ta' Parti li jfittxu aċċess għas-suq tax-xogħol tal-Parti l-oħra, u lanqas għal miżuri rigward in-nazzjonalità jew iċ-ċittadinanza, ir-residenza jew l-impjieg fuq bażi permanenti.

2. Dan il-Kapitolu ma għandux jimpedixxi lil Parti milli tapplika miżuri sabiex tirregola d-dħul ta' persuni fiżiċi fit-territorju tagħha, jew is-soġġorn temporanju tagħhom fit-territorju tagħha, inkluż dawk il-miżuri li huma neċessarji sabiex tiġi protetta l-integrità tal-fruntieri tagħha u sabiex jiġi żgurat il-moviment ordnat ta' persuni fiżiċi bejn il-fruntieri, dment li tali miżuri ma jiġux applikati b'tali mod li jxejnu jew ifixklu l-benefiċċji dovuti lill-Parti l-oħra skont dan il-Kapitolu ([25]).

3. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

(a) servizzi tal-ajru jew servizzi relatati b'appoġġ għas-servizzi tal-ajru ([26]), għajr dawn li ġejjin:

(i) servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru;

(ii) servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni (computer reservation system, "CRS");

(iii) servizzi fuq l-art;

(iv) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi tat-trasport bl-ajru; u

(v) is-servizzi li ġejjin ipprovduti bl-użu ta' inġenju tal-ajru bl-ekwipaġġ, li l-għan primarju tagħhom ma jkunx it-trasport ta' oġġetti jew ta' passiġġieri: tifi tan-nar mill-ajru; titjiriet ta' taħriġ; sprejjar; stħarriġ; immappjar; fotografija; servizzi ta' avventura tal-avjazzjoni ([27]); u servizzi agrikoli, industrijali u ta' spezzjoni oħrajn bl-ajru;

(b) servizzi awdjoviżivi; u

(c) kabotaġġ marittimu nazzjonali ([28]).

([25]) Il-fatt uniku ta' ħtieġa ta' viża għall-persuni fiżiċi ta' ċerti pajjiżi u mhux għal dawk ta' oħrajn ma għandux jiġi kkunsidrat bħala wieħed li jxejjen jew jindebolixxi l-benefiċċji skont dan il-Kapitolu.

([26]) Għal ċertezza akbar, is-servizzi tal-ajru jew is-servizzi relatati b'appoġġ għas-servizzi tal-ajru jinkludu s-servizzi li ġejjin: it-trasport bl-ajru; servizzi pprovduti bl-użu ta' inġenju tal-ajru li l-iskop primarju tiegħu ma jkunx it-trasport ta' prodotti jew ta' passiġġieri, bħal tifi tan-nar mill-ajru, titjiriet ta' taħriġ, ġiti għall-veduti, sprejjar, stħarriġ, immappjar, fotografija, qbiż bil-paraxut, irmonkar tal-gliders, irfigħ bil-ħelikopter għall-qtugħ tas-siġar għall-injam u għall-kostruzzjoni, u servizzi agrikoli, industrijali u ta' spezzjoni oħrajn li jsiru fl-ajru; il-kiri ta' inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ; u servizzi ta' tħaddim tal-ajruporti.

([27]) Għal ċertezza akbar, is-servizzi ta' avventura tal-avjazzjoni huma servizzi pprovduti bl-użu ta' inġenju tal-ajru bl-ekwipaġġ li fihom l-utenti jwettqu operazzjoni mill-ajru għall-finijiet ta' sport jew ta' rikreazzjoni, bħal rikba f'inġenju tal-ajru eks militari, *replica* jew storiku, rikbiet fi blalen tal-arja, jew rikbiet ajrubatiċi.

([28]) Mingħajr preġudizzju għall-ambitu tal-attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala kabotaġġ skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, it-terminu il-kabotaġġ marittimu nazzjonali jkopri:

(i) Għall-Unjoni, it-trasport ta' passiġġieri jew ta' oġġetti bejn port jew punt li jinsab fi Stat Membru u port jew punt ieħor li jinsab f'dak l-istess Stat Membru, inkluż fuq il-blata kontinentali tiegħu, kif previst fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar, magħmula f'Montego Bay fl-10 ta' Diċembru 1982 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "UNCLOS"), u traffiku li joriġina u jittermina fl-istess port jew punt li jinsab fi Stat Membru;

(ii) Għal New Zealand, il-ġarr bil-baħar ta' passiġġieri jew ta' merkanzija bejn port jew punt li jinsab fi New Zealand u port jew punt ieħor li jinsab fi New Zealand, u t-traffiku li joriġina u jittermina fl-istess port jew punt li jinsab fi New Zealand. Għal ċertezza akbar, is-servizzi sussidjarji, kif definiti fil-punt (d) tal-Artikolu 10.70(2) (Ambitu u definizzjonijiet), u l-pożizzjonament mill-ġdid ta' kontejners vojta, li ma jinġarrux bħala merkanzija bi ħlas, ma għandhomx jitqiesu bħala kabotaġġ marittimu nazzjonali għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu.

Artikolu 10.3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "attività mwettqa fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva" tfisser kwalunkwe attività li titwettaq, inkluż kwalunkwe servizz li jiġi fornit, la fuq bażi kummerċjali u lanqas f'kompetizzjoni ma' operatur ekonomiku wieħed jew aktar;

(b) "servizzi ta' tiswija u ta' manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru" tfisser tali attivitajiet meta jitwettqu fuq inġenju tal-ajru jew fuq parti minnu waqt li jkun irtirat mis-servizz, u ma tinkludix manutenzjoni bil-linja;

(c) "servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni (CRS)" tfisser servizzi pprovduti b'sistemi kompjuterizzati li fihom informazzjoni dwar l-iskedi tat-trasportatur tal-ajru, id-disponibbiltà, in-nollijiet u r-regoli dwar in-nollijiet, li bihom jistgħu jsiru l-prenotazzjonijiet jew jinħarġu l-biljetti;

(d) "intrapriża koperta" tfisser intrapriża fit-territorju ta' Parti stabbilita f'konformità mal-punt (g), b'mod dirett jew indirett, minn investitur tal-Parti l-oħra, f'konformità mal-liġi applikabbli, eżistenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jew stabbilita wara;

(e) "kummerċ transfruntier fis-servizzi" tfisser il-provvista ta' servizz:

(i) mit-territorju ta' Parti għat-territorju tal-Parti l-oħra; jew

(ii) fit-territorju ta' Parti lill-konsumatur tas-servizz tal-Parti l-oħra;

(f) "attività ekonomika" tfisser kwalunkwe attività ta' natura industrijali, kummerċjali jew professjonali jew kwalunkwe attività ta' persuna tas-sengħa, inkluż il-provvista ta' servizzi, ħlief għal attivita mwettqa fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva;

(g) "stabbiliment" tfisser l-istabbiliment jew l-akkwist ta' persuna ġuridika, inkluż permezz ta' parteċipazzjoni kapitali, jew permezz tal-ħolqien ta' fergħa jew ta' uffiċċju rappreżentattiv f'Parti, bl-għan li jinħolqu jew jinżammu rabtiet ekonomiċi dejjiema;

(h) rappreżentanza tal-linji tal-ajru; amministrazzjoni u superviżjoni; immaniġġjar tal-passiġġieri; immaniġġjar tal-bagalji; servizzi fir-rampa; catering; ġarr ta' merkanzija bl-ajru u mmaniġġjar tal-posta; riforniment ta' inġenji tal-ajru; servizzjar u tindif tal-inġenji tal-ajru; trasport bis-superfiċje; u operazzjonijiet ta' titjir, l-amministrazzjoni tal-ekwipaġġ u l-ippjanar tat-titjiriet. It-terminu "is-servizzi fuq l-art" ma jinkludix: l-awtofornitura ta' servizz; is-sigurtà; it-tiswija u l-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru; jew il-ġestjoni jew l-operat tal-infrastruttura ċentralizzata essenzjali tal-ajruport, bħal faċilitajiet ta' tneħħija tas-silġ, sistemi ta' distribuzzjoni tal-fjuwil, sistemi ta' mmaniġġjar tal-bagalji u sistemi fissi tat-trasport bejn l-ajruporti; "servizzi fuq l-art" tfisser il-provvista f'ajruport, fuq bażi ta' tariffi jew kuntrattwali, tas-servizzi li ġejjin:

(i) "investitur ta' Parti" tfisser persuna fiżika ta' Parti jew persuna ġuridika ta' Parti, inkluża Parti li tfittex li tistabbilixxi, qiegħda tistabbilixxi jew li tkun stabbiliet intrapriża f'konformità mal-punt (g), fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(j) "persuna ġuridika ta' Parti" tfisser ([29]):

(i) għall-Unjoni:

(A) persuna ġuridika kostitwita jew organizzata skont id-dritt tal-Unjoni jew ta' mill-inqas wieħed mill-Istati Membri u involuta f'operazzjonijiet sostantivi ta' negozju ([30]) fl-Unjoni; u

(B) kumpaniji tat-tbaħħir stabbiliti barra mill-Unjoni, u kkontrollati minn persuni fiżiċi ta' Stat Membru, li l-bastimenti tagħhom ikunu rreġistrati fi Stat Membru, u jtajru l-bandiera tiegħu;

(ii) għal New Zealand:

(A) persuna ġuridika kostitwita jew organizzata skont id-dritt ta' New Zealand u involuta f'operazzjonijiet sostantivi ta' negozju fi New Zealand; u

([29]) Għal ċertezza akbar, il-kumpaniji marittimi msemmijin f'dan il-punt jitqiesu biss bħala persuni ġuridiċi ta' Parti fir-rigward tal-attivitajiet tagħhom relatati mal-provvista ta' servizzi tat-trasport marittimu.

([30]) Bi qbil man-notifika tagħha tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea lid-WTO (WT/REG39/1), l-Unjoni tifhem li l-kunċett ta' "rabta effettiva u kontinwa" mal-ekonomija ta' Stat Membru tal-Unjoni mnaqqax fl-Artikolu 54 tat-TFUE huwa ekwivalenti għall-kunċett ta' "operazzjonijiet kummerċjali sostantivi".

(B) kumpaniji tat-tbaħħir stabbiliti barra minn New Zealand, u kkontrollati minn persuni fiżiċi ta' New Zealand, li l-bastimenti tagħhom ikunu rreġistrati fi New Zealand, u jtajru l-bandiera tagħha;

(k) "operazzjoni" tfisser it-twettiq, il-ġestjoni, il-manutenzjoni, l-użu, it-tgawdija jew il-bejgħ jew forma oħra ta' disponiment ta' intrapriża;

(l) "il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru" tfisser l-opportunitajiet li t-trasportatur tal-ajru kkonċernat liberament ibigħ jew jikkummerċjalizza s-servizzi tat-trasport bl-ajru tiegħu inklużi l-aspetti kollha tal-kummerċjalizzazzjoni bħar-riċerka dwar is-suq, ir-reklamar u d-distribuzzjoni, iżda mhux l-ipprezzar tas-servizzi tat-trasport bl-ajru jew il-kundizzjonijiet applikabbli;

(m) "servizz" tfisser kwalunkwe servizz fi kwalunkwe settur, għajr is-servizzi pprovduti fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva; u

(n) "fornitur ta' servizz" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tfittex li tipprovdi jew fil-fatt tipprovdi servizz.

Taqsima B

Liberalizzazzjoni tal-investiment

Artikolu 10.4

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din it-Taqsima tapplika għall-miżuri ta' Parti li jaffettwaw l-istabbiliment jew l-operat għat-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi minn:

(a) investituri tal-Parti l-oħra;

(b) impriżi koperti; u

(c) għall-finijiet tal-Artikolu 10.9 (Rekwiżiti tal-prestazzjoni), kwalunkwe impriża fit-territorju tal-Parti li tadotta jew iżżomm il-miżura.

2. Din it-Taqsima ma tapplikax għal kwalunkwe miżura ta' Parti fir-rigward tal-akkwist pubbliku ta' merkanzija jew ta' servizzi mixtrijin għal skopijiet governattivi, u mhux bl-għan ta' bejgħ kummerċjali mill-ġdid jew bl-għan ta' użu fil-forniment ta' oġġett jew ta' servizz għall-bejgħ kummerċjali, kemm jekk l-akkwist ikun "akkwist kopert" fis-sens tal-Artikolu 14.1(4) (Inkorporazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-GPA) kif ukoll jekk le.

3. L-Artikoli 10.5 (Aċċess għas-suq), 10.6 (Trattament nazzjonali), 10.7 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) u 10.8 (Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi) ma japplikawx għal sussidji jew għal għotjiet ipprovduti mill-Partijiet, inklużi self appoġġat mill-gvern, garanziji u assigurazzjoni.

Artikolu 10.5

Aċċess għas-suq

Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm, fir-rigward tal-aċċess għas-suq permezz ta' stabbiliment jew operazzjoni minn investitur tal-Parti l-oħra jew minn intrapriża koperta, jew fuq il-bażi tat-territorju sħiħ tagħha jew fuq il-bażi ta' suddiviżjoni territorjali, miżuri li:

(a) jimponu limitazzjonijiet fuq ([31]):

(i) in-numru ta' impriżi li jistgħu jwettqu attività ekonomika speċifika, kemm jekk fil-forma ta' kwoti numeriċi, ta' monopolji, ta' drittijiet esklużivi jew tar-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(ii) il-valur totali ta' tranżazzjonijiet jew ta' assi fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

([31]) Il-punti (a)(i), (a)(ii) u (a)(iii) ma jkoprux miżuri meħudin sabiex tiġi limitata l-produzzjoni ta' prodott agrikolu jew tas-sajd.

(iii) in-numru totali ta' operazzjonijiet jew il-kwantità totali ta' produzzjoni mfissra f'termini ta' unitajiet numeriċi ddeżinjati fil-forma ta' kwoti jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(iv) il-parteċipazzjoni ta' kapital barrani f'termini ta' limitu perċentwali massimu fuq parteċipazzjoni azzjonarja barranija jew fuq il-valur totali ta' investiment barrani individwali jew aggregat; jew

(v) in-numru totali ta' persuni fiżiċi li jistgħu jiġu impjegati f'settur partikolari jew li impriża tista' timpjega u li jkunu meħtieġa għat-twettiq ta' attività ekonomika, u direttament relatati magħha, fil-forma ta' kwoti numeriċi jew tar-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi; jew

(b) ir-restrizzjoni jew il-ħtieġa ta' tipi speċifiċi ta' entitajiet ġuridiċi jew ta' impriżi konġunti li permezz tagħhom investitur tal-Parti l-oħra jkun jista' jwettaq attività ekonomika.

Artikolu 10.6

Trattament nazzjonali

Kull Parti għandha tagħti lill-investituri tal-Parti l-oħra u lill-impriżi koperti trattament xejn anqas favorevoli minn dak li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-investituri tagħha stess u lill-impriżi tagħhom, fir-rigward tal-istabbiliment u tal-operat fit-territorju tagħha.

Artikolu 10.7

Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit

1. Kull Parti għandha tagħti lill-investituri tal-Parti l-oħra u lill-impriżi koperti trattament xejn anqas favorevoli minn dak li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-investituri ta' pajjiż terz u lill-impriżi tagħhom, fir-rigward tal-istabbiliment u tal-operat fit-territorju tagħha.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jiġi interpretat bħala li jobbliga lil Parti testendi lill-investituri tal-Parti l-oħra jew lill-intrapriżi koperti l-benefiċċju ta' kwalunkwe trattament li jirriżulta minn ftehim jew arranġament eżistenti jew futur li jipprevedi r-rikonoxximent tal-kwalifiki, tal-liċenzji jew tal-miżuri prudenzjali kif imsemmijin fl-Artikolu VII tal-GATS jew fil-paragrafu 3 tal-Anness dwar is-Servizzi Finanzjarji tal-GATS.

3. Għal ċertezza akbar, it-"trattament" imsemmi fil-paragrafu 1 ma jinkludix proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim previsti fi ftehimiet internazzjonali oħrajn.

4. Għal ċertezza akbar, id-dispożizzjonijiet sostantivi fi ftehimiet internazzjonali oħrajn konklużi minn Parti ma' pajjiż terz minnhom infushom ma jikkostitwixxux it-"trattament" imsemmi fil-paragrafu 1. Il-miżuri ta' Parti skont dawk id-dispożizzjonijiet jistgħu jikkostitwixxu tali trattament u b'hekk iwasslu għal ksur ta' dan l-Artikolu. Is-sempliċi traspożizzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet fil-liġi domestika, sa fejn ikun neċessarju sabiex jiġu inkorporati fl-ordinament ġuridiku domestiku, minnha nnifisha ma tikkwalifikax bħala t-"trattament" imsemmi fil-paragrafu 1.

Artikolu 10.8

Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Parti ma għandhiex teħtieġ li intrapriża koperta taħtar persuni fiżiċi ta' xi nazzjonalità partikolari fil-karigi tal-maniġment superjuri jew bħala membri tal-bord tad-diretturi.

Artikolu 10.9

Rekwiżiti tal-prestazzjoni

1. Parti ma għandhiex timponi jew tinforza xi rekwiżit jew tinforza xi impenn jew impriża, b'rabta mal-istabbiliment jew mal-operat ta' kwalunkwe intrapriża fit-territorju tagħha:

(a) sabiex tesporta ċertu livell jew perċentwal ta' oġġetti jew ta' servizzi;

(b) sabiex tikseb ċertu livell jew perċentwal ta' kontenut domestiku;

(c) sabiex tixtri, tuża jew tagħti preferenza lil oġġetti mmanifatturati jew għal servizzi fornuti fit-territorju tagħha, jew sabiex tixtri oġġetti jew servizzi mingħand persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew mingħand kwalunkwe entità oħra fit-territorju tagħha;

(d) sabiex tirrelata b'xi mod bejn il-volum jew il-valur tal-importazzjonijiet mal-volum jew mal-valur tal-esportazzjonijiet jew mal-ammont relatat mad-dħul tal-munita barranija assoċjati mal-intrapriża;

(e) sabiex tirrestrinġi l-bejgħ ta' oġġetti jew ta' servizzi fit-territorju tagħha li l-intrapriża tipproduċi jew tforni, billi tirrelata tali bejgħ bi kwalunkwe mod mal-volum jew mal-valur tal-esportazzjonijiet jew tal-influssi ta' muniti barranin tagħha;

(f) sabiex tittrasferixxi teknoloġija, proċess tal-produzzjoni jew għarfien proprjetarju ieħor lil persuna fiżika jew ġuridika jew lil kwalunkwe entità oħra fit-territorju tagħha;

(g) sabiex tforni esklużivament mit-territorju ta' dik il-Parti oġġett manifatturat jew servizz ipprovdut mill-intrapriża lil suq reġjonali jew globali speċifiku;

(h) sabiex tistabbilixxi l-kwartieri ġenerali għal reġjun speċifiku jew għas-suq dinji fit-territorju tagħha;

(i) sabiex timpjega numru jew perċentwal partikolari ta' persuni fiżiċi ta' dik il-Parti;

(j) sabiex tikseb livell jew valur partikolari ta' riċerka u ta' żvilupp fit-territorju tagħha;

(k) sabiex tirrestrinġi l-esportazzjoni jew il-bejgħ għall-esportazzjoni; jew

(l) fir-rigward ta' kwalunkwe kuntratt ta' liċenzja ([32]) li jkun jeżisti fil-mument meta jiġi impost jew infurzat ir-rekwiżit, jew meta kwalunkwe impenn jew impriża tiġi infurzata, jew fir-rigward ta' kwalunkwe kuntratt ta' liċenzja futur iffirmat liberament bejn l-impriża u persuna fiżika jew persuna ġuridika jew kwalunkwe entità oħra fit-territorju tagħha, jekk ir-rekwiżit ikun impost jew infurzat jew l-impenn jew l-impriża tiġi infurzata, b'mod li jikkostitwixxi interferenza diretta ma' tali kuntratt ta' liċenzja b'eżerċizzju ta' awtorità governattiva mhux ġudizzjarja ta' Parti ([33]), sabiex tadotta:

   (i) rata jew ammont partikolari ta' royalty skont kuntratt ta' liċenzja; jew

   (ii) durata partikolari tat-terminu ta' kuntratt ta' liċenzja.

2. Parti ma għandhiex torbot ir-riċezzjoni, jew l-issoktar tar-riċezzjoni ta' vantaġġ ([34]), b'rabta mal-istabbiliment jew mal-operat ta' intrapriża fit-territorju tagħha, għall-konformità ma' kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) li tikseb ċertu livell jew perċentwal ta' kontenut domestiku;

(b) li tixtri, tuża jew tagħti preferenza lil oġġetti mmanifatturati jew għal servizzi forniti fit-territorju tagħha, jew li tixtri oġġetti jew servizzi mingħand persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew mingħand kwalunkwe entità oħra fit-territorju tagħha;

(c) li toħloq relazzjoni b'xi mod bejn il-volum jew il-valur tal-importazzjonijiet mal-volum jew mal-valur tal-esportazzjonijiet jew mal-ammont relatat mad-dħul tal-munita barranija assoċjati mal-intrapriża;

(d) li tirrestrinġi l-bejgħ ta' oġġetti jew ta' servizzi fit-territorju tagħha li l-intrapriża tipproduċi jew tforni billi tirrelata tali bejgħ bi kwalunkwe mod mal-volum jew mal-valur tal-esportazzjonijiet jew tal-influssi ta' muniti barranin tagħha; jew

(e) li tirrestrinġi l-esportazzjoni jew il-bejgħ għall-esportazzjoni.

([32]) It-terminu "Kuntratt ta' liċenzja" tfisser kwalunkwe kuntratt li jikkonċerna l-liċenzjar ta' teknoloġija, ta' proċess tal-produzzjoni, jew ta' għarfien proprjetarju ieħor.

([33]) Għal ċertezza akbar, il-punt (l) ma japplikax meta l-kuntratt ta' liċenzja jiġi konkluż bejn l-intrapriża u l-Parti.

([34]) Għal ċertezza akbar, kundizzjoni għar-riċezzjoni jew għar-riċezzjoni ssoktata ta' vantaġġ imsemmi fil-paragrafu 2 ma tikkostitwixxix rekwżit jew impenn jew impriża għall-fini tal-paragrafu 1.

3. Il-paragrafu 2 ma għandux jiġi interpretat fis-sens li jimpedixxi lil Parti milli torbot ir-riċezzjoni jew l-issoktar tar-riċezzjoni ta' vantaġġ, b'konnessjoni mal-istabbiliment jew mal-operat ta' kwalunkwe intrapriża fit-territorju tagħha, mal-konformità ma' rekwiżit li l-produzzjoni, il-forniment ta' servizz, it-taħriġ jew ir-reklutaġġ tal-ħaddiema, il-bini jew l-espansjoni ta' faċilitajiet partikolari, jew it-twettiq ta' riċerka u ta' żvilupp, isiru fit-territorju tagħha.

4. Il-punti (f) u (l) tal-paragrafu 1 ma japplikawx meta:

(a) ir-rekwiżit jiġi impost jew infurzat, jew l-impenn jew l-impriża tiġi infurzata, minn qorti, minn tribunal amministrattiv jew minn awtorità tal-kompetizzjoni, skont il-liġi tal-kompetizzjoni ta' Parti, għall-prevenzjoni jew għar-rimedjar ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni; jew

(b) Parti tawtorizza l-użu ta' dritt ta' proprjetà intellettwali f'konformità mal-Artikolu 31 jew 31*bis* tal-Ftehim TRIPS, jew tadotta jew iżżomm miżuri li jeħtieġu d-divulgazzjoni ta' *data* jew ta' informazzjoni proprjetarja oħra li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Ftehim TRIPS u li huma konsistenti miegħu.

5. Il-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 u l-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 ma japplikawx għar-rekwiżiti ta' kwalifika għal oġġetti jew għal servizzi fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-promozzjoni tal-esportazzjoni u fi programmi ta' għajnuna barranija.

6. Il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 ma japplikawx għar-rekwiżiti imposti minn Parti li timporta rigward il-kontenut ta' oġġetti neċessarji għall-kwalifika għal tariffi preferenzjali jew għal kwoti preferenzjali.

7. Il-punt (l) tal-paragrafu 1 ma japplikax jekk ir-rekwiżit jiġi impost jew infurzat, jew l-impenn jew l-impriża tiġi infurzata, minn tribunal bħala remunerazzjoni ekwitabbli skont il-liġijiet tal-Parti dwar id-dritt tal-awtur.

8. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' Parti skont il-Ftehim tad-WTO.

9. Għal ċertezza akbar, il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal xi impenn, impriża jew rekwiżit għajr dawk stabbiliti f'dawk il-paragrafi ([35]).

10. Dan l-Artikolu ma japplikax għall-istabbiliment jew għall-operat ta' fornitur ta' servizzi finanzjarji.

11. Fir-rigward tar-rekwiżiti tal-prestazzjoni relatati mal-forniturи ta' servizzi finanzjarji, il-Partijiet għandhom jinnegozjaw dixxiplini dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment jew tal-operat ta' fornitur ta' servizzi finanzjarji.

12. Fi żmien 180 jum mid-data tan-negozjar b'suċċess mill-Partijiet tad-dixxiplini tar-rekwiżiti tal-prestazzjoni skont il-paragrafu 11 ta' dan l-Artikolu, il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jemenda l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu permezz ta' deċiżjoni li jintegra dawk id-dixxiplini tar-rekwiżit tal-prestazzjoni f'dan l-Artikolu u jista' jemenda, kif xieraq, il-miżuri mhux konformi ta' kull Parti fl-Anness 10-A (Miżuri eżistenti) u fl-Anness 10-B (Miżuri futuri). Imbagħad, dan l-Artikolu għandu japplika għall-istabbiliment u għall-operat ta' fornitur ta' servizzi finanzjarji.

Artikolu 10.10

Miżuri mhux konformi

1. L-Artikoli 10.5 (Aċċess għas-suq), 10.6 (Trattament nazzjonali), 10.7 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit), 10.8 (Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi) u 10.9 (Rekwiżiti tal-prestazzjoni), ma japplikawx għal:

(a) kwalunkwe miżura mhux konformi eżistenti ta' Parti fil-livell ta':

(i) għall-Unjoni:

(A) l-Unjoni, kif speċifikati fl-Iskeda tal-Unjoni fl-Anness 10-A (Miżuri eżistenti);

([35]) Għal ċertezza akbar, dan l-Artikolu ma għandux jiġi interpretat bħala li jirrikjedi li Parti tippermetti li servizz partikolari jiġi pprovdut fuq bażi transfruntiera jekk dik il-Parti tadotta jew iżżomm restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet fuq il-forniment ta' dak is-servizz li jkunu konsistenti mar-riżervi tagħha fl-Anness 10-A (Miżuri eżistenti) jew fl-Anness 10-B (Miżuri futuri).

(B) il-gvern ċentrali ta' Stat Membru, kif speċifikati fl-Iskeda tal-Unjoni fl-Anness 10-A (Miżuri eżistenti);

(C) gvern reġjonali ta' Stat Membru, kif speċifikati fl-Iskeda tal-Unjoni fl-Anness 10-A (Miżuri eżistenti); jew

(D) gvern lokali, minbarra dawk imsemmijin fil-punt (C); u

(ii) għal New Zealand:

(A) il-gvern ċentrali, kif speċifikati fl-Iskeda ta' New Zealand fl-Anness 10-A (Miżuri eżistenti); jew

(B) gvern lokali;

(b) l-issoktar jew it-tiġdid fil-pront ta' kwalunkwe miżura eżistenti mhux konformi msemmija fil-punt (a); jew

(c) modifika ta' kwalunkwe miżura eżistenti mhux konformi, jew emenda tagħha, imsemmija fil-punti (a) u (b), sal-punt li ma tonqosx il-konformità ta' tali miżura, hekk kif kienet teżisti immedjatament qabel il-modifika jew l-emenda, mal-Artikolu 10.5 (Aċċess għas-suq), 10.6 (Trattament nazzjonali), 10.7 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit), 10.8 (Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi) jew 10.9 (Rekwiżiti tal-prestazzjoni).

2. L-Artikoli 10.5 (Aċċess għas-suq), 10.6 (Trattament nazzjonali), 10.7 (Trattament tal-aktar nazzjon iffavorit), 10.8 (Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi) u 10.9 (Rekwiżiti tal-prestazzjoni) ma għandomx japplikaw għal miżura ta' Parti fir-rigward ta' setturi, ta' subsetturi jew ta' attivitajiet speċifikati fl-Iskeda tagħha fl-Anness 10-B (Miżuri futuri).

3. Parti ma għandhiex titlob, permezz ta' kwalunkwe miżura adottata wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u koperta mill-Iskeda tagħha fl-Anness 10-B (Miżuri futuri), lil investitur tal-Parti l-oħra, minħabba n-nazzjonalità tiegħu, ibigħ jew jiddisponi b'xi mod ieħor minn investiment li jkun jeżisti fiż-żmien li fih il-miżura ssir effettiva.

4. L-Artikoli 10.6 (Trattament nazzjonali) u 10.7 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) ma japplikaw għall-ebda miżura li tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-Artikolu 3 jew l-Artikolu 4 tal-Ftehim TRIPS, jew deroga minnu, kif speċifikament previst fl-Artikoli 3 sa 5 ta' dak il-Ftehim.

Artikolu 10.11

Rekwiżiti ta' informazzjoni

Minkejja l-Artikoli 10.6 (Trattament nazzjonali) u 10.7 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit), Parti tista' titlob lil investitur tal-Parti l-oħra jew lill-intrapriża koperta tagħha jipprovdi informazzjoni dwar dik l-intrapriża koperta biss għal finijiet ta' informazzjoni jew statistiċi. Il-Parti għandha tipproteġi tali informazzjoni li tkun kunfidenzjali minn kull divulgazzjoni li tkun tippreġudika l-pożizzjoni kompetittiva tal-investitur jew tal-intrapriża kopert. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jiġi interpretat li jipprevjeni lil Parti milli tikseb jew tiddivulga informazzjoni b'mod ieħor b'rabta mal-applikazzjoni ekwa tal-liġi tagħha *bona fide*.

Artikolu 10.12

Tiċħid tal-benefiċċji

Parti tista' ċċaħħad il-benefiċċji ta' din it-Taqsima lil investitur tal-Parti l-oħra jew lil intrapriża koperta jekk il-Parti li ċċaħħad tadotta jew iżżomm miżuri relatati maż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali, inkluża l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, li:

(a) jipprojbixxu tranżazzjonijiet ma' dak l-investitur jew ma' dik l-intrapriża koperta; jew

(b) jinkisru jew ikunu evitati jekk il-benefiċċji ta' din it-Taqsima jingħataw lil dak l-investitur jew lil dik l-intrapriża koperta, inkluż meta l-miżuri jipprojbixxu tranżazzjonijiet ma' persuna fiżika jew ġuridika li jkollha s-sjieda jew tikkontrolla l-investitur jew l-intrapriża koperta.

Taqsima C

Kummerċ transfruntier fis-servizzi

Artikolu 10.13

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din it-Taqsima tapplika għal miżuri ta' Parti li jaffettwaw il-kummerċ transfruntier fis-servizzi minn fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra.

2. Din it-Taqsima ma tapplikax għal:

(a) kwalunkwe miżura ta' Parti fir-rigward tal-akkwist pubbliku ta' merkanzija jew ta' servizzi mixtrijin għal skopijiet governattivi, u mhux bl-għan ta' bejgħ kummerċjali mill-ġdid jew bl-għan ta' użu fil-forniment ta' oġġett jew ta' servizz għall-bejgħ kummerċjali, kemm jekk l-akkwist ikun "akkwist kopert" fis-sens tal-Artikolu 14.1(4) (Inkorporazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-GPA) kif ukoll jekk le; jew

(b) sussidji jew għotjiet ipprovduti mill-Partijiet, inklużi self appoġġat mill-gvern, garanziji u assigurazzjoni.

Artikolu 10.14

Aċċess għas-suq

Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm, la fuq il-bażi tat-territorju kollu tagħha u lanqas fuq il-bażi ta' suddiviżjoni territorjali, miżura li:

(a) timponi limitazzjonijiet fuq:

(i) in-numru ta' fornituri ta' servizzi, kemm jekk fil-forma ta' kwoti numeriċi, ta' monopolji, ta' fornituri ta' servizzi esklużivi jew tar-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(ii) il-valur totali ta' tranżazzjonijiet jew ta' assi tas-servizzi fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi; jew

(iii) in-numru totali ta' operazzjonijiet ta' servizzi jew il-kwantità totali ta' produzzjoni tas-servizz imfissra f'termini ta' unitajiet numeriċi ddeżinjati fil-forma ta' kwoti jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi; jew

(b) tirrestrinġi jew tirrikjedi tipi speċifiċi ta' entità ġuridika jew ta' impriża konġunta li permezz tagħha fornitur ta' servizz jista' jforni servizz.

Artikolu 10.15

Preżenza lokali

Parti ma għandhiex teħtieġ li fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra jistabbilixxi jew iżomm uffiċċju rappreżentattiv jew kwalunkwe forma ta' intrapriża, jew li jkun residenti, fit-territorju tagħha bħala kundizzjoni għall-kummerċ transfruntier fis-servizzi.

Artikolu 10.16

Trattament nazzjonali

1. Kull Parti għandha tagħti lis-servizzi u lill-fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra trattament xejn anqas favorevoli minn dak li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lis-servizzi u lill-fornituri ta' servizzi tagħha stess ([36]).

([36]) Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jiġi interpretat li jeħtieġ li xi Parti tikkumpensa għal kwalunkwe żvantaġġ kompetittiv inerenti li jirriżulta mill-karattru barrani tas-servizzi rilevanti jew tal-fornituri rilevanti ta' servizzi.

2. Parti tista' tissodisfa r-rekwiżit tal-paragrafu 1 billi tagħti lis-servizzi u lill-forniturі ta' servizzi tal-Parti l-oħra, trattament formalment identiku jew trattament formalment differenti għal dak li tagħti lis-servizzi u lill-forniturі ta' servizzi tagħha stess.

3. Trattament formalment identiku jew trattament formalment differenti għandu jitqies bħala anqas favorevoli jekk jimmodifika l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni favur is-servizzi jew il-forniturі ta' servizzi tal-Parti meta mqabblin ma' servizzi jew ma' forniturі ta' servizzi tal-Parti l-oħra.

Artikolu 10.17

Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit

1. Kull Parti għandha tagħti lis-servizzi u lill-forniturі ta' servizzi tal-Parti l-oħra trattament xejn anqas favorevoli minn dak li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lis-servizzi u lill-forniturі ta' servizzi ta' pajjiż terz.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jiġi interpretat bħala li jobbliga lil Parti testendi għas-servizzi u għall-forniturі ta' servizzi tal-Parti l-oħra l-benefiċċju ta' kwalunkwe trattament li jirriżulta minn ftehim jew arranġament eżistenti jew futur li jipprevedi r-rikonoxximent tal-kwalifiki jew tal-liċenzji jew tal-miżuri prudenzjali kif imsemmijin fl-Artikolu VII tal-GATS jew fil-paragrafu 3 tal-Anness dwar is-Servizzi Finanzjarji tal-GATS.

3. Għal ċertezza akbar, id-dispożizzjonijiet sostantivi fi ftehimiet internazzjonali oħrajn konklużi minn Parti ma' pajjiż terz minnhom infushom ma jikkostitwixxux it-"trattament" imsemmi fil-paragrafu 1. Il-miżuri ta' Parti skont dawk id-dispożizzjonijiet jistgħu jikkostitwixxu tali trattament u b'hekk iwasslu għal ksur ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 10.18

Miżuri mhux konformi

1. L-Artikoli 10.14 (Aċċess għas-suq), 10.15 (Preżenza lokali), 10.16 (Trattament nazzjonali) u 10.17 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) ma japplikawx għal:

(a) kwalunkwe miżura mhux konformi eżistenti ta' Parti fil-livell ta':

(i) għall-Unjoni:

(A) l-Unjoni, kif speċifikati fl-Iskeda tal-Unjoni fl-Anness 10-A (Miżuri eżistenti);

(B) il-gvern ċentrali ta' Stat Membru, kif speċifikati fl-Iskeda tal-Unjoni fl-Anness 10-A (Miżuri eżistenti);

(C) gvern reġjonali ta' Stat Membru, kif speċifikati fl-Iskeda tal-Unjoni fl-Anness 10-A (Miżuri eżistenti); jew

(D) gvern lokali, minbarra dawk imsemmijin fil-punt (C); u

(ii) għal New Zealand:

(A) il-gvern ċentrali, kif speċifikati fl-Iskeda ta' New Zealand fl-Anness 10-A (Miżuri eżistenti); jew

(B) gvern lokali;

(b) l-issoktar jew it-tiġdid fil-pront ta' kwalunkwe miżura eżistenti mhux konformi msemmija fil-punt (a); jew

(c) modifika ta', jew emenda għal, kwalunkwe miżura eżistenti mhux konformi msemmija fil-punti (a) u (b), sal-punt li ma tonqosx il-konformità ta' tali miżura, hekk kif kienet teżisti immedjatament qabel il-modifika jew l-emenda, mal-Artikolu 10.14 (Aċċess għas-suq), 10.15 (Preżenza lokali), 10.16 (Trattament nazzjonali) jew 10.17 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit).

2. L-Artikoli 10.14 (Aċċess għas-suq), 10.15 (Preżenza lokali), 10.16 (Trattament nazzjonali) u 10.17 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) ma għandiex tapplika għal miżura ta' Parti fir-rigward ta' setturi, ta' subsetturi, jew ta' attivitajiet speċifikati fl-Iskeda tagħha fl-Anness 10-B (Miżuri futuri).

Artikolu 10.19

Tiċħid tal-benefiċċji

Parti tista' ċċaħħad il-benefiċċji ta' din it-Taqsima lil fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra jekk il-Parti li ċċaħħad tadotta jew iżżomm miżuri relatati maż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali, inkluża l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, li:

(a) jipprojbixxu tranżazzjonijiet ma' dak il-fornitur ta' servizz; jew

(b) jinkisru jew evitati jekk il-benefiċċji ta' din it-Taqsima jingħataw lil dak il-fornitur ta' servizz, inkluż meta l-miżuri jipprojbixxu tranżazzjonijiet ma' persuna fiżika jew ġuridika li jkollha s-sjieda jew tikkontrolla lil dak il-fornitur ta' servizz.

Taqsima D

Dħul u soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju

Artikolu 10.20

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Soġġetta għall-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 10.2 (Kamp ta' applikazzjoni) tat-Taqsima A, din it-Taqsima tapplika għal miżuri ta' Parti li jaffettwaw id-dħul u s-soġġorn temporanju fit-territorju tagħha ta' persuni fiżiċi tal-Parti l-oħra għal finijiet ta' negozju, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kategoriji li ġejjin: viżitaturi professjonali għal żmien qasir, viżitaturi professjonali għal finijiet ta' stabbiliment, fornituri ta' servizzi kuntrattwali, professjonisti indipendenti u ħaddiema bi trasferiment intraażjendali.

2. Impenji dwar id-dħul u r-residenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal finijiet kummerċjali ma japplikawx f'każijiet li fihom l-intenzjoni jew l-effett tad-dħul u tar-residenza temporanja jkun ta' xkiel jew ta' xi effett ieħor fi kwalunkwe tilwima jew negozjar relatati mal-impjiegi jew mal-ġestjoni, jew fl-impjieg ta' kwalunkwe persuna fiżika li tkun involuta f'tali-tilwima jew negozjar.

3. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "viżitatur professjonali għal finijiet ta' stabbiliment" tfisser persuna fiżika li taħdem f'kariga superjuri f'persuna ġuridika ta' Parti, li:

(i) tkun responsabbli għall-istabbiliment jew għall-istralċ ta' intrapriża ta' tali persuna ġuridika fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(ii) ma toffrix jew ma tipprovdix servizzi jew ma tkunx involutai fi kwalunkwe attività ekonomika oħra li ma tkunx dik meħtieġa għall-finijiet tal-istabbiliment ta' dik l-intrapriża; u

(iii) ma tirċivix remunerazzjoni minn sors li jinsab fil-Parti l-oħra;

(b) "fornitur ta' servizz kuntrattwali" tfisser persuna fiżika impjegata minn persuna ġuridika ta' Parti, minbarra permezz ta' aġenzija għal servizzi ta' kollokament u ta' provvista ta' persunal, li ma tkunx stabbilita fit-territorju tal-Parti l-oħra u tkun ikkonkludiet kuntratt ta' servizz *bona fide* ([37]) sabiex tforni servizzi lil konsumatur finali fil-Parti l-oħra li jirrikjedu l-preżenza temporanja tal-impjegati tagħha li:

(i) ikun offra dawk is-servizzi bħala impjegat tal-persuna ġuridika għal perjodu ta' mhux anqas minn sena immedjatament qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dak l-impjegat għad-dħul u għas-soġġorn temporanju;

([37]) Il-kuntratt tas-servizz għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-liġijiet u r-regolamenti u mar-rekwiżiti tal-Parti fejn jiġi eżegwit il-kuntratt.

(ii) ikollu, fid-data tal-applikazzjoni ta' dak l-impjegat għal dħul u għal soġġorn temporanju, il-livell meħtieġ ta' esperjenza professjonali ([38]) fis-settur tal-attività li tkun is-suġġett tal-kuntratt, lawrja jew kwalifika li turi għarfien ta' livell ekwivalenti ([39]) u l-kwalifika professjonali legalment meħtieġa sabiex jeżerċita dik l-attività fil-Parti l-oħra; u

(iii) ma jirċivix remunerazzjoni minn sors li jinsab fil-Parti l-oħra;

(c) "professjonist indipendenti" tfisser persuna fiżika involuta fil-forniment ta' servizz u stabbilita bħala persuna li taħdem għal rasha fit-territorju ta' Parti li:

(i) ma tkunx stabbilita fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(ii) tkun ikkonkludiet kuntratt ta' servizz *bona fide* ([40]), minbarra permezz ta' aġenzija għal servizzi ta' kollokament u ta' provvista tal-persunal, għal perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar, sabiex tforni servizzi lil konsumatur finali fil-Parti l-oħra, li jirrikjedi l-preżenza ta' dik il-persuna fuq bażi temporanja; u

(iii) ikollha, fid-data tal-applikazzjoni ta' dik il-persuna għad-dħul u għas-soġġorn temporanju, tal-anqas sitt snin esperjenza professjonali fis-settur tal-attività li tkun is-suġġett tal-kuntratt, lawrja universitarja jew kwalifika li turi għarfien ta' livell ekwivalenti ([41]) u l-kwalifika professjonali legalment meħtieġa sabiex teżerċita dik l-attività fil-Parti l-oħra;

(d) "ħaddiema bi trasferiment intraażjendali" tfisser persuna fiżika, li:

(i) tkun ġiet impjegata minn persuna ġuridika ta' Parti, jew kienet sieħeb f'tali persuna, għal perjodu ta' mhux anqas minn sena immedjatament qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dik il-persuna għad-dħul u għas-soġġorn temporanju fil-Parti l-oħra ([42]);

(ii) fiż-żmien tal-applikazzjoni ta' dik il-persuna għad-dħul u għar-residenza temporanja tirrisjedi barra mit-territorju tal-Parti l-oħra;

(iii) tiġi ttrasferita temporanjament lil intrapriża tal-persuna ġuridika fit-territorju tal-Parti l-oħra li tkun membru tal-grupp tal-persuna ġuridika oriġinarja, inkluż l-uffiċċju rappreżentattiv, is-sussidjarja, il-fergħa jew il-kumpanija prinċipali tagħha; u

(iv) tkun tappartjeni għal waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(A) maniġer jew persuna eżekuttiva; jew

(B) speċjalista;

(e) "maniġer" jew "persuna eżekuttiva" tfisser persuna fiżika li taħdem f'kariga superjuri, li primarjament tidderieġi l-ġestjoni tal-intrapriża jew parti sostanzjali minnha fil-Parti l-oħra, u tirċievi superviżjoni jew direzzjoni ġenerali prinċipalment minn persuni eżekuttivi ta' livell ogħla jew mill-bord tad-diretturi jew minn azzjonisti tan-negozju jew mill-ekwivalenti tagħhom, u li r-responsabbiltajiet tagħha jinkludu:

(i) it-tmexxija tal-intrapriża jew ta' dipartiment jew ta' suddiviżjoni tiegħu;

(ii) is-superviżjoni u l-kontroll tax-xogħol ta' impjegati superviżorji, professjonali jew maniġerjali oħrajn. Dan ma jinkludix superviżur tal-ewwel linja sakemm l-impjegati taħt superviżjoni ma jkunux professjonisti, u dan lanqas ma jinkludi impjegat li primarjament iwettaq kompiti neċessarji għall-forniment tas-servizz jew għall-operat ta' investiment; u

(iii) ikollha l-awtorità li tirrakkomanda r-reklutaġġ, is-sensja jew azzjonijiet oħrajn relatati mal-persunal; u

([38]) L-esperjenza professjonali meħtieġa minn kull Parti hija stabbilita fl-Anness 10-E (Fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti)

([39]) Il-livell tal-lawrja jew kwalifika meħtieġa minn kull Parti huwa stabbilit fl-Anness 10-E (Fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti). Meta l-lawrja jew il-kwalifika ma tkunx inkisbet fil-Parti fejn ikun fornit is-servizz, dik il-Parti tista' tevalwa jekk tali lawrja jew kwalifika tkunx ekwivalenti għal lawrja universitarja jew kwalifika meħtieġa fit-territorju tagħha.

([40]) Il-kuntratt ta' servizz imsemmi fil-punt (c)(ii) għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Parti fejn jiġi eżegwit il-kuntratt.

([41]) Fejn il-lawrja jew il-kwalifika ma tkunx inkisbet fil-Parti fejn ikun fornit is-servizz, dik il-Parti tista' tevalwa jekk tali lawrja jew kwalifika tkunx ekwivalenti għal lawrja universitarja jew kwalifika meħtieġa fit-territorju tagħha.

([42]) Għal ċertezza akbar, maniġer jew speċjalist jista' jkun meħtieġ juri li jkollu l-kwalifiki professjonali u l-esperjenza meħtieġa fil-persuna ġuridika li lilha jiġi ttrasferit.

(f) "speċjalista" tfisser persuna fiżika li jkollha għarfien speċjalizzat f'livell avvanzat ta' għarfien espert tekniku, essenzjali għall-oqsma ta' attività, għat-tekniki jew għall-ġestjoni tal-intrapriża, li għandha tiġi vvalutata filwaqt li jitqies mhux biss għarfien li huwa speċifiku għall-intrapriża, iżda wkoll jekk il-persuna għandhiex livell għoli ta' kwalifika, inkluża esperjenza professjonali adegwata, b'referenza għal tip ta' xogħol jew ta' attività li teħtieġ għarfien tekniku speċifiku, inkluża sħubija possibbli ta' professjoni akkreditata.

Artikolu 10.21

Viżitaturi professjonali għal finijiet ta' stabbiliment u ħaddiema bi trasferiment intraażjendali

1. Soġġetta għall-kundizzjonijiet u għall-kwalifiki rilevanti speċifikati fl-Anness 10-C (Viżitaturi professjonali għal finijiet ta' stabbiliment, ħaddiema bi trasferiment intraażjendali u għal viżitaturi professjonali għal żmien qasir):

(a) Parti għandha tippermetti:

(i) id-dħul u s-soġġorn temporanju ta' viżitaturi professjonali għal finijiet ta' stabbiliment u ta' ħaddiema bi trasferiment intraażjendali; u

(ii) l-impjieg fit-territorju tagħha ta' ħaddiema bi trasferiment intraażjendali tal-Parti l-oħra;

(b) Parti ma għandhiex iżżomm jew tadotta limitazzjonijiet fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ta' testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi dwar in-numru totali ta' persuni fiżiċi li, f'settur speċifiku, ikunu awtorizzati jidħlu bħala viżitaturi professjonali għal finijiet ta' stabbiliment jew li investitur jista' jimpjega bħala ħaddiema bi trasferiment intraażjendali, la fuq il-bażi ta' subdiviżjoni territorjali u lanqas fuq il-bażi tat-territorju kollu tagħha; u

(c) kull Parti għandha tagħti lil viżitaturi professjonali għal finijiet ta' stabbiliment u lill-ħaddiema bi trasferiment intraażjendali tal-Parti l-oħra, fir-rigward ta' miżuri li jaffettwaw l-attivitajiet professjonali tagħhom matul is-soġġorn temporanju tagħhom fit-territorju tagħha, trattament mhux anqas favorevoli minn dak li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-persuni fiżiċi tagħha stess.

2. It-tul ta' soġġorn permessibbli għall-maniġers jew għall-persuni eżekuttivi u għall-ispeċjalisti għandu jkun għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin.

3. It-tul ta' soġġorn permissibbli għal viżitaturi professjonali għal finijiet ta' stabbiliment għandu jkun sa 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' sitt xhur għall-Unjoni u sa 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar għal New Zealand.

Artikolu 10.22

viżitaturi professjonali għal żmien qasir

1. Soġġetta għall-kundizzjonijiet u għall-kwalifiki rilevanti speċifikati fl-Anness 10-C (Viżitaturi professjonali għal finijiet ta' stabbiliment, ħaddiema bi trasferiment intraażjendali u viżitaturi professjonali għal żmien qasir), Parti għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju ta' viżitaturi professjonali għal żmien qasir tal-Parti l-oħra għall-finijiet tat-twettiq tal-attivitajiet elenkati fl-Anness 10-C (Viżitaturi professjonali għal finijiet ta' stabbiliment, ħaddiema bi trasferiment intraażjendali, viżitaturi professjonali għal żmien qasir), soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-viżitaturi professjonali għal żmien qasir ma jkunux involuti fil-bejgħ tal-oġġetti tagħhom jew fil-forniment ta' servizzi lill-pubbliku ġenerali;

(b) il-viżitaturi professjonali għal żmien qasir ma jirċivux remunerazzjoni minn entità fit-territorju tal-Parti fejn ikunu qed joqogħdu temporanjament; u

(c) il-viżitaturi professjonali għal żmien qasir ma jkunux involuti fil-forniment ta' servizz fil-qafas ta' kuntratt konkluż bejn persuna ġuridika li ma tkunx stabbilita fit-territorju tal-Parti fejn ikunu qegħdin iqattgħu s-soġġorn temporanju, u konsumatur f'tali territorju, ħlief kif previst fl-Anness 10-C (Viżitaturi professjonali għal finijiet ta' stabbiliment, ħaddiema bi trasferiment intraażjendali, viżitaturi professjonali għal żmien qasir).

2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Anness 10-C (Viżitaturi professjonali għal finijiet ta' stabbiliment, ħaddiema bi trasferiment intraażjendali u viżitaturi professjonali għal żmien qasir), Parti għandha tippermetti d-dħul ta' viżitaturi professjonali għal żmien qasir mingħajr ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jew proċeduri oħrajn ta' approvazzjoni minn qabel b'intenzjoni simili.

3. It-tul ta' soġġorn permissibbli għandu jkun għal perjodu ta' mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar.

Artikolu 10.23

Fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti

1. Fis-setturi, fis-subsetturi u fl-attivitajiet speċifikati fl-Anness 10-E (Fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti), u soġġetta għall-kundizzjonijiet u għall-kwalifiki rilevanti speċifikati fih, kull Parti:

(a) għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju ta' fornituri ta' servizzi kuntrattwali u ta' professjonisti indipendenti fit-territorju tagħha;

(b) ma għandhiex tadotta limitazzjonijiet fuq in-numru totali ta' fornituri ta' servizzi kuntrattwali u ta' professjonisti indipendenti tal-Parti l-oħra ppermettew id-dħul temporanju, fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, jew fuq il-bażi ta' suddiviżjoni territorjali jew fuq il-bażi tat-territorju kollu tagħha; u

(c) għandha tagħti lill-fornituri ta' servizzi kuntrattwali u ta' professjonisti indipendenti tal-Parti l-oħra, fir-rigward ta' miżuri li jaffettwaw il-provvista ta' servizzi fit-territorju tagħha, trattament xejn anqas favorevoli minn dak li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-fornituri ta' servizzi tagħha stess.

2. Għal ċertezza akbar, l-aċċess mogħti skont dan l-Artikolu huwa relatat biss mas-servizz li huwa s-suġġett tal-kuntratt u ma jagħtix jedd sabiex jiġi eżerċitat it-titolu professjonali tal-Parti fejn jiġi pprovdut is-servizz.

3. It-tul permissibbli ta' soġġorn għandu jkun għal perjodu kumulattiv ta' tnax-il xahar, jew għad-durata tal-kuntratt, skont liema jkun l-anqas.

Artikolu 10.24

Miżuri mhux konformi

1. Il-punti (b) u (c) ta' tal-Artikolu 10.21(1) (Viżitaturi professjonali għal finijiet ta' stabbiliment u ħaddiema bi trasferiment intraażjendali) u l-punti (b) u (c) ta' 10.23(1)(Fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti) ma għandhomx japplikaw għal:

(a) kwalunkwe miżura mhux konformi eżistenti li taffettwa s-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju u li tinżamm fil-livell ta':

(i) għall-Unjoni:

(A) l-Unjoni, kif speċifikati fl-Iskeda tal-Unjoni fl-Anness 10-A (Miżuri eżistenti);

(B) il-gvern ċentrali ta' Stat Membru, kif speċifikati fl-Iskeda tal-Unjoni fl-Anness 10-A (Miżuri eżistenti);

(C) gvern reġjonali ta' Stat Membru, kif speċifikati fl-Iskeda tal-Unjoni fl-Anness 10-A (Miżuri eżistenti); jew

(D) gvern lokali, minbarra dawk imsemmijin fil-punt (C); u

(ii) għal New Zealand:

(A) il-gvern ċentrali, kif speċifikati fl-Iskeda ta' New Zealand fl-Anness 10-A (Miżuri eżistenti); jew

(B) gvern lokali;

(b) l-issoktar jew it-tiġdid fil-pront ta' kwalunkwe miżura eżistenti mhux konformi msemmija fil-punt (a); jew

(c) modifika ta', jew emenda għal, kwalunkwe miżura eżistenti mhux konformi msemmija fil-punti (a) u (b) sal-punt li ma tnaqqasx il-konformità ta' tali miżura, hekk kif kienet teżisti immedjatament qabel il-modifika jew l-emenda, mal-punti (b) u (c) tal-Artikolu 10.21(1) (Viżitaturi professjonali għal finijiet ta' stabbiliment ħaddiema bi trasferiment intraażjendali u) jew mal-punti (b) u (c) tal-Artikolu 10.23(1) (Forniturі ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti).

2. Il-punti (b) u (c) tal-Artikolu 10.21(1) (Viżitaturi professjonali għal finijiet ta' stabbiliment u ħaddiema bi trasferiment intraażjendali) jew il-punti (b) u (c) tal-Artikolu 10.23(1) (Forniturі ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti) ma għandhomx japplikaw għal xi miżura li Parti tadotta jew iżżomm li taffettwa s-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi għal finijiet professjonali fir-rigward ta' setturi, ta' subsetturi jew ta' attivitajiet kif stabbilit minn dik il-Parti fl-Iskeda tagħha fl-Anness 10-B (Miżuri futuri).

Artikolu 10.25

Trasparenza

1. Kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku, jekk possibbli, permezz ta' pubblikazzjoni fuq sit elettroniku ta' informazzjoni dwar il-miżuri tagħha li jaffetwaw id-dħul u għas-soġġorn temporanju fit-territorju tagħha ta' persuni fiżiċi tal-Parti l-oħra kif imsemmi fl-Artikolu 10.20(1) (Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet).

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja rilevanti għad-dħul u għas-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi, meta tkun teżisti:

(a) il-kundizzjonijiet tad-dħul;

(b) lista indikattiva tad-dokumentazzjoni li tista' tkun meħtieġa sabiex jiġi vverifikat li l-kundizzjonijiet tad-dħul ġew issodisfati;

(c) iż-żmien indikattiv tal-ipproċessar;

(d) it-tariffi applikabbli;

(e) il-proċeduri ta' appell; u

(f) il-liġijiet rilevanti ta' applikazzjoni ġenerali li jappartjenu għad-dħul u għas-soġġorn temporanju tal-persuni fiżiċi.

Taqsima E

Qafas regolatorju

Subtaqsima 1

Regolamentazzjoni domestika

Artikolu 10.26

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Din is-Subtaqsima tapplika għall-miżuri mill-Partijiet relatati ma' rekwiżiti u ma' proċeduri ta' liċenzjar, ma' rekwiżiti u ma' proċeduri ta' kwalifika, u ma' standards tekniċi ([43]) li jaffettwaw:

(a) kummerċ transfruntier fis-servizzi;

(b) l-istabbiliment jew l-operat; jew

(c) il-provvista ta' servizzi permezz tal-preżenza ta' persuna fiżika ta' Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra ta' kategoriji ta' persuni fiżiċi kif definiti fl-Artikolu 10.20(3) (Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet);

2. Din is-Subtaqsima ma tapplikax għar-rekwiżiti u għall-proċeduri ta' liċenzjar, għar-rekwiżiti u għall-proċeduri ta' kwalifika, u għall-istandards tekniċi skont miżura li ma tikkonformax mal-Artikolu 10.5 (Aċċess għas-suq), 10.6 (Trattament nazzjonali), 10.14 (Aċċess għas-suq) jew 10.16 (Trattament nazzjonali), u ssir referenza għaliha fl-Artikolu 10.10(1) jew (2) (Miżuri mhux konformi), jew fl-Artikolu 10.18(1) jew (2) (Miżuri mhux konformi).

3. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "awtorizzazzjoni" tfisser il-permess għat-twettiq ta' kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmijin fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 li tirriżulta minn proċedura li persuna fiżika jew ġuridika jeħtiġilha taderixxi magħha sabiex turi konformità mar-rekwiżiti ta' liċenzjar, mar-rekwiżiti ta' kwalifika jew mal-istandards tekniċi; u

(b) "awtorità kompetenti" tfisser gvern jew awtorità ċentrali, reġjonali jew lokali jew korp mhux governattiv li jeżerċita setgħat delegati minn gvernijiet jew minn awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali, u li jkun intitolat jieħu deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni.

Artikolu 10.27

Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet

Kull Parti għandha, sa fejn ikun prattikabbli, tevita li applikant ikun meħtieġ li jikkuntattja aktar minn awtorità kompetenti waħda għal kull applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni. Jekk attività li għaliha tintalab awtorizzazzjoni taqa' fil-ġuriżdizzjoni ta' diversi awtoritajiet kompetenti, jistgħu jkunu meħtieġa diversi applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni.

Artikolu 10.28

Perjodi ta' żmien għall-applikazzjoni

Jekk Parti tkun teħtieġ awtorizzazzjoni, għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha, sa fejn ikun prattikabbli, jippermettu s-sottomissjoni ta' applikazzjoni fi kwalunkwe żmien matul is-sena. Jekk jiġi stabbilit perjodu ta' żmien speċifiku għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, il-Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jippermettu perjodu ta' żmien raġonevoli għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni.

([43]) F'dak li għandu x'jaqsam mal-miżuri relatati mal-istandards tekniċi, din it-Taqsima tapplika biss għal tali miżuri li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi. L-istandards tekniċi ma jinkludux standards tekniċi regolatorji jew ta' implimentazzjoni għas-servizzi finanzjarji.

Artikolu 10.29

Applikazzjonijiet elettroniċi u aċċettazzjoni ta' kopji

Jekk Parti tkun teħtieġ awtorizzazzjoni, hija għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha:

(a) jieħdu impenn li jaċċettaw applikazzjonijiet f'format elettroniku; u

(b) jaċċettaw kopji ta' dokumenti, li jkunu awtentikati f'konformità mal-liġi tal-Parti, minflok dokumenti oriġinali, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jeħtieġu dokumenti oriġinali sabiex jipproteġu l-integrità tal-proċess ta' awtorizzazzjoni.

Artikolu 10.30

Proċessar ta' applikazzjonijiet

1. Jekk Parti tkun teħtieġ awtorizzazzjoni, hija għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha:

(a) sa fejn ikun prattikabbli, jipprovdu perjodu ta' żmien indikattiv għall-ipproċessar ta' applikazzjoni;

(b) fuq it-talba tal-applikant, jipprovdu mingħajr dewmien żejjed informazzjoni dwar l-istatus tal-applikazzjoni;

(c) sa fejn ikun prattikabbli, jaċċertaw mingħajr dewmien żejjed il-kompletezza ta' applikazzjoni għall-ipproċessar skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti;

(d) jekk jikkunsidraw applikazzjoni bħala kompluta għall-ipproċessar ([44]) skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti, f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni, jiżguraw li:

(i) l-ipproċessar tal-applikazzjoni ikun komplut; u

(ii) l-applikant jiġi informat bid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, ([45]) sa fejn ikun possibbli bil-miktub ([46]);

(e) jekk jikkunsidraw applikazzjoni mhux kompluta għall-ipproċessar skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti, f'perjodu ta' żmien raġonevoli mid-data li fiha l-awtorità kompetenti rilevanti ddeterminat li l-applikazzjoni ma kinitx kompluta, u sa fejn ikun prattikabbli:

(i) jinformaw lill-applikant li l-applikazzjoni ma hijiex kompluta;

(ii) fuq it-talba tal-applikant jidentifikaw l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa sabiex l-applikazzjoni titqies kompluta jew inkella jipprovdu gwida dwar għaliex l-applikazzjoni tkun meqjusa bħala inkompluta; u

(iii) jipprovdu lill-applikant l-opportunità li jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa sabiex tiġi kkompletata l-applikazzjoni ([47]);

jekk il-passi fil-punti (i) sa (iii) ma jkunux prattikabbli, u l-applikazzjoni tiġi miċħuda minħabba inkompletezza, jiżguraw li jinformaw lill-applikant f'perjodu ta' żmien raġonevoli; u

(f) jekk jiċħdu applikazzjoni, jew fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba tal-applikant, jinformaw lill-applikant bir-raġunijiet għaċ-ċaħda u bil-perjodu ta' żmien għal appell kontra dik id-deċiżjoni u, jekk applikabbli, bil-proċeduri għas-sottomissjoni mill-ġdid ta' applikazzjoni. Jenħtieġ li applikant ma jinżammx milli jissottometti applikazzjoni oħra biss abbażi taċ-ċaħda ta' applikazzjoni preċedenti.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jagħtu awtorizzazzjoni malli jiġi stabbilit, fid-dawl ta' eżaminazzjoni xierqa, li applikant jissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex jiksibha.

([44]) L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-informazzjoni kollha tiġi sottomessa f'format speċifikat sabiex jikkunsidrawha kompluta għall-ipproċessar.

([45]) L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissodisfaw dan ir-rekwiżit billi jinformaw lil applikant bil-quddiem bil-miktub, inkluż permezz ta' miżura ppubblikata, li nuqqas ta' tweġiba wara perjodu ta' żmien speċifikat mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni jindika aċċettazzjoni tal-applikazzjoni.

([46]) Għal ċertezza akbar, jenħtieġ "bil-miktub" tinftiehem bħala li tinkludi f'forma elettronika.

([47]) Tali opportunità ma tirrikjedix li awtorità kompetenti tipprovdi estensjonijiet tal-iskadenzi.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jiżguraw li l-awtorizzazzjoni, ladarba tingħata, tidħol fis-seħħ mingħajr dewmien żejjed, soġġetta għat-termini u għall-kundizzjonijiet applikabbli.

Artikolu 10.31

Tariffi

1. Għall-attivitajiet ekonomiċi kollha koperti minn din is-Subtaqsima minbarra s-servizzi finanzjarji, kull Parti għandha tiżgura li t-tariffi tal-awtorizzazzjoni ([48]) mitlubin mill-awtoritajiet kompetenti tagħha jkunu raġonevoli, trasparenti u minnhom infushom ma jillimitawx il-forniment tas-servizz rilevanti jew it-twettiq ta' kwalunkwe attività ekonomika oħra.

2. Fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha, fir-rigward tat-tariffi ta' awtorizzazzjoni li huma jitolbu, jipprovdu lill-applikanti skeda ta' tariffi jew informazzjoni dwar kif jiġu ddeterminati l-ammonti tat-tariffi, u ma jużawx it-tariffi bħala mezz sabiex jevitaw l-impenji jew l-obbligi tal-Parti.

Artikolu 10.32

Valutazzjoni tal-kwalifiki

Jekk Parti tkun teħtieġ eżaminazzjoni għal awtorizzazzjoni, hija għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jiskedaw tali eżaminazzjoni f'intervalli raġonevolment frekwenti u tipprovdi perjodu ta' żmien raġonevoli sabiex l-applikanti jkunu jistgħu jitolbu li ssirilhom l-eżaminazzjoni. Sa fejn ikun prattikabbli, kull Parti għandha tikkunsidra li taċċetta talbiet f'format elettroniku sabiex jitwettqu t-tali eżaminazzjonijiet u l-użu ta' mezzi elettroniċi f'aspetti oħrajn tal-proċessi ta' eżaminazzjoni.

Artikolu 10.33

Oġġettività, imparzjalità u indipendenza

Jekk Parti tadotta jew iżżomm miżura relatata mal-awtorizzazzjoni, hija għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jipproċessaw l-applikazzjonijiet, jaslu għal deċiżjonijiet u jamministrawhom b'mod oġġettiv u imparzjali u b'mod indipendenti minn kwalunkwe persuna li twettaq l-attività ekonomika li għaliha tkun meħtieġa l-awtorizzazzjoni.

Artikolu 10.34

Pubblikazzjoni u informazzjoni disponibbli

Jekk Parti tkun teħtieġ awtorizzazzjoni, il-Parti għandha tippubblika minnufih ([49]) l-informazzjoni neċessarja għall-fornituri ta' servizzi inklużi dawk li jkunu qegħdin ifittxu li jfornu servizz, u għall-persuni li jwettqu jew li jfittxu li jwettqu l-attività ekonomika li għaliha tkun meħtieġa l-liċenzja jew l-awtorizzazzjoni, jikkonformaw mar-rekwiżiti u mal-proċeduri għall-kisba, għaż-żamma, għall-emendar u għat-tigdid ta' tali liċenzja jew awtorizzazzjoni. Tali informazzjoni għandha tinkludi, meta jkunu jeżistu:

(a) ir-rekwiżiti u l-proċeduri;

(b) informazzjoni ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti;

(c) it-tariffi ta' awtorizzazzjoni;

(d) l-istandards tekniċi applikabbli;

(e) il-proċeduri għall-appell jew għar-rieżami ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjonijiet;

([48]) It-tariffi tal-awtorizzazzjoni ma jinkludux it-tariffi għall-użu ta' riżorsi naturali, il-pagamenti għall-irkant, il-proċedura tal-offerta jew mezzi nondiskriminatorji oħrajn għall-għoti ta' konċessjonijiet, jew kontribuzzjonijiet mandatorji għall-forniment ta' servizzi universali.

([49]) Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, "pubblikazzjoni" tfisser li tiġi inkluża f'pubblikazzjoni uffiċjali, bħal ġurnal uffiċjali, jew fuq sit web uffiċjali. Il-membri huma mħeġġin jikkonsolidaw il-pubblikazzjonijiet elettroniċi f'portal uniku.

(f) il-proċeduri għall-monitoraġġ jew għall-infurzar tal-konformità mat-termini u mal-kundizzjonijiet tal-liċenzji jew tal-kwalifiki;

(g) l-opportunitajiet għall-involviment pubbliku, bħal permezz ta' seduti jew kummenti; u

(h) il-perjodi taż-żmien indikattivi għall-ipproċessar ta' applikazzjoni.

Artikolu 10.35

Standards tekniċi

Parti għandha tħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti tagħha, meta jadottaw standards tekniċi, sabiex jadottaw standards tekniċi żviluppati permezz ta' proċessi miftuħin u trasparenti, u għandha tħeġġeġ lill-persuni jew l-entitajiet kollha , inkluż organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, iddeżinjat sabiex jiżviluppa standards tekniċi sabiex jagħmel dan permezz ta' proċessi miftuħin u trasparenti.

Artikolu 10.36

Żvilupp ta' miżuri

Jekk Parti tadotta jew iżżomm miżuri relatati mal-awtorizzazzjoni, hija għandha tiżgura li:

(a) tali l-miżuri jkunu bbażati fuq kriterji ċari, oġġettivi u trasparenti ([50]);

(b) il-proċeduri jkunu imparzjali, faċilment aċċessibbli għall-applikanti kollha u jkunu adegwati għall-applikanti sabiex juru jekk jissodisfawx ir-rekwiżiti, meta jkunu jeżistu ir-rekwiżiti; u

(c) il-proċeduri minnhom infushom ma jrażżnux l-issodisfar tar-rekwiżiti b'mod mhux ġustifikat.

Artikolu 10.37

Numru limitat ta' liċenzji

Jekk in-numru ta' liċenzji disponibbli għal attività partikolari jkun limitat minħabba n-nuqqas ta' riżorsi naturali disponibbli jew in-nuqqas ta' kapaċità teknika, Parti għandha tapplika, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, proċedura tal-għażla għal kandidati potenzjali li tipprovdi garanziji sħaħ ta' imparzjalità u ta' trasparenza, inkluż, b'mod partikolari, reklamar adegwat dwar it-tnedija, il-kondotta u t-tlestija tal-proċedura. Meta tistabbilixxi r-regoli għall-proċedura tal-għażla, Parti tista' tqis l-objettivi leġittimi tal-politika, inklużi kunsiderazzjonijiet tas-saħħa, tas-sikurezza, tal-ħarsien tal-ambjent u tal-preservazzjoni tal-wirt kulturali.

Artikolu 10.38

Proċeduri ta' rieżami għal deċiżjonijiet amministrattivi

Parti għandha żżomm tribunali jew proċeduri ġudizzjarji, ta' arbitraġġ jew amministrattivi li jipprovdu, fuq it-talba ta' investitur jew ta' fornitur ta' servizz affettwat tal-Parti l-oħra, għal rieżami fil-pront ta' deċiżjonijiet amministrattivi, u, meta jkunu ġġustifikati, għal rimedji xierqa għat-tali deċiżjonijiet amministrattivi, li jaffettwaw l-istabbiliment jew l-operat, il-kummerċ transfruntier fis-servizzi jew il-forniment ta' servizz permezz tal-preżenza ta' persuna fiżika ta' Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra. Jekk dawn il-proċeduri ma jkunux indipendenti mill-awtorità inkarigata bid-deċiżjoni amministrattiva kkonċernata, Parti għandha tiżgura li fil-fatt il-proċeduri jipprevedu rieżami oġġettiv u imparzjali.

([50]) Tali kriterji jistgħu jinkludu l-kompetenza u l-kapaċità li jiġi fornit servizz jew li titwettaq kwalunkwe attività ekonomika oħra, inkluż li jsir dan b'mod konsistenti mar-rekwiżiti regolatorji ta' Parti, bħar-rekwiżiti tas-saħħa u ambjentali. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivvalutaw il-ponderazzjoni li għandha tingħata lil kull kriterju.

Subtaqsima 2

Dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali

Artikolu 10.39

Rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-terminu "kwalifiki professjonali" tfisser kwalifiki formali, esperjenza professjonali, reġistrazzjoni professjonali jew attestazzjoni oħra ta' kompetenza.

2. F'dan l-Artikolu ma hemm xejn li jimpedixxi lil Parti milli tirrekjedi li l-persuni fiżiċi jkollhom il-kwalifiki professjonali neċessarji speċifikati fit-territorju fejn jiġi fornit is-servizz, għas-settur ta' attività kkonċernat.

3. Meta jkun xieraq, il-Partijiet għandhom iħeġġu l-istabbiliment ta' djalogu bejn l-esperti, ir-regolaturi u l-korpi tal-industrija rilevanti tagħhom sabiex jikkondividu u jiffaċilitaw il-fehim tal-kwalifiki professjonali rispettivi, tar-rekwiżiti u tal-proċessi tar-reġistrazzjoni rispettivi tagħhom, u jikkooperaw bl-għan li jiksbu r-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali.

4. Il-Partijiet għandhom iħeġġu lill-korpi professjonali rilevanti jew lill-awtoritajiet rispettivi fit-territorji rispettivi tagħhom sabiex jiżviluppaw u jipprovdu rakkomandazzjoni konġunta dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali lill-Kumitat dwar l-Investiment, is-Servizzi, il-Kummerċ Diġitali, l-Akkwist Pubbliku u l-Proprjetà Intellettwali, inklużi l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, stabbilit skont l-Artikolu 24.4 (Kumitati speċjalizzati). Dik ir-rakkomandazzjoni konġunta għandha tkun sostnuta b'evidenza ta' dawn:

(a) il-valur ekonomiku ta' strument previst dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "strument ta' rikonoxximent reċiproku"); u

(b) il-kompatibbiltà tar-reġimi rispettivi, jiġifieri l-punt sa fejn il-kriterji applikati minn kull Parti għall-awtorizzazzjoni, il-liċenzjar, l-operat u ċ-ċertifikazzjoni tal-professjonisti huma kompatibbli.

5. Mal-wasla ta' rakkomandazzjoni konġunta msemmija fil-paragrafu 4, il-Kumitat dwar l-Investiment, is-Servizzi, il-Kummerċ Diġitali, l-Akkwist Pubbliku u l-Proprjetà Intellettwali, inklużi l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, għandu jirrieżamina l-konsistenza ta' dik ir-rakkomandazzjoni konġunta ma' dan il-Kapitolu f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Wara tali rieżami, il-Kumitat dwar l-Investiment, is-Servizzi, il-Kummerċ Diġitali, l-Akkwist Pubbliku u l-Proprjetà Intellettwali, inklużi l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, jista' jiżviluppa strument ta' rikonoxximent reċiproku ([51]) u l-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadottah permezz ta' deċiżjoni bħala anness għal dan il-Ftehim.

Subtaqsima 3

Servizzi ta' konsenja

Artikolu 10.40

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għall-provvista ta' servizzi ta' konsenja u tapplika għal miżuri ta' Parti li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi ta' konsenja.

([51]) Għal ċertezza akbar, tali strumenti ta' rikonoxximent reċiproku ma għandhomx iwasslu għar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki iżda għandhom jistabbilixxu, fl-interess reċiproku taż-żewġ Partijiet, il-kundizzjonijiet għall-awtoritajiet kompetenti li jagħtu r-rikonoxximent.

2. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "servizzi ta' konsenja" tfisser servizzi postali, servizzi ta' kurrier, servizzi ta' konsenja express jew ta' posta express, li jinkludu l-ġbir, l-għażla, it-trasport u l-konsenja ta' oġġetti postali;

(b) "servizzi ta' konsenja express" tfisser il-ġbir, l-għażla, it-trasport u l-konsenja ta' oġġetti postali b'veloċità mgħaġġla u b'affidabbiltà u tista' tinkludi elementi ta' valur miżjud bħall-ġbir mill-punt tal-oriġini, il-konsenja personali lid-destinatarju, it-traċċar, il-possibbiltà li jinbidlu d-destinazzjoni u d-destinatarju fi tranżitu, jew il-konferma tar-riċezzjoni;

(c) "servizzi tal-posta express" tfisser servizzi internazzjonali ta' konsenja express ipprovduti permezz tal-Koperattiva tal-EMS, l-assoċjazzjoni volontarja ta' operaturi postali ddeżinjati skont l-Unjoni Postali Universali;

(d) "liċenzja" tfisser awtorizzazzjoni li awtorità regolatorja ta' Parti tista' teħtieġ fornitur individwali sabiex dak il-fornitur joffri servizzi postali u ta' kurrier;

(e) "oġġett postali" tfisser oġġett sa 31,5 kg indirizzat fil-forma finali li fiha għandu jinġarr minn kwalunkwe tip ta' fornitur ta' servizzi ta' konsenja, kemm jekk pubbliku kif ukoll jekk privat, u jista' jinkludi oġġetti bħal ittra, pakkett, gazzetta jew katalgu;

(f) "monopolju postali" tfisser id-dritt esklużiv li jiġu forniti servizzi ta' konsenja speċifikati fit-territorju ta' Parti jew f'suddiviżjoni tagħha skont miżura leġiżlattiva; u

(g) "servizz universali" tfisser il-provvista permanenti ta' servizz ta' konsenja ta' kwalità speċifikata fil-punti kollha fit-territorju ta' Parti jew ta' suddiviżjoni ta' Parti bi prezz affordabbli għall-utenti kollha.

Artikolu 10.41

Servizz universali

1. Kull Parti għandha d-dritt li tiddefinixxi t-tip ta' obbligu ta' servizz universali li tixtieq iżżomm u li tiddeċiedi dwar l-ambitu u l-implimentazzjoni ta' tali obbligu. Kull Parti għandha tamministra kwalunkwe obbligu ta' servizz universali b'mod trasparenti, mhux diskriminatorju u newtrali fir-rigward tal-forniturі kollha soġġetti għal dak l-obbligu ta' servizz universali.

2. Jekk Parti teħtieġ li s-servizzi tal-posta espress 'il ġewwa jiġu forniti fuq il-bażi ta' servizz universali, ma għandhiex tagħti trattament preferenzjali għal dawk is-servizzi tal-posta espress fuq servizzi internazzjonali oħrajn ta' konsenja express.

Artikolu 10.42

Finanzjament ta' servizzi universali

Parti ma għandhiex timponi tariffi jew imposti oħra fuq il-forniment ta' servizz ta' konsenja li ma jkunx servizz universali ta' konsenja għall-fini ta' finanzjament tal-provvista ta' servizz universali ([52]).

Artikolu 10.43

Prevenzjoni ta' prattiki li jikkawżaw distorsjoni tas-suq

Kull Parti għandha tiżgura li l-forniturі ta' servizzi postali soġġetti għal obbligu ta' servizz universali jew ta' monopolju postali ma jkunux involuti fi prattiki li joħolqu distorsjoni bħal:

(a) l-użu ta' dħul derivat mill-provvista tas-servizz soġġett għal obbligu ta' servizz universali jew mill-monopolju għal sussidju inkroċjat tal-provvista ta' servizz ta' konsenja rapida jew kwalunkwe servizz ta' konsenja li ma jkunx soġġett għal obbligu ta' servizz universali; jew

(b) li b'mod mhux ġustifikat jiddifferenzjaw bejn il-klijenti fir-rigward ta' tariffi jew ta' termini u ta' kundizzjonijiet oħra għall-provvista ta' servizz soġġett għal obbligu ta' servizz universali jew għal monopolju postali.

([52]) Dan l-Artikolu ma japplikax għal miżuri ta' tassazzjoni jew għal tariffi amministrattivi applikabbli b'mod ġenerali.

Artikolu 10.44

Liċenzji

1. Jekk Parti tkun teħtieġ liċenzja għall-provvista ta' servizzi ta' konsenja, hija għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku:

(a) ir-rekwiżiti kollha ta' liċenzjar u l-perjodu taż-żmien normalment mitlub sabiex tintlaħaq deċiżjoni b'rabta ma' applikazzjoni għal liċenzja; u

(b) it-termini u l-kundizzjonijiet tal-liċenzji.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri, l-obbligi u r-rekwiżiti ta' liċenzja jkunu trasparenti, mhux diskriminatorji u bbażati fuq kriterji oġġettivi.

3. Kull Parti għandha tiżgura, jekk applikazzjoni għal liċenzja tiġi miċħuda minn awtorità kompetenti, li l-awtorità kompetenti tinforma lill-applikant bir-raġunijiet għaċ-ċaħda bil-miktub. Kull Parti għandha tistabbilixxi proċedura ta' appell permezz ta' korp indipendenti li għandu jkun disponibbli għall-applikanti li l-applikazzjoni tagħhom għal liċenzja tkun ġiet miċħuda. Tali korp jista' jkun qorti.

Artikolu 10.45

Indipendenza tal-korp regolatorju

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm korp regolatorju li għandu jkun legalment distint u funzjonalment indipendenti minn kwalunkwe fornitur ta' servizzi ta' konsenja. Jekk Parti tkun is-sid jew tikkontrolla fornitur ta' servizzi ta' konsenja, hija għandha tiżgura s-separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjoni regolatorja minn attivitajiet assoċjati mas-sjieda jew mal-kontroll.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-korp regolatorju jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod trasparenti u f'waqtu u jkollu riżorsi finanzjarji u umani adegwati sabiex iwettaq il-kompitu assenjat lilu, u li d-deċiżjonijiet tal-korp regolatorju jkunu imparzjali fir-rigward tal-parteċipanti kollha fis-suq.

Subtaqsima 4

Servizzi tat-telekomunikazzjoni

Artikolu 10.46

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju li jaffettwa n-networks u s-servizzi tat-telekomunikazzjoni u tapplika għall-miżuri ta' Parti li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi tat-telekomunikazzjoni.

2. Din is-Subtaqsima ma tapplikax għal miżuri li jaffettwaw:

(a) servizzi tax-xandir kif definiti fil-liġijiet u fir-regolamenti ta' kull Parti; u

(b) servizzi li jipprovdu, jew jeżerċitaw kontroll editorjali fuq, kontenut trażmess bl-użu ta' networks u ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni.

3. Minkejja l-punt (a) tal-paragrafu 2, fornitur ta' servizzi tax-xandir għandu jitqies bħala fornitur ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, u n-networks ta' dak il-fornitur ta' servizzi tax-xandir għandhom jitqiesu bħala networks pubbliċi tat-telekomunikazzjoni meta u sa fejn dawk in-networks pubbliċi tat-telekomunikazzjoni jintużaw ukoll sabiex jiġu pprovduti servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni.

4. Xejn f'din is-Subtaqsima ma għandu jiġi interpretat bħala li jeħtieġ li Parti:

(a) tawtorizza lil fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra jistabbilixxi, jibni, jakkwista, jikri, jopera jew iforni networks jew servizzi tat-telekomunikazzjoni għajr kif previst f'dan il-Ftehim; jew

(b) tistabbilixxi, tibni, takkwista, tikri, topera jew tforni networks jew servizzi tat-telekomunikazzjoni mhux offruti lill-pubbliku b'mod ġenerali, jew tobbliga lil fornitur ta' servizz taħt il-ġurisdizzjoni tagħha sabiex jagħmel dan.

Artikolu 10.47

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "faċilitajiet assoċjati" tfisser servizzi, infrastruttura fiżika u faċilitajiet oħrajn assoċjati ma' network ta' telekomunikazzjoni jew ma' servizz tat-telekomunikazzjoni li jippermettu jew jappoġġaw il-forniment ta' servizzi permezz ta' dak in-network jew dak is-servizz jew li għandhom il-potenzjal li jagħmlu dan;

(b) "faċilitajiet essenzjali" tfisser faċilitajiet ta' network ta' telekomunikazzjoni jew ta' servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni li:

(i) jiġu pprovduti b'mod esklużiv jew predominanti minn fornitur wieħed jew minn numru limitat ta' fornituri; u

(ii) ma jistgħux b'mod prattiku jiġu ekonomikament jew teknikament sostitwiti sabiex jiġi pprovdut servizz;

(c) "interkonnessjoni" tfisser il-konnessjoni ta' networks pubbliċi tat-telekomunikazzjoni użati mill-istess fornituri jew minn fornituri differenti ta' networks ta' telekomunikazzjoni jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni sabiex l-utenti ta' fornitur wieħed ikunu jistgħu jikkomunikaw mal-utenti tal-istess fornitur jew ta' fornitur ieħor jew jaċċessaw servizzi pprovduti minn fornitur ieħor. Is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti mill-fornituri involuti jew minn kwalunkwe fornitur ieħor li jkollu aċċess għan-network;

(d) "ċirkwit mikri" tfisser servizzi ta' telekomunikazzjoni jew faċilitajiet tat-telekomunikazzjoni, inklużi dawk ta' natura virtwali, li jwarrbu l-kapaċità għall-użu ddedikat jew għad-dispożizzjoni ta' utent bejn żewġ punti ddeżinjati jew aktar;

(e) "fornitur ewlieni" tfisser fornitur ta' networks ta' telekomunikazzjoni jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni li jkollu l-kapaċità li jaffettwa materjalment it-termini tal-parteċipazzjoni (b'kunsiderazzjoni tal-prezz u tal-provvista) f'suq rilevanti għan-networks ta' telekomunikazzjoni jew għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni bħala riżultat ta' kontroll fuq il-faċilitajiet essenzjali jew tal-użu tal-pożizzjoni tiegħu f'tali suq;

(f) "element tan-network" tfisser faċilità jew tagħmir użat fil-provvista ta' servizz tat-telekomunikazzjoni, inklużi l-karatteristiċi, il-funzjonijiet u l-kapaċitajiet ipprovduti permezz ta' tali faċilità jew tagħmir;

(g) "portabbiltà tan-numri" tfisser il-kapaċità tal-abbonati li jitolbu dan li jżommu l-istess numri tat-telefown, fl-istess post fil-każ ta' linja fissa, mingħajr telf tal-kwalità, tal-affidabbiltà jew tal-konvenjenza meta jaqilbu bejn l-istess kategorija ta' fornituri ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni;

(h) "network pubbliku tat-telekomunikazzjoni" tfisser kwalunkwe network tat-telekomunikazzjoni użat kompletament jew primarjament għall-provvista ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni bejn il-punti ta' terminazzjoni tan-network;

(i) "servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni" tfisser kwalunkwe servizz tat-telekomunikazzjoni li jiġi offrut lill-pubbliku b'mod ġenerali;

(j) "abbonat" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun parti minn kuntratt ma' fornitur ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni għall-provvista ta' servizzi pubbliċi ta' telekomunikazzjoni;

(k) "telekomunikazzjonijiet" tfisser it-trażmissjoni u r-riċevuta ta' sinjali bi kwalunkwe mezz elettromanjetiku;

(l) "network tat-telekomunikazzjoni" tfisser sistemi ta' trażmissjoni u, meta applikabbli, tagħmir ta' switching jew ta' routing u riżorsi oħrajn, inklużi elementi tan-network li ma jkunux attivi, li jippermettu t-trażmissjoni u r-riċezzjoni ta' sinjali permezz ta' wajer, radju, mezzi ottiċi jew mezzi elettromanjetiċi oħrajn;

(m) "awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni" tfisser il-korp jew il-korpi inkarigati minn Parti bir-regolamentazzjoni tan-networks ta' telekomunikazzjoni u tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni koperti minn din is-Subtaqsima;

(n) "servizz tat-telekomunikazzjoni" tfisser servizz li jikkonsisti kompletament jew prinċipalment fit-trażmissjoni u fir-riċevuta ta' sinjali, inklużi sinjali tax-xandir, fuq networks tat-telekomunikazzjoni, inklużi dawk użati għax-xandir, iżda mhux servizz li jipprovdi, jew li jeżerċita kontroll editorjali fuq, kontenut trażmess bl-użu ta' networks ta' telekomunikazzjoni u ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni;

(o) "servizz universali" tfisser is-sett minimu ta' servizzi ta' kwalità speċifikata li jridu jkunu disponibbli għall-utenti kollha, jew għal sett ta' utenti, fit-territorju ta' Parti, jew f'suddiviżjoni ta' Parti, irrispettivament mill-post ġeografiku tagħhom u bi prezz affordabbli; u

(p) "utent" tfisser kwalunkwe persuna li tuża servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni.

Artikolu 10.48

Approċċi għar-regolamentazzjoni

1. Il-Partijiet jagħrfu l-valur tas-swieq kompetittivi biex ifornu għażla mifruxa fil-provvista ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni u biex isaħħu l-benessri tal-konsumatur, u li jaf ma jkunx hemm bżonn ta' regolamentazzjoni ekonomika jekk ikun hemm kompetizzjoni effettiva u sostenibbli. Kif xieraq, il-Partijiet jagħrfu li l-ħtiġijiet u l-approċċi regolatorji jvarjaw minn suq għall-ieħor, u li Parti tista' tiddetermina kif timplimenta l-obbligi tagħha skont din is-Subtaqsima.

2. F'dak ir-rigward, il-Partijiet jagħrfu li kull Parti tista':

(a) tkun involuta f'regolamentazzjoni diretta jew b'antiċipazzjoni ta' kwistjoni li l-Parti tistenna li tista' tqum jew sabiex issolvi kwistjoni li diġà tkun qamet fis-suq;

(b) tibbaża fuq ir-rwol tal-forzi tas-suq, b'mod partikolari fir-rigward tas-segmenti tas-suq li huma kompetittivi jew li għandhom ostakli baxxi għad-dħul, bħal servizzi forniti minn fornituri ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni li ma humiex sidien ta' faċilitajiet tan-network; jew

(c) tibbaża fuq regoli dwar l-istruttura tas-suq li jirrestringu l-attivitajiet ta' xi fornituri ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni li għandhom faċilitajiet tan-network, pereżempju billi jirrikjedu l-forniment ta' servizzi bl-ingrossa fuq bażi mhux diskriminatorja jew jipprojbixxu l-parteċipazzjoni f'suq bl-imnut, bl-għan li tiġi żgurata mġiba fis-suq ekwivalenti għal dik ta' parteċipanti f'suq kompetittiv.

3. Għal ċertezza akbar, Parti li żżomm lura milli tibda bir-regolamentazzjoni f'konformità mal-punt (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu tibqa' soġġetta għall-obbligi skont din is-Subtaqsima. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jipprevjeni lil Parti milli tirregola s-servizzi tat-telekomunikazzjoni.

Artikolu 10.49

Awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni li:

(a) tkun legalment distinta u funzjonalment indipendenti minn kwalunkwe fornitur ta' networks tat-telekomunikazzjoni, ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni jew ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni;

(b) tuża proċeduri u toħroġ deċiżjonijiet li jkunu imparzjali fir-rigward tal-parteċipanti kollha fis-suq;

(c) taġixxi b'mod indipendenti u ma tfittixx jew ma tiħux struzzjonijiet minn kwalunkwe korp ieħor fir-rigward tal-eżerċizzju tal-kompiti assenjati lilha bil-liġi sabiex tinforza l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 10.51 (Interkonnessjoni), 10.52 (Aċċess u użu), 10.53 (Soluzzjoni ta' tilwimiet dwar it-telekomunikazzjoni), 10.55 (Interkonnessjoni mal-fornituri ewlenin) u 10.56 (Aċċess għall-faċilitajiet essenzjali tal-fornituri ewlenin);

(d) ikollha s-setgħa biżżejjed li twettaq il-kompiti msemmijin fil-punt (c);

(e) ikollha s-setgħa li tiżgura li l-fornituri tan-networks ta' telekomunikazzjoni jew tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni jipprovduha, minnufih fuq talba, bl-informazzjoni kollha ([53]), inkluża l-informazzjoni finanzjarja, neċessarja sabiex jitwettqu l-kompiti msemmijin fil-punt (c); u

(f) teżerċita s-setgħat tagħha b'mod trasparenti u f'waqtu.

([53]) Kull Parti għandha tiżgura li l-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha tittratta l-informazzjoni mitluba f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-kompiti li għandhom jitwettqu mill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha jsiru pubbliċi f'forma faċilment aċċessibbli u ċara, b'mod partikolari meta dawk il-kompiti jiġu assenjati lil aktar minn korp wieħed.

3. Parti li żżomm sjieda jew kontroll tal-forniturі ta' networks ta' telekomunikazzjoni jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni għandha tiżgura s-separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjoni regolatorja mill-attivitajiet assoċjati mal-proprjetà jew mal-kontroll.

4. Kull Parti għandha tiżgura li utent jew fornitur ta' networks ta' telekomunikazzjoni jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni affettwat minn deċiżjoni tal-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha jkollu d-dritt ta' appell quddiem korp ta' appell li jkun indipendenti kemm mill-awtorità regolatorja u kif ukoll minn partijiet oħrajn affettwati. Sakemm joħroġ l-eżitu tal-appell, id-deċiżjoni għandha tibqa' tgħodd, sakemm ma jingħatawx miżuri *interim* f'konformità mal-liġi tal-Parti kkonċernata.

Artikolu 10.50

Awtorizzazzjoni sabiex jiġu pprovduti networks ta' telekomunikazzjoni u servizzi tat-telekomunikazzjoni

1. Jekk Parti tkun teħtieġ awtorizzazzjoni għall-forniment ta' networks ta' telekomunikazzjoni jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni, hija għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku t-tipi ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni li jeħtieġu awtorizzazzjoni, flimkien mal-kriterji kollha ta' awtorizzazzjoni, mal-proċeduri applikabbli, u mat-termini u l-kundizzjonijiet ġeneralment assoċjati mal-awtorizzazzjoni.

2. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tawtorizza l-forniment ta' networks ta' telekomunikazzjoni jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni mingħajr proċedura formali u tippermetti lill-fornitur jibda jipprovdi n-networks ta' telekomunikazzjoni jew is-servizzi ta' telekomunikazzjoni tiegħu mingħajr ma jkollu jistenna deċiżjoni mill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tiegħu. Jekk Parti tkun teħtieġ deċiżjoni formali ta' awtorizzazzjoni, hija għandha tiddikjara perjodu ta' żmien raġonevoli normalment meħtieġ sabiex tali deċiżjoni tinkiseb u tiġi kkomunikata b'mod trasparenti. Il-Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li d-deċiżjoni tittieħed fil-perjodu ta' żmien iddikjarat.

3. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe kriterju ta' awtorizzazzjoni jew proċedura applikabbli, u kwalunkwe obbligu jew kundizzjoni imposta fuq jew assoċjata ma' awtorizzazzjoni, ikunu oġġettivi, trasparenti, mhux diskriminatorji, relatati mas-servizz ipprovdut u mhux aktar ta' piż milli jkun neċessarju għat-tip ta' servizz ipprovdut.

4. Kull Parti għandha tiżgura li applikant jirċievi bil-miktub ir-raġunijiet għaċ-ċaħda jew għar-revoka ta' awtorizzazzjoni, jew għall-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet speċifiċi għall-fornitur. F'każijiet bħal dawn, applikant għandu jkollu dritt ta' appell quddiem korp ta' appell.

5. Kull Parti għandha tiżgura li t-tariffi amministrattivi imposti fuq il-forniturі jkunu oġġettivi, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati mal-kostijiet amministrattivi mġarrba b'mod raġonevoli fil-ġestjoni, fil-kontroll u fl-infurzar tal-obbligi stabbiliti f'din is-Sottotaqsima ([54]).

Artikolu 10.51

Interkonnessjoni

1. Il-partijiet jagħrfu li, fil-prinċipju, jenħtieġ li l-interkonnessjoni tiġi miftiehma fuq il-bażi ta' nnegozjar kummerċjali bejn il-forniturі ta' networks pubbliċi ta' telekomunikazzjoni jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni kkonċernati.

2. Għal dan l-għan, kull Parti għandha tiżgura li fornitur ta' networks pubbliċi ta' telekomunikazzjoni jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni fit-territorju tagħha jkollu d-dritt u, meta mitlub minn fornitur ieħor ta' networks pubbliċi ta' telekomunikazzjoni jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni pubbliċi, l-obbligu li jinnegozja interkonnessjoni bl-iskop li jipprovdi networks pubbliċi ta' telekomunikazzjoni jew servizzi tat-telekomunikazzjoni pubbliċi.

([54]) It-tariffi amministrattivi ma jinkludux pagamenti għad-drittijiet għall-użu ta' riżorsi skarsi u ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji għall-provvista ta' servizz universali.

Artikolu 10.52

Aċċess u użu

1. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe impriża jew fornitur ta' servizz kopert tal-Parti l-oħra jingħata aċċess għal networks pubbliċi ta' telekomunikazzjoni jew għal servizzi tat-telekomunikazzjoni pubbliċi u l-użu tagħhom skont termini u kundizzjonijiet raġonevoli u nondiskriminatorji ([55]). Dan l-obbligu għandu jitwettaq, fost l-oħrajn, f'konformità mal-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-impriżi koperti jew il-forniturі ta' servizzi tal-Parti l-oħra jkollhom aċċess għal kwalunkwe network pubbliku ta' telekomunikazzjoni jew servizz tat-telekomunikazzjoni pubbliku offrut fit-territorju tagħha jew f'livell transfruntier u l-użu tiegħu, inklużi ċirkwiti privati mikrija, u għal dak il-għan għandha tiżgura, soġġetta għall-paragrafu 5, li tali impriżi u forniturі jkollhom il-permess li:

(a) jixtru jew jikru u jqabbdu terminal jew tagħmir ieħor li joħloq interfaċċa man-network pubbliku ta' telekomunikazzjoni u li jkun neċessarju għat-twettiq tal-operazzjonijiet tagħhom;

(b) joħolqu interkonnessjoni bejn ċirkwiti privati mikrijin jew proprjetà tagħhom u networks tat-telekomunikazzjoni pubbliċi jew ċirkwiti mikrija jew proprjetà ta' impriża jew fornitur ta' servizz ieħor kopert; u

(c) jużaw il-protokolli operattivi tal-għażla tagħhom fl-operazzjonijiet tagħhom, għajr kif meħtieġ sabiex jiżguraw id-disponibbiltà ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-impriżi jew il-forniturі ta' servizzi koperti tal-Parti l-oħra jkunu jistgħu jużaw in-networks pubbliċi ta' telekomunikazzjoni u s-servizzi tat-telekomunikazzjoni pubbliċi għall-moviment ta' informazzjoni fil-pajjiż u b'mod transfruntier, inkluż għall-komunikazzjoni intrakorporattiva tagħhom, u għall-aċċess għall-informazzjoni li tinsab fil-bażijiet tad-*data* jew inkella maħżuna f'forma li tinqara elettronikament fit-territorju ta' kwalunkwe Parti.

4. Minkejja l-paragrafu 3, Parti tista' tieħu miżuri li jkunu neċessarji sabiex tiżgura s-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet, soġġetta għar-rekwiżit li tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jkun jikkostitwixxi restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ fis-servizzi jew fuq it-twettiq ta' kwalunwke attività ekonomika oħra koperta minn dan il-Kapitolu jew mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli.

5. Kull Parti għandha tiżgura li l-ebda kundizzjoni ma tkun imposta fuq l-aċċess għan-networks pubbliċi ta' telekomunikazzjoni jew għas-servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni u għall-użu tagħhom minbarra dawk neċessarji sabiex:

(a) tissalvagwardja r-responsabbilitajiet tas-servizz pubbliku tal-forniturі ta' networks pubbliċi ta' telekomunikazzjoni jew ta' servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, b'mod partikolari l-abilità tagħhom li jagħmlu s-servizzi pubbliċi pubbliċi ta' telekomunikazzjoni tagħhom disponibbli; jew

(b) tipproteġi l-integrità teknika tan-networks pubbliċi ta' telekomunikazzjoni jew tas-servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni.

Artikolu 10.53

Soluzzjoni ta' tilwimiet dwar it-telekomunikazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li, fil-każ ta' tilwima li tinqala' bejn il-forniturі ta' networks ta' telekomunikazzjoni jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni b'rabta mad-drittijiet u mal-obbligi li jirriżultaw minn din is-Subtaqsima, u fuq talba ta' kwalunkwe parti involuta fit-tilwima, l-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha toħroġ deċiżjoni vinkolanti fi żmien raġonevoli sabiex tiġi riżolta t-tilwima.

2. Kull Parti għandha tiżgura li deċiżjoni mill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni tagħha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità tan-negozju, u li l-partijiet ikkonċernati jingħataw dikjarazzjoni sħiħa tar-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni u jkollhom id-dritt ta' appell kif imsemmi fl-Artikolu 10.49(4) (Awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni).

([55]) Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-terminu "mhux diskriminatorju" tfisser trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u trattament nazzjonali kif definit fl-Artikoli 10.6 (Trattament nazzjonali), 10.7 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit), 10.16 (Trattament nazzjonali), 10.7 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) u 10.17 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit), kif ukoll taħt termini u kundizzjonijiet mhux anqas favorevoli minn dawk mogħtijin lil kwalunkwe utent ieħor ta' networks ta' telekomunikazzjoni jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni pubbliċi f'sitwazzjonijiet simili.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċedura speċifikata fil-paragrafi 1 u 2 ma tipprekludix lil xi parti kkonċernata milli tieħu azzjoni legali quddiem awtorità ġudizzjarja, f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-Parti.

Artikolu 10.54

Salvagwardji kompetittivi fuq fornituri maġġuri

Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri xierqa sabiex timpedixxi lill-fornituri ta' networks ta' telekomunikazzjoni jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni li, waħedhom jew flimkien, ikunu fornitur ewlieni, milli jwettqu jew ikomplu jwettqu prattiki antikompetittivi. Il-prattiki antikompetittivi jistgħu jinkludu:

(a) l-involviment f'sussidju inkroċjat antikompetittiv;

(b) l-użu ta' informazzjoni miksuba mingħand il-kompetituri b'riżultati antikompetittivi; u

(c) li ma titpoġġiex fil-ħin għad-dispożizzjoni ta' fornituri oħrajn ta' servizz, informazzjoni teknika dwar il-faċilitajiet essenzjali u informazzjoni kummerċjalment relevanti li jkunu neċessarji sabiex jipprovdu s-servizzi.

Artikolu 10.55

Interkonnessjoni ma' fornituri ewlenin

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri ewlenin tan-networks pubbliċi ta' telekomunikazzjoni jew tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni pubbliċi jipprovdu interkonnessjoni fi kwalunkwe punt teknikament fattibbli fin-network. Interkonnessjoni bħal din għandha tingħata:

(a) skont termini u kundizzjonijiet mhux diskriminatorji, inkluż fir-rigward ta' rati, u ta' standards u ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, li jinkludu l-kwalità u l-manutenzjoni, u ta' kwalità xejn anqas favorevoli minn dik ipprovduta għal servizzi simili proprji ta' tali fornitur ewlieni, jew għal servizzi simili tas-sussidjarji tiegħu jew ta' affiljati oħrajn;

(b) b'mod f'waqtu, skont termini u kundizzjonijiet, inkluż fir-rigward ta' rati, ta' standards u ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, li jinkludu l-kwalità u l-manutenzjoni, li jkunu trasparenti, raġonevoli, u b'kunsiderazzjoni tal-fattibbiltà ekonomika, u diżaggregati biżżejjed sabiex il-fornitur ma jkollux bżonn iħallas għal elementi jew għal faċilitajiet tan-network li ma jkunx jeħtieġ sabiex jiġi pprovdut is-servizz; u

(c) fuq talba, fil-punti miżjudin mal-punti tat-terminazzjoni tan-network offruti lill-maġġoranza tal-utenti, soġġetti għal ħlasijiet li jirriflettu l-kost tal-kostruzzjoni ta' faċilitajiet addizzjonali neċessarji.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri applikabbli għall-interkonnessjoni ma' fornitur ewlieni jsiru disponibbli pubblikament.

3. Kull Parti tiżgura li fornitur ewlieni fit-territorju tagħha jagħmel il-ftehimiet ta' interkonnessjoni tiegħu jew inkella l-offerti ta' interkonnessjoni tiegħu pubblikament disponibbli, kif ikun xieraq.

Artikolu 10.56

Aċċess għall-faċilitajiet essenzjali ta' fornituri ewlenin

Kull Parti għandha tiżgura li fornitur ewlieni fit-territorju tagħha jagħmel il-faċilitajiet essenzjali tiegħu disponibbli għall-fornituri ta' networks ta' telekomunikazzjoni jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni b'termini u b'kundizzjonijiet raġonevoli, trasparenti u mhux diskriminatorji għall-iskop li jiġu pprovduti servizzi pubbliċi tat-telekomunikazzjoni, għajr meta dan ma jkunx neċessarju sabiex tinkiseb kompetizzjoni effettiva fuq il-bażi tal-fatti miġbura u tal-valutazzjoni tas-suq imwettqa mill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjoni.

Artikolu 10.57

Riżorsi skarsi

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-allokazzjoni u l-għoti tad-drittijiet tal-użu ta' riżorsi skarsi, inkluż l-ispettru tal-frekwenza tar-radju, in-numri u d-drittijiet tal-mogħdija, jitwettqu bl-użu ta' proċeduri li jkunu oġġettivi, f'waqthom, trasparenti, mhux diskriminatorji u li ma joħolqux diżinċentiv għall-applikazzjoni għad-drittijiet tal-użu ta' riżorsi skarsi.

2. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tqis l-interess pubbliku, inkluża l-promozzjoni tal-kompetizzjoni, u biex tiddependi fuq approċċi bbażati fuq is-suq, inklużi mekkaniżmi bħall-irkanti, meta talloka u tagħti d-drittijiet tal-użu tal-ispettru tal-frekwenza tar-radju għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni pubbliċi.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-użu kurrenti ta' baned ta' frekwenzi allokati għandu jkun magħmul disponibbli għall-pubbliku, iżda ma hemmx bżonn ta' identifikazzjoni dettaljata tal-ispettru tar-radju allokat għal użi governattivi speċifiċi.

4. Miżuri ta' Parti għall-allokazzjoni u għall-assenjazzjoni ta' spettru u għall-ġestjoni tal-frekwenza ma humiex inkonsistenti minnhom infushom mal-Artikoli 10.5 (Aċċess għas-suq) u 10.14 (Aċċess għas-suq). Kull Parti żżomm id-dritt li tistabbilixxi u tapplika miżuri ta' ġestjoni tal-ispettru u l-frekwenza li jista' jkollhom l-effett li jillimitaw in-numru ta' fornituri ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni, dment li tagħmel dan b'mod konsistenti ma' dan il-Ftehim. Dan jinkludi l-ħila ta' allokazzjoni ta' baned ta' frekwenzi, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet kurrenti u futuri u d-disponibbiltà tal-ispettru.

Artikolu 10.58

Servizz universali

1. Kull Parti għandha d-dritt li tiddefinixxi t-tip ta' obbligi ta' servizz universali li tixtieq iżżomm u li tiddeċiedi dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom.

2. Kull Parti għandha tamministra l-obbligi ta' servizz universali b'mod trasparenti, oġġettiv u mhux diskriminatorju, li jkun newtrali fir-rigward tal-kompetizzjoni u mhux aktar ta' piż milli neċessarju għat-tip ta' servizz universali ddefinit mill-Parti.

3. Jekk Parti taħtar fornitur ta' servizz universali, hija għandha tagħmel dan b'mod li jkun effiċjenti, trasparenti, mhux diskriminatorju u miftuħ għall-fornituri kollha ta' networks pubbliċi ta' telekomunikazzjoni jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni pubbliċi.

4. Jekk Parti tiddeċiedi li tikkumpensa lil fornitur ta' servizz universali, għandha tiżgura li tali kumpens ma jaqbiżx il-kost nett ikkawżat mill-obbligu ta' servizz universali.

Artikolu 10.59

Portabilità tan-numri

Kull Parti għandha tiżgura li fornitur ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni pubbliċi jipprovdi portabilità tan-numri b'termini u b'kundizzjonijiet raġonevoli.

Artikolu 10.60

Kunfidenzjalità tal-informazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li fornitur li jikseb informazzjoni minn fornitur ieħor fil-proċess ta' negozjar ta' arranġament skont l-Artikolu 10.51 (Interkonnessjoni), 10.52 (Aċċess u użu), 10.55 (Interkonnessjoni ma' fornituri ewlenin) jew 10.56 (Aċċess għall-faċilitajiet essenzjali tal-fornituri ewlenin) juża tali informazzjoni biss għall-iskop li għalih ġiet ipprovduta u jirrispetta f'kull ħin il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni trażmessa jew maħżuna ([56]).

([56]) Għal ċertezza akbar, Parti tista' tissodisfa dan l-obbligu billi tippermetti l-infurzar ta' ftehimiet ta' nuqqas ta' divulgazzjoni bejn il-fornituri.

2. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri sabiex tipproteġi l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u tad-*data* dwar it-traffiku relatata trażmessa fl-użu ta' networks pubbliċi ta' telekomunikazzjoni jew ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni pubbliċi, b'mod li ma jkunx diskriminatorju u li ma jillimitax b'mod mhux xieraq il-provvista ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni.

Artikolu 10.61

Konnettività tat-telekomunikazzjoni

Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tad-disponibbiltà u tal-adozzjoni ta' networks ta' kapaċità għolja ħafna u ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni ta' kwalità għolja, inkluż f'żoni rurali u remoti, bħala mezz li jippermetti lill-persuni u lin-negozji jaċċessaw il-benefiċċji tal-kummerċ.

Subtaqsima 5

Servizzi finanzjarji

Artikolu 10.62

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din is-Subtaqsima tapplika għal miżuri ta' Parti li jaffettwaw il-forniment ta' servizzi finanzjarji. Din is-Subtaqsima ma tapplikax għall-aspetti mhux konformi tal-miżuri adottati jew miżmuma f'konformità mal-Artikolu 10.10 (Miżuri mhux konformi) jew 10.18 (Miżuri mhux konformi).

2. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, "attività mwettqa fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva" definita fil-punt (a) tal-Artikolu 10.3 (Definizzjonijiet) tfisser dan li ġej:

(a) attività mmexxija minn bank ċentrali jew minn awtorità monetarja jew minn kwalunkwe entità pubblika li jkunu qegħdin isegwu politika monetarja jew tar-rata tal-kambju;

(b) attività li tifforma parti minn sistema statutorja ta' pjanijiet tas-sigurtà soċjali jew ta' pjanijiet pubbliċi dwar l-irtirar; u

(c) attivitajiet oħrajn immexxijin minn entità pubblika f'isem jew bil-garanzija jew bl-użu tar-riżorsi finanzjarji tal-Parti jew tal-entitajiet pubbliċi tagħha.

3. Jekk Parti tippermetti li xi attività msemmija fil-punt (b) jew (c) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu titwettaq mill-forniturі tagħha ta' servizzi finanzjarji li huma f'kompetizzjoni ma' entità pubblika jew ma' fornitur ta' servizzi finanzjarji, "servizz" definit fil-punt (m) tal-Artikolu 10.3 (Definizzjonijiet), għandha tinkludi dawk l-attivitajiet.

4. Il-punt (a) tal-Artikolu 10.3 (Definizzjonijiet) ma japplikax għal servizzi finanzjarji koperti minn din is-Subtaqsima.

Artikolu 10.63

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima u tat-Taqsimiet B (Liberalizzazzjoni tal-investiment), C (Kummerċ transfruntier fis-servizzi), D (Dħul u soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju) u s-Subtaqsima 1 (Regolamentazzjoni domestika) tat-Taqsima E (Qafas regolatorju) ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "servizz finanzjarju" tfisser kull servizz ta' natura finanzjarja li jingħata minn fornitur ta' servizzi finanzjarji ta' Parti. Is-servizzi finanzjarji jinkludu s-servizzi kollha tal-assigurazzjoni u dawk relatati mal-assigurazzjoni, u s-servizzi bankarji kollha u servizzi finanzjarji oħrajn (minbarra l-assigurazzjoni). Servizzi finanzjarji jinkludu l-attivitajiet li ġejjin:

(i) assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni:

(A) assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni):

(1) tal-ħajja; u

(2) mhux tal-ħajja;

(B) riassigurazzjoni u retroċessjoni;

(C) intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni, bħas-senserija u l-aġenzija; u

(D) servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni, bħal servizzi ta' konsultazzjoni, attwarji, ta' valutazzjoni tar-riskju u ta' riżoluzzjoni tal-pretensjonijiet;

(ii) servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħrajn (eskluża l-assigurazzjoni):

(A) aċċettazzjoni ta' depożiti u ta' fondi ripagabbli oħrajn mill-pubbliku;

(B) self ta' kull tip, inkluż il-kreditu tal-konsumatur, il-kreditu ipotekarju, il-fatturament u l-finanzjament ta' tranżazzjonijiet kummerċjali;

(C) il-lokazzjoni finanzjarja;

(D) is-servizzi kollha ta' ħlasijiet u ta' trażmissjoni tal-flus, inklużi kreditu, tariffi u karti tad-debitu, ċekkijiet tal-vjaġġaturi u drafts bankarji;

(E) il-garanziji u l-impenji;

(F) in-negozjar akkont proprju jew akkont tal-klijenti, sew jekk f'borża, f'suq finanzjarju barra l-borża, jew b'xi mod ieħor, ta' dawn li ġejjin:

(1) strumenti tas-suq monetarju (fosthom ċekkijiet, kambjali u ċertifikati ta' depożiti);

(2) muniti barranin;

(3) prodotti derivattivi inkluż futuri u opzjonijiet;

(4) ir-rata tal-kambju u strumenti tar-rata tal-imgħax, fosthom prodotti bħal swaps u ftehim dwar ir-rata forward;

(5) titoli trasferibbli; u

(6) strumenti oħrajn negozjabbli u assi finanzjarji, inklużi ingotti tad-deheb;

(G) parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' titoli, inklużi sottoskrizzjoni u pjazzament bħala aġent (sew jekk pubblikament sew jekk privatament) u l-forniment ta' servizzi relatati ma' ħruġ bħal dan;

(H) senserija ta' flus;

(I) amministrazzjoni tal-assi, bħall-ġestjoni tal-likwidità jew tal-portafoll, il-forom kollha ta' ġestjoni ta' investimenti kollettivi, ġestjoni ta' fondi provident, servizzi ta' kustodja ta' depożitu u fiduċjarji;

(J) servizzi ta' saldu u ta' kklerjar għal assi finanzjarji, inklużi titoli, prodotti derivattivi, u strumenti negozjabbli oħrajn;

(K) għoti u trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u pproċessar ta' *data* finanzjarja u software relatat; u

(L) servizzi ta' konsulenza, ta' intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljari oħrajn fir-rigward tal-attivitajiet elenkati fil-punti (A) sa (K), inklużi r-referenza u l-analiżi tal-kreditu, ir-riċerka u l-pariri dwar l-investimenti u l-portafolli, u l-pariri dwar l-akkwiżizzjonijiet u r-ristrutturar u l-istrateġija korporattivi;

(b) "fornitur ta' servizzi finanzjarji" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ta' Parti li tforni jew li tfittex li tforni servizzi finanzjarji u ma tinkludix entità pubblika;

(c) "entità pubblika" tfisser:

(i) gvern, bank ċentrali jew awtorità monetarja ta' Parti, jew entità proprjetà ta' Parti jew ikkontrollata minnha, li tkun involuta prinċipalment fit-twettiq ta' funzjonijiet governattivi jew ta' attivitajiet għal skopijiet governattivi, li ma tinkludix entità involuta prinċipalment fil-forniment ta' servizzi finanzjarji fuq termini kummerċjali; jew

(ii) entità privata, li twettaq funzjonijiet li normalment jitwettqu minn bank ċentrali jew minn awtorità monetarja, waqt l-eżerċizzju ta' dawk il-funzjonijiet;

(d) "servizz finanzjarju ġdid" tfisser servizz ta' natura finanzjarja inkluż servizzi marbutin ma' prodotti eżistenti u ma' prodotti ġodda jew il-mod li bih jitwassal prodott, li ma jkunx ipprovdut minn xi fornitur ta' servizz finanzjarju fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet iżda li jiġi fornut fit-territorju tal-Parti l-oħra; u

(e) "organizzazzjoni awtoregolatorja" tfisser kwalunkwe korp mhux governattiv, inkluż suq tat-titoli jew tal-futuri, aġenzija tal-ikklerjar, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni oħra, li teżerċita awtorità regolatorja jew superviżorja fuq il-forniturі ta' servizzi finanzjarji permezz ta' statut jew delegazzjoni minn gvernijiet jew minn awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali, meta applikabbli.

Artikolu 10.64

Konċessjoni prudenzjali

1. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jipprevjeni lil Parti milli tadotta jew iżżomm miżuri għal raġunijiet prudenzjali, fosthom:

(a) il-protezzjoni ta' investituri, ta' depożitanti, ta' titolari ta' poloz jew ta' persuni li lilhom huwa dovut obbligu fiduċjarju minn fornitur ta' servizzi finanzjarji; jew

(b) l-iżgurar tal-integrità u tal-istabilità tas-sistema finanzjarja ta' Parti.

2. Jekk miżuri bħal dawn ma jikkonformawx ma' dan il-Ftehim, ma għandhomx jintużaw bħala mezz sabiex jiġu evitati l-impenji jew l-obbligi tal-Parti skont dan il-Ftehim.

Artikolu 10.65

Divulgazzjoni ta' informazzjoni

Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat li jeħtieġ li xi Parti tiddivulga informazzjoni relatata mal-affarijiet u l-kontijiet ta' konsumaturi individwali jew xi informazzjoni kunfidenzjali jew proprjetarja fil-pussess ta' entitajiet pubbliċi.

Artikolu 10.66

Standards internazzjonali

1. Kull Parti għandha tqis kif xieraq li tiżgura li l-istandards maqbulin internazzjonalment għar-regolamentazzjoni u għas-superviżjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji u għall-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa fis-settur tas-servizzi finanzjarji jiġu implimentati u applikati fit-territorju tagħha. Tali standards mifthiema internazzjonalment jinkludu dawk adottati mill-G20, mill-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja, mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, b'mod partikolari l-"Prinċipji Fundamentali għal Kontroll bankarju effikaċi" tiegħu, mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni , b'mod partikolari l-"Prinċipji Fundamentali tal-Assigurazzjoni" tagħha, mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli, b'mod partikolari l-"Objettivi u Prinċipji tar-Regolament dwar it-Titoli" tagħha, mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja, u mill-Forum Globali dwar it-Trasparenza u l-Iskambju ta' Informazzjoni għal Finijiet tat-Taxxa.

2. Il-Partijiet għandhom jimmiraw li jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar l-iżvilupp ta' standards internazzjonali.

Artikolu 10.67

Servizzi finanzjarji ġodda għat-territorju ta' Parti

1. Kull Parti għandha tippermetti lil fornitur ta' servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra stabbilit fit-territorju tagħha jforni kwalunkwe servizz finanzjarju ġdid li hija tippermetti lill-forniturі ta' servizzi finanzjarji tagħha stess li jfornu, f'sitwazzjonijiet simili, f'konformità mal-liġi tagħha, dment li l-introduzzjoni tas-servizz finanzjarju l-ġdid ma tkunx teħtieġ emenda ta' liġi eżistenti jew l-adozzjoni ta' liġi ġdida. Dan ma japplikax għal fergħat ta' forniturі ta' servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra stabbiliti fit-territorju ta' Parti.

2. Parti tista' tiddetermina l-forma istituzzjonali u ġuridika li biha jista' jiġi pprovdut servizz finanzjarju ġdid u tista' teħtieġ l-awtorizzazzjoni għall-provvista ta' tali servizz. Meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni bħal din, għandha tittieħed deċiżjoni f'perjodu raġonevoli ta' żmien u l-awtorizzazzjoni tista' tiġi miċħuda biss għal raġunijiet ta' prudenza.

Artikolu 10.68

Organizzazzjonijiet awtoregolatorji

Jekk Parti tkun teħtieġ sħubija jew parteċipazzjoni fi kwalunkwe organizzazzjoni awtoregolatorja, jew aċċess għal din, sabiex il-forniturі ta' servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra jfornu servizzi finanzjarji fit-territorju tal-ewwel Parti, il-Parti għandha tiżgura l-osservanza minn dik l-organizzazzjoni awtoregolatorja tal-obbligi skont l-Artikoli 10.6 (Trattament nazzjonali), 10.7 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit), 10.16 (Trattament nazzjonali) u 10.17 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit).

Artikolu 10.69

Sistemi ta' kklerjar u ta' pagament

Skont it-termini u l-kundizzjonijiet li jagħtu trattament nazzjonali, kull Parti tagħti lill-forniturі ta' servizzi tal-Parti l-oħra stabbiliti fit-territorju tagħha, aċċess għal sistemi ta' pagament u ta' kklerjar operati minn entitajiet pubbliċi u għal faċilitajiet uffiċjali ta' finanzjament u ta' rifinanzjament li huma disponibbli fil-perkors normali ta' negozju ordinarju. Dan l-Artikolu ma għandux jagħti aċċess għall-faċilitajiet mutwanti tal-aħħar istanza tal-Parti.

Subtaqsima 6

Servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali

Artikolu 10.70

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għall-forniment ta' servizzi internazzjonali tat-trasport marittimu skont it-Taqsimiet B (Liberalizzazzjoni tal-investiment), C (Kummerċ transfruntier fis-servizzi) u D (Dħul u soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi għal skopijiet ta' negozju) ta' dan il-Kapitolu u tapplika għall-miżuri ta' Parti li jaffettwaw il-kummerċ fis-servizzi internazzjonali tat-trasport marittimu. Din is-Subtaqsima ma tapplikax għall-aspetti mhux konformi tal-miżuri adottati jew miżmuma f'konformità mal-Artikolu 10.10 (Miżuri mhux konformi) jew 10.18 (Miżuri mhux konformi).

2. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima u tat-Taqsimiet B (Liberalizzazzjoni tal-investiment), C (Kummerċ transfruntier fis-servizzi) u D (Dħul u soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju) ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "servizzi ta' depot u ta' stazzjon tal-kontejners" tfisser attivitajiet li jikkonsistu fil-ħażna ta' kontejners, kemm fiż-żoni tal-port kif ukoll fiż-żoni interni ta' pajjiż, bl-għan li jitgħabbew bil-merkanzija/jinħattu, jissewwew u jiġu magħmula disponibbli għat-tbaħħir;

(b) "żdoganar tal-merkanzija" tfisser attivitajiet li jikkonsistu fit-twettiq f'isem parti oħra tal-formalitajiet doganali li jikkonċernaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-trasport tal-merkanzija li sejra għad-destinazzjoni tagħha, irrispettivament minn jekk dan is-servizz ikunx l-attività ewlenija tal-fornitur ta' servizz jew komplement tas-soltu tal-attività ewlenija tiegħu;

(c) "operazzjonijiet tat-trasport mill-bieb sal-bieb jew multimodali" tfisser it-trasportazzjoni ta' merkanzija bl-użu ta' aktar minn modalità waħda tat-trasport, li tinvolvi parti mill-vjaġġ fuq il-baħar, b'dokument uniku tat-trasport;

(d) "servizzi sussidjarji" tfisser it-trasport minn qabel u 'l quddiem bil-baħar ta' merkanzija internazzjonali, inklużi merkanzija f'kontejners, merkanzija li titgħabba individwalment u merkanzija xotta jew likwida bl-ingrossa, bejn portijiet li jinsabu fit-territorju ta' Parti, merkanzija internazzjonali en route diretta lejn destinazzjoni, jew ġejja minn port tat-tagħbija, barra mit-territorju ta' dik il-Parti;

(e) "servizzi ta' spedizzjoni tal-merkanzija" tfisser l-attività li tikkonsisti fl-organizzar u l-monitoraġġ ta' operazzjonijiet ta' trasport bil-baħar f'isem spedituri, permezz tal-akkwist ta' trasport u ta' servizzi relatati, il-preparazzjoni ta' dokumenti u l-provvista ta' informazzjoni dwar in-negozju;

(f) "merkanzija internazzjonali" tfisser merkanzija ttrasportata bejn port ta' Parti waħda u port tal-Parti l-oħra jew ta' pajjiż terz, jew bejn portijiet ta' Stati Membri differenti;

(g) "servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali" tfisser it-trasportazzjoni ta' passiġġieri jew ta' merkanzija permezz ta' bastimenti li jbaħħru bejn port ta' Parti u port tal-Parti l-oħra jew ta' pajjiż terz, inklużi kuntratti diretti ma' fornituri ta' servizzi tat-trasport oħrajn, bl-għan li jkopru l-operazzjonijiet ta' trasport minn bieb sa bieb jew multimodali skont dokument wieħed tat-trasport, iżda mhux id-dritt li jipprovdu dawk is-servizzi tat-trasport l-oħrajn;

(h) "servizzi ta' aġenzija marittima" tfisser attivitajiet li jikkonsistu fir-rappreżentanza, f'żona ġeografika partikolari, bħala aġent tal-interessi tan-negozju ta' linja tat-tbaħħir jew kumpanija tat-tbaħħir waħda jew aktar għall-finijiet li ġejjin:

(i) promozzjoni u bejgħ ta' servizzi ta' trasport marittimu u servizzi relatati, mill-ħruġ ta' stimi għall-ħruġ ta' fatturi, u l-ħruġ ta' poloz tat-tagħbija f'isem il-kumpaniji, l-akkwiżizzjoni u l-bejgħ mill-ġdid tas-servizzi neċessarji relatati, it-tħejjija tad-dokumentazzjoni, u l-provvista ta' informazzjoni kummerċjali;

(ii) l-aġir f'isem il-kumpaniji li jorganizzaw fejn isorġi l-bastiment jew fejn jittieħed il-kontroll tal-merkanziji meta jkun meħtieġ;

(i) "servizzi marittimi awżiljarji" tfisser servizzi marittimi ta' maniġġ ta' merkanzija, servizzi ta' żdoganar, servizzi ta' stazzjon tal-kontejners u ta' depot, servizzi ta' aġenzija marittima u servizzi marittimi ta' trasportazzjoni tal-merkanzija; u

(j) "servizzi marittimi ta' maniġġ tal-merkanzija" tfisser attivitajiet imwettqin minn kumpaniji ta' burdnara, li jinkludu l-operaturi tat-terminal, iżda li ma jinkludux l-attivitajiet diretti tal-ħaddiema fil-baċiri tat-tarzna, meta din il-forza tax-xogħol tiġi organizzata b'mod indipendenti mill-kumpaniji tal-burdnara jew tal-operaturi tat-terminal. L-attivitajiet koperti jinkludu l-organizzazzjoni u s-superviżjoni ta' dawn:

(i) it-tagħbija jew il-ħatt ta' merkanzija fuq bastiment jew minnu;

(ii) l-irbit jew il-ħall tal-merkanzija; u

(iii) ir-riċevuta jew il-konsenja u ż-żamma sigura tal-merkanzija qabel it-trasportazzjoni jew wara r-rilaxx.

Artikolu 10.71

Obbligi

1. Kull Parti għandha timplimenta aċċess mingħajr restrizzjonijiet għas-swieq marittimi internazzjonali u għar-rotot kummerċjali fuq bażi kummerċjali u nondiskriminatorja billi:

(a) tagħti lil bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Parti l-oħra, jew operati minn fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra, trattament xejn anqas favorevoli minn dak li tagħti lill-bastimenti tagħha stess, inkluż fir-rigward ta' dawn:

(i) l-aċċess għall-portijiet;

(ii) l-użu tal-infrastruttura u tas-servizzi tal-portijiet;

(iii) l-użu ta' servizzi awżiljarji marittimi;

(iv) it-tariffi u l-imposti relatati; u

(v) faċilitajiet doganali u l-assenjament ta' postijiet ta' rmiġġ u ta' faċilitajiet għat-tagħbija u għall-ħatt;

(b) tagħti permess lill-fornituri ta' servizzi marittimi internazzjonali tal-Parti l-oħra sabiex jistabbilixxu u joperaw intrapriża fit-territorju tagħha bil-kundizzjonijiet xejn anqas favorevoli minn dawk li tagħti lill-fornituri ta' servizzi tagħha stess;

(c) tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-fornituri ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra, b'patti u b'kundizzjonijiet raġonevoli u nondiskriminatorji, is-servizzi segwenti fil-portijiet tagħha: pilotaġġ; assistenza fl-irmonkar; proviżjonament; riforniment tal-fjuwil u tal-ilma; ġbir tal-iskart u rimi ta' skart tas-saborra; servizzi ta' kaptan portwali; għajnuniet għan-navigazzjoni; faċilitajiet ta' tiswijiet ta' emerġenza; ankraġġ; servizzi ta' rmiġġ u ta' postijiet ta' rmiġġ; u servizzi operattivi bbażati fuq l-art essenzjali għall-operazzjonijiet tal-bastiment, inklużi mezzi ta' komunikazzjoni, provvisti ta' ilma u ta' elettriku;

(d) tippermetti lill-forniturі internazzjonali ta' servizzi tat-trasport marittimu tal-Parti l-oħra, soġġetti għall-awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti meta applikabbli, sabiex jerġgħu jippożizzjonaw kontejners vojta li huma proprjetà tagħhom jew b'lokazzjoni, li ma jinġarrux bħala merkanzija bi ħlas, bejn portijiet ta' New Zealand jew bejn portijiet ta' Stat Membru; u

(e) tippermetti lill-forniturі internazzjonali ta' servizzi tat-trasport marittimu tal-Parti l-oħra jipprovdu servizzi sussidjarji f'punt ċentrali bejn il-portijiet ta' New Zealand jew bejn il-portijiet ta' Stat Membru, soġġetti għall-awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti meta applikabbli.

2. Meta japplikaw il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, il-Partijiet:

(a) ma għandhomx jintroduċu arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-merkanzija fi ftehimiet futuri ma' pajjiżi terzi dwar is-servizzi tat-trasport marittimu, inkluż fir-rigward tal-kummerċ ta' merkanzija xotta bl-ingrossa jew ta' merkanzija likwida sfuża u kummerċ tal-linji tat-tbaħħir;

(b) għandha ttemm, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, l-arranġamenti eżistenti għall-kondiviżjoni tal-merkanzija kif imsemmi fil-punt (a) li jeżistu fi ftehimiet preċedenti; u

(c) ma għandhiex tadotta jew iżżomm xi miżura amministrattiva, teknika jew miżura oħra li tista' tikkostitwixxi restrizzjoni moħbija, jew li jkollha effetti diskriminatorji arbitrarji jew mhux ġustifikati meta jkunu jeżistu kundizzjonijiet simili, fuq il-provvista libera ta' servizzi fit-trasport marittimu internazzjonali.

Kapitolu 11

Movimenti ta' kapital, pagamenti u trasferimenti

Artikolu 11.1

Pagamenti u trasferimenti

Kull Parti għandha tippermettikwalunkwe pagament jew trasferiment, f'munita liberament konvertibbli u f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikoli tal-Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali, fir-rigward ta' tranżazzjonijiet fuq il-kont kurrenti tal-bilanċi tal-pagamenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 11.2

Movimenti tal-kapital

Kull Parti għandha tippermetti, fir-rigward ta' tranżazzjonijiet fil-kont kapitali u finanzjarju tal-bilanċi tal-pagamenti, il-moviment liberu ta' kapital għall-finijiet ta' liberalizzazzjoni tal-investimenti u ta' tranżazzjonijiet oħrajn kif previsti fil-Kapitolu 10 (Kummerċ fis-servizzi u l-investiment).

Artikolu 11.3

Applikazzjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti relatati mal-movimenti ta' kapital, mal-pagamenti u mat-trasferimenti

1. Xejn fl-Artikoli 11.1 (Pagamenti u trasferimenti) u 11.2 (Movimenti ta' kapital) ma għandu jiġi interpretat li jipprevjeni lil Parti milli tapplika l-liġijiet u r-regolamenti tagħha b'rabta ma' dawn:

(a) il-falliment, l-insolvenza jew il-protezzjoni tad-drittijiet tal-kredituri;

(b) il-ħruġ, il-kummerċ jew in-negozjar f'titoli, f'derivattivi bħal futuri jew opzjonijiet, jew fi strumenti finanzjarji oħrajn;

(c) ir-rapportar finanzjarju jew iż-żamma ta' rekords ta' movimenti ta' kapital, ta' pagamenti jew ta' trasferimenti meta jkunu neċessarji sabiex jassistu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew lill-awtoritajiet regolatorji finanzjarji;

(d) reati kriminali jew penali, prattiki qarrieqa jew frawdolenti;

(e) żgurar tal-konformità ma' ordnijiet jew sentenzi fi proċedimenti amministrattivi jew ġuridiċi; jew

(f) skemi tas-sigurtà soċjali jew ta' rtirar pubbliku jew skemi ta' tfaddil obbligatorju.

2. Parti ma għandhiex tapplika l-liġijiet u r-regolamenti msemmijin fil-paragrafu 1 b'mod arbitrarju jew diskriminatorju, jew b'mod li jikkostitwixxi restrizzjoni moħbija fuq il-movimenti kapitali, fuq il-pagamenti jew fuq it-trasferimenti.

KAPITOLU 12

Kummerċ diġitali

Taqsima A

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 12.1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għall-miżuri ta' Parti li jaffettwaw il-kummerċ permezz ta' mezzi elettroniċi.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

(a) servizzi awdjoviżivi;

(b) informazzjoni miżmuma jew ipproċessata minn Parti jew f'isimha, jew miżuri relatati ma' tali informazzjoni, inklużi miżuri relatati mal-ġbir tagħha; u

(c) miżuri adottati jew miżmumin minn New Zealand li tqis neċessarji sabiex tipproteġi jew tippromwovi d-drittijiet, l-interessi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-Māori ([57]) fir-rigward ta' kwistjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu, inkluż fit-twettiq tal-obbligi ta' New Zealand skont te Tiriti o Waitangi/it-Trattat ta' Waitangi, dment li tali miżuri ma jintużawx bħala mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata kontra persuni tal-Parti l-oħra jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ permessa b'mezzi elettroniċi. Il-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim) ma japplikax għall-interpretazzjoni ta' te Tiriti o Waitangi/it-Trattat ta' Waitangi, inkluż fir-rigward tan-natura tad-drittijiet u tal-obbligi li jirriżultaw minnu.

Artikolu 12.2

Definizzjonijiet

1. Id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10.3 (Definizzjonijiet) tal-Kapitolu 10 (Kummerċ fis-servizzi u l-investiment) japplikaw għal dan il-Kapitolu.

2. Id-definizzjoni tat- terminu "servizz tat-telekomunikazzjoni pubbliku" fil-punt (i) tal-Artikolu 10.47 (Definizzjonijiet) tapplika għal dan il-Kapitolu.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "konsumatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li tuża servizz tat-telekomunikazzjoni pubbliku għal skopijiet oħrajn li ma jkunux professjonali;

(b) "akkwist diġitali" tfisser l-akkwist permezz ta' mezzi elettroniċi;

(c) "komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni diretta" tfisser kwalunkwe forma ta' reklamar kummerċjali li permezz tiegħu persuna tikkomunika messaġġi ta' kummerċjalizzazzjoni direttament lil utent permezz ta' servizz tat-telekomunikazzjoni pubbliku, inklużi l-posta elettronika u l-messaġġi testwali u multimedjali (SMS u MMS);

(d) "awtentikazzjoni elettronika" tfisser proċess jew att elettroniku ta' verifika li jippermetti l-konferma ta' dawn:

(i) l-identifikazzjoni elettronika ta' persuna; jew

(ii) l-oriġini u l-integrità tad-*data* f'forma elettronika;

([57]) Għal ċertezza akbar, id-drittijiet, l-interessi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-Māori jinkludu dawk relatati ma' mātauranga Māori.

(e) "fatturazzjoni elettronika" jew "e-fatturazzjoni" tfisser il-ħolqien, l-iskambju u l-ipproċessar awtomatizzati ta' fatturi bejn il-fornituri u x-xerrejja bl-użu ta' format diġitali strutturat;

(f) "siġill elettroniku" tfisser *data* f'forma elettronika użata minn persuna ġuridika li tiġi mehmuża jew assoċjata loġikament ma' *data* oħra f'forma elettronika sabiex jiġu żgurati l-oriġini u l-integrità ta' dik id-*data* l-oħra;

(g) "firma elettronika" tfisser *data* f'forma elettronika li tiġi mehmuża jew assoċjata b'mod loġiku ma' *data* oħra f'forma elettronika, li:

(i) tista' tintuża sabiex tidentifika l-firmatarju fir-rigward tad-*data* l-oħra f'forma elettronika; u

(ii) tintuża minn firmatarju sabiex jaqbel dwar id-*data* l-oħra f'forma elettronika ([58]);

(h) "servizz ta' aċċess għall-internet" tfisser servizz pubbliku tat-telekomunikazzjoni li jipprovdi aċċess għall-internet u, b'hekk, konnettività ma' virtwalment kull punt aħħari tal-internet, irrispettivament mit-teknoloġija tan-network u mit-tagħmir terminali użati;

(i) "*data* personali" tfisser informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli;

(j) "dokument tal-amministrazzjoni tal-kummerċ" tfisser formola maħruġa jew ikkontrollata minn Parti li trid timtela minn importatur jew esportatur jew għalih b'rabta mal-importazzjoni jew mal-esportazzjoni ta' oġġetti; u

(k) "utent" tfisser persuna li tuża servizz tat-telekomunikazzjoni pubbliku.

Artikolu 12.3

Dritt għar-regolamentazzjoni

Il-Partijiet itennu d-dritt ta' kull Parti li tirregola fit-territorji tagħha sabiex tilħaq objettivi ta' politika leġittimi, bħall-protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, tas-servizzi soċjali, tal-edukazzjoni pubblika, tas-sikurezza, tal-ambjent, inklużi t-tibdil fil-klima, il-morali pubbliċi, il-protezzjoni soċjali jew tal-konsumatur, it-trattament xieraq tal-annimali, il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*, il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali u, fil-każ ta' New Zealand, il-promozzjoni jew il-protezzjoni tad-drittijiet, tal-interessi, tad-dmirijiet u tar-responsabbiltajiet tal-Māori.

Taqsima B

Flussi transfruntiera tad-*data* u l-protezzjoni ta' *data* personali

Artikolu 12.4

Flussi transfruntieri tad-*data*

1. Il-Partijiet huma impenjati li jiżguraw flussi transfruntiera tad-*data* sabiex jiffaċilitaw il-kummerċ fl-ekonomija diġitali u jirrikonoxxu li kull Parti jista' jkollha r-rekwiżiti regolatorji tagħha f'dan ir-rigward.

2. Għal dak l-għan, Parti ma għandhiex tillimita l-flussi transfruntiera tad-*data* li jseħħu bejn il-Partijiet fil-kuntest ta' attività li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, billi:

(a) teħtieġ l-użu ta' faċilitajiet tal-kompjuter jew ta' elementi tan-network fit-territorju tagħha għall-ipproċessar tad-*data*, inkluż bil-ħtieġa tal-użu ta' faċilitajiet tal-kompjuter jew ta' elementi tan-network li huma ċċertifikati jew approvati fit-territorju tal-Parti;

(b) il-ħtieġa tal-lokalizzazzjoni tad-*data* fit-territorju tiegħu;

(c) il-projbizzjoni tal-ħżin jew tal-ipproċessar tad-*data* fit-territorju tal-Parti l-oħra; jew

([58]) Għal ċertezza akbar, xejn f'din id-definizzjoni ma jipprevjeni lil Parti milli skont effett legali akbar tagħmel firma elettronika li tissodisfa ċerti rekwiżiti, bħall-indikazzjoni li d-*data* ma nbidlitx jew il-verifika tal-identità tal-firmatarju.

(d) jagħmlu t-trasferiment transfruntier tad-*data* kontinġenti fuq l-użu ta' faċilitajiet tal-kompjuter jew ta' elementi tan-network fit-territorju tagħha jew fuq rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni fit-territorju tagħha.

3. Għal ċertezza akbar, il-Partijiet jifhmu li xejn f'dan l-Artikolu ma jipprevjeni lill-Partijiet milli jadottaw jew iżommu miżuri f'konformità mal-Artikolu 25.1 (Eċċezzjonijiet Ġenerali) sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-ordni pubbliku msemmijin fih, li, għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, għandhom jiġu interpretati, meta rilevanti, b'mod li jqis in-natura evoluzzjonarja tat-teknoloġiji diġitali. Is-sentenza preċedenti ma taffettwax l-applikazzjoni ta' eċċezzjonijiet oħrajn f'dan il-Ftehim għal dan l-Artikolu.

4. Il-Partijiet għandhom iżommu l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu taħt rieżami u jivvalutaw il-funzjonament tiegħu fi żmien tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor. Parti tista' wkoll fi kwalunkwe ħin tipproponi lill-Parti l-oħra sabiex tirrieżamina dan l-Artikolu. Tali proposta għandha tingħata kunsiderazzjoni simpatetika.

5. Fil-kuntest tar-rieżami msemmi fil-paragrafu 4, u wara r-rilaxx tar-Rapport tal-Waitangi Tribunal Wai 2522 datat id-19 ta' Novembru 2021, New Zealand:

(a) tafferma mill-ġdid il-kapaċità kontinwa tagħha li tappoġġa u tippromwovi l-interessi tal-Māori skont dan il-Ftehim; u

(b) tafferma l-intenzjoni tagħha li tinvolvi lill-Māori sabiex tiżgura li r-rieżami msemmi fil-paragrafu 4 iqis il-ħtieġa kontinwa ta' New Zealand li tappoġġa lill-Māori sabiex jeżerċitaw id-drittijiet u l-interessi tagħhom, u li tissodisfa r-responsabbiltajiet tagħha skont te Tiriti o Waitangi/it-Trattat ta' Waitangi u l-prinċipji tiegħu.

Artikolu 12.5

Protezzjoni ta' *data* personali u tal-privatezza

1. Kull Parti tagħraf li l-protezzjoni ta' *data* personali u tal-privatezza hija dritt fundamentali u li standards għoljin f'dan ir-rigward jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kunfidenza tal-konsumatur u tal-fiduċja fil-kummerċ diġitali.

2. Kull Parti tista' tadotta jew iżżomm miżuri li tqis xierqa sabiex tiżgura l-protezzjoni ta' *data* personali u tal-privatezza, inkluż permezz tal-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' regoli għat-trasferiment transfruntier ta' *data* personali. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jaffettwa l-protezzjoni ta' *data* personali u l-privatezza mogħtija mill-miżuri rispettivi tal-Partijiet.

3. Kull Parti għandha tinforma lill-Parti l-oħra dwar kwalunkwe miżura msemmija fil-paragrafu 2 li hija tadotta jew iżżomm.

4. Kull Parti għandha tippubblika informazzjoni dwar il-protezzjoni ta' *data* personali u tal-privatezza li tipprovdi lill-utenti tal-kummerċ diġitali, inklużi:

(a) kif l-individwi jistgħu jfittxu rimedju għal ksur tal-protezzjoni ta' *data* personali jew tal-privatezza li jirriżulta mill-kummerċ diġitali; u

(b) gwida u informazzjoni oħra dwar il-konformità tan-negozji mar-rekwiżiti legali applikabbli li jipproteġu d-*data* personali u l-privatezza.

Taqsima C

Dispożizzjonijiet speċifiċi

Artikolu 12.6

Dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi

1. Parti ma għandhiex timponi dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi bejn persuna ta' Parti waħda u persuna tal-Parti l-oħra.

2. Għal ċertezza akbar, il-paragrafu 1 ma għandux jipprekludi lil Parti milli timponi taxxi, tariffi jew imposti interni oħrajn fuq trażmissjonijiet elettroniċi, dment li tali taxxi, tariffi jew imposti oħrajn jiġu imposti b'mod konsistenti ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 12.7

Ebda awtorizzazzjoni minn qabel

1. Kull Parti għandha tieħu impenn li ma timponix l-għoti ta' awtorizzazzjoni preliminari jew kwalunkwe rekwiżit ieħor li jkollu effett ekwivalenti fuq il-forniment ta' servizzi b'mezzi elettroniċi.

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-iskemi ta' awtorizzazzjoni li ma humiex immirati b'mod speċifiku u esklużiv lejn servizzi pprovduti b'mezzi elettroniċi, u għal regoli fil-qasam tat-telekomunikazzjoni.

Artikolu 12.8

Konklużjoni ta' kuntratti b'mezzi elettroniċi

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha, kull Parti għandha tiżgura li:

(a) il-kuntratti jkunu jistgħu jiġu konklużi b'mezzi elettroniċi;

(b) il-kuntratti ma jkunux imċaħħdin mill-effett legali, mill-validità jew mill-eżegwibbiltà biss fuq il-bażi li l-kuntratt ġie konkluż b'mezzi elettroniċi; u

(c) ma jinħoloq jew ma jinżamm l-ebda ostaklu ieħor għall-użu ta' kuntratti elettroniċi.

Artikolu 12.9

Awtentikazzjoni elettronika

1. Ħlief f'ċirkostanzi previsti mod ieħor skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha, Parti ma għandhiex tiċħad l-effett legali jew l-ammissibbiltà bħala evidenza fi proċedimenti legali ta' dokument elettroniku, ta' firma elettronika, ta' siġill elettroniku, jew tad-*data* tal-awtentikazzjoni li tirriżulta mill-awtentikazzjoni elettronika, fuq il-bażi biss li tkun f'forma elettronika.

2. Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm miżuri li jkunu:

(a) jipprojbixxu lill-partijiet għal tranżazzjoni elettronika milli jiddeterminaw b'mod reċiproku l-metodi xierqa ta' awtentikazzjoni elettronika għat-tranżazzjoni elettronika tagħhom; jew

(b) jipprevjenu lill-partijiet għal tranżazzjoni elettronika milli jkunu jistgħu jagħtu prova lill-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi li l-użu ta' awtentikazzjoni elettronika f'dik it-tranżazzjoni elettronika jikkonforma mal-obbligi legali applikabbli.

3. Minkejja l-paragrafu 2, Parti tista' titlob li, għal kategorija partikolari ta' tranżazzjonijiet elettroniċi, il-metodu ta' awtentikazzjoni elettronika:

(a) ikun iċċertifikat minn awtorità akkreditata f'konformità mal-liġi ta' dik il-Parti; jew

(b) ikun jissodisfa ċerti standards ta' prestazzjoni, li għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u għandhom ikunu relatati biss mal-karatteristiċi speċifiċi tal-kategorija ta' tranżazzjonijiet elettroniċi kkonċernati.

4. Sa fejn previst skont il-liġijiet jew ir-regolamenti tagħha, Parti għandha tapplika l-paragrafi 1 sa 3 għal proċessi jew għal mezzi elettroniċi oħrajn ta' faċilitazzjoni jew ta' abilitazzjoni ta' tranżazzjonijiet elettroniċi, bħal kronogrammi elettroniċi jew servizzi elettroniċi ta' konsenja reġistrata.

Artikolu 12.10

Fatturazzjoni elettronika

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-istandards tal-fatturazzjoni elettronika bħala element ewlieni tas-sistemi tal-akkwist diġitali sabiex jappoġġaw l-interoperabbiltà u l-kummerċ diġitali u li tali sistemi jistgħu jintużaw ukoll għal tranżazzjonijiet elettroniċi bejn in-negozji u bejn in-negozji u l-konsumaturi.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-implimentazzjoni ta' miżuri relatati mal-fatturazzjoni elettronika fil-ġuriżdizzjoni tagħha tkun imfassla sabiex tappoġġa l-interoperabbiltà transfruntiera. Meta jiżviluppaw miżuri relatati mal-fatturazzjoni elettronika, kull Parti għandha tqis, kif xieraq, oqfsa, linji gwida jew rakkomandazzjonijiet internazzjonali, fejn tali oqfsa internazzjonali, linji gwida jew rakkomandazzjonijiet jeżistu.

3. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jaqsmu l-aħjar prattiki li għandhom x'jaqsmu mas-sistemi tal-fatturazzjoni elettronika u tal-akkwist diġitali.

Artikolu 12.11

Trasferiment ta' kodiċi tas-sors jew aċċess għalih

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza soċjali u ekonomika dejjem akbar tal-użu tat-teknoloġiji diġitali, u l-importanza tal-iżvilupp u l-użu sikur u responsabbli ta' teknoloġiji diġitali, inkluż fir-rigward tal-kodiċi tas-sors tas-software sabiex titrawwem il-fiduċja pubblika.

2. Parti ma għandhiex teħtieġ it-trasferiment tal-kodiċi tas-sors tas-software li jkun proprjetà ta' persuna tal-Parti l-oħra, jew l-aċċess għalih, bħala kundizzjoni għall-importazzjoni, għall-esportazzjoni, għad-distribuzzjoni, għall-bejgħ jew għall-użu ta' tali software, jew ta' prodotti li jkun fihom tali software, fit-territorju tagħha jew mit-territorju tagħha ([59]).

3. Għal ċertezza akbar, il-paragrafu 2:

(a) ma japplikax għat-trasferiment volontarju ta' kodiċi tas-sors ta' software fuq bażi kummerċjali minn persuna tal-Parti l-oħra, jew għall-għoti ta' aċċess għalih, pereżempju fil-kuntest ta' tranżazzjoni ta' akkwist pubbliku jew ta' kuntratt innegozjat liberament; u

(b) ma jaffettwax id-dritt ta' korpi regolatorji, amministrattivi, tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarji ta' Parti li jirrikjedu li l-modifika tal-kodiċi tas-sors tas-software tikkonforma mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha li ma humiex inkonsistenti ma' dan il-Ftehim.

4. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu:

(a) jaffettwa d-dritt tal-awtoritajiet regolatorji, tal-korpi tal-infurzar tal-liġi, ġudizzjarji jew tal-valutazzjoni tal-konformità ta' Parti li jaċċessaw il-kodiċi tas-sors tas-software, jew qabel jew wara l-importazzjoni, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-bejgħ jew l-użu, għall-investigazzjoni, għall-ispezzjoni jew għall-eżaminazzjoni, għall-azzjoni ta' infurzar jew għall-finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji, sabiex jiddeterminaw il-konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti tagħha, inklużi dawk relatati man-nondiskriminazzjoni u mal-prevenzjoni tal-preġudizzju, soġġetti għal salvagwardji kontra d-divulgazzjoni mhux awtorizzata;

(b) jaffettwa r-rekwiżiti minn awtorità tal-kompetizzjoni jew korp rilevanti ieħor ta' Parti sabiex jirrimedjaw ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni;

(c) jaffettwa l-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali; jew

(d) jaffettwa d-dritt ta' Parti li tieħu miżuri f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 14.1(2) (Inkorporazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-GPA) li permezz tiegħu l-Artikolu III tal-GPA huwa inkorporat u magħmul parti minn dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

([59]) Dan l-Artikolu ma jipprekludix Parti milli tirrikjedi li jiġi pprovdut aċċess għas-software użat għall-infrastruttura kritika, sa fejn ikun meħtieġ sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-infrastruttura kritika, soġġett għal salvagwardji kontra divulgazzjoni mhux awtorizzata.

Artikolu 12.12

Fiduċja tal-konsumaturi online

1. Filwaqt li tagħraf l-importanza tat-tisħiħ tal-fiduċja tal-konsumatur fil-kummerċ diġitali, kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri sabiex tiżgura l-protezzjoni effettiva tal-konsumaturi involuti fi tranżazzjonijiet ta' kummerċ elettroniku, inklużi miżuri li:

(a) jipprojbixxu prattiki kummerċjali frawdolenti u qarrieqa, inklużi prattiki kummerċjali qarrieqa;

(b) jirrikjedu li l-fornituri ta' oġġetti u ta' servizzi jaġixxu *bona fide* u jirrispettaw prattiki kummerċjali ġusti, inkluż bir-rispett tad-drittijiet tal-konsumaturi rigward oġġetti u servizzi mhux mitlubin; u

(c) jagħtu lill-konsumaturi aċċess għal rimedju għal ksur tad-drittijiet tagħhom, inkluż dritt għal rimedji f'każijiet li fihom l-oġġetti jew is-servizzi jitħallsu u ma jiġux ikkonsenjati jew ipprovduti kif miftiehem.

2. Kull Parti għandha tipprovdi livell ta' protezzjoni għall-konsumaturi involuti fi tranżazzjonijiet ta' kummerċ elettroniku li jkun tal-anqas ekwivalenti għal dak previst għall-konsumaturi tal-kummerċ imwettaq b'mezzi mhux elettroniċi skont il-liġijiet, ir-regolamenti u l-politiki tagħha.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jagħtu lill-aġenziji tagħhom għall-protezzjoni tal-konsumatur jew lil korpi rilevanti oħrajn setgħat ta' infurzar adegwati u l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-protezzjoni tal-konsumatur jew korpi rilevanti oħrajn tagħhom sabiex jipproteġu lill-konsumaturi u jtejbu l-fiduċja tal-konsumaturi online.

4. Il-Partijiet jagħrfu l-benefiċċji tal-mekkaniżmi sabiex jiffaċilitaw ir-riżoluzzjoni ta' pretensjonijiet relatati ma' tranżazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku transfruntier. Għal dak l-għan, il-Partijiet għandhom jesploraw l-għażliet sabiex jagħmlu dawn il-mekkaniżmi disponibbli għat-tranżazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku transfruntier bejniethom.

Artikolu 12.13

Komunikazzjonijiet mhux mitluba ta' kummerċjalizzazzjoni diretta

1. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri sabiex tiżgura l-protezzjoni effettiva tal-utenti kontra komunikazzjonijiet mhux mitluba ta' kummerċjalizzazzjoni diretta.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-komunikazzjonijiet diretti ta' kummerċjalizzazzjoni ma jintbagħtux lil utenti li huma persuni fiżiċi sakemm ma jkunux taw il-kunsens tagħhom li jirċievu tali komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni. Il-kunsens għandu jiġi ddefinit f'konformità mad-dritt tal-Parti kkonċernata.

3. Minkejja l-paragrafu 2, kull Parti għandha tippermetti lill-persuni li jkunu ġabru, f'konformità mad-dritt tagħha, id-dettalji ta' kuntatt ta' utent fil-kuntest tal-provvista ta' oġġetti jew ta' servizzi, sabiex jibagħtu komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta lil dak l-utent għall-oġġetti jew għas-servizzi simili tagħhom stess.

4. Kull Parti għandha tiżgura li l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta jkunu identifikabbli biċ-ċar bħala tali, jiddivulgaw biċ-ċar f'isem min isiru u jkun fihom l-informazzjoni neċessarja sabiex ir-riċevituri jkunu jistgħu jitolbu waqfien mingħajr ħlas fi kwalunkwe ħin.

5. Kull Parti għandha tipprovdi lill-utenti aċċess għal rimedju kontra l-fornituri ta' komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta li ma jikkonformawx mal-miżuri adottati jew miżmuma skont il-paragrafi 1 sa 4.

Artikolu 12.14

Kooperazzjoni dwar kwistjonijiet regolatorji fir-rigward tal-kummerċ diġitali

1. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar il-kwistjonijiet regolatorji li ġejjin fil-kuntest tal-kummerċ diġitali:

(a) ir-rikonoxximent u l-faċilitazzjoni ta' servizzi fiduċjarji u ta' awtentikazzjoni elettroniċi interoperabbli;

(b) it-trattament ta' komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni diretta;

(c) il-protezzjoni tal-konsumaturi online, inklużi l-mezzi għar-rimedju tal-konsumatur u għall-bini tal-kunfidenza tal-konsumatur;

(d) l-isfidi għall-SMEs fl-użu tal-kummerċ elettroniku;

(e) il-gvern elettroniku; u

(f) kwistjonijiet oħrajn rilevanti għall-iżvilupp tal-kummerċ diġitali.

2. Għal ċertezza akbar, dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għar-regoli u għas-salvagwardji ta' Parti għall-protezzjoni ta' *data* personali u tal-privatezza, inkluż dwar it-trasferimenti transfruntiera ta' *data* personali.

3. Meta jkun xieraq, il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jieħdu sehem b'mod attiv f'fora internazzjonali sabiex jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku.

4. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet taċ-ċibersigurtà rilevanti għall-kummerċ diġitali.

Artikolu 12.15

Kummerċ mingħajr karti ta' prodotti

1. Bl-għan li jinħoloq ambjent tal-fruntieri mingħajr karti għall-kummerċ fl-oġġetti, il-Partijiet jagħrfu l-importanza li jiġu eliminati l-formoli u d-dokumenti stampati meħtieġa għall-importazzjoni, għall-esportazzjoni jew għat-tranżitu tal-oġġetti. Għal dak l-għan, il-Partijiet huma mħeġġin jeliminaw il-formoli u d-dokumenti stampati, kif xieraq, u t-tranżizzjoni lejn l-użu ta' formoli u ta' dokumenti f'formati bbażati fuq id-*data*.

2. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tagħmel id-dokumenti tal-amministrazzjoni tan-negozju li toħroġ jew tikkontrolla, jew li huma meħtieġa fil-perkors normali tal-kummerċ, disponibbli għall-pubbliku f'format elettroniku. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, it-terminu "format elettroniku" jinkludi formati adatti għall-interpretazzjoni awtomatizzata u għall-ipproċessar elettroniku mingħajr intervent mill-bniedem, kif ukoll immaġnijiet u formoli diġitalizzati.

3. Kull Parti għandha tieħu impenn li taċċetta l-verżjonijiet elettroniċi tad-dokumenti tal-amministrazzjoni tal-kummerċ bħala l-ekwivalenti legali tal-verżjonijiet stampati tad-dokumenti tal-amministrazzjoni tal-kummerċ.

4. Il-Partijiet għandhom jieħdu impenn sabiex jikkooperaw b'mod bilaterali u f'fora internazzjonali sabiex itejbu l-aċċettazzjoni tal-verżjonijiet elettroniċi tad-dokumenti tal-amministrazzjoni tal-kummerċ.

5. Fl-iżvilupp ta' inizjattivi li jipprevedu l-użu ta' kummerċ mingħajr karti ta' prodotti, kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tqis il-metodi miftehmin minn organizzazzjonijiet internazzjonali.

Artikolu 12.16

Aċċess għall-internet miftuħ

Il-Partijiet jagħrfu l-benefiċċji fl-abilitazzjoni tal-utenti fit-territorji rispettivi tagħhom, soġġetti għall-politiki, għal-liġijiet u għar-regolamenti applikabbli ta' kull Parti, sabiex:

(a) jaċċessaw, jiddistribwixxu u jużaw is-servizzi u l-applikazzjonijiet tal-għażla tagħhom disponibbli fuq l-internet, soġġetti għal ġestjoni raġonevoli tan-network li ma tibblokkax jew ma tnaqqasx it-traffiku fuq il-bażi ta' raġunijiet kummerċjali;

(b) jikkollegaw l-apparati tal-għażla tagħhom mal-internet, dment li tali apparati ma jagħmlux ħsara lin-network; u

(c) ikollhom aċċess għal informazzjoni dwar il-prattiki ta' ġestjoni tan-network tal-fornitur tagħhom ta' servizzi ta' aċċess għall-internet.

KAPITOLU 13

Enerġija u materja prima

Artikolu 13.1

Objettivi

L-objettivi ta' dan il-Kapitolu huma li jiffaċilitaw il-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet sabiex jippromwovu, jiżviluppaw u jżidu l-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u l-produzzjoni sostenibbli tal-materja prima, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji ekoloġiċi.

Artikolu 13.2

Prinċipji

1. Kull Parti żżomm id-dritt sovran li tiddetermina jekk iż-żoni fit-territorju tagħha, kif ukoll fl-ilmijiet arċipelaġiċi u territorjali tagħha, fiż-żona ekonomika esklużiva u fil-blata kontinentali tagħha, humiex disponibbli għall-esplorazzjoni u għall-produzzjoni ta' prodotti tal-enerġija u ta' materja prima.

2. Kull Parti tippreserva d-dritt tagħha li tadotta, iżżomm u tinforza miżuri li huma neċessarji sabiex jiġi żgurat il-forniment ta' prodotti tal-enerġija u ta' materja prima u li huma konsistenti ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 13.3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "awtorizzazzjoni" tfisser il-permess, il-liċenzja, il-konċessjoni jew strument amministrattiv jew kuntrattwali simili li permezz tagħhom l-awtorità kompetenti ta' Parti tintitola lil entità sabiex teżerċita ċerta attività ekonomika fit-territorju tagħha;

(b) "ibbilanċjar" tfisser l-azzjonijiet u l-proċessi, fil-perjodi kollha ta' żmien, li permezz tagħhom l-operaturi tan-network jiżguraw b'mod kontinwu ż-żamma tal-frekwenza tas-sistema f'firxa tal-istabbiltà predefinita u l-konformità mal-ammont ta' riservi meħtieġa fir-rigward tal-kwalità meħtieġa;

(c) "oġġetti tal-enerġija" tfisser l-oġġetti li minnhom tiġi ġġenerata l-enerġija u li huma elenkati mill-kodiċi SA korrispondenti fl-Anness 13 (Listi ta' oġġetti tal-enerġija, ta' idrokarburi u ta' materja prima) ([60]);

(d) "idrokarburi" tfisser l-oġġetti li huma elenkati mis-SA korrispondenti fl-Anness 13 (Listi ta' oġġetti tal-enerġija, ta' idrokarburi u ta' materja prima);

(e) "materja prima" tfisser materja użata fil-manifattura ta' oġġetti industrijali li hija elenkata skont il-kodiċi SA korrispondenti fl-Anness 13 (Listi ta' oġġetti tal-enerġija, ta' idrokarburi u ta' materja prima) ([61]);

(f) "elettriku rinnovabbli" tfisser elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

(g) "enerġija rinnovabbli" tfisser enerġija prodotta minn sorsi solari, eoliċi, tal-ilma, ġeotermali, bijoloġiċi, tal-oċeani kif ukoll minn sorsi ambjentali oħrajn fejn is-sors oriġinali tal-enerġija huwa rinnovabbli;

(h) "standard" tfisser standard kif definit fl-Anness 1 tal-Ftehim dwar l-OTK; u

(i) "regolament tekniku" tfisser regolament tekniku kif definit fl-Anness 1 tal-Ftehim dwar l-OTK.

([60]) Għal ċertezza akbar, it-terminu "oġġetti tal-enerġija" ma jinkludix oġġetti agrikoli, tal-forestrija jew tas-sajd għajr il-bijogass jew il-bijofjuwils.

([61]) Għal ċertezza akbar, it-terminu "materja prima" ma jinkludix oġġetti agrikoli, tal-forestrija jew tas-sajd.

Artikolu 13.4

Monopolji fuq l-importazzjoni u fuq l-esportazzjoni

Parti ma għandhiex tiddeżinja jew iżżomm monopolju dežinjat fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-terminu "monopolju fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni" ifisser id-dritt esklużiv jew l-għoti ta' awtorità minn Parti lil entità sabiex timporta oġġetti tal-enerġija jew materja prima mill-Parti l-oħra, jew tesporta oġġetti tal-enerġija jew materja prima lejha ([62]).

Artikolu 13.5

Ipprezzar tal-esportazzjoni

Parti ma għandhiex timponi prezz għall-esportazzjonijiet tagħha ta' oġġetti tal-enerġija jew materja prima lill-Parti l-oħra li jkun ogħla mill-prezz mitlub għal tali oġġetti tal-enerġija jew materja prima meta jkunu destinati għas-suq domestiku, permezz ta' kwalunkwe miżura bħal liċenzji jew rekwiżiti ta' prezz minimu.

Artikolu 13.6

Ipprezzar domestiku

Kull Parti għandha tiżgura li l-prezzijiet tal-enerġija elettrika u tal-gass naturali bl-ingrossa jirriflettu l-provvista u d-domanda reali. Jekk Parti tiddeċiedi li tirregola l-prezz tal-provvista domestika tal-oġġetti tal-enerġija u tal-materja prima (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "prezz regolat"), tista' tagħmel dan biss sabiex tikseb objettiv leġittimu ta' politika pubblika, u biss billi timponi prezz regolat li jkun definit b'mod ċar, trasparenti, mhux diskriminatorju u proporzjonat.

Artikolu 13.7

Awtorizzazzjoni għall-esplorazzjoni u għall-produzzjoni ta' oġġetti tal-enerġija u ta' materja prima

1. Jekk Parti tkun teħtieġ awtorizzazzjoni għall-esplorazzjoni jew għall-produzzjoni ta' elettriku, idrokarburi jew ta' materja prima, dik il-Parti għandha:

(a) tagħti tali awtorizzazzjoni f'konformità mal-kundizzjonijiet u mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 10.33 (Oġġettività, imparzjalità u indipendenza) u 10.34 (Pubblikazzjoni u informazzjoni disponibbli); u

(b) tiżgura proċess trasparenti għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet u tippubblika tal-anqas it-tip ta' awtorizzazzjoni u l-qasam rilevanti jew parti minnu, b'tali mod li tippermetti lill-applikanti potenzjalment interessati jissottomettu l-applikazzjonijiet.

2. Parti tista' tagħti awtorizzazzjonijiet mingħajr ma tikkonforma mal-kundizzjonijiet u mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 10.34 (Pubblikazzjoni u informazzjoni disponibbli) u fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin relatati mal-idrokarburi:

(a) iż-żona tkun ġiet soġġetta għal proċedura preċedenti li tikkonforma mal-Artikolu 10.34 (Pubblikazzjoni u informazzjoni disponibbli) u mal-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li ma tkunx irriżultat fl-għoti ta' awtorizzazzjoni;

(b) iż-żona tkun disponibbli fuq bażi permanenti għall-esplorazzjoni jew għall-produzzjoni; jew

(c) l-awtorizzazzjoni mogħtija tkun ġiet irrinunzjata qabel id-data ta' skadenza tagħha.

3. Parti tista' teħtieġ li entità li tkun ingħatat awtorizzazzjoni tħallas kontribuzzjoni finanzjarja jew kontribuzzjoni *in natura* ([63]). Il-kontribuzzjoni finanzjarja jew il-kontribuzzjoni *in natura* għandha tiġi stabbilita b'mod li ma jfixkilx il-proċess tal-ġestjoni u tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' tali entità.

([62]) Għal ċertezza akbar, dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu 10 (Kummerċ fis-servizzi u l-investiment) u ma jinkludix dritt li jirriżulta mill-għoti ta' dritt ta' proprjetà intellettwali.

([63]) Għal ċertezza akbar, it-termini "kontribuzzjoni finanzjarja u kontribuzzjoni *in natura*" f'dan il-paragrafu ma jinkludi l-ebda titolu jew pagament meħtieġ għall-finijiet li entità tissodisfa obbligu li tiffinanzja u twettaq dekummissjonar jew kwalunkwe garanzija jew pagament meħtieġ għal attivitajiet ta' wara d-dekummissjonar.

4. Kull Parti għandha tiżgura li l-applikant jingħata r-raġunijiet għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni tiegħu sabiex jippermetti lil dak l-applikant ikollu rikors għal proċeduri għal appell jew għal rieżami. Il-proċeduri għal appell jew għal rieżami għandhom jiġu ppubblikati minn qabel.

Artikolu 13.8

Valutazzjoni tal-impatt ambjentali

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-liġijiet u r-regolamenti tagħha jirrikjedu valutazzjoni tal-impatt ambjentali għal attivitajiet relatati mal-produzzjoni ta' oġġetti tal-enerġija jew ta' materja prima, meta t-tali attivitajiet jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent.

2. Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali msemmija fil-paragrafu 1, kull Parti għandha, kif meħtieġ mil-liġijiet u mir-regolamenti tagħha:

(a) tiżgura li l-persuni interessati kollha, inklużi l-organizzazzjonijiet nongovernattivi, ikollhom opportunità bikrija u effettiva, u perjodu ta' żmien xieraq, sabiex jipparteċipaw fil-valutazzjoni tal-impatt ambjentali kif ukoll perjodu ta' żmien xieraq sabiex jipprovdu kummenti dwar ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali;

(b) tqis is-sejbiet tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali relatati mal-effetti fuq l-ambjent qabel ma tingħata l-awtorizzazzjoni;

(c) tagħmel disponibbli għall-pubbliku s-sejbiet tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali; u

(d) tidentifika u tivvaluta kif xieraq l-effetti sinifikanti ta' proġett fuq:

(i) il-popolazzjoni u s-saħħa tal-bniedem;

(ii) il-bijodiversità;

(iii) l-art, il-ħamrija, l-ilma, l-arja u l-klima; u

(iv) il-wirt kulturali u l-pajsaġġ, inklużi l-effetti mistennijin li jirriżultaw mill-vulnerabbiltà tal-proġett għal riskji ta' aċċidenti jew ta' diżastri kbar li huma rilevanti għall-proġett ikkonċernat.

Artikolu 13.9

Riskji u sikurezza offshore

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-funzjonijiet regolatorji relatati mas-sikurezza u mal-ħarsien tal-ambjent tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore jitwettqu b'mod indipendenti minn funzjonijiet regolatorji relatati mal-iżvilupp ekonomiku u mal-liċenzjar tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore, bħal billi jinżammu entitajiet legali separati.

2. Kull Parti għandha, meta applikabbli, tistabbilixxi l-kundizzjonijiet neċessarji għall-esplorazzjoni u għall-produzzjoni taż-żejt u tal-gass offshore sikuri fit-territorju tagħha, sabiex tipproteġi l-ambjent tal-baħar u l-komunitajiet kostali kontra t-tniġġis. Tali kundizzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq standards għoljin ta' sikurezza u ta' ħarsien tal-ambjent għall-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore.

3. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw, kif xieraq, sabiex jippromwovu fuq livell internazzjonali standards għoljin ta' sikurezza u ta' ħarsien tal-ambjent għall-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore billi jaqsmu informazzjoni u jżidu t-trasparenza dwar is-sikurezza u l-prestazzjoni ambjentali.

Artikolu 13.10

Aċċess għall-infrastruttura tal-enerġija għall-produtturi tal-elettriku rinnovabbli

1. Minħajr preġudizzju għall-Artikolu 13.7 (Awtorizzazzjoni għall-esplorazzjoni u għall-produzzjoni ta' oġġetti tal-enerġija u ta' materja prima), kull Parti għandha tiżgura li l-produtturi tal-elettriku rinnovabbli fit-territorju tagħha jingħataw aċċess għall-infrastruttura tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku fit-territorju tagħha fuq il-bażi ta' termini mhux diskriminatorji, raġonevoli u li jirriflettu l-kostijiet f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara li tkun ġiet sottomessa t-talba għall-aċċess u f'kundizzjonijiet li jippermettu l-użu affidabbli ta' tali infrastruttura.

2. Kull Parti għandha tiżgura li s-sidien jew l-operaturi tal-infrastruttura tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku fit-territorju tagħha jippubblikaw it-termini u l-kundizzjonijiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 u jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jimminimizzaw it-tnaqqis tal-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli.

3. Kull Parti għandha tiżgura li s-swieq tal-ibbilanċjar ikunu fis-seħħ fejn il-produtturi tal-enerġija rinnovabbli jkunu jistgħu jakkwistaw oġġetti u servizzi skont termini raġonevoli u mhux diskriminatorji.

4. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Parti li tadotta jew iżżomm fil-liġijiet u fir-regolamenti tagħha derogi mid-dritt ta' aċċess għall-infrastruttura tat-trażmissjoni u d- distribuzzjoni tal-elettriku tagħha fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, sakemm tali derogi jkunu neċessarji sabiex jintlaħaq objettiv ta' politika leġittimu, bħall-ħtieġa li tinżamm l-istabbiltà tas-sistema tal-elettriku.

Artikolu 13.11

Korp regolatorju

Kull Parti għandha żżomm jew tistabbilixxi korp regolatorju indipendenti jew kwalunkwe korp indipendenti ieħor li jkun:

(a) legalment distint u funzjonalment separat minn, u mhux responsabbli għal:

(i) awtoritajiet oħrajn; jew

(ii) operaturi jew entitajiet li jipprovdu l-infrastruttura tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku, jew li għandhom aċċess għaliha; u

(b) fdat sabiex isib soluzzjoni għal tilwim dwar termini, kundizzjonijiet u tariffi xierqa għall-aċċess għall-infrastruttura tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku u għall-użu tagħha f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

Artikolu 13.12

Koperazzjoni fil-qasam tal-istandards, tar-regolamenti tekniċi u tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità

1. F'konformità mal-Artikoli 9.5 (Standards internazzjonali) u 9.6 (Standards), il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni bejn ir-regolaturi jew il-korpi ta' standardizzazzjoni li jinsabu fit-territorji rispettivi tagħhom fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika u tal-enerġija rinnovabbli sostenibbli, bl-għan li jikkontribwixxu għall-politika dwar l-enerġija sostenibbli u l-klima.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jidentifikaw inizjattivi rilevanti ta' interess reċiproku rigward standards, regolamenti tekniċi, u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità relatati mal-effiċjenza enerġetika u mal-enerġija rinnovabbli sostenibbli.

Artikolu 13.13

Riċerka, żvilupp u innovazzjoni

Il-Partijiet għandhom jippromwovu r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fl-oqsma tal-effiċjenza enerġetika, tal-enerġija rinnovabbli u tal-materja prima, u jikkooperaw kif xieraq, inkluż biex:

(a) jippromwovu t-tixrid ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki dwar politiki ambjentalment sodi u ekonomikament effiċjenti fir-rigward tal-oġġetti tal-enerġija u tal-materja prima, u prattiki u teknoloġiji kosteffettivi fl-oqsma tal-effiċjenza enerġetika, tal-enerġija rinnovabbli u tal-materja prima, b'mod li jkun konsistenti mal-protezzjoni adegwata u effettiva tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali; u

(b) jippromwovu r-riċerka, l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji, ta' prattiki u ta' proċessi effiċjenti fl-użu tal-enerġija u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent fl-oqsma tal-effiċjenza enerġetika, tal-enerġija rinnovabbli u tal-materja prima, li jkunu jimminimizzaw l-impatti ambjentali dannużi fil-ktajjen kollha tal-oġġetti tal-enerġija u tal-materja prima.

Artikolu 13.14

Kooperazzjoni dwar l-oġġetti tal-enerġija u l-materja prima

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw, kif xieraq, fil-qasam tal-oġġetti tal-enerġija u tal-materja prima bil-ħsieb li, fost l-oħrajn:

(a) inaqqsu jew jeliminaw miżuri li jfixklu l-kummerċ u l-investiment f'pajjiżi terzi li jaffettwaw l-oġġetti tal-enerġija u l-materja prima;

(b) jikkoordinaw il-pożizzjonijiet tagħhom f'fora internazzjonali fejn jiġu diskussi kwistjonijiet marbutin mal-kummerċ u mal-investiment relatati mal-oġġetti tal-enerġija u mal-materja prima u jrawmu programmi internazzjonali fl-oqsma tal-effiċjenza enerġetika, tal-enerġija rinnovabbli u tal-materja prima;

(c) irawmu l-iskambju ta' *data* dwar is-suq fil-qasam ta':

(i) oġġetti tal-enerġija inkluża informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tas-swieq tal-enerġija, il-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda tal-enerġija u tal-effiċjenza enerġetika; u

(ii) il-materja prima;

(d) jippromwovu r-responsabbiltà soċjali korporattiva f'konformità mal-istandards internazzjonali, bħal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negozju;

(e) jippromwovu l-valuri tal-akkwist u tal-estrazzjoni responsabbli globalment kif ukoll jimmassimizzaw il-kontribut tas-setturi tal-materja prima tagħhom u tal-ktajjen tal-valur industrijali assoċjati għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti;

(f) jippromwovu r-riċerka, l-iżvilupp, l-innovazzjoni u t-taħriġ fl-oqsma rilevanti ta' interess komuni fil-qasam tal-oġġetti tal-enerġija u tal-materja prima;

(g) irawmu l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki dwar l-iżviluppi tal-politika domestika;

(h) jippromwovu l-użu effiċjenti tar-riżorsi (jiġifieri t-titjib tal-proċessi tal-produzzjoni kif ukoll id-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija, id-disinn għaż-żarmar, il-faċilità tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-oġġetti); u

(i) jippromwovu fuq livell internazzjonali standards għoljin ta' sikurezza u ta' ħarsien tal-ambjent għall-operazzjonijiet taż-żejt, tal-gass u tal-estrazzjoni offshore, billi jaqsmu informazzjoni u jżidu t-trasparenza dwar is-sikurezza u l-prestazzjoni ambjentali.

KAPITOLU 14

Akkwist pubbliku

Artikolu 14.1

Inkorporazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-GPA

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-GPA.

2. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-GPA huma inkorporati u magħmulin parti minn dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*, biex japplikaw għall-akkwist kopert mill-Anness 14 (Impenji dwar l-aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku) għal dan il-Ftehim:

(a) l-Artikoli Isa IV, l-Artikoli VI sa XV, l-Artikoli XVI(1) sa XVI(3), u l-Artikoli XVII u XVIII; u

(b) l-Appendiċijiet IIsa IV hekk kif inhuma relatati ma' kull Parti.

3. Minkejja l-Artikolu 1.5(5) (Relazzjoni ma' ftehimiet internazzjonali oħrajn), jekk xi wieħed mid-dispożizzjonijiet tal-GPA msemmijin fil-punt (a) tal-paragrafu 2 jiġi emendat, dawk l-emendi ma għandhomx jiġu inkorporati awtomatikament f'dan il-Kapitolu, iżda l-Partijiet għandhom jikkonsultaw bl-għan li jemendaw dan il-Kapitolu, kif xieraq.

4. Għal ċertezza akbar, ir-referenzi għat- terminu "akkwist kopert" fid-dispożizzjonijiet inkorporati f il-Ftehim u li saru parti mill-Ftehim, *mutatis mutandis*. f'konformità mal-paragrafu 2 għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għall-akkwist kopert mill-Anness 14 (Impenji dwar l-aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku).

Artikolu 14.2

Dixxiplini addizzjonali

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu japplikaw minbarra d-dispożizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 14.1 (Inkorporazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-GPA),:

2. Fir-rigward tal-użu ta' mezzi elettroniċi fit-twettiq tal-akkwist u l-pubblikazzjoni tal-avviżi, l-avviżi kollha relatati mal-akkwist kopert skont it-tifsira tal-Artikolu 14.1(4) (Inkorporazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-GPA), inklużi avviżi ta' intenzjoni ta' akkwist, avviżi sommarji, avviżi ta' akkwist ippjanat u avviżi ta' għoti ta' kuntratt:

(a) għandhom ikunu direttament aċċessibbli b'mezzi elettroniċi, mingħajr ħlas, permezz ta' punt uniku ta' aċċess fuq l-internet; u

(b) jistgħu jiġu ppubblikati wkoll fuq mezz stampat xieraq.

Il-fajl tal-offerta għandu jsir disponibbli permezz ta' mezzi elettroniċi u l-Partijiet għandhom jużaw mezzi elettroniċi fis-sottomissjoni tal-offerti kull meta jkun prattikabbli.

3. Fir-rigward ta' Sistemi ta' reġistrazzjoni u proċeduri ta' kwalifika, skont l-Artikolu IX(1) tal-GPA, meta Parti, inklużi l-entitajiet akkwirenti tagħha, jew kwalunkwe awtorità kompetenti oħra, iżżomm sistema ta' reġistrazzjoni tal-forniturі, hija għandha tiżgura li l-informazzjoni dwar is-sistema ta' reġistrazzjoni tal-forniturі tkun aċċessibbli permezz ta' mezzi elettroniċi u li l-forniturі interessati jkunu jistgħu jitolbu reġistrazzjoni fi kwalunkwe ħin. Jekk fornitur jissodisfa l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni, huwa għandu jiġi rreġistrat f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Jekk fornitur ma jissodisfax il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni, għandu jiġi infurmat u pprovdut b'raġunijiet bil-miktub f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

4. Fir-rigward tal-proċedura selettiva ta' offerti ta' kuntratt,skont l-Artikolu IX(5) tal-GPA, jekk entità akkwirenti tuża proċedura selettiva ta' offerti ta' kuntratt, hija ma għandhiex tillimita n-numru ta' forniturі mistidnin jissottomettu offerta bl-intenzjoni li tiġi evitata kompetizzjoni effettiva.

5. Fir-rigward ta' kunsiderazzjonijiet ambjentali, soċjali u tax-xogħol, Parti tista':

(a) tippermetti lill-entitajiet akkwirenti jqisu l-kunsiderazzjonijiet ambjentali, soċjali u tax-xogħol relatati mal-oġġett tal-akkwist, dment li tali kunsiderazzjonijiet ikunu:

  (i) mhux diskriminatorji; u

  (ii) indikati fl-avviż ta' ta' akkwist ippjanat jew fil-fajl tal-offerta;

(b) tieħu miżuri xierqa sabiex tiżgura l-konformità mal-liġijiet, mar-regolamenti, mal-obbligi u mal-istandards ambjentali, soċjali u tax-xogħol tagħha stess u ma' dawk internazzjonali, dment li tali liġijiet, regolamenti, obbligi u standards ma jkunux diskriminatorji.

6. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni,filwaqt li, meta tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, entità akkwirenti ta' Parti tista' titlob esperjenza preċedenti rilevanti meta tkun essenzjali sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-akkwist f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu VIII(2) tal-GPA, dik l-entità akkwirenti ta' Parti ma għandhiex titlob li l-esperjenza minn qabel fit-territorju tal-Parti tkun kundizzjoni tal-akkwist.

Artikolu 14.3

Skambju ta' statistiki

Kull sentejn, kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-Parti l-oħra statistika bilaterali dwar l-akkwist pubbliku, soġġetta għad-disponibbiltà tagħhom fis-sistemi uffiċjali online tal-akkwist ta' kull Parti.

Artikolu 14.4

Modifiki u rettifiki għall-kopertura

1. Parti tista' timmodifika l-impenji tagħha fir-rigward tat-Taqsima rispettiva tagħha tal-Anness 14 (Impenji dwar l-aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku) f'konformità mal-paragrafi 3 sa 5 u l-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu. Parti tista' tirrettifika l-impenji tagħha fir-rigward tat-Taqsima rispettiva tagħha tal-Anness 14 (Impenji dwar l-aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku) f'konformità mal-paragrafi 6 sa 9 ta' dan l-Artikolu.

2. Jekk modifika jew rettifika tal-Annessi ta' Parti għall-Appendiċi I għall-GPA tidħol fis-seħħ skont l-Artikolu XIX tal-GPA, hija għandha tidħol fis-seħħ u ssir applikabbli awtomatikament għall-finijiet ta' dan il-Ftehim *mutatis mutandis*.

3. Parti li jkollha l-ħsieb li timmodifika l-impenji rispettivi tagħha fit-Taqsima tagħha tal-Anness 14 (Impenji dwar l-aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku) għandha:

(a) tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub; u

(b) tinkludi fin-notifika proposta għal aġġustamenti ta' kumpens xierqa lill-Parti l-oħra sabiex jinżamm livell ta' kopertura paragunabbli għal dak li kien jeżisti qabel il-modifika.

4. Minkejja l-punt (b) tal-paragrafu 3, Parti ma hijiex meħtieġa tipprovdi aġġustamenti kumpensatorji lill-Parti l-oħra jekk il-modifika tkun tkopri entità li fuqha l-Parti effettivament eliminat il-kontroll jew l-influwenza tagħha.

5. Il-Parti l-oħra tista' toġġezzjona għal modifika kif imsemmi fil-paragrafu 3, jekk tqis li:

(a) aġġustament kumpensatorju propost skont il-punt (b) tal-paragrafu 3 ma jkunx adegwat sabiex jinżamm livell komparabbli ta' kopertura maqbula reċiprokament; jew

(b) il-modifika ma tkoprix entità li fuqha l-Parti effettivament tkun eliminat il-kontroll jew l-influwenza tagħha kif previst fil-paragrafu 4.

Il-Parti l-oħra għandha toġġezzjona bil-miktub fi żmien 45 jum wara d-data tal-konsenja tan-notifika kif imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 3 jew titqies li aċċettat l-aġġustament jew il-modifika kumpensatorja, inkluż għall-finijiet tal-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim).

6. Il-bidliet li ġejjin f'Taqsima rispettiva ta' Parti tal-Anness 14 (Impenji dwar l-aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku) għandhom jitqiesu li huma rettifika ta' natura purament formali, dment li dawk il-bidliet ma jaffettwawx il-kopertura miftiehma b'mod reċiproku prevista f'dan il-Kapitolu:

(a) bidla fl-isem ta' entità;

(b) fużjoni ta' żewġ entitajiet jew aktar elenkati f'dik it-Taqsima; u

(c) is-separazzjoni ta' entità elenkata f'dik it-Taqsima f'żewġ entitajiet jew aktar li jiżdiedu mal-entitajiet elenkati fl-istess Taqsima.

7. Fil-każ ta' rettifiki proposti għall-impenji tat-Taqsima rispettiva ta' Parti tal-Anness 14 (Impenji dwar l-aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku), il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra kull sentejn, f'konformità maċ-ċiklu tan-notifiki previst skont il-GPA.

8. Parti tista' tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar oġġezzjoni għal rettifika proposta fi żmien 45 jum wara d-data tal-konsenja tan-notifika. Meta Parti tressaq oġġezzjoni, għandha tistipula r-raġunijiet għalfejn temmen li r-rettifika proposta ma hijiex rettifika ta' natura purament formali msemmija fil-paragrafu 6 , u tiddeskrivi l-effett tar-rettifika proposta fuq il-kopertura maqbula reċiprokament prevista f'dan il-Ftehim. Jekk ma tiġi sottomessa l-ebda oġġezzjoni bil-miktub fi żmien 45 jum wara d-data tal-konsenja tan-notifika, il-Parti għandha titqies li tkun qablet mar-rettifika proposta.

9. Jekk il-Parti l-oħra toġġezzjona għall-modifika jew għar-rettifika proposta, il-Partijiet għandhom ifittxu li jsolvu l-kwistjoni permezz ta' konsultazzjonijiet. Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim fi żmien 60 jum wara d-data tal-konsenja tal-oġġezzjoni, il-Parti li tfittex li timmodifika jew tirrettifika t-Taqsima rispettiva tagħha tal-Anness 14 (Impenji dwar l-aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku) tista' tirreferi l-kwistjoni għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 26 (Soluzzjoni ta' tilwim). Il-modifika jew ir-rettifika maħsuba tat-Taqsima rilevanti tal-Anness 14 (Impenji dwar l-aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku) għandha tidħol fis-seħħ biss meta ż-żewġ Partijiet ikunu qablu jew fuq il-bażi ta' deċiżjoni finali ta' bord stabbilit skont l-Artikolu 26.5 (Stabbiliment ta' bord).

Artikolu 14.5

Negozjati ulterjuri

Il-Partijiet għandhom jidħlu f'negozjati dwar l-aċċess għas-suq bl-għan li jtejbu l-kopertura prevista fis-Subtaqsima 2 (Entitajiet tal-gvern subċentrali) u fis-Subtaqsima 3 (Entitajiet oħrajn) tat-Taqsima B (Skeda ta' New Zealand) tal-Anness 14 (Impenji ta' aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku)mill-aktar fis possibbli wara li l-awtoritajiet lokali, is-servizzi tal-istat jew l-entitajiet tas-settur tal-istat ta' New Zealand ikunu jew:

(a) koperti minn New Zealand fi ftehim kummerċjali internazzjonali ieħor; jew

(b) meħtieġa jsegwu r-Regoli dwar l-Akkwist tal-Gvern ta' New Zealand ([64]) wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ([65]).

KAPITOLU 15

Politika tal-kompetizzjoni

Artikolu 15.1

Prinċipji tal-kompetizzjoni

Il-Partijiet jagħrfu l-importanza ta' kompetizzjoni ħielsa u mingħajr distorsjoni fir-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment tagħhom. Il-Partijiet jagħrfu li prattiki kummerċjali u interventi Statali antikompetittivi, inklużi sussidji, għandhom il-potenzjal li joħolqu distorsjoni fil-funzjonament xieraq tas-swieq u jdgħajfu l-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-investiment.

Artikolu 15.2

Newtralità kompetittiva

Dan il-Kapitolu japplika għall-intrapriżi, pubbliċi jew privati kollha.

Artikolu 15.3

Attività ekonomika

Dan il-Kapitolu japplika għall-intrapriżi biss sal-punt li l-intrapriżi jwettqu attività ekonomika. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, it-terminu "attività ekonomika" jikkonċerna l-offerta ta' oġġetti jew ta' servizzi f'suq.

Artikolu 15.4

Qafas leġiżlattiv

1. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm dritt tal-kompetizzjoni li:

(a) japplika għall-intrapriżi kollha;

([64]) Ir-Regoli dwar l-Akkwist Pubbliku ta' New Zealand huma l-istrument primarju ta' New Zealand għar-regolamentazzjoni tal-akkwist pubbliku. Direzzjoni għall-Gvern Kollu maħruġa fit-22 ta' April 2014 skont it-Taqsima 107 tal-Crown Entities Act 2004 kienet teħtieġ li ċerti klassijiet ta' entitajiet isegwu r-Regoli dwar l-Akkwist Pubbliku.

([65]) Għal ċertezza akbar,dan il-punt ma japplikax jekk waħda jew aktar mill-entitajiet ikkonċernati kienu meħtieġa jsegwu r-Regoli dwar l-Akkwist Pubbliku ta' New Zealand fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

(b) japplika fis-setturi kollha tal-ekonomija ([66]); u

(c) jindirizza, b'mod effettiv, il-prattiki kollha li ġejjin:

(i) ftehimiet orizzontali u vertikali bejn l-intrapriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' intrapriżi, u kooperazzjoni informali bejn intrapriżi li jissostitwixxu r-riskji tal-kompetizzjoni, li għandhom bħala l-għan jew l-effett tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni;

(ii) abbużi minn intrapriża waħda jew aktar ta' pożizzjoni dominanti; u

(iii) konċentrazzjonijiet bejn l-intrapriżi, li jimpedixxu b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva, b'mod partikolari bħala riżultat tal-ħolqien jew tat-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti.

2. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-intrapriżi fdati bl-operat ta' kompiti ta' interess pubbliku jkunu soġġetti għar-regoli ta' dan il-Kapitolu, sa fejn l-applikazzjoni ta' tali regoli ma xxekkilx it-twettiq, fil-liġi jew fil-fatt, ta' kompiti partikolari ta' interess pubbliku li huma assenjati lil tali intrapriżi. Il-kompiti assenjati ta' interess pubbliku għandhom ikunu trasparenti u kwalunkwe limitazzjoni għall-applikazzjoni tar-regoli ta' dan il-Kapitolu jew devjazzjoni minnha ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li huwa strettament neċessarju sabiex jintlaħqu l-kompiti assenjati.

Artikolu 15.5

Implimentazzjoni

1. Kull Parti għandha żżomm awtorità li tkun indipendenti mil-lat operazzjonali u li tkun responsabbli u li tkun mgħammra bis-setgħat u bir-riżorsi neċessarji sabiex tiżgura l-applikazzjoni sħiħa u l-infurzar effettiv tad-dritt tal-kompetizzjoni msemmi fl-Artikolu 15.4(1) (Qafas leġiżlattiv).

2. Kull Parti għandha tapplika d-dritt tal-kompetizzjoni tagħha b'mod trasparenti, filwaqt li tirrispetta l-prinċipji tal-ġustizzja proċedurali, inklużi d-drittijiet tad-difiża tal-intrapriżi kkonċernati, b'mod partikolari d-dritt li wieħed jinstema' u d-dritt għal stħarriġ ġudizzjarju.

3. Kull Parti għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-liġijiet u r-regolamenti tagħha dwar il-kompetizzjoni, u kwalunkwe linja gwida użata fir-rigward tal-infurzar tagħhom bl-eċċezzjoni tal-proċeduri operatorji interni.

4. Kull Parti għandha tiżgura li l-liġijiet u r-regolamenti tagħha dwar il-kompetizzjoni jiġu applikati u infurzati b'mod li ma jiddiskriminax fuq il-bażi tan-nazzjonalità.

5. Kull Parti għandha tiżgura li, qabel ma tiġi imposta sanzjoni jew rimedju fi proċediment ta' infurzar, il-konvenut jingħata l-opportunità li jinstema' u jipprovdi evidenza fid-difiża tiegħu. B'mod partikolari, kull Parti għandha tiżgura li l-konvenut ikollu opportunità raġonevoli għar-rieżami u għall-kontestazzjoni tal-evidenza li fuqha tkun ibbażata l-impożizzjoni tas-sanzjoni jew tar-rimedju.

6. Soġġetta għal kwalunkwe rimedju neċessarju sabiex tiġi ssalvagwardjata l-informazzjoni kunfidenzjali, kull Parti għandha tiżgura li r-raġunijiet għal kwalunkwe sanzjoni imposta jew rimedju applikat għall-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tagħha jkun disponibbli għall-konvenut fi proċediment li jinforza d-dritt jew ir-regolamenti tal-kompetizzjoni tagħha.

7. Kull Parti għandha tiżgura li d-destinatarji ta' deċiżjoni li timponi sanzjoni jew rimedju għall-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni tagħha jingħataw l-opportunità li jfittxu rieżami ġudizzjarju ta' tali deċiżjoni.

([66]) Għal ċertezza akbar, skont l-Artikolu 42 tat-TFUE, ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni japplikaw għas-settur agrikolu f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

Artikolu 15.6

Dritt privat ta' azzjoni

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-terminu "dritt privat ta' azzjoni" tfisser id-dritt ta' persuna li tfittex rimedju, inklużi rimedji ta' inġunzjoni, monetarji jew oħrajn, permezz ta' qorti jew tribunal indipendenti ieħor għal dannu lin-negozju jew lill-proprjetà ta' dik il-persuna kkawżat minn ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni ta' Parti, jew b'mod indipendenti jew wara sejba ta' ksur mill-awtorità jew mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Parti.

2. Filwaqt li tagħraf li dritt privat ta' azzjoni huwa suppliment importanti għall-infurzar pubbliku tad-dritt tal-kompetizzjoni ta' Parti, kull Parti għandha tadotta jew iżżomm liġijiet jew miżuri oħrajn li jipprovdu dritt privat indipendenti ta' azzjoni.

Artikolu 15.7

Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li huwa fl-interess komuni tagħhom li jippromwovu l-kooperazzjoni fir-rigward tal-politika tal-kompetizzjoni u tal-infurzar tad-dritt tal-kompetizzjoni.

2. Sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Partijiet jistgħu jiskambjaw informazzjoni, soġġetti għar-regoli ta' kunfidenzjalità fid-dritt ta' kull Parti.

3. L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Partijiet għandhom jimpenjaw ruħhom li jikkoordinaw, meta jkun possibbli u xieraq, l-attivitajiet ta' infurzar tagħhom rigward l-istess imġiba jew każijiet jew rigward imġiba jew każijiet relatati.

Artikolu 15.8

Nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim

Il-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim) ma japplikax għal dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 16

SUSSIDJI

Artikolu 16.1

Prinċipji

Is-sussidji jistgħu jingħataw minn Parti meta s-sussidji jkunu neċessarji sabiex jintlaħaq objettiv ta' ordni pubbliku. Madanakollu, il-Partijiet jirrikonoxxu li ċerti sussidji għandhom il-potenzjal li joħolqu distorsjoni fil-funzjonament xieraq tas-swieq, idgħajfu l-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u jagħmlu ħsara lill-ambjent. Fil-prinċipju, jenħtieġ li Parti ma tagħtix sussidji meta jkunu jaffettwaw b'mod negattiv, jew x'aktarx li jaffettwaw b'mod negattiv, il-kompetizzjoni jew il-kummerċ jew meta jagħmlu ħsara sinifikanti lill-ambjent.

Artikolu 16.2

Definizzjonijiet u kamp ta' applikazzjoni

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, it-terminu "sussidju" tfisser:

(a) miżura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1.1 tal-Ftehim SCM, irrispettivament minn jekk is-sussidju jingħatax lil intrapriża, li tforni oġġetti jew servizzi ([67]); u

([67]) Dan l-Artikolu ma jippreġudikax l-eżitu ta' kwalunkwe diskussjoni futura fid-WTO dwar id-definizzjoni ta' sussidji għas-servizzi. Skont il-progress ta' dawk id-diskussjonijiet futuri fid-WTO, il-Partijiet jistgħu jemendaw dan il-Ftehim f'dan ir-rigward.

(b) sussidju kif definit fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu li huwa speċifiku skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tal-Ftehim SCM. Kwalunkwe sussidju li jaqa' taħt l-Artikolu 16.7 (Sussidji pprojbiti) għandu jitqies bħala speċifiku skont it-tifsira tal-Artikolu 2 ta' dak il-Ftehim,.

2. Dan il-Kapitolu japplika għas-sussidji mogħtijin lill-intrapriżi sal-punt li dawk l-intrapriżi jwettqu attività ekonomika. Dan il-Kapitolu japplika għall-intrapriżi kollha, pubbliċi jew privati. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, it-terminu "attività ekonomika" jikkonċerna l-offerta ta' oġġetti jew ta' servizzi f'suq.

3. Dan il-Kapitolu japplika għal sussidji mogħtijin lil intrapriżi fdati bi rwoli jew b'kompiti partikolari fl-interess pubbliku, sa fejn l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu ma tfixkilx, fil-liġi jew fil-fatt, il-qadi tar-rwoli jew l-eżekuzzjoni tal-kompiti partikolari fl-interess pubbliku fdati lil dawk l-intrapriżi. Tali rwoli jew kompiti partikolari fl-interess pubbliku għandhom jiġu fdati minn qabel b'mod trasparenti, u kwalunkwe limitazzjoni għall-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, jew devjazzjoni minnha, ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinqdew ir-rwoli jew jiġu eżegwiti l-kompiti fdati fl-interess pubbliku. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-formulazzjoni "rwoli jew kompiti partikolari fl-interess pubbliku" tinkludi obbligi ta' servizz pubbliku.

4. L-Artikoli 16.6 (Konsultazzjonijiet) u 16.7 (Sussidji pprojbiti) ma japplikawx għal sussidji mogħtijin minn livelli subċentrali tal-gvern ta' kull Parti. Sabiex tissodisfa l-obbligi tagħha skont dan il-Kapitolu, kull Parti għandha tieħu miżuri raġonevoli li jistgħu jkunu disponibbli għaliha sabiex tiżgura r-rispett ta' dan il-Kapitolu minn livelli subċentrali tal-gvern ta' dik il-Parti.

5. L-Artikoli 16.6 (Konsultazzjonijiet) u 16.7 (Sussidji pprojbiti) ma japplikawx għas-settur awdjoviżiv.

6. L-Artikolu 16.7 (Sussidji pprojbiti) ma japplikax għal sussidji li jingħataw sabiex:

(a) jikkumpensaw għad-dannu kkawżat minn diżastri naturali jew minn okkorrenzi eċċezzjonali mhux ekonomiċi oħrajn, dment li tali sussidji jkunu temporanji; u

(b) iwieġbu għal emerġenza nazzjonali jew globali tas-saħħa jew ekonomika, dment li tali sussidji jkunu temporanji, immirati u proporzjonati, filwaqt li titqies il-ħsara kkawżata mill-emerġenza jew li tirriżulta minnha.

Artikolu 16.3

Relazzjoni mal-Ftehim tad-WTO

Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi ta' kwalunkwe Parti skont il-Ftehim SCM, il-Ftehim dwar l-Agrikoltura, l-Artikolu XVI tal-GATT tal-1994 jew l-Artikolu XV tal-GATS.

Artikolu 16.4

Sussidji tas-sajd

Kull Parti għandha żżomm lura milli tagħti jew iżżomm sussidji tas-sajd dannużi. Għal dan l-għan, il-Partijiet għandhom jikkooperaw fuq:

(a) l-ilħuq tal-Mira 14.6 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti;

(b) l-implimentazzjoni tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji għas-Sajd li, magħmul f'Ġinevra fis-17 ta' Ġunju 2022, fost affarijiet oħrajn, jipprojbixxi sussidji li jikkontribwixxu għal sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "sajd IUU"); u

(c) it-twettiq, fil-qafas tad-WTO, ta' negozjati għall-adozzjoni ta' dixxiplini komprensivi rigward il-projbizzjoni ta' ċerti forom ta' sussidji tas-sajd li jikkontribwixxu għall-kapaċità żejda u għas-sajd eċċessiv.

Artikolu 16.5

Trasparenza

1. Fir-rigward ta' kwalunkwe sussidju mogħti jew miżmum fit-territorju tagħha, kull Parti għandha tagħmel trasparenti, fi żmien sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u kull sentejn wara dan, l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-bażi ġuridika u l-iskop tas-sussidju;

(b) il-forma tas-sussidju;

(c) l-ammont tas-sussidju jew l-ammont ibbaġitjat għas-sussidju; u

(d) jekk ikun possibbli, l-isem tal-benefiċjarju tas-sussidju.

2. Kull Parti għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta' trasparenza stabbiliti fil-paragrafu 1 permezz ta':

(a) notifika skont l-Artikolu 25 tal-Ftehim SCM;

(b) notifika skont l-Artikolu 18 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura; jew

(c) il-pubblikazzjoni, mill-Parti jew f'isimha, fuq sit web aċċessibbli għall-pubbliku.

3. Minkejja r-rekwiżiti ta' trasparenza stabbiliti fil-paragrafu 1, Parti (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Parti rikjedenti") tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-Parti l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjħa l-"Parti rispondenti") dwar sussidju mogħti mill-Parti rispondenti, inklużi:

(a) il-bażi ġuridika u l-objettiv tal-politika jew l-iskop tas-sussidju;

(b) l-ammont totali jew l-ammont annwali bbaġitjat għas-sussidju;

(c) jekk ikun possibbli, l-isem tal-benefiċjarju tas-sussidju;

(d) id-dati u d-durata tas-sussidju u kwalunkwe terminu ieħor marbut miegħu;

(e) ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà għas-sussidju;

(f) kwalunkwe miżura meħuda sabiex tillimita l-effett distorsiv potenzjali fuq il-kompetizzjoni, fuq il-kummerċ jew fuq l-ambjent; u

(g) kwalunkwe informazzjoni oħra li tippermetti valutazzjoni tal-effetti negattivi tas-sussidju.

4. Il-Parti rispondenti għandha tipprovdi l-informazzjoni mitluba skont il-paragrafu 3 lill-Parti rikjedenti bil-miktub mhux aktar tard minn 60 jum wara d-data tal-konsenja tat-talba. Jekk il-parti rispondenti ma tipprovdix, kompletament jew parzjalment, l-informazzjoni mitluba mill-Parti rikjedenti, il-Parti rispondenti għandha tispjega r-raġunijiet għan-nuqqas ta' għoti ta' tali informazzjoni fit-tweġiba bil-miktub tagħha kif meħtieġ minn dan il-paragrafu.

Artikolu 16.6

Konsultazzjonijiet

1. Jekk, fi kwalunkwe ħin wara li ssir talba għal informazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 16.5(3) (Trasparenza), il-Parti rikjedenti tqis li sussidju mogħti mill-Parti rispondenti jkun qiegħed jaffettwa b'mod negattiv, jew x'aktarx li jaffettwa b'mod negattiv, l-interessi tagħha, hija tista' tesprimi t-tħassib tagħha bil-miktub lill-Parti rispondenti u titlob konsultazzjonijiet dwar il-kwistjoni. Il-konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet sabiex jiġi diskuss it-tħassib imqajjem għandhom isiru fi żmien 60 jum wara d-data tal-konsenja tat-talba.

2. Jekk, wara l-konsultazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, il-Parti rikjedenti tqis li s-sussidju inkwistjoni jkun qiegħed jaffettwa b'mod negattiv, jew x'aktarx li se jaffettwa b'mod negattiv, l-interessi tagħha, b'mod sproporzjonat:

(a) fil-każ ta' sussidji mogħtijin lil intrapriża li tipprovdi oġġetti jew servizzi, il-Parti rispondenti għandha tagħmel ħiliha sabiex telimina jew timminimizza kwalunkwe effett negattiv tas-sussidju fuq l-interessi tal-Parti rikjedenti; jew

(b) fil-każ ta' sussidji mogħtijin fir-rigward ta' oġġetti koperti mill-Anness 1 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak il-Ftehim, il-Parti rispondenti għandha tagħti kunsiderazzjoni simpatetika għat-tħassib tal-Parti rikjedenti bir-rispett dovut għall-Artikolu 16.3 (Relazzjoni mal-Ftehim tad-WTO).

3. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 2, il-Partijiet għandhom jagħmlu kull tentattiv sabiex jaslu għal riżoluzzjoni sodisfaċenti b'mod reċiproku tal-kwistjoni.

Artikolu 16.7

Sussidji pprojbiti

1. Is-sussidji li ġejjin li għandhom jew jista' jkollhom effett negattiv sinifikanti fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet għandhom ikunu pprojbiti:

(a) sussidji li permezz tagħhom gvern jiggarantixxi djun jew obbligazzjonijiet ta' ċerti intrapriżi mingħajr limitu fuq l-ammont ta' dawk id-djun u l-obbligazzjonijiet jew id-durata ta' din il-garanzija; u

(b) sussidji lil intrapriża insolventi, jew lil intrapriża li fir-rigward tagħha l-insolvenza hija imminenti fit-terminu qasir sa medju mingħajr is-sussidju, jekk:

(i) ma hemm l-ebda pjan ta' ristrutturar kredibbli, fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet realistiċi, bl-għan li jiġi żgurat ir-ritorn għall-vijabbiltà fit-tul tal-intrapriża f'perjodu ta' żmien raġonevoli; jew

(ii) l-intrapriża, minbarra SME, ma tikkontribwixxix għall-kostijiet tar-ristrutturar.

2. Il-punt (b) tal-paragrafu 1 ma japplikax għal sussidji pprovduti lil intrapriżi bħala appoġġ temporanju għal-likwidità fil-forma ta' garanziji ta' self jew fil-forma ta' self matul il-perjodu li huwa neċessarju sabiex jitħejja pjan tar-ristrutturar. Tali appoġġ temporanju ta' likwidità għandu jkun limitat għall-ammont minimu meħtieġ sabiex l-intrapriża tibqa' miftuħa. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-formulazzjoni "appoġġ temporanju ta' likwidità fil-forma ta' garanziji ta' self jew fil-forma ta' self" tinkludi appoġġ għas-solvenza.

3. Sussidji mogħtijin sabiex jiġi żgurat il-ħruġ ordnat mis-suq ta' intrapriża ma humiex ipprojbiti.

4. Dan l-Artikolu ma japplikax għal sussidji li l-ammonti jew il-baġits kumulattivi tagħhom ikunu anqas minn SDR 160 000 għal kull intrapriża fuq perjodu ta' tliet snin konsekuttivi.

Artikolu 16.8

Użu ta' sussidji

Kull Parti għandha tiżgura li l-intrapriżi jużaw is-sussidji biss għall-objettiv ta' politika speċifiku li għalih dawk is-sussidji jkunu ngħataw.

Artikolu 16.9

Nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim

Il-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim) ma japplikax għall-Artikolu 16.6 (Konsultazzjonijiet).

KAPITOLU 17

Intrapriżi tal-istat

Artikolu 17.1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għall-intrapriżi tal-Istat, għall-intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali u għall-monopolji dežinjati, involuti f'attività kummerċjali li tista' potenzjalment taffettwa l-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet ([68]). Meta tali intrapriżi tal-Istat, intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali u monopolji dežinjati jwettqu kemm attivitajiet kummerċjali kif ukoll attivitajiet mhux kummerċjali, l-attivitajiet kummerċjali tagħhom biss huma koperti minn dan il-Kapitolu.

2. Dan il-Kapitolu japplika għal intrapriżi tal-Istat, għal intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali u għal monopolji ddežinjati fil-livelli kollha tal-gvern ([69]).

3. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal intrapriżi tal-Istat, għal intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali u għal monopolji dežinjati jekk f'waħda mit-tliet snin fiskali konsekuttivi preċedenti d-dħul annwali derivat mill-attivitajiet kummerċjali ta' intrapriża tal-Istat, intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolju dežinjat kien anqas minn SDR 100 miljun. Matul l-ewwel tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, dak il-limitu għandu jkun ta' SDR 200 miljun.

4. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal sitwazzjonijiet li fihom intrapriżi tal-Istat, intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolji dežinjati jagixxu bħala entitajiet akkwirenti li jwettqu akkwist għal finijiet governattivi u mhux bl-għan li jkun hemm bejgħ mill-ġdid kummerċjali jew bl-għan li jintużaw fil-produzzjoni ta' oġġett jew fil-forniment ta' servizzi għal bejgħ kummerċjali ([70]).

5. L-Artikolu 17.5 (Trattament mhux diskriminatorju u kunsiderazzjonijiet kummerċjali) u l-Artikolu 17.7 (Skambju ta' informazzjoni) ma japplikawx għal attività mwettqa fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva.

6. L-Artikolu 17.5 (Trattament mhux diskriminatorju u kunsiderazzjonijiet kummerċjali) ma japplikax fir-rigward tal-forniment ta' servizzi finanzjarji minn intrapriża tal-Istat skont mandat tal-gvern, jekk dak il-forniment ta' servizzi finanzjarji:

(a) jappoġġa l-esportazzjonijiet jew l-importazzjonijiet, dment li dawk is-servizzi finanzjarji:

   (i) ma jkunux maħsubin sabiex jispustaw il-finanzjament kummerċjali; jew

   (ii) ikunu offruti b'patti mhux aktar favorevoli minn dawk li jistgħu jinkisbu għal servizzi finanzjarji komparabbli fis-suq kummerċjali; jew

(b) jappoġġa l-investiment privat barra mit-territorju tal-Parti, dment li dawk is-servizzi finanzjarji:

   (i) ma jkunux maħsubin sabiex jispustaw il-finanzjament kummerċjali; jew

   (ii) ikunu offruti b'patti mhux aktar favorevoli minn dawk li jistgħu jinkisbu għal servizzi finanzjarji komparabbli fis-suq kummerċjali; jew

([68]) L-entitajiet maħluqin jew regolati skont il-Kiwifruit Export Regulations 1999 ta' New Zealand jew il-Kiwifruit Industry Restructuring Act 1999 ta' New Zealand huma eskluži mill-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 17.3 (Relazzjoni mal-Ftehim tad-WTO) u l-Artikolu 17.7 (Skambju ta' informazzjoni). L-Artikolu 17.7 (Skambju ta' informazzjoni) jiċċara l-applikazzjoni tal-Artikolu 17.3 (Relazzjoni mal-Ftehim tad-WTO) għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu.

([69]) Dawn li ġejjin jitqiesu li ma humiex fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu:

(a) kunsilli lokali u entitajiet koperti mill-Kapitolu 14 (Akkwist Pubbliku) u l-Anness 14 tiegħu (Impenji dwar l-aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku); u

(b) intrapriži li lilhom ikunu ngħataw drittijiet u privileġġi speċjali, u l-monopolji dežinjati, mill-kunsilli lokali msemmijin fil-punt (a).

([70]) Dan huwa minghajr preġudizzju għall-impenji meħudin mill-Partijiet fil-kapitolu 14 (Akkwist Pubbliku), inkluż, b'mod partikolari, fl-Anness 14 (Impenji dwar l-aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku).

(c) ikunu offruti b'termini konsistenti mal-Arranġament iddefinit fil-punt (b) tal-Artikolu 17.2 (Definizzjonijiet), dment li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-Arranġament.

7. L-Artikolu 17.5 (Trattament mhux diskriminatorju u kunsiderazzjonijiet kummerċjali) ma japplikax għas-setturi tas-servizzi li huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 10 (Kummerċ fis-servizzi u l-investiment) f'konformità mal-Artikolu 10.2(3) (Kamp ta' applikazzjoni).

8. L-Artikolu 17.5 (Trattament mhux diskriminatorju u kunsiderazzjonijiet kummerċjali) ma japplikax sa fejn intrapriża tal-Istat, intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolju dežinjat ta' Parti jixtri jew ibigħ oġġett jew servizz skont:

(a) kwalunkwe miżura mhux konformi eżistenti f'konformità mal-Artikolu 10.10 (Miżuri mhux konformi) li l-Parti żżomm, tkompli, iġġedded jew temenda kif stabbilit fl-Iskeda rispettiva tagħha fl-Anness 10-A (Miżuri eżistenti); jew

(b) kwalunkwe miżura mhux konformi li l-Parti tadotta jew iżżomm fir-rigward ta' setturi, ta' subsetturi, jew ta' attivitajiet f'konformità mal-Artikolu 10.10 (Miżuri mhux konformi) kif stabbilit fl-Iskeda rispettiva tagħha fl-Anness 10-B (Miżuri futuri).

Artikolu 17.2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "attività mwettqa fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva" tfisser kwalunkwe attività li titwettaq, inkluż kwalunkwe servizz li jiġi fornit, la fuq bażi kummerċjali u lanqas f'kompetizzjoni ma' operatur ekonomiku wieħed jew aktar;

(b) "Arranġament" tfisser l-Arranġament għal Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati, żviluppat fil-qafas tal-OECD jew ta' impriża suċċessur, kemm jekk żviluppata fil-qafas tal-OECD jew barra minnu, li tkun ġiet adottata minn tal-anqas 12-il Membru oriġinali tad-WTO li ilhom Parteċipanti għall-Arranġament mill-1 ta' Jannar 1979;

(c) "attività kummerċjali" tfisser attività li twettaq impriża, li r-riżultat aħħari tagħha huwa l-produzzjoni ta' oġġett jew il-forniment ta' servizz, li se jinbiegħ fis-suq relevanti fi kwantitajiet u bi prezzijiet iddeterminati minn dik l-intrapriża, u li titwettaq bi skop ta' profitt ([71]);

(d) "kunsiderazzjonijiet kummerċjali" tfisser il-prezz, il-kwalità, id-disponibbiltà, il-kummerċjabbiltà, it-trasport u termini u kundizzjonijiet oħrajn tax-xiri jew tal-bejgħ, jew fatturi oħrajn li normalment ikunu ikkunsdrati fid-deċiżjonijiet kummerċjali ta' intrapriża bi sjieda privata li topera skont il-prinċipji tal-ekonomija tas-suq fin-negozju jew fl-industrija rilevanti;

(e) "tiddežinja monopolju" tfisser li tistabbilixxi jew tawtorizza monopolju, jew li jiġi estiż l-ambitu ta' monopolju, sabiex ikopri oġġett jew servizz addizzjonali;

(f) "monopolju dežinjat" tfisser entità, li tinkludi konsorzju jew aġenzija tal-gvern, li f'suq rilevanti fit-territorju ta' Parti tiġi ddežinjata bħala l-uniku fornitur jew akkwirent ta' oġġett jew ta' servizz, iżda ma tinkludix entità li tkun ingħatat dritt esklużiv ta' proprjetà intellettwali purament minħabba tali għotja;

(g) "impriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali" tfisser intrapriża, pubblika jew privata, li lilha Parti tkun tat drittijiet jew privileġġi speċjali, fil-liġi jew fil-fatt ([72]); drittijiet jew privileġġi speċjali jingħataw minn Parti meta tiddežinja jew tillimita għal tnejn jew aktar in-numru ta' intrapriżi awtorizzati jipprovdu oġġett jew servizz, għajr skont kriterji oġġettivi, proporzjonali u mhux diskriminatorji, li jaffettwa sostanzjalment l-abbiltà ta' kwalunkwe intrapriża oħra sabiex tipprovdi l-istess oġġett jew servizz fl-istess żona ġeografika f'kundizzjonijiet sostanzjalment ekwivalenti;

([71]) Għal ċertezza akbar, attività mwettqa minn intrapriża li topera fuq bażi mingħajr skop ta' profitt jew fuq bażi ta' rkupru tal-kostijiet ma hijiex attività kummerċjali.

([72]) Għal ċertezza akbar, l-għoti ta' allokazzjoni ta' kwota, ta' liċenzja jew ta' permess fir-rigward ta' riżorsa skarsa jew tad-distribuzzjoni ta' prodotti għall-esportazzjoni lejn swieq fejn ikunu fis-seħħ kwoti tariffarji, preferenzi speċifiċi għall-pajjiżi jew miżuri oħrajn, fih innifsu, jikkostitwixxi dritt jew privileġġ speċjali.

(h) "intrapriża tal-Istat" tfisser intrapriża li fiha Parti:

(i) tkun is-sid dirett ta' aktar minn 50 % tal-kapital azzjonarju;

(ii) tikkontrolla l-eżerċizzju ta' aktar minn 50 % tad-drittijiet tal-vot;

(iii) ikollha s-setgħa li taħtar maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi jew ta' kwalunkwe korp maniġerjali ekwivalenti ieħor;

(iv) ikollha s-setgħa li tikkontrolla d-deċiżjonijiet tal-intrapriża permezz ta' kwalunkwe interess proprjetarju ieħor, inkluża s-sjieda ta' minoranza; jew

(v) ikollha s-setgħa li tiggwida legalment l-azzjonijiet tal-intrapriża jew teżerċita b'xi mod ieħor livell ekwivalenti ta' kontroll f'konformità mal-liġi ta' dik il-Parti.

Artikolu 17.3

Relazzjoni mal-Ftehim tad-WTO

L-Artikolu XVII tal-GATT tal-1994, il-Qbil dwar l-Interpretazzjoni tal-Artikolu XVII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994, l-Artikolu VIII tal-GATS, u l-paragrafi 18 sa 21 tad-Deċiżjoni Ministerjali tad-WTO tad-19 ta' Diċembru 2015 dwar il-Kompetizzjoni fl-Esportazzjoni (WT/MIN(15)/45 – WT/L/980) huma inkorporati u magħmulin parti minn dan il-Ftehim, *mutatis mutandis* ([73])

Artikolu 17.4

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u għall-obbligi ta' kull Parti skont dan il-Kapitolu, xejn f'dan il-Kapitolu ma jimpedixxi Parti milli tistabbilixxi jew iżżomm intrapriżi tal-Istat, milli tagħti drittijiet jew privileġġi speċjali lil intrapriżi jew milli tiddeżinja jew iżżomm monopolji.

2. Parti ma għandhiex titlob jew tħeġġeġ lil intrapriża tal-Istat, lil intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew lil monopolju deżinjat sabiex jaġixxi b'mod inkonsistenti ma' dan il-Kapitolu.

Artikolu 17.5

Trattament mhux diskriminatorju u kunsiderazzjonijiet kummerċjali

1. Kull Parti għandha tiżgura li kull waħda mill-intrapriżi tal-istat, mill-intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew mill-monopolji deżinjati tagħha, meta tkun involuta f'attivitajiet kummerċjali:

(a) taġixxi skont kunsiderazzjonijiet kummerċjali fix-xiri jew bejgħ minnha ta' oġġett jew ta' servizz, ħlief sabiex tissodisfa xi terminu tal-mandat tagħha ta' servizz pubbliku li ma jkunx inkonsistenti mal-punt (b) jew (c);

(b) fix-xiri tagħha ta' oġġett jew ta' servizz:

(i) tagħti lil oġġett jew lil servizz fornit minn intrapriża tal-Parti l-oħra trattament xejn anqas favorevoli milli tagħti lil oġġett jew lil servizz simili fornit minn intrapriżi tal-Parti; u

(ii) tagħti lil oġġett jew lil servizz fornit minn intrapriża koperta definita fil-punt (d) tal-Artikolu 10.3 (Definizzjonijiet) trattament xejn anqas favorevoli milli tagħti lil oġġett jew lil servizzi simili fornit minn intrapriżi ta' investituri ta' dik il-Parti stess fis-suq rilevanti fil-Parti; u

(c) fil-bejgħ tagħha ta' oġġett jew ta' servizz:

(i) tagħti lil intrapriża tal-Parti l-oħra trattament xejn anqas favorevoli minn dak li tagħti lill-intrapriżi tal-Parti; u

([73]) L-Artikolu 17.7 (Skambju ta' informazzjoni) jispeċifika, bejn il-Partijiet u unikament għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-fehim tal-Partijiet dwar kif għandhom jiġu ssodisfati l-obbligi skont l-Artikolu XVII:4 tal-GATT tal-1994 għall-finijiet ta' dan il-paragrafu.

(ii) tagħti lil intrapriża koperta kif definita fil-punt (d) tal-Artikolu 10.3 (Definizzjonijiet) trattament xejn anqas favorevoli milli tagħti lil intrapriżi ta' investituri ta' dik il-Parti stess fis-suq rilevanti fil-Parti.

2. Dment li tali termini jew kundizzjonijiet differenti jew rifjut isir f'konformità ma' kunsiderazzjonijiet kummerċjali, il-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1 ma jipprekludux lil intrapriża tal-Istat, lil intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew lil monopolju dežinjat milli:

(a) jakkwista jew iforni oġġetti jew servizzi b'termini jew b'kundizzjonijiet differenti, inklużi dawk relatati mal-prezz; jew

(b) jirrifjuta li jakkwista jew iforni oġġett jew servizzi.

Artikolu 17.6

Qafas regolatorju

1. Kull Parti għandha tirrispetta u tagħmel l-aħjar użu mill-istandards internazzjonali rilevanti inklużi l-Linji Gwida tal-OECD dwar il-Governanza Korporattiva tal-Intrapriżi tal-Istat.

2. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe korp regolatorju jew kwalunkwe korp ieħor li jeżerċita funzjoni regolatorja li l-Parti tistabbilixxi jew iżżomm:

(a) ikun indipendenti minn, u ma jkunx responsabbli għal, xi waħda mill-intrapriżi regolati minn dak il-korp; u

(b) jaġixxi b'mod imparzjali ([74]) f'ċirkustanzi simili fir-rigward tal-intrapriżi kollha li dak il-korp jirregola, inklużi l-intrapriżi tal-Istat, l-intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali u l-monopolji dežinjati ([75]).

3. Kull Parti għandha tiżgura l-infurzar tal-liġijiet tagħha fuq intrapriżi tal-Istat, għal intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali u għal monopolji dežinjati b'mod konsistenti u mhux diskriminatorju.

Artikolu 17.7

Skambju ta' informazzjoni

1. Parti li għandha raġuni għaliex temmen li l-interessi tagħha skont dan il-Kapitolu qed jiġu affettwati b'mod avvers mill-attivitajiet kummerċjali ta' intrapriża tal-istat, ta' intrapriża mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali jew ta' monopolju dežinjat (minn hawn 'il quddiem imsejħin "l-entità" f'dan l-Artikolu) tal-Parti l-oħra tista' titlob lill-Parti l-oħra bil-miktub sabiex tipprovdi informazzjoni dwar l-attivitajiet kummerċjali tal-entità b'rabta mal-eżekuzzjoni ta' obligazzjonijiet skont dan il-Kapitolu f'konformità mal-paragrafu 2.

2. Il-Parti li twieġeb għal talba għandha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja lill-Parti rikjedenti, dment li t-talba tinkludi spjegazzjoni dwar kif l-attivitajiet tal-entità jistgħu jkunu qegħdin jaffettwaw l-interessi tal-Parti rikjedenti skont dan il-Kapitolu u li t-talba tindika liema mill-informazzjoni li ġejja għandha tiġi pprovduta:

(a) is-sjieda u l-istruttura tal-votazzjoni tal-entità, filwaqt li jiġu indikati l-perċentwal ta' ishma li l-Parti rispondenti, l-intrapriżi tal-Istat, l-intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali jew il-monopolji dežinjati tagħha jkollhom b'mod kumulattiv, u l-perċentwal tad-drittijiet tal-vot li jkollhom b'mod kumulattiv, fl-entità;

([74]) Għal ċertezza akbar, l-imparzjalità li biha l-korp regolatorju jew kwalunkwe korp ieħor li jeżerċita funzjoni regolatorja li l-Parti tistabbilixxi jew iżżomm jeżerċita l-funzjonijiet regolatorji tiegħu għandha tiġi vvalutata b'referenza għal mudell jew għal prattika ġenerali ta' tali korp regolatorju.

([75]) Għal ċertezza akbar, għal dawk is-setturi li fihom il-Partijiet qablu f'Kapitoli oħrajn dwar obbligi speċifiċi relatati ma' korp regolatorju jew ma' kwalunkwe korp ieħor li jeżerċita funzjoni regolatorja li l-Parti tistabbilixxi jew iżżomm, għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawk il-Kapitoli.

(b) deskrizzjoni ta' kwalunkwe sehem speċjali jew dritt tal-vot speċjali jew drittijiet oħra li l-Parti rispondenti, l-intrapriżi tal-Istat, l-intrapriżi mogħtijin drittijiet jew privileġġi speċjali jew il-monopolji dežinjati tagħha jkollhom, meta dawn id-drittijiet ikunu differenti minn dawk marbutin ma' ishma komuni ġenerali tal-entità;

(c) deskrizzjoni tal-istruttura organizzazzjonali tal-entità u l-kompożizzjoni tal-bord tad-diretturi tagħha jew ta' kwalunkwe korp maniġerjali ekwivalenti ieħor;

(d) deskrizzjoni ta' liema dipartimenti tal-gvern jew korpi pubbliċi jirregolaw jew jimmonitorjaw l-entità, deskrizzjoni tal-obbligi ta' rapportar imposti fuqha minn dawk id-dipartimenti tal-gvern jew il-korpi pubbliċi, u d-drittijiet u l-prattiki ta' dawk id-dipartimenti tal-gvern jew il-korpi pubbliċi fir-rigward tal-ħatra, tas-sensja jew tar-remunerazzjoni ta' eżekuttivi superjuri ta' membri tal-bord tad-diretturi jew ta' kwalunkwe korp maniġerjali ekwivalenti ieħor tal-entità;

(e) id-dħul annwali u l-assi totali tal-entità tul l-aktar perjodu ta' tliet snin riċenti li għalih hemm informazzjoni disponibbli;

(f) kwalunkwe eżenzjoni, immunità u miżura relatata li minnha l-entità tibbenefika skont il-liġi tal-Parti rispondenti;

(g) fir-rigward tal-entitajiet koperti mil-Local Government Act 2002 ta' New Zealand jew minn kwalunkwe leġiżlazzjoni suċċessur, kwalunkwe informazzjoni li tali entitajiet huma obbligati jipprovdu skont dak l-Att jew kwalunkwe leġiżlazzjoni suċċessur; u

(h) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali rigward l-entità li tkun disponibbli pubblikament, li tinkludi rapporti finanzjarji annwali u awditi minn partijiet terzi.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25.7 (Divulgazzjoni ta' informazzjoni), il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jirrikjedu li Parti tiddivulga informazzjoni kunfidenzjali li d-divulgazzjoni tagħha tkun inkonsistenti mal-liġi tagħha.

4. Jekk l-informazzjoni mitluba ma tkunx disponibbli għall-Parti rispondenti, il-Parti rispondenti għandha tipprovdi r-raġunijiet għal dan bil-miktub lill-Parti rikjedenti.

KAPITOLU 18

Proprjetà intellettwali

Taqsima A

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 18.1

Objettivi

L-objettivi ta' dan il-Kapitolu huma li:

(a) jippromwovi l-ħolqien, il-produzzjoni, id-disseminazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' oġġetti u ta' servizzi innovattivi u kreattivi fil-Partijiet u bejniethom, sabiex jikkontribwixxu għal ekonomija aktar sostenibbli u inklużiva għall-Partijiet;

(b) jippromwovi, jappoġġa u jirregola l-kummerċ bejn il-Partijiet kif ukoll inaqqas id-distorsjonijiet u l-impedimenti għal dan il-kummerċ; u

(c) jiżgura livell adegwat u effettiv ta' protezzjoni u ta' infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

Artikolu 18.2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu jikkomplementa u jispeċifika aktar id-drittijiet u l-obbligi ta' kull Parti skont il-Ftehim TRIPS u ftehimiet internazzjonali oħrajn fil-qasam tal-proprjetà intellettwali li huma partijiet għalihom.

2. Kull Parti għandha ddaħħal dan il-Kapitolu fis-seħħ. Kull Parti għandha tkun libera li tiddetermina l-metodu xieraq ta' implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu fl-ordinament ġuridiku u l-prattika legali tagħha stess.

3. Dan il-Kapitolu ma jipprekludix lil Parti milli tipprovdi protezzjoni u infurzar aktar estensivi tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali milli meħtieġ minn dan il-Kapitolu, dment li tali protezzjoni u infurzar ma jmorrux kontra dan il-Kapitolu.

Artikolu 18.3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "drittijiet ta' proprjetà intellettwali" tfisser il-kategoriji kollha ta' proprjetà intellettwali li huma koperti mill-Artikoli minn 18.8 (Awturi) sa 18.45 (Protezzjoni tad-drittijiet tal-varjetajiet tal-pjanti) ta' dan il-Kapitolu u t-Taqsimiet 1 sa 7 tal-Parti II tal-Ftehim TRIPS. Il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali tinkludi protezzjoni kontra l-kompetizzjoni inġusta kif imsemmija fl-Artikolu 10bis tal-Konvenzjoni ta' Pariġi;

(b) "nazzjonali" tfisser, fir-rigward tad-dritt rilevanti ta' proprjetà intellettwali, persuna ta' Parti li tissodisfa l-kriterji għall-eliġibbiltà għall-protezzjoni previsti fil-Ftehim TRIPS u fil-ftehimiet multilaterali konklużi u amministrati taħt l-awspiċji tad-WIPO li għalihom Parti tkun parti kontraenti;

(c) "Konvenzjoni ta' Pariġi" tfisser il-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali tal-20 ta' Marzu 1883, kif riveduta fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967;

(d) "WIPO" tfisser l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali; u

(e) "WPPT" tfisser it-Trattat tad-WIPO dwar l-Interpretazzjonijiet, l-Eżekuzzjonijiet u l-Fonogrammi, magħmul f'Ġinevra fl-20 ta' Diċembru 1996.

Artikolu 18.4

Ftehimiet internazzjonali

1. Kull Parti għandha tikkonforma mal-impenji tagħha skont il-ftehimiet internazzjonali li ġejjin:

(a) il-Ftehim TRIPS;

(b) it-Trattat tad-WIPO dwar id-Dritt tal-Awtur, adottat f'Ġinevra fl-20 ta' Diċembru 1996;

(c) id-WPPT;

(d) it-Trattat ta' Marrakexx biex jiġi Ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijiet Pubblikati għal Persuni Għomja, b'Diżabbiltà fil-Vista jew li b'xi mod ieħor għandhom Diffikultà biex Jaqraw Materjal Stampat, magħmul f'Marrakexx fis-27 ta' Ġunju 2013; u

(e) it-Trattat dwar il-Liġi tat-Trademarks, magħmul f'Ġinevra fis-27 ta' Ottubru 1994.

2. Kull Parti għandha tagħmel l-isforzi raġonevoli kollha sabiex tirratifika jew taderixxi mal-ftehimiet internazzjonali li ġejjin:

(a) it-Trattat ta' Bejġing dwar ir-Rappreżentazzjonijiet Awdjoviżivi, magħmul f'Bejġing fl-24 ta' Ġunju 2012;

(b) it-Trattat ta' Singapore dwar il-Liġi tat-Trademarks, magħmul f'Singapore fis-27 ta' Marzu 2006; u

(c) L-Att ta' Ġinevra (1999) tal-Ftehim tal-Aja dwar ir-Reġistrazzjoni Internazzjonali tad-Disinni Industrijali, adottat f'Ġinevra fit-2 ta' Lulju 1999.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri pprovduti skont il-ftehimiet internazzjonali li ġejjin ikunu disponibbli fit-territorju tagħha:

(a) il-Protokoll Relatat mal-Ftehim ta' Madrid Dwar ir-Reġistrazzjoni Internazzjonali tal-Marki adottat f'Madrid fis-27 ta' Ġunju 1989, kif emendat l-aħħar fit-12 ta' Novembru 2007; u

(b) it-Trattat ta' Kooperazzjoni dwar il-Privattivi, magħmul f'Washington fid-19 ta' Ġunju 1970, kif emendat l-aħħar fit-3 ta' Ottubru 2001.

Artikolu 18.5

Eżawriment

Xejn f'dan il-Ftehim ma jipprevjeni lil Parti milli tiddetermina jekk, jew taħt liema kundizzjonijiet, l-eżawriment tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali japplika skont il-liġi ta' dik il-Parti.

Artikolu 18.6

Trattament nazzjonali

1. Fir-rigward tal-kategoriji kollha ta' proprjetà intellettwali koperti minn dan il-Kapitolu, kull Parti għandha tagħti liċ-ċittadini tal-Parti l-oħra trattament mhux anqas favorevoli minn dak li tagħti liċ-ċittadini tagħha stess fir-rigward tal-protezzjoni ([76]) tal-proprjetà intellettwali, soġġett għall-eċċezzjonijiet diġà previsti, rispettivament, fil-Konvenzjoni ta' Pariġi, fil-Konvenzjoni ta' Berna għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Letterarji u Artisitiċi tad-9 ta' Settembru 1886, kif riveduta f'Pariġi fl-24 ta' Lulju 1971, fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Artisti, tal-Produtturi tal-Fonogrammi u tal-Organizzazzjonijiet tax-Xandir magħmula f'Ruma fis-26 ta' Ottubru 1961, fid-WPPT, jew fit-Trattat dwar il-Proprjetà Intellettwali fir-Rigward taċ-Ċirkwiti Integrati li sar f'Washington, fis-26 ta' Mejju 1989. Fir-rigward ta' artisti tal-ispettaklu, ta' produtturi tal-fonogrammi u ta' organizzazzjonijiet tax-xandir, dan l-obbligu japplika biss għad-drittijiet imsemmijin f'dan il-Ftehim.

2. Parti tista' tagħmel użu mill-eċċezzjonijiet permessi skont il-paragrafu 1 fir-rigward tal-proċeduri ġudizzjarji u amministrattivi tagħha, inkluż li tirrikjedi li ċittadin tal-Parti l-oħra jiddeżinja indirizz għan-notifika ta' proċess fit-territorju tagħha, jew li jqabbad aġent fit-territorju tiegħu, dment li deroga bħal din:

(a) tkun neċessarja sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' liġijiet u ma' regolamenti tal-Parti li ma jkunux inkonsistenti ma' dan il-Kapitolu; u

(b) ma tkunx applikata b'mod li jkun jikkostitwixxi restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ.

3. Il-paragrafu 1 ma japplikax għal proċeduri previsti fi ftehimiet multilaterali konklużi taħt l-awspiċi tad-WIPO relatati mal-akkwist jew maż-żamma tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

([76]) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, terminu "protezzjoni" għandha tinkludi kwistjonijiet li jaffettwaw id-disponibbiltà, l-akkwist, l-ambitu, iż-żamma, u l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali kif ukoll kwistjonijiet li jaffettwaw l-użu tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali indirizzati speċifikament f'dan il-Kapitolu, inklużi protezzjoni legali adegwata taċ-ċirkomvenzjoni ta' miżuri teknoloġiċi effettivi msemmijin fl-Artikolu 18.17 (Protezzjoni ta' miżuri teknoloġiċi) u miżuri li jikkonċernaw l-informazzjoni dwar il-ġestjoni tad-drittijiet imsemmijin fl-Artikolu 18.18 (Obbligi rigward informazzjoni dwar l-immaniġġjar ta' drittijiet).

Artikolu 18.7

Ftehim TRIPS u saħħa pubblika

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tad-Dikjarazzjoni dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika, adottata f' Doha fl-14 ta' Novembru 2001 mill-Konferenza Ministerjali tad-WTO Dan il-Kapitolu għandu jiġi interpretat u implimentat b'mod konsistenti ma' dik id-Dikjarazzjoni.

2. Kull Parti għandha timplimenta l-Artikolu 31*bis* tal-Ftehim TRIPS, kif ukoll l-Anness tal-Ftehim TRIPS, inkluż l-Appendiċi tal-Anness għall-Ftehim TRIPS, li daħal fis-seħħ fit-23 ta' Jannar 2017.

Taqsima B

Standards li jirrigwardaw id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali

Subtaqsima 1

Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati

Artikolu 18.8

Awturi

Kull Parti għandha tipprovdi lill-awturi d-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti, bi kwalunkwe mezz u fi kwalunkwe forma, sħiħa jew parzjali, tax-xogħlijiet tagħhom;

(b) kwalunkwe forma ta' distribuzzjoni lill-pubbliku, b'bejgħ jew bi trasferiment ieħor tas-sjieda, tax-xogħlijiet oriġinali tagħhom jew tal-kopji tagħhom;

(c) kull komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħlijiethom, b'mezz bil-fili jew mingħajr fili, inkluż li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku xogħlijiethom b'mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċessawhom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom; u

(d) il-kiri kummerċjali lill-pubbliku ta' oriġinali jew kopji tax-xogħlijiet tagħhom fir-rigward ta' mill-inqas fonogrammi, programmi tal-kompjuter ([77]) u xogħlijiet ċinematografiċi.

Artikolu 18.9

Artisti

Kull Parti għandha tipprovdi lill-artisti d-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-reġistrazzjoni ([78]) tal-ispettakli tagħhom;

(b) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti, b'kull mezz u f'kull forma, sħiħa jew parzjali, tar-reġistrazzjonijiet tal-ispettakli tagħhom;

(c) kwalunkwe forma ta' distribuzzjoni lill-pubbliku, b'bejgħ jew bi trasferiment ieħor tas-sjieda, tar-reġistrazzjonijiet tal-ispettakli tagħhom;

(d) it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' reġistrazzjonijiet tal-ispettakli tagħhom, b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, b'tali mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċessawhom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom;

([77]) Parti tista' teskludi programmi tal-kompjuter meta l-programm tal-kompjuter innifsu ma jkunx l-oġġett essenzjali tal-kiri.

([78]) It-terminu "reġistrazzjoni" jfisser l-inkorporazzjoni ta' ħsejjes, jew ta' rappreżentazzjonijiet tagħhom, minn fejn jistgħu jinstemgħu, jiġu riprodotti jew ikkomunikati permezz ta' tagħmir.

(e) ix-xandir b'mezzi mingħajr fili u l-komunikazzjoni lill-pubbliku tal-ispettakli tagħhom, għajr meta l-ispettaklu nnifsu diġà jkun spettaklu mxandar jew ikun magħmul minn reġistrazzjoni; u

(f) il-kiri kummerċjali lill-pubbliku tar-reġistrazzjoni tal-ispettakli tagħhom.

Artikolu 18.10

Produtturi ta' fonogrammi

Kull Parti għandha tipprovdi lill-produtturi ta' fonogrammi d-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti, bi kwalunkwe mezz u fi kwalunkwe forma, sħiħa jew parzjali, tal-fonogrammi tagħhom;

(b) kwalunkwe forma ta' distribuzzjoni lill-pubbliku, permezz ta' bejgħ jew trasferiment ieħor tas-sjieda, tal-fonogrammi tagħhom;

(c) it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tal-fonogrammi tagħhom, b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, b'tali mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċessawhom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom; u

(d) il-kiri kummerċjali tal-fonogrammi tagħhom lill-pubbliku.

Artikolu 18.11

Organizzazzjonijiet tax-xandir

Kull Parti għandha tipprovdi lill-organizzazzjonijiet tax-xandir id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ir-reġistrazzjoni tax-xandiriet tagħhom, sew jekk dawk ix-xandiriet ikunu trażmessi bil-fili sew jekk bl-ajru, inkluż bil-cable jew bis-satellita;

(b) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti, bi kwalunkwe mezz u fi kwalunkwe forma, sħiħa jew parzjali, tar-reġistrazzjonijiet tax-xandiriet tagħhom, sew jekk dawk ix-xandiriet ikunu trażmessi bil-fili jew bl-ajru, inkluż bil-cable jew bis-satellita;

(c) it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, tar-reġistrazzjonijiet tax-xandiriet tagħhom, sew jekk dawk ix-xandiriet jiġu trażmessi bil-fili kif jew inkella bl-ajru, inkluż bil-cable jew bis-satellita, b'tali mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċessawhom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom;

(d) id-distribuzzjoni lill-pubbliku, permezz ta' bejgħ jew b'xi mod ieħor, tar-reġistrazzjonijiet, inkluż ta' kopji tagħhom, tax-xandiriet tagħhom, kemm jekk dawk ix-xandiriet ikunu trażmessi bil-fili jew inkella bl-ajru, inkluż bil-cable jew bis-satellita; u

(e) ix-xandir mill-ġdid tax-xandiriet tagħhom b'mezzi mingħajr fili, kif ukoll il-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xandiriet tagħhom jekk tali komunikazzjoni ssir f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku fuq pagament ta' tariffa għad-dħul.

Artikolu 18.12

Xandir u komunikazzjoni lill-pubbliku ta' fonogrammi ppubblikati għal skopijiet kummerċjali ([79])

1. Kull Parti għandha tipprovdi dritt sabiex tiżgura li titħallas remunerazzjoni ekwitabbli unika mill-utent lill-artisti tal-ispettaklu u lill-produtturi ta' fonogrammi ([80]), jekk tintuża fonogramma ppubblikata għall-finijiet kummerċjali, jew tintuża riproduzzjoni ta' tali fonogramma, għax-xandir jew għal kwalunkwe komunikazzjoni lill-pubbliku ([81]).

([79]) Parti tista' tikkonforma ma' dan l-Artikolu billi tagħti drittijiet esklużivi lill-artisti u lill-produtturi ta' fonogrammi għax-xandir u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku.

([80]) Kull Parti tista' tagħti drittijiet aktar estensivi lill-artisti u lill-produtturi ta' fonogrammi,bħala dritt esklużiv, fir-rigward tax-xandir u komunikazzjoni lill-pubbliku ta' fonogrammi ppubblikati għalihom skopijiet kummerċjali.

([81]) Kull Parti tista' tiddeċiedi liit-terminu "komunikazzjoni lill-pubbliku" ma tinkludix it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' fonogrammi, b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, b'tali mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċessawhom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom.

2. Kull Parti għandha tiżgura li r-remunerazzjoni ekwitabbli unika tinqasam bejn l-artisti u l-produtturi tal-fonogrammi rilevanti. Kull Parti tista' tippromulga leġiżlazzjoni li, fin-nuqqas ta' ftehim bejn l-artisti u l-produtturi tal-fonogrammi, tistabbilixxi t-termini li skont dawn l-artisti u l-produtturi tal-fonogrammi għandhom jaqsmu r-remunerazzjoni ekwitabbli unika.

Artikolu 18.13

Perjodu ta' protezzjoni ([82])

1. Id-drittijiet ta' awtur ta' xogħol għandhom jibqgħu għall-ħajja tal-awtur u għal 70 sena wara l-mewt tal-awtur, irrispettivament mid-data meta x-xogħol isir disponibbli legalment għall-pubbliku.

2. Fil-każ ta' xogħol magħmul b'mod konġunt bejn iżjed minn awtur wieħed, it-terminu tal-ħarsien kif speċifikat fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkolat mill-mewt tal-aħħar awtur li jibqa' ħaj.

3. Fil-każ ta' xogħlijiet anonimi jew psewdonimi, il-perjodu ta' protezzjoni għandu jdum għal 70 sena wara li x-xogħol ikun sar legalment disponibbli għall-pubbliku. Madankollu, jekk il-psewdonimu adottat mill-awtur ma jħalli l-ebda dubju dwar l-identità tal-awtur, jew jekk l-awtur jiżvelaha matul il-perjodu msemmi fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu, il-perjodu ta' protezzjoni applikabbli għandu jkun dak stipulat fil-paragrafu 1.

4. Jekk Parti tipprovdi li l-perjodu ta' protezzjoni ta' xogħol ċinematografiku jew awdjoviżiv jiġi kkalkolat fuq bażi li ma tkunx il-ħajja ta' persuna fiżika, tali terminu ta' protezzjoni ma għandux ikun anqas minn 70 sena mid-data tal-ewwel pubblikazzjoni legali jew tal-ewwel komunikazzjoni legali lill-pubbliku, jew, fin-nuqqas ta' tali pubblikazzjoni jew komunikazzjoni legali lill-pubbliku fi żmien 70 sena minn meta jsir ix-xogħol, 70 sena minn meta jitwettaq ix-xogħol ,.

5. Id-drittijiet tal-organizzazzjonijiet tax-xandir għandhom jiskadu 50 sena wara l-ewwel trażmissjoni ta' xandira, sew jekk dik ix-xandira tkun trażmessa bil-fili jew bl-ajru, inklużi bil-cable jew bis-satellita.

6. Id-drittijiet tal-artisti għandhom jiskadu 50 sena wara d-data tar-reġistrazzjoni tal-ispettaklu. Madankollu, jekk ir-reġistrazzjoni tal-ispettaklu permezz ta' fonogramm tkun legalment ippubblikata jew legalment ikkomunikata lill-pubbliku f'dan il-perjodu, id-drittijiet jiskadu 70 sena wara d-data tal-ewwel pubblikazzjoni bħal din jew l-ewwel komunikazzjoni bħal din lill-pubbliku, liema minnhom tiġi l-ewwel.

7. Id-drittijiet tal-produtturi ta' fonogrammi għandhom jiskadu 50 sena wara li ssir ir-reġistrazzjoni. Madankollu, jekk il-fonogramm ikun ġie ppubblikat legalment jew ikkomunikat legalment lill-pubbliku f'dan il-perjodu, dawk id-drittijiet għandhom jiskadu 70 sena mid-data tal-ewwel pubblikazzjoni bħal din jew l-ewwel komunikazzjoni bħal din lill-pubbliku. Kull Parti tista' tadotta miżuri effettivi sabiex jiġi żgurat li l-profitt iġġenerat tul l-20 sena ta' protezzjoni lil hinn minn 50 sena jinqasam ġustament bejn l-artisti u l-produtturi tal-fonogrammi.

8. Il-perjodi ta' protezzjoni stipulati f'dan l-Artikolu għandhom jiġu kkalkolati mill-ewwel jum ta' Jannar tas-sena li ssegwi l-fatt li jagħti bidu għad-dritt.

9. Kull Parti tista' tipprovdi għal perjodi ta' protezzjoni itwal minn dawk previsti f'dan l-Artikolu.

([82]) Jekk fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-liġijiet u r-regolamenti ta' Parti ma jipprevedux il-perjodi ta' protezzjoni stabbiliti f'dan l-Artikolu, dan l-Artikolu għandu japplika biss mid-data li fiha tali liġijiet u regolamenti jidħlu fis-seħħ f'dik il-Parti u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Dik il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-data li fiha tali liġijiet u regolamenti jkunu daħlu fis-seħħ, jekk dik id-data tkun aktar kmieni minn erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 18.14

Dritt ta' bejgħ mill-ġdid ([83])

1. Kull waħda mill-Partijiet għandha tipprovdi, għall-benefiċċju tal-awtur ta' xogħol oriġinali tal-arti grafika jew tal-plastik, dritt ta' bejgħ mill-ġdid, li jiġi ddefinit bħala dritt inaljenabbli, li ma jistax jiġi rrinunzjat, lanqas minn qabel, sabiex jirċievi royalty abbażi tal-prezz tal-bejgħ miksub għal kwalunkwe bejgħ mill-ġdid tax-xogħol, sussegwentement wara l-ewwel trasferiment tax-xogħol mill-awtur.

2. Id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid imsemmi fil-paragrafu 1 għandu japplika għall-atti kollha ta' bejgħ mill-ġdid li jinvolvu professjonisti tas-suq tal-arti, bħal ħwienet, galleriji tal-arti u, b'mod ġenerali, kwalunkwe negozjant f'xogħlijiet tal-arti bħala bejjiegħa, xerrejja jew intermedjarji.

3. Kull Parti tista' tipprovdi li d-dritt ta' bejgħ mill-ġdid imsemmi fil-paragrafu 1 ma japplikax għal atti ta' bejgħ mill-ġdid, jekk il-bejjiegħ ikun kiseb ix-xogħol direttament mill-awtur anqas minn tliet snin qabel dak il-bejgħ mill-ġdid u li fih il-prezz tal-bejgħ mill-ġdid ma jkunx jaqbeż ċertu ammont minimu.

4. Il-proċedura għall-ġbir tar-remunerazzjoni u tal-ammont tagħha għandha tkun kwistjoni li tiġi ddeterminata mil-liġi ta' kull Parti.

Artikolu 18.15

Immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-kooperazzjoni u għandhom jieħdu impenn li jippromwovu t-tali kooperazzjoni bejn is-soċjetajiet kolletturi rispettivi tagħhom bl-għan li jrawmu d-disponibbiltà tax-xogħlijiet u ta' materja protetta oħra fit-territorji rispettivi tagħhom u t-trasferiment tad-dħul mid-drittijiet bejn is-soċjetajiet kolletturi rispettivi għall-użu ta' dawn ix-xogħlijiet jew ta' materja protetta oħra.

2. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tat-trasparenza u għandhom jieħdu impenn li jippromwovu t-tali trasparenza tas-soċjetajiet kolletturi, b'mod partikolari fir-rigward tad-dħul mid-drittijiet li jiġbru, tat-tnaqqis li japplikaw għad-dħul mid-drittijiet li jiġbru, tal-użu tad-dħul mid-drittijiet miġbur, tal-politika ta' distribuzzjoni u tar-repertorju tagħhom.

3. Meta soċjetà kollettriċi stabbilita fit-territorju ta' Parti waħda tirrappreżenta soċjetà kollettriċi oħra stabbilita fit-territorju tal-Parti l-oħra permezz ta' ftehim ta' rappreżentazzjoni, il-Partijiet jagħrfu li huwa importanti li s-soċjetà kollettriċi li tirrappreżenta:

(a) ma tiddiskriminax kontra d-detenturi tad-drittijiet tas-soċjetà kollettriċi rrappreżentata;

(b) tħallas b'mod akkurat, regolari u diliġenti l-ammonti dovuti lis-soċjetà kollettriċi rrappreżentata; u

(c) tipprovdi lis-soċjetà kollettriċi rrappreżentata bl-informazzjoni dwar l-ammont ta' dħul mid-drittijiet miġbur f'isimha u kwalunkwe tnaqqis li jsir minn dak l-ammont ta' dħul mid-drittijiet.

Artikolu 18.16

Limitazzjonijiet u eċċezzjonijiet

Kull Parti għandha tipprovdi għal-limitazzjonijiet jew għall-eċċezzjonijiet għad-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli minn 18.8 (Awturi) sa 18.12 (Xandir u komunikazzjoni lill-pubbliku ta' fonogrammi ppubblikati għal skopijiet kummerċjali) biss f'ċerti każijiet speċjali li ma jmorrux kontra sfruttament normali tax-xogħol jew ta' affarijiet oħra u li ma jippreġudikawx b'mod mhux raġonevoli l-interessi leġittimi tad-detentur tad-drittijiet.

([83]) Jekk fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-liġijiet u r-regolamenti ta' Parti ma jipprevedux il-protezzjoni stabbilita f'dan l-Artikolu, dan l-Artikolu għandu japplika biss mid-data li fiha tali liġijiet u regolamenti jidħlu fis-seħħ f'dik il-Parti iżda fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Dik il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-data li fiha tali liġijiet u regolamenti jkunu daħlu fis-seħħ, jekk dik id-data tkun aktar kmieni minn sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 18.17

Protezzjoni ta' miżuri teknoloġiċi ([84])

1. Kull Parti tipprovdi protezzjoni legali adegwata kontra ċ-ċirkomvenzjoni ta' kull miżura teknoloġika effettiva, li l-persuna kkonċernata twettaq fl-għarfien, jew b'bażi raġonevoli ta' għarfien, li hija tkun qiegħda ssegwi tali objettiv.

2. Kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni legali adegwata kontra:

(a) persuna li timmanifattura, timporta, tqassam, tbigħ, tinkera jew reklamar għall-bejgħ jew għall-kiri ta' kwalunkwe apparat, prodott jew komponent li:

(i) ikollu biss skop jew użu limitat għajr li jevita kwalunkwe miżura teknoloġika; jew

(ii) ikun primarjament imfassal, prodott, adattat jew imwettaq għall-fini li jippermetti jew jiffaċilita l-evitar ta' kwalunkwe miżura teknoloġika; u

(b) persuna li tipprovdi kwalunkwe servizz li jiġi promoss, irreklamat jew kummerċjalizzat bl-għan li jippermetti jew jassisti fiċ-ċirkomvenzjoni ta' kwalunkwe miżura teknoloġika.

3. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, l-espressjoni it-terminu "miżuri teknoloġiċi" tfisser kwalunkwe teknoloġija, apparat jew komponent li, fil-proċess normali tat-tħaddim tiegħu, ikun imfassal sabiex jevita jew jillimita atti, fir-rigward ta' xogħlijiet jew ta' suġġetti protetti oħrajn, li ma jkunux awtorizzati mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur jew ta' drittijiet relatati koperti minn din is-Subtaqsima.

4. Parti tista' tadotta jew iżżomm miżuri xierqa, kif ikunu neċessarji, sabiex tiżgura li l-protezzjoni legali adegwata skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma timpedixxix lill-persuni benefiċjarji milli jgawdu l-limitazzjonijiet u l-eċċezzjonijiet previsti f'konformità mal-Artikolu 18.16 (Limitazzjonijiet u eċċezzjonijiet).

Artikolu 18.18

Obbligi rigward informazzjoni dwar l-immaniġġjar ta' drittijiet

1. Kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni legali adegwata kontra kwalunkwe persuna li konxjament twettaq xi wieħed mill-atti li ġejjin mingħajr ma jkollha l-awtorità:

(a) it-tneħħija jew tibdil ta' kull informazzjoni elettronika dwar l-immaniġġar ta' drittijiet; jew

(b) id-distribuzzjoni, l-importazzjoni għad-distribuzzjoni, ix-xandir, il-komunikazzjoni jew it-tpoġġija għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, ta' xogħlijiet jew ta' affarijiet oħrajn protetti skont din is-Subtaqsima, li minnhom tkun tneħħiet jew inbidlet mingħajr awtorizzazzjoni informazzjoni elettronika dwar l-immaniġġjar tad-drittijiet;

jekk tali persuna tkun taf, jew ikollha motivi raġonevoli sabiex tkun taf, li billi tagħmel dan tkun qiegħda tikkawża, tippermetti, tiffaċilita jew taħbi ksur ta' kwalunkwe dritt tal-awtur jew ta' drittijiet relatati kif previst mil-liġi ta' Parti.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-terminu "informazzjoni dwar l-immaniġġjar ta' drittijiet" tfisser kwalunkwe informazzjoni pprovduta mid-detenturi tad-drittijiet li tidentifika x-xogħol jew materjal ieħor imsemmi f'dan l-Artikolu, l-awtur jew kwalunkwe detentur ieħor tad-drittijiet, jew informazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tax-xogħol jew ta' materjal ieħor, u kwalunkwe numru jew kodiċi li jirrappreżenta tali informazzjoni.

3. Il-paragrafu 2 japplika meta xi waħda minn dawn l-elementi ta' informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2tkun assoċjata ma' kopja ta'xogħol jew ta' ħaġa oħra msemmija f'dan l-Artikolu., jew tidher b'rabta mal-komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħol jew ta' ħaġa oħra msemmija f'dan l-Artikolu.

([84]) Jekk fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-liġijiet u r-regolamenti ta' Parti ma jipprevedux il-protezzjoni stabbilita f'dan l-Artikolu, dan l-Artikolu għandu japplika biss mid-data li fiha tali liġijiet u regolamenti jidħlu fis-seħħ f'dik il-Parti iżda fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Dik il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-data li fiha tali liġijiet u regolamenti jkunu daħlu fis-seħħ, jekk dik id-data tkun aktar kmieni minn erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Subtaqsima 2

Trademarks

Artikolu 18.19

Klassifikazzjoni tat-trademarks

Kull Parti għandha żżomm sistema ta' klassifikazzjoni tat-trademarks li tkun konsistenti mal-Ftehim ta' Nizza dwar il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Prodotti u s-Servizzi għall-Finijiet tar-Reġistrazzjoni tat-Trademarks, magħmul f'Nizza fil-15 ta' Ġunju 1957, kif emendat fit-28 ta' Settembru 1979.

Artikolu 18.20

Sinjali ta' trademark

Trademark tista' tikkonsisti fi kwalunkwe sinjal, b'mod partikolari kliem, inklużi ismijiet personali, jew disinni, ittri, ċifri, kuluri, l-għamla ta' oġġetti jew l-imballaġġ ta' oġġetti, jew ħsejjes, dment li dawn is-sinjali jkunu jistgħu:

(a) jagħmlu distinzjoni bejn l-oġġetti jew is-servizzi ta' impriża minn dawk ta' impriżi oħra; u

(b) jiġu rrappreżentati fir-reġistru rispettiv tat-trademarks ta' kull Parti, b'mod li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku jiddeterminaw is-suġġett ċar u preċiż tal-protezzjoni mogħtija lill-proprjetarju tagħhom.

Artikolu 18.21

Drittijiet konferiti minn trademark

1. Kull Parti għandha tipprovdi li trademark irreġistrata tagħti lill-proprjetarju drittijiet esklużivi fiha. Il-proprjetarju għandu jkun intitolat jipprevjeni lit-terzi persuni kollha li ma jkollhomx il-kunsens tiegħu milli jużaw fil-kummerċ:

(a) kwalunkwe sinjal li jkun identiku għat-trademark irreġistrat fir-rigward ta' prodotti jew servizzi li huma identiċi għal dawk li għalihom tkun ġiet irreġistrata t-trademark; u

(b) kwalunkwe sinjal li, minħabba l-identità jew is-similarità tiegħu mat-trademark irreġistrata, u l-identità jew is-similarità mal-oġġetti jew mas-servizzi koperti minn dak it-trademark irreġistrat u mis-sinjal, tkun teżisti l-possibbiltà ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku, li tinkludi l-possibbiltà ta' assoċjazzjoni bejn is-sinjal u t-trademark irreġistrata.

2. Il-proprjetarju ta' trademark irreġistrata għandu jkun intitolat jipprevjeni lill-partijiet terzi kollha milli jġibu merkanzija, fil-kuntest ta' attività kummerċjali, fil-Parti fejn it-trademark tkun irreġistrata mingħajr ma tkun rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera hemm, meta tali oġġetti, inkluż l-imballaġġ, jiġu minn pajjiżi oħrajn u jkollhom fuqhom mingħajr awtorizzazzjoni trademark li tkun identika għat-trademark irreġistrata fir-rigward ta' tali oġġetti, jew li ma tistax tiġi distinta fl-aspetti essenzjali tagħha minn dik it-trademark irreġistrata ([85]).

3. L-intitolament tal-proprjetarju ta' trademark irreġistrata imsemmija fil-paragrafu 2 jista' jiskadi jekk, matul il-proċedimenti sabiex jiġi ddeterminat jekk it-trademark irreġistrata tkunx inkisret, id-dikjarant jew id-detentur tal-oġġetti jipprovdi evidenza li l-proprjetarju tat-trademark irreġistrata ma jkunx intitolat li jipprojbixxi t-tqegħid tal-oġġetti fis-suq fil-pajjiż tad-destinazzjoni finali.

([85]) Parti tista' tieħu miżuri xierqa addizzjonali bl-għan li tiżgura t-tranżitu bla xkiel ta' mediċini ġeneriċi.

Artikolu 18.22

Proċedura tar-reġistrazzjoni

1. Kull Parti għandha tipprovdi għal sistema għar-reġistrazzjoni tat-trademarks li fiha kull deċiżjoni negattiva finali, meħuda mill-amministrazzjoni tat-trademarks rilevanti, inkluż ir-rifjut parzjali tar-reġistrazzjoni, għandha tiġi kkomunikata bil-miktub lill-parti rilevanti, debitament motivata u soġġetta għal appell.

2. Kull Parti għandha tipprovdi għall-possibbiltà li partijiet terzi jopponu l-applikazzjonijiet għal trademarks jew, meta jkun xieraq, għar-reġistrazzjonijiet ta' trademarks. Tali proċedimenti ta' oppożizzjoni għandhom ikunu proċedimenti kontradittorji.

3. Kull Parti għandha tipprovdi bażi tad-*data* elettronika li tkun disponibbli pubblikament tal-applikazzjonijiet tat-trademarks u tar-reġistrazzjonijiet tat-trademarks.

Artikolu 18.23

Trademarks magħrufin

Għall-fini tal-għoti ta' effett lill-protezzjoni ta' trademarks magħrufin, kif imsemmi fl-Artikolu 6bis tal-Konvenzjoni ta' Pariġi u fl-Artikolu 16(2) u (3) tal-Ftehim TRIPS, kull Parti għandha tapplika r-Rakkomandazzjoni Konġunta Rigward Dispożizzjonijiet dwar il-Protezzjoni ta' Marki Magħrufin, adottata mill-Assemblea tal-Unjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali u mill-Assemblea Ġenerali tad-WIPO fl-Erbgħa u Tletin Serje ta' Laqgħat tal-Assemblej tal-Istati Membri tad-WIPO fl-20 sad-29 ta' Settembru 1999.

Artikolu 18.24

Eċċezzjonijiet għad-drittijiet mogħtijin minn trademark

1. Kull Parti għandha tipprovdi għal eċċezzjonijiet limitati għad-drittijiet mogħtija minn trademark bħall-użu ġust ta' termini deskrittivi li jinkludu indikazzjonijiet ġeografiċi, u jistgħu jipprovdu eċċezzjonijiet limitati oħrajn, dment li tali eċċezzjonijiet limitati jqisu l-interessi leġittimi tal-proprjetarju tat-trademark u ta' terzi persuni.

2. It-trademark ma għandhiex tagħti d-dritt lill-proprjetarju tat-trademark sabiex jipprojbixxi lil terza persuna milli tuża, fl-eżerċizzju ta' attività kummerċjali:

(a) l-isem jew l-indirizz tal-parti terza;

(b) indikazzjonijiet relatati mat-tip, mal-kwalità, mal-kwantità, mal-għan maħsub, mal-valur, mal-oriġini ġeografika, maż-żmien tal-produzzjoni tal-oġġetti jew tal-għoti tas-servizz, jew xi karatteristika oħra ta' oġġetti jew ta' servizzi; jew

(c) It-trademark, fejn ikun meħtieġ li jkun indikat l-għan maħsub ta' oġġett jew servizz, b'mod partikolari bħala aċċessorji jew spare parts,

sakemm il-parti terza tużahom f'konformità ma' prattiki onesti fi kwistjonijiet industrijali jew kummerċjali.

3. It-trademark ma għandhiex tintitola lill-proprjetarju tat-trademark sabiex jipprojbixxi lil parti terza milli tuża, matul attivitajiet kummerċjali, dritt preċedenti li japplika biss f'lokalità partikolari jekk dak id-dritt ikun rikonoxxut mil-liġi tal-Parti inkwistjoni u jintuża fil-limiti tat-territorju li fih ikun rikonoxxut.

Artikolu 18.25

Raġunijiet għar-revoka

1. Il-Partijiet għandhom jipprovdu li trademark għandha tkun suġġettibbli għar-revoka jekk, f'perjodu ta' żmien kontinwu ddeterminat mil-liġi ta' kull Parti ([86]), it-trademark ma tkunx intużat ġenwinament fit-territorju relevanti b'rabta mal-oġġetti jew mas-servizzi li għalihom tkun ġiet irreġistrata, u ma jkunx hemm raġunijiet validi għan-nuqqas ta' użu. Madankollu, l-ebda persuna ma tista' titlob li d-drittijiet tal-proprjetarju fi trademark jenħtieġ li jiġu rrevokati meta, matul l-intervall bejn l-iskadenza tal-perjodu kontinwu ta' żmien imsemmi fl-ewwel sentenza, u meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għar-revoka, jibda jew ikompli l-użu ġenwin tat-trademark. Madankollu, il-bidu jew il-kontinwazzjoni tal-użu f'perjodu ta' żmien iddeterminat mil-liġi ta' kull Parti ([87]) qabel tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għar-revoka, li beda l-aktar kmieni mal-iskadenza tal-perjodu kontinwu ta' nuqqas ta' użu, għandu jiġi injorat meta l-preparamenti għall-bidu jew għall-kontinwazzjoni jseħħu biss wara li l-proprjetarju jsir konxju li tista' tiġi preżentata l-applikazzjoni għar-revoka.

2. Trademark għandha wkoll tkun soġġetta għal revoka jekk, wara d-data li fiha ġiet irreġistrata:

(a) bħala konsegwenza ta' atti jew ta' inattività tal-proprjetarju tat-trademark, it-trademark tkun saret l-isem komuni fil-kummerċ għal oġġett jew għal servizz li għalih tkun ġiet irreġistrata; jew

(b) bħala konsegwenza tal-użu li jsir minnha mill-proprjetarju tat-trademark jew bil-kunsens tal-proprjetarju tat-trademark fir-rigward tal-oġġetti jew tas-servizzi li għalihom tkun ġiet irreġistrata, it-trademark tkun tista' tqarraq bil-pubbliku, partikolarment fir-rigward tan-natura, tal-kwalità jew tal-oriġini ġeografika ta' dawk l-oġġetti jew is-servizzi.

Artikolu 18.26

Applikazzjonijiet *mala fide*

Trademark għandha tkun tista' tiġi ddikjarata invalida meta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trademark tkun saret *in mala fide* mill-applikant. Kull Parti tista' tipprovdi wkoll li tali trademark ma għandhiex tiġi rreġistrata.

Subtaqsima 3

Disinni

Artikolu 18.27

Protezzjoni ta' disinni rreġistrati

1. Kull Parti għandha tipprovdi għall-protezzjoni ta' disinni industrijali maħluqin indipendentement li jkunu ġodda jew oriġinali. Din il-protezzjoni għandha tiġi pprovduta permezz ta' reġistrazzjoni u għandha tagħti dritt esklużiv lid-detenturi ta' tali diżinni f'konformità mas-Subtaqsima. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, Parti tista' tikkunsidra li disinn li jkollu karattru individwali jkun oriġinali.

2. Id-detentur ta' disinn irreġistrat għandu jkollu d-dritt li jipprevjeni lil terzi persuni li ma jkollhomx il-kunsens tad-detentur tal-anqas milli jagħmlu, joffru għall-bejgħ, ibigħu, jimportaw, jesportaw, jaħżnu l-prodott li jkollu d-disinn protett u li jinkorpora d-disinn irreġistrat, jew li juża oġġetti li jkollhom fuqhom jew li jinkorporaw id-disinn protett jekk tali atti jitwettqu għal finijiet kummerċjali ([88]).

([86]) Għall-finijiet ta' din is-sentenza, il-perjodu ta' żmien iddeterminat mil-liġi ta' kull Parti għandu jkun ta' mill-inqas tliet snin.

([87]) Għall-finijiet ta' din is-sentenza, il-perjodu ta' żmien iddeterminat mil-liġi ta' kull Parti għandu jkun ta' mill-inqas xahar.

([88]) Parti tista' tissodisfa l-Artikolu 18.27 (Protezzjoni ta' disinni rreġistrati) fir-rigward ta' "esportazzjoni" u "stokkjar" billi tipprovdi lid-detentur tad-disinn irreġistrat id-dritt li jipprevjeni lil partijiet terzi milli joffru għall-bejgħ jew għall-kiri, jew milli jbigħu jew jikru kwalunkwe oġġett li jkollu jew li jinkorpora d-disinn irreġistrat b'mod li jwassal għall-esportazzjoni jew għall-istokkjar ta' dak l-oġġett.

3. Parti tista' tipprovdi li disinn applikat għal prodott li jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott kumpless jew inkorporat fih għandu jitqies biss bħala ġdid jew oriġinali:

(a) jekk il-parti komponenti, ladarba tiġi inkorporata fil-prodott kumpless, tibqa' tidher matul l-użu normali ta' dak il-prodott kumpless; u

(b) sa fejn il-karatteristiċi viżibbli tal-parti komponenti msemmija fil-punt (a) jwettqu fihom infushom il-ħtiġijiet dwar in-novità u l-oriġinalità.

4. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 3, it-terminu "użu normali" jfisser l-użu mill-utent finali, eskluż xogħol ta' manutenzjoni, ta' servizzjar jew ta' tiswija.

Artikolu 18.28

Durata tal-protezzjoni

Kull Parti għandha tiżgura li d-detentur tad-dritt ta' disinn irreġistrat jista' jkollu l-perjodu ta' protezzjoni imġedded għal perjodu wieħed jew aktar ta' ħames snin kull wieħed. Kull Parti għandha tiżgura li d-durata tal-protezzjoni disponibbli għad-disinni rreġistrati tammonta għal perjodu totali ta' mill-inqas 15-il sena mid-data għall-infilzar ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni.

Artikolu 18.29

Protezzjoni mogħtija lil disinni mhux irreġistrati

1. Kull Parti għandha tagħti lid-detenturi ta' disinn mhux irreġistrat id-dritt li jipprevjenu l-użu tad-disinn mhux irreġistrat minn xi terza persuna li ma jkollhiex il-kunsens tad-detentur biss jekk l-użu kkontestat jirriżulta mill-ikkupjar tad-disinn mhux irreġistrat fit-territorju rispettiv tagħhom. Tali użu għandu tal-anqas ikopri l-offerta għall-bejgħ, it-tqegħid fis-suq, l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-prodott ([89]).

2. Id-durata tal-protezzjoni disponibbli għad-disinn mhux irreġistrat għandha tammonta għal tal-anqas tliet snin mid-data li fiha d-disinn ikun sar disponibbli għall-pubbliku għall-ewwel darba fit-territorju tal-Parti.

Artikolu 18.30

Eċċezzjonijiet u esklużjonijiet

1. Kull Parti tista' tipprovdi eċċezzjonijiet limitati għall-protezzjoni tad-disinni, li jinkludu disinni mhux irreġistrati, dment li tali eċċezzjonijiet ma jkunux f'kunflitt mhux raġonevoli mal-użu normali tad-disinni, u ma jippreġudikawx b'mod mhux raġonevoli l-interessi leġittimi tad-detentur tad-disinn, filwaqt li jitqiesu l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi.

2. Il-protezzjoni tad-disinn ma għandhiex testendi għal disinni ddettati biss mill-kunsiderazzjonijiet tekniċi jew funzjonali tiegħu. Disinn ma għandux jeżisti fil-karatteristiċi tad-dehra ta' prodott li bilfors ikollhom jiġu riprodotti fl-għamla u fil-qisien eżatti tagħhom sabiex jippermettu li l-prodott li fih ikun inkorporat id-disinn jew li għalih issir l-applikazzjoni jiġi konness ma' prodott ieħor jew imdaħħal fih, madwaru jew miegħu b'tali mod li wieħed miż-żewġ prodotti jkun jista' jwettaq il-funzjoni tiegħu.

3. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, disinn għandu, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18.27(1) (Protezzjoni ta' disinni rreġistrati), jibqa' f'disinn, li jkollu l-iskop li jippermetti l-assemblaġġ multiplu jew il-konnessjoni ta' prodotti interkambjabbli b'mod reċiproku f'sistema modulari.

([89]) Parti tista' tissodisfa l-Artikolu 18.29 (Protezzjoni mogħtija lil disinni mhux irreġistrati), fir-rigward ta' "esportazzjoni" billi tipprovdi lid-detentur tad-disinn mhux irreġistrat id-dritt li jipprevjeni lil partijiet terzi milli jbigħu, iqiegħdu fis-suq jew jimportaw il-prodott li jkollu jew li jinkorpora d-disinn mhux irreġistrat b'mod li jwassal għall-esportazzjoni ta' dak il-prodott.

Artikolu 18.31

Relazzjoni mad-dritt tal-awtur

Kull Parti għandha tiżgura li disinn, inkluż disinn mhux irreġistrat, għandu jkun ukoll eliġibbli għall-protezzjoni skont il-liġi tagħha dwar id-dritt tal-awtur mid-data li fiha jkun inħoloq jew ġie stabbilit id-disinn fi kwalunkwe forma. Kull Parti għandha tiddetermina sa liema punt, u l-kundizzjonijiet li fihom, tingħata t-tali protezzjoni, inkluż il-livell ta' oriġinalità meħtieġ.

Subtaqsima 4

Indikazzjonijiet ġeografiċi

Artikolu 18.32

Kamp ta' applikazzjoni, proċeduri u definizzjonijiet

1. Din is-Subtaqsima tapplika għar-rikonoxximent u għall-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi għal inbejjed, għal spirti u għal oġġetti tal-ikel, li joriġinaw mill-Partijiet.

2. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "indikazzjoni ġeografika" tfisser indikazzoni li tidentifika oġġett bħala oriġinarju minn Parti, jew minn reġjun jew minn lokalità f'dik il-Parti, meta xi kwalità, reputazzjoni jew karatteristika oħra tal-oġġett tkun essenzjalment attribwibbli għall-oriġini ġeografika tiegħu;

(b) "klassi tal-prodott" tfisser klassi tal-prodott speċifikata fl-Anness 18-A (Klassijiet tal-prodott); u

(c) "speċifikazzjoni tal-prodott" tfisser, fir-rigward tal-oġġett rilevanti għal indikazzjoni ġeografika, ir-rekwiżiti approvati għall-użu ta' dik l-indikazzjoni ġeografika fil-kummerċjalizzazzjoni ta' dak l-oġġett.

3. Wara li titlesta proċedura ta' oppożizzjoni u eżami tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, New Zealand għandha tipproteġi l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Unjoni elenkati fit-Taqsima A (Lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi - Unjoni Ewropea) tal-Anness 18-B (Listi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi) f'konformità, tal-anqas, mal-livell ta' protezzjoni stabbilit f'din is-Subtaqsima.

4. Wara li jitlestew proċedura ta' oppożizzjoni u eżami tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, l-Unjoni għandha tipproteġi l-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' New Zealand elenkati fit-Taqsima B (Lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi – New Zealand) tal-Anness 18-B (Listi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi) f'konformità, tal-anqas, mal-livell ta' protezzjoni stabbilit f'din is-Subtaqsima.

Artikolu 18.33

Emenda tal-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi

1. Il-lista ta' klassijiet ta' prodotti fl-Anness 18-A (Klassijiet ta' prodotti) u l-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi fl-Anness 18-B (Listi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi) jistgħu jiġu emendati b'deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ, inkluż billi jiżdiedu indikazzjonijiet ġeografiċi, tiġi aġġornata l-lista ta' klassijiet ta' prodotti jew jitneħħew indikazzjonijiet ġeografiċi li ma jibqgħux protetti fil-post tal-oriġini tagħhom.

2. Iż-żidiet fl-Anness 18-B (Listi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi) ma għandhomx jaqbżu t-30 indikazzjoni ġeografika ta' kull Parti kull tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Indikazzjonijiet ġeografiċi ġodda għandhom jiżdiedu wara li titlesta l-proċedura ta' oppożizzjoni f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u wara li indikazzjonijiet ġeografiċi ġodda jiġu eżaminati għas-sodisfazzjon taż-żewġ Partijiet.

3. Kull Parti għandha tipprovdi li jistgħu jsiru oġġezzjonijiet għal talba għall-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika skont il-proċedura ta' oppożizzjoni msemmija fl-Artikolu 18.32(3) u (4) (Kamp ta' applikazzjoni, proċeduri u definizzjonijiet), u li kwalunkwe talba bħal din għall-protezzjoni tista' tiġi rrifjutata jew ma tingħatax b'xi mod ieħor. Ir-raġunijiet għall-oġġezzjoni għal talba għall-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-indikazzjoni ġeografika hija identika jew simili b'mod konfutabbli għal trademark li tkun ġiet irreġistrata, jew li tkun saret applikazzjoni sabiex tiġi rreġistrata, *in bona fide* fil-Parti fir-rigward tal-istess oġġett jew ta' oġġett simili, jew għal trademark li fir-rigward tagħha jkunu nkisbu drittijiet fil-Parti permezz tal-użu *in bona fide* fir-rigward tal-istess oġġett jew ta' oġġett simili;

(b) l-indikazzjoni ġeografika hija identika jew simili għal trademark fir-rigward ta' kwalunkwe oġġett li ma jkunx simili għall-oġġett li fir-rigward tiegħu tkun irreġistrata t-trademark meta t-trademark tkun magħrufa fil-Parti u l-użu tal-indikazzjoni ġeografika jkun jindika konnessjoni bejn l-oġġett u s-sid tat-trademark u l-interessi tas-sid tat-trademark x'aktarx li ssirilhom ħsara minn tali użu;

(c) l-indikazzjoni ġeografika hija terminu abitwali b'lingwa komuni bħala l-isem komuni għall-oġġett rilevanti fil-Parti;

(d) l-indikazzjoni ġeografika hija terminu li jintuża fil-Parti bħala l-isem ta' varjetà ta' pjanti jew ta' razza ta' annimali u, għaldaqstant, x'aktarx li l-konsumaturi jitqarrqu rigward x'inhi l-oriġini vera tal-oġġett;

(e) l-indikazzjoni ġeografika hija indikazzjoni ġeografika omonima jew parzjalment omonima; u

(f) l-użu jew ir-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika fil-Parti x'aktarx li tkunu offensiva.

4. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, fid-determinazzjoni ta' jekk terminu huwiex abitwali f'lingwaġġ komuni bħala l-isem komuni għall-oġġett rilevanti fil-Parti, il-Parti tista' tqis kif il-konsumaturi jifhmu t-terminu f'dik il-Parti. Il-fatturi rilevanti għal tali fehim tal-konsumatur jistgħu jinkludu evidenza dwar jekk it-terminu jintużax sabiex jirreferi għall-istess tip ta' oġġett inkwistjoni, kif indikat mis-sorsi rilevanti, u kif l-oġġett irreferenzjat mit-terminu jiġi kkummerċjalizzat u kif jintuża fil-kummerċ f'dik il-Parti.

5. Fil-valutazzjoni tal-oġġezzjonijiet għall-protezzjoni ppreżentati minn persuna kontra kwalunkwe waħda mir-raġunijiet elenkati fil-paragrafu 3, Parti għandha tibbaża l-valutazzjoni tagħha biss fuq is-sitwazzjoni eżistenti f'dik il-Parti.

Artikolu 18.34

Protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi

1. Fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Parti l-oħra elenkati fl-Anness 18-B (Listi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi), kull Parti għandha tipprovdi l-mezzi legali għall-partijiet interessati sabiex jipprevjenu fit-territorju tagħha:

(a) l-użu kummerċjali ta' indikazzjoni ġeografika li tidentifika oġġett għal oġġett simili ([90]) li ma jissodisfax l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott applikabbli tal-indikazzjoni ġeografika anki jekk:

(i) tkun indikata l-oriġini vera tal-oġġett;

(ii) l-indikazzjoni ġeografika tkun użata fi traduzzjoni ([91]) jew fi transliterazzjoni ([92]); jew

(iii) l-indikazzjoni ġeografika tkun akkumpanjata minn espressjonijiet bħal "kwalità", "tip", "stil", "imitazzjoni" jew kliem simili;

(b) l-użu ta' kwalunkwe mezz fid-dežinjazzjoni jew fil-preżentazzjoni ta' oġġett li jindika jew jissuġġerixxi li l-oġġett inkwistjoni joriġina f'żona ġeografika oħra li ma tkunx il-post veru tal-oriġini, b'mod li jqarraq bil-pubbliku f'dak li jirrigwardja l-oriġini ġeografika jew in-natura tal-oġġett; u

(c) kwalunkwe użu ieħor ta' indikazzjoni ġeografika li jikkostitwixxi att ta' kompetizzjoni inġusta skont it-tifsira tal-Artikolu 10bis tal-Konvenzjoni ta' Pariġi, li jista' jinkludi l-użu kummerċjali ta' indikazzjoni ġeografika b'mod li tisfrutta r-reputazzjoni ta' dik l-indikazzjoni ġeografika, inkluż meta l-oġġett jintuża bħala ingredjent.

2. Din is-Subtaqsima ma tapplikax fir-rigward ta' indikazzjoni ġeografika ta' Parti elenkata fl-Anness 18-B (Listi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi) li ma tkunx għadha protetta skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti l-oħra.

([90]) Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, it-terminu "oġġett simili" jfisser oġġett li jaqa' fl-istess klassi ta' prodott kif elenkat fl-Anness 18-A (Klassijiet ta' prodotti).

([91]) Għal ċertezza akbar, huwa mifhum li dan għandu jiġi vvalutat fuq bażi ta' każ b'każ. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax meta tiġi pprovduta evidenza li ma jkun hemm l-ebda rabta bejn l-indikazzjoni ġeografika u t-terminu tradott.

([92]) Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, it-terminu "transliterazzjoni" jfisser il-konverżjoni tal-karattri skont il-fonetika tal-lingwa jew tal-lingwi oriġinali tal-indikazzjoni ġeografika rilevanti.

3. Jekk indikazzjoni ġeografika ta' Parti elenkata fl-Anness 18-B (Listi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi) ma tibqax protetta fit-territorju tal-Parti tal-oriġini, il-Parti tal-oriġini għandha tinnotifika minnufih lill-Parti l-oħra u titlob kanċellazzjoni tal-protezzjoni għal tali indikazzjoni ġeografika.

4. Xejn f'din is-Subtaqsima ma għandu jippreġudika d-dritt ta' kwalunkwe persuna li tuża, waqt il-kummerċ, l-isem ta' dik il-persuna jew l-isem tal-predeċessur ta' dik il-persuna fin-negozju, ħlief meta l-isem jintuża b'mod tali li jqarraq bil-pubbliku.

5. Xejn f'din is-Subtaqsima ma għandu jirrikjedi li Parti tapplika d-dispożizzjonijiet ta' din is-Subtaqsima fir-rigward ta' indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra fir-rigward ta' oġġett li għalih l-indikazzjoni rilevanti tkun identika jew simili għal:

(a) l-isem abitwali ta' varjetà ta' pjanti jew ta' razza ta' annimali u, għaldaqstant, x'aktarx tkun tfixkel lill-konsumatur rigward l-oriġini vera tal-oġġett; jew

(b) terminu abitwali f'lingwa komuni bħala l-isem komuni għal tali oġġett f'dik il-Parti.

6. Xejn f'din is-Subtaqsima ma għandu jirrikjedi li Parti tapplika d-dispożizzjonijiet ta' din is-Subtaqsima fir-rigward ta' kwalunkwe komponent individwali li jinsab f'indikazzjoni ġeografika multikomponenti tal-Parti l-oħra fir-rigward ta' oġġett li għalih il-komponent individwali jkun identiku jew simili għal:

(a) l-isem abitwali ta' varjetà ta' pjanti jew ta' razza ta' annimali u, għaldaqstant, x'aktarx tkun tfixkel lill-konsumatur rigward l-oriġini vera tal-oġġett; jew

(b) terminu abitwali f'lingwa komuni bħala l-isem komuni għal tali oġġett f'dik il-Parti.

7. Xejn f'din is-Subtaqsima ma għandu jirrikjedi li Parti tapplika d-dispożizzjonijiet ta' din is-Subtaqsima fir-rigward ta' kwalunkwe kelma, jew traduzzjoni jew transliterazzjoni ta' kwalunkwe kelma, li tinsab f'indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra meta dik il-kelma, jew dik it-traduzzjoni jew it-transliterazzjoni tkun kelma Ingliża komuni bħal "muntanja", "alpi" jew "xmara".

Artikolu 18.35

Data tal-protezzjoni

1. Kull Parti għandha tipprovdi li l-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati fl-Anness 18-B (Listi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi), u msemmijin fl-Artikolu 18.32 (Kamp ta' applikazzjoni, proċeduri u definizzjonijiet), ikunu protetti mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 18.34 (Protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi).

2. Għall-indikazzjonijiet ġeografiċi miżjudin fl-Anness 18-B (Listi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi) wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tipprovdi li tali indikazzjonijiet ġeografiċi jkunu protetti f'konformità mal-Artikolu 18.34 (Protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi) mid-data li fiha l-ismijiet ġew ippubblikati għall-finijiet tal-proċedura ta' oppożizzjoni msemmija fl-Artikolu 18.33(2) (Emenda tal-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi).

Artikolu 18.36

Dritt ta' użu tal-indikazzjonijiet ġeografiċi

1. Indikazzjoni ġeografika protetta skont din is-Subtaqsima tista' tintuża minn kwalunkwe operatur li jqiegħed fis-suq oġġett li jkun konformi mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott korrispondenti.

2. Il-paragrafu 1 ma jillimitax il-kapaċità ta' Parti li tirregola l-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' oġġetti li magħhom tkun relatata indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-liġi ta' dik il-Parti.

Artikolu 18.37

Relazzjoni mat-trademarks

1. Ir-reġistrazzjoni ta' trademark li fiha jew tikkonsisti f'indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra elenkata fl-Anness 18-B (Listi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi) għandha tiġi rrifjutata jew invalidata, *ex officio*, jekk il-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti jippermettu dan jew fuq talba ta' parti interessata, fir-rigward ta' oġġett li jaqa' taħt il-klassi ta' prodotti speċifikata fl-Anness 18-A (Klassijiet ta' prodotti) għal dik l-indikazzjoni ġeografika u li ma joriġinax fil-post tal-oriġini speċifikat fl-Anness 18-B (Listi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi) għal dik l-indikazzjoni ġeografika.

2. Jekk tkun saret applikazzjoni għal trademark jew trademark tkun ġiet irreġistrata *in bona fide*, jew jekk id-drittijiet għal trademark jkunu nkisbu permezz tal-użu *in bona fide*, f'Parti qabel id-data tal-protezzjoni ta' dik l-indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 18.35 (Data tal-protezzjoni), il-miżuri adottati sabiex tiġi implimentata din is-Subtaqsima f'dik il-Parti ma għandhomx jippreġudikaw l-eliġibbiltà għar-reġistrazzjoni tat-trademark jew il-validità tagħha, jew id-dritt għall-użu tat-trademark, fuq il-bażi li dik it-trademark tkun identika jew simili għal indikazzjoni ġeografika. Trademark bħal din tista' tibqa' tintuża u tiġġedded għal dak l-oġġett minkejja l-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika, dment li fil-liġi tal-Parti dwar it-trademarks ma tkun teżisti l-ebda raġuni għall-invaliditá jew għar-revoka tat-trademark.

3. Il-liġi ta' Parti tista' tistipula li kwalunkwe talba magħmula b'rabta mal-użu jew mar-reġistrazzjoni ta' trademark trid tiġi ppreżentata fi żmien ħames snin wara li l-użu avvers tal-indikazzjoni protetta jkun sar magħruf b'mod ġenerali f'dik il-Parti jew wara d-data tar-reġistrazzjoni tat-trademark f'dik il-Parti, dment li t-trademark tkun ġiet ippubblikata sa dik id-data, jekk tali data tkun aktar kmieni mid-data li fiha l-użu avvers ikun sar magħruf b'mod ġenerali f'dik il-Parti.

Artikolu 18.38

Infurzar tal-protezzjoni

Kull Parti għandha tipprovdi li l-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati fl-Anness 18-B (Listi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi) jiġu infurzati *ex officio* jew fuq talba ta' parti interessata, f'konformità mal-liġi tagħha permezz ta' passi amministrattivi u ġudizzjarji xierqa.

Artikolu 18.39

Regoli ġenerali

1. Fil-każ ta' indikazzjonijiet ġeografiċi omonimi, li għalihom tintalab protezzjoni f'konformità mal-Artikolu 18.33 (Emenda tal-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi), għal oġġetti li jaqgħu fl-istess klassi ta' prodotti, il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jadotta deċiżjoni sabiex jiddetermina l-kundizzjonijiet prattiċi li fihom l-indikazzjonijiet omonima inkwistjoni jiġu ddifferenzjati minn xulxin, filwaqt li jqis il-ħtieġa li jiġi żgurat trattament ekwu tal-produtturi kkonċernati u li l-konsumaturi ma jkunux imqarqa.

2. Parti li, fil-kuntest tan-negozjati ta' ftehim internazzjonali ma' pajjiż terz, tikkunsidra l-protezzjoni possibbli ta' indikazzjoni ġeografika li tidentifika oġġett li joriġina f'dak il-pajjiż terz għandha tinforma lill-Parti l-oħra u tagħti lil dik il-Parti l-opportunità li tikkummenta qabel ma l-indikazzjoni ġeografika ssir protetta, jekk:

(a) l-indikazzjoni ġeografika li tkun qiegħda tiġi kkunsidrata fin-negozjati mal-pajjiż terz tkun omonima ma' indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra elenkata fl-Anness 18-B (Listi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi); u

(b) l-oġġett ikkonċernat jaqa' taħt il-klassi ta' prodotti speċifikata fl-Anness 18-A (Klassijiet ta' prodotti) għall-indikazzjoni ġeografika omonima tal-Parti l-oħra.

3. Speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika elenkata fl-Anness 18-B (Listi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi) għandha tkun dik approvata, inkluża kwalunkwe emenda għaliha li tkun approvata wkoll, mill-awtoritajiet rilevanti tal-Parti fit-territorju minn fejn joriġina l-oġġett.

4. Il-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika ta' Parti elenkata fl-Anness 18-B (Listi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi) tista' tiġi kkanċellata biss mill-Parti li fiha joriġina l-oġġett.

5. L-oġġetti jistgħu jiġu kkummerċjalizzati u jinbiegħu sakemm jiġu eżawriti l-istokkijiet, jekk ikunu ġew deskritti legalment u ppreżentati b'mod ipprojbit minn din is-Subtaqsima fid-data:

(a) tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

(b) tal-adozzjoni permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ ta' emenda għal-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi f'konformità mal-Artikolu 18.33 (Emenda tal-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi); jew

(c) li fiha jintemm perjodu ta' tranżizzjoni rilevanti stabbilit fl-Anness 18-B (Listi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi).

Artikolu 18.40

Sistemi ta' protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm sistema għar-reġistrazzjoni u għall-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi fit-territorju tagħha.

2. Is-sistema msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun fiha tal-anqas l-elementi li ġejjin:

(a) mezz uffiċjali kif titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati;

(b) proċess amministrattiv li jivverifika li indikazzjoni ġeografika li tkun se tiġi rreġistrata tidentifika prodott bħala li joriġina fit-territorju ta' Parti, jew f'reġjun jew lokalità f'dik il-Parti, fejn kwalità, reputazzjoni jew karatteristika partikolari oħra tal-oġġett tkun essenzjalment attribwita għall-oriġini ġeografika tiegħu;

(c) proċedura ta' oppożizzjoni li tippermetti li jitqiesu l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi; u

(d) proċedura għall-kanċellazzjoni tal-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika li tqis l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi u dawk tal-utenti tal-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati inkwistjoni.

Subtaqsima 5

Protezzjoni ta' informazzjoni mhux divulgata

Artikolu 18.41

Skop tal-protezzjoni tas-sigrieti tal-mestier u definizzjonijiet

1. Kull Parti għandha tipprovdi għal proċeduri u għal rimedji ġudizzjarji ċivili xierqa għal kwalunkwe detentur ta' sigriet tal-mestier sabiex jipprevjeni, u jikseb rimedju għall-akkwiżizzjoni, għall-użu jew għad-divulgazzjoni ta' sigriet tal-mestier meta dan isir b'mod li jmur kontra prattiki kummerċjali onesti.

2. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "sigriet tal-mestier" tfisser informazzjoni li:

(i) hija sigrieta fis-sens li ma hijiex, bħala korp jew fil-konfigurazzjoni u fl-assemblaġġ preċiżi tal-komponenti tagħha, magħrufa b'mod ġenerali jew aċċessibbli b'mod faċli għal persuni li ġeneralment jittrattaw dan it-tip ta' informazzjoni inkwistjoni;

(ii) għandha valur kummerċjali minħabba li hija sigrieta; u

(iii) kienet soġġetta għal passi raġonevoli fiċ-ċirkostanzi, mill-persuna li tikkontrolla legalalemt l-informazzjoni, sabiex tinżamm sigrieta; u

(b) "detentur ta' sigriet tal-mestier" tfisser kwalunkwe persuna li legalment tikkontrolla sigriet tal-mestier.

3. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, tal-anqas dawn il-forom ta' kondotta għandhom jiġu kkunsidrati li jmorru kontra prattiki kummerċjali onesti:

(a) l-akkwiżizzjoni ta' sigriet tal-mestier mingħajr il-kunsens tad-detentur tas-sigriet tal-mestier, jekk jinkiseb permezz ta' aċċess mhux awtorizzat għal kwalunkwe dokument, oġġett, materjal, sustanza jew fajl elettroniku, jew bl-appropriazzjoni jew bl-ikkupjar ta' kwalunkwe wieħed minn dawn, li jkun legalment fil-kontroll tad-detentur tas-sigriet tal-mestier u li jkun fih is-sigriet tal-mestier jew li minnu wieħed jista' jiddeduċi s-sigriet tal-mestier;

(b) l-użu jew id-divulgazzjoni ta' sigriet tal-mestier kull meta jsiru, mingħajr il-kunsens tad-detentur tas-sigriet tal-mestier, minn persuna li tinstab li tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-kisba tas-sigriet tal-mestier kif imsemmi fil-punt (a);

(ii) il-ksur tal-ftehim ta' kunfidenzjalità jew kwalunkwe dover ieħor sabiex ma tiżvelax is-sigriet tal-mestier; jew

(iii) il-ksur taddover kuntrattwali jew kull dover ieħor li jillimita l-użu tas-sigriet tal-mestier; u

(c) l-akkwiżizzjoni, l-użu jew id-divulgazzjoni ta' sigriet tal-mestier kull meta jitwettaq minn persuna li, fiż-żmien tal-akkwiżizzjoni, tal-użu jew tad-divulgazzjoni, kienet taf jew missha kienet taf, fiċ-ċirkustanzi, li s-sigriet tal-mestier kien inkiseb direttament jew indirettament minn persuna oħra li kienet qiegħda tuża jew tiddivulga s-sigriet tal-mestier b'mod illegali fis-sens tal-punt (b).

4. Xejn f'din is-Subtaqsima ma għandu jinftiehem bħala li jeżiġi li xi waħda mill-Partijiet tikkunsidra kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin ta' kondotta li tmur kontra prattiki kummerċjali onesti:

(a) skoperta jew kreazzjoni indipendenti;

(b) inġinerija inversa ta' prodott minn persuna li għandha legalment fil-pussess tagħha u li hija libera minn kwalunkwe dmir legalment validu sabiex jiġi limitat il-ksib ta' informazzjoni rilevanti;

(c) l-akkwiżizzjoni, l-użu jew id-divulgazzjoni ta' informazzjoni meħtieġa jew permessa bil-liġi ta' kull Parti; u

(d) l-użu mill-impjegati tal-esperjenza u tal-ħiliet miksubin b'mod onest matul l-impjieg tagħhom.

5. Xejn f'din is-Subtaqsima ma għandu jinftiehem li jillimita l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, inkluża l-libertà tal-media kif protetta f'kull Parti.

Artikolu 18.42

Proċeduri u rimedji fir-rigward ġudizzjarji ċivili fir-rigward ta' sigrieti tal-mestier

1. Kull Parti għandha tiżgura li kwalunkwe persuna li tipparteċipa fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili msemmijin fl-Artikolu 18.41(1) (Skop tal-protezzjoni tas-sigrieti tal-mestier u definizzjonijiet) jew li għandha aċċess għal dokumenti li jifformaw parti minn dawk il-proċedimenti ġudizzjarji ċivili, ma għandhiex permess tuża jew tiddivulga kwalunkwe sigriet tal-mestier jew allegat sigriet tal-mestier li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jkunu, b'rispons għal rikors debitament motivat mill-parti interessata, ikunu identifikaw bħala kunfidenzjali u li tiegħu tkun saret konxja bħala riżultat ta' tali parteċipazzjoni jew aċċess.

2. Fil-proċedimenti ġudizzjarji ċivili msemmijin fl-Artikolu 18.41(1) (Skop tal-protezzjoni tas-sigrieti tal-mestier u definizzjonijiet), kull Parti għandha tipprovdi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li tal-anqas:

(a) jordnaw miżuri proviżorji, f'konformità mal-liġi ta' Parti, sabiex jipprevjenu l-akkwiżizzjoni, l-użu jew id-divulgazzjoni tas-sigriet tal-mestier b'mod li jmur kontra prattiki kummerċjali onesti;

(b) jordnaw rimedju b'mandat ta' inibizzjoni sabiex jipprevjenu l-akkwiżizzjoni, l-użu jew id-divulgazzjoni ta' sigriet kummerċjali b'mod li jmur kontra prattiki kummerċjali onesti;

(c) jikkundannaw lill-persuni li kienu jafu jew li misshom kienu jafu li kienu qegħdin jakkwistaw, jużaw jew jiddivulgaw sigriet tal-mestier b'mod li jmur kontra prattiki kummerċjali onesti jħallsu lid-detentur tas-sigriet tal-mestier id-danni skont id-dannu mġarrab bħala konsegwenza tat-tali akkwiżizzjoni, użu jew divulgazzjoni tas-sigriet tal-mestier;

(d) jieħdu miżuri speċifiċi sabiex jippreservaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe sigriet tal-mestier jew allegat sigriet tal-mestier ippreżentat fi proċeduri ċivili li jikkonċernaw l-allegata akkwiżizzjoni, użu u divulgazzjoni ta' sigriet kummerċjali b'mod li jmur kontra prattiki kummerċjali onesti. Tali miżuri speċifiċi jistgħu jinkludu, f'konformità mal-liġi ta' Parti, il-possibbiltà li jiġi ristrett l-aċċess għal ċerti dokumenti b'mod sħiħ jew parzjali, jiġi ristrett l-aċċess għas-seduti u għar-rekords jew għat-traskrizzjoni korrispondenti tagħhom, u t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni ġudizzjarja li fiha l-passaġġi li jkun fihom sigrieti tal-mestier ikunu tneħħew jew ġew redatti; u

(e) jimponu sanzjonijiet fuq il-partijiet jew fuq kwalunkwe persuna oħra li tipparteċipa fil-proċedimenti legali li tonqos jew li tirrifjuta milli tikkonforma mal-ordnijiet tal-qorti dwar il-protezzjoni tas-sigriet tal-mestier jew tal-allegat sigriet tal-mestier.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha ma jkollhomx għalfejn japplikaw il-proċeduri u r-rimedji ġudizzjarji ċivili msemmijin fl-Artikolu 18.41(1) (Skop tal-protezzjoni tas-sigrieti tal-mestier u definizzjonijiet) meta l-imġiba li tmur kontra l-prattiki kummerċjali onesti titwettaq f'konformità mal-liġi ta' Parti, sabiex tiġi żvelata mġiba ħażina, għemil ħażin jew attività illegali jew għall-fini ta' protezzjoni ta' interess leġittimu rikonoxxut mil-liġi ta' Parti.

Artikolu 18.43

Protezzjoni tad-data preżentata sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex jitqiegħed prodott farmaċewtiku ([93]) **fis-suq**

1. Kull Parti għandha tipproteġi informazzjoni kummerċjalment kunfidenzjali sottomessa sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni għat-tqegħid ta' prodotti farmaċewtiċi fis-suq (minn hawn 'il quddiem imsejħa "awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq") kontra d-divulgazzjoni lil terzi persuni, sakemm ma jittieħdux passi sabiex jiġi żgurat li d-*data* tkun protetta kontra użu kummerċjali inġust jew għajr meta d-divulgazzjoni tkun neċessarja għal interess pubbliku prevalenti.

2. Kull Parti għandha tiżgura li għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin mid-data tal-ewwel awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq fil-Parti kkonċernata (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-ewwel awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq") u f'konformità ma' kwalunkwe kundizzjoni stabbilita fil-liġi tagħha, l-awtorità responsabbli għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ma taċċetta l-ebda applikazzjoni sussegwenti għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq li tibbaża fuq ir-riżultati ta' testijiet prekliniċi jew ta' provi kliniċi sottomessi fl-applikazzjoni għall-ewwel awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq mingħajr il-kunsens espliċitu tad-detentur tal-ewwel awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq, sakemm il-ftehimiet internazzjonali rikonoxxuti miż-żewġ Partijiet ma jippreveduxmod ieħor.

Artikolu 18.44

Protezzjoni ta' data sottomessa sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti kimiċi agrikoli ([94])

1. Kull Parti għandha tagħraf dritt temporanju lis-sid ta' test jew ta' rapport ta' studju sottomess għall-ewwel darba sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodott kimiku agrikolu. Matul il-perjodu li fih jinżamm dak id-dritt temporanju, ir-rapport tat-test jew tal-istudju ma għandux jintuża għall-benefiċċju ta' kwalunkwe persuna oħra li tfittex li tikseb awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għal prodott kimiku agrikolu, sakemm ma jiġix ipprovat il-kunsens espliċitu tal-ewwel sid. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-terminu "dritt temporanju" tfisser "protezzjoni tad-*data*".

([93]) Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-terminu "prodott farmaċewtiku" għandu jkun ddefinit mil-liġi ta' kull Parti. Fil-każ tal-Unjoni, it-terminu "prodott farmaċewtiku" jfisser "prodott mediċinali".

([94]) Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-terminu "prodott kimiku agrikolu" għandu jkun ddefinit mil-liġi ta' kull Parti. Fil-każ tal-Unjoni, it-terminu "prodott kimiku agrikolu" tfisser "prodott għall-protezzjoni tal-pjanti".

2. Jenħtieġ li t-test jew ir-rapport ta' studju msemmi fil-paragrafu 1 jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun neċessarju għall-awtorizzazzjoni jew għal emenda għal awtorizzazzjoni sabiex ikunu permessi użi addizzjonali; u

(b) ikun rikonoxxut bħala konformi mal-prinċipji ta' prassi tajba tal-laboratorju jew ta' prassi sperimentali tajba, f'konformità mal-liġi ta' kull Parti.

3. Il-perjodu ta' protezzjoni tad-*data* għandu jkun tal-anqas ta' 10 snin mill-għoti tal-ewwel awtorizzazzjoni mill-awtorità rilevanti fit-territorju tal-Parti.

4. Kull Parti tista' tistabbilixxi regoli sabiex jiġi evitat l-ittestjar doppju fuq annimali vertebrati.

Subtaqsima 6

Varjetajiet ta' pjanti

Artikolu 18.45

Protezzjoni tad-drittijiet tal-varjetajiet ta' pjanti ([95])

Kull Parti għandu jkollha sistema ([96]) fis-seħħ għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-varjetajiet ta' pjanti li tagħti effett lill-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti (UPOV), kif riveduta f'Ġinevra fid-19 ta' Marzu 1991.

Taqsima C

Infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali

Subtaqsima 1

Infurzar ċivili u amministrattiv

Artikolu 18.46

Obbligi ġenerali

1. Il-Partijiet itennu l-impenji tagħhom skont il-Ftehim TRIPS u partikolarment skont il-Parti III tiegħu, u għandhom jipprovdu għall-miżuri, għall-proċeduri u għar-rimedji komplementari neċessarji li ġejjin sabiex jiżguraw l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intelletwali ([97]).

2. Dawk il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji għandhom:

(a) ikunu ġusti u ekwitabbli;

(b) ma jkunux ikkumplikati jew għaljin bla bżonn, jew jinvolvu limiti ta' żmien mhux raġonevoli jew dewmien mhux ġustifikat;

(c) ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi; u

(d) jiġu applikati b'mod li jevita l-ħolqien ta' ostakli għall-kummerċ leġittimu u li jipprovdi għal salvagwardji kontra l-abbuż minnhom.

([95]) Għal ċertezza akbar, il-Partijiet jifhmu li l-miżuri msemmijin fl-Artikolu 25.6(1) (Tiriti o Waitangi/Trattat ta' Waitangi) jistgħu jinkludu miżuri fir-rigward ta' kwistjonijiet koperti minn din is-Subtaqsima li New Zealand tqis li huma neċessarji għall-protezzjoni tad-drittijiet, tal-interessi, tad-dmirijiet u tar-responsabbiltajiet tal-Māori fit-twettiq tal-obbligi tagħha skont it-te Tiriti o Waitangi/it-Trattat ta' Waitangi, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 25.6 (Tiriti o Waitangi/Trattat ta' Waitangi).

([96]) Għal ċertezza akbar, għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, is-sistema tista' tkun sistema *sui generis*.

([97]) Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, it-terminu "drittijiet ta' proprjetà intellettwali" ma għandux jinkludi d-drittijiet koperti mis-Subtaqsima 5 (Protezzjoni ta' informazzjoni mhux iddivulgata) tat-Taqsima B (Standards li jirrigwardaw id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali).

Artikolu 18.47

Persuni intitolati sabiex japplikaw għall-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji

Kull Parti għandha tagħraf bħala persuni intitolati sabiex jitolbu l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji msemmijin f'din it-Taqsima:

(a) id-detenturi tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali f'konformità mal-liġi tal-Parti;

(b) il-persuni l-oħrajn kollha awtorizzati jużaw dawk id-drittijiet, b'mod partikolari l-liċenzjatarji, sa fejn u kif permess mil-liġi tal-Parti u f'konformità magħha;

(c) il-korpi ta' mmaniġġjar kollettiv tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali li jkunu rikonoxxuti regolarment li għandhom dritt li jirrappreżentaw lid-detenturi tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, sa fejn ikunu permessi mil-liġi tal-Parti, u f'konformità magħha; u

(d) il-korpi ta' difiża professjonali li jkunu rikonoxxuti regolarment bħala li għandhom dritt li jirrappreżentaw lid-detenturi tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, sa fejn ikun permess mil-liġi tal-Parti, u f'konformità magħha.

Artikolu 18.48

Miżuri sabiex tiġi ppreservata l-evidenza

1. Kull Parti għandha tiżgura li, anki qabel il-bidu tal-proċeduri fuq il-merti tal-każ, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq applikazzjoni minn parti li tkun ippreżentat evidenza raġonevolment disponibbli sabiex issostni l-allegazzjonijiet tagħha li d-dritt ta' proprjetà intellettwali tagħha jkun inkiser jew ikun se jinkiser, jordnaw miżuri proviżorji fil-pront u effettivi sabiex tiġi ppreżervata l-evidenza rilevanti fir-rigward tal-allegat ksur, soġġett għas-salvagwardji xierqa u għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

2. Il-miżuri proviżorji msemmijin fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu deskrizzjoni dettaljata, bit-teħid ta' kampjuni jew mingħajru, jew is-sekwestru fiżiku tal-allegati oġġetti foloz, u f'każijiet xierqa, tal-materjali u tal-għodod użati fil-produzzjoni jew fid-distribuzzjoni tat-tali oġġetti u tad-dokumenti relatati magħhom.

Artikolu 18.49

Evidenza

1. Kull Parti għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tippermetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tagħha jordnaw, wara applikazzjoni minn parti li tkun ippreżentat evidenza raġonevolment disponibbli suffiċjenti sabiex issostni l-allegazzjonijiet tagħha u, meta tissostanzja dawk l-allegazzjonijiet, ikollha evidenza speċifikata li tinsab fil-kontroll tal-parti opposta, li t-tali evidenza tiġi prodotta mill-parti opposta, soġġetta għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

2. Kull Parti għandha tieħu wkoll il-miżuri neċessarji sabiex tippermetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tagħha jordnaw, meta jkun xieraq, f'każijiet ta' ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali mwettaq fuq skala kummerċjali, skont l-istess kundizzjonijiet bħal fil-paragrafu 1, il-komunikazzjoni ta' dokumenti bankarji, finanzjarji jew kummerċjali fil-kontroll tal-parti opposta, soġġetti għall-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali.

Artikolu 18.50

Dritt għall-informazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li, fil-kuntest tal-proċedimenti ċivili fir-rigward ta' ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali u bħala tweġiba għal talba ġustifikata u proporzjonata mir-rikorrent, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tagħha jistgħu jordnaw lill-kontraventur jew lill-allegat kontraventur jew lil kwalunkwe persuna oħra sabiex tipprovdi informazzjoni rilevanti li tinsab fil-kontroll jew fil-pussess ta' dik il-persuna dwar l-oriġini u n-networks ta' distribuzzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi li jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-terminu "kwalunkwe persuna oħra" tfisser persuna li, tal-anqas:

(a) tkun instabet fil-pussess tal-oġġetti foloz fuq skala kummerċjali;

(b) tkun instabet li kienet qiegħda tuża s-servizzi foloz fuq skala kummerċjali;

(c) tkun instabet li kienet qiegħda tipprovdi fuq skala kummerċjali servizzi użati fl-attivitajiet li jiksru d-drittijiet; jew

(d) kienet indikata mill-persuna msemmija fil-punt (a), (b) jew (c) li kienet involuta fil-produzzjoni, fil-manifattura jew fid-distribuzzjoni tal-oġġetti jew fil-provvista tas-servizzi.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi, kif xieraq:

(a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-produtturi, tal-manifatturi, tad-distributuri, tal-forituri u ta' detenturi preċedenti oħrajn tal-oġġetti jew is-servizzi, kif ukoll tal-bejjiegħa bl-ingrossa u bl-imnut intenzjonati; u

(b) informazzjoni dwar il-kwantitajiet prodotti, manifatturati, ikkunsinnati, riċevuti jew ordnati, kif ukoll il-prezz miksub għall-oġġetti jew għas-servizzi inkwistjoni.

4. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal liġi oħra ta' Parti li:

(a) tagħti lid-detentur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jirċievi informazzjoni aktar kompluta;

(b) tirregola l-użu fil-proċedimenti ċivili tal-informazzjoni kkomunikata skont dan l-Artikolu;

(c) tirregola r-responsabbiltà għall-użu ħażin mid-dritt għall-informazzjoni;

(d) tagħti opportunità għal rifjut li tiġi pprovduta informazzjoni li tkun tisforza lil kwalunkwe persuna oħra msemmija fil-paragrafu 1 tammetti l-parteċipazzjoni tagħha stess jew dik ta' qraba tagħha fi ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali; jew

(e) tirregola l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sorsi ta' informazzjoni jew l-ipproċessar ta' *data* personali.

Artikolu 18.51

Miżuri proviżorji u prekawzjonarji

1. Kull waħda mill-Partijiet għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha, bit-talba tar-rikorrent, tkun tista' toħroġ inġunzjoni interlokutorja kontra l-kontraventur allegat maħsuba sabiex tipprevjeni kwalunkwe ksur imminenti ta' dritt ta' proprjetà intellettwali, jew tipprojbixxi, fuq bażi proviżorja u soġġett, meta jkun xieraq, għal pagament rikorrenti ta' penali meta dan ikun previst fil-liġi ta' dik il-Parti, il-kontinwazzjoni tal-ksur allegat ta' dak id-dritt, jew li tali kontinwazzjoni tkun soġġetta għad-depożitu ta' garanziji maħsuba sabiex ikun żgurat il-kumpens tad-detentur tad-dritt. Inġunzjoni interlokutorja b'mandat ta' inibizzjoni tista' tinħareġ ukoll, fl-istess kundizzjonijiet, kontra intermedjarju li s-servizzi tiegħu jkunu qegħdin jintużaw minn parti terza sabiex tikser dritt ta' proprjetà intelletwali.

2. Inġunzjoni interlokutorja b'mandat ta' inibizzjoni tista' tinħareġ ukoll sabiex jiġi evitat id-dħul jew il-moviment fil-kanali tal-kummerċ ta' oġġetti suspettati bi ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali.

3. Fil-każ ta' ksur allegat imwettaq fuq skala kummerċjali, kull Parti għandha tiżgura li, jekk ir-rikorrent juri ċirkustanzi li x'aktarx jipperikolaw l-irkupru tad-danni, l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkunu jistgħu jordnaw il-waqfien prekawzjonarju tat-trasferiment jew tan-negozjar, u, meta l-liġi ta' Parti tkun tipprevedi hekk, il-qbid tal-proprjetà mobbli u immobbli tal-allegat kontraventur, fosthom l-iffriżar tal-kontijiet bankarji u ta' assi oħrajn tal-allegat kontraventur. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jordnaw il-komunikazzjoni ta' informazzjoni bankarja, finanzjarja jew kummerċjali rilevanti, jew l-aċċess xieraq għall-informazzjoni rilevanti.

4. Kull Parti għandha tiżgura li, fir-rigward tal-miżuri speċifikati fil-paragrafi 1 sa 3, l-awtoritajiet ġudizzjarji jkollhom l-awtorità li jitolbu lir-rikorrent jipprovdi kwalunkwe evidenza raġonevoli sabiex ikunu sodisfatti bi grad suffiċjenti ta' ċertezza li r-rikorrent ikun id-detentur tad-dritt u li d-dritt tar-rikorrent ikun qiegħed jinkiser, jew li tali ksur ikun imminenti.

Artikolu 18.52

Miżuri korrettivi

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkunu jistgħu jordnaw, fuq it-talba tar-rikorrent u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dannu dovut lid-detentur ta' dritt minħabba l-ksur, u mingħajr kumpens ta' kwalunkwe xorta, tal-anqas it-tneħħija definittiva mill-kanali tal-kummerċ, tal-oġġetti li jkunu nstabu li qegħdin jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali. Jekk ikun xieraq, fl-istess kundizzjonijiet, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw ukoll il-qerda ta' materjali u ta' affarijiet użati b'mod predominanti fil-ħolqien jew fil-manifattura ta' tali oġġetti.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li jordnaw li l-miżuri speċifikati fil-paragrafu 1 jitwettqu għad-dannu tal-kontraventur, sakemm ma jiġux invokati raġunijiet partikolari sabiex dan ma jsirx.

Artikolu 18.53

Inġunzjonijiet

Kull Parti għandha tiżgura li, meta tittieħed deċiżjoni ġudizzjarja li ssib ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkunu jistgħu joħorġu inġunzjoni b'mandat ta' inibizzjoni kontra l-kontraventur li tkun immirata sabiex tipprojbixxi l-kontinwazzjoni tal-ksur. Kull Parti għandha tiżgura wkoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkunu jistgħu joħorġu inġunzjoni kontra intermedjarju li s-servizzi tiegħu jintużaw minn parti terza sabiex tikser dritt ta' proprjetà intellettwali.

Artikolu 18.54

Miżuri alternattivi

Kull Parti tista' tipprovdi li, f'każijiet xierqa u bit-talba tal-persuna li tista' tkun soġġetta għall-miżuri previsti fl-Artikolu 18.52 (Miżuri korrettivi) jew fl-Artikolu 18.53 (Inġunzjonijiet), l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkunu jistgħu jordnaw kumpens pekunjarju li jkollu jitħallas lill-parti li ġġarrab dannu minflok ma jiġu applikati l-miżuri previsti fl-Artikolu 18.52 (Miżuri korrettivi) jew fl-Artikolu 18.53 (Inġunzjonijiet), jekk dik il-persuna tkun aġixxiet b'mod mhux intenzjonali u mingħajr negliġenza, jekk l-eżekuzzjoni tal-miżuri inkwistjoni tkun tikkawża lil dik il-persuna dannu sproporzjonat u jekk il-kumpens pekunjarju lill-parti li ġġarrab id-dannu jidher li jkun raġonevolment sodisfaċenti.

Artikolu 18.55

Danni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha, fuq l-applikazzjoni tal-parti li ġġarrab id-dannu, jordnaw lill-kontraventur li kien konxju li kien qiegħed iwettaq, jew kellu raġunijiet validi sabiex ikun jaf li kien qiegħed iwettaq, attività li tikkawża ksur, sabiex iħallas kumpens għad-dannu lid-detentur tad-dritt skont id-dannu mġarrab mid-detentur tad-dritt bħala riżultat tal-ksur.

2. Kull Parti għandha tiżgura li meta l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jistabbilixxu d-danni msemmijin fil-paragrafu 1:

(a) huma jqisu l-aspetti kollha xierqa, bħalma huma l-konsegwenzi ekonomiċi negattivi, fosthom il-profitti mitlufin, li tkun ġarrbet il-parti li ġġarrab id-dannu, kwalunkwe profitt inġust li jkun għamel il-kontraventur u, f'każijiet xierqa, elementi li ma jkunux fatturi ekonomiċi, bħad-dannu morali kkawżat mill-ksur lid-detentur tad-dritt; inkella b'mod alternattiv

(b) huma jistgħu, f'każijiet xierqa, jistabbilixxu d-danni bħala somma waħda f'daqqa fuq il-bażi ta' elementi bħal tal-anqas l-ammont ta' royalties jew tariffi li kellhom jitħallsu kieku l-kontraventur ikun talab l-awtorizzazzjoni sabiex juża d-dritt ta' proprjetà intellettwali inkwistjoni.

3. Meta min jikser id-drittijiet ma jkunx involva ruħu konxjament, jew b'raġunijiet suffiċjenti sabiex ikun jaf, f'attività ta' ksur, kull Parti tista' tistabbilixxi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkunu jistgħu jordnaw l-irkupru ta' profitti jew il-pagament ta' danni li jistgħu jkunu stabbiliti minn qabel favur il-persuna li ġġarrab id-dannu.

Artikolu 18.56

Kostijiet legali

Kull Parti tiżgura li kostijiet legali u spejjeż oħrajn raġonevoli u proprozjonati mħallsin mill-parti li tirbaħ il-kawża, bħala regola ġenerali, għandhom jiġġarrbu mill-parti li titlef il-kawża, sakemm l-ekwità ma tkunx tippermetti li jsir hekk.

Artikolu 18.57

Pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji

Kull Parti għandha tistabbilixxi li, fil-proċedimenti ġuridiċi stabbiliti għall-ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jistgħu jordnaw, fuq it-talba tar-rikorrent u bl-ispejjeż kontra l-kontraventur, miżuri xierqa għat-tixrid tal-informazzjoni li tikkonċerna d-deċiżjoni, inkluż il-wiri tad-deċiżjoni u l-pubblikazzjoni tagħha fis-sħuħija tagħha jew f'parti minnha.

Artikolu 18.58

Preżunzjoni li wieħed huwa awtur jew sid

Il-Partijiet jagħrfu li għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji msemmija fit-Taqsima C (Infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali):

(a) għall-awtur ta' xogħol letterarju jew artistiku, fin-nuqqas ta' prova kontrarja, sabiex ikun ikkunsidrat tali, u konsegwentement sabiex ikun intitolat jiftaħ proċedimenti ta' ksur, għandu jkun suffiċjenti li l-isem tal-awtur jidher fuq ix-xogħol bil-mod tas-soltu; u

(b) il-punt (a) japplika għad-detenturi tad-drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fir-rigward tas-suġġett protett tagħhom *mutatis mutandis*.

Artikolu 18.59

Proċeduri amministrattivi

Sal-punt li kwalunkwe rimedju ċivili jista' jiġi ordnat fuq il-merti tal-każ bħala riżultat ta' proċeduri amministrattivi, proċeduri amministrattivi bħal dawn għandhom jikkonformaw mal-prinċipji ekwivalenti fis-sustanza ma' dawk stabbiliti f'din is-Subtaqsima.

Subtaqsima 2

Infurzar fil-fruntieri

Artikolu 18.60

Miżuri fil-fruntieri

1. Fir-rigward ta' oġġetti taħt kontroll doganali, kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri li skont dawn detentur tad-dritt jista' jissottometti applikazzjonijiet lill-awtoritajiet doganali ta' Parti li fihom jitlob li jissospendu r-rilaxx jew iż-żamma ta' oġġetti suspettati bi ksur tal-anqas ta' trademarks, ta' drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati, ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u ta' disinni industrijali (minn hawn 'il quddiem imsejħin "oġġetti suspettati").

2. Kull Parti għandu jkollha fis-seħħ sistemi elettroniċi għall-ġestjoni mill-awtoritajiet doganali tagħha tal-applikazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1.

3. Kull Parti għandha tipprevedi li, meta jintalab jagħmel dan mill-awtoritajiet doganali tagħha, id-detentur tal-applikazzjoni approvata jew irreġistrata għandu jkun obbligat jirrimborża l-kostijiet imġarrbin mill-awtoritajiet doganali, jew minn partijiet oħrajn li jaġixxu f'isem l-awtoritajiet doganali, mill-mument tad-detenzjoni jew tas-sospensjoni tar-rilaxx tal-oġġetti suspettati, li jinkludu l-ħżin, il-ġestjoni, u kwalunkwe kost relatat mal-qerda jew mar-rimi tal-oġġetti suspettati.

4. Kull Parti għandha tipprovdi li l-awtoritajiet doganali tagħha jiddeċiedu dwar l-approvazzjoni jew ir-reġistrazzjoni ta' applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

5. Kull Parti għandha tipprevedi l-applikazzjoni jew ir-reġistrazzjoni mogħtija jew irreġistrata sabiex tapplika għal trasportazzjonijiet multipli.

6. Fir-rigward ta' oġġetti taħt kontroll doganali, kull Parti għandha tistabbilixxi li l-awtoritajiet doganali tagħha jkunu jistgħu jaġixxu b'inizjattiva tagħhom stess sabiex jissospendu r-rilaxx jew iżommu oġġetti suspettati.

7. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet doganali tagħha jużaw l-analiżi tar-riskju sabiex jidentifikaw oġġetti suspettati.

8. Kull Parti għandu jkollha stabbiliti proċeduri li jippermettu l-qerda ta' oġġetti suspettati, mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji minn qabel għad-determinazzjoni formali tal-ksur, meta l-persuni kkonċernati jaqblu mal-qerda jew ma jopponuhiex. Jekk it-tali oġġetti ma jinqerdux, kull Parti għandha tiżgura li, għajr f'ċirkustanzi eċċezzjonali, dawn l-oġġetti jintremew lil hinn mill-kanali kummerċjali b'mod li jiġi evitat kull dannu għad-detentur tad-dritt.

9. Parti jista' jkollha fis-seħħ proċeduri li jippermettu l-qerda rapida ta' oġġetti bi trademark falza u ta' oġġetti pirata mibgħutin f'konsenji postali jew b'kurrier express.

10. Parti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax dan l-Artikolu għall-importazzjoni ta' oġġetti mqegħdin fis-suq f'pajjiż ieħor mid-detenturi tad-drittijiet jew bil-kunsens tagħhom. Parti tista' teskludi wkoll mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu oġġetti ta' natura mhux kummerċjali li jinsabu fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi.

11. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet doganali tagħha jżommu djalogu regolari u jippromwovu l-kooperazzjoni mal-partijiet konċernati rilevanti u, meta jkun neċessarju, ma' awtoritajiet oħrajn ([98]) involuti fl-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

12. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fir-rigward tal-kummerċ internazzjonali ta' oġġetti suspettati li jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali. B'mod partikolari, il-Partijiet għandhom jaqsmu l-informazzjoni, sa fejn ikun possibbli u meta jkun neċessarju, dwar il-kummerċ ta' oġġetti suspettati li jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali li jaffettwaw Parti.

13. Mingħajr preġudizzju għal forom oħrajn ta' kooperazzjoni, l-assistenza amministrattiva reċiproka prevista fis-CCMAA tapplika fir-rigward ta' ksur tal-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali li l-awtoritajiet doganali ta' Parti jkunu kompetenti għall-infurzar tagħhom f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Artikolu 18.61

Konsistenza mal-GATT tal-1994 u mal-Ftehim TRIPS

Meta timplimenta miżuri fil-fruntieri għall-infurzar ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali mill-awtoritajiet doganali tagħha, kemm jekk koperti minn din is-Subtaqsima kif ukoll jekk ma jkunux, kull Parti għandha tiżgura l-konsistenza mal-obbligi tagħha skont il-GATT tal-1994 u l-Ftehim TRIPS u, b'mod partikolari, l-Artikolu V tal-GATT tal-1994, l-Artikolu 41 u t-Taqsima 4 tal-Parti III tal-Ftehim TRIPS.

([98]) Għal ċertezza akbar, it-terminu "awtoritajiet oħrajn" ma jinkludix awtoritajiet ġudizzjarji.

Taqsima D

Dispożizzjonijiet Finali

Artikolu 18.62

Modalitajiet ta' kooperazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bl-għan li jsostnu l-implimentazzjoni tal-impenji u tal-obbligi meħudin skont dan il-Kapitolu.

2. Il-kooperazzjoni tal-Partijiet dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni u ta' infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, meta neċessarji u kif xieraq, tista' tinkludi l-attivitajiet li ġejjin:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-qafas legali fir-rigward tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u tar-regoli rilevanti dwar il-protezzjoni u l-infurzar;

(b) l-iskambju ta' esperjenza dwar il-progress leġiżlattiv;

(c) l-iskambju ta' esperjenza dwar l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

(d) l-iskambju ta' esperjenzi dwar l-infurzar fuq livelli ċentrali u subċentrali mid-dwana, mill-pulizija, minn korpi amministrattivi u ġudizzjarji;

(e) il-koordinazzjoni sabiex tiġi evitata l-esportazzjoni ta' oġġetti kontrafatti, inkluża l-koordinazzjoni ma' pajjiżi terzi;

(f) l-assistenza teknika, il-bini tal-kapaċitajiet, l-iskambju u t-taħriġ tal-persunal;

(g) il-protezzjoni u d-difiża tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u t-tixrid ta' informazzjoni f'dan ir-rigward, fost l-oħrajn, fi ċrieki kummerċjali u fis-soċjetà ċivili;

(h) it-tqajjim ta' sensibilizzazzjoni pubblika fost il-konsumaturi u d-detenturi tad-drittijiet;

(i) it-titjib tal-kooperazzjoni istituzzjonali, b'mod partikolari bejn l-uffiċċji ta' proprjetà intellettwali tal-Partijiet;

(j) il-promozzjoni tal-għarfien u tal-edukazzjoni tal-pubbliku ġenerali dwar politiki li jikkonċernaw il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

(k) il-promozzjoni tal-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali b'kollaborazzjoni pubblika-privata li tinvolvi lill-SMEs;

(l) il-formulazzjoni ta' strateġiji effettivi sabiex jiġu identifikati udjenzi u ħolqien ta' programmi ta' komunikazzjoni sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-konsumatur u tal-media dwar l-impatt tal-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, inkluż ir-riskju għas-saħħa u għas-sikurezza u r-rabta mal-kriminalità organizzata; u

(m) l-iskambju ta' informazzjoni u ta' esperjenza dwar aspetti relatati mal-proprjetà intellettwali tar-riżorsi ġenetiċi, tal-għarfien tradizzjonali u tal-espressjonijiet kulturali tradizzjonali.

3. Kull Parti tista' tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodotti, jew sommarju tagħhom, u l-punti ta' kuntatt rilevanti għall-kontroll jew għall-ġestjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Parti l-oħra protetti skont is-Subtaqsima 4 (Indikazzjonijiet ġeografiċi).

4. Il-Partijiet għandhom, b'mod dirett jew inkella permezz tal-Kumitat dwar l-Investiment, is-Servizzi, il-Kummerċ Diġitali, l-Akkwist Pubbliku u l-Proprjetà Intellettwali, inklużi l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, iżommu kuntatt dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-implimentazzjoni u mal-funzjonament ta' dan il-Kapitolu.

Artikolu 18.63

Inizjattivi volontarji tal-partijiet ikkonċernati

Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tiffaċilita l-inizjattivi volontarji tal-partijiet konċernati sabiex tnaqqas il-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, inkluż online u fi swieq oħrajn b'enfasi fuq problemi konkreti u filwaqt li tfittex soluzzjonijiet prattiċi li jkunu realistiċi, bilanċjati, proporzjonati u ġusti għal dawk kollha kkonċernati inkluż bil-modi li ġejjin:

(a) kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tlaqqa' lill-partijiet konċernati b'mod kunsenswali fit-territorju tagħha bl-għan li tiffaċilita inizjattivi volontarji sabiex jinstabu soluzzjonijiet u jiġu riżolti differenzi fir-rigward tal-protezzjoni u tal-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u jitnaqqas il-ksur;

(b) il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jiskambjaw informazzjoni ma' xulxin rigward sforzi bl-għan li jiffaċilitaw inizjattivi volontarji ta' partijiet konċernati fit-territorji rispettivi tagħhom; u

(c) il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jippromwovu djalogu miftuħ u kooperazzjoni fost il-partijiet konċernati tal-Partijiet, u sabiex iħeġġu lill-partijiet ikkonċernati tal-Partijiet isibu soluzzjonijiet u jirriżolvu b'mod konġunt id-differenzi rigward il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u jnaqqsu l-ksur.

Artikolu 18.64

Kumitat dwar l-Investiment, is-Servizzi, il-Kummerċ Diġitali, l-Akkwist Pubbliku u l-Proprjetà Intellettwali, inklużi l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

1. Dan l-Artikolu jikkomplementa u jispeċifika aktar l-Artikolu 24.4 (Kumitati speċjalizzati).

2. Fir-rigward ta' dan il-Kapitolu, il-Kumitat dwar l-Investiment, is-Servizzi, il-Kummerċ Diġitali, l-Akkwist Pubbliku u l-Proprjetà Intellettwali, inklużi l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jiskambja informazzjoni u esperjenzi dwar kwistjonijiet relatati mal-proprjetà intellettwali, inkluż fil-qasam tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, inklużi l-iżviluppi leġiżlattivi u ta' politika, u kwalunkwe kwistjoni oħra ta' interess reċiproku relatata mal-implimentazzjoni u mal-operat ta' dan il-Kapitolu;

(b) ikun responsabbli għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-finijiet tal-kunsiderazzjoni tal-protezzjoni tagħhom f'konformità mal-Artikolu 18.34 (Protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi); u

(c) minbarra l-Artikolu 18.39(2) (Regoli ġenerali), jittratta kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta mill-ispeċifikazzjonijiet tal-prodotti tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti tal-Parti l-oħra elenkati fl-Anness 18-B (Listi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi).

Kapitolu 19

Kummerċ u żvilupp sostenibbli

Artikolu 19.1

Kuntest u objettivi

1. Il-Partijiet ifakkru l-Aġenda 21 u d-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp, adottata f'Rio de Janerio fl-14 ta' Ġunju 1992, il-Pjan ta' Implimentazzjoni tas-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2002, id-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta, adottata f'Ġinevra fl-10 ta' Ġunju 2008 mill-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol fis-97 Sessjoni tagħha (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-"Dikjarazzjoni tal-ILO tal-dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta"), id-dokument ta' Eżitu tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli intitolat "The Future We Want" approvat bir-Riżoluzzjoni A/RES/66/288 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, adottata fis-27 ta' Lulju 2012, u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, adottata fil-25 ta' Settembru 2015 bir-Riżoluzzjoni A/RES/70/1 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenda tan- tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli") u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha.

2. Il-Partijiet jagħrfu li l-iżvilupp sostenibbli jinkludi l-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp soċjali u l-ħarsien tal-ambjent, filwaqt li t-tlieta huma interdipendenti u jsaħħu lil xulxin.

3. Il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ u l-investiment internazzjonali b'mod li jikkontribwixxi għall-objettiv tal-iżvilupp sostenibbli.

4. Il-Partijiet jagħrfu l-ħtieġa urġenti li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, kif deskritt fir-Rapport Speċjali dwar it-Tisħin Globali ta' 1.5°C tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima, bħala kontribut għall-objettivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli.

5. L-objettiv ta' dan il-Kapitolu huwa li jsaħħaħ l-integrazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari d-dimensjonijiet ambjentali u soċjali tiegħu (b'mod partikolari l-aspetti tax-xogħol), fir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bejn il-Partijiet, inkluż permezz tat-tisħiħ tad-djalogu u tal-kooperazzjoni.

Artikolu 19.2

Dritt ta' regolamentazzjoni u livelli ta' protezzjoni

1. Il-Partijiet jagħrfu d-dritt ta' kull Parti li:

(a) tiddetermina l-politiki u l-prijoritajiet tal-iżvilupp sostenibbli tagħha;

(b) tistabbilixxi l-livelli ta' ħarsien tal-ambjent u ta' protezzjoni tal-ħaddiema fil-livell domestiku, inkluża l-protezzjoni soċjali, li hija tqis xieraq; u

(c) tadotta jew timmodifika l-liġi u l-politiki rilevanti tagħha.

Tali livelli, liġi u politiki għandhom ikunu konsistenti mal-impenn ta' kull Parti għall-ftehimiet u għall-istandards rikonoxxuti internazzjonalment imsemmijin f'dan il-Kapitolu.

3. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li l-liġi u l-politiki rilevanti tagħha jipprevedu u jħeġġu livelli għoljin ta' ħarsien tal-ambjent u ta' protezzjoni tal-ħaddiema, u għandha tagħmel ħilitha sabiex ittejjeb dawn il-livelli, il-liġi u l-politiki.

4. Parti ma għandhiex iddgħajjef jew tnaqqas il-livelli ta' protezzjoni mogħtija fil-liġi tagħha dwar l-ambjent jew ix-xogħol sabiex tħeġġeġ il-kummerċ jew l-investiment.

5. Parti ma għandhiex tirrinunzja jew tidderoga b'xi mod ieħor mil-liġi tagħha dwar l-ambjent jew ix-xogħol, jew toffri li tirrinunzja jew b'xi mod ieħor tidderoga minnha, sabiex tħeġġeġ il-kummerċ jew l-investiment.

6. Parti ma għandhiex tonqos, permezz ta' kors ta' azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni sostnut jew rikorrenti, milli tinforza l-liġi tagħha dwar l-ambjent jew ix-xogħol b'mod li jaffettwa l-kummerċ jew l-investiment.

7. Parti ma għandhiex tistabbilixxi jew tuża l-liġi tagħha dwar l-ambjent jew ix-xogħol jew miżuri ambjentali jew tax-xogħol oħrajn b'mod li jikkostitwixxi restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ jew fuq l-investiment.

Artikolu 19.3

Standards u ftehimiet multilaterali dwar ix-xogħol

1. Il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b'mod li jwassal għal xogħol deċenti għal kulħadd, kif espress fid-Dikjarazzjoni ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta.

2. Filwaqt li jfakkru d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta, il-Partijiet jinnotaw li l-ksur tal-prinċipji u tad-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol ma jistax jiġi invokat jew inkella jintuża bħala vantaġġ komparattiv leġittimu u li jenħtieġ li l-istandards tax-xogħol ma jintużawx għal skopijiet kummerċjali protezzjonisti.

3. F'konformità mal-Kostituzzjoni tal-ILO u mad-Dikjarazzjoni ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fil-Post tax-Xogħol adottata f'Ġinevra fit-18 ta' Ġunju 1998 mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol waqt is-86 Sessjoni tagħha u s-Segwitu għaliha, kull Parti għandha tirrispetta, tippromwovi u twettaq il-prinċipji li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol, li huma s-suġġett tal-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO, jiġifieri:

(a) il-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv;

(b) l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' xogħol furzat jew obbligatorju ([99]);

(c) l-abolizzjoni effettiva tat-tħaddim tat-tfal; u

(d) l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u tal-okkupazzjoni.

([99]) Il-Partijiet jaffermaw l-importanza tar-ratifika tal-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930 adottat f'Ġinevra fil-11 ta' Ġunju 2014 mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fil-103 Sessjoni tagħha.

4. Il-Partijiet jilqgħu d-deċiżjoni tal-110 Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol li biha s-ambjent tax-xogħol sikur u b'saħħtu jiżdied mal-prinċipji u mad-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol. Mhux aktar tard mill-ewwel laqgħa tiegħu, il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjoni sabiex jemenda l-paragrafu 3 kif xieraq sabiex jirrifletti din iż-żieda.

5. Kull Parti għandha tagħmel sforzi kostanti u sostnuti sabiex tirratifika l-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO jekk ma tkunx għadha rratifikathom ([100]).

6. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw perjodikament informazzjoni b'mod xieraq dwar il-progress rispettiv tagħhom fir-rigward tar-ratifika tal-konvenzjonijiet jew tal-protokolli tal-ILO.

7. Kull Parti għandha timplimenta b'mod effettiv il-Konvenzjonijiet tal-ILO li New Zealand u l-Istati Membri rratifikaw u li daħħlu fis-seħħ rispettivament.

8. Filwaqt li tqis kif xieraq il-kundizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi nazzjonali, kull Parti għandha tippromwovi permezz tal-liġijiet u l-prattiki tagħha l-objettivi strateġiċi tal-ILO li permezz tagħhom hija espressa l-Aġenda għal Xogħol Deċenti, stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għal kulħadd, fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-pagi u tal-qligħ, tal-ħinijiet tax-xogħol, ta' kundizzjonijiet oħrajn tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali; u

(b) djalogu soċjali dwar kwistjonijiet tax-xogħol bejn is-sħab soċjali u l-awtoritajiet governattivi rilevanti.

9. Kull Parti għandha:

(a) tadotta u timplimenta miżuri u politiki dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, inkluż kumpens f'każ ta' korriment jew ta' mard okkupazzjonali; u

(b) iżżomm sistema effettiva ta' spezzjoni tax-xogħol.

10. Kull Parti tfakkar l-obbligi tagħha skont il-paragrafu 7, meta tkun irratifikat il-Konvenzjonijiet rilevanti tal-ILO relatati mal-punt (a) jew (b) tal-paragrafu 9.

11. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-miżuri u tal-politiki tax-xogħol, b'mod bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali, kif xieraq, inkluż fl-ILO. Tali kooperazzjoni tista' tkopri fost l-oħrajn:

(a) l-implimentazzjoni ta' konvenzjonijiet fundamentali, ta' prijorità u oħrajn aġġornati tal-ILO;

(b) ix-xogħol deċenti, inklużi l-interkonnessjonijiet bejn il-kummerċ u l-impjieg sħiħ u produttiv, l-aġġustament tas-suq tax-xogħol, l-istandards fundamentali tax-xogħol, ix-xogħol deċenti fil-ktajjen tal-provvista globali, il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali, id-djalogu soċjali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

(c) it-tisħiħ tal-protezzjoni tad-drittijiet tax-xogħol tal-gruppi vulnerabbli ta' kull Parti; u

(d) l-impatt tal-liġi u tal-istandards tax-xogħol fuq il-kummerċ u fuq l-investiment, jew l-impatt tal-liġi dwar il-kummerċ u l-investiment fuq ix-xogħol.

Artikolu 19.4

Kummerċ u ugwaljanza bejn il-ġeneri

1. Il-Partijiet jagħrfu l-ħtieġa li javvanzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa u li jippromwovu perspettiva tal-ġeneru fir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment tal-Partijiet. Barra minn hekk, huma jirrikonoxxu l-kontribut importanti kurrenti u futur tan-nisa għat-tkabbir ekonomiku permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-attività ekonomika, inkluż il-kummerċ internazzjonali. Għaldaqstant, il-Partijiet jenfasizzaw l-intenzjoni tagħhom li jimplimentaw dan il-Ftehim b'mod li jippromwovi u jsaħħaħ l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li politiki kummerċjali inklużivi jistgħu jikkontribwixxu għall-avvanz tal-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, f'konformità mal-Mira 5 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u mal-objettivi tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kummerċ u l-Emanċipazzjoni Ekonomika tan-Nisa adottata fil-Konferenza Ministerjali tad-WTO fi Buenos Aires fit-12 ta' Diċembru 2017.

([100]) Il-Partijiet jinnotaw li l-Istati Membri kollha rratifikaw il-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO.

3. Il-Partijiet jenfasizzaw l-importanza li tiġi inkorporata l-perspettiva tal-ġeneru fil-promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku inklużiv, u r-rwol ewlieni li jista' jkollhom politiki reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri f'dan ir-rigward. Il-politiki reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri jinkludu l-avvanzar tal-parteċipazzjoni tan-nisa fl-ekonomija u fil-kummerċ internazzjonali, inkluż billi jiġu pprovduti drittijiet u aċċess ugwali għal opportunitajiet għall-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

4. Kull Parti għandha tippromwovi l-għarfien pubbliku u t-trasparenza tal-liġijiet, tar-regolamenti u tal-politiki tagħha dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inklużi l-impatt tagħhom fuq it-tkabbir ekonomiku inklużiv u fuq il-politika kummerċjali inklużiva u r-rilevanza għalihom.

5. Il-Partijiet itennu l-impenji tagħhom skont l-Artikolu 19.2 (Dritt ta' regolamentazzjoni u livelli ta' protezzjoni) fir-rigward tal-liġijiet rispettivi tagħhom immirati sabiex jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għan-nisa u għall-irġiel.

6. Kull Parti għandha timplimenta b'mod effettiv l-obbligi tagħha skont il-konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti li għalihom hija parti li jindirizzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jew id-drittijiet tan-nisa, inkluża l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-18 ta' Diċembru 1979, b'attenzjoni partikolari għad-dispożizzjonijiet tagħha relatati mal-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-ħajja ekonomika u fil-qasam tal-impjiegi. F'dan ir-rigward, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji rispettivi tagħhom skont l-Artikolu 19.3 (Standards u ftehimiet multilaterali tax-xogħol) inklużi dawk rigward l-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet tal-ILO relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u mal-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u tal-okkupazzjoni.

7. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien fuq aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki u tal-miżuri dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inklużi attivitajiet għan-nisa, inklużi ħaddiema, negozjanti u imprendituri nisa, sabiex jaċċessaw u jibbenefikaw mill-opportunitajiet maħluqin minn dan il-Ftehim. Għal dan l-għan, il-Partijiet għandhom jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-wāhine Māori ([101]) fil-każ ta' New Zealand.

8. Il-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 7 għandha tkopri kwistjonijiet ta' interess konġunt fost l-oħrajn:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki relatati mal-ġbir ta' *data*diżaggregata skont is-sessi u analiżi bbażata fuq il-ġeneru tal-politiki kummerċjali;

(b) il-kondiviżjoni tal-esperjenzi u tal-aħjar prattiki relatati mat-tfassil, mal-implimentazzjoni, mal-monitoraġġ, mal-evalwazzjoni u mat-tisħiħ ta' politiki u ta' programmi mmirati lejn it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tan-nisa fl-attività ekonomika, inkluż il-kummerċ internazzjonali;

(c) il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni, tat-tmexxija u tal-edukazzjoni tan-nisa, b'mod partikolari f'oqsma li fihom tradizzjonalment in-nisa ma humiex irrappreżentati biżżejjed bħax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, il-matematika (STEM), kif ukoll l-innovazzjoni, il-kummerċ elettroniku u kwalunkwe qasam ieħor relatat mal-kummerċ;

(d) il-promozzjoni tal-inklużjoni finanzjarja, il-litteriżmu finanzjarju u l-aċċess għall-finanzjament tal-kummerċ u għall-edukazzjoni; u

(e) l-iskambju ta' informazzjoni u ta' esperjenzi fir-rigward ta' miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri tal-liċenzjar, mar-rekwiżiti u mal-proċeduri ta' kwalifika, jew ma' standards tekniċi relatati mal-awtorizzazzjoni għall-provvista ta' servizz li ma jiddiskriminax fuq il-bażi tal-ġeneru.

9. Filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza tal-ħidma fuq il-kummerċ u fuq il-ġeneru li qiegħda ssir fil-livell multilaterali, il-Partijiet għandhom jikkooperaw f'fora internazzjonali u multilaterali, inkluż fid-WTO u fl-OECD, sabiex javvanzaw il-kwistjonijiet u l-fehim relatati mal-kummerċ u mal-ġeneru, inkluż, kif xieraq, permezz ta' rapportar volontarju bħala parti mir-rapporti nazzjonali tagħhom matul ir-Rieżamijiet tal-Politika tal-Kummerċ tad-WTO tagħhom.

Artikolu 19.5

Ftehimiet ambjentali multilaterali u governanza internazzjonali tal-ambjent

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-governanza internazzjonali tal-ambjent, b'mod partikolari r-rwol tal-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"UNEP") u l-ogħla korp ta' tmexxija tiegħu, l-Assemblea Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"UNEA"), kif ukoll ftehimiet ambjentali multilaterali (minn hawn 'il quddiem imsejħin "MEAs"), bħala rispons għall-isfidi ambjentali globali jew reġjonali tal-komunità internazzjonali u jenfasizzaw il-ħtieġa li jissaħħaħ l-appoġġ reċiproku bejn il-politiki kummerċjali u ambjentali.

([101]) It-terminu "wāhine Māori" jirreferi għan-nisa indiġeni ta' New Zealand.

2. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha timplimenta b'mod effettiv l-MEAs, il-protokolli tagħhom u l-emendi li tkun irratifikat u daħħlet fis-seħħ.

3. Il-Partijiet għandhom perjodikament, u b'mod xieraq, jiskambjaw informazzjoni dwar is-sitwazzjonijiet rispettivi tagħhom fir-rigward tal-possibbiltà li jsiru parti għall-MEAs, il-protokolli u l-emendi tagħhom.

4. Il-Partijiet jaffermaw id-dritt ta' kull Parti li tadotta jew iżżomm miżuri sabiex tippromwovi l-objettivi tal-MEAs li għalihom hija parti. Il-Partijiet ifakkru li l-miżuri adottati jew infurzati għall-implimentazzjoni ta' tali MEAs jistgħu jiġu ġġustifikati skont l-Artikolu 25.1 (Eċċezzjonijiet ġenerali).

5. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki u tal-miżuri ambjentali, b'mod bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali, kif xieraq, inkluż fil-Forum Politiku ta' Livell Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-UNEP, l-UNEA, l-MEAs, l-OECD, l-FAO, Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (minn hawn 'il quddiem il-"FAO") u d-WTO. Tali kooperazzjoni tista' tkopri fost l-oħrajn:

(a) politiki u miżuri li jippromwovu l-appoġġ reċiproku tal-kummerċ u tal-ambjent inklużi:

(i) il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar politiki u prattiki sabiex titħeġġeġ il-bidla għal ekonomija ċirkolari; u

(ii) il-promozzjoni, inkluż billi jitneħħew l-ostakli għall-kummerċ u għall-investiment, ta' inizjattivi li jikkontribwixxu għal ekonomija ċirkolari;

(b) inizjattivi dwar il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, inklużi inizjattivi mmirati lejn il-promozzjoni tat-tkabbir ekoloġiku u t-tnaqqis tat-tniġġis;

(c) inizjattivi sabiex iħeġġu l-kummerċ u l-investiment f'oġġetti u f'servizzi ambjentali, inkluż billi jindirizzaw ostakli tariffarji u mhux tariffarji relatati;

(d) l-impatt tal-liġi u tal-istandards dwar l-ambjent fuq il-kummerċ u fuq l-investiment, jew l-impatt tal-liġi dwar il-kummerċ u l-investiment fuq l-ambjent; u

(e) aspetti oħrajn relatati mal-kummerċ tal-MEAs, inkluża l-implimentazzjoni.

Artikolu 19.6

Kummerċ u tibdil fil-klima

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza li tittieħed azzjoni urġenti sabiex jiġu miġġielda t-tibdil fil-klima u l-impatti tiegħu, u r-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq ta' dan l-objettiv, konsistenti mal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima li saret fi New York fid-9 ta' Mejju 1992 (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"UNFCCC"), l-iskop u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, u ma' MEAs u ma' strumenti multilaterali oħrajn fil-qasam tat-tibdil fil-klima.

2. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha timplimenta b'mod effettiv il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi, inklużi l-impenji fir-rigward tal-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali.

3. L-impenn ta' Parti li timplimenta b'mod effettiv il-Ftehim ta' Pariġi skont il-paragrafu 2 jinkludi l-obbligu li ma ssir l-ebda azzjoni jew ommissjoni li txejjen b'mod materjali l-għan u l-iskop tal-Ftehim ta' Pariġi.

4. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) tippromwovi l-appoġġ reċiproku tal-politiki u tal-miżuri dwar il-kummerċ u l-klima u b'hekk tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni għal livell baxx ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, għal ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u ċirkolari u għal żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima;

(b) tiffaċilita t-tneħħija ta' ostakli għall-kummerċ u għall-investiment f'oġġetti u f'servizzi ta' rilevanza partikolari għall-mitigazzjoni u għall-adattament tat-tibdil fil-klima, bħall-enerġija rinnovabbli u prodotti u servizzi effiċjenti fl-enerġija, pereżempju permezz tal-indirizzar ta' ostakli tariffarji u mhux tariffarji jew permezz tal-adozzjoni ta' oqfsa ta' politika li jwasslu għall-użu tal-aħjar teknoloġiji disponibbli; u

(c) tippromwovi l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet bħala għodda ta' politika effettiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mod effiċjenti, u tippromwovi l-integrità ambjentali fl-iżvilupp ta' swieq internazzjonali tal-karbonju.

5. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki u tal-miżuri dwar it-tibdil fil-klima b'mod bilaterali u reġjonali, inkluż ma' pajjiżi terzi u f'fora internazzjonali, kif xieraq, inkluż fil-UNFCCC, fil-Ftehim ta' Pariġi, fid-WTO, fil-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu, magħmul f'Montreal fis-16 ta' Settembru 1987 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Protokoll ta' Montreal"), fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) u fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"IMO"). Tali kooperazzjoni tista' tkopri fost l-oħrajn:

(a) id-djalogu u l-kooperazzjoni dwar il-politika fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż fir-rigward ta' mezzi għall-promozzjoni tar-reżiljenza għall-klima, tal-enerġija rinnovabbli, tat-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, tal-effiċjenza enerġetika, tal-iżvilupp tal-infrastruttura sostenibbli u reżiljenti għall-klima, tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet, u tal-azzjoni dwar l-emissjonijiet fir-rigward ta' pajjiżi terzi kif xieraq;

(b) l-iskambji ta' politika u tekniċi rigward l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-ipprezzar domestiku u internazzjonali tal-karbonju inkluż l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet u l-promozzjoni ta' standards effettivi ta' integrità ambjentali fl-implimentazzjoni tagħhom;

(c) l-appoġġ għall-iżvilupp u għall-adozzjoni ta' miżuri ambizzjużi u effettivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-IMO li għandhom jiġu implimentati minn u għal vapuri involuti fil-kummerċ internazzjonali; u

(d) l-appoġġ għat-tneħħija gradwali ambizzjuża ta' sustanzi li jnaqqsu l-ożonu u t-tnaqqis gradwali tal-idrofluworokarburi skont il-Protokoll ta' Montreal permezz ta' miżuri sabiex jiġu kkontrollati l-produzzjoni, il-konsum u l-kummerċ tagħhom, l-introduzzjoni ta' alternattivi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent għalihom, l-aġġornament tas-sikurezza u standards rilevanti oħrajn, u l-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' sustanzi rregolati mill-Protokoll ta' Montreal.

Artikolu 19.7

Riforma tal-kummerċ u tas-sussidji għall-fjuwils fossili

1. Il-Partijiet ifakkru fil-mira 12.C tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-razzjonalizzazzjoni tas-sussidji ineffiċjenti għall-fjuwils fossili li jħeġġu l-konsum ħali, inkluż billi jitneħħew gradwalment is-sussidji dannużi għall-fjuwils fossili, il-Patt Klimatiku ta' Glasgow, adottat fi Glasgow fit-13 ta' Novembru 2021, u d-Dikjarazzjoni Ministerjali tad-WTO dwar is-Sussidji għall-Fjuwils Fossili, adottata f'Ġinevra fl-14 ta' Diċembru 2021 li tħeġġeġ l-isforzi sabiex tintlaħaq dik il-Mira.

2. Il-Partijiet jagħrfu li s-sussidji għall-fjuwils fossili jistgħu joħolqu distorsjoni tas-swieq, jiżvantaġġaw l-enerġija rinnovabbli u nadifa, u jkunu inkonsistenti mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.

3. Fid-dawl tal-paragrafi 1 u 2, il-Partijiet jikkondividu l-għan li jirriformaw u jnaqqsu b'mod progressiv is-sussidji għall-fjuwils fossili u jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jaħdmu sabiex jilħqu dak l-objettiv f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali, filwaqt li jqisu bis-sħiħ il-ħtiġijiet speċifiċi tal-popolazzjonijiet affettwati.

4. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki u tal-miżuri dwar is-sussidji għall-fjuwils fossili b'mod bilaterali u f'fora internazzjonali. Filwaqt li jagħrfu li d-WTO jista' jkollha rwol ċentrali fl-aġenda tar-riforma tal-fjuwils fossili, il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien u jħeġġu lill-Membri l-oħrajn tad-WTO sabiex javvanzaw ir-riforma u jsegwu dixxiplini ġodda dwar is-sussidji għall-fjuwils fossili fid-WTO, inkluż permezz ta' trasparenza u rapportar imtejbin li jippermettu l-evalwazzjoni tal-effetti kummerċjali, ekonomiċi u ambjentali tal-programmi ta' sussidju għall-fjuwils fossili.

Artikolu 19.8

Kummerċ u diversità bijoloġika

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-konservazzjoni u tal-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika u tar-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi, b'mod konsistenti mal-MEAs rilevanti li għalihom huma parti, inklużi l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, li saret f'Rio de Janeiro fil-5 ta' Ġunju 1992 (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika") u l-Protokolli tagħha, il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu, magħmula f'Washington fit-3 ta' Marzu 1973 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "CITES"), u d-deċiżjonijiet adottati taħtha.

2. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) timplimenta miżuri sabiex tiġġieled kontra l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi, inkluż fir-rigward ta' pajjiżi terzi, kif xieraq;

(b) tippromwovi l-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tal-ispeċijiet elenkati fis-CITES u l-inklużjoni tal-ispeċijiet tal-annimali u tal-pjanti fl-Appendiċijiet għas-CITES meta jissodisfaw il-kriterji għall-elenkar, u jwettqu rieżamijiet perjodiċi, li jistgħu jirriżultaw f'rakkomandazzjoni sabiex jiġu emendati l-Appendiċijiet għas-CITES, sabiex jiġi żgurat li dawn jirriflettu kif xieraq il-ħtiġijiet ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet soġġetti għall-kummerċ internazzjonali;

(c) tippromwovi l-kummerċ fi prodotti derivati mill-użu sostenibbli ta' riżorsi bijoloġiċi sabiex jikkontribwixxi għall-konservazzjoni tal-bijodiversità; u

(d) tieħu azzjoni xierqa għall-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika meta tkun soġġetta għal pressjonijiet marbutin mal-kummerċ u mal-investiment, b'mod partikolari għall-prevenzjoni tat-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi.

3. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza li jirrispettaw, jipproteġu, jippreservaw u jżommu l-għarfien, l-innovazzjonijiet u l-prattiki tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali li jinkorporaw stili ta' ħajja tradizzjonali li jikkontribwixxu għall-konservazzjoni u għall-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika, u r-rwol tal-kummerċ internazzjonali fl-appoġġ ta' dan.

4. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom f'aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki u tal-miżuri dwar il-bijodiversità b'mod bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali, kif xieraq, inkluż fil-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u s-CITES. Tali kooperazzjoni tista' tkopri fost l-oħrajn:

(a) inizjattivi u prattiki tajbin dwar il-kummerċ fi prodotti u f'servizzi derivati mill-użu sostenibbli ta' riżorsi bijoloġiċi bl-għan ta' konservazzjoni tad-diversità bijoloġika;

(b) il-kummerċ u l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika, inklużi l-iżvilupp u l-applikazzjoni tal-metodi kontabilistiċi tal-kapital naturali u tal-ekosistemi, tal-valwazzjoni tal-ekosistemi u tas-servizzi tagħhom u tal-istrumenti ekonomiċi relatati;

(c) il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi, inkluż permezz ta' inizjattivi sabiex titnaqqas id-domanda għal prodotti illegali tal-organiżmi selvaġġi u inizjattivi sabiex jittejbu l-kondiviżjoni u l-kooperazzjoni tal-informazzjoni;

(d) l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi, u l-kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-benefiċċji mill-użu tagħhom b'mod konsistenti mal-objettivi tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika; u

(e) il-kondiviżjoni ta' informazzjoni u ta' esperjenza ta' ġestjoni dwar il-moviment, il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' speċijiet aljeni invażivi, bil-ħsieb li jittejbu l-isforzi għall-valutazzjoni u għall-indirizzar tar-riskji u tal-impatti negattivi ta' speċijiet aljeni invażivi.

Artikolu 19.9

Kummerċ u foresti

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti sabiex jipprovdu funzjonijiet ambjentali u opportunitajiet ekonomiċi u soċjali għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri, u r-rwol tal-kummerċ fil-kisba ta' dan l-objettiv.

2. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) tiġġieled kontra l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ relatat, inkluż fir-rigward ta' pajjiżi terzi, permezz ta' azzjoni leġiżlattiva jew azzjoni oħra;

(b) tippromwovi l-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u l-kummerċ fil-prodotti tal-foresti maħsudin f'konformità mal-liġi tal-pajjiż tal-ħsad u minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli; u

(c) tiskambja informazzjoni mal-Parti l-oħra dwar inizjattivi relatati mal-kummerċ fir-rigward tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, tal-konservazzjoni tal-foresti, tal-governanza tal-foresti, ta' inizjattivi mfasslin sabiex jiġġieldu l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam, u politiki rilevanti oħrajn ta' interess reċiproku.

3. Filwaqt li jirrikonoxxu li d-deforestazzjoni hija mutur ewlieni tat-tisħin globali u tat-telfien tal-bijodiversità, il-Partijiet għandhom jiskambjaw l-għarfien u l-esperjenza dwar modi kif iħeġġu l-konsum u l-kummerċ fi prodotti minn ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni, sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju li l-prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni jew mad-degradazzjoni tal-foresti jitqiegħdu fis-suq.

4. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, tal-minimizzazzjoni tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti, tal-konservazzjoni tal-foresti, tal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam, u tar-rwol tal-foresti u tal-prodotti bbażati fuq l-injam fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u fl-ekonomija ċirkolari u fil-bijoekonomija, b'mod bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali kif xieraq.

Artikolu 19.10

Kummerċ u ġestjoni sostenibbli tas-sajd u tal-akkwakultura

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u tal-ekosistemi kif ukoll tal-promozzjoni ta' akkwakultura responsabbli u sostenibbli, u r-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi.

2. Il-Partijiet jagħrfu li ġestjoni tas-sajd mhux adegwata, forom ta' sussidji għas-sajd li jikkontribwixxu għal kapaċità żejda u għal sajd eċċessiv, u s-sajd IUU jheddu l-istokkijiet tal-ħut, l-għajxien ta' persuni involuti fi prattiki tas-sajd responsabbli u s-sostenibbiltà tal-kummerċ fil-prodotti tas-sajd, u jikkonfermaw il-ħtieġa għal azzjoni sabiex tali prattiki jintemmu.

3. Fid-dawl tal-paragrafi 1 u 2, kull Parti għandha:

(a) timplimenta miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni fit-tul sabiex tiżgura l-użu sostenibbli tar-riżorsi ħajjin tal-baħar abbażi tal-aħjar evidenza xjentifika disponibbli, tal-applikazzjoni tal-approċċ ta' prekawzjoni u tal-aħjar prattiki rikonoxxuti internazzjonalment konsistenti mal-ftehimiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-FAO ([102]), sabiex:

(i) tipprevjeni s-sajd eċċessiv u l-kapaċità żejda;

(ii) timminimizza l-qabda aċċessorja ta' speċijiet u ta' frieħ tal-ħut mhux fil-mira; u

(iii) tippromwovi l-irkupru ta' stokkijiet li jkunu qegħdin jiġu mistada żżejjed;

(b) tipparteċipa b'mod kostruttiv fil-ħidma tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-Sajd (minn hawn 'il quddiem imsejħin "RFMOs") li għalihom huma membri, osservaturi, jew partijiet mhux kontraenti li jikkooperaw, bl-għan li jinkisbu governanza tajba tas-sajd u sajd sostenibbli, bħal permezz tal-promozzjoni tar-riċerka xjentifika u l-adozzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni bbażati fuq l-aħjar xjenza disponibbli, it-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' konformità, it-twettiq ta' rieżamijiet perjodiċi tal-prestazzjoni u l-adozzjoni ta' kontroll, ta' monitoraġġ u ta' infurzar effettivi tal-ġestjoni tal-RFMOs; u

(c) timplimenta approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi għall-ġestjoni tas-sajd sabiex jiġi żgurat li l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar jiġu mminimizzati, u tiġi promossa l-konservazzjoni fit-tul tal-fkieren tal-baħar, tal-għasafar tal-baħar, tal-mammiferi tal-baħar u ta' speċijiet oħrajn rikonoxxuti bħala mhedda fi ftehimiet internazzjonali rilevanti li għalihom hija parti.

([102]) Il-Ftehimiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-FAO jinkludu UNCLOS il-Ftehim tal-FAO biex Jippromwovi l-Osservanza tal-Miżuri Internazzjonali ta' Konservazzjoni u ta' Ġestjoni minn Bastimenti tas-Sajd f'Ibħra Internazzjonali, magħmul f'Ruma fl-24 ta 'Novembru 1993, il-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 relatati mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna, adottat fl-4 ta 'Awwissu 1995, il-Ftehim dwar Miżuri tal-Istat tal-Port li Jimpedixxu, Jiskoraġġixxu u Jeliminaw is-Sajd Illegali, Mhux Irrapportat u Mhux Regolat magħmul f'Ruma fit-22 ta 'Novembru 2009, u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO għal Sajd Responsabbli, adottat permezz tar-riżoluzzjoni 4/95 tal-Konferenza tal-FAO tal-31 ta' Ottubru 1995, (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO għal Sajd Responsabbli").

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu li s-sajd IUU jhedded l-istokkijiet tas-sajd u l-għajxien ta' sajjieda responsabbli, u jagħrfu l-importanza ta' azzjoni nazzjonali, reġjonali u internazzjonali miftiehma sabiex jiġi indirizzat is-sajd IUU f'konformità mal-istrumenti reġjonali u internazzjonali ([103]) u bl-użu ta' oqfsa bilaterali u internazzjonali rilevanti.

5. B'appoġġ għall-isforzi sabiex jiġi miġġieled is-sajd IUU u sabiex jiġi evitat, skoraġġut u eliminat il-kummerċ ta' prodotti minn speċijiet maħsuda mis-sajd IUU , kull Parti għandha tappoġġa sistemi ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' sorveljanza, ta' konformità u ta' infurzar, inkluż billi tadotta, tirrieżamina jew tirrevedi, kif xieraq, miżuri effettivi sabiex:

(a) tiskoraġġixxi lill-bastimenti li jtajru l-bnadar tagħha u lin-nazzjonali tagħha milli jappoġġaw jew iwettqu sajd IUU, u twieġeb għas-sajd IUU meta dan iseħħ jew ikun qiegħed jiġi appoġġat; u

(b) tħeġġeġ it-traċċabbiltà, l-iffaċilitar tat-traċċabbiltà u ċ-ċertifikazzjoni elettronika sabiex jiġu esklużi prodotti mis-sajd IUU mill-flussi kummerċjali, u tħeġġeġ il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni.

6. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-iżvilupp ta' akkwakultura sostenibbli u responsabbli, filwaqt li jqisu l-aspetti ekonomiċi, soċjali, kulturali u ambjentali tagħha, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-objettivi u tal-prinċipji li jinsabu fil-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO għal Sajd Responsabbli.

7. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki u tal-miżuri tas-sajd u tal-akkwakultura, b'mod bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali, kif xieraq, inkluż fid-WTO, fil-FAO, fl-OECD, fl-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, fl-RFMOs u fi strumenti multilaterali oħrajn f'dan il-qasam, bl-għan li jiġu promossi prattiki tas-sajd sostenibbli u l-kummerċ ta' prodotti tal-ħut minn sajd ġestit b'mod sostenibbli.

Artikolu 19.11

Kummerċ u investiment li jappoġġaw l-iżvilupp sostenibbli

1. Il-Partijiet jagħrfu li dan li ġej jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-iżvilupp sostenibbli:

(a) il-kummerċ u l-investiment f'oġġetti u f'servizzi li huma relatati mal-ħarsien tal-ambjent jew li jikkontribwixxu għat-titjib tal-kundizzjonijiet soċjali; u

(b) l-użu ta' skemi ta' sostenibbiltà trasparenti, fattwali u mhux qarrieqa jew ta' inizjattivi volontarji oħrajn.

2. Għal dak l-għan, il-Partijiet ifakkru l-impenn tagħhom skont l-Artikolu 2.5 (Tneħħija tad-dazji doganali) sabiex ineħħu d-dazji doganali fuq oġġetti ambjentali li joriġinaw mill-Parti l-oħra. Tali oġġetti ambjentali jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-għanijiet ambjentali u klimatiċi billi jipprevjenu, jillimitaw, jimminimizzaw jew jirrimedjaw il-ħsara ambjentali fl-ilma, fl-arja u fil-ħamrija u billi jikkontribwixxu għat-tixrid ta' teknoloġiji li jservu sabiex itaffu t-tibdil fil-klima. Lista illustrattiva ta' tali oġġetti ambjentali ([104]) hija pprovduta fil-Lista A fl-Anness 19 (Oġġetti u servizzi ekoloġiċi).

3. Barra minn hekk, il-Partijiet ifakkru l-impenji tagħhom dwar is-servizzi ambjentali u l-attivitajiet ta' manifattura skont il-Kapitolu 10 (Kummerċ fis-servizzi u l-investiment), inkluż l-Annessi ta' dak il-Kapitolu. Dawn is-servizzi ambjentali u l-attivitajiet ta' manifattura jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-għanijiet ambjentali u klimatiċi billi jipprevjenu, jillimitaw, jimminimizzaw jew jirrijabilitaw il-ħsara ambjentali lill-ilma, lill-arja u lill-ħamrija u billi jgħinu fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari. Lista illustrattiva ta' tali servizzi ambjentali u attivitajiet ta' manifattura ([105]) hija pprovduta fil-Lista B fl-Anness 19 (Oġġetti u servizzi ekoloġiċi).

([103]) L-istrumenti reġjonali u internazzjonali jinkludu, skont kif jistgħu japplikaw, il-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Sajd IUU tal-2001 Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali tal-FAO biex is-sajd illegali, id-Dikjarazzjoni ta' Ruma tal-2005 dwar is-Sajd sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, adottata f'Ruma sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolatI fit-12 ta' Marzu 2005, il-Ftehim dwar Miżuri tal-Istat tal-Port sabiex Jimpedixxu, Jiskoraġġixxu u Jeliminaw is-Sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Regolat, li sar f'Ruma, fit-22 ta' Novembru 2009, ir-Reġistru Globali tal-FAO tal-Bastimenti tas-Sajd, tal-Bastimenti tat-Trasport Refriġerat u tal-Bastimenti ta' Servizz kif ukoll l-istrumenti li jistabbilixxu u li jiġu adottati mill-RFMOs, li huma definiti bħala organizzazzjonijiet jew arranġamenti intergovernattivi tas-sajd, kif ikun xieraq, li jkollhom il-kompetenza li jistabbilixxu miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni.

([104]) Din il-lista ta' oġġetti ambjentali f'Annes 19 (Oġġetti u servizzi ambjentali) ma hijiex eżawrjenti u hija mingħajr preġudizzju għall-approċċ għall-elenkar ta' oġġetti ambjentali li jistgħu jieħdu New Zealand jew l-Unjoni f'negozjati oħrajn.

([105]) Din il-lista ta' servizzi ambjentali u attivitajiet tal-manifattura ma hijiex eżawrjenti u hija mingħajr preġudizzju għall-approċċ għall-elenkar ta' servizzi ambjentali u attivitajiet ta' manifattura li jistgħu jieħdu New Zealand jew l-Unjoni f'negozjati oħrajn.

4. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha tippromwovi u tiffaċilita l-kummerċ u l-investiment f'dawn:

(a) oġġetti u servizzi ambjentali;

(b) oġġetti li jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet soċjali mtejbin; u

(c) oġġetti soġġetti għal skemi ta' assigurazzjoni tas-sostenibbiltà trasparenti, fattwali u mhux qarrieqa bħal skemi ta' kummerċ ġust u etiku u ekotikketti.

5. L-attivitajiet ta' promozzjoni u ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-investiment kif msemmi fil-paragrafu 4 jistgħu jinkludu:

(a) azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u kampanji ta' informazzjoni u ta' edukazzjoni tal-pubbliku;

(b) l-adozzjoni ta' oqfsa ta' politika li jwasslu għall-varar tal-aħjar teknoloġiji disponibbli;

(c) it-tħeġġiġ tal-adozzjoni ta' skemi ta' sostenibbiltà trasparenti, fattwali u mhux qarrieqa, speċjalment għall-SMEs;

(d) l-indirizzar ta' ostakli mhux tariffarji relatati; u

(e) referenza għal standards internazzjonali rilevanti, bħall-konvenzjonijiet u l-linji gwida tal-ILO jew l-MEAs.

6. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom f'aspetti relatati mal-kummerċ ta' kwistjonijiet koperti minn dan l-Artikolu b'mod bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali u multilaterali, kif ikun xieraq, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, tal-aħjar prattiki u ta' inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni.

Artikolu 19.12

Kummerċ u mġiba responsabbli fin-negozju u ġestjoni tal-ktajjen tal-provvista

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza ta' mġiba responsabbli fin-negozju u ta' prattiki ta' responsabbiltà soċjali korporattiva, inkluża ġestjoni responsabbli tal-ktajjen tal-provvista, u r-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq ta' dan l-objettiv.

2. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) tippromwovi l-istrumenti internazzjonali rilevanti, inkluż billi tappoġġa t-tixrid u l-użu tagħhom, fosthom il-Linji Gwida tal-OECD għal Impriżi Multinazzjonali, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO tal-Prinċipji li jikkonċernaw Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali, il-Patt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti, u l-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem; "L-Implimentazzjoni tal-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Protezzjoni, Rispett u Rimedju" approvat mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti fir-riżoluzzjoni tiegħu A/HRC/RES/17/4 fis-16 ta 'Ġunju 2011, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem"); u

(b) tippromwovi r-responsabbiltà soċjali korporattiva, imġiba responsabbli fin-negozju, inkluża ġestjoni responsabbli tal-ktajjen tal-provvista, billi tipprovdi oqfsa ta' politika ta' appoġġ li jħeġġu l-adozzjoni ta' prattiki rilevanti min-negozji.

3. Il-Partijiet jagħrfu l-utilità ta' linji gwida internazzjonali speċifiċi għas-settur fl-oqsma tar-responsabbiltà soċjali korporattiva / tal-imġiba responsabbli fin-negozju u għandhom jippromwovu l-ħidma konġunta f'dak ir-rigward. Fir-rigward tal-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal ktajjen tal-Provvista Responsabbli ta' Minerali minn żoni affettwati minn kunflitt u minn Żoni ta' Riskju Għoli u tas-supplimenti tagħha, kull Parti għandha timplimenta miżuri sabiex tippromwovi l-adozzjoni ta' dik il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta. Bħala membri tal-Kumitat tal-FAO dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija, il-Partijiet għandhom jippromwovu wkoll sensibilizzazzjoni għall-"Prinċipji għal Investiment Responsabbli fis-Sistemi tal-Agrikoltura u tal-Ikel" u l-"Linji Gwida Volontarji dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti fil-kuntest tas-Sigurtà Alimentari Nazzjonali".

4. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom f'aspetti relatati mal-kummerċ ta' kwistjonijiet koperti minn dan l-Artikolu b'mod bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali, kif ikun xieraq, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, tal-aħjar prattiki u ta' inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni.

Artikolu 19.13

Informazzjoni xjentifika u teknika

1. Meta tistabbilixxi jew timplimenta miżuri mmirati sabiex iħarsu l-ambjent jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ jew l-investiment, kull Parti għandha tqis l-informazzjoni xjentifika u teknika disponibbli, l-istandards internazzjonali rilevanti, il-linji gwida jew ir-rakkomandazzjonijiet.

2. F'konformità mal-approċċ ta' prekawzjoni, ([106]) meta jkun hemm riskji ta' ħsara serja jew irriversibbli għall-ambjent jew għas-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali, in-nuqqas ta' ċertezza xjentifika sħiħa ma għandux jintuża bħala raġuni li tipprevjeni lil Parti milli tadotta miżuri xierqa sabiex tipprevjeni tali ħsara.

3. Il-miżuri msemmijin fil-paragrafu 2 ma għandhomx jiġu applikati b'mod li jkun jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ internazzjonali.

Artikolu 19.14

Trasparenza

Sabiex tinforma l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' tali miżuri, kull Parti għandha, sa fejn ikun possibbli u xieraq, tipprovdi lill-persuni interessati u lill-partijiet ikkonċernati b'opportunità raġonevoli sabiex jikkummentaw dwar:

(a) miżuri mmirati lejn il-ħarsien tal-ambjent jew il-protezzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ jew l-investiment; u

(b) miżuri kummerċjali jew ta' investiment li jistgħu jaffettwaw il-ħarsien tal-ambjent jew il-protezzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Artikolu 19.15

Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

1. Dan l-Artikolu jikkomplementa u jispeċifika aktar l-Artikolu 24.4 (Kumitati speċjalizzati).

2. Fir-rigward ta' dan il-Kapitolu, il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) iwettaq il-kompiti msemmijin fil-punt (b) tal-Artikolu 26.13(3) (Miżuri ta' konformità);

(b) jikkontribwixxi għall-ħidma tal-Kumitat għall-Kummerċ dwar kwistjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu, inkluż fir-rigward ta' suġġetti għal diskussjoni mal-gruppi konsultattivi domestiċi msemmijin fl-Artikolu 24.6 (Gruppi konsultattivi domestiċi); u

(c) jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni oħra relatata ma' dan il-Kapitolu kif miftiehem bejn il-Partijiet.

3. Il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jippubblika rapport wara kull laqgħa tiegħu.

4. Kull Parti għandha tqis kif xieraq il-komunikazzjonijiet u l-opinjonijiet mill-pubbliku dwar kwistjonijiet relatati ma' dan il-Kapitolu. Parti tista' tinforma, fejn xieraq, lill-gruppi konsultattivi domestiċi stabbiliti skont l-Artikolu 24.6 (Gruppi konsultattivi domestiċi) kif ukoll lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra, maħtur skont l-Artikolu 19.16 (Punti ta' kuntatt), dwar tali komunikazzjonijiet u opinjonijiet.

([106]) Għal ċertezza akbar, b'rabta mal-implimentazzjoni tal-ftehim fit-territorju tal-Unjoni, it- terminu "approċċ ta' prekawzjoni" mezzi għall-prinċipju ta' prekawzjoni.

Artikolu 19.16

Punti ta' kuntatt

Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tiddeżinja punt ta' kuntatt biex jiffaċilita l-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwistjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu u għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt għall-punt ta' kuntatt. Kull Parti għandha tinnotifika minnufih lill-Parti l-oħra bi kwalunkwe bidla f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

Kapitolu 20

Kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika mal-māori

Artikolu 20.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Aotearoa New Zealand" tfisser New Zealand, Parti għal dan il-Ftehim. Aotearoa hija terminu Māori li jirreferi għal New Zealand;

(b) "te ao Māori" tfisser mod kif il-Māori jaraw il-ħajja li huwa msejjes fuq approċċ olistiku għall-ħajja;

(c) "mātauranga Māori" tfisser l-għarfien tradizzjonali tal-Māori li jirrigwarda to te ao Māori;

(d) "tikanga Māori" tfisser il-protokolli, id-drawwiet u l-prattika normali tal-Māori;

(e) "kaupapa Māori" tfisser approċċ minqux f'te ao Māori;

(f) "approċċi relazzjonali tal-Māori" tirreferi għal whakapapa jew konnessjonijiet tal-familja, u l-bini ta' relazzjonijiet b'saħħithom, li huma valuri kruċjali tat-te ao Māoriu ċentrali għal kif jgħixu l-Māori;

(g) "benessri" minn perspettiva ta' te ao Māori tfisser l-ibbilanċjar u l-interkonnessjoni ta' diversi fatturi meħtieġa sabiex l-individwi u l-gruppi verament jgħixu tajjeb u jirnexxu; inklużi taha tinana (il-ġisem), taha hinengaro (il-moħħ), taha wairua (l-ispirtu), whenua (l-art), whakapapa (il-ġenealoġija) u kaitiakitanga (l-intendenza); it-terminu "benessri". Tista' tinkludi wkoll aspetti ambjentali, ekonomiċi u kulturali;

(h) "taonga" tfisser oġġett, element, riżorsa jew pussess ta' valur għoli jew imfittex, u tista' tkun tanġibbli jew intanġibbli;

(i) "Mānuka" tfisser il-kelma Māori użata esklużivament għas-siġra *Leptospermum scoparium* imkabbra f'Aotearoa New Zealand u fi prodotti li jinkludu l-għasel u ż-żejt li jiġu minn dik is-siġra; Mānuka (varjazzjonijiet fl-ortografija jinkludu "Manuka" u "Maanuka") hija ta' importanza kulturali għall-Māori bħala taonga u mediċina tradizzjonali; u

(j) "wāhine Māori" tfisser in-nisa indiġeni ta' Aotearoa New Zealand.

Artikolu 20.2

Kuntest u skop

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li te Tiriti o Waitangi/it-Trattat ta' Waitangi huwa dokument fundamentali ta' importanza kostituzzjonali għal Aotearoa New Zealand.

2. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-kummerċ internazzjonali fl-abilitazzjoni u fl-avvanzar tal-benessri tal-Māori, u l-isfidi li jistgħu jeżistu għall-Māori fl-aċċessar tal-opportunitajiet ta' kummerċ u ta' investiment derivati mill-kummerċ internazzjonali.

3. L-iskop ta' dan il-Kapitolu huwa li jsegwi l-kooperazzjoni reċiproka sabiex jikkontribwixxi għall-isforzi ta' Aotearoa New Zealand sabiex jippermetti u javvanza l-aspirazzjonijiet ekonomiċi u l-benessri tal-Māori.

4. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-kooperazzjoni skont dan il-Kapitolu li qiegħed jiġi implimentat, fil-każ ta' Aotearoa New Zealand, b'mod konsistenti mat-te Tiriti o Waitangi/mat-Trattat ta' Waitangi u, meta xieraq, informat minn te ao Māori, minn mātauranga Māori, minn tikanga Māori u minn kaupapa Māori.

5. Il-Partijiet jagħrfu l-valur li l-approċċi tal-Māori, informati minn te ao Māori, minn mātauranga Māori, minn tikanga Māori u minn kaupapa Māori, jistgħu jikkontribwixxu għat-tfassil u għall-implimentazzjoni tal-politiki u tal-programmi f'Aotearoa New Zealand li jipproteġu u jippromwovu l-aspirazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi tal-Māori.

6. Il-Partijiet jagħrfu l-valur ta' żieda fil-parteċipazzjoni tal-Māori fil-kummerċ u fl-investiment internazzjonali, inkluż fil-kummerċ diġitali. Dan jinkludi permezz tal-promozzjoni tal-approċċi relazzjonali tal-Māori, informati minn te ao Māori, mātauranga Māori, tikanga Māori u kaupapa Māori, fil-każ ta' Aotearoa New Zealand.

7. Il-Partijiet jagħrfu l-valur tat-tiswiħ tar-rabtiet bejn in-nies li jistgħu jirriżultaw mill-opportunitajiet maħluqin minn dan il-Kapitolu għaż-żewġ Partijiet.

Artikolu 20.3

Strumenti internazzjonali

1. Il-Partijiet jinnotaw:

(a) id-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, adottata fi New York fit-13 ta' Settembru 2007 u l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom magħmulin fuq dik id-Dikjarazzjoni;

(b) il-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO) dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali, adottata f'Pariġi fl-20 ta' Ottubru 2005;

(c) l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;

(d) id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika; u

(e) il-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem.

Artikolu 20.4

Dispożizzjonijiet f'dan il-Ftehim li jibbenefikaw lill-Māori

Minbarra dan il-Kapitolu, hemm dispożizzjonijiet speċifiċi f'Kapitoli oħrajn ta' dan il-Ftehim li għandhom l-għan li jsaħħu l-parteċipazzjoni tal-Māori fl-opportunitajiet ta' kummerċ u ta' investiment derivati minn dan il-Ftehim li, fil-każ ta' Aotearoa New Zealand, jikkontribwixxu aktar għall-kapaċità tal-Māori li jeżerċitaw id-drittijiet u l-interessi tagħhom skont te Tiriti o Waitangi/it-Trattat ta' Waitangi. Tali dispożizzjonijiet jinkludu:

(a) il-Kapitolu 2 (Trattament nazzjonali u aċċess għas-suq għall-oġġetti), inklużi Mānuka, għasel tal-Mānuka, żejt tal-Mānuka u oġġetti oħrajn ta' interess għall-Māori;

(b) il-Kapitolu 7 (Sistemi tal-ikel sostenibbli), inkluża l-kooperazzjoni dwar l-għarfien, il-parteċipazzjoni u t-tmexxija indiġeni fis-sistemi tal-ikel, f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali skont l-Artikolu 7.4 (Kooperazzjoni sabiex tittejjeb is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel);

(c) il-Kapitolu 10 (Kummerċ fis-servizzi u l-investiment);

(d) il-Kapitolu 12 (Kummerċ diġitali);

(e) il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku);

(f) il-Kapitolu 18 (Proprjetà intellettwali);

(g) il-Kapitolu 19 (Kummerċ u żvilupp sostenibbli), inklużi wāhine Māori skont l-Artikolu 19.4 (Kummerċ u ugwaljanza bejn il-ġeneri);

(h) il-Kapitolu 21 (Intrapriżi żgħar u medji);

(i) il-Kapitolu 24 (Dispożizzjonijiet istituzzjonali), inkluża r-rappreżentanza tal-Māori fil-każ ta' Aotearoa New Zealand fil-gruppi konsultattivi domestiċi msemmija fl-Artikolu 24.6 (Gruppi konsultattivi domestiċi) u fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili skont l-Artikolu 24.7 (Forum tas-Soċjetà Ċivili); u

(j) il-Kapitolu 25 (Eċċezzjonijiet u dispożizzjonijiet ġenerali), inkluż dwar te Tiriti o Waitangi/it-Trattat ta' Waitangi skont l-Artikolu 25.6 (Tiriti o Waitangi/Trattat ta' Waitangi).

Artikolu 20.5

Attivitajiet ta' kooperazzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-attivitajiet ta' kooperazzjoni skont dan il-Kapitolu għandhom jitwettqu fil-qafas eżistenti stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija u soġġetti għar-riżorsi disponibbli għal kull Parti ([107]).

2. Sabiex jilħqu l-objettivi stabbiliti f'dan il-Kapitolu, il-Partijiet jistgħu jikkoordinaw l-attivitajiet ta' kooperazzjoni, mal-Māori fil-każ ta' Aotearoa New Zealand, u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn kif xieraq. Dawk l-attivitajiet ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu:

(a) il-kollaborazzjoni sabiex tissaħħaħ il-kapaċità għall-intrapriżi tal-Māori li jaċċessaw u jibbenefikaw mill-opportunitajiet ta' kummerċ u ta' investiment maħluqin minn dan il-Ftehim;

(b) il-kollaborazzjoni sabiex jiġu żviluppati rabtiet bejn l-intrapriżi tal-Unjoni u tal-Māori, b'enfasi partikolari fuq l-SMEs, sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal ktajjen tal-provvista ġodda u eżistenti, jiġu permessi u jissaħħu l-opportunitajiet għall-kummerċ diġitali, u tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-intrapriżi dwar il-kummerċ fi prodotti tal-Māori;

(c) l-appoġġ għar-rabtiet tax-xjenza, tar-riċerka u tal-innovazzjoni, kif xieraq bejn l-Unjoni u l-komunitajiet tal-Māori, skont il-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' New Zealand ([108]); u

(d) il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni u ta' esperjenza dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

3. Fit-twettiq tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni msemmijin fil-paragrafu 2, kull Parti tista' tistieden il-fehmiet u l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, u fil-każ ta' Aotearoa New Zealand tal-Māori f'konformità ma' te Tiriti o Waitangi/mat-Trattat ta' Waitangi.

4. Il-kooperazzjoni kollha għandha tkun fuq talba ta' Parti, skont it-termini miftehmin b'mod reċiproku fir-rigward ta' kull attività ta' kooperazzjoni.

Artikolu 20.6

Mekkaniżmu istituzzjonali

1. F'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 24.2(1) (Funzjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ), il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jissupervizza u jiffaċilita l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, fost l-oħrajn.

2. F'konformità mal-Artikolu 24.6 (Gruppi konsultattivi domestiċi), il-grupp konsultattiv domestiku ([109]) ta' kull Parti għandu jagħti parir lil dik il-Parti dwar kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim, inklużi dawk il-kwistjonijiet li huma koperti minn dan il-Kapitolu, u jista' jissottometti rakkomandazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

3. F'konformità mal-Artikolu 24.7 (Forum tas-Soċjetà Ċivili), il-Forum tas-Soċjetà Ċivili ([110]) li jiġbor organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili stabbiliti fit-territorji tal-Partijiet, inklużi membri tal-gruppi konsultattivi domestiċi, għandu jmexxi djalogu dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, inkluż dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

4. Il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ta' Sħubija għandu jimmonitorja l-iżvilupp tar-relazzjoni komprensiva bejn il-Partijiet u jiskambja fehmiet u jagħmel suġġerimenti dwar kwalunkwe kwistjoni ta' interess komuni, inklużi kwistjonijiet li ma humiex koperti minn dan il-Ftehim.

([107]) Għal ċertezza akbar, dan il-Kapitolu ma jimponi l-ebda obbligu legali jew finanzjarju li jirrikjedi li l-Partijiet jesploraw, jibdew jew jikkonkludu kwalunkwe attività ta' kooperazzjoni individwali.
([108]) ĠU L 171, 1.7.2009, p. 28.
([109]) Fil-każ ta' Aotearoa New Zealand, il-grupp konsultattiv domestiku għandu jinkludi r-rappreżentanti tal-Māori.
([110]) Fil-każ ta' Aotearoa New Zealand, il-Forum tas-Soċjetà Ċivili għandu jinkludi rappreżentanti tal-Māori.

Artikolu 20.7

Nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim

Il-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim) ma japplikax għal dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 21

Intrapriżi żgħar u medji

Artikolu 21.1

Objettivi

Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-SMEs fir-relazzjonijiet bilaterali dwar il-kummerċ u l-investiment tal-Partijiet u jaffermaw l-impenn tagħhom sabiex itejbu l-kapaċità tal-SMEs li jibbenefikaw minn dan il-Ftehim.

Artikolu 21.2

Kondiviżjoni tal-informazzjoni

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm mezz diġitali bħal sit web speċifiku għall-SMEs li jippermetti lill-pubbliku fl-Unjoni u fi New Zealand jaċċessa faċilment l-informazzjoni dwar dan il-Ftehim, inklużi:

(a) sommarju ta' dan il-Ftehim; u

(b) informazzjoni mfassla għall-SMEs li fiha:

(i) deskrizzjoni tad-dispożizzjonijiet f'dan il-Ftehim li kull Parti tqis li huma rilevanti għall-SMEs taż-żewġ Partijiet; u

(ii) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li l-Parti tqis li tkun siewja għall-SMEs interessati li jibbenefikaw mill-opportunitajiet pprovduti minn dan il-Ftehim.

2. Kull Parti għandha tipprovdi aċċess permezz tal-mezz diġitali msemmi fil-paragrafu 1, għal dawn:

(a) it-test ta' dan il-Ftehim, inkluż l-Annessi u l-Appendiċi tiegħu, b'mod partikolari l-iskedi tat-tariffi u r-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodotti;

(b) mezz diġitali ekwivalenti tal-Parti l-oħra; u

(c) informazzjoni mill-awtoritajiet tagħha stess u minn entitajiet xierqa oħrajn li l-Parti tqis li tkun utli għal persuni interessati li jwettqu attivitajiet ta' kummerċ, ta' investiment u ta' negozju f'dik il-Parti.

3. L-informazzjoni msemmija fil-punt (c) fil-paragrafu 2 għandha, kif xieraq, tinkludi dawn li ġejjin:

(a) ir-regolamenti doganali u l-proċeduri għall-importazzjoni, għall-esportazzjoni u għat-tranżitu kif ukoll il-formoli, id-dokumenti u informazzjoni relatata oħra rilevanti;

(b) il-miżuri sanitarji u fitosanitarji kif meħtieġa mill-Kapitolu 6 (Miżuri sanitarji u fitosanitarji);

(c) ir-regolamenti tekniċi u kwistjonijiet oħrajn kif meħtieġ mill-Kapitolu 9 (Ostakli tekniċi għall-kummerċ);

(d) ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku, bażi tad-*data* li jkun fiha l-avviżi ta' akkwist pubbliku u informazzjoni rilevanti oħra skont il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku);

(e) ir-regolamenti u l-proċeduri dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali kif meħtieġa mill-Kapitolu 18 (Proprjetà intellettwali);

(f) proċeduri ta' reġistrazzjoni tan-negozju; u

(g) informazzjoni oħra li l-Parti tqis li tista' tkun ta' għajnuna għall-SMEs.

4. Kull Parti għandha tipprovdi aċċess permezz tal-mezz diġitali msemmi fil-paragrafu 1, bħal permezz ta' link tal-internet fuq sit web għal bażi tad-*data* li tista' titfittex jew simili, għall-informazzjoni speċifika għall-prodotti u ġenerika li ġejja fir-rigward tas-suq tagħha:

(a) ir-rati tad-dazji u tal-kwoti doganali, inklużi dawk għan-nazzjon l-aktar iffavorit, ir-rati li jikkonċernaw pajjiżi mhux trattati bħan-nazzjon l-aktar iffavorit u r-rati preferenzjali u l-kwoti tar-rati tariffarji;

(b) id-dazji tas-sisa;

(c) it-taxxi (it-taxxa fuq il-valur miżjud jew it-taxxa fuq il-bejgħ);

(d) it-tariffi doganali jew tariffi oħrajn, inklużi tariffi oħrajn speċifiċi għall-prodotti;

(e) regoli tal-oriġini kif previst fil-Kapitolu 3 (Regoli tal-oriġini u proċeduri ta' oriġini);

(f) ir-restituzzjoni tad-dazji, id-diferiment, jew tipi oħrajn ta' eżenzjoni li jnaqqsu, iroddu lura jew jirrinunzjaw id-dazji doganali;

(g) il-kriterji użati sabiex jiġi ddeterminat il-valur doganali tal-oġġett;

(h) miżuri tariffarji oħra;

(i) l-informazzjoni meħtieġa għall-proċeduri tal-importazzjoni; u

(j) informazzjoni relatata ma' miżuri jew ma' regolamenti mhux tariffarji.

5. Kull Parti għandha taġġorna regolarment, jew meta tintalab mill-Parti l-oħra, l-informazzjoni magħmula disponibbli skont dan l-Artikolu sabiex tiżgura li tkun aġġornata u akkurata.

6. Kull Parti għandha tiżgura li l-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu tiġi ppreżentata f'forma li tkun faċli sabiex tintuża mill-SMEs. Kull Parti għandha tieħu impenn li tagħmel tali informazzjoni disponibbli bl-Ingliż.

7. Parti ma għandhiex tapplika tariffa għall-aċċess għall-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għal persuna ta' kwalunkwe Parti.

Artikolu 21.3

Punti ta' kuntatt għall-SMEs

1. Kull Parti għandha taħtar punt ta' kuntatt għall-SMEs responsabbli għat-twettiq tal-funzjonijiet elenkati f'dan l-Artikolu u għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt għall-punt ta' kuntatt tal-SMEs. Kull Parti għandha tinnotifika minnufih lill-Parti l-oħra bi kwalunkwe bidla f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

2. Il-punti ta' kuntatt għall-SMEs għandhom:

(a) jiżguraw li jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet tal-SMEs fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim sabiex l-SMEs taż-żewġ Partijiet ikunu jistgħu jibbenefikaw minn dan il-Ftehim;

(b) jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 21.2 (Kondiviżjoni tal-informazzjoni) tkun aġġornata u rilevanti għall-SMEs. Permezz tal-punt ta' kuntatt tal-SMEs, Parti tista' tissuġġerixxi informazzjoni addizzjonali li l-Parti l-oħra tista' tinkludi fl-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'konformità mal-Artikolu 21.2 (Kondiviżjoni tal-informazzjoni);

(c) jeżaminaw kwalunkwe kwistjoni rilevanti għall-SMEs b'rabta mal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, inkluż li:

(i) jiskambjaw informazzjoni u jikkooperaw kif xieraq sabiex jassistu lill-Kumitat għall-Kummerċ fil-kompitu tiegħu li jimmonitorja u jimplimenta l-aspetti ta' dan il-Ftehim relatati mal-SMEs; u

(ii) jassistu lil kumitati, lil punti ta' kuntatt u lil gruppi ta' ħidma oħrajn stabbiliti b'dan il-Ftehim meta jikkunsidraw kwistjonijiet ta' rilevanza għall-SMEs;

(d) jirrapportaw b'mod perjodiku dwar l-attivitajiet tagħhom, b'mod konġunt jew individwali, lill-Kumitat għall-Kummerċ għall-kunsiderazzjoni tiegħu; u

(e) jikkunsidraw kwalunkwe kwistjoni oħra li tirriżulta skont dan il-Ftehim li tappartjeni għall-SMEs skont kif il-Partijiet jistgħu jaqblu.

3. Il-punti ta' kuntatt tal-SMEs għandhom jiltaqgħu kif ikun neċessarju u għandhom iwettqu xogħolhom fuq il-post jew b'mezzi xierqa oħrajn, li jistgħu jinkludu l-posta elettronika, il-vidjokonferenzi, jew mezzi oħrajn.

4. Il-punti ta' kuntatt għall-SMEs jistgħu jfittxu li jikkooperaw ma' esperti u ma' organizzazzjonijiet esterni, kif xieraq, fit-twettiq tal-attivitajiet tagħhom.

Artikolu 21.4

Nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim

Il-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim) ma japplikax għal dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 22

Prattiki regolatorji tajbin u kooperazzjoni regolatorja

Artikolu 22.1

Prinċipji ġenerali

1. Kull Parti għandha tkun libera li tiddetermina l-approċċ tagħha għal prattiki regolatorji tajbin u għal kooperazzjoni regolatorja skont dan il-Ftehim b'mod konsistenti mal-qafas ġuridiku, mal-prattika, u mal-prinċipji fundamentali ([111]) sottostanti tas-sistema ta' ġestjoni regolatorja tagħha.

2. Xejn f'dan it-Titolu ma għandu jiġi interpretat li jirrikjedi li Parti:

(a) tiddevja mill-proċeduri domestiċi għat-tħejjija u għall-adozzjoni ta' miżuri regolatorji;

(b) tieħu azzjonijiet li jirriskjaw li jikkompromettu jew jimminaw l-objettiv tal-ordni pubbliku ta' miżura regolatorja partikolari;

(c) tieħu azzjonijiet li jkunu jdgħajfu jew jimpedixxu l-adozzjoni f'waqtha ta' miżuri regolatorji għall-ilħuq tal-objettivi tal-ordni pubbliku tagħha; jew

(d) tikseb xi eżitu regolatorju partikolari.

3. Kull Parti għandha tkun libera li tidentifika l-prijoritajiet regolatorji tagħha u li tħejji u tadotta miżuri regolatorji sabiex tindirizza dawk il-prijoritajiet regolatorji li jiżguraw il-livelli ta' protezzjoni li l-Parti tqis xierqa.

Artikolu 22.2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "awtorità regolatorja" tfisser:

(i) għall-Unjoni, il-Kummissjoni Ewropea; u

(ii) għal New Zealand, il-Gvern Eżekuttiv ta' New Zealand;

(b) "miżuri regolatorji" tfisser, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu:

(i) għall-Unjoni:

(A) regolamenti u direttivi, kif previsti fl-Artikolu 288 tat-TFUE; u

(B) l-atti ta' delegati u ta' implimentazzjoni, kif previsti fl-Artikolu 290 u fl-Artikolu 291 tat-TFUE, rispettivament;

([111]) Għall-Unjoni, tali prinċipji huma l-prinċipji li humainklużi fit-TFUE u derivati minnu.

(ii) għal New Zealand:

(A) abbozzi ta' liġi li jistgħu jsiru Atti Pubbliċi tal-Parlament ta' New Zealand, ħlief għall-finijiet tal-Artikoli 22.9 (Rieżami perjodiku tal-miżuri regolatorji fis-seħħ) u 22.10 (Aċċess għal miżuri regolatorji) meta tfisser Atti Pubbliċi tal-Parlament ta' New Zealand; u

(B) regolamenti magħmulin permezz ta' Digriet fil-Kunsill.

Artikolu 22.3

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għal miżuri regolatorji maħruġin jew imnedijin mill-awtorità regolatorja ta' Parti fir-rigward ta' kwalunkwe materja koperta minn dan il-Ftehim.

2. Għal ċertezza akbar, dan il-Kapitolu ma japplikax għall-awtoritajiet regolatorji u għall-miżuri, għall-prattiki jew għall-approċċi regolatorji tal-Istati Membri.

Artikolu 22.4

Trasparenza tal-proċessi u tal-mekkaniżmi

1. L-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku u mingħajr ħlas deskrizzjonijiet tal-proċessi u tal-mekkaniżmi ġenerali li bihom l-awtorità regolatorja tħejji, tiżviluppa, tevalwa jew tirrieżamina l-miżuri regolatorji tagħha. Dan għandu jsir permezz ta' mezz diġitali.

2. Id-deskrizzjonijiet tal-proċessi u tal-mekkaniżmi ġenerali msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jirreferu għal kwalunkwe linja gwida, regola jew proċedura rilevanti, inklużi dawk il-linji gwida, ir-regoli jew il-proċeduri rigward l-opportunitajiet għall-pubbliku sabiex jipprovdi kummenti.

Artikolu 22.5

Koordinazzjoni interna tal-iżvilupp regolatorju ([112])

Minbarra l-Artikolu 22.4 (Trasparenza tal-proċessi u tal-mekkaniżmi), għat-tħejjija jew għall-iżvilupp ta' miżuri regolatorji, l-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha żżomm proċessi jew mekkaniżmi interni għall-koordinazzjoni, għall-konsultazzjoni u għar-rieżami interni. Tali proċessi jew mekkaniżmi għandhom, fost l-oħrajn, ifittxu li:

(a) irawmu prattiki regolatorji tajbin, bħal dawk stabbiliti f'dan il-Kapitolu;

(b) jidentifikaw u jevitaw duplikazzjoni żejda u rekwiżiti inkonsistenti fil-miżuri regolatorji tal-Parti;

(c) jiżguraw konformità mal-obbligi internazzjonali dwar il-kummerċ u l-investiment; u

(d) jippromwovu l-kunsiderazzjoni tal-effetti tal-miżuri regolatorji li jitħejjew jew jiġu żviluppati, li jistgħu jinkludu dawk fuq l-SMEs.

Artikolu 22.6

Informazzjoni bikrija dwar miżuri regolatorji ppjanati ([113])

1. Kull Parti għandha, tal-anqas fuq bażi annwali, telenka miżuri regolatorji ([114]) ewlenin ippjanati li hija tistenna b'mod raġonevoli li tadotta fi żmien sena u tagħmel tali lista jew listi disponibbli għall-pubbliku.

([112]) Għal ċertezza akbar, Parti tista' tikkonforma mal-Artikoli 22.5 (Koordinazzjoni interna tal-iżvilupp regolatorju) u 22.9(1) (Rieżami perjodiku tal-miżuri regolatorji fis-seħħ) permezz ta' kwalunkwe taħlita ta' proċessi jew ta' mekkaniżmi separati jew kombinati.

([113]) Fil-każ ta' New Zealand, għall-finijiet ta' dan l-Artikolu għandhom jinftiehmu bħala regolamenti magħmulin skont l-Ordni fil-Kunsill, kif speċifikat fil-punt (b)(ii)(B) tal-Artikolu 22.2 (Definizzjonijiet).

([114]) Għall-finijiet ta' dan l- Kapitolu, l-awtorità regolatorja ta' kull Parti tista' tiddetermina x'jikkostitwixxi miżura regolatorja ewlenija.

2. Fir-rigward ta' kull miżura regolatorja ewlenija, imsemmija fil-paragrafu 1, jenħtieġ li l-awtorità regolatorja ta' kull Parti tagħmel disponibbli għall-pubbliku, mill-aktar fis possibbli:

(a) deskrizzjoni qasira tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-objettivi tagħha; u

(b) it-twaqqit stmat għall-adozzjoni tagħha, inklużi l-opportunitajiet għal konsultazzjoni pubblika.

Artikolu 22.7

Konsultazzjoni pubblika

1. Meta tħejji jew tiżviluppa miżuri regolatorji ewlenin, l-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha, sa fejn ikun possibbli u xieraq:

(a) tagħmel disponibbli għall-pubbliku, fosthom billi jippubblikaw abbozzi ta' miżuri regolatorji jew dokumenti ta' konsultazzjoni, biżżejjed dettalji dwar dawk il-miżuri regolatorji ewlenin sabiex tippermetti lil kwalunkwe persuna tivvaluta jekk u kif l-interessi tal-persuna jistgħu jiġu affettwati b'mod sinifikanti;

(b) toffri opportunitajiet raġonevoli għal kwalunkwe persuna, fuq bażi mhux diskriminatorja, sabiex tipprovdi kummenti; u

(c) tikkunsidra l-kummenti riċevuti.

2. Għall-finijiet tal-għoti ta' informazzjoni u tar-riċevuta ta' kummenti relatati mal-konsultazzjonijiet pubbliċi, l-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha tagħmel l-informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku b'mezzi diġitali, preferibbilment permezz ta' portal elettroniku dedikat.

3. L-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tagħmel disponibbli għall-pubbliku sommarju tar-riżultati tal-konsultazzjonijiet u tal-kummenti riċevuti, ħlief sa fejn ikun neċessarju sabiex tipproteġi informazzjoni kunfidenzjali jew iżżomm *data* personali jew kontenut mhux xieraq.

Artikolu 22.8

Valutazzjoni tal-impatt

1. L-awtorità regolatorja ta' kull Parti tafferma l-intenzjoni tagħha li twettaq, f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri rispettivi tagħha, valutazzjoni tal-impatt tal-miżuri regolatorji ewlenin li tkun qiegħda tħejji.

2. Għat-twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt, l-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha tippromwovi l-identifikazzjoni u l-kunsiderazzjoni ta' dawn:

(a) il-ħtieġa għal miżura regolatorja, inklużi n-natura u s-sinifikat tal-kwistjoni li miżura regolatorja jkollha l-għan li tindirizza;

(b) kull għażla regolatorja u mhux regolatorja fattibbli u xierqa li tikseb l-objettivi tal-ordni pubbliku tal-Parti, inkluża l-għażla li ma tirregolax;

(c) sa fejn ikun possibbli u rilevanti, l-impatt soċjali, ekonomiku u ambjentali potenzjali tal-għażliet, bħal kwalunkwe impatt fuq il-kummerċ u fuq l-investiment internazzjonali, jew l-impatt fuq l-SMEs; u

(d) kif l-għażliet ikkunsidrati huma relatati ma' standards internazzjonali rilevanti, jekk jeżistu, inkluża r-raġuni għal kwalunkwe diverġenza, meta tkun xierqa.

3. Fir-rigward ta' kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt li awtorità regolatorja ta' Parti tkun wettqet għal miżura regolatorja, dik l-awtorità regolatorja għandha tirrapporta dwar il-fatturi li tkun qieset fil-valutazzjoni tagħha u tiġbor fil-qosor is-sejbiet rilevanti. L-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku mhux aktar tard minn meta l-miżura regolatorja li magħha tkun relatata ssir disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 22.9

Rieżami perjodiku tal-miżuri regolatorji fis-seħħ

1. Minbarra l-Artikolu 22.4 (Trasparenza tal-proċessi u tal-mekkaniżmi), l-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha żżomm fis-seħħ proċessi jew mekkaniżmi sabiex tippromwovi rieżami perjodiku tal-miżuri regolatorji.

2. L-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li r-rieżamijiet perjodiċi jikkunsidraw, meta jkun xieraq:

(a) jekk hemmx opportunitajiet sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-ordni pubbliku tagħha b'mod aktar effettiv u effiċjenti ([115]); u

(b) jekk il-miżuri regolatorji taħt rieżami humiex probabbli li jibqgħu adegwati għall-użu.

3. L-awtorità regolatorja ta' kull Parti għandha, sa fejn ikun possibbli u xieraq, tagħmel disponibbli għall-pubbliku kwalunkwe pjan għal rieżami perjodiku tal-miżuri regolatorji fis-seħħ, u r-riżultati tiegħu.

Artikolu 22.10

Aċċess għal miżuri regolatorji

Kull Parti għandha tiżgura li l-miżuri regolatorji fis-seħħ jiġu ppubblikati f'reġistru dežinjat jew permezz ta' mezz diġitali uniku li jkun disponibbli għall-pubbliku, li jippermetti li jsir tiftix, mingħajr ħlas u aġġornat regolarment.

Artikolu 22.11

Kooperazzjoni regolatorja

1. Il-Partijiet jagħrfu l-valur fil-ħolqien ta' mekkaniżmu sempliċi sabiex jiġu identifikati opportunitajiet potenzjali għat-twettiq ta' kooperazzjoni regolatorja bejniethom.

2. Parti tista' tipproponi attività ta' kooperazzjoni regolatorja lill-Parti l-oħra. Għandha tibgħat il-proposta tagħha lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra dežinjat f'konformità mal-Artikolu 22.12 (Punti ta' kuntatt dwar il-kooperazzjoni regolatorja).

3. Il-proposti jistgħu jikkonsistu fi:

(a) skambji bilaterali ta' informazzjoni dwar approċċi ta' kooperazzjoni regolatorja; jew

(b) kooperazzjoni informali bejn l-awtoritajiet regolatorji.

4. Il-Parti l-oħra għandha twieġeb għall-proposta f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

5. Meta xieraq, u jekk l-awtoritajiet regolatorji jaqblu ma' dan, l-implimentazzjoni ta' attività ta' kooperazzjoni regolatorja tista' titwettaq mid-diviżjonijiet, mid-dipartimenti jew mill-aġenziji rilevanti f'kull Parti.

Artikolu 22.12

Punti ta' kuntatt dwar il-kooperazzjoni regolatorja

Minnufih wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha taħtar punt ta' kuntatt li għandu jkun responsabbli għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni regolatorja skont l-Artikolu 22.11 (Kooperazzjoni regolatorja) u għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt għall-punt ta' kuntatt. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar kwalunkwe bidla f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

([115]) Għal ċertezza akbar, dan jista' jinkludi jekk jistgħux jitnaqqsu piżijiet regolatorji żejda, inkluż fuq l-SMEs.

Artikolu 22.13

Nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim

Il-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim) ma japplikax għal dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 23

Trasparenza

Artikolu 23.1

Objettivi

1. Filwaqt li jagħrfu l-impatt li l-ambjenti regolatorji rispettivi tagħhom jista' jkollhom fuq il-kummerċ u fuq l-investiment bejniethom, il-Partijiet għandhom l-għan li jipprovdu ambjent regolatorju prevedibbli u proċeduri effiċjenti għall-operaturi ekonomiċi, speċjalment għall-SMEs.

2. Il-Partijiet jaffermaw l-impenji tagħhom fir-rigward tat-trasparenza skont il-Ftehim tad-WTO, u jibnu fuq dawk l-impenji f'dan il-Kapitolu.

Artikolu 23.2

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "deċiżjoni amministrattiva" tfisser deċiżjoni jew azzjoni b'effett legali li tapplika għal persuna, għal oġġett jew għal servizz speċifiku f'każ individwali, u tkopri n-nuqqas ta' teħid ta' deċiżjoni amministrattiva meta hekk ikun meħtieġ skont il-liġi ta' Parti.

Artikolu 23.3

Pubblikazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-liġijiet, ir-regolamenti, il-proċeduri u d-deċiżjonijiet amministrattivi tagħha ta' applikazzjoni ġenerali fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni koperta minn dan il-Ftehim jiġu ppubblikati minnufih permezz ta' mezz iddeżinjat uffiċjalment u, meta fattibbli, b'mezzi elettroniċi, jew li jsiru disponibbli b'mod ieħor b'tali mod li jippermettu lil kwalunkwe persuna ssir familjari magħhom.

2. Sa fejn ikun possibbli u xieraq, kull Parti għandha tipprovdi spjegazzjoni tal-objettiv tal-liġijiet, tar-regolamenti, tal-proċeduri u tad-deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali msemmijin fil-paragrafu 1 u r-raġuni għalihom.

3. Sa fejn ikun possibbli u xieraq, kull Parti għandha tipprovdi perjodu ta' żmien raġonevoli bejn il-pubblikazzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-liġijiet u tar-regolamenti fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni koperta minn dan il-Ftehim.

Artikolu 23.4

Mistoqsijiet

1. Kull Parti għandha żżomm mekkaniżmi xierqa sabiex twieġeb għall-mistoqsijiet minn kwalunkwe persuna rigward kwalunkwe liġi jew regolament fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni koperta minn dan il-Ftehim.

2. Fuq talba ta' Parti, il-Parti l-oħra għandha tipprovdi l-informazzjoni minnufih u twieġeb għal mistoqsijiet li jappartjenu għal kwalunkwe liġi jew regolament, kemm jekk fis-seħħ kif ukoll jekk ippjanati, fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni koperta minn dan il-Ftehim, sakemm ma jkunx stabbilit mekkaniżmu speċifiku skont Kapitolu ieħor ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 23.5

Proċedimenti amministrattivi

1. Kull Parti għandha tamministra l-liġijiet, ir-regolamenti, il-proċeduri u d-deċiżjonijiet amministrattivi kollha ta' applikazzjoni ġenerali fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni koperta minn dan il-Ftehim b'mod oġġettiv, imparzjali u raġonevoli.

2. Meta jinbdew proċedimenti amministrattivi relatati ma' persuni, ma' oġġetti jew ma' servizzi partikolari tal-Parti l-oħra fir-rigward tal-applikazzjoni ta' liġijiet, ta' regolamenti, ta' proċeduri jew ta' deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali, kif imsemmi fil-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) tagħmel ħilitha sabiex tipprovdi lill-persuni li jkunu affettwati direttament mill-proċedimenti amministrattiv b'avviż raġonevoli, f'konformità mal-liġi tagħha, li jinkludi deskrizzjoni tan-natura tal-proċedimenti, dikjarazzjoni tal-awtorità legali li permezz tagħha jitnedew il-proċedimenti u deskrizzjoni ġenerali ta' kwalunkwe kwistjoni kkonċernata; u

(b) tagħti opportunità raġonevoli lil tali persuni sabiex jippreżentaw fatti u argumenti b'appoġġ tal-pożizzjonijiet tagħhom qabel ma tittieħed deċiżjoni amministrattiva finali, sa fejn jippermettu ż-żmien, in-natura tal-proċedimenti u l-interess pubbliku.

Artikolu 23.6

Appell u rieżami

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm tribunali jew proċeduri ġudizzjarji, arbitrarji jew amministrattivi għall-fini ta' sħarriġ fil-pront u, jekk tkun ġustifikata, għall-fini ta' korrezzjoni ta' deċiżjonijiet amministrattivi fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni koperta minn dan il-Ftehim. Kull Parti għandha tiżgura li t-tribunali ġudizzjarji, arbitrali jew amministrattivi tagħha jmexxu l-proċeduri għal appell jew għal sħarriġ b'mod mhux diskriminatorju u imparzjali. Tribunali bħal dawn għandhom ikunu imparzjali u indipendenti mill-awtorità inkarigata b'setgħat ta' infurzar amministrattiv.

2. Fir-rigward tat-tribunali jew tal-proċeduri kif msemmi fil-paragrafu 1, kull Parti għandha tiżgura li l-partijiet quddiem tali tribunali jew għal tali proċeduri jiġu pprovduti b':

(a) opportunità raġonevoli sabiex jappoġġjaw jew jiddefendu l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom; u

(b) deċiżjoni bbażata fuq l-evidenza u fuq is-sottomissjonijiet ta' rekord jew, meta jkun meħtieġ mil-liġi tagħha, ir-rekord kompilat mill-awtorità amministrattiva.

3. Kull Parti għandha tiżgura li d-deċiżjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 tkun implimentata, soġġetta għal appell jew għal sħarriġ ulterjuri kif previst fil-liġi tagħha, mill-awtorità fdata b'setgħat ta' infurzar amministrattiv.

Artikolu 23.7

Relazzjoni ma' Kapitoli oħrajn

Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu jissupplimentaw ir-regoli speċifiċi stabbiliti f'Kapitoli oħrajn ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 24

Dispożizzjonijiet istituzzjonali

Artikolu 24.1

Kumitat għall-Kummerċ

1. Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu Kumitat għall-Kummerċ li jinkludi rappreżentanti taż-żewġ Partijiet sabiex jissorvelja l-kisba tal-objettivi ta' dan il-Ftehim. Kull Parti tista' tirreferi lill-Kumitat għall-Kummerċ kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni, mal-applikazzjoni u mal-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jiltaqa' mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Wara dan, il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jiltaqa' fuq bażi annwali, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mir-rappreżentanti tal-Partijiet, jew mingħajr dewmien żejjed fuq talba ta' waħda mill-Partijiet.

3. Il-laqgħat tal-Kumitat għall-Kummerċ għandhom isiru Brussell jew Wellington, b'mod alternanti, sakemm ma jkunx maqbul mod ieħor mir-rappreżentanti tal-Partijiet. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jiltaqa' wiċċ imb wiċċ jew b'mezzi ta' komunikazzjoni xierqa oħrajn, kif jaqblu r-rappreżentanti tal-Partijiet.

4. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jkun kopresedut mill-Ministru ta' New Zealand responsabbli għall-kummerċ u mill-Membru tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-kummerċ, jew il-persuni magħżulin rispettivi tagħhom.

Artikolu 24.2

Funzjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ

1. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu:

(a) jikkunsidra modi kif isaħħaħ aktar il-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet;

(b) jissupervizza u jiffaċilita l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim;

(c) jissupervizza, jiggwida u jikkoordina l-ħidma tal-kumitati speċjalizzati u ta' korpi oħrajn stabbiliti skont dan il-Ftehim, u jirrakkomanda lil tali kumitati speċjalizzati u korpi oħrajn kwalunkwe azzjoni neċessarja;

(d) jikkunsidra kwalunkwe proposta għall-emendar ta' dan il-Ftehim;

(e) mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim) ifittex modi u metodi xierqa biex jipprevjeni jew isolvi l-problemi li jistgħu jinqalgħu fl-oqsma koperti minn dan il-Ftehim, jew isolvi t-tilwim li jista' jinqala' rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim;

(f) fil-każ tal-adeżjoni ta' pajjiż terz mal-Unjoni, jeżamina kwalunkwe effett ta' tali adeżjoni fuq dan il-Ftehim u jqis kwalunkwe miżura ta' aġġustament jew tranżizzjoni neċessarja, biżżejjed minn qabel id-data tal-adeżjoni; u

(g) jikkunsidra u jiddiskuti kwalunkwe kwistjoni ta' interess għajr dawk imsemmijin fil-punti (a) sa (f) b'rabta ma' qasam kopert minn dan il-Ftehim.

2. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista':

(a) jiddeċiedi li jistabbilixxi kumitati speċjalizzati jew korpi oħrajn għajr dawk stabbiliti skont l-Artikolu 24.4 (Kumitati speċjalizzati), ixolji kwalunkwe tali kumitat speċjalizzat jew korp ieħor u jiddetermina jew ibiddel il-kompożizzjoni, il-funzjoni u l-kompiti tiegħu;

(b) jalloka r-responsabbiltajiet lil kumitati speċjalizzati jew lil korpi oħrajn stabbiliti skont dan il-Ftehim;

(c) jiddelega wħud mis-setgħat jew mir-responsabbiltajiet tiegħu lil kumitat speċjalizzat, ħlief dawk is-setgħat u r-responsabbiltajiet imsemmijin fil-punt (a) jew (d) ta' dan il-paragrafu;

(d) jirrakkomanda lill-Partijiet kwalunkwe emenda għal dan il-Ftehim;

(e) jadotta deċiżjonijiet sabiex joħroġ interpretazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim;

(f) ħlief fir-rigward ta' dan il-Kapitolu, sa tmiem ir-raba' sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jadotta deċiżjonijiet li jemendaw dan il-Ftehim, dment li tali emendi jkunu neċessarji sabiex jiġu kkoreġuti l-iżbalji, jew sabiex jiġu indirizzati l-ommissjonijiet jew nuqqasijiet oħrajn;

(g) jadotta deċiżjonijiet kif previst f'dan il-Ftehim jew jagħmel rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 24.5 (Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet);

(h) jikkomunika dwar kwistjonijiet relatati ma' dan il-Ftehim mal-partijiet interessati kollha, inklużi s-settur privat, is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

(i) jadotta deċiżjonijiet sabiex jiġi emendat dan il-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 27.1(3) (Emendi) fil-każijiet stabbiliti fl-Artikolu 24.3 (Emendi ta' dan il-Ftehim mill-Kumitat għall-Kummerċ); u

(j) jieħu kwalunkwe azzjoni oħra bħal din fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu skont kif jaqblu l-Partijiet.

3. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jinforma regolarment lill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ta' Sħubija dwar l-attivitajiet tiegħu u dawk tal-kumitati speċjalizzati jew ta' korpi oħrajn tiegħu, kif rilevanti, fil-laqgħat regolari ta' dak il-Kumitat Konġunt.

Artikolu 24.3

Emendi ta' dan il-Ftehim mill-Kumitat għall-Kummerċ

Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjonijiet sabiex jemenda l-partijiet li ġejjin ta' dan il-Ftehim f'konformità, meta applikabbli, mad-dispożizzjonijiet rilevanti inklużi fil-Kapitoli, fl-Annessi jew fl-Appendiċijiet stabbiliti hawn taħt, kif ukoll f'konformità mal-Artikolu 27.1(3) (Emendi) ([116]):

(a) l-Anness 2-A (Skedi ta' tneħħija ta' tariffi);

(b) il-Kapitolu 3 (Regoli tal-oriġini u proċeduri ta' oriġini) u l-Anness 3-A (Noti introduttorji għar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodotti), l-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodotti), inkluż l-Appendiċi 3-B-1 tiegħu (Kwoti tal-oriġini u alternattivi għar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodotti fl-Anness 3-B (Regoli tal oriġini speċifiċi għall-prodotti)), l-Anness 3-C (Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini) u l-Anness 3-D (Dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fl-Artikolu 3.3(4) (Akkumulazzjoni tal-oriġini));

(c) l-Anness 6-B (Kundizzjonijiet reġjonali għall-pjanti u għall-prodotti tal-pjanti), l-Anness 6-C (Rikonoxximent tal-ekwivalenza tal-miżuri SPS), l-Anness 6-D (Linji gwida u proċeduri għal awditu jew għal verifika), l-Anness 6-E (Ċertifikazzjoni) u l-Anness 6-F (Kontrolli tal-importazzjonijiet u tariffi);

(d) l-Anness 9-A (Aċċettazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità (dokumenti)), l-Anness 9-B (Vetturi bil-mutur u tagħmir jew partijiet tagħhom), l-Anness 9-C (Arranġament imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 9.10(5) għall-iskambju sistematiku ta' informazzjoni fir-rigward tas-sikurezza ta' prodotti mhux tal-ikel u ma' miżuri preventivi, restrittivi u korrettivi relatati), l-Anness 9-D (Arranġament imsemmi fl-Artikolu 9.10(6) għall-iskambju regolari ta' informazzjoni dwar il-miżuri meħudin fuq prodotti mhux tal-ikel mhux konformi għajr dawk koperti mill-punt (b) tal-Artikolu 9.10 (5) u l-Anness 9-E (Inbid u spirti) ;

(e) l-istrument ta' rikonoxximent reċiproku msemmi fl-Artikolu 10.39(5) (Rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki professjonali) tal-Kapitolu 10 (Kummerċ fis-servizzi u l-investiment) ([117]);

(f) l-Artikolu 10.9(1) (Rekwiżiti tal-prestazzjoni) u l-Anness 10-A (Miżuri eżistenti) u l-Anness 10-B (Miżuri futuri), sabiex jiġu integrati d-dixxiplini dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment jew tal-operat ta' fornitur ta' servizzi finanzjarji nnegozjati skont l-Artikolu 10.9(11) (Rekwiżiti tal-prestazzjoni) tal-Kapitolu 10 (Kummerċ fis-servizzi u l-investiment);

(g) l-Anness 13 (Listi ta' oġġetti tal-enerġija, ta' idrokarburi u ta' materja prima);

(h) l-Anness 14 (Impenji dwar l-aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku);

(i) l-Anness 18-A (Klassijiet ta' prodotti) u l-Anness 18-B (Listi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi);

(j) l-Artikolu 19.3(3) u (4) (Standards u ftehimiet multilaterali tax-xogħol) tal-Kapitolu 19 (Kummerċ u żvilupp sostenibbli);

(k) l-Anness 24 (Regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ);

(l) l-Anness 26-A (Regoli ta' proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwim) u l-Anness 26-B (Kodiċi ta' kondotta għall-membri tal-bord u għall-medjaturi); u

(m) kwalunkwe dispożizzjoni, Anness jew Appendiċi ieħor, li għalih il-possibbiltà ta' tali deċiżjoni tkun prevista b'mod espliċitu f'dan il-Ftehim.

([116]) Għal ċertezza akbar, meta f'dan l-Artikolu ssir referenza għall-Annessi, il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jkollu wkoll is-setgħa li jemenda l-Appendiċijiet għal dawk l-Annessi anke jekk tali Appendiċijiet ma jiġux iddikjarati b'mod espliċitu f'dan l-Artikolu.

([117]) Għal ċertezza akbar, il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jkollu s-setgħa li jadotta b'deċiżjoni tali strument bħala Anness għal dan il-Ftehim kif ukoll li jemendaha jew jirrevokaha wara li tkun ġiet adottata.

Artikolu 24.4

Kumitati speċjalizzati

1. B'dan huma stabbiliti l-kumitati speċjalizzati li ġejjin:

(a) il-Kumitat għall-Kummerċ fl-Oġġetti, li jindirizza kwistjonijiet koperti mill-Kapitolu 2 (Trattament nazzjonali u aċċess għas-suq għall-oġġetti), il-Kapitolu 5 (Rimedji kummerċjali) u l-Kapitolu 9 (Ostakli tekniċi għall-kummerċ);

(b) il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji, li jindirizza kwistjonijiet koperti mill-Kapitolu 6 (Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji) u mill-Kapitolu 8 (Trattament xieraq tal-annimali);

(c) il-Kumitat dwar is-Sistemi tal-Ikel Sostenibbli, li jindirizza kwistjonijiet koperti mill-Kapitolu 7 (Sistemi tal-ikel sostenibbli);

(d) il-Kumitat dwar l-Inbid u l-Ispirti, li jindirizza kwistjonijiet koperti mill-Anness 9-E (Inbid u spirti);

(e) il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, li jindirizza kwistjonijiet koperti mill-Kapitolu 19 (Kummerċ u żvilupp sostenibbli); u

(f) il-Kumitat dwar l-Investiment, is-Servizzi, il-Kummerċ Diġitali, l-Akkwist Pubbliku u l-Proprjetà Intellettwali, inklużi l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi li jindirizza kwistjonijiet koperti fil-Kapitolu 10 (Kummerċ fis-servizzi u l-investiment), fil-Kapitolu 11 (Movimenti ta' kapital, pagamenti u trasferimenti), fil-Kapitolu 12 (Kummerċ diġitali), fil-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) u fil-Kapitolu 18 (Proprjetà intellettwali).

2. Il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali għandu jaġixxi taħt l-awspiċji tal-Kumitat għall-Kummerċ bħala kumitat speċjalizzat, li jindirizza kwistjonijiet koperti fil-Kapitolu 3 (Regoli tal-oriġini u proċeduri ta' oriġini), fil-Kapitolu 4 (Id-dwana u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ) u fid-dispożizzjonijiet dwar l-infurzar fil-fruntieri u l-kooperazzjoni doganali fil-Kapitolu 18 (Proprjetà intellettwali) u kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim relatata mad-dwana.

3. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim jew miftiehem mir-rappreżentanti tal-Partijiet, il-kumitati speċjalizzati għandhom jiltaqgħu darba fis-sena, jew mingħajr dewmien żejjed fuq talba ta' waħda mill-Partijiet jew fuq talba tal-Kumitat għall-Kummerċ. Il-laqgħat għandhom isiru fl-Unjoni jew fi New Zealand b'mod alternanti jew bi kwalunkwe mezz xieraq ieħor ta' komunikazzjoni, kif miftiehem mir-rappreżentanti tal-Partijiet. Il-kumitati speċjalizzati għandhom jiftiehmu fuq l-iskeda tal-laqgħat tagħhom u jistabbilixxu l-aġenda tagħhom.

4. Il-kumitati speċjalizzati għandhom jinkludu rappreżentanti ta' kull Parti u għandhom ikunu ppreseduti b'mod konġunt, f'livell xieraq, minn rappreżentanti ta' kull Parti.

5. Kull kumitat speċjalizzat jista' jiddeċiedi dwar ir-regoli ta' proċedura tiegħu stess, madankollu, fin-nuqqas tagħhom, ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

6. Fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mal-qasam ta' kompetenza tagħhom kif elenkati fil-paragrafu 1, il-kumitati speċjalizzati għandu jkollhom is-setgħa li:

(a) jimmonitorjaw u jirrieżaminaw l-implimentazzjoni u l-operat ta' dan il-Ftehim;

(b) jikkunsidraw u jiddiskutu kwistjonijiet tekniċi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim);

(c) jadottaw deċiżjonijiet meta dan il-Ftehim jipprevedi hekk jew jagħmlu rakkomandazzjonijiet;

(d) iwettqu l-ħidma preparatorja meħtieġa sabiex jappoġġaw il-funzjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ, inkluż meta l-Kumitat għall-Kummerċ ikollu jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet; u

(e) jipprovdu forum għall-Partijiet sabiex jiskambjaw informazzjoni, jiddiskutu l-aqwa prattiki u jaqsmu l-esperjenzi tal-implimentazzjoni.

7. Fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mal-qasam ta' kompetenza tagħhom kif elenkati fil-paragrafu 1, il-kumitati speċjalizzati għandhom:

(a) jinformaw lill-Kumitat għall-Kummerċ dwar l-iskeda u l-aġenda tal-laqgħat tagħhom minn kmieni biżżejjed;

(b) jirrapportaw lill-Kumitat għall-Kummerċ dwar ir-riżultati u l-konklużjonijiet minn kull waħda mil-laqgħat tagħhom; u

(c) iwettqu kwalunkwe kompitu assenjat u kwalunkwe responsabbiltà ddelegata lilhom mill-Kumitat għall-Kummerċ.

8. Il-ħolqien jew l-eżistenza ta' kumitat speċjalizzat ma għandhiex tipprevjeni lil xi Parti milli tippreżenta xi kwistjoni direttament quddiem il-Kumitat għall-Kummerċ.

9. Kull Parti għandha tiżgura li meta jiltaqa' kumitat speċjalizzat, l-awtoritajiet kollha kompetenti għal kull kwistjoni fuq l-aġenda jkunu rrappreżentati, hekk kif kull Parti tqis xieraq, u li kull kwistjoni tkun tista' tiġi diskussa fuq livell adegwat ta' għarfien espert.

Artikolu 24.5

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat għall-Kummerċ, jew, skont il-każ, minn kumitat speċjalizzat, għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet u fuq il-korpi kollha stabbiliti skont dan il-Ftehim, inklużi l-bordijiet imsemmijin fil-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim). Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jimplimentaw id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat għall-Kummerċ. Ir-rakkomandazzjonijiet ma għandu jkollhom l-ebda saħħa vinkolanti.

2. Il-Kumitat għall-Kummerċ jew, skont il-każ, kumitat speċjalizzat, għandu jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu b'kunsens.

Artikolu 24.6

Gruppi konsultattivi domestiċi

1. Kull Parti għandha taħtar grupp konsultattiv domestiku fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-grupp konsultattiv domestiku għandu jagħti pariri lill-Parti kkonċernata dwar kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim. Għandu jkun imsawwar minn rappreżentanza bilanċjata ta' organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet tan-negozju u tal-impjegaturi kif ukoll trade unions attivi fi kwistjonijiet ekonomiċi, tal-iżvilupp sostenibbli, soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem, ambjentali u fi kwistjonijiet oħrajn. Fil-każ ta' New Zealand, il-grupp konsultattiv domestiku għandu jinkludi rappreżentanti tal-Māori. Il-grupp konsultattiv domestiku jista' jitlaqqa' f'konfigurazzjonijiet differenti sabiex tiġi diskussa l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet differenti ta' dan il-Ftehim.

2. Kull Parti għandha tiltaqa' mal-grupp konsultattiv domestiku tagħha tal-anqas darba fis-sena. Kull Parti għandha tikkunsidra l-fehmiet jew ir-rakkomandazzjonijiet sottomessi mill-grupp konsultattiv domestiku tagħha dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

3. Sabiex tippromwovi l-għarfien pubbliku dwar il-gruppi konsultattivi domestiċi, kull Parti tista' tippubblika l-lista ta' organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fil-grupp konsultattiv domestiku tagħha u għandha tippubblika l-punt ta' kuntatt għal dak il-grupp konsultattiv domestiku.

4. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-interazzjoni bejn il-gruppi konsultattivi domestiċi rispettivi tagħhom.

Artikolu 24.7

Forum tas-Soċjetà Ċivili

1. Il-Partijiet għandhom jiffaċilitaw l-organizzazzjoni ta' Forum tas-Soċjetà Ċivili sabiex imexxi djalogu dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u għandhom jaqblu fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ dwar linji gwida operazzjonali għat-tmexxija tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili.

2. Il-Forum tas-Soċjetà Ċivili għandu jieħu impenn li jiltaqa' b'mod konġunt mal-laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ. Il-Partijiet jistgħu jiffaċilitaw ukoll il-parteċipazzjoni fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili b'mezzi virtwali.

3. Il-Forum tas-Soċjetà Ċivili għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili stabbiliti fit-territorji tal-Partijiet, inklużi l-membri tal-gruppi konsultattivi domestiċi msemmijin fl-Artikolu 24.6 (Gruppi konsultattivi domestiċi). Kull Parti għandha tieħu impenn li tippromwovi rappreżentanza bilanċjata, li tinkludi organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet tan-negozju u ta' min iħaddem, u trade unions, attivi fil-qasam ekonomiku, tal-iżvilupp sostenibbli, soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem, ambjentali u oħrajn. Fil-każ ta' New Zealand, il-Forum tas-Soċjetà Ċivili għandu jinkludi rappreżentanti tal-Māori.

4. Ir-rappreżentanti tal-Partijiet li jipparteċipaw fil-Kumitat għall-Kummerċ għandhom, kif xieraq, jieħdu sehem f'sessjoni tal-laqgħa tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili sabiex jippreżentaw informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u sabiex jinvolvu rwieħhom fi djalogu mal-Forum tas-Soċjetà Ċivili. Tali sessjoni għandha tkun ko-preseduta mill-Kopresidenti tal-Kumitat għall-Kummerċ jew mill-persuni dežinjati tagħhom, kif xieraq. Il-Partijiet għandhom, b'mod konġunt jew individwali, jippubblikaw kwalunkwe dikjarazzjoni formali magħmula fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili.

KAPITOLU 25

Eċċezzjonijiet u dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 25.1

Eċċezzjonijiet ġenerali

1. Għall-finijiet tal-Kapitolu 2 (Trattament nazzjonali u aċċess għas-suq għall-oġġetti), il-Kapitolu 4 (Id-dwana u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ), tat-Taqsima B (Liberalizzazzjoni tal-investiment) tal-Kapitolu 10 (Kummerċ fis-servizzi u l-investiment), il-Kapitolu 12 (Kummerċ diġitali), tal-Kapitolu 13 (Enerġija u materja prima) u l-Kapitolu 17 (Intrapriżi tal-Istat), l-Artikolu XX tal-GATT tal-1994 u, n-Noti interpretativi u d-Dispożizzjonijiet Supplimentari tiegħu, huma inkorporati u magħmulin parti minn dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

2. Soġġett għar-rekwiżit li tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata bejn pajjiżi fejn jipprevalu l-istess kundizzjonijiet, jew restrizzjoni moħbija fuq l-investiment jew il-kummerċ fis-servizzi, xejn fil-Kapitolu 10 (Kummerċ fis-servizzi u l-investiment), fil-Kapitolu 11 (Movimenti ta' kapital, pagamenti u trasferimenti), fil-Kapitolu 12 (Kummerċ diġitali), fil-Kapitolu 13 (Enerġija u materja prima) u fil-Kapitolu 17 (Intrapriżi tal-Istat) ma għandu jiġi interpretat li jipprevjeni l-adozzjoni jew l-infurzar minn kwalunkwe Parti ta' miżuri:

(a) neċessarji sabiex iħarsu s-sigurtà pubblika u l-morali pubblika jew sabiex iżommu l-ordni pubbliku ([118]);

(b) neċessarji sabiex jipproteġu s-saħħa tal-bniedem, il-ħajja jew is-saħħa tal-annimali jew tal-pjanti;

(c) neċessarji sabiex jassiguraw il-konformità ma' liġijiet jew ma' regolamenti li ma humiex inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim inklużi dawk relatati ma' dawn:

  (i) il-prevenzjoni ta' prattiki li jqarrqu u frawdolenti jew sabiex ikunu ttrattati l-effetti ta' inadempjenza kuntrattwali;

  (ii) il-protezzjoni tal-privatezza tal-individwi b'relazzjoni għall-ipproċessar u għat-tixrid ta' *data* personali u l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità ta' rekords u ta' kontijiet individwali;

  (iii) is-sikurezza.

3. Għal ċertezza akbar, il-Partijiet jifhmu li, sa fejn tali miżuri jkunu altrimenti inkonsistenti ma' Kapitolu jew ma' Taqsima msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu:

(a) il-miżuri msemmijin fil-punt (b) tal-Artikolu XX tal-GATT tal-1994 u fil-punt (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jinkludu miżuri ambjentali, li jkunu neċessarji għall-protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti;

(b) il-punt (g) tal-Artikolu XX tal-GATT tal-1994 japplika għal miżuri relatati mal-konservazzjoni ta' riżorsi naturali eżawribbli ħajjin u mhux ħajjin; u

(c) il-miżuri meħudin għall-implimentazzjoni ta' MEAs jistgħu jaqgħu taħt il-punt (b) jew (g) tal-Artikolu XX tal-GATT tal-1994 jew taħt il-punt (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Qabel ma Parti tieħu kwalunkwe miżura prevista fil-punti (i) u (j) tal-Artikolu XX tal-GATT tal-1994, dik il-Parti għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra bl-informazzjoni rilevanti kollha, bl-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għall-Partijiet. Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim fi żmien 30 jum mill-għoti tal-informazzjoni, il-Parti tista' tapplika l-miżuri rilevanti. Jekk ċirkustanzi eċċezzjonali u kritiċi li jeħtieġu azzjoni immedjata jipprevjenu l-informazzjoni jew l-eżaminazzjoni minn qabel, il-Parti li jkun biħsiebha tieħu l-miżuri tista' tapplika minnufih il-miżuri ta' prekawzjoni neċessarji sabiex tindirizza s-sitwazzjoni. Dik il-Parti għandha tinforma lill-Parti l-oħra minnufih b'dan.

([118]) L-eċċezzjonijiet tas-sigurtà pubblika u tal-ordni pubbliku jistgħu jiġu invokati biss meta tinqala' theddida ġenwina u serja biżżejjed għal wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà.

Artikolu 25.2

Eċċezzjonijiet tas-sigurtà

Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat li:

(a) jirrikjedi li Parti tagħti jew tippermetti l-aċċess għal kwalunkwe informazzjoni, li hija tqis li d-divulgazzjoni tagħha tmur kontra l-interessi tas-sigurtà essenzjali tagħha; jew

(b) jipprevjeni lil Parti milli tieħu azzjoni li hija tqis neċessarja għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà essenzjali tagħha:

(i) marbutin mal-produzzjoni jew mat-traffikar tal-armi, tal-munizzjon u tal-istrumenti tal-gwerra u ma' tali traffikar u tranżazzjonijiet li jsiru f'oġġetti u f'materjali oħrajn, f'servizzi u f'teknoloġija u attivitajiet ekonomiċi mwettqin direttament jew indirettament għall-fini ta' provvista lil stabbiliment militari;

(ii) relatati ma' materjali fissjonabbli u fużjonabbli jew mal-materjali li huma dderivati minnhom; jew

(iii) meħudin fi żmien ta' gwerra jew ta' emerġenza oħra f'relazzjonijiet internazzjonali; jew

(c) jipprevjeni lil Parti milli tieħu xi tip ta' azzjoni sabiex tfittex li twettaq l-obbligi skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti għaż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali.

Artikolu 25.3

Tassazzjoni

1. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "taxxi diretti" tfisser it-taxxi kollha fuq l-introjtu jew fuq il-kapital, inklużi t-taxxi fuq il-qligħ mill-aljenazzjoni tal-proprjetà, it-taxxi fuq il-patrimonji, il-wirt u d-donazzjonijiet, it-taxxi fuq il-pagi jew fuq is-salarji mħallsa mill-impriżi u t-taxxi fuq l-apprezzament tal-kapital;

(b) "residenza" tfisser residenza għall-finijiet tat-taxxa; u

(c) "konvenzjoni dwar it-taxxa" tfisser konvenzjoni għall-evitar tat-tassazzjoni doppja jew kwalunkwe ftehim jew arranġament internazzjonali ieħor relatat kompletament jew prinċipalment mat-tassazzjoni li jew kwalunkwe Stat Membru, l-Unjoni jew New Zealand hija parti għalihom.

2. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni jew l-Istati Membri jew New Zealand, skont kwalunkwe konvenzjoni dwar it-taxxa. Fil-każ ta' xi inkonsistenza bejn dan il-Ftehim u kwalunkwe konvenzjoni dwar it-taxxa, il-konvenzjoni dwar it-taxxa għandha tipprevali fir-rigward ta' tali inkonsistenza. Fir-rigward ta' konvenzjoni dwar it-taxxa bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri u New Zealand, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti taħt dan il-Ftehim u l-konvenzjoni dwar it-taxxa għandhom jiddeterminaw b'mod konġunt jekk teżistix xi inkonsistenza bejn dan il-Ftehim u l-konvenzjoni dwar it-taxxa ([119]).

3. L-Artikoli 10.7 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) u 10.17 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) ma għandhomx japplikaw għal vantaġġ mogħti minn Parti skont konvenzjoni dwar it-taxxa.

4. Mingħajr ħsara għar-rekwiżit li dawn il-miżuri ma jkunux applikati b'mod li jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u mhux ġustifikabbli bejn il-pajjiżi fejn jipprevalu kundizzjonijiet simili, jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ u fuq l-investiment, xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat li jipprevjeni l-adozzjoni, il-manutenzjoni jew l-infurzar minn xi Parti ta' kwalunkwe miżura li:

(a) hija mmirata sabiex tiżgura l-impożizzjoni jew il-ġbir ekwu jew effettiv ([120]) ta' taxxi diretti; jew

([119]) Għal ċertezza akbar, dan huwa mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim).

([120]) Il-miżuri li huma mmirati lejn l-iżgurar tal-impożizzjoni jew tal-ġbir ekwu jew effettiv ta' taxxi diretti jinkludu miżuri meħudin mill-Parti skont is-sistema tat-tassazzjoni tagħha li:

(i) tapplika għal forniturі ta' servizzi mhux residenti b'rikonoxximent tal-fatt li l-obbligu tat-taxxa tal-persuni mhux residenti jiġi ddeterminat fir-rigward ta' oġġetti taxxabbli miksubin jew li jinsabu fit-territorju tal-Parti; jew

(ii) japplikaw għal persuni mhux residenti sabiex tiġi żgurata l-impożizzjoni jew il-ġbir ta' taxxi fit-territorju tal-Parti; jew

(iii) japplikaw għall-persuni mhux residenti jew għar-residenti sabiex jipprevjenu l-evitar jew l-evażjoni tat-taxxi, inklużi l-miżuri ta' konformità; jew

(iv) japplikaw għall-konsumaturi ta' servizzi pprovduti fit-territorju tal-Parti l-oħra, jew minnha, sabiex jiżguraw l-impożizzjoni jew il-ġbir ta' taxxi fuq tali konsumaturi derivati minn sorsi fit-territorju tal-Parti; jew

(v) jiddistingwu forniturі ta' servizzi soġġetti għal taxxa fuq oġġetti taxxabbli madwar id-dinja kollha minn forniturі ta' servizzi oħrajn, b'rikonoxximent tad-differenza fin-natura tal-bażi tat-taxxa bejniethom; jew

(vi) jiddeterminaw, jallokaw jew iqassmu introjtu, profitt, qligħ, telf, tnaqqis jew kreditu ta' persuni jew fergħat residenti, jew bejn persuni jew fergħat relatati tal-istess persuna, sabiex jissalvagwardjaw il-bażi għat-taxxa tal-Parti.

(b) tagħmel distinzjoni bejn kontribwenti li ma jkunux fl-istess sitwazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-post tar-residenza tagħhom jew fir-rigward tal-post fejn ikun investit il-kapital tagħhom.

Artikolu 25.4

Restrizzjonijiet f'każ ta' diffikultajiet tal-bilanċi tal-pagamenti u ta' diffikultajiet finanzjarji esterni

1. Meta Parti tesperjenza diffikultajiet serji tal-bilanċi tal-pagamenti jew diffikultajiet finanzjarji esterni serji, jew theddida ta' dawn, dik il-Parti tista' tadotta jew iżżomm miżuri ta' salvagwardja temporanji fir-rigward tal-movimenti tal-kapital, tal-pagamenti jew tat-trasferimenti ([121]).

2. Kwalunkwe miżura ta' salvagwardja temporanja adottata jew miżmuma skont il-paragrafu 1 għandha:

(a) tkun konsistenti mal-Artikoli tal-Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali;

(b) ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jindirizzaw iċ-ċirkostanzi deskritti fil-paragrafu 1;

(c) tkun temporanja u eliminata gradwalment b'mod progressiv hekk kif jitjiebu ċ-ċirkustanzi deskritti fil-paragrafu 1;

(d) jevitaw ħsara mhux meħtieġa għall-interessi kummerċjali, ekonomiċi jew finanzjarji tal-Parti l-oħra; u

(e) tkun mhux diskriminatorja sabiex il-Parti l-oħra tiġi ttrattata b'mod mhux anqas favorevoli minn kwalunkwe persuna mhux Parti f'sitwazzjonijiet simili.

3. Fir-rigward tal-kummerċ fl-oġġetti, Parti tista' tadotta miżuri ta' salvagwardja temporanji sabiex tissalvagwardja l-pożizzjoni finanzjarja esterna jew il-bilanċi tal-pagamenti tagħha. Kwalunkwe miżura ta' salvagwardja temporanja adottata jew miżmuma skont dan il-paragrafu għandha tkun konsistenti mal-GATT tal-1994 u l-Qbil tiegħu dwar id-Dispożizzjonijiet tal-Bilanċ tal-Pagamenti.

4. Fir-rigward ta' kummerċ fis-servizzi, Parti tista' tadotta miżuri ta' salvagwardja temporanji sabiex tissalvagwardja l-pożizzjoni finanzjarja esterna jew il-bilanċi tal-pagamenti tagħha. Kwalunkwe miżura ta' salvagwardja temporanja adottata jew miżmuma skont dan il-paragrafu għandha tkun konsistenti mal-Artikolu XII tal-GATS.

Artikolu 25.5

Miżuri temporanji ta' salvagwardja

1. F'ċirkustanzi eċċezzjonali ta' diffikultajiet serji għall-operazzjoni tal-unjoni ekonomika u monetarja tal-Unjoni, jew ta' theddida għal din, l-Unjoni tista' tadotta jew iżżomm miżuri ta' salvagwardja temporanji fir-rigward ta' movimenti tal-kapital, ta' pagamenti jew ta' trasferimenti għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur.

2. Kwalunkwe miżura ta' salvagwardja temporanja adottata jew miżmuma skont il-paragrafu 1 għandha tkun limitata għal dak li jkun strettament neċessarju u ma għandhiex tikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew inġustifikata bejn New Zealand u pajjiż terz f'sitwazzjonijiet simili.

Artikolu 25.6

Tiriti o Waitangi/Trattat ta' Waitangi

1. Dment li tali miżuri ma jintużawx bħala mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata kontra persuni tal-Parti l-oħra jew bħala restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ fl-oġġetti, fuq il-kummerċ fis-servizzi u fuq l-investiment, xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jipprekludi l-adozzjoni minn New Zealand ta' miżuri li tqis neċessarji sabiex tagħti trattament aktar favorevoli lill-Māori fir-rigward ta' materji koperti minn dan il-Ftehim, inkluż fit-twettiq tal-obbligi tagħha skont te Tiriti o Waitangi/it-Trattat ta' Waitangi.

([121]) Għal ċertezza akbar, diffikultajiet serji tal-bilanċi tal-pagamenti u diffikultajiet finanzjarji esterni serji, jew theddida tagħhom, jistgħu jiġu kkawżati fost fatturi oħrajn minn diffikultajiet serji relatati ma' politiki monetarji jew tar-rati tal-kambju, jew theddida ta' dawn.

2. Il-Partijiet jaqblu li l-interpretazzjoni ta' te Tiriti o Waitangi/tat-Trattat ta' Waitangi, inkluż fir-rigward tan-natura tad-drittijiet u tal-obbligi li jirriżultaw minnu, ma għandhiex tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet dwar is-soluzzjoni tat-tilwim ta' dan il-Ftehim. Il-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim) għandu japplika fi kwalunkwe każ ieħor għal dan l-Artikolu. Bord stabbilit skont l-Artikolu 26.5 (Stabbiliment ta' bord) jista' jintalab mill-Unjoni sabiex jiddetermina biss jekk kwalunkwe miżura msemmija fil-paragrafu 1 tkunx inkonsistenti mad-drittijiet tagħha skont dan il-Ftehim.

Artikolu 25.7

Divulgazzjoni ta' informazzjoni

1. F'dan il-Ftehim ma hemm xejn li għandu jinftiehem bħala li jitlob lil xi Parti tagħmel informazzjoni kunfidenzjali disponibbli, li d-divulgazzjoni tagħha tista' timpedixxi l-infurzar tal-liġi, jew inkella li tmur kontra l-interess pubbliku, jew li tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' intrapriżi partikolari, pubbliċi jew privati, għajr meta bord ikun jirrikjedi tali informazzjoni kunfidenzjali fi proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim skont il-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim). F'każijiet bħal dawn, il-bord għandu jiżgura li l-kunfidenzjalità tkun protetta b'mod sħiħ.

2. Kull Parti għandha tittratta bħala kunfidenzjali kwalunkwe informazzjoni mressqa mill-Parti l-oħra lill-Kumitat għall-Kummerċ jew lil kumitati speċjalizzati li l-Parti l-oħra tkun iddeżinjat bħala kunfidenzjali.

Artikolu 25.8

Derogi mid-WTO

Jekk dritt jew obbligu f'dan il-Ftehim ikun duplikat ta' ieħor fil-Ftehim tad-WTO, kwalunkwe miżura meħuda f'konformità ma' deċiżjoni tal-għoti ta' deroga adottata skont l-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO titqies li tkun f'konformità mad-dispożizzjoni duplikata f'dan il-Ftehim.

KAPITOLU 26

Soluzzjoni tat-tilwim

Taqsima A

Objettiv u kamp ta' applikazzjoni

Artikolu 26.1

Objettiv

L-objettiv ta' dan it-Titolu huwa li jistabbilixxi mekkaniżmu effettiv u effiċjenti sabiex jiġi evitat u solvut kwalunkwe tilwim bejn il-Partijiet dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u l-ftehimiet supplimentari bl-għan li tinstab, meta jkun possibbli, soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku.

Artikolu 26.2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika, soġġett għall-paragrafu 2, fir-rigward ta' kwalunkwe tilwima bejn il-Partijiet dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u tal-Ftehim Sanitarju (minn hawn 'il quddiem imsejħin id-"dispożizzjonijiet koperti").

2. Id-dispożizzjonijiet koperti għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim u tal-Ftehim Sanitarju bl-eċċezzjoni ta':

(a) it-Taqsimiet B (Dazji anti-dumping u kumpensatorji) u C (Miżuri ta' salvagwardja globali) tal-Kapitolu 5 (Rimedji kummerċjali);

(b) il-Kapitolu 15 (Politika tal-kompetizzjoni);

(c) l-Artikolu 16.6 (Konsultazzjonijiet);

(d) il-Kapitolu 20 (Kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika tal-Māori);

(e) il-Kapitolu 21 (Intrapriżi żgħar u medji);

(f) il-Kapitolu 22 (Prattiki regolatorji tajbin u kooperazzjoni regolatorja); u

(g) id-dispożizzjonijiet ta' te Tiriti o Waitangi/tat-Trattat ta' Waitangi, fir-rigward tal-interpretazzjoni tiegħu inkluż fir-rigward tan-natura tad-drittijiet u tal-obbligi li jirriżultaw minnu.

Taqsima B

Konsultazzjonijiet

Artikolu 26.3

Konsultazzjonijiet

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex isolvu kull tilwim imsemmi fl-Artikolu 26.2 (Kamp ta' applikazzjoni) billi jikkonsultaw lil xulxin *in bona fide* bl-għan li jilħqu soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku.

2. Parti għandha titlob il-konsultazzjonijiet permezz ta' talba bil-miktub mibgħuta lill-Parti l-oħra filwaqt li tidentifika l-miżura inkwistjoni u d-dispożizzjonijiet koperti li hija tqis applikabbli.

3. Il-Parti li lilha ssir it-talba għall-konsultazzjonijiet (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Parti li kontriha jsir l-ilment") għandha twieġeb għal dik it-talba għal konsultazzjonijiet minnufih, iżda mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data tal-konsenja tagħha. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, il-konsultazzjonijiet għandhom isiru fi żmien 30 jum wara d-data tal-konsenja tat-talba għall-konsultazzjonijiet, u jsiru fit-territorju tal-Parti li kontriha jsir l-ilment. Il-konsultazzjonijiet għandhom jitqiesu konklużi fi żmien 30 jum wara d-data tal-konsenja tat-talba għal konsultazzjonijiet, jew fi żmien 90 jum wara dik id-data għat-tilwim skont il-Kapitolu 19 (Kummerċ u żvilupp sostenibbli), sakemm il-Partijiet ma jaqblux li jkomplu l-konsultazzjonijiet.

4. Il-konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' urġenza, inklużi dawk dwar oġġetti li jitħassru malajr, jew oġġetti jew servizzi staġjonali li jitilfu l-valur kummerċjali tagħhom malajr, għandhom isiru fi żmien 15-il jum wara d-data ta' konsenja tat-talba għal konsultazzjonijiet. Il-konsultazzjonijiet għandhom jitqiesu konklużi f'dawk il-15-il jum, sakemm il-Partijiet ma jaqblux li jkomplu bil-konsultazzjonijiet.

5. Matul il-konsultazzjonijiet, kull Parti għandha tipprovdi biżżejjed informazzjoni fattwali sabiex tippermetti eżami sħiħ tal-mod li bih il-miżura inkwistjoni tista' taffettwa l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim jew tal-Ftehim Sanitarju. Kull Parti għandha tagħmel sforz sabiex tiżgura l-parteċipazzjoni ta' persunal ta' awtoritajiet governattivi kompetenti tagħhom li jkollhom għarfien espert fil-kwistjoni soġġetta għall-konsultazzjonijiet.

6. F'tilwim dwar id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 19 (Kummerċ u żvilupp sostenibbli) li jkun relatat mal-ftehimiet jew mal-istrumenti multilaterali msemmijin fil-Kapitolu 19 (Kummerċ u żvilupp sostenibbli), il-Partijiet għandhom iqisu l-informazzjoni mill-ILO jew mill-organizzazzjonijiet jew mill-korpi rilevanti stabbiliti skont l-MEAs sabiex jippromwovu l-koerenza bejn il-ħidma tal-Partijiet u dawk l-organizzazzjonijiet jew il-korpi rilevanti. Meta rilevanti, il-Partijiet għandhom ifittxu parir mingħand dawk l-organizzazzjonijiet jew il-korpi rilevanti, jew mingħand kwalunkwe espert jew korp ieħor li jqisu xieraq. Kull Parti tista' tfittex, jekk ikun xieraq, il-fehmiet tal-gruppi konsultattivi domestiċi msemmijin fl-Artikolu 24.6 (Gruppi konsultattivi domestiċi) jew parir ieħor minn esperti.

7. Il-konsultazzjonijiet, u b'mod partikolari l-informazzjoni kollha indikata bħala kunfidenzjali u l-pożizzjonijiet meħudin mill-Partijiet matul il-konsultazzjonijiet, għandhom ikunu kunfidenzjali u jkunu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet fi kwalunkwe proċediment ulterjuri.

8. Miżura proposta minn Parti, iżda li tkun għadha ma ġietx implimentata, tista' tkun is-suġġett ta' konsultazzjonijiet skont dan l-Artikolu iżda ma tistax tkun is-suġġett ta' proċeduri tal-bord skont it-Taqsima C (Proċeduri tal-bord) jew ta' medjazzjoni skont it-Taqsima D (Medjazzjoni).

Taqsima C

Proċeduri tal-bord

Artikolu 26.4

Bidu tal-proċeduri tal-bord

1. Il-Parti li fittxet il-konsultazzjonijiet tista' titlob it-twaqqif ta' bord, jekk:

(a) il-Parti li kontriha jsir l-ilment ma tweġibx għat-talba għal konsultazzjonijiet fi żmien 10 ijiem mid-data ta' konsenja tagħha;

(b) il-konsultazzjonijiet ma jsirux fil-perjodi ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 26.3(3) u (4) (Konsultazzjonijiet) rispettivament;

(c) il-Partijiet jaqblu li ma jkollhomx konsultazzjonijiet; jew

(d) il-konsultazzjonijiet ikunu ġew konklużi u ma tkun intlaħqet l-ebda soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku.

2. It-talba għall-istabbiliment ta' bord (minn hawn 'il quddiem imsejħa "talba għal bord") għandha ssir permezz ta' talba bil-miktub imwassla lill-Parti l-oħra, u lil kwalunkwe korp estern fdat skont il-paragrafu 4, jekk applikabbli. Il-Parti li tilmenta għandha tidentifika l-miżura inkwistjoni fit-talba għal bord tagħha, u tispjega kif dik il-miżura tikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet koperti b'mod suffiċjenti sabiex tippreżenta l-bażi ġuridika għall-ilment b'mod ċar.

3. Kull Parti għandha tiżgura li t-talba għal bord tiġi ppubblikata minnufih.

4. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jiddeċiedi li jinkariga lil korp estern bl-assistenza lill-bordijiet skont dan il-Kapitolu, inkluż billi jipprovdi appoġġ amministrattiv u legali. Id-deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ għandha tindirizza wkoll il-kostijiet li jirriżultaw minn tali inkarigu.

Artikolu 26.5

Stabbiliment ta' bord

1. Bord għandu jkun magħmul minn tliet membri tal-bord.

2. Fi żmien 15-il jum wara d-data ta' konsenja tat-talba għal bord, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw *in bona fide* bl-għan li jaqblu dwar il-kompożizzjoni tal-bord.

3. Jekk il-Partijiet ma jaqblux dwar il-kompożizzjoni tal-bord fil-perjodu ta' żmien previst fil-paragrafu 2, kull Parti għandha taħtar membru tal-bord fi żmien 10 ijiem wara l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien previst fil-paragrafu 2:

(a) mis-sublista ta' dik il-Parti stabbilita skont l-Artikolu 26.6(2) (Listi ta' membri tal-bord); jew

(b) għal tilwim skont il-Kapitolu 19 (Kummerċ u żvilupp sostenibbli), mis-sublista ta' dik il-Parti fil-lista tat-TSD stabbilita skont il-punt (b) tal-Artikolu 26.6(1) (Listi ta' membri tal-bord).

Jekk Parti ma taħtarx membru tal-bord mis-sublista tagħha fil-perjodu ta' żmien previst fil-paragrafu 3, il-Kopresident tal-Kumitat għall-Kummerċ mill-Parti li tilmenta għandu jagħżel bil-polza, fi żmien 10 ijiem wara l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien previst fil-paragrafu 3, il-membru tal-bord mis-sublista tal-Parti li ma tkunx ħatret membru tal-bord. Il-Kopresident tal-Kumitat għall-Kummerċ mill-Parti li tilmenta jista' jiddelega tali għażla bil-polza.

4. Jekk il-Partijiet ma jaqblux fuq il-President tal-bord fil-perjodu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 2, il-Kopresident tal-Kumitat għall-Kummerċ mill-Parti li tilmenta għandu jagħżel bil-polza, fi żmien 10 ijiem wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu ta' żmien, il-President tal-bord:

(a) mis-sublista ta' Presidenti stabbilita skont l-Artikolu 26.6(2) (Listi ta' membri tal-bord); jew

(b) għal tilwim skont il-Kapitolu 19 (Kummerċ u żvilupp sostenibbli), mis-sublista ta' Presidenti fil-lista tat-TSD stabbilita skont il-punt (b) tal-Artikolu 26.6(1) (Listi ta' membri tal-bord).

Il-Kopresident tal-Kumitat għall-Kummerċ mill-Parti li tilmenta jista' jiddelega tali għażla bil-polza.

5. Il-bord għandu jitqies li ġie stabbilit 15-il jum wara li t-tliet membri tal-bord magħżulin ikunu aċċettaw il-ħatra tagħhom f'konformità mar-Regola 10 tal-Anness 26-A (Regoli ta' proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwim), sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor. Kull Parti għandha tippubblika minnufih id-data tal-istabbiliment tal-bord.

6. Jekk xi waħda mil-listi previsti fl-Artikolu 26.6 (Listi ta' membri tal-bord) ma tkunx ġiet stabbilita jew ma jkunx fiha ismijiet suffiċjenti jew ikun fiha biss ismijiet ta' persuni li ma jkunux disponibbli fiż-żmien li għandu jintgħażel membru tal-bord skont il-paragrafu 3 jew 4, il-membri tal-bord għandhom jiġu stabbiliti bil-polza mill-individwi li jkunu ġew proposti formalment minn Parti waħda jew miż-żewġ Partijiet f'konformità mal-Anness 26-A (Regoli ta' proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwim).

Artikolu 26.6

Listi ta' membri tal-bord

1. Fl-ewwel laqgħa tiegħu wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jistabbilixxi:

(a) lista ta' individwi li jkunu lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord; u

(b) lista separata ta' individwi li jkunu lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord f'tilwimiet skont il-Kapitolu 19 (Kummerċ u żvilupp sostenibbli) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "lista tat-TSD").

2. Kull waħda mil-listi msemmijin fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 għandha tkun magħmula mis-sublisti li ġejjin:

(a) sublista waħda ta' individwi stabbilita fuq il-bażi ta' proposti mill-Unjoni;

(b) sublista waħda ta' individwi stabbilita fuq il-bażi ta' proposti minn New Zealand; u

(c) sublista waħda ta' individwi li ma humiex nazzjonali ta' xi waħda mill-Partijiet u li għandhom jaġixxu bħala President tal-bord.

3. Is-sublisti msemmijin fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 2, għandhom jinkludu tal-anqas tliet individwi kull wieħed. Is-sublista msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 2 ma għandux ikollha aktar minn sitt individwi. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jiżgura li dawk is-sublisti jinżammu dejjem f'dan in-numru ta' individwi.

4. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jistabbilixxi listi addizzjonali ta' individwi b'għarfien espert f'setturi speċifiċi koperti minn dan il-Ftehim. Soġġetti għall-qbil mill-Partijiet, tali listi addizzjonali għandhom jintużaw sabiex jiġi fformat il-bord f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 26.5 (Stabbiliment ta' bord).

Artikolu 26.7

Rekwiżiti għall-membri tal-bord

1. Kull membru tal-bord għandu:

(a) ikun wera għarfien espert fid-dritt, fil-kummerċ internazzjonali u fi kwistjonijiet oħrajn koperti minn dan il-Ftehim;

(b) ikun indipendenti mill-Partijiet, ma jkunx affiljat magħhom u lanqas ma jieħu struzzjonijiet mingħandhom;

(c) iservi fil-kapaċitajiet individwali tiegħu u ma jiħux struzzjonijiet mingħand xi organizzazzjoni jew gvern fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mat-tilwima; u

(d) jikkonforma mal-Anness 26-B (Kodiċi ta' kondotta għall-membri tal-bord u għall-medjaturi).

2. Il-President għandu jkollu wkoll esperjenza fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim.

3. Minkejja l-punt (a) tal-paragrafu 1 u l-paragrafu 2, kull membru tal-bord fil-lista tat-TSD għandu jkollu għarfien speċjalizzat jew għarfien espert f'dawn:

(a) il-liġi tax-xogħol jew ambjentali;

(b) kwistjonijiet indirizzati fil-Kapitolu 19 (Kummerċ u żvilupp sostenibbli); jew

(c) is-soluzzjoni ta' tilwim li jinħoloq skont ftehimiet internazzjonali.

4. Fid-dawl tas-suġġett ta' tilwima partikolari, il-Partijiet jistgħu jaqblu li jidderogaw mir-rekwiżiti elenkati fil-punt (a) tal-paragrafu 1.

Artikolu 26.8

Funzjonijiet tal-bord

Il-bord:

(a) għandu jagħmel valutazzjoni oġġettiva tal-kwistjoni quddiemu, li tinkludi valutazzjoni oġġettiva tal-fatti tal-każ u tal-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati u tal-konformità magħhom;

(b) għandu jistabbilixxi, fid-deċiżjonijiet u fir-rapporti tiegħu, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati u r-raġunament bażiku wara kull sejba u rakkomandazzjoni li jagħmel; u

(c) jenħtieġ li jikkonsulta b'mod regolari mal-Partijiet u jipprovdi opportunitajiet adegwati għall-iżvilupp ta' soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku.

Artikolu 26.9

Termini ta' referenza tal-bord

1. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor, fi żmien ħamest ijiem mid-data tat-twaqqif tal-bord, it-termini ta' referenza tal-bord għandhom ikunu:

"li jeżamina, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet koperti rilevanti msemmijin mill-Partijiet, il-kwistjoni msemmija fit-talba għal bord, li jagħmel sejbiet dwar l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet koperti u l-konformità tal-miżura inkwistjoni ma' dawk id-dispożizzjonijiet u li jwassal rapport f'konformità mal-Artikoli 26.11 (Rapport *interim*) u 26.12 (Rapport finali)."

2. Jekk il-Partijiet jaqblu dwar termini ta' referenza tal-bord minbarra dawk stabbiliti fil-paragrafu 1, huma għandhom jinnotifikaw it-termini ta' referenza tal-bord miftiehma lill-bord fil-perjodu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1.

Artikolu 26.10

Deċiżjoni dwar l-urġenza

1. Jekk Parti titlob hekk, il-bord għandu jiddeċiedi, fi żmien 10 ijiem wara t-twaqqif tiegħu, jekk il-każ jikkonċernax kwistjonijiet ta' urġenza.

2. Jekk il-bord jiddeċiedi li t-tilwima tikkonċerna kwistjonijiet ta' urġenza, il-perjodi ta' żmien applikabbli stabbiliti fit-Taqsima C (Proċeduri tal-bord) ta' dan il-Kapitolu għandhom ikunu nofs iż-żmien stipulat fih, ħlief għall-perjodi ta' żmien imsemmijin fl-Artikolu 26.5 (Stabbiliment ta' bord) u fl-Artikolu 26.9 (Termini ta' referenza tal-bord).

Artikolu 26.11

Rapport *interim*

1. Il-bord għandu joħroġ rapport *interim* lill-Partijiet fi żmien 90 jum wara d-data ta' stabbiliment tal-bord. Jekk il-bord iqis li tali skadenza ma tistax tintlaħaq, il-President tal-bord għandu jinforma bil-miktub lill-Partijiet, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-bord jippjana li joħroġ ir-rapport *interim* tiegħu. Il-bord qatt ma għandu joħroġ ir-rapport *interim* tiegħu aktar tard minn 120 jum wara d-data ta' stabbiliment tal-bord.

2. Kull Parti tista' tibgħat talba bil-miktub lill-bord sabiex jirrieżamina aspetti preċiżi tar-rapport *interim* fi żmien 10 ijiem mill-konsenja tagħha. Parti tista' tikkummenta fuq it-talba bil-miktub tal-Parti l-oħra fi żmien sitt ijiem mill-konsenja ta' tali talba.

Artikolu 26.12

Rapport finali

1. Il-bord għandu joħroġ ir-rapport finali tiegħu lill-Partijiet fi żmien 120 jum wara d-data ta' stabbiliment tal-bord. Jekk il-bord iqis li t-tali skadenza ma tistax tintlaħaq, il-President tal-bord għandu jinforma bil-miktub lill-Partijiet, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-bord jippjana li joħroġ ir-rapport finali tiegħu. Il-bord qatt ma għandu joħroġ ir-rapport finali tiegħu aktar tard minn 150 jum wara d-data ta' stabbiliment tal-bord.

2. Ir-rapport finali għandu jinkludi diskussjoni dwar kwalunkwe talba bil-miktub mill-Partijiet dwar ir-rapport *interim* imsemmija fl-Artikolu 26.11(2) (Rapport *interim*) u jindirizza b'mod ċar il-kummenti tal-Partijiet.

Artikolu 26.13

Miżuri ta' konformità

1. Il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha tieħu kwalunkwe miżura neċessarja sabiex tikkonforma fil-pront mas-sejbiet u mar-rakkomandazzjonijiet fir-rapport finali sabiex iġġib lilha nnifisha f'konformità mad-dispożizzjonijiet koperti.

2. Il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha, mhux aktar tard minn 30 jum wara l-konsenja tar-rapport finali, tibgħat notifika lill-Parti li tilmenta dwar il-miżuri li tkun ħadet jew li jkun biħsiebha tieħu sabiex tikkonforma.

3. Barra minn hekk, fir-rigward tat-tilwimiet skont il-Kapitolu 19 (Kummerċ u żvilupp sostenibbli):

(a) il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha, mhux aktar tard minn 30 jum wara l-konsenja tar-rapport finali, tinforma lill-gruppi konsultattivi domestiċi tagħha msemmija fl-Artikolu 24.6 (Gruppi konsultattivi domestiċi) u lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra stabbilit skont l-Artikolu 19.16 (Punti ta' kuntatt) dwar il-miżuri li tkun ħadet jew li jkun biħsiebha tieħu sabiex tikkonforma; u

(b) il-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp Sostenibbli għandu jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' konformità. Il-gruppi konsultattivi domestiċi msemmijin fl-Artikolu 24.6 (Gruppi konsultattivi domestiċi) jistgħu jippreżentaw osservazzjonijiet lill-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp Sostenibbli f'dak ir-rigward.

Artikolu 26.14

Perjodu ta' żmien raġonevoli

1. Jekk il-konformità immedjata ma tkunx possibbli, il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha, mhux aktar tard minn 30 jum wara d-data ta' konsenja tar-rapport finali, tagħti notifika lill-Parti li tilmenta dwar it-tul tal-perjodu ta' żmien raġonevoli li tkun teħtieġ għal tali konformità. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jaqblu dwar it-tul tal-perjodu ta' żmien raġonevoli għall-konformità.

2. Jekk il-Partijiet ma jkunux qablu dwar it-tul tal-perjodu ta' żmien raġonevoli, il-Parti li tilmenta tista', mhux aktar tard minn 20 jum wara d-data ta' konsenja msemmija fil-paragrafu 1, titlob bil-miktub lill-bord oriġinali sabiex jiddetermina t-tul tal-perjodu ta' żmien raġonevoli. Il-bord għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet fi żmien 20 jum wara d-data ta' konsenja ta' din it-talba.

3. Il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha tagħti notifika bil-miktub tal-progress tagħha fil-konformità mar-rapport finali lill-Parti li tilmenta mhux aktar tard minn 30 jum qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien raġonevoli.

4. Il-Partijiet jistgħu jaqblu li jestendu l-perjodu ta' żmien raġonevoli.

Artikolu 26.15

Rieżami tal-konformità

1. Il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha, mhux aktar tard mid-data ta' skadenza tal-perjodu ta' żmien raġonevoli, twassal notifika lill-Parti li tilmenta dwar kwalunkwe miżura li tkun ħadet sabiex tikkonforma mar-rapport finali.

2. Jekk il-Partijiet ma jaqblux dwar l-eżistenza jew il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet koperti ta' kwalunkwe miżura meħuda għall-konformità, il-Parti li tilmenta tista' tibgħat talba, bil-miktub, lill-bord oriġinali sabiex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni. It-tali talba għandha tidentifika kwalunkwe miżura inkwistjoni u tispjega kif dik il-miżura tikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet koperti b'mod suffiċjenti sabiex tippreżenta l-bażi ġuridika għall-ilment b'mod ċar. Il-bord għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet fi żmien 54 jum wara d-data ta' konsenja ta' din it-talba.

Artikolu 26.16

Rimedji temporanji

1. Jekk tintalab mill-Parti li tilmenta, il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha tidħol f'konsultazzjonijiet mal-Parti li tilmenta bl-għan li jintlaħaq qbil dwar kumpens aċċettabbli b'mod reċiproku, jekk:

(a) il-Parti li kontriha jsir l-ilment tibgħat notifika lill-Parti li tilmenta li ma jkunx possibbli li jkun hemm konformità mar-rapport finali;

(b) il-Parti li kontriha jsir l-ilment tonqos milli tibgħat notifika ta' kwalunkwe miżura li tkun ħadet sabiex tikkonforma sal-iskadenza kif imsemmi fl-Artikolu 26.13 (Miżuri ta' konformità) jew qabel id-data ta' skadenza tal-perjodu ta' żmien raġonevoli;

(c) il-bord isib li ma teżisti l-ebda miżura meħuda għall-konformità; jew

(d) il-bord isib li l-miżura meħuda għall-konformità tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet koperti.

2. Għal tilwim skont il-Kapitolu 19 (Kummerċ u żvilupp sostenibbli), dan l-Artikolu japplika jekk:

(a) tinħoloq sitwazzjoni stabbilita fil-punt (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u r-rapport finali tal-Panel skont l-Artikolu 26.12 (Rapport finali) isib ksur ta' dawn:

(i) l-Artikolu 19.3(3) (Standards u ftehimiet multilaterali tax-xogħol); jew

(ii) l-Artikolu 19.6(3) (Kummerċ u tibdil fil-klima), jekk dak il-bord, fir-rapport finali tiegħu, isib li l-Parti li kontriha jsir l-ilment tkun naqset milli żżomm lura minn kwalunkwe azzjoni jew ommissjoni li b'mod materjali tmur kontra l-għan u l-iskop tal-Ftehim ta' Pariġi; jew

(b) tinqala' sitwazzjoni stabbilita fil-punt (d) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u d-deċiżjoni tal-bord skont l-Artikolu 26.15 (Rieżami tal-konformità) issib ksur ta' dawn:

(i) l-Artikolu 19.3(3) (Standards u ftehimiet multilaterali tax-xogħol); jew

(ii) l-Artikolu 19.6(3) (Kummerċ u tibdil fil-klima), jekk il-bord, fid-deċiżjoni tiegħu, isib li l-Parti li kontriha jsir l-ilment tkun naqset milli żżomm lura minn kwalunkwe azzjoni jew ommissjoni li b'mod materjali tmur kontra l-għan u l-iskop tal-Ftehim ta' Pariġi.

3. Jekk fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, il-Parti li tilmenta tagħżel li ma titlobx konsultazzjonijiet fir-rigward tal-kumpens, jew il-Partijiet ma jaqblux dwar il-kumpens fi żmien 20 jum wara d-dħul f'konsultazzjonijiet dwar il-kumpens, il-Parti li tressaq l-ilment tista' tagħti notifika bil-miktub lill-Parti li kontriha jsir l-ilment li jkollha l-ħsieb li tissospendi l-applikazzjoni tal-obbligi skont id-dispożizzjonijiet koperti. Tali notifika għandha tispeċifika l-livell ta' sospensjoni tal-obbligi maħsuba.

4. Il-Parti li tilmenta tista' tissospendi l-obbligi skont id-dispożizzjonijiet koperti 10 ijiem wara d-data ta' konsenja tan-notifika msemmija fil-paragrafu 3, sakemm il-Parti li kontriha jsir l-ilment ma tibgħatx talba bil-miktub skont il-paragrafu 6.

5. Is-sospensjoni tal-obbligi ma għandhiex taqbeż il-livell ekwivalenti għan-nullifikazzjoni jew għall-indeboliment ikkawżat mill-ksur.

6. Jekk il-Parti li kontriha jsir l-ilment tqis li l-livell notifikat ta' sospensjoni tal-obbligi jisboq il-livell ekwivalenti għan-nullifikazzjoni jew għall-indeboliment ikkawżat mill-ksur jew li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ma jkunux issodisfati, hija tista' tibgħat talba bil-miktub lill-bord oriġinali qabel ma jiskadi l-perjodu ta' 10 ijiem previst fil-paragrafu 4 sabiex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni. Fi żmien 30 jum wara d-data ta' dik it-talba, il-bord għandu jibgħat lill-Partijiet id-deċiżjoni tiegħu dwar il-livell tas-sospensjoni tal-obbligi jew dwar jekk ma humiex issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2. L-obbligi ma għandhomx jiġu sospiżi sakemm il-bord ikun ħareġ id-deċiżjoni tiegħu. Is-sospensjoni tal-obbligi għandha tkun konsistenti ma' dik id-deċiżjoni.

7. Is-sospensjoni tal-obbligi jew il-kumpens imsemmi f'dan l-Artikolu għandu jkun temporanju u ma għandux jiġi applikat wara li:

(a) il-Partijiet ikunu laħqu soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku skont l-Artikolu 26.26 (Soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku);

(b) il-Partijiet ikunu qablu li l-miżura meħuda sabiex tinkiseb konformità ġġib lill-Parti li kontriha jsir l-ilment f'konformità mad-dispożizzjonijiet koperti; jew

(c) kwalunkwe miżura meħuda sabiex tinkiseb konformità li l-bord ikun sab li kienet inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet koperti ġiet irtirata jew emendata sabiex il-Parti li kontriha jsir l-ilment tinġieb f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet.

Artikolu 26.17

Rieżami ta' kwalunkwe miżura meħuda sabiex tinkiseb konformità wara l-adozzjoni ta' rimedji temporanji

1. Il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha tibgħat notifika lill-Parti li tilmenta dwar kwalunkwe miżura li tkun ħadet sabiex tikkonforma wara s-sospensjoni tal-obbligi jew wara l-applikazzjoni ta' kumpens temporanju, skont il-każ. Bl-eċċezzjoni tal-każijiet skont il-paragrafu 2, il-Parti li tilmenta għandha ttemm is-sospensjoni tal-obbligi fi żmien 30 jum mid-data ta' konsenja tan-notifika. F'każijiet li fihom ikun ġie applikat kumpens, u bl-eċċezzjoni tal-każijiet skont il-paragrafu 2, il-Parti li kontriha jsir l-ilment tista' ttemm l-applikazzjoni ta' tali kumpens fi żmien 30 jum wara l-konsenja tan-notifika tagħha li hija kkonformat.

2. Jekk il-Partijiet ma jilħqux ftehim dwar jekk il-miżura notifikata ġġibx lill-Parti li kontriha jsir l-ilment f'konformità mad-dispożizzjonijiet koperti fi żmien 30 jum wara d-data ta' konsenja tan-notifika, kwalunkwe Parti tista' tibgħat talba bil-miktub lill-bord oriġinali sabiex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni, u fin-nuqqas ta' dan, is-sospensjoni tal-obbligi jew il-kumpens, skont il-każ, għandu jintemm. Il-bord għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet fi żmien 46 jum wara d-data ta' konsenja tat-talba. Jekk il-bord isib li l-miżura meħuda sabiex tinkiseb konformità tkun f'konformità mad-dispożizzjonijiet koperti, is-sospensjoni tal-obbligi jew il-kumpens, skont il-każ, għandu jintemm. Meta rilevanti, il-Parti li tilmenta għandha taġġusta l-livell ta' sospensjoni tal-obbligi jew il-kumpens fid-dawl tad-deċiżjoni tal-bord.

3. Jekk il-Parti li kontriha jsir l-ilment tqis li l-livell ta' sospensjoni tal-obbligi implimentat mill-Parti li tilmenta jisboq il-livell ekwivalenti għan-nullifikazzjoni jew għall-indeboliment ikkawżat mill-ksur, tista' titlob bil-miktub lill-bord oriġinali sabiex jieħu deċiżjoni dwar il-kwistjoni.

Artikolu 26.18

Sostituzzjoni tal-membri tal-bord

Jekk matul kwalunkwe proċedura ta' soluzzjoni tat-tilwim skont din it-Taqsima membru tal-bord ma jkunx jista' jipparteċipa, jirtira, jew ikun jeħtieġ li jiġi ssostitwit minħabba li ma jikkonformax mal-Anness 26-b (Kodiċi ta' kondotta għall-membri tal-bord u għall-medjaturi), tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 26.5 (Stabbiliment ta' bord) u kwalunkwe membru tal-bord sostitut għandu jkollu s-setgħat u d-dmirijiet kollha tal-membri tal-bord oriġinali. Il-perjodu ta' żmien sabiex jitwassal ir-rapport jew id-deċiżjoni tal-bord għandu jiġi estiż għaż-żmien neċessarju għall-ħatra tal-membru tal-bord il-ġdid.

Artikolu 26.19

Regoli ta' proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwim

1. Il-proċeduri tal-bord għandhom ikunu rregolati minn din it-Taqsima u mill-Anness 26-A (Regoli ta' proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwim).

2. Kwalunkwe seduta tal-bord għandha tkun miftuħa għall-pubbliku sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Anness 26-A (Regoli ta' proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwim).

Artikolu 26.20

Sospensjoni u terminazzjoni

1. B'talba taż-żewġ Partijiet, il-bord għandu jissospendi l-ħidma tiegħu fi kwalunkwe waqt għal perjodu miftiehem mill-Partijiet u li ma jaqbiżx it-12-il xahar konsekuttivi.

2. Il-bord għandu jissokta bil-ħidma tiegħu qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' sospensjoni b'talba bil-miktub taż-żewġ Partijiet, jew malli jiskadi l-perjodu ta' sospensjoni b'talba bil-miktub ta' xi waħda mill-Partijiet. Il-Parti rikjedenti għandha tibgħat notifika lill-Parti l-oħra kif xieraq. Jekk il-bord ma jerġax jibda l-ħidma tiegħu fl-iskadenza tal-perjodu ta' sospensjoni f'konformità ma' dan il-paragrafu, l-awtorità tal-bord għandha tiskadi u l-proċedura ta' soluzzjoni tat-tilwim għandha tintemm.

3. Jekk il-ħidma tal-bord tiġi sospiża, il-perjodi ta' żmien rilevanti stabbiliti f'din it-Taqsima għandhom jiġu estiżi bl-istess perjodu ta' żmien li għalih tkun ġiet sospiża l-ħidma tal-bord.

Artikolu 26.21

Dritt ta' talba u ta' riċevuta ta' informazzjoni

1. B'talba ta' Parti, jew fuq inizjattiva tiegħu stess, il-bord jista' jitlob mingħand il-Partijiet l-informazzjoni rilevanti li huwa jqis neċessarja u xierqa. Il-Partijiet għandhom iwieġbu minnufih u b'mod komplet għal kwalunkwe talba mill-bord għal informazzjoni.

2. Fuq talba ta' Parti jew fuq inizjattiva tiegħu stess, il-bord jista' jfittex kwalunkwe informazzjoni li jqis xierqa minn kwalunkwe sors. Il-bord għandu wkoll id-dritt li jitlob l-opinjoni ta' esperti, kif iqis xieraq, u soġġett għal kwalunkwe terminu u kundizzjoni miftehmin mill-Partijiet, meta jkunu applikabbli.

3. Fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-konformità mal-ftehimiet u mal-istrumenti multilaterali msemmijin fil-Kapitolu 19 (Kummerċ u żvilupp sostenibbli), jenħtieġ li l-opinjonijiet ta' esperti esterni jew l-informazzjoni mitluba mill-bord jinkludu informazzjoni u pariri mill-ILO jew minn minn organizzazzjonijiet jew korpi rilevanti stabbiliti skont l-MEAs.

4. It-bord għandu jqis sottomissjonijiet *amicus curiae* minn persuni fiżiċi ta' Parti jew minn persuni ġuridiċi stabbiliti f'Parti f'konformità mal-Anness 26-A (Regoli ta' proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwim).

5. Kwalunkwe informazzjoni jew opinjoni miksuba mill-bord skont dan l-Artikolu għandha tiġi ddivulgata lill-Partijiet u l-Partijiet jistgħu jipprovdu kummenti dwarha.

Artikolu 26.22

Regoli ta' interpretazzjoni

1. Il-grupp għandu jinterpreta d-dispożizzjonijiet koperti f'konformità mar-regoli abitwali ta' interpretazzjoni tad-dritt internazzjonali pubbliku, inklużi dawk ikkodifikati fil-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati, magħmula fi Vjenna fit-23 ta' Mejju 1969.

2. Il-bord għandu jqis ukoll l-interpretazzjonijiet rilevanti fir-rapporti tal-bordijiet tad-WTO u tal- Korp tal-Appell tad-WTO adottati mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO, kif ukoll f'deċiżjonijiet ta' arbitraġġ taħt id-DSU.

3. Ir-rapporti u d-deċiżjonijiet tal-bord ma għandhomx iżidu jew inaqqsu d-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont dan il-Ftehim.

Artikolu 26.23

Rapporti u deċiżjonijiet tal-bord

1. Id-deliberazzjonijiet tal-bord għandhom jinżammu kunfidenzjali. Il-bord għandu jagħmel kull sforz sabiex jabbozza rapporti u jieħu deċiżjonijiet b'kunsens. Jekk dan ma jkunx possibbli, il-bord għandu jiddeċiedi l-kwistjoni b'vot ta' maġġoranza. Fl-ebda każ ma għandhom jiġu ddivulgati l-opinjonijiet separati tal-membri tal-bord.

2. Id-deċiżjonijiet u r-rapporti tal-bord għandhom jiġu aċċettati mingħajr kundizzjonijiet mill-Partijiet. Dawn ma għandhom joħolqu l-ebda dritt jew obbligu fir-rigward ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

3. Kull Parti għandha tagħmel ir-rapporti u d-deċiżjonijiet tal-bord u s-sottomissjonijiet tiegħu disponibbli għall-pubbliku, soġġetta għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

4. Il-bord u l-Partijiet għandhom jittrattaw bħala kunfidenzjali kwalunkwe informazzjoni sottomessa minn Parti lill-bord f'konformità mar-Regoli 34 sa 36 tal-Anness 26-A (Regoli ta' proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwim).

Artikolu 26.24

Għażla tal-forum

1. Jekk tinqala' tilwima fir-rigward ta' miżura partikolari f'allegat ksur ta' obbligu tad-dispożizzjonijiet koperti u ta' obbligu sostanzjalment ekwivalenti skont kwalunkwe ftehim kummerċjali internazzjonali ieħor li ż-żewġ Partijiet ikunu parti għalih, inkluż il-Ftehim tad-WTO, il-Parti li tfittex rimedju għandha tagħżel il-forum li fih għandha tissolva t-tilwima.

2. Meta Parti tkun għażlet il-forum u tkun bdiet il-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim skont din it-Taqsima jew skont kwalunkwe ftehim kummerċjali internazzjonali ieħor, dik il-Parti ma għandhiex tibda proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim skont ftehim ieħor fir-rigward ta' miżura partikolari msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ħlief jekk il-forum magħżul l-ewwel ma jirnexxilux jagħmel sejbiet għal raġunijiet proċedurali jew ġuriżdizzjonali.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

(a) il-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim skont din it-Taqsima jitqiesu li nbdew b'talba tal-bord ta' Parti f'konformità mal-Artikolu 26.4 (Bidu tal-proċeduri tal-bord);

(b) il-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim skont il-Ftehim tad-WTO jitqiesu mibdijin wara talba tal-bord ta' Parti f'konformità mal-Artikolu 6 tad-DSU; u

(c) il-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim skont kwalunkwe ftehim kummerċjali internazzjonali ieħor jitqiesu mibdijin f'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti ta' dak il-ftehim.

4. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jipprekludi lil Parti milli tissospendi l-obbligi awtorizzati mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO jew awtorizzati skont il-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim ta' kwalunkwe ftehim kummerċjali internazzjonali ieħor li għalih ikunu parti l-Partijiet litiganti. Parti ma għandhiex tinvoka l-Ftehim tad-WTO jew kwalunkwe ftehim kummerċjali internazzjonali ieħor bejn il-Partijiet sabiex tipprekludi lill-Parti l-oħra milli tissospendi l-obbligi skont dan il-Kapitolu.

Taqsima D

Medjazzjoni

Artikolu 26.25

Medjazzjoni

Il-Partijiet jistgħu jirrikorru għall-medjazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe miżura li Parti tqis li taffettwa b'mod negattiv il-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet. Il-proċedura ta' medjazzjoni hija stabbilita fl-Anness 26-C (Regoli ta' proċedura għall-medjazzjoni).

Taqsima E

Dispożizzjonijiet Komuni

Artikolu 26.26

Soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku

1. Il-Partijiet jistgħu jsibu soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku fi kwalunkwe waqt fir-rigward ta' kwalunkwe tilwima msemmija fl-Artikolu 26.2 (Kamp ta' applikazzjoni).

2. Jekk soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku tintlaħaq matul il-proċeduri tal-bord jew il-proċedura ta' medjazzjoni, il-Partijiet għandhom jinnotifikaw b'mod konġunt dik is-soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku lill-President tal-bord jew lill-medjatur, kif ikun applikabbli. Wara tali notifika, il-proċeduri tal-bord jew il-proċedura ta' medjazzjoni għandha tiġi mitmuma.

3. Kwalunkwe soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku milħuqa mill-Partijiet għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

4. Kull Parti għandha tieħu kwalunkwe miżura neċessarja sabiex timplimenta s-soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku fil-perjodu ta' żmien miftiehem.

5. Mhux aktar tard mill-iskadenza ta' perjodu ta' żmien miftiehem, il-Parti li tkun qiegħda timplimenta għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra, bil-miktub, dwar kwalunkwe miżura li hija tkun ħadet sabiex timplimenta s-soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku.

Artikolu 26.27

Perjodi ta' żmien

1. Il-perjodi ta' żmien kollha stabbiliti f'dan il-Kapitolu għandhom jingħaddu f'jiem tal-kalendarju mill-jum ta' wara l-att li jirreferu għalih, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

2. Kwalunkwe perjodu ta' żmien stabbilit f'dan il-Kapitolu jista' jiġi mmodifikat bi qbil reċiproku bejn il-Partijiet.

3. Fir-rigward tat-Taqsima C (Proċeduri tal-bord), il-bord jista' fi kwalunkwe waqt jipproponi lill-Partijiet sabiex jimmodifikaw kwalunkwe perjodu ta' żmien stabbilit f'dan il-Kapitolu, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet għall-proposta.

Artikolu 26.28

Kostijiet

1. Kull Parti għandha ġġarrab l-ispejjeż tagħha stess li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni fil-proċeduri tal-bord jew fil-proċedura ta' medjazzjoni.

2. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Anness 26-A (Regoli ta' proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwim), il-Partijiet għandhom jaqsmu b'mod konġunt u ugwali l-ispejjeż derivati minn kwistjonijiet organizzazzjonali, inklużi r-remunerazzjoni u l-ispejjeż tal-membri tal-bord u tal-medjaturi. Ir-remunerazzjoni tal-membri tal-bord u tal-medjaturi għandha tkun f'konformità mal-istandards tad-WTO.

3. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjoni biex jistabbilixxi l-parametri jew dettalji oħra dwar ir-remunerazzjoni u r-rimborż tal-ispejjeż tal-membri tal-bord u tal-medjaturi, inkluż kwalunkwe kost relatat li jista' jiġġarrab fil-proċedimenti. Sakemm tittieħed deċiżjoni bħal din, ir-remunerazzjoni u r-rimborż tal-ispejjeż tal-membri tal-bord u tal-medjaturi u ta' kwalunkwe kost relatat għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mar-Artikolu 10 tal-Anness 26-A (Regoli ta' proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwim).

Artikolu 26.29

Emendi ta' l-Annessi

Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jemenda l-Annessi 26-A (Regoli ta' Proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwim) u 26-B (Kodiċi ta' kondotta għall-membri tal-bord u għall-medjaturi).

KAPITOLU 27

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 27.1

Emendi

1. Il-Partijiet jistgħu jaqblu, bil-miktub, li jemendaw dan il-Ftehim.

2. L-emendi ta' dan il-Ftehim għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar, jew f'data tali aktar tard li tista' tiġi miftiehma mill-Partijiet, wara d-data li fiha l-Partijiet jiskambjaw notifiki bil-miktub li jiċċertifikaw li huma ssodisfaw ir-rekwiżiti u l-proċeduri legali applikabbli rispettivi tagħhom għad-dħul fis-seħħ tat-tali emendi.

3. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jemenda dan il-Ftehim b'deċiżjoni, meta dan ikun previst fl-Artikolu 24.3 (Emendi ta' dan il-Ftehim mill-Kumitat għall-Kummerċ). Id-deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ għandha jew tispeċifika d-data tad-dħul fis-seħħ tal-emendi ta' dan il-Ftehim jew, jekk ikun meħtieġ mis-sistema domestika ta' Parti, tipprevedi li tali emendi jidħlu fis-seħħ wara n-notifika bil-miktub tat-tlestija ta' kwalunkwe rekwiżit u proċedura legali pendenti tal-Partijiet.

Artikolu 27.2

Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jiskambjaw notifiki bil-miktub li jiċċertifikaw li huma lestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri legali applikabbli rispettivi għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-Partijiet jistgħu jaqblu dwar data oħra għad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. In-notifiki bil-miktub msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jintbagħtu lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ ta' New Zealand.

Artikolu 27.3

Terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ sakemm ma jiġix itterminat skont il-paragrafu 2.

2. Parti tista' tinnotifika lill-Parti l-oħra li hija jkun biħsiebha tittermina l-Ftehim. Notifika lill-Unjoni għandha tintbagħat lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u notifika lil New Zealand għandha tintbagħat lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ ta' New Zealand. It-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tidħol fis-seħħ sitt xhur wara d-data tal-konsenja tan-notifika, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

Artikolu 27.4

Issodisfar tal-obbligi

1. Kull Parti hija responsabbli għalkollox li tosserva d-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim.

2. Kull Parti għandha tiżgura li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim isiru effettivi, inkluża l-osservanza tagħhom fil-livelli kollha tal-gvern u mill-persuni li jeżerċitaw awtorità governattiva delegata. Kull Parti għandha twettaq l-obbligi stabbiliti f'dan il-Ftehim *in bona fide*.

3. Dan il-Ftehim jifforma parti mill-qafas istituzzjonali komuni msemmi fl-Artikolu 52(1) tal-Ftehim ta' Sħubija. Parti tista' tieħu miżuri xierqa relatati ma' dan il-Ftehim fil-każ ta' ksur partikolarment serju u sostanzjali ta' kwalunkwe wieħed mill-obbligi deskritti fl-Artikolu 2(1) jew fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bħala elementi essenzjali, li jhedded il-paċi u s-sigurtà internazzjonali ħalli tkun meħtieġa reazzjoni immedjata. Parti tista' tieħu wkoll tali miżuri xierqa relatati ma' dan il-Ftehim fil-każ ta' att jew ta' ommissjoni li b'mod materjali jmur kontra l-għan u l-iskop tal-Ftehim ta' Pariġi. Dawk il-miżuri xierqa għandhom jittieħdu f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 54 tal-Ftehim ta' Sħubija.

Artikolu 27.5

Awtorità delegata

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, kull Parti għandha tiżgura li meta persuna ġuridika, inkluża intrapriża tal-Istat, intrapriża li tkun ingħatat drittijiet jew privileġġi speċjali jew monopolju dežinjat, teżerċita kwalunkwe awtorità regolatorja, amministrattiva jew awtorità governattiva oħra li dik il-Parti tkun iddelegat lil tali persuna sabiex twettaqha, dik il-persuna taġixxi f'konformità mal-obbligi ta' dik il-Parti skont dan il-Ftehim.

Artikolu 27.6

Ebda effett dirett

1. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jkun interpretat bħala wieħed li jagħti drittijiet jew li jimponi obbligi fuq persuni, minbarra d-drittijiet u l-obbligi maħluqin bejn il-Partijiet skont id-dritt internazzjonali pubbliku.

2. Parti ma għandhiex tipprevedi fl-ordinament ġuridiku tagħha dritt ta' azzjoni kontra l-Parti l-oħra fuq il-bażi li miżura tal-Parti l-oħra tkun inkonsistenti ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 27.7

Liġijiet u regolamenti u emendi għalihom

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, meta ssir referenza f'dan il-Ftehim għal-liġijiet u għar-regolamenti ta' Parti, dawk il-liġijiet u r-regolamenti għandhom jinftiehmu li jinkludu l-emendi tagħhom.

Artikolu 27.8

Partijiet integrali ta' dan il-Ftehim

1. L-Annessi, l-Appendiċi, id-Dikjarazzjonijiet, id-Dikjarazzjonijiet konġunti u n-noti f'qiegħ il-paġna ta' dan il-Ftehim jifformaw parti integrali minn dan il-Ftehim.

2. Kull wieħed mill-Annessi ta' dan il-Ftehim, inklużi l-Appendiċijiet tiegħu, għandu jifforma parti integrali mill-Kapitolu li jirreferi għal dak l-Anness jew li għalih issir referenza f'dak l-Anness. Għal ċertezza akbar:

(a) l-Anness 2-A (Skedi ta' tneħħija ta' tariffi) u l-Appendiċijiet tiegħu jifformaw parti integrali mill-Kapitolu 2 (Trattament nazzjonali u aċċess għas-suq għall-oġġetti);

(b) l-Anness 3-A (Noti introduttorji għar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodotti), l-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodotti) u l-Appendiċijiet u l-Annessi 3-C tiegħu (Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini), 3-D (Dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fl-Artikolu 3.3(4) (Akkumulazzjoni tal-oriġini)), 3-E (Dikjarazzjoni konġunta dwar il-prinċipat ta' Andorra) u 3-F (Dikjarazzjoni konġunta dwar ir-Repubblika ta' San Marino) jifformaw parti integrali mill-Kapitolu 3 (Regoli tal-oriġini u proċeduri ta' oriġini);

(c) l-Annessi 6-A (awtoritajiet kompetenti), 6-B (Kundizzjonijiet reġjonali għall-pjanti u għall-prodotti tal-pjanti), 6-C (Rikonoxximent tal-ekwivalenza tal-miżuri SPS), 6-D (Linji gwida u proċeduri għal awditu jew għal verifika), 6-E (Ċertifikazzjoni) u 6-F (Kontrolli tal-importazzjonijiet u tariffi) jifformaw parti integrali mill-Kapitolu 6 (Miżuri sanitarji u fitosanitarji);

(d) l-Annessi 9-A (Aċċettazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità (dokumenti)), 9-B (Vetturi bil-mutur u tagħmir jew partijiet tagħhom), u l-Appendiċi tiegħu, 9-C (Arranġament imsemmi fil–punt (b) tal-Artikolu 9.10(5) għall-iskambju sistematiku ta' informazzjoni fir-rigward tas-sikurezza ta' prodotti mhux tal-ikel u ma' miżuri preventivi, restrittivi u korrettivi relatati), 9-D (Arranġament imsemmi fl-Artikolu 9.10(6) għall-iskambju regolari ta' informazzjoni dwar il-miżuri meħudin fuq prodotti mhux tal-ikel mhux konformi għajr dawk koperti mill-punt (b) tal-Artikolu 9.10(5)), u 9-E (Inbid u spirti) u l-Appendiċijiet tiegħu jifformaw parti integrali mill-Kapitolu 9 (Ostakli tekniċi għall-kummerċ);

(e) l-Anness 10-A (Miżuri eżistenti), l-Anness 10-B (Miżuri futuri), l-Anness 10-C (viżitaturi professjonali għal finijiet ta' stabbiliment, ħaddiema bi trasferiment intraażjendali u viżitaturi professjonali għal żmien qasir), l-Anness 10-D (Lista ta' attivitajiet ta' viżitaturi professjonali għal żmien qasir), l-Anness 10-E (Forniturі ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti) u l-Anness 10-F (Moviment ta' persuni fiżiċi għal skopijiet ta' negozju) jifformaw parti integrali mill-Kapitolu 10 (Kummerċ fis-servizzi u l-investiment);

(f) l-Anness 13 (Listi ta' oġġetti tal-enerġija, ta' idrokarburi u ta' materja prima) jifforma parti integrali mill-Kapitolu 13 (Enerġija u materja prima);

(g) l-Anness 14 (Impenji dwar l-aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku) jifforma parti integrali mill-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku);

(h) l-Annessi 18-A (Klassijiet ta' prodotti) u 18-B (Lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi) jiffurmaw parti integrali mill-Kapitolu 18 (Proprjetà intellettwali);

(i) l-Anness 19 (Oġġetti u servizzi ekoloġiċi) jifforma parti integrali mill-Kapitolu 19 (Kummerċ u żvilupp sostenibbli);

(j) l-Anness 24 (Regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Kummerċ) jifforma parti integrali mill-Kapitolu 24 (Dispożizzjonijiet istituzzjonali);

(k) l-Annessi 26-A (Regoli ta' proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwim), 26-B (Kodiċi ta' kondotta għall-membri tal-bord u għall-medjaturi) u 26-C (Regoli ta' proċedura għall-medjazzjoni) jifformaw parti integrali mill-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim); u

(l) l-Anness 27 (Dikjarazzjoni konġunta dwar l-unjoni doganali) jifforma parti integrali mill-Kapitolu 27 (Dispożizzjonijiet finali).

Artikolu 27.9

Testi awtentiċi

Dan il-Ftehim għandu jitfassal duplikament bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bit-Taljan, u bl-Ungeriż, u kull test ikun awtentiku ugwalment.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenzjarji ffirmati hawn taħt, debitament awtorizzati għal dan l-għan, iffirmaw dan il-Ftehim.

Съставено в Брюксел на девети юли две хиляди двадесет и трета година.

Hecho en Bruselas, el nueve de julio de dos mil veintitrés.

V Bruselu dne devátého července dva tisíce dvacet tři.

Udfærdiget i Bruxelles den niende juli to tusind og treogtyve.

Geschehen zu Brüssel am neunten Juli zweitausenddreiundzwanzig.

Kahe tuhande kahekümne kolmanda aasta juulikuu üheksandal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις εννέα Ιουλίου δύο χιλιάδες είκοσι τρία.

Done at Brussels on the ninth day of July in the year two thousand and twenty three.

Fait à Bruxelles, le neuf juillet deux mille vingt-trois.

Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an naoú lá d'Iúil sa bhliain dhá mhíle fiche a trí.

Sastavljeno u Bruxellesu devetog srpnja godine dvije tisuće dvadeset treće.

Fatto a Bruxelles, addì nove luglio duemilaventitré.

Briselē, divi tūkstoši divdesmit trešā gada devītajā jūlijā.

Priimta du tūkstančiai dvidešimt trečių metų liepos devintą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-huszonharmadik év július havának kilencedik napján.

Magħmul fi Brussell, fid-disa' jum ta' Lulju fis-sena elfejn u tlieta u għoxrin.

Gedaan te Brussel, negen juli tweeduizend drieëntwintig.

Sporządzono w Brukseli dnia dziewiątego lipca roku dwa tysiące dwudziestego trzeciego.

Feito em Bruxelas, em nove de julho de dois mil e vinte e três.

Întocmit la Bruxelles la nouă iulie două mii douăzeci şi trei.

V Bruseli deviateho júla dvetisícdvadsaťtri.

V Bruslju, devetega julija dva tisoč triindvajset.

Tehty Brysselissä yhdeksäntenä päivänä heinäkuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäkolme.

Som skedde i Bryssel den nionde juli år tjugohundratjugotre.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen





За Нова Зеландия
Por Nueva Zelanda
Za Nový Zéland
For New Zealand
Für Neuseeland
Uus-Meremaa nimel
Για τη Νέα Ζηλανδία
For New Zealand
Pour la Nouvelle-Zélande
Thar ceann na Nua-Shéalainne
Za Novi Zeland
Per la Nuova Zelanda
Jaunzēlandes vārdā –
Naujosios Zelandijos vardu
Új-Zéland részéről
Għal New Zealand
Voor Nieuw-Zeeland
W imieniu Nowej Zelandii
Pela Nova Zelândia
Pentru Noua Zeelandă
Za Nový Zéland
Za Novo Zelandijo
Uuden-Seelannin puolesta
För Nya Zeeland



ANNESS 2-A

SKEDI GĦAT-TNEĦĦIJA TAT-TARIFFI

Taqsima A

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "Sena 0" tfisser il-perjodu ta' żmien li jibda fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u li jintemm fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena kalendarja li jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim. "Sena 1" għandha tibda fl-1 ta' Jannar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u tintemm fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena kalendarja. Kull tnaqqis tariffarju sussegwenti għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar ta' kull sena sussegwenti.

2. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan l-Anness, kull Parti għandha tnaqqas jew telimina d-dazji doganali kollha fuq il-merkanzija oriġinarja tal-Parti l-oħra fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

3. Għall-merkanzija oriġinarja minn Parti stabbilita fl-iskedi Tariffarji ta' kull Parti inkluża fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea) u fl-Appendiċi 2-A-2 (Skeda tariffarja ta' New Zealand) ta' dan l-Anness, il-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali japplikaw għall-eliminazzjoni tad-dazji doganali minn kull Parti skont l-Artikolu 2.5 (Eliminazzjoni tad-dazji doganali):

(a) id-dazji doganali fuq il-merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali "A" fl-iskeda Tariffarja ta' Parti għandhom jiġu eliminati fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

(b) id-dazji doganali fuq il-merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil- kategorija tal-eliminazzjoni gradwali "B3" fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea) għandhom jiġu eliminati f'erba' stadji annwali ugwali li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u tali merkanzija għandha tkun mingħajr dazju fl-1 ta' Jannar tas-Sena 3;

(c) id-dazji doganali fuq il-merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil- kategorija tal-eliminazzjoni gradwali "B5" fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea) għandhom jiġu eliminati f'sitt stadji annwali ugwali li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u tali merkanzija għandha tkun mingħajr dazju fl-1 ta' Jannar tas-Sena 5;

(d) id-dazji doganali fuq il-merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil- kategorija tal-eliminazzjoni gradwali "B7" fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea) għandhom jiġu eliminati fi tmien stadji annwali ugwali li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u tali merkanzija għandha tkun mingħajr dazju fl-1 ta' Jannar tas-Sena 7;

(e) il-komponent ad valorem tad-dazji doganali fuq il-merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil- kategorija tal-eliminazzjoni gradwali "A (EP)" fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea) għandu jiġi eliminat fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Għal aktar ċertezza, id-dazju speċifiku fuq merkanzija oriġinarja li jiskatta f'sitwazzjoni fejn il-prezz tal-importazzjoni jaqa' taħt il-prezz tad-dħul ([1]) għandu jinżamm; u

(f) il-komponent *ad valorem* tad-dazji doganali fuq il-merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati fil- kategorija tal-eliminazzjoni gradwali "B3 (EP)" fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea) għandu jiġi eliminat f'erba' stadji annwali ugwali li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u għandu jiġi eliminat fl-1 ta' Jannar tas-Sena 3. Għal aktar ċertezza, id-dazju speċifiku fuq merkanzija oriġinarja li jiskatta f'sitwazzjoni fejn il-prezz tal-importazzjoni jaqa' taħt il-prezz tad-dħul għandu jinżamm.

4. Ir-rata bażi għad-determinazzjoni tar-rata interim fi stadji tad-dazju doganali għal oġġett għandha tkun ir-rata tad-dazju doganali tan-nazzjon l-aktar iffavorit applikata minn kull Parti fl-1 ta' Lulju 2018.

([1]) L-Anness 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1925 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 282, 31.10.2017, p. 1).

5. Għall-finijiet tal-eliminazzjoni tad-dazji doganali f'konformità mal-Artikolu 2.5 (Eliminazzjoni tad-dazji doganali), ir-rati interim tad-dazju fi stadji għandhom jitqarrbu mill-anqas għall-eqreb deċimu ta' punt perċentwali jew, jekk ir-rata tad-dazju tkun espressa f'unitajiet monetarji, mill-anqas sal-eqreb 0,01 tal-unità monetarja uffiċjali tal-Parti.

6. Dan l-Anness huwa bbażat fuq is-Sistema Armonizzata , kif emendata fl-1 ta' Jannar 2017.

Taqsima B

Amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji

7. Din it-Taqsima tistabbilixxi l-Kwoti Tariffarji (minn hawn 'il quddiem imsejħa "TRQs") stabbiliti skont dan il-Ftehim li l-Parti importatriċi għandha tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għal merkanzija oriġinarja speċifikata tal-Parti esportatriċi.

8. Kull Parti għandha tamministra t-TRQs stabbiliti skont dan il-Ftehim b'mod trasparenti, oġġettiv u mhux diskriminatorju.

9. Il-merkanzija koperta minn kull TRQ hija identifikata b'mod ġeneriku fit-titolu għall-paragrafu li jistabbilixxi t-TRQ fit-Taqsima C (Kwoti tariffarji tal-Unjoni Ewropea). Dawk it-titoli huma inklużi biss biex jassistu fil-fehim ta' dan l-Anness u ma għandhomx ibiddlu jew jieħdu post il-kopertura stabbilita permezz tal-identifikazzjoni tal-linji tariffarji speċifikati għal kull TRQ fit-Taqsima C (Kwoti tariffarji tal-Unjoni Ewropea).

10. Jekk id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim tkun data li ma tkunx l-1 ta' Jannar, il-kwantità ta' TRQ għal dik is-sena għandha tiġi kkalkulata bħala proporzjon tal-kwantità annwali ta' TRQ ugwali għall-għadd ta' jiem li jifdal f'dik is-sena diviż bl-għadd ta' jiem f'dik is-sena. Fis-snin sussegwenti kollha minn ħemm 'il quddiem waqt li t-TRQ tkun qed titħaddem, il-kwantitajiet annwali sħaħ tat-TRQ għandhom ikunu disponibbli mill-1 ta' Jannar.

11. Kwalunkwe kwantità ta' merkanzija oriġinarja importata taħt TRQ stabbilita skont dan il-Ftehim ma għandhiex tingħadd mal-kwantità fil-kwota ta' kwalunkwe TRQ prevista għal dik il-merkanzija taħt l-Iskeda Tariffarja tad-WTO tal-Parti importatriċi jew kwalunkwe ftehim kummerċjali ieħor.

12. Parti ma għandhiex tapplika jew iżżomm miżura ta' salvagwardja bilaterali fuq kwalunkwe merkanzija importata taħt TRQ stabbilita skont dan il-Ftehim.

13. Biex jaċċessa TRQ stabbilita skont dan il-Ftehim, bl-eċċezzjoni tat-TRQs speċifikati fil-punt (b) tal-paragrafu 14, l-importatur irid jippreżenta ċertifikat validu ta' eliġibbiltà maħruġ mill-Parti esportatriċi jew minn awtorità delegata ta' dik il-Parti li jkun fis-seħħ għall-merkanzija. Il-Parti esportatriċi għandha tiżgura li ċ-ċertifikati ta' eliġibbiltà jinħarġu biss sal-kwantità rilevanti għal kull TRQ.

14. Japplikaw ir-rekwiżiti tal-importazzjoni li ġejjin:

(a) l-importazzjonijiet taħt it-TRQ-2 Laħam tan-Nagħaġ u tal-Mogħoż Frisk/Imkessaħ, it-TRQ-3 Laħam tan-Nagħaġ u tal-Mogħoż Iffriżat, u t-TRQ-7 Prodotti Agrikoli Pproċessati tal-Ħalib (minn hawn 'il quddiem imsejħa "PAPs") u Xorrox b'Kontenut Għoli ta' Proteini għandhom ikunu fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel mal-preżentazzjoni mill-importatur ta' ċertifikat validu ta' eliġibbiltà kif stabbilit fil-paragrafu 19. Ma għandha tkun meħtieġa l-ebda liċenzja tal-importazzjoni;

(b) l-importazzjonijiet taħt it-TRQ-8 Qamħirrum ħelu u t-TRQ-9 Etanol għandhom jiġu amministrati mill-Parti importatriċi, li għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku b'mod f'waqtu u kontinwu l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-amministrazzjoni tal-kwota, inkluż il-volum disponibbli; u

(c) l-importazzjonijiet taħt it-TRQs l-oħra kollha stabbiliti skont dan il-Ftehim għandhom ikunu abbażi ta' liċenzja tal-importazzjoni, maħruġa fuq talba, kondizzjonali biss fuq il-preżentazzjoni mill-importatur ta' ċertifikat validu ta' eliġibbiltà kif stabbilit fil-paragrafu 19. Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jinħarġu mingħajr dewmien kemm jista' jkun malajr wara l-preżentazzjoni taċ-ċertifikat ta' eliġibbiltà u għandhom ikunu validi sa tmiem is-sena tal-kwota.

15. L-importazzjonijiet taħt it-TRQs stabbiliti skont dan il-Ftehim ma għandhom ikunu soġġetti għall-ebda rekwiżit, kundizzjoni jew restrizzjoni addizzjonali għajr dawk stabbiliti fil-paragrafu 14, sakemm ma jkunx miftiehem b'mod reċiproku.

16. Bl-eċċezzjoni tat-TRQs speċifikati fil-punt (a) tal-paragrafu 14, il-Parti importatriċi għandha tipprovdi b'mod f'waqtu u trasparenti mekkaniżmu għar-ritorn u l-ħruġ mill-ġdid, sa tmiem is-sena tal-kwota, tal-liċenzji tal-importazzjoni mhux użati.

17. Il-Parti esportatriċi għandha tinnotifika minnufih lill-Parti importatriċi dwar l-identità ta' kwalunkwe awtorità delegata awtorizzata biex toħroġ ċertifikati ta' eliġibbiltà u l-format taċ-ċertifikat użat.

18. L-awtoritajiet emittenti tal-Parti esportatriċi għandhom jibagħtu lill-Parti importatriċi, mingħajr dewmien, kopja ta' kull ċertifikat ta' eliġibbiltà awtentikat, inkluż deskrizzjoni tal-merkanzija, il-kwantità totali ta' merkanzija koperta, u l-perjodu ta' validità (sa tmiem is-sena tal-kwota applikabbli). Fejn ikun xieraq, l-awtoritajiet emittenti tal-Parti esportatriċi għandhom jinnotifikaw lill-Parti importatriċi bi kwalunkwe kanċellazzjoni ta', jew kwalunkwe korrezzjoni jew emenda għal, ċertifikat ta' eliġibbiltà.

19. Kull ċertifikat ta' eliġibbiltà għandu:

(a) ikollu numru tas-serje individwali allokat mill-awtorità emittenti;

(b) ikun validu biss jekk ikun mimli u approvat kif xieraq mill-awtorità emittenti, filwaqt li jiġi speċifikat in-numru tal-ordni jew in-numri tal-ordni tat-TRQ jew tat-TRQs ikkonċernati; u

(c) jitqies li jkun ġie debitament approvat jekk jiddikjara d-data u l-post tal-ħruġ u jkollu siġill stampat jew it-timbru tal-awtorità emittenti u l-firma tal-persuna jew tal-persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmawh.

Kwalunkwe rekwiżit addizzjonali taċ-ċertifikat ta' eliġibbiltà għandu jkun soġġett għal ftehim reċiproku.

20. Jekk tinqala' kwistjoni dwar it-TRQs jew kwalunkwe kwistjoni relatata, Parti tista' tagħmel talba bil-miktub lill-Parti l-oħra biex:

(a) torganizza laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ dwar l-Oġġetti;

(b) twieġeb minnufih għal mistoqsijiet speċifiċi; u

(c) tipprovdi minnufih informazzjoni relatata mat-TRQ jew mat-TRQs ikkonċernati.

Taqsima C

Kwoti tariffarji tal-unjoni ewropea

21. TRQ-1 Kwota tariffarja taċ-ċanga

(a) Il-merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-1 Ċanga" fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea) u elenkata fil-punt (b) għandha tkun soġġetta għat-trattament tal-kwota li ġej mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim:

Sena	Kwantita aggregata (tunnellati metriċi ("MT") – ekwivalenti għall-piż tal-karkassa)	Tariffa fil-kwota
Sena 0 (Dħul fis-seħħ)	3 333 MT	7,5 %
Sena 1	4 286 MT	7,5 %
Sena 2	5 238 MT	7,5 %
Sena 3	6 190 MT	7,5 %
Sena 4	7 143 MT	7,5 %

Sena 5	8 095 MT	7,5 %
Sena 6	9 048 MT	7,5 %
Sena 7 u s-snin sussegwenti	10 000 MT	7,5 %

(b) Il-punt (a) japplika għal merkanzija oriġinarja kklassifikata fil-linji tariffarji li ġejjin: 0201, 0202, 0206.10.95, 0206.29.91, 0210.20.10, 0210.20.90, 0210.99.51, 0210.99.59, ex 1502.10.90 (ċanga biss), ex 1502.90.90 (ċanga biss), u 1602.50, ([2]) għal prodott minn annimali li jkunu trabbew skont il-kundizzjonijiet ta' biedja pastorali ta' New Zealand. Għal aktar ċertezza, dan ma jinkludix iż-żoni tat-tismin kummerċjali.

(c) Il-merkanzija minn New Zealand li tiġi importata fl-Unjoni skont il-kwota eżistenti tad-WTO speċifika għall-pajjiż għal New Zealand għaċ-ċanga, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 ([3]) bin-numru tal-ordni tal-kwota 09.4454, għandha tkun soġġetta għal dazju ta' 7,5 % fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

(d) Il-merkanzija oriġinarja importata skont dan il-Ftehim li taqbeż il-kwantitajiet aggregati stabbiliti fil-punt (a) għandha tkun soġġetta għar-rata bażi ta' dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea), jew it-tariffa tal-pajjiż l-aktar favorit applikabbli, skont liema minnhom tkun l-aktar baxxa.

(e) Meta jiġu kkalkulati l-kwantitajiet importati taħt it-TRQ-1 Ċanga, il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fit-Taqsima D (Fatturi ta' konverżjoni) għandhom jintużaw biex il-piż tal-prodott jiġi kkonvertit f'ekwivalenti għall-piż tal-karkassa.

22. TRQ-2 Kwota tariffarja tal-Laħam tan-Nagħaġ u tal-Mogħoż Frisk/Imkessaħ

(a) Il-merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-2 Laħam tan-Nagħaġ u tal-Mogħoż Frisk/Imkessaħ" fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea) u elenkata fil-punt (b) għandha tkun soġġetta għat-trattament tal-kwota li ġej mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim:

Sena	Kwantita aggregata (tunnellati metriċi ("MT") – ekwivalenti għall-piż tal-karkassa)	Tariffa fil-kwota
Sena 0 (Dħul fis-seħħ)	4 433 MT	0 %
Sena 1	5 911 MT	0 %
Sena 2	7 389 MT	0 %
Sena 3	8 867 MT	0 %
Sena 4	10 344 MT	0 %
Sena 5	11 822 MT	0 %
Sena 6 u s-snin sussegwenti	13 300 MT	0 %

(b) Il-punt (a) japplika għal merkanzija oriġinarja kklassifikata fil-linji tariffarji li ġejjin: 0204.10.00, 0204.21.00, 0204.22.10, 0204.22.30, 0204.22.50, 0204.22.90, 0204.23.00, 0204.50.11, 0204.50.13, 0204.50.15, 0204.50.19, 0204.50.31, 0204.50.39, ex 0210.99.21 (frisk/imkessaħ biss), u ex 0210.99.29 (frisk/imkessaħ biss).

(c) Il-merkanzija oriġinarja importata skont dan il-Ftehim li taqbeż il-kwantitajiet aggregati stabbiliti fil-punt (a) għandha tkun soġġetta għar-rata bażi ta' dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea), jew it-tariffa tal-pajjiż l-aktar favorit applikabbli, skont liema minnhom tkun l-aktar baxxa.

([2]) Għal-linji tariffarji ex 1502.10 90 u ex 1502 90 90, ir-rata tariffarja applikabbli fil-kwota għandha tkun ta' 3,2 %, ir-rata bażi tad-dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24).

(d) Meta jiġu kkalkulati l-kwantitajiet importati taħt it-TRQ-2 Laħam tan-Nagħaġ u tal-Mogħoż Frisk/Imkessaħ, il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fit-Taqsima D (Fatturi ta' konverżjoni) għandhom jintużaw biex il-piż tal-prodott jiġi kkonvertit f'ekwivalenti għall-piż tal-karkassa.

23. TRQ-3 Kwota tariffarja tal-Laħam tan-Nagħaġ u tal-Mogħoż Friżat

(a) Il-merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-3 Laħam tan-Nagħaġ u tal-Mogħoż Friżat" fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea) u elenkata fil-punt (b) għandha tkun soġġetta għat-trattament tal-kwota li ġej mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim:

Sena	Kwantita aggregata (tunnellati metriċi ("MT") – ekwivalenti għall-piż tal-karkassa)	Tariffa fil-kwota
Sena 0 (Dħul fis-seħħ)	8 233 MT	0 %
Sena 1	10 978 MT	0 %
Sena 2	13 722 MT	0 %
Sena 3	16 467 MT	0 %
Sena 4	19 211 MT	0 %
Sena 5	21 956 MT	0 %
Sena 6 u s-snin sussegwenti	24 700 MT	0 %

(b) Il-punt (a) japplika għal merkanzija oriġinarja kklassifikata fil-linji tariffarji li ġejjin: 0204.30.00, 0204.41.00, 0204.42.10, 0204.42.30, 0204.42.50, 0204.42.90, 0204.43.10, 0204.43.90, 0204.50.51, 0204.50.53, 0204.50.55, 0204.50.59, 0204.50.71, 0204.50.79, ex 0210.99.21 (friżati biss), u ex 0210.99.29 (friżati biss).

(c) Il-merkanzija oriġinarja importata skont dan il-Ftehim li taqbeż il-kwantitajiet aggregati stabbiliti fil-punt (a) għandha tkun soġġetta għar-rata bażi ta' dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea), jew it-tariffa tal-pajjiż l-aktar favorit applikabbli, skont liema minnhom tkun l-aktar baxxa.

(d) Meta jiġu kkalkulati l-kwantitajiet importati taħt it-TRQ-3 Laħam tan-Nagħaġ u tal-Mogħoż Friżat, il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fit-Taqsima D (Fatturi ta' konverżjoni) għandhom jintużaw biex il-piż tal-prodott jiġi kkonvertit f'ekwivalenti għall-piż tal-karkassa.

24. TRQ-4 Kwota tariffarja tat-Trab tal-Ħalib

(a) Il-merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-4 Trab tal-Ħalib" fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea) u elenkata fil-punt (b) għandha tkun soġġetta għat-trattament tal-kwota li ġej mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim:

Sena	Kwantita aggregata (tunnellati metriċi ("MT"))	Tariffa fil-kwota
Sena 0 (Dħul fis-seħħ)	5 000 MT	20 % tar-rata MFN
Sena 1	6 428 MT	20 % tar-rata MFN
Sena 2	7 857 MT	20 % tar-rata MFN
Sena 3	9 286 MT	20 % tar-rata MFN
Sena 4	10 714 MT	20 % tar-rata MFN
Sena 5	12 143 MT	20 % tar-rata MFN
Sena 6	13 571 MT	20 % tar-rata MFN
Sena 7 u s-snin sussegwenti	15 000 MT	20 % tar-rata MFN

(b) Il-punt (a) japplika għal merkanzija oriġinarja kklassifikata fil-linji tariffarji tas-subintestaturi li ġejjin: 0402.10, 0402.21, u 0402.29.

(c) Il-merkanzija oriġinarja importata skont dan il-Ftehim li taqbeż il-kwantitajiet aggregati stabbiliti fil-punt (a) għandha tkun soġġetta għar-rata bażi ta' dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea), jew it-tariffa tal-pajjiż l-aktar favorit applikabbli, skont liema minnhom tkun l-aktar baxxa.

25. TRQ-5 Kwota tariffarja tal-butir

(a) Il-merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-5 Butir" fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea) u elenkata fil-punt (b) għandha tkun soġġetta għat-trattament tal-kwota li ġej mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim:

Sena	Kwantita aggregata (tunnellati metriċi ("MT"))	Tariffa fil-kwota (persentaġġ tar-rata MFN)
Sena 0 (Dħul fis-seħħ)	5 000 MT	20 % tar-rata MFN
Sena 1	6 428 MT	15 % tar-rata MFN
Sena 2	7 857 MT	13,33 % tar-rata MFN
Sena 3	9 286 MT	11.64 % tar-rata MFN
Sena 4	10 714 MT	9.98 % tar-rata MFN
Sena 5	12 143 MT	8.32 % tar-rata MFN
Sena 6	13 571 MT	6.66 % tar-rata MFN
Sena 7 u s-snin sussegwenti	15 000 MT	5 % tar-rata MFN

(b) Il-punt (a) japplika għal merkanzija oriġinarja kklassifikata fil-linji tariffarji tas-subintestaturi li ġejjin: 0405.10, 0405.20, u 0405.90.

(c) Il-merkanzija oriġinarja importata skont dan il-Ftehim li taqbeż il-kwantitajiet aggregati stabbiliti fil-punt (a) għandha tkun soġġetta għar-rata bażi ta' dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea), jew it-tariffa tal-pajjiż l-aktar favorit applikabbli, skont liema minnhom tkun l-aktar baxxa.

(d) Il-merkanzija minn New Zealand li tiġi importata fl-Unjoni skont il-kwoti eżistenti tad-WTO speċifiċi għall-pajjiż għal New Zealand għall-butir, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 bin-numru tal-ordni tal-kwota 09.4182 u 09.4195, għandha tkun soġġetta għat-trattament stabbilit fit-tabelli li ġejjin fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u għandha tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet addizzjonali dwar l-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji stabbiliti fil-punt (f):

Sena	Kwantita aggregata (tunnellati metriċi ("MT"))	Tariffa fil-kwota (persentaġġ tar-rata MFN)
Sena 0 (Dħul fis-seħħ)	21 000 MT	20 % tar-rata MFN
Sena 1	21 000 MT	15 % tar-rata MFN
Sena 2	21 000 MT	13,33 % tar-rata MFN
Sena 3	21 000 MT	11.64 % tar-rata MFN
Sena 4	21 000 MT	9.98 % tar-rata MFN
Sena 5	21 000 MT	8.32 % tar-rata MFN
Sena 6	21 000 MT	6.66 % tar-rata MFN
Sena 7 u s-snin sussegwenti	21 000 MT	5 % tar-rata MFN

u:

Sena	Kwantita aggregata (tunnellati metriċi ("MT"))	Tariffa fil-kwota (persentaġġ tar-rata MFN)
Sena 0 (Dħul fis-seħħ)	14 000 MT	30 % tar-rata MFN
Sena 1	14 000 MT	30 % tar-rata MFN
Sena 2	14 000 MT	30 % tar-rata MFN
Sena 3	14 000 MT	30 % tar-rata MFN
Sena 4	14 000 MT	30 % tar-rata MFN
Sena 5	14 000 MT	30 % tar-rata MFN
Sena 6	14 000 MT	30 % tar-rata MFN
Sena 7 u s-snin sussegwenti	14 000 MT	30 % tar-rata MFN

(e) Il-kwota tad-WTO speċifikata fil-punt (d) tapplika għal merkanzija kklassifikata fil-linji tariffarji tas-subintestatura 0405.10.

(f) In-numri tal-ordni għall-kwota tad-WTO speċifikata fil-punt (d) għandhom jiġu amalgamati, u għandha tieqaf tapplika qasma bejn l-importaturi tradizzjonali u dawk ġodda. Is-subperjodi tal-kwota ma għandhomx jibqgħu japplikaw ukoll.

26. TRQ-6 Kwota tariffarja tal-ġobon

(a) Il-merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-6 Ġobon" fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea) u elenkata fil-punt (b) għandha tkun soġġetta għat-trattament tal-kwota li ġej mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim:

Sena	Kwantita aggregata (tunnellati metriċi ("MT"))	Tariffa fil-kwota
Sena 0 (Dħul fis-seħħ)	8 333 MT	0 %
Sena 1	10 714 MT	0 %
Sena 2	13 095 MT	0 %
Sena 3	15 467 MT	0 %
Sena 4	17 857 MT	0 %
Sena 5	20 238 MT	0 %
Sena 6	22 619 MT	0 %
Sena 7 u s-snin sussegwenti	25 000 MT	0 %

(b) Il-punt (a) japplika għal merkanzija oriġinarja kklassifikata fil-linji tariffarji tas-subintestaturi li ġejjin: 0406.10, 0406.20, 0406.30, 0406.40, u 0406.90. Mill-1 ta' Jannar tas-Sena 7, il-merkanzija oriġinarja ta' New Zealand għal-linji tariffarji fis-subintestaturi 0406.30 u 0406.40 ma għandhiex tgħodd għall-kwantitajiet speċifikati fil-punt (a).

(c) Il-merkanzija oriġinarja importata skont dan il-Ftehim li taqbeż il-kwantitajiet aggregati stabbiliti fil-punt (a) għandha tkun soġġetta għar-rata bażi ta' dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea), jew it-tariffa tal-pajjiż l-aktar favorit applikabbli, skont liema minnhom tkun l-aktar baxxa, bl-eċċezzjoni tal-linji tariffarji fis-subintestaturi 0406.30 u 0406.40, li għalihom id-dazji doganali għandhom jitneħħew f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-kategorija tal-eliminazzjoni gradwali "B7".

(d) Il-merkanzija minn New Zealand li tiġi importata fl-Unjoni skont il-kwoti eżistenti tad-WTO speċifiċi għall-pajjiż għal New Zealand għall-ġobon, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 bin-numru tal-ordni tal-kwota 09.4514 u 09.4515 ([4]), għandha tkun mingħajr dazju fil-kwantità aggregata annwali ta' 6 031 MT fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

27. TRQ-7 Kwota tariffarja tal-PAPs tal-Ħalib u tax-Xorrox b'Kontenut Għoli ta' Proteini

(a) Il-merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-7 PAPs tal-Ħalib u Xorrox b'Kontenut Għoli ta' Proteini" fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea) u elenkata fil-punt (b) għandha tkun soġġetta għat-trattament tal-kwota li ġej mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim:

Sena	Kwantita aggregata (tunnellati metriċi ("MT"))	Tariffa fil-kwota
Sena 0 (Dħul fis-seħħ)	1 167 MT	0 %
Sena 1	1 556 MT	0 %
Sena 2	1 945 MT	0 %
Sena 3	2 334 MT	0 %
Sena 4	2 722 MT	0 %
Sena 5	3 111 MT	0 %
Sena 6 u s-snin sussegwenti	3 500 MT	0 %

(b) Il-punt (a) japplika għal merkanzija oriġinarja kklassifikata fil-linji tariffarji li ġejjin: 0404.10.12, 0404.10.14, 0404.10.16, 0404.90.21, 0404.90.23, 0404.90.29, 0404.90.81, 0404.90.83, 0404.90.89, 1806.20.70, 1901.90.99, 2106.90.92, 2106.90.98, 3502.20.91, u 3502.20.99.

(c) Il-merkanzija oriġinarja importata skont dan il-Ftehim li taqbeż il-kwantitajiet aggregati stabbiliti fil-punt (a) għandha tkun soġġetta għar-rata bażi ta' dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea), jew it-tariffa tal-pajjiż l-aktar favorit applikabbli, skont liema minnhom tkun l-aktar baxxa.

28. TRQ-8 Kwota tariffarja tal-qamħirrum ħelu

(a) Il-merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-8 Qamħirrum ħelu" fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea) u elenkata fil-punt (b) għandha tkun mingħajr dazju fil-kwantità aggregata annwali ta' 800 MT mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

(b) Il-punt (a) japplika għal merkanzija oriġinarja kklassifikata fil-linji tariffarji li ġejjin: 0710.40.00, u 2005.80.

(c) Il-merkanzija oriġinarja importata li taqbeż il-kwantitajiet aggregati stabbiliti fil-punt (a) għandha tkun soġġetta għar-rata bażi ta' dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea), jew it-tariffa tal-pajjiż l-aktar favorit applikabbli, skont liema minnhom tkun l-aktar baxxa.

29. TRQ-9 Kwota tariffarja tal-etanol

(a) Il-merkanzija oriġinarja prevista fl-entrati bin-notazzjoni "TRQ-9 Etanol" fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea) u elenkata fil-punt (b) għandha tkun mingħajr dazju fil-kwantità aggregata annwali ta' 4 000 MT mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

(b) Il-punt (a) japplika għal merkanzija oriġinarja kklassifikata fil-linji tariffarji li ġejjin: 2207.10.00, 2207.20.00, u 2208.90.99.

([4]) Dawn iż-żewġ kwoti għandhom jiġu amalgamati fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u l-kopertura tal-prodott għandha tiġi estiża għal-linji tariffarji 0406 kollha.

(c) Il-merkanzija oriġinarja importata skont dan il-Ftehim li taqbeż il-kwantitajiet aggregati stabbiliti fil-punt (a) għandha tkun soġġetta għar-rata bażi ta' dazju doganali stabbilita fl-Appendiċi 2-A-1 (Skeda tariffarja tal-Unjoni Ewropea), jew it-tariffa tal-pajjiż l-aktar favorit applikabbli, skont liema minnhom tkun l-aktar baxxa.

Taqsima D

Fatturi ta' Konverżjoni

30. Fir-rigward tat-TRQ-1 Ċanga, TRQ-2 Laħam tan-Nagħaġ u tal-Mogħoż Frisk/Imkessaħ u TRQ-3 Laħam tan-Nagħaġ u tal-Mogħoż Friżat, għandhom jintużaw il-fatturi ta' konverżjoni li ġejjin biex il-piż tal-prodott jiġi kkonvertit f'ekwivalenti għall-piż tal-karkassa:

(a) TRQ-1 Ċanga stabbilita fil-paragrafu 21:

Linja tariffarja (Kodiċi NM 2018)	Deskrizzjoni tal-linja tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' konverżjoni
0201.10.00	Karkassi jew nofs karkassi ta' annimali tal-ifrat; friski jew imkessħin	100 %
0201.20.20	Kwarti "kumpensati" ta' annimali tal-ifrat, bl-għadma; friski jew imkessħin	100 %
0201.20.30	Kwarti ta' quddiem mhux mifrudin jew mifrudin ta' annimali tal-ifrat, bl-għadma; friski jew imkessħin	100 %
0201.20.50	Kwarti ta' wara mhux mifrudin jew mifrudin ta' annimali tal-ifrat, bl-għadma; friski jew imkessħin	100 %
0201.20.90	Qatgħat ta' annimali tal-ifrat, bl-għadma (ħlief karkassi u nofs karkassi, kwarti "kumpensati", kwarti ta' quddiem u kwarti ta' wara); friski jew imkessħin	100 %
0201.30.00	Laħam ta' annimali tal-ifrat, mingħajr għadam; frisk jew imkessaħ	130 %
0202.10.00	Karkassi jew nofs karkassi ta' annimali tal-ifrat; friżati	100 %
0202.20.10	Kwarti "kumpensati" ta' annimali tal-ifrat, bl-għadma; friżati	100 %
0202.20.30	Kwarti ta' quddiem mhux mifrudin jew mifrudin ta' annimali tal-ifrat, bl-għadma; friżati	100 %
0202.20.50	Kwarti ta' wara mhux mifrudin jew mifrudin ta' annimali tal-ifrat, bl-għadma; friżati	100 %
0202.20.90	Qatgħat ta' annimali tal-ifrat, bl-għadma (ħlief karkassi u nofs karkassi, kwarti "kumpensati", kwarti ta' quddiem u kwarti ta' wara); friżati	100 %
0202.30.10	Kwarti ta' quddiem mingħajr għadam ta' annimali tal-ifrat, sħaħ jew imqattgħin f'massimu ta' ħames biċċiet, kull kwart qiegħed ġo blokka waħda; kwarti "kumpensati" f'żewġ blokok, waħda fiha l-kwart ta' quddiem, sħiħ jew imqatta' f'massimu ta' ħames biċċiet, u l-oħra, il-kwart ta' wara sħiħ, mingħajr flett, f'biċċa waħda; friżati	130 %
0202.30.50	"Crop", qatgħat ta' spalla u skapula u sidra mingħajr għadam ta' annimali tal-ifrat; friżati	130 %
0202.30.90	Laħam mingħajr għadam ta' annimali tal-ifrat (ħlief kwarti ta' quddiem, imqatta' f'massimu ta' ħames biċċiet, kull kwart qiegħed ġo blokka waħda; kwarti "kumpensati" f'żewġ blokok, waħda fiha l-kwart ta' quddiem, sħiħ jew imqatta' f'massimu ta' ħames biċċiet, u l-oħra, il-kwart ta' wara sħiħ, mingħajr flett, f'biċċa waħda); friżati	130 %

Linja tariffarja (Kodiċi NM 2018)	Deskrizzjoni tal-linja tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' konverżjoni
0206.10.95	Ġewwieni li jittiekel ta' annimali tal-ifrat, falda ħoxna u falda rqiqa (ħlief għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi); frisk jew imkessaħ	100 %
0206.29.91	Ġewwieni li jittiekel ta' annimali tal-ifrat, falda ħoxna u falda rqiqa (ħlief għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi); friżati	100 %
0210.20.10	Laħam ta' annimali tal-ifrat, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat; bl-għadma	100 %
0210.20.90	Laħam ta' annimali tal-ifrat, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat; bla għadam	135 %
0210.99.51	Ġewwieni li jittiekel ta' annimali tal-ifrat, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat; falda ħoxna u falda rqiqa	100 %
0210.99.59	Ġewwieni li jittiekel ta' annimali tal-ifrat, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat; ħlief falda ħoxna u falda rqiqa	100 %
ex 1502.10.90 (ċanga biss)	Grass ta' annimali tal-ifrat, ħlief dawk tal-intestatura 1503 u żejt tax-xaħam; mhux għal użi industrijali (ħlief għall-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum uman)	100 %
ex 1502.90.90 (ċanga biss)	Grass ta' annimali tal-ifrat, ħlief dawk tal-intestatura 1503 u żejt tax-xaħam; mhux għal użi industrijali (ħlief għall-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum uman)	100 %
1602.50.10	Preparazzjonijiet tal-laħam, ta' annimali tal-ifrat, laħam jew fdal tal-laħam; ippreparati jew ippreservati (ħlief fwied u preparazzjonijiet omoġenizzati); nejjin, taħlit ta' laħam jew fdal tal-laħam imsajrin u laħam jew fdal tal-laħam nejjin	100 %
1602.50.31	Preparazzjonijiet tal-laħam, ta' annimali tal-ifrat, laħam jew fdal tal-laħam; ippreparati jew ippreservati (ħlief fwied u preparazzjonijiet omoġenizzati); Bulubif (corned beef) f'kontenituri ertajt	100 %
1602.50.95	Preparazzjonijiet tal-laħam, ta' annimali tal-ifrat, laħam jew fdal tal-laħam; ippreparati jew ippreservati (ħlief fwied u preparazzjonijiet omoġenizzati); Oħrajn	100 %

(b) TRQ-2 Laħam tan-Nagħaġ u tal-Mogħoż Frisk/Imkessaħ stabbilit fil-paragrafu 22:

Linja tariffarja (Kodiċi NM 2018)	Deskrizzjoni tal-linja tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' konverżjoni
0204.10.00	Laħam tal-ħaruf; karkassi u nofs-karkassi; friski jew imkessħin	100 %
0204.21.00	Laħam tan-nagħaġ; karkassi u nofs-karkassi; friski jew imkessħin	100 %
0204.22.10	Laħam tan-nagħaġ jew tal-ħaruf; qatgħat bl-għadma (ħlief karkassi u nofs-karkassi); kwarti ta' quddiem qosra; friski jew imkessħin	100 %
0204.22.30	Laħam tan-nagħaġ jew tal-ħaruf; qatgħat bl-għadma (ħlief karkassi u nofs-karkassi); qatgħat tad-dahar u/jew l-aħjar truf; friski jew imkessħin	100 %
0204.22.50	Laħam tan-nagħaġ jew tal-ħaruf; qatgħat bl-għadma (ħlief karkassi u nofs-karkassi); saqajn; friski jew imkessħin	100 %
0204.22.90	Laħam tan-nagħaġ jew tal-ħaruf; qatgħat bl-għadma (ħlief karkassi u nofs-karkassi); oħrajn; friski jew imkessħin	100 %

Linja tariffarja (Kodiċi NM 2018)	Deskrizzjoni tal-linja tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' konverżjoni
0204.23.00.11	Laħam tal-ħaruf, domestiku; bla għadma; frisk jew imkessaħ	167 %
0204.23.00.19	Laħam tan-nagħaġ, domestiku; bla għadma; frisk jew imkessaħ	181 %
0204.23.00.91	Laħam tal-ħaruf, ieħor; bla għadma; frisk jew imkessaħ	167 %
0204.23.00.99	Laħam tan-nagħaġ, ieħor; bla għadma; frisk jew imkessaħ	181 %
0204.50.11	Laħam tal-mogħoż; karkassi u nofs-karkassi; friski jew imkessħin	100 %
0204.50.13	Laħam tal-mogħoż; kwarti ta' quddiem qosra; friski jew imkessħin	100 %
0204.50.15	Laħam tal-mogħoż; qatgħat tad-dahar u/jew l-aħjar truf; friski jew imkessħin	100 %
0204.50.19	Laħam tal-mogħoż; saqajn; friski jew imkessħin	100 %
0204.50.31	Laħam tal-mogħoż; oħrajn, qatgħat bl-għadma; friski jew imkessħin	100 %
0204.50.39	Laħam tal-mogħoż; oħrajn, qatgħat bla għadma; friski jew imkessħin	167 % (gidien) 181 % (oħrajn)
ex 0210.99.21 (friski/imkessħin)	Laħam tan-nagħaġ preservat u ġewwieni tan-nagħaġ li jittiekel; immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat, u dqiq u frakass li jittieklu ta' laħam tan-nagħaġ jew ta' ġewwieni tan-nagħaġ; bl-għadma; friski jew imkessħin	100 %
ex 0210.99.29 (friski/imkessħin)	Laħam tan-nagħaġ preservat u ġewwieni tan-nagħaġ li jittiekel; immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat, u dqiq u frakass li jittieklu ta' laħam tan-nagħaġ jew ta' ġewwieni tan-nagħaġ; bla għadma; friski jew imkessħin	167 %

(c) TRQ-3 Laħam tan-Nagħaġ u tal-Mogħoż Friżat stabbilit fil-paragrafu 23:

Linja tariffarja (Kodiċi NM 2018)	Deskrizzjoni tal-linja tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' konverżjoni
0204.30.00	Laħam tal-ħaruf; karkassi u nofs-karkassi; friżati	100 %
0204.41.00	Laħam tan-nagħaġ; karkassi u nofs-karkassi; friżati	100 %
0204.42.10	Laħam tan-nagħaġ jew tal-ħaruf; qatgħat bl-għadma (ħlief karkassi u nofs-karkassi); kwarti ta' quddiem qosra; friżati	100 %
0204.42.30	Laħam tan-nagħaġ jew tal-ħaruf; qatgħat bl-għadma (ħlief karkassi u nofs-karkassi); qatgħat tad-dahar u/jew l-aħjar truf; friżati	100 %
0204.42.50	Laħam tan-nagħaġ jew tal-ħaruf; qatgħat bl-għadma (ħlief karkassi u nofs-karkassi); saqajn; friżati	100 %
0204.42.90	Laħam tan-nagħaġ jew tal-ħaruf; qatgħat bl-għadma (ħlief karkassi u nofs-karkassi); oħrajn; friżati	100 %
0204.43.10	Laħam tal-ħaruf; bla għadma; friżati	167 %
0204.43.90	Laħam tan-nagħaġ; bla għadma; friżati	181 %
0204.50.51	Laħam tal-mogħoż; karkassi u nofs-karkassi; friżati	100 %
0204.50.53	Laħam tal-mogħoż; kwarti ta' quddiem qosra; friżati	100 %
0204.50.55	Laħam tal-mogħoż; qatgħat tad-dahar u/jew l-aħjar truf; friżati	100 %

Linja tariffarja (Kodiċi NM 2018)	Deskrizzjoni tal-linja tariffarja (għal skopijiet illustrattivi biss)	Fattur ta' konverżjoni
0204.50.59	Laħam tal-mogħoż; saqajn; friżati	100 %
0204.50.71	Laħam tal-mogħoż; oħrajn, qatgħat bl-għadma; friżati	100 %
0204.50.79	Laħam tal-mogħoż; oħrajn, qatgħat bla għadma; friżati	167 % (gidien) 181 % (oħrajn)
ex 0210.99.21 (friżati)	Laħam tan-nagħaġ preservat u ġewwieni tan-nagħaġ li jittiekel; immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat, u dqiq u frakass li jittieklu ta' laħam tan-nagħaġ jew ta' ġewwieni tan-nagħaġ; bl-għadma; friżati	100 %
ex 0210.99.29 (friżati)	Laħam tan-nagħaġ preservat u ġewwieni tan-nagħaġ li jittiekel; immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat, u dqiq u frakass li jittieklu ta' laħam tan-nagħaġ jew ta' ġewwieni tan-nagħaġ; bla għadma; friżati	167 %

ANNESS 3-A

NOTI INTRODUTTORJI GĦAR-REGOLI TAL-ORIĠINI SPEĊIFIĊI GĦALL-PRODOTT

NOTA 1

Prinċipji ġenerali

1. Dan l-Anness jistabbilixxi r-regoli ġenerali għar-rekwiżiti applikabbli tal-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott) kif previst fil-punt (c) tal-Artikolu 3.2(1) (Rekwiżiti ġenerali għall-prodotti oriġinarji).

2. Għall-finijiet ta' dan l-Anness u l-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott), ir-rekwiżiti biex prodott ikollu status oriġinarju f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 3.2(1) (Rekwiżiti ġenerali għall-prodotti oriġinarji) huma bidla fil-klassifikazzjoni tariffarja, proċess ta' produzzjoni, valur jew piż massimu ta' materjali mhux oriġinarji, jew kwalunkwe rekwiżit ieħor speċifikat f'dan l-Anness u l-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott).

3. Ir-referenza għall-piż f'regola tal-oriġini speċifika għall-prodott tfisser il-piż nett, li huwa l-piż ta' materjal jew prodott, li ma jinkludix il-piż ta' kwalunkwe imballaġġ.

4. Dan l-Anness u l-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott) huma bbażati fuq is-Sistema Armonizzata, kif emendata fl-1 ta' Jannar 2022.

NOTA 2

L-istruttura tal-lista tar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott

1. In-Noti dwar it-Taqsimiet jew il-Kapitoli, fejn applikabbli, jinqraw flimkien mar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott għat-Taqsima, il-Kapitolu, l-intestatura jew is-subintestatura rilevanti.

2. Kull regola tal-oriġini speċifika għall-prodott stabbilita fil-Kolonna 2 tal-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott) tapplika għall-prodott korrispondenti indikat fil-Kolonna 1 tal-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott).

3. Jekk prodott ikun soġġett għal regoli tal-oriġini alternattivi speċifiċi għall-prodott alternattivi, dak il-prodott għandu jkun oriġinarju f'Parti jekk huwa jissodisfa waħda mill-alternattivi. F'każijiet bħal dawn, ir-regoli alternattivi speċifiċi għall-prodott huma separati b'semi-kolon (";"), bl-aħħar semi-kolon ikun segwit minn "jew".

4. Jekk prodott ikun soġġett għal regola tal-oriġini speċifika għall-prodott li tinkludi rekwiżiti multipli, dak il-prodott għandu jkun oriġinarju f'Parti biss jekk jissodisfa r-rekwiżiti kollha. F'każijiet bħal dawn, ir-regoli kumulattivi speċifiċi għall-prodott b'rekwiżiti multipli huma separati b'semi-kolon (";"), bl-aħħar semi-kolon ikun segwit minn "u".

5. Għall-finijiet ta' dan l-Anness u l-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott), japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Taqsima" tfisser taqsima tas-Sistema Armonizzata;

(b) "Kapitolu" tfisser l-ewwel żewġ ċifri fin-numru ta' klassifikazzjoni tariffarja taħt is-Sistema Armonizzata;

(c) "intestatura" tfisser l-ewwel erba' ċifri fin-numru ta' klassifikazzjoni tariffarja taħt is-Sistema Armonizzata; u

(d) "subintestatura" tfisser l-ewwel sitt ċifri fin-numru ta' klassifikazzjoni tariffarja taħt is-Sistema Armonizzata.

6. Għall-finijiet tar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott ibbażati fuq bidla fil-klassifikazzjoni tariffarja ([1]), japplikaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:

(a) "CC" tfisser produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe Kapitolu ħlief dak tal-prodott; dan ifisser li l-materjali mhux oriġinarji kollha użati fil-produzzjoni tal-prodott iridu jgħaddu minn bidla fil-klassifikazzjoni tariffarja fil-livell ta' żewġ ċifri (jiġifieri bidla fil-Kapitolu) tas-Sistema Armonizzata;

(b) "CTH" tfisser produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott; dan ifisser li l-materjali mhux oriġinarji kollha użati fil-produzzjoni tal-prodott iridu jgħaddu minn bidla fil-klassifikazzjoni tariffarja fil-livell ta' erba' ċifri (jiġifieri bidla fl-intestatura) tas-Sistema Armonizzata; u

(c) "CTSH" tfisser produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe subintestatura, ħlief dik tal-prodott; dan ifisser li l-materjali mhux oriġinarji kollha użati fil-produzzjoni tal-prodott iridu jgħaddu minn bidla fil-klassifikazzjoni tariffarja fil-livell ta' sitt ċifri (jiġifieri bidla fis-subintestatura) tas-Sistema Armonizzata.

NOTA 3

Applikazzjoni tar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott

1. L-Artikolu 3.2(2) (Rekwiżiti ġenerali għall-prodotti oriġinarji), li jikkonċerna prodott li jkun kiseb status oriġinarju li jintuża fil-produzzjoni ta' prodott ieħor, japplika kemm jekk l-istatus oriġinarju jkun inkiseb fl-istess fabbrika f'Parti fejn jintuża l-prodott kif ukoll jekk le.

2. Jekk regola tal-oriġini speċifika għall-prodott teskludi speċifikament ċerti materjali mhux oriġinarji jew tipprevedi li l-valur jew il-piż ta' materjal mhux oriġinarju speċifikat ma għandux jaqbeż limitu speċifiku, dawn il-kundizzjonijiet ma japplikawx għal materjali mhux oriġinarji kklassifikati band'oħra fis-Sistema Armonizzata.

Eżempju 1: meta r-regola għall-buldożers (is-subintestatura 8429.11) tirrikjedi: "CTH ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 84.31", l-użu ta' materjali mhux oriġinarji kklassifikati band'oħra għajr 84.29 u 84.31 – bħal viti (l-intestatura SA 73.18), wajers iżolati u kondutturi elettriċi (l-intestatura 85.44) u diversi apparati elettroniċi (il-Kapitolu 85) – mhuwiex limitat.

Eżempju 2: Meta r-regola għall-Kapitolu 19 tirrikjedi li "il-piż totali ta' materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 10.06, 11.01 sa 11.08 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott", l-użu ta' ċereali mhux oriġinarji tal-Kapitolu 10, għajr ross tal-intestatura 10.06, mhuwiex limitat.

3. Jekk regola tal-oriġini speċifika għall-prodott tuża l-espressjoni "Produzzjoni minn materjal(i) (mhux oriġinarju/i) partikolari" (eż. ir-regola għall-intestatura 71.06 "produzzjoni minn metalli prezzjużi mhux maħduma mhux oriġinarji"), f'dak il-każ l-użu ta' dawk il-materjal(i) mhux oriġinarji huwa permess. L-użu ta' tali materjali mhux oriġinarji fi stadju aktar bikri tal-ipproċessar (eż. minerali) huwa permess iżda l-użu ta' tali materjali mhux oriġinarji li jkunu ġew ipproċessati aktar (eż. pjanċi nofshom lesti) mhuwiex. Madankollu, dan ma jipprevjenix l-użu ta' materjali oħra li ma jistgħux jissodisfaw dik ir-regola minħabba n-natura inerenti tagħhom.

4. Jekk regola tal-oriġini speċifika għall-prodott tuża l-espressjoni "produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura", dan ifisser li l-użu ta' materjali mhux oriġinarji kklassifikati wkoll fl-istess intestatura huwa permess, dment li l-produzzjoni tmur lil hinn mill-produzzjoni insuffiċjenti fl-Artikolu 3.6 (Ħidma jew ipproċessar insuffiċjenti).

Pereżempju: Ir-regola għal 09.01 (kafè) hija "produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura" u tfisser li proċessi bħad-dekafeinazzjoni, jew ix-xiwi, imwettqa waħedhom jew flimkien fuq kafeni mhux oriġinarji, jagħtu l-oriġini. Madankollu, proċess bħat-taħlit sempliċi ma jkunx biżżejjed biex jagħti l-oriġini peress li huwa meqjus bħala produzzjoni insuffiċjenti fl-Artikolu 3.6 (Ħidma jew ipproċessar insuffiċjenti).

([1]) Għal aktar ċertezza, jekk regola tal-oriġini speċifika għall-prodott waħda tapplika għal grupp ta' intestaturi jew subintestaturi u dik ir-regola tal-oriġini tispeċifika bidla fl-intestatura jew fis-subintestatura, għandu jinftiehem li l-bidla fl-intestatura jew fis-subintestatura tista' sseħħ minn kwalunkwe intestatura jew subintestatura oħra, skont kif ikun il-każ, inkluż minn kwalunkwe intestatura jew subintestatura oħra fi ħdan il-grupp.

5. Għall-finijiet tar-regoli speċifiċi għall-prodott għal prodott fil-Kapitoli 1 sa 24, u f'konformità mal-Artikolu 3.3 (Akkumulazzjoni tal-oriġini), materjali miksubin għalkollox minn Parti waħda jew miż-żewġ Partijiet jistgħu jiġu kkombinati biex jissodisfaw regola bbażata fuq rekwiżit ta' "miksub għalkollox".

Pereżempju: Pakkett ta' frott u ġewż imnixxef ikklassifikat fl-intestatura 08.13 huwa magħmul minn taħlita ta' frott u ġewż imkabbra fl-Unjoni u fi New Zealand u b'hekk jissodisfa r-regola speċifika għall-prodott "produzzjoni li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 8 użati huma miksubin għalkollox".

6. Għall-finijiet tar-regoli speċifiċi għall-prodott għal prodott fil-Kapitoli 1 sa 24, prodott li jissodisfa r-regola "produzzjoni li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu [X] ikunu miksubin għalkollox" għandu jitqies bħala miksub għalkollox meta jintuża bħala materjal fi produzzjoni ulterjuri.

Pereżempju: Trab tal-ħalib isir bl-użu ta' 9 % skont il-valur ta' permeat tal-ħalib mhux oriġinarju (0404.90) u b'hekk jissodisfa r-regola speċifika għall-prodott "produzzjoni minn materjali miksubin għalkollox tal-Kapitolu 4" bl-użu tar-regola tat-tolleranzi tal-Artikolu 3.5 (Tolleranzi). Meta dan it-trab tal-ħalib jintuża bħala materjal fil-produzzjoni ta' trab nutrizzjonali tas-subintestatura 1901.10, huwa jitqies bħala miksub għalkollox għall-finijiet tar-regola speċifika għall-prodott tal-intestatura 19.01.

NOTA 4

Applikazzjoni ta' regoli bbażati fuq valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji

1. Għall-finijiet tar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "valur doganali" tfisser il-valur kif iddeterminat f'konformità mal-Ftehim dwar il-Valutazzjoni Doganali;

(b) "EXW" jew "prezz mill-fabbrika" tfisser:

(i) il-prezz tal-prodott imħallas jew pagabbli lill-produttur li fl-impriża tiegħu jsiru l-ħdim jew l-ipproċessar tal-aħħar, dment li l-prezz ikun jinkludi l-valur tal-materjali kollha użati u l-kostijiet l-oħra kollha mġarrba fil-produzzjoni tal-prodott, mingħajr kwalunkwe taxxa interna li titħallas lura, jew li tista' titħallas lura, meta l-prodott miksub jiġi esportat; jew

(ii) jekk ma jkunx hemm prezz imħallas jew pagabbli jew jekk il-prezz effettiv imħallas ma jirriflettix il-kostijiet kollha relatati mal-produzzjoni tal-prodott li fil-fatt jiġġarrbu fil-produzzjoni tal-prodott, il-valur tal-materjali kollha użati u l-kostijiet l-oħra kollha mġarrba fil-produzzjoni tal-prodott fil-Parti esportatriċi:

(A) inklużi l-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi, kif ukoll il-profitt, li jistgħu raġonevolment jiġu allokati għall-prodott; u

(B) eskluż il-kost tan-nol, l-assigurazzjoni, il-kostijiet l-oħra kollha mġarrba fit-trasport tal-prodott u kwalunkwe taxxa interna tal-Parti esportatriċi li titħallas lura, jew li tista' tiġi mħallsa lura meta l-prodott miksub jiġi esportat;

(iii) għall-finijiet tal-punt (i), fejn l-aħħar produzzjoni tkun ġiet ikkuntrattata lil produttur, it-terminu "produttur" fil-punt (i) ifisser persuna li tkun impjegat lis-sottokuntrattur;

(c) "VNM" tfisser il-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni tal-prodott li huwa l-valur doganali tiegħu fil-ħin tal-importazzjoni inkluż in-nol, l-assigurazzjoni jekk xieraq, l-ippakkjar u l-kostijiet l-oħra kollha mġarrba fit-trasport tal-materjali lejn il-port tal-importazzjoni fil-Parti fejn ikun jinstab il-produttur tal-prodott. Jekk il-valur tal-materjali mhux oriġinarji ma jkunx magħruf u ma jkunx jista' jiġi aċċertat, għandu jintuża l-ewwel prezz aċċertabbli mħallas għall-materjali mhux oriġinarji fl-Unjoni jew fi New Zealand. Il-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni tal-prodott jista' jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-formula tal-kost medju ponderat jew metodu ieħor ta' valutazzjoni tal-inventarju skont il-prinċipji kontabilistiċi li jkunu ġeneralment aċċettati fil-Parti; u

(d) "MaxNOM" tfisser il-valur massimu ta' materjali mhux oriġinarji li jistgħu jintużaw fil-produzzjoni ta' prodott, espress bħala perċentwal tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott finali.

2. Prodott jikkonforma ma' regola bbażata fuq MaxNOM jekk il-VNM, espress bħala perċentwal tal-prezz mill-fabbrika (EXW) tal-prodott ikun anqas minn jew daqs il-MaxNOM (%) speċifikat għal dak il-prodott fl-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott), skont il-formula li ġejja:

$$\frac{\text{VNM}}{\text{EXW}} * 100 \leq \text{MaxNOM } (\%)$$

NOTA 5

Definizzjonijiet tal-proċessi msemmija fit-Taqsimiet V sa VII tal-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott)

Għall-finijiet tar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "proċessar bijoteknoloġiku" tfisser:

(i) koltura bijoloġika jew bijoteknoloġika (inkluża l-koltura taċ-ċelloli), ibridizzazzjoni jew modifika ġenetika ta' mikroorganiżmi (batterji, viruses (inkluż batterjofagi), eċċ.) jew ċelloli tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti; u

(ii) produzzjoni, iżolament jew purifikazzjoni ta' strutturi ċellulari jew interċellulari (bħal ġeni iżolati, frammenti tal-ġeni u plażmidi), jew fermentazzjoni;

(b) "bidla fid-daqs tal-partikoli" tfisser il-modifika intenzjonata u kkontrollata fid-daqs tal-partikoli ta' prodott, minbarra b'sempliċiment tifrik jew pressar, li tirriżulta fi prodott b'daqs tal-partikoli definit, distribuzzjoni definita tad-daqs tal-partikoli jew erja tas-superfiċje definita, rilevanti għall-finijiet tal-prodott miksub u b'karatteristiċi fiżiċi jew kimiċi differenti minn dawk tal-materjali tal-input;

(c) "reazzjoni kimika" tfisser proċess (inkluż proċess bijokimiku) li jirriżulta f'molekula bi struttura ġdida bit-tkissir ta' rabtiet intramolekulari u bl-iffurmar ta' rabtiet intramolekulari ġodda, jew bl-alterazzjoni tal-arranġament spazjali tal-atomi f'molekula, bl-eċċezzjoni ta' dawn li ġejjin, li mhumiex ikkunsidrati bħala reazzjonijiet kimiċi għall-finijiet ta' din id-definizzjoni:

(i) id-dissoluzzjoni fl-ilma jew f'solventi oħra;

(ii) l-eliminazzjoni ta' solventi, inkluż ilma tas-solvent; jew

(iii) iż-żieda jew l-eliminazzjoni tal-ilma tal-kristallizzazzjoni;

(d) "distillazzjoni" tfisser:

(i) distillazzjoni atmosferika: proċess ta' separazzjoni li fih iż-żjut minerali (petroleum) jiġu kkonvertiti, f'torri tad-distillazzjoni, fi frazzjonijiet skont il-punt tat-togħlija u l-fwar imbagħad ikkondensat fi frazzjonijiet likwifikati differenti; il-prodotti magħmula mid-distillazzjoni taż-żejt jistgħu jinkludu gass likwifikat miż-żejt, nafta, gażolina, pitrolju, diżil jew żejt tat-tisħin, żjut tal-gass ħfief u żejt lubrikanti; u

(ii) distillazzjoni f'vakwu: distillazzjoni fi pressjoni taħt dik atmosferika iżda mhux tant baxxa li tiġi kklassifikata bħala distillazzjoni molekulari; id-distillazzjoni f'vakwu tintuża għad-distillazzjoni ta' materjali li jagħlu b'temperatura għolja ħafna u dawk sensittivi għas-sħana bħal distillati tqal fi żjut minerali (petroleum) għall-produzzjoni ta' żjut tal-gass tal-vakwu minn ħfief għal tqal u residwu;

(e) "separazzjoni tal-isomeri" tfisser l-iżolament jew is-separazzjoni ta' isomeri minn taħlita ta' isomeri;

(f) "taħlit u amalgamar" tfisser it-taħlit intenzjonat u kkontrollat b'mod proporzjonali (inkluż id-dispersjoni) ta' materjali, minbarra ż-żieda ta' dilwenti, għall-konformità biss ma' speċifikazzjonijiet prestabbiliti, li jirriżulta fil-produzzjoni ta' prodott li jkollu karatteristiċi fiżiċi jew kimiċi li jkunu rilevanti għall-għanijiet jew l-użi tal-prodott u li jkunu differenti mill-materjali tal-input;

(g) "produzzjoni ta' materjali standard" (inklużi soluzzjonijiet standard) tfisser il-produzzjoni ta' preparazzjoni adattata għal użi analitiċi, ta' kalibrazzjoni jew ta' referenzjar bi gradi preċiżi ta' purità jew proporzjonijiet iċċertifikati mill-produttur; u

(h) "purifikazzjoni" tfisser proċess li jirriżulta fl-eliminazzjoni ta' mill-anqas 80 % tal-kontenut ta' impuritajiet eżistenti jew it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' impuritajiet li jirriżultaw fi prodott adattat għal waħda jew aktar mill-applikazzjonijiet li ġejjin:

(i) sustanzi ta' grad farmaċewtiku, mediku, kożmetiku, veterinarju jew alimentari;

(ii) prodotti kimiċi u reaġenti għal użi analitiċi, dijanjostiċi jew tal-laboratorju;

(iii) elementi u komponenti għall-użu fil-mikroelettronika;

(iv) użi ottiċi speċjalizzati;

(v) użu bijotekniku, pereżempju, fil-koltura taċ-ċelloli, fit-teknoloġija ġenetika jew bħala katalizzatur;

(vi) trasportaturi użati fi proċessi ta' separazzjoni; jew

(vii) użi ta' grad nukleari.

NOTA 6

Definizzjonijiet tat-termini użati fit-Taqsima XI tal-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott)

Għall-finijiet tar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "fibri magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple)" tfisser truf ta' filament sintetiku jew artifiċjali, fibri ta' qisien ta' qosor predeterminat jew skart, tal-intestaturi minn 55.01 sa 55.07;

(b) "fibri naturali" tfisser fibri għajr fibri sintetiċi jew artifiċjali, li l-użu tagħhom huwa ristrett għall-istadji ta' qabel ma jsir l-għażil, inkluż l-iskart, u, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, tinkludi fibri li ġew imqardxa, mimxuta jew ipproċessati mod ieħor, iżda mhux mibruma; "fibri naturali" tinkludi krin tal-intestatura 05.11, ħarir tal-intestaturi 50.02 u 50.03, fibri tas-suf u xagħar tal-annimali fin jew aħrax tal-intestaturi 51.01 sa 51.05, fibri tal-qoton tal-intestaturi 52.01 sa 52.03, u fibri veġetali oħra tal-intestaturi 53.01 sa 53.05;

(c) "stampar" tfisser teknika li permezz tagħha funzjoni vvalutata b'mod oġġettiv, bħall-kulur, id-disinn, jew il-prestazzjoni teknika, tingħata lil substrat tessili b'karattru permanenti, bl-użu ta' tekniki ta' skrin, romblu, diġitali jew ta' trasferiment; u

(d) "stampar (bħala operazzjoni awtonoma)" tfisser teknika li permezz tagħha funzjoni vvalutata b'mod oġġettiv, bħall-kulur, id-disinn, jew il-prestazzjoni teknika, tingħata lil substrat tessili b'karattru permanenti, bl-użu ta' tekniki ta' skrin, romblu, diġitali jew ta' trasferiment kkombinati ma' tal-anqas żewġ operazzjonijiet preparatorji jew tal-irfinar (bħall-għorik, l-ibbliċjar, l-illustrar, l-istabbiliment termiku, l-ikkuttunar, l-illustrar u l-illixxar (mogħdija), l-ipproċessar reżistenti għat-taqsir bix-xrib, l-irfinar permanenti, l-irfinar bil-fwar (decatising), il-mili, it-tiswija u t-tindif miż-żlielem, il-ġeżż, it-tixwit, it-trattament bil-fwar u għat-taqsir bix-xrib, u l-irfinar fl-ilma jagħli (wet decatising), dment li l-valur tal-materjali mhux oriġinarji kollha li jintużaw ma jaqbiżx 50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott.

NOTA 7

Tolleranzi applikabbli għal prodotti li fihom żewġ materjali tessili bażiċi jew aktar

1. Għall-finijiet ta' din in-Nota, il-materjali tessili bażiċi huma dawn li ġejjin:

(a) ħarir;

(b) suf;

(c) xagħar aħrax ta' annimali;

(d) xagħar fin ta' annimali;

(e) krin;

(f) qoton;

(g) materjali għall-manifattura tal-karta u karta;

(h) kittien;

(i) qanneb veru;

(j) ġuta u fibri oħrajn tessili tat-tilju;

(k) sisal u fibri tessili oħrajn tal-ġens Agave;

(l) ġewż tal-Indi, manilla, rami u fibri tessili veġetali oħrajn;

(m) filamenti sintetiċi magħmulin mill-bniedem;

(n) filamenti artifiċjali magħmulin mill-bniedem;

(o) filamenti li jittrażmettu kurrent;

(p) fibri sintetiċi magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) ta' polipropilene;

(q) fibri sintetiċi magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) ta' poliester;

(r) fibri sintetiċi magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) ta' poliamidi;

(s) fibri sintetiċi magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) ta' poliakrilonitril;

(t) fibri sintetiċi magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) ta' polimidi;

(u) fibri sintetiċi magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) ta' politerafluworoetilin;

(v) fibri sintetiċi magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) ta' poli(fenilin sulfid);

(w) fibri sintetiċi magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) ta' poli(klorur tal-vinil);

(x) fibri sintetiċi oħra magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple);

(y) fibri artifiċjali magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) ta' viscose;

(z) fibri artifiċjali oħra magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple);

(aa) ħjut magħmulin minn poliuretejn segmentat b'segmenti flessibbli ta' polieter, b'wajer ġo fihom jew le;

(bb) ħjut magħmulin minn poliuretejn segmentat b'segmenti flessibbli tal-poliester, b'wajer ġo fihom jew le;

(cc) prodotti tal-intestatura 56.05 (ħjut immetallizzati) li jinkorporaw strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' fojl tal-aluminju jew f'qalba ta' film tal-plastik irrispettivament minn jekk tkunx miksija bi trab tal-aluminju jew le, ta' wisa' li ma jaqbiżx 5 mm, maqbuda permezz ta' adeżiv trasparenti jew ikkulurit bejn żewġ saffi ta' film tal-plastik;

(dd) prodotti oħra tal-intestatura 56.05;

(ee) fibri tal-ħġieġ; u

(ff) fibri metalliċi.

2. Meta ssir referenza għal din in-Nota fl-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott), ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kolonna 2 tal-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott) ma għandhomx japplikaw, bħala tolleranza, għal materjali tessili bażiċi mhux oriġinarji li jintużaw fil-produzzjoni ta' prodott, dment li:

(a) il-prodott ikun fih żewġ materjali tessili bażiċi jew aktar; u

(b) il-piż tal-materjali tessili bażiċi mhux oriġinarji, meħud flimkien, ma jaqbiżx 10 % tal-piż totali tal-materjali tessili bażiċi kollha użati.

Pereżempju: Għal drapp tas-suf tal-intestatura 51.12 li fih ħjut tas-suf tal-intestatura 51.07 u ħjut tal-qoton tal-intestatura 52.05, jistgħu jintużaw ħjut tas-suf mhux oriġinarji li ma jissodisfawx ir-rekwiżit stabbilit fl-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott), jew ħjut tal-qoton mhux oriġinarji li ma jissodisfawx ir-rekwiżit stabbilit fl-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott), jew kombinazzjoni tat-tnejn, dment li l-piż totali tagħhom ma jaqbiżx 10 % tal-piż tal-materjali tessili bażiċi kollha.

Nota: biex din ir-regola tat-tolleranzi tkun applikabbli, id-drapp irid ikun fih żewġ materjali tessili bażiċi jew aktar.

3. Minkejja l-punt (b) tal-paragrafu 2, għall-prodotti li fihom "ħjut magħmulin minn poliuretejn segmentat b'segmenti flessibbli ta' polieter, b'wajer ġo fihom jew le", it-tolleranza massima hija ta' 20 %. Madankollu, il-perċentwal tal-materjali tessili bażiċi mhux oriġinarji l-oħra ma għandux jaqbeż l-10 %.

4. Minkejja l-punt (b) tal-paragrafu 2, għall-prodotti li fihom "strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' fojl tal-aluminju jew f'qalba ta' film tal-plastik irrispettivament minn jekk tkunx miksija bi trab tal-aluminju jew le, ta' wisa' li ma jaqbiżx 5 mm, maqbuda permezz ta' adeżiv trasparenti jew ikkulurit bejn żewġ saffi ta' film tal-plastik", it-tolleranza massima hija ta' 30 %. Madankollu, il-perċentwal tal-materjali tessili bażiċi mhux oriġinarji l-oħra ma għandux jaqbeż l-10 %.

NOTA 8

Tolleranzi oħra applikabbli għal ċerti prodotti ta' tessuti

1. Fejn issir referenza għal din in-Nota fl-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott), jistgħu jintużaw materjali tessili mhux oriġinarji (bl-eċċezzjoni tal-inforri u tal-interlinings) li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kolonna 2 tal-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott) għal prodott ta' tessuti mmanifatturat, dment li jkunu kklassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott u li l-valur tagħhom ma jaqbiżx it-8 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott.

2. Jekk rekwiżit stabbilit fil-Kolonna 2 tal-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott) jispeċifika ċertu proċess, materjali mhux oriġinarji li mhumiex ikklassifikati taħt il-Kapitoli 50 sa 63 jistgħu jintużaw mingħajr restrizzjoni fil-produzzjoni ta' prodotti tat-tessuti kklassifikati taħt il-Kapitoli 50 sa 63, irrispettivament minn jekk fihomx tessut jew le.

Pereżempju: Jekk rekwiżit stabbilit fl-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott) jipprevedi li għal ċertu oġġett tessili (bħal qalziet) għandhom jintużaw ħjut, dan ma jipprevjenix l-użu ta' oġġetti tal-metall mhux oriġinarji (bħal buttuni), minħabba li oġġetti tal-metall mhumiex ikklassifikati taħt il-Kapitoli 50 sa 63. Għall-istess raġunijiet, huwa ma jipprevjenix l-użu ta' żippijiet mhux oriġinarji, anki jekk iż-żippijiet normalment ikun fihom tessut.

3. Fejn rekwiżit stabbilit fl-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott) ikun jikkonsisti minn MaxNOM, il-VNM li mhumiex ikklassifikati taħt il-Kapitoli 50 sa 63 għandu jitqies fil-kalkolu tal-VNM.

NOTA 9

Prodotti agrikoli

Il-prodotti agrikoli li jaqgħu taħt il-Kapitoli 6, 7, 8, 9, 10, 12 u l-intestatura 24.01 li jitkabbru jew jinħasdu fit-territorju ta' Parti għandhom jiġu ttrattati bħala li joriġinaw f'dik il-Parti, anki jekk ikunu mkabbra minn żerriegħa, basal, riżomi, għeruq, biċċiet, żabriet, tilqim, rimjiet, blanzuni, jew partijiet ħajjin oħra ta' pjanti importati minn pajjiż terz.

ANNESS 3-B

REGOLI TAL-ORIĠINI SPEĊIFIĊI GĦALL-PRODOTT

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (SA 2022) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
TAQSIMA I	ANNIMALI ĦAJJIN; PRODOTTI MINN ANNIMALI
Kapitolu 1	Annimali ħajjin
01.01-01.06	L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 huma miksubin għalkollox
Kapitolu 2	Laħam u ġewwieni li jittiekel
02.01-02.10	Produzzjoni fejn il-materjali kollha tal-Kapitoli 1 u 2 li jintużaw huma miksubin għalkollox
Kapitolu 3	Ħut u krustaċji, molluski u annimali invertebrati akkwatiċi oħrajn
03.01-03.09	Produzzjoni fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 3 li jintużaw huma miksubin għalkollox ([1])
Kapitolu 4	Prodotti tal-ħalib; bajd tat-tjur; għasel naturali; prodotti tajbin għall-ikel u li ġejjin mill-annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra
04.01-04.10	Produzzjoni fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 li jintużaw huma miksubin għalkollox
Kapitolu 5	Prodotti ġejjin mill-annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra
05.01-05.11	Produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura
TAQSIMA II	PRODOTTI VEĠETALI
Kapitolu 6	Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali
06.01-06.04	Produzzjoni fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 6 li jintużaw huma miksubin għalkollox
Kapitolu 7	Veġetali u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel
0701.10-0712.39	Produzzjoni fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 7 li jintużaw huma miksubin għalkollox
0712.90	CTSH, dment li l-veġetali mhux oriġinarji tal-Kapitolu 7 ma jaqbżux 30 % tal-piż tal-prodott
07.13-07.14	Produzzjoni fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 7 li jintużaw huma miksubin għalkollox
Kapitolu 8	Frott u ġewż tajbin għall-ikel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew bettieħ
08.01-08.14	Produzzjoni fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 8 li jintużaw huma miksubin għalkollox
Kapitolu 9	Kafè, te, matè u ħwawar
09.01-09.10	Produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura
Kapitolu 10	Ċereali
10.01-10.08	Produzzjoni fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 10 li jintużaw huma miksubin għalkollox
Kapitolu 11	Prodotti tal-industrija tat-tħin; malt; lamti; inulina; glutina tal-qamħ

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (SA 2022) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
11.01-11.09	Produzzjoni fejn il-materjali mhux oriġinarji kollha tal-Kapitoli 10 u 11, l-intestaturi 07.01, 07.14, 23.02 sa 23.03 jew is-subintestatura 0710.10 li jintużaw huma miksubin għalkollox
Kapitolu 12	Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef
12.01-12.14	CTH
Kapitolu 13	Gommalakka; gomom, rażi, u linef u estratti veġetali oħrajn
1301.20-1302.39	Produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura
Kapitolu 14	Materjali veġetali tat-trizza; Prodotti veġetali li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra
14.01-14.04	Produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura
TAQSIMA III	XAĦMIJIET U ŻJUT TA' ANNIMALI, ĦXEJJEX JEW MIKROBIĊI U PRODOTTI MILL-QSIM TAGĦHOM; XAĦMIJIET IPPREPARATI TAJBIN GĦALL-IKEL; XEMGĦAT TA' ANNIMALI JEW ĦXEJJEX
Kapitolu 15	Xaħmijiet u żjut ta' annimali, ħxejjex jew mikrobiċi u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xemgħat ta' annimali jew ħxejjex
15.01-15.04	CTH
15.05-15.06	Produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura
15.07-15.08	CTSH
15.09-15.10	Produzzjoni fejn il-materjali veġetali kollha li jintużaw huma miksubin għalkollox
1511.10-1515.11	CTSH
1515.19	Produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura
1515.21-1515.50	CTSH
1515.60-1515.90	Produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura
15.16-15.17	CTH
15.18-15.19	CTSH
15.20	Produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura
15.21-15.22	CTSH
TAQSIMA IV	PREPARAZZJONIJIET TAL-IKEL; XORB, SPIRTI U ĦALL; TABAKK U SOSTITUTI MANIFATTURATI TAT-TABAKK; PRODOTTI, KEMM JEKK FIHOM IN-NIKOTINA KIF UKOLL JEKK LE, MAĦSUBA GĦALL-INALAZZJONI MINGĦAJR KOMBUSTJONI; PRODOTTI OĦRA LI FIHOM IN-NIKOTINA MAĦSUBA GĦAT-TEĦID TAN-NIKOTINA FIL-ĠISEM TAL-BNIEDEM
Kapitolu 16	Preparazzjonijiet ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn, jew ta' insetti
16.01-16.05	Produzzjoni fejn il-materjali kollha tal-Kapitoli 2, 3 u 16 li jintużaw huma miksubin għalkollox
Kapitolu 17	Zokkor u ħelu taz-zokkor

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (SA 2022) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
17.01	CTH
17.02	CTH, dment li l-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 11.01 sa 11.08, 17.01 u 17.03 li jintużaw ma jaqbiżx 20 % tal-piż tal-prodott
17.03	CTH
17.04	CTH, dment li: — il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 li jintużaw ikunu miksubin għalkollox; u — il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 li jintużaw ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott
Kapitolu 18	Kawkaw u preparazzjonijiet tal-kawkaw
18.01-18.05	CTH
18.06	CTH, dment li: — il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 li jintużaw ikunu miksubin għalkollox; u — il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 li jintużaw ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott
Kapitolu 19	Preparazzjonijiet ta' ċereali, dqiq, lamtu jew ħalib; prodotti ta' koki tal-għaġina
19.01	CTH, dment li: — il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 li jintużaw ikunu miksubin għalkollox; — il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 10.06 u 11.01 sa 11.08 li jintużaw ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott u — il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 li jintużaw ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott
19.02-19.03	CTH, dment li: — il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 li jintużaw ikunu miksubin għalkollox; — il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-Kapitoli 2, 3 u 16 li jintużaw ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott; u — il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 10.06 u 11.01 sa 11.08 li jintużaw ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott
19.04-19.05	CTH, dment li: — il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 li jintużaw ikunu miksubin għalkollox; — il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 10.06 u 11.01 sa 11.08 li jintużaw ma jaqbiżx l-30 % tal-piż tal-prodott; u — il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 li jintużaw ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott
Kapitolu 20	Preparazzjonijiet ta' ħxejjex, frott, ġewż u partijiet oħrajn ta' pjanti

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (SA 2022) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
20.01	CTH
20.02-20.03	Produzzjoni fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 7 li jintużaw ikunu miksubin għalkollox
20.04-20.05	CTH
20.06-20.09	CTH, dment li l-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 li jintużaw ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott
Kapitolu 21	Preparazzjonijiet diversi tajbin għall-ikel
21.01	CTH, dment li: — il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 li jintużaw ikunu miksubin għalkollox; — il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 li jintużaw ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott
2102.10-2103.20	CTH
2103.30	Produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura
2103.90	CTSH
21.04	CTH, dment li: — il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 li jintużaw ikunu miksubin għalkollox; u — il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 li jintużaw ma jaqbiżx l-30 % tal-piż tal-prodott
2105.00-2106.10	CTH, dment li: — il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 li jintużaw ikunu miksubin għalkollox; u — il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 li jintużaw ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott
2106.90	CTH, dment li: — il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 li jintużaw ikunu miksubin għalkollox; u — il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 li jintużaw ma jaqbiżx l-30 % tal-piż tal-prodott
Kapitolu 22	Xorb, spirti u ħall
22.01	CTH
22.02	CTH, dment li: — il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 li jintużaw ikunu miksubin għalkollox; u — il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 li jintużaw ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott
22.03	CTH
22.04-22.06	CTH ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 22.07 u 22.08, dment li l-materjali kollha tas-subintestaturi 0806.10, 2009.61 u 2009.69 li jintużaw ikunu miksubin għalkollox

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (SA 2022) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
22.07	CTH ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 22.08, dment li l-materjali kollha tal-Kapitolu 10, is-subintestaturi 0806.10, 2009.61 u 2009.69 li jintużaw ikunu miksubin għalkollox
22.08-22.09	CTH ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 22.07 u 22.08, dment li l-materjali kollha tas-subintestaturi 0806.10, 2009.61 u 2009.69 li jintużaw ikunu miksubin għalkollox
Kapitolu 23	Fdal u skart mill-industrija tal-ikel; għalf tal-annimali ppreparat
23.01	CTH
23.02.10-2303.10	CTH, dment li l-piż tal-materjali mhux oriġinarji tal-Kapitolu 10 li jintużaw ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott
2303.20-23.08	CTH
23.09	CTH, dment li: — il-materjali kollha tal-Kapitoli 2, 3 u 4 li jintużaw ikunu miksubin għalkollox; — il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-Kapitoli 10 u 11 u tal-intestaturi 23.02 u 23.03 li jintużaw ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott; u — il-piż totali tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 17.01 u 17.02 li jintużaw ma jaqbiżx l-30 % tal-piż tal-prodott
Kapitolu 24	Tabakk u sostituti manifatturati tat-tabakk; prodotti, kemm jekk fihom in-nikotina kif ukoll jekk le, maħsuba għall-inalazzjoni mingħajr kombustjoni; prodotti oħra li fihom in-nikotina maħsuba għat-teħid tan-nikotina fil-ġisem tal-bniedem
24.01	Produzzjoni fejn il-materjali kollha tal-intestatura 24.01 li jintużaw ikunu miksubin għalkollox
2402.10-2402.20	Produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott u tat-tabakk tat-tipjip tas-subintestatura 2403.19, u fejn mill-anqas 10 % skont il-piż tal-materjali kollha tal-intestatura 24.01 li jintużaw ikunu miksubin għalkollox
2402.90	Produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura, dment li l-piż tal-materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 24.01 li jintużaw ma jaqbiżx it-30 % tal-piż tal-materjali tal-Kapitolu 24 li jintużaw
2403.11-2404.19	CTH, fejn mill-anqas 10 % skont il-piż tal-materjali kollha tal-intestatura 24.01 ikunu miksubin għalkollox
2404.91-2404.99	CTH
TAQSIMA V	PRODOTTI MINERALI
Kapitolu 25	Melħ; kubrit; trabijiet u ħaġar; materjali tat-tikħil, ġir u siment
25.01-25.30	CTH; jew MaxNOM 70 % (EXW)
Kapitolu 26	Minerali (ores), gagazza u rmied

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (SA 2022) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
26.01-26.21	CTH
Kapitolu 27	Karburanti minerali, żjut minerali u prodotti tad-distillazzjoni tagħhom; sustanzi bituminużi; xemgħat minerali Nota tal-Kapitolu: għad-definizzjonijiet tar-regoli tal-ipproċessar orizzontali fil-Kapitolu 3 (Regoli tal-oriġini u proċeduri tal-oriġini), ara n-Nota 5 tal-Anness 3-A (Noti introduttorji għar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott)
27.01-27.09	Produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura
27.10	CTH ħlief minn bijodiżil mhux oriġinarju tas-subintestaturi 3824.99 jew 3826.00; jew Jgħaddu minn distillazzjoni jew reazzjoni kimika, dment li l-bijodiżil (inkluż iż-żejt veġetali idrotrattat) tal-intestatura 27.10 u s-subintestaturi 3824.99 u 3826.00 li jintuża jinkiseb permezz ta' esterifikazzjoni, transesterifikazzjoni jew idrotrattament
27.11-27.16	Produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura
TAQSIMA VI	PRODOTTI TAL-INDUSTRIJA KIMIKA JEW DAWK RELATATI MAGĦHA Nota tat-Taqsima: għad-definizzjonijiet tar-regoli tal-ipproċessar orizzontali f'din it-Taqsima, ara n-Nota 5 tal-Anness 3-A (Noti introduttorji għar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott)
Kapitolu 28	Kimiċi inorganiċi; komposti organiċi jew inorganiċi ta' metalli prezzjużi, ta' elementi kimiċi metalliċi rari (rare-earth metals), ta' elementi radjuattivi jew ta' isotopi
28.01-28.53	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, taħlit u amalgamar, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW)
Kapitolu 29	Kimiċi organiċi
2901.10-2905.42	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, taħlit u amalgamar, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW)
2905.43-2905.44	CTH ħlief minn materjali mhux oriġinarji tas-subintestatura 3824.60; jew MaxNOM 40 % (EXW)
2905.45	CTSH; madankollu, jistgħu jintużaw materjali mhux oriġinarji tal-istess subintestatura bħall-prodott, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott; jew MaxNOM 50 % (EXW)

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (SA 2022) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
2905.49-2942.00	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, taħlit u amalgamar, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW)
Kapitolu 30	Prodotti farmaċewtiċi
30.01-30.06	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, taħlit u amalgamar, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW)
Kapitolu 31	Fertilizzanti
31.01-31.04	CTH; madankollu, jistgħu jintużaw materjali mhux oriġinarji tal-istess intestatura bħall-prodott, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott; jew MaxNOM 40 % (EXW)
31.05	
— Nitrat tas-sodju — Ċjanammid tal-kalċju — Sulfat tal-potassju — Sulfat tal-potassju u tal-manjeżju	CTH; madankollu, jistgħu jintużaw materjali mhux oriġinarji tal-istess intestatura bħall-prodott, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott; jew MaxNOM 40 % (EXW)
— Oħrajn	CTH; madankollu, jistgħu jintużaw materjali mhux oriġinarji tal-istess intestatura tal-prodott, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott, u fejn il-valur tal-materjali mhux oriġinarji kollha li jintużaw ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott; jew MaxNOM 40 % (EXW)
Kapitolu 32	Estratti għall-ikkunzar jew għaż-żbigħ; tannini u derivattivi tagħhom; żebgħa, pigmenti u materjal ieħor taż-żbigħ; żebgħa u verniċi; stokk u gomom oħrajn; linek
32.01-32.15	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, taħlit u amalgamar, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW)
Kapitolu 33	Żjut essenzjali u reżinojdi; preparazzjonijiet ta' fwejjaħ, kosmetiċi jew tat-twaletta

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (SA 2022) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
3301.12-3301.90	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, taħlit u amalgamar, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW)
3302.10	CTH; madankollu, jistgħu jintużaw materjali mhux oriġinarji tas-subintestatura 3302.10, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott; jew MaxNOM 50 % (EXW)
3302.90	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, taħlit u amalgamar, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW)
3303	Produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura
3304 -33.07	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, taħlit u amalgamar, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW)
Kapitolu 34	Sapun, aġenti organiċi li jaġixxu fuq il-proprjetajiet li jxarrbu (surface-active), preparazzjonijiet għal ħasil, preparazzjonijiet għal lubrikar, xemgħat artifiċjali, xemgħat ippreparati, preparazzjonijiet għal lostrar jew għal għorik, xemgħat u oġġetti simili, pasta għal mudellar, "xemgħat dentali" (dental waxes) u preparazzjonijiet dentali b'bażi ta' ġibs
34.01-34.07	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, taħlit u amalgamar, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW)
Kapitolu 35	Sustanzi albuminojdali; lamti modifikati; kolol; enzimi
35.01	CTH ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-Kapitolu 4
3502.11-3502.19	CTH
3502.20	CTH ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-Kapitolu 4
3502.90-3504.00	CTH
35.05	CTH ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-intestatura 11.08
35.06-35.07	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, taħlit u amalgamar, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW)

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (SA 2022) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
Kapitolu 36	Splussivi; prodotti pirotekniċi; sulfarini; ligi proforiċi; ċerti preparazzjonijiet kombustibbli
36.01-36.06	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, taħlit u amalgamar, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW)
Kapitolu 37	Oġġetti fotografiċi jew ċinematografiċi
37.01-37.07	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, taħlit u amalgamar, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW)
Kapitolu 38	Diversi prodotti kimiċi
38.01-38.08	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, taħlit u amalgamar, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW)
3809.10	CTH ħlief minn materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 11.08 u 35.05
3809.91-3822.00	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, taħlit u amalgamar, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW)
38.23	Produzzjoni minn materjali mhux oriġinarji ta' kwalunkwe intestatura
3824.10-3824.50	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, taħlit u amalgamar, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW)
3824.60	CTH ħlief minn materjali mhux oriġinarji tas-subintestaturi 2905.43 u 2905.44
3824.81-3825.90	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, taħlit u amalgamar, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW)

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (SA 2022) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
38.26	Produzzjoni li fiha l-bijodiżil jinkiseb permezz ta' transesterifikazzjoni, esterifikazzjoni jew idrotrattament
38.27	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, taħlit u amalgamar, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri, jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW)
TAQSIMA VII	PLASTIK U OĠĠETTI TIEGĦU; GOMMA U OĠĠETTI TAGĦHA Nota tat-Taqsima: għad-definizzjonijiet tar-regoli tal-ipproċessar orizzontali f'din it-Taqsima, ara n-Nota 5 tal-Anness 3-A (Noti introduttorji għar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott)
Kapitolu 39	Plastiks u oġġetti tagħhom
39.01-39.15	CTSH; Jgħaddu minn reazzjoni kimika, purifikazzjoni, taħlit u amalgamar, produzzjoni ta' materjali standard, bidla fid-daqs tal-partikoli, separazzjoni tal-isomeri jew ipproċessar bijoteknoloġiku; jew MaxNOM 50 % (EXW)
39.16-39.26	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW)
Kapitolu 40	Gomma (lastiku) u oġġetti tagħha
40.01-40.11	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW)
4012.11-4012.19	CTSH; jew Kisi mill-ġdid ta' tajers użati
4012.20-4017.00	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW)
TAQSIMA VIII	ĠLUD MHUX MAĦDUMIN, ĠILDA, FERIJIET U OĠĠETTI MAGĦMULIN MINNHOM; OĠĠETTI TAS-SARRAĠ U XEDD; OĠĠETTI GĦAS-SAFAR, BOROŻ TAL-IDEJN U KONTENITURI SIMILI; OĠĠETTI TAL-KORDA TAL-MUSRANA (ĦLIEF MUSRANA TAD-DUDU TAL-ĦARIR)
Kapitolu 41	Ġlud mhux maħdumin (ħlief ferijiet) u ġilda
41.01-4104.19	CTH
4104.41-4104.49	CTSH ħlief minn materjali mhux oriġinarji tas-subintestaturi 4104.41 sa 4104.49
4105.10	CTH
4105.30	CTSH
4106.21	CTH

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (SA 2022) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
4106.22	CTSH
4106.31	CTH
4106.32-4106.40	CTSH
4106.91	CTH
4106.92	CTSH
41.07-41.13	CTH dment li l-materjali mhux oriġinarji tas-subintestaturi 4104.41, 4104.49, 4105.30, 4106.22, 4106.32 u 4106.92 li jintużaw jgħaddu minn operazzjoni ta' kkonzar mill-ġdid
4114.10	CTH
4114.20	CTH dment li l-materjali mhux oriġinarji tas-subintestaturi 4104.41, 4104.49, 4105.30, 4106.22, 4106.32, 4106.92 u 4107 li jintużaw jgħaddu minn operazzjoni ta' kkonzar mill-ġdid
41.15	CTH
Kapitolu 42	Oġġetti tal-ġilda; oġġetti tas-sarraġġ u xedd; oġġetti għas-safar, boroż tal-idejn u kontenituri simili; oġġetti tal-musrana ta' annimali (ħlief musrana tad-dudu tal-ħarir)
42.01-42.06	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW)
Kapitolu 43	Ferijiet u fer artifiċjali; manifatturi tagħhom
43.01-4302.20	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW)
4302.30	CTSH
43.03-43.04	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW)
TAQSIMA IX	INJAM U OĠĠETTI TAL-INJAM; FAĦAM TAL-INJAM; SUFRA U OĠĠETTI TAS-SUFRA; MANIFATTURI TA' TIBEN, TA' SPARTU JEW TA' MATERJALI OĦRAJN TAT-TRIZZA; XOGĦOL TAL-QFIEF U XOGĦOL TAL-QASAB
Kapitolu 44	Injam u oġġetti tal-injam; faħam tal-injam
44.01-44.21	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW)
Kapitolu 45	Sufra u oġġetti tas-sufra
45.01-45.04	CTH
Kapitolu 46	Manifatturi tat-tibna, tal-ispartu jew materjali oħrajn tat-trizza; xogħol tal-qfief u xogħol tal-qasab
46.01-46.02	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW)

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (SA 2022) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
TAQSIMA X	POLPA TAL-INJAM JEW TA' MATERJAL IEĦOR ĊELLULOŻIKU FIBRUŻ; (SKART U FDAL TA') KARTA JEW KARTUN IRKUPRAT; KARTA JEW KARTUN U OĠĠETTI MAGĦMULIN MINNHOM
Kapitolu 47	Polpa tal-injam jew ta' materjal ieħor ċellulożiku fibruż; (skart u fdal ta') karta jew kartun irkuprat
47.01-47.07	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW)
Kapitolu 48	Karta u kartun; oġġetti ta' polpa tal-karta, tal-karta jew tal-kartun
48.01-48.23	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW)
Kapitolu 49	Kotba stampati, gazzetti, stampi u prodotti oħrajn tal-industrija tal-istampar; manuskritti, testi ttajpjati u pjanti
49.01-49.11	CTH; jew MaxNOM 50 % (EXW)
TAQSIMA XI	TESSUTI U OĠĠETTI TA' TESSUTI Nota tat-Taqsima: għad-definizzjonijiet u r-regoli tat-tolleranzi rilevanti għal din it-Taqsima, ara n-Noti 6-8 tal-Anness 3-A (Noti introduttorji għar-regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott)
Kapitolu 50	Ħarir
50.01-50.02	CTH
50.03	
— Imqardex jew mimxut:	Tqardix jew imxit ta' skart tal-ħarir
— Oħrajn:	CTH
50.04-50.05	Għażil ta' fibri naturali; Estrużjoni ta' filament kontinwu magħmul mill-bniedem ikkombinata mal-għażil; Estrużjoni ta' filament kontinwu magħmul mill-bniedem ikkombinata mal-brim; jew Brim ikkombinat ma' kwalunkwe operazzjoni mekkanika
50.06	
— Ħjut tal-ħarir u ħjut magħżula minn skart tal-ħarir:	Għażil ta' fibri naturali; Estrużjoni ta' filament kontinwu magħmul mill-bniedem ikkombinata mal-għażil; Estrużjoni ta' filament kontinwu magħmul mill-bniedem ikkombinata mal-brim; jew Brim ikkombinat ma' kwalunkwe operazzjoni mekkanika
— Musrana tad-dudu tal-ħarir:	CTH

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (SA 2022) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
50.07	Għażil ta' fibri naturali jew magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) ikkombinat mal-insiġ; Estrużjoni ta' ħjut ta' filament magħmul mill-bniedem ikkombinata mal-insiġ; Brim jew kwalunkwe operazzjoni mekkanika kkombinata mal-insiġ; Insiġ ikkombinat maż-żbigħ; Żbigħ ta' ħjut ikkombinat mal-insiġ; Insiġ ikkombinat mal-istampar; jew Stampar (bħala operazzjoni awtonoma)
Kapitolu 51	Suf, xagħar fin jew aħrax ta' annimali; ħjut u drapp minsuġ minn krin
51.01-51.05	CTH
51.06-51.10	Għażil ta' fibri naturali; Estrużjoni ta' fibri magħmulin mill-bniedem ikkombinata mal-għażil; jew Brim ikkombinat ma' kwalunkwe operazzjoni mekkanika
51.11-51.13	Għażil ta' fibri naturali jew magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) ikkombinat mal-insiġ; Estrużjoni ta' ħjut ta' filament magħmul mill-bniedem ikkombinata mal-insiġ; Insiġ ikkombinat maż-żbigħ; Żbigħ ta' ħjut ikkombinat mal-insiġ; Insiġ ikkombinat mal-istampar; jew Stampar (bħala operazzjoni awtonoma)
Kapitolu 52	Qoton
52.01-52.03	CTH
52.04-52.07	Għażil ta' fibri naturali; Estrużjoni ta' fibri magħmulin mill-bniedem ikkombinata mal-għażil; jew Brim ikkombinat ma' kwalunkwe operazzjoni mekkanika
52.08-52.12	Għażil ta' fibri naturali jew magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) ikkombinat mal-insiġ; Estrużjoni ta' ħjut ta' filament magħmul mill-bniedem ikkombinata mal-insiġ; Brim jew kwalunkwe operazzjoni mekkanika kkombinata mal-insiġ; Insiġ ikkombinat maż-żbigħ jew mal-kisi jew mal-laminazzjoni; Żbigħ ta' ħjut ikkombinat mal-insiġ; Insiġ ikkombinat mal-istampar; jew Stampar (bħala operazzjoni awtonoma)
Kapitolu 53	Fibri oħrajn ta' tessuti veġetali; ħjut tal-karta u drappijiet minsuġin minn ħjut tal-karta

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (SA 2022) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
53.01-53.05	CTH
53.06-53.08	Għażil ta' fibri naturali; Estrużjoni ta' fibri magħmulin mill-bniedem ikkombinata mal-għażil; jew Brim ikkombinat ma' kwalunkwe operazzjoni mekkanika
53.09-53.11	Għażil ta' fibri naturali jew magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) ikkombinat mal-insiġ; Estrużjoni ta' ħjut ta' filament magħmul mill-bniedem ikkombinata mal-insiġ; Insiġ ikkombinat maż-żbigħ jew mal-kisi jew mal-laminazzjoni; Żbigħ ta' ħjut ikkombinat mal-insiġ; Insiġ ikkombinat mal-istampar; jew Stampar (bħala operazzjoni awtonoma)
Kapitolu 54	Filamenti magħmulin mill-bniedem; strixxi u oġġetti simili ta' materjali tessili magħmulin mill-bniedem
54.01-54.06	Għażil ta' fibri naturali; Estrużjoni ta' fibri magħmulin mill-bniedem ikkombinata mal-għażil; jew Brim ikkombinat ma' kwalunkwe operazzjoni mekkanika
54.07-54.08	Għażil ta' fibri naturali jew magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) ikkombinat mal-insiġ; Estrużjoni ta' ħjut ta' filament magħmul mill-bniedem ikkombinata mal-insiġ; Żbigħ ta' ħjut ikkombinat mal-insiġ; Insiġ ikkombinat maż-żbigħ jew mal-kisi jew mal-laminazzjoni; Brim jew kwalunkwe operazzjoni mekkanika kkombinata mal-insiġ; Insiġ ikkombinat mal-istampar; jew Stampar (bħala operazzjoni awtonoma)
Kapitolu 55	Fibri magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple)
55.01-55.07	Estrużjoni ta' fibri magħmulin mill-bniedem
55.08-55.11	Għażil ta' fibri naturali; Estrużjoni ta' fibri magħmulin mill-bniedem ikkombinata mal-għażil; jew Brim ikkombinat ma' kwalunkwe operazzjoni mekkanika
55.12-55.16	Għażil ta' fibri naturali jew magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) ikkombinat mal-insiġ; Estrużjoni ta' ħjut ta' filament magħmul mill-bniedem ikkombinata mal-insiġ; Brim jew kwalunkwe operazzjoni mekkanika kkombinata mal-insiġ; Insiġ ikkombinat maż-żbigħ jew mal-kisi jew mal-laminazzjoni; Żbigħ ta' ħjut ikkombinat mal-insiġ; Insiġ ikkombinat mal-istampar; jew Stampar (bħala operazzjoni awtonoma)

Kolonna 1 Klassifikazzjoni tas-Sistema Armonizzata (SA 2022) inkluża deskrizzjoni speċifika	Kolonna 2 Regola tal-oriġini speċifika għall-prodott
Kapitolu 56	Materjal tessili artab, feltru u materjali mhux minsuġin; ħjut speċjali; spag, ċwiemi, ħbula u kejbils u oġġetti minnhom
56.01	Formazzjoni ta' materjal tessili artab; jew Twaħħil, kisi, flocking, laminar, jew metalizzar ikkombinati ma' tal-anqas żewġ operazzjonijiet ta' tħejjija jew ta' rfinar ewlenin oħra (bħall-ippressar bir-rombli, ipproċessar biex ma jinxtorbux, issettjar bis-sħana, irfinar permanenti), dment li l-valur tal-materjali mhux oriġinarji li jintużaw ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
56.02	
— Feltru tan-newl tal-labar:	Estrużjoni ta' fibri magħmulin mill-bniedem flimkien mal-formazzjoni ta' drapp; madankollu: — filament tal-polipropilen mhux oriġinarju tal-intestatura 54.02; — fibri tal-polipropilen mhux oriġinarji tal-intestatura 55.03 jew 55.06; jew — truf ta' filament tal-polipropilen mhux oriġinarju tal-intestatura 55.01; fejn id-denominazzjoni fil-każijiet kollha ta' filament wieħed jew fibra waħda tkun anqas minn 9 deċiteks, jistgħu jintużaw, dment li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott; jew Formazzjoni ta' drapp mhux minsuġ waħedha fil-każ ta' feltru magħmul minn fibri naturali
Käesoleva dokumendiga hõlmatud toodete eksportija (eksportija viitenumber … ([2])) kinnitab, et välja arvatud selgelt osutatud juhtudel on need tooted … ([3]) sooduspäritoluga.

…… ([4])

(Koht ja kuupäev)

……

(Eksportija nimi)

_____

([1]) Kui päritolukinnitus täidetakse artikli 3.18 „Päritolukinnitus“ lõike 4 punktis b osutatud identsete toodete mitme saadetise kohta, tuleb märkida ajavahemik, mille kohta päritolukinnitus kehtib. See ajavahemik ei tohi olla pikem kui 12 kuud. Toote kogu import peab toimuma märgitud ajavahemiku jooksul. Kui selline ajavahemik ei ole kohaldatav, võib välja tühjaks jätta.

([2]) Märkida viitenumber, mille järgi eksportija tuvastatakse. Liidu eksportija puhul on selleks number, mis on määratud kooskõlas liidu õigusega. Uus-Meremaa eksportija puhul on selleks tolli kliendinumber. Kui eksportijale ei ole numbrit määratud, võib välja tühjaks jätta.

([3]) Märkida toote päritolu: „Uus-Meremaa“ või „Euroopa Liit“.

([4]) Koha ja kuupäeva võib märkimata jätta, kui see teave sisaldub dokumendis, mis sisaldab päritolukinnituse teksti.”.

Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini bil-Finlandiż:

”[Useiden lähetysten osalta]: _____ ja _____ välinen aika ([1])

Tässä asiakirjassa mainittujen tuotteiden viejä (viejän viitenumero … ([2])) ilmoittaa, että tuotteet ovat, ellei toisin ole selvästi merkitty, etuuskohteluun oikeutettuja … ([3]) alkuperätuotteita.

…… ([4])

(Paikka ja päiväys)

……

(Viejän nimi)

_____

([1]) Jos alkuperävakuutus täytetään useille samanlaisten tuotteiden lähetyksille 3.18 artiklan (Alkuperävakuutus) 4 kohdan b alakohdan mukaisesti, on mainittava ajanjakso, jona alkuperävakuutusta sovelletaan. Ajanjakso ei saa olla pidempi kuin 12 kuukautta. Tuotteen kaiken tuonnin on tapahduttava mainitun ajanjakson puitteissa. Jos tällaista ajanjaksoa ei sovelleta, kohta voidaan jättää tyhjäksi.

([2]) Mainitaan se viitenumero, jolla viejä tunnistetaan. Unionin viejän osalta kyseessä on unionin lakien mukaisesti osoitettu tunnus. Uusiseelantilaisen viejän osalta kyseessä on tullin asiakastunnus. Jos viejälle ei ole osoitettu tunnusta, kohta voidaan jättää tyhjäksi.

([3]) Ilmoitetaan tuotteen alkuperä: ”Uusi-Seelanti” tai ”Euroopan unioni”.

([4]) Paikka ja päiväys voidaan jättää pois, jos tiedot sisältyvät asiakirjaan, joka sisältää alkuperävakuutuksen tekstin.”.

Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini bil-Franċiż:

"[Pour les expéditions multiples]: Période: du_____ au _____ ([1])

L'exportateur des produits couverts par le présent document (référence de l'exportateur n° … ([2])) déclare que, sauf indication claire du contraire, les produits ont l'origine préférentielle … ([3]).

…… ([4])

(Lieu et date)

……

(Nom de l'exportateur)

_____

([1]) En cas d'attestation d'origine remplie pour des expéditions multiples de produits identiques au sens de l'article 3.18 (Attestation d'origine), paragraphe 4, point b), indiquez la période visée par l'attestation d'origine. Cette période ne peut dépasser douze mois. Toutes les importations du produit doivent être effectuées au cours de la période indiquée. Si une telle période ne s'applique pas, le champ peut rester vierge.

([2]) Indiquez le numéro de référence permettant l'identification de l'exportateur. Pour un exportateur de l'Union, il s'agira du numéro attribué conformément au droit de l'Union. Pour un exportateur néo-zélandais, il s'agira du code client des douanes. Dans les cas où l'exportateur n'a pas de numéro de référence, le champ peut rester vierge.

([3]) Indiquez l'origine du produit: "Nouvelle-Zélande" ou "Union européenne".

([4]) Le lieu et la date sont facultatifs si ces renseignements figurent déjà dans le document contenant le texte de l'attestation d'origine.".

Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini bil-Ġermaniż:

”[Bei Mehrfachsendungen]: Zeitraum von _____ bis _____ (1)

Der Ausführer (Referenznummer des Ausführers … (2)) der Waren, auf die sich dieses Handelspapier bezieht, erklärt, dass die Waren, soweit nicht ausdrücklich anders angegeben, präferenzbegünstigte Ursprungswaren … (3) sind.

…… (4)

(Ort und Datum)

……

(Name des Ausführers)

_____

(1) Wird die Erklärung zum Ursprung für Mehrfachsendungen identischer Erzeugnisse im Sinne des Artikels 3.18 (Erklärung zum Ursprung) Absatz 4 Buchstabe b ausgefüllt, ist die Geltungsdauer der Erklärung zum Ursprung anzugeben. Die Geltungsdauer darf 12 Monate nicht überschreiten. Alle Einfuhren des Erzeugnisses müssen innerhalb dieses Zeitraums erfolgen. Ist eine Angabe der Geltungsdauer nicht erforderlich, braucht dieses Feld nicht ausgefüllt werden.

(2) Bitte geben Sie die Referenznummer zur Identifizierung des Ausführers an. Für Ausführer aus der Union handelt es sich dabei um die Nummer, die dem betreffenden Ausführer im Einklang mit den Rechtsvorschriften der Union zugeteilt wurde. Für Ausführer aus Neuseeland handelt es sich dabei um den von der neuseeländischen Zollverwaltung vergebenen „client code“. Wenn dem Ausführer keine Nummer zugeteilt wurde, kann das Feld frei gelassen werden.

(3) Bitte geben Sie den Ursprung des Erzeugnisses (Neuseeland oder Europäische Union) an.

(4) Die Angaben zu Ort und Datum dürfen entfallen, wenn sie in dem Papier mit dem Wortlaut der Erklärung zum Ursprung enthalten sind.”.

Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini bil-Grieg:

"[Για πολλαπλές αποστολές]: Περίοδος: από_____ έως _____ (1)

Ο εξαγωγέας των προϊόντων που καλύπτεται από το παρόν έγγραφο (Αριθμός αναφοράς εξαγωγέα … (2)) δηλώνει ότι, εκτός αν άλλως υποδεικνύεται σαφώς, τα εν λόγω προϊόντα είναι … (3) προτιμησιακής καταγωγής.

…… (4)

(Τόπος και ημερομηνία)

……

(Όνομα εξαγωγέα)

_____

(1) Όταν η βεβαίωση καταγωγής συμπληρώνεται για πολλαπλές αποστολές πανομοιότυπων προϊόντων όπως προβλέπεται στο άρθρο 3.18 (Βεβαίωση καταγωγής) παράγραφος 4 στοιχείο β), να οριστεί η χρονική περίοδος για την οποία πρόκειται να εφαρμοστεί η βεβαίωση καταγωγής. Η χρονική αυτή περίοδος δεν πρέπει να υπερβαίνει τους 12 μήνες. Όλες οι εισαγωγές του προϊόντος πρέπει να πραγματοποιηθούν εντός της αναγραφόμενης περιόδου. Εάν δεν συντρέχει περίπτωση μιας τέτοιας χρονικής περιόδου, το πεδίο μπορεί να παραμείνει κενό.

(2) Να αναγραφεί ο αριθμός αναφοράς με τον οποίο εξακριβώνεται η ταυτότητα του εξαγωγέα. Για τον εξαγωγέα της Ένωσης, αυτός θα είναι ο αριθμός που αποδίδεται σύμφωνα με το δίκαιο της Ένωσης. Για τον εξαγωγέα της Νέας Ζηλανδίας, αυτός θα είναι ο τελωνειακός κώδικας πελατών. Σε περίπτωση που ο εξαγωγέας δεν έχει λάβει αριθμό, το πεδίο μπορεί να παραμείνει κενό.

(3) Να αναφερθεί η καταγωγή του προϊόντος: «Νέα Ζηλανδία» ή «Ευρωπαϊκή Ένωση».

(4) Ο τόπος και η ημερομηνία μπορούν να παραλειφθούν, εάν η πληροφορία περιέχεται στο ίδιο το έγγραφο που περιέχει το κείμενο της βεβαίωσης καταγωγής.".

Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini bl-Ungeriż:

”[Több szállítmány esetén]: Időszak: _____ -tól/től _____ -ig ([1])

A jelen okmányban szereplő áruk exportőre (az exportőr hivatkozási száma: … ([2])) kijelenti, hogy egyértelmű eltérő jelzés hiányában az áruk preferenciális … ([3]) származásúak.

…… ([4])

(Hely és dátum)

……

(Az exportőr neve)

_____

([1]) Amennyiben a származásmegjelölő nyilatkozatot a 3.18. cikk (Származásmegjelölő nyilatkozat) (4) bekezdésének b) pontjában foglaltaknak megfelelően azonos termékek több szállítmányára vonatkozóan töltik ki, tüntesse fel azt az időszakot, amelyre a származásmegjelölő nyilatkozat alkalmazandó. Ez az időszak nem lehet hosszabb 12 hónapnál. A termék valamennyi importjának a jelzett időszakon belül kell megtörténnie. Ha ilyen időszak nem alkalmazandó, a rovatot üresen kell hagyni.

([2]) Tüntesse fel az exportőr azonosító számát. Uniós exportőr esetében ez a szám az uniós joggal összhangban kiadott szám. Új-zélandi exportőr esetében ez a vámügyfél-kód. Ha az exportőr nem kapott ilyen számot, a rovat üresen hagyható.

([3]) Tüntesse fel a termék származását: „Új-Zéland” vagy „Európai Unió”.

([4]) A hely és időpont feltüntetése elmaradhat, ha az információ már szerepel a származásmegjelölő nyilatkozat szövegét tartalmazó okmányon.”.

Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini bl-Irlandiż:

"[I gcás il-lastais]: Tréimhse ó _____ go _____ ([1])

Onnmhaireoir na dtáirgí a chumhdaítear leis an doiciméad seo (Uimhir Thagartha an Onnmhaireora … ([2])) dearbhaítear leis seo, mura sonraítear a mhalairt go soiléir, gur táirgí de thionscnamh … ([3]) tionscnamh fabhrach.

…… ([4])

(Áit agus dáta)

……

(Ainm an onnmhaireora)

_____

([1]) Nuair atá an ráiteas maidir le tionscnamh déanta le haghaidh il-lastais de tháirgí comhionanna dá dtagraítear i bpointe (b) d'Airteagal 3.18(4) (Ráiteas maidir le tionscnamh), sonraigh an tréimhse ama a mbeidh feidhm ag an ráiteas maidir le tionscnamh. Ní bheidh an tréimhse sin níos faide ná 12 mhí. Ní mór allmhairithe uile an táirge tarlú laistigh den tréimhse sonraithe. I gcás nach bhfuil tréimhse den sórt sin infheidhme, is féidir an réimse a fhágáil bán.

([2]) Léirigh an uimhir thagartha lena shainaithnítear an t-onnmhaireoir. I gcás onnmhaireora de chuid an Aontais, is é sin an uimhir a shannfar i gcomhréir le dlí an Aontais. I gcás onnmhaireora de chuid na Nua-Shéalainne, is é sin an Cód Cliant Custaim. I gcás nár sannadh uimhir don onnmhaireoir, is féidir an réimse a fhágáil bán.

([3]) Sonraigh tionscnamh an táirge: 'an Nua-Shéalainn' nó 'an tAontas Eorpach'.

([4]) Féadfar áit agus dáta a fhágáil ar lár má tá an fhaisnéis sin sa doiciméad ina bhfuil téacs an ráitis maidir le tionscnamh.".

Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini bit-Taljan:

"[Per spedizioni multiple]: Periodo dal _____ al _____ ([1])

L'esportatore dei prodotti contemplati nel presente documento (n. di riferimento dell'esportatore … ([2])) dichiara che, eccetto nei casi chiaramente indicati, i prodotti sono di origine preferenziale della … ([3]).

…… ([4])

(Luogo e data)

……

(Nome dell'esportatore)

_____

([1]) Se l'attestazione di origine è compilata per spedizioni multiple di prodotti identici di cui all'articolo 3.18 (Attestazione di origine), paragrafo 4, lettera b), indicare il periodo di applicazione di tale attestazione. Tale periodo non deve superare i 12 mesi. Tutte le importazioni del prodotto devono essere effettuate entro il periodo indicato. Qualora tale periodo non sia applicabile, il campo può essere lasciato in bianco.

([2]) Indicare il numero di riferimento che identifica l'esportatore. Per l'esportatore dell'Unione tale numero è attribuito conformemente al diritto dell'Unione. Per l'esportatore della Nuova Zelanda, corrisponde al Customs Client Code. Se all'esportatore non è stato assegnato un numero, il campo può essere lasciato in bianco.

([3]) Indicare l'origine del prodotto: "Nuova Zelanda" o "Unione europea".

([4]) Luogo e data possono essere omessi se già presenti nel documento contenente il testo dell'attestazione di origine.".

Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini bil-Latvjan:

”[Vairākiem sūtījumiem]: Laikposms no _____ līdz _____ (1)

To ražojumu eksportētājs, kuri ietverti šajā dokumentā (eksportētāja atsauce Nr. … (2)), deklarē, ka, izņemot tur, kur ir skaidri noteikts citādi, šiem ražojumiem ir … (3) preferenciāla izcelsme.

…… (4)

(Vieta un datums)

……

(Eksportētāja vārds, uzvārds/nosaukums)

_____

(1) Ja paziņojums par izcelsmi tiek aizpildīts vairākiem sūtījumiem ar identiskiem noteiktas izcelsmes produktiem, kā minēts 3.18. panta (Paziņojums par izcelsmi) 4. punkta b) apakšpunktā, norāda laikposmu, uz kuru attiecas paziņojums par izcelsmi. Šis laikposms nepārsniedz 12 mēnešus. Visam ražojuma importam jānotiek norādītajā laikposmā. Ja šāds laikposms nav piemērojams, šo lauku var atstāt neaizpildītu.

(2) Norāda atsauces numuru, kurš identificē eksportētāju. Savienības eksportētājam norāda numuru, kas tam ir piešķirts saskaņā ar Savienības tiesību aktiem. Jaunzēlandes eksportētājam norāda muitas pakalpojumu klienta kodu (*Customs Client Code*). Ja eksportētājam numurs nav piešķirts, šo lauku var atstāt neaizpildītu.

(3) Norāda produkta izcelsmi – “Jaunzēlande” vai “Eiropas Savienība”.

(4) Vietu un datumu var izlaist, ja šī informācija jau ir sniegta dokumentā, kas ietver paziņojumu par izcelsmi.”.

Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini bil-Litwan:

”[Kelioms siuntoms]: Laikotarpis nuo _____ iki _____ ([1])

Produktų, kuriems taikomas šis dokumentas, eksportuotojas (eksportuotojo registracijos Nr. … ([2])) pareiškia, kad produktai turi … ([3]) lengvatinės kilmės statusą, išskyrus atvejus, kai aiškiai nurodyta kitaip.

…… ([4])

(vieta ir data)

……

(eksportuotojo vardas ir pavardė (pavadinimas))

_____

([1]) Kai pareiškimas apie prekių kilmę surašomas 3.18 straipsnio (Pareiškimas apie prekių kilmę) 4 dalies b punkte nurodytoms kelioms vienodų produktų siuntoms, nurodomas laikotarpis, kuriuo pareiškimas apie prekių kilmę bus taikomas. Šis laikotarpis turi neviršyti 12 mėnesių. Visi produktai turi būti importuojami tik nurodytu laikotarpiu. Kai toks laikotarpis nenustatomas, šį laukelį galima palikti tuščią.

([2]) Nurodomas registracijos numeris, pagal kurį nustatoma eksportuotojo tapatybė. Sąjungos eksportuotojo atveju tai bus numeris, suteiktas pagal Sąjungos teisę. Naujosios Zelandijos eksportuotojo atveju tai bus muitinės kliento kodas. Jei eksportuotojui numeris nesuteiktas, laukelį galima palikti tuščią.

([3]) Nurodoma produkto kilmė – Naujoji Zelandija arba Europos Sąjunga.

([4]) Vietos ir datos galima nenurodyti, jei ši informacija pateikiama dokumente, kuriame surašytas pareiškimas apie prekių kilmę.”.

Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini bil-Malti:

”[Għal vjeġġi multipli]: Perjodu minn _____ sa _____ ([1])

L-esportatur tal-prodotti koperti minn dan id-dokument (Nru ta’ Referenza tal-Esportatur … ([2])) jiddikjara li, ħlief fejn indikat b’mod ċar mod ieħor, il-prodotti huma ta’ … ([3]) oriġini preferenzjali.

…… ([4])

(Post u data)

……

(Isem l-esportatur)

_____

([1]) Meta d-dikjarazzjoni dwar l-oriġini timtela għal vjeġġi multipli ta’ prodotti identiċi kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 3.18(4) (Dikjarazzjoni dwar l-oriġini), indika l-perjodu li għalih se tapplika d-dikjarazzjoni dwar l-oriġini. Dak il-perjodu ma għandux jaqbeż it-12-il xahar. L-importazzjonijiet kollha tal-prodott iridu jseħħu fil-perjodu indikat. Fejn tali perjodu ma jkunx applikabbli, it-taqsima tista’ titħalla vojta.

([2]) Indika n-numru ta’ referenza li permezz tiegħu jiġi identifikat l-esportatur. Għall-esportatur tal-Unjoni, dan se jkun in-numru assenjat f’konformità mal-liġi tal-Unjoni. Għall-esportatur ta’ New Zealand, dan se jkun il-Kodiċi tal-Klijent Doganali. Fejn l-esportatur ma jkunx ġie assenjat numru, it-taqsima tista’ titħalla vojta.

([3]) Indika l-oriġini tal-prodott: “New Zealand” jew “l-Unjoni Ewropea”.

([4]) Il-post u d-data jistgħu jitħallew barra jekk l-informazzjoni tkun inkluża fid-dokument li jkun fih it-test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini.”.

Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini bil-Pollakk:

”[W przypadku wielokrotnych wysyłek]: Okres od ___ do ___ (1)

Eksporter produktów objętych tym dokumentem (eksporter nr … (2)) oświadcza, że z wyjątkiem przypadków, w których jest to wyraźnie inaczej wskazane, produkty te mają … (3) preferencyjne pochodzenie.

…… (4)

(Miejscowość i data)

……

(Nazwa eksportera)

_____

(1) Jeżeli oświadczenie o pochodzeniu wypełniono dla wielokrotnych wysyłek identycznych produktów, o czym mowa w art. 3.18 ust. 4 lit. b) (Oświadczenie o pochodzeniu), należy wskazać okres, dla którego oświadczenie o pochodzeniu będzie miało zastosowanie. Okres ten nie może przekraczać 12 miesięcy. Cały przywóz produktu musi odbywać się we wskazanym okresie. Jeżeli okres ten nie ma zastosowania, można zostawić puste miejsce.

(2) Należy podać numer referencyjny, za pomocą którego eksporter jest zidentyfikowany. W przypadku eksportera z Unii będzie to numer nadany zgodnie z prawem Unii. W przypadku eksportera z Nowej Zelandii będzie to Customs Client Code (kodeks klientów celnych). Jeżeli eksporterowi nie nadano numeru, pole może pozostać puste.

(3) Należy wskazać pochodzenie produktu: „Nowa Zelandia” lub „Unia Europejska”.

(4) Miejsce i datę można pominąć, jeżeli odpowiednie informacje są uwzględnione w dokumencie zawierającym tekst oświadczenia o pochodzeniu.”.

Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini bil-Portugiż:

"[Para remessas múltiplas]: Período de _____ a _____ (1)

O exportador dos produtos que são objeto do presente documento (N.º de referência do exportador … (2)) declara que, salvo indicação clara em contrário, os produtos são de origem preferencial de … (3).

…… (4)

(Local e data)

……

(Nome do exportador)

_____

(1) Se o atestado de origem for completado relativamente a remessas múltiplas de produtos idênticos conforme referido na alínea b) do artigo 3.18 (Atestado de origem), n.º 4, indicar o período durante o qual o atestado de origem é aplicável. Esse período não deve ser superior a 12 meses. Todas as importações do produto têm de ocorrer durante o período indicado. Quando tal período não é aplicável, o campo pode ser deixado em branco.

(2) Indicar o número de referência pelo qual o exportador é identificado. No caso dos exportadores da União, trata-se do número atribuído em conformidade com o direito da União. No caso dos exportadores neozelandeses, trata-se do código aduaneiro do cliente. Se não tiver sido atribuído um número ao exportador, o campo pode ser deixado em branco.

(3) Indicar a origem do produto: "Nova Zelândia" ou "União Europeia".

(4) Caso essa informação esteja contida no documento do qual consta o texto do atestado de origem, o local e a data podem ser omitidos.".

Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini bir-Rumen:

"[Pentru transporturi multiple]: Perioada de la _____ până la _____ ([1])

Exportatorul produselor care fac obiectul prezentului document [numărul de referință al exportatorului … ([2])] declară că, exceptând cazul în care se indică altfel în mod expres, produsele sunt de origine preferențială din … ([3]).

…… ([4])

(Locul și data)

……

(Denumirea exportatorului)

_____

([1]) Atunci când atestatul de origine este completat pentru mai multe transporturi de produse identice, astfel cum se menționează la articolul 3.18 (Atestatul de origine) alineatul (4) litera (b), a se indica perioada în care se va aplica atestatul de origine. Perioada respectivă nu trebuie să depășească 12 luni. Toate importurile produsului trebuie să aibă loc în perioada indicată. În cazul în care nu se aplică o astfel de perioadă, acest câmp poate rămâne necompletat.

([2]) A se indica numărul de referință prin care este identificat exportatorul. Pentru un exportator din Uniune, acesta va fi numărul atribuit în conformitate cu dreptul Uniunii. Pentru un exportator din Noua Zeelandă, acesta va fi codul vamal de client. În cazul în care exportatorului nu i-a fost atribuit un număr, acest câmp poate rămâne necompletat.

([3]) A se indica originea produsului: „Noua Zeelandă" sau „Uniunea Europeană".

([4]) Locul și data pot fi omise dacă informațiile există deja în documentul care conține textul atestatului de origine.".

Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini bis-Slovakk:

”[Pre viacnásobné zásielky]: Obdobie od _____ do _____ ([1])

Vývozca výrobkov, na ktoré sa vzťahuje tento doklad (referenčné číslo vývozcu … ([2])), vyhlasuje, že pokiaľ nie je jasne uvedené inak, výrobky majú preferenčný pôvod v … ([3]).

…… ([4])

(Miesto a dátum)

……

(Názov vývozcu)

_____

([1]) Ak je potvrdenie o pôvode vyplnené pre viacnásobné zásielky identických výrobkov, ako sa uvádza v článku 3.18 ods. 4 písm. b) (Potvrdenie o pôvode), uveďte obdobie, na ktoré sa potvrdenie o pôvode bude vzťahovať. Uvedené obdobie nesmie byť dlhšie ako 12 mesiacov. Každý dovoz výrobku sa musí uskutočniť v rámci uvedeného obdobia. Ak sa neuplatňuje žiadne takéto obdobie, políčko sa môže ponechať prázdne.

([2]) Uveďte referenčné číslo, prostredníctvom ktorého sa vývozca identifikuje. V prípade vývozcu Únie bude týmto číslom číslo pridelené v súlade s právom Únie. V prípade vývozcu Nového Zélandu bude týmto číslom kód colného klienta. Ak vývozcovi nebolo pridelené číslo, toto políčko sa môže ponechať prázdne.

([3]) Uveďte pôvod výrobku: „Nový Zéland“ alebo „Európska únia“.

([4]) Miesto a dátum možno vynechať, ak sú tieto informácie uvedené v doklade, ktorý obsahuje text potvrdenia o pôvode.”

Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini bis-Sloven:

”[za več odprem]: Obdobje od _____ do _____ (1)

Izvoznik blaga, zajetega s tem dokumentom (referenčna št. izvoznika … (2)), izjavlja, da, razen kadar ni drugače jasno navedeno, ima blago preferencialno … (3) poreklo.

…… (4)

(Kraj in datum)

……

(Ime izvoznika)

_____

(1) Kadar se navedba o poreklu izpolni za več odprem, ki zajemajo enake izdelke, kot je navedeno v točki (b) člena 3.18(4) (Navedba o poreklu), je treba navesti obdobje, za katero se uporablja navedba o poreklu. To obdobje ne sme presegati 12 mesecev. Ves uvoz izdelka se mora izvesti v navedenem obdobju. Kadar se to obdobje ne uporablja, lahko polje ostane prazno.

(2) Navedite referenčno številko, s katero je identificiran izvoznik. Za izvoznika iz Unije bo to številka, dodeljena v skladu s pravom Unije. Za izvoznika z Nove Zelandije bo to carinska oznaka stranke. Kadar izvozniku številka ni bila dodeljena, se polje pusti prazno.

(3) Navedite poreklo izdelka: „Nova Zelandija“ ali „Evropska unija“.

(4) Kraj in datum se lahko izpustita, če so informacije navedene v dokumentu z besedilom navedbe o poreklu.”.

Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini bl-Ispanjol:

"[Para varias expediciones]: Período de _____ a _____ ([1])

El exportador de los productos incluidos en el presente documento [número de referencia del exportador: … ([2])] declara que, excepto donde se indique claramente lo contrario, los productos son de origen preferencial de … ([3]).

…… ([4])

(Lugar y fecha)

……

(Nombre del exportador)

_____

([1]) Cuando se cumplimente una comunicación sobre el origen para varias expediciones de productos idénticos a que se refiere el artículo 3.18 (Comunicación sobre el origen), apartado 4, letra b), se indicará el período de tiempo al que se aplica la comunicación sobre el origen. Dicho plazo no excederá de doce meses. Todas las importaciones del producto deben tener lugar en el período indicado. Cuando dicho período no sea aplicable, podrá dejarse el campo en blanco.

([2]) Indíquese el número de referencia a través del cual se identifica el exportador. Para el exportador de la Unión, este será el número asignado de conformidad con el Derecho de la Unión. Para el exportador neozelandés, este será el Código Aduanero del Cliente. Si no se ha asignado al exportador un número, se podrá dejar el campo en blanco.

([3]) Indíquese el origen del producto: «Nueva Zelanda» o «la Unión Europea».

([4]) El lugar y la fecha podrán omitirse si la información figura en el documento que contiene el texto de la comunicación sobre el origen.".

Test tad-dikjarazzjoni dwar l-oriġini bl-Iżvediż:

”[För flera sändningar]: Period fr.o.m. _____ t.o.m. _____ ([1])

Exportören av de produkter som omfattas av detta dokument (Exportörens referensnummer … ([2])) försäkrar att dessa produkter, om inte annat tydligt markerats, har förmånsberättigande ursprung i … ([3]).

…… ([4])

(Ort och datum)

……

(Exportörens namn)

_____

([1]) Om ursprungsförsäkran fylls i för flera sändningar av identiska produkter i den mening som avses i artikel 3.18.4 led b (Ursprungsförsäkran), ange den period under vilken ursprungsförsäkran ska gälla. Perioden får inte överstiga tolv månader. All import av produkten måste ske inom den angivna perioden. När en sådan period inte är tillämplig får fältet lämnas tomt.

([2]) Ange det referensnummer genom vilket exportören kan identifieras. För en exportör i unionen avses det nummer som tilldelats i enlighet med unionens lagstiftning. För en exportör i Nya Zeeland avses exportörens *Customs Client Code*. Om exportören inte har tilldelats något nummer kan fältet lämnas tomt.

([3]) Ange produktens ursprung: ”Nya Zeeland” eller ”Europeiska unionen”.

([4]) Ort och datum får utelämnas om informationen finns i dokumentet med texten till ursprungsförsäkran.”.

ANNESS 3-D

DIKJARAZZJONI TAL-FORNITUR IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3.3(4) (AKKUMULAZZJONI TAL-ORIĠINI)

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fl-Artikolu 3.3(4) (Akkumulazzjoni tal-oriġini) għandha tkun limitata għall-elementi li ġejjin:

(a) id-deskrizzjoni u n-numru tal-klassifikazzjoni tariffarja SA tal-prodott fornut u d-deskrizzjoni u n-numru tal-klassifikazzjoni tariffarja SA tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni ta' dak il-prodott;

(b) jekk jiġu applikati metodi ta' valur f'konformità mal-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott), il-valur għal kull unità u l-valur totali tal-prodott fornut u l-valur għal kull unità u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni ta' dak il-prodott;

(c) jekk ikunu meħtieġa proċessi speċifiċi ta' produzzjoni f'konformità mal-Anness 3-B (Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott), deskrizzjoni tal-produzzjoni mwettqa fuq il-materjali mhux oriġinarji użati; u

(d) dikjarazzjoni mill-fornitur li l-elementi ta' informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (c) huma preċiżi u kompluti, id-data li fiha tiġi pprovduta d-dikjarazzjoni, u l-isem u l-indirizz tal-fornitur b'karattri stampati.

ANNESS 3-E

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR IL-PRINĊIPAT TA' ANDORRA

1. Il-prodotti li joriġinaw fil-Prinċipat ta' Andorra li jaqgħu taħt il-Kapitoli 25 sa 97 tas-Sistema Armonizzata għandhom jiġu aċċettati minn New Zealand bħala li joriġinaw fl-Unjoni skont it-tifsira ta' dan il-Ftehim, dment li l-unjoni doganali stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/680/KEE ([1]) tibqa' fis-seħħ.

2. Il-paragrafu 1 japplika biss jekk, bis-saħħa tal-unjoni doganali stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/680/KEE, il-Prinċipat ta' Andorra japplika għall-prodotti li joriġinaw fi New Zealand l-istess trattament tariffarju preferenzjali li l-Unjoni tapplika għal tali prodotti.

3. Il-Kapitolu 3 (Regoli tal-oriġini u proċeduri tal-oriġini) japplika *mutatis mutandis* għall-fini li jiġi stabbilit l-istatus oriġinarju tal-prodotti kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' din id-Dikjarazzjoni Konġunta.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/680/KEE tas-26 ta' Novembru 1990 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-għamla ta' skambju tal-ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Prinċipalità ta' Andorra (ĠU L 374, 31.12.1990, p. 13).

ANNESS 3-F

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR IR-REPUBBLIKA TA' SAN MARINO

1. Il-prodotti li joriġinaw fir-Repubblika ta' San Marino għandhom jiġu aċċettati minn New Zealand bħala li joriġinaw fl-Unjoni skont it-tifsira ta' dan il-Ftehim, dment li dawn il-prodotti jkunu koperti mill-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino ([1]), magħmul fi Brussell fis-16 ta' Diċembru 1991, u li dak il-Ftehim jibqa' fis-seħħ.

2. Il-paragrafu 1 japplika biss jekk, bis-saħħa tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino, ir-Repubblika ta' San Marino tapplika għall-prodotti li joriġinaw fi New Zealand l-istess trattament tariffarju preferenzjali li l-Unjoni tapplika għal tali prodotti.

3. Il-Kapitolu 3 (Regoli tal-oriġini u proċeduri tal-oriġini) japplika *mutatis mutandis* għall-fini li jiġi stabbilit l-istatus oriġinarju tal-prodotti kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' din id-Dikjarazzjoni Konġunta.

([1]) ĠU L 84, 28.3.2002, p. 43.

ANNESS 6-A

AWTORITAJIET KOMPETENTI

A. L-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni

Il-kontroll hu maqsum bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, japplika dan li ġej:

(a) Għall-esportazzjonijiet lejn New Zealand, l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri huma responsabbli għall-kontroll taċ-ċirkostanzi u r-rekwiżiti tal-produzzjoni, inklużi l-ispezzjonijiet jew l-awditi statutorji u l-ħruġ taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa fir-rigward tal-miżuri u r-rekwiżiti SPS maqbula;

(b) Għall-importazzjonijiet minn New Zealand, l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri huma responsabbli għall-kontroll tal-konformità tal-importazzjonijiet mal-kundizzjonijiet tal-importazzjoni tal-Unjoni; u

(c) Il-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli għall-koordinazzjoni ġenerali, għall-ispezzjoni jew għall-awditjar tas-sistemi ta' kontroll u l-miżuri meħtieġa, inkluża azzjoni leġiżlattiva biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-istandards u r-rekwiżiti tal-Kapitolu 6 (Miżuri sanitarji u fitosanitarji).

B. L-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand

Għall-finijiet tal-Kapitolu 6 (Miżuri sanitarji u fitosanitarji), il-Ministeru għall-Industriji Primarji huwa l-awtorità kompetenti li għandha r-responsabbiltà u l-kompetenza teknika għall-iżvilupp u s-superviżjoni tal-implimentazzjoni u t-tħaddim tal-miżuri SPS u l-għoti ta' ċertifikazzjoni uffiċjali tal-esportazzjoni.

ANNESS 6-B

KUNDIZZJONIJIET REĠJONALI GĦALL-PJANTI U GĦALL-PRODOTTI MILL-PJANTI

ANNESS 6-C

RIKONOXXIMENT TAL-EKWIVALENZA TAL-MIŻURI SPS

	Esportazzjonijiet tal-Unjoni lejn New Zealand			Esportazzjonijiet ta' New Zealand lejn l-Unjoni		
Komodità	Standard tal-UE	Kundizzjonijiet speċjali	Ekwivalenza	Standard ta' NZ	Kundizzjonijiet speċjali	Ekwivalenza

ANNESS 6-D

LINJI GWIDA U PROĊEDURI GĦAL AWDITU JEW VERIFIKA

ANNESS 6-E

ĊERTIFIKAZZJONI

TAQSIMA 1

KOMODITAJIET B'EKWIVALENZA SPEĊIFIKATA FL-ANNESS 6-C (RIKONOXXIMENT TAL-EKWIVALENZA TAL-MIŻURI SPS) – DIKJARAZZJONIJIET

Għall-komoditajiet b'ekwivalenza fl-Anness 6-C (Rikonoxximent tal-ekwivalenza tal-miżuri SPS) għandhom jintużaw id-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

(a) id-dikjarazzjoni mudell li ġejja (ekwivalenza għas-saħħa tal-pjanti):

"Il-prodotti deskritti hawnhekk jikkonformaw mal-istandards u r-rekwiżiti rilevanti ta' (l-Unjoni Ewropea/New Zealand (*)) li ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti għall-istandards u r-rekwiżiti ta' (New Zealand/l-Unjoni Ewropea (*)) kif preskritt fil-Kapitolu 6 (Miżuri sanitarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand."

_____

(*) ħassar fejn ma japplikax.

u

(b) id-dikjarazzjonijiet addizzjonali deskritti fl-Anness 6-C (Rikonoxximent tal-ekwivalenza tal-miżuri SPS) kif rilevanti u msejħa "Kundizzjonijiet speċjali" fl-Anness 6-C (Rikonoxximent tal-ekwivalenza tal-miżuri SPS).

TAQSIMA 2

TRAŻMISSJONI ELETTRONIKA TAD-DATA

1. L-iskambju ta' ċertifikati sanitarji oriġinali jew ta' ċertifikati tas-saħħa fitosanitarji, jekk meħtieġ u ġġustifikat skont l-Artikolu 6.8(3) (Ċertifikazzjoni), jew dokumenti oriġinali oħra jista' jseħħ permezz ta' metodi siguri ta' trażmissjoni elettronika tad-data li joffru garanziji adegwati ta' sigurtà.

2. Sistemi ta' informazzjoni għat-trażmissjoni elettronika tad-data rikonoxxuti li jipprovdu garanziji adegwati ta' sigurtà:

(a) New Zealand – E-cert u E-phyto; u

(b) Unjoni – Sistema Kompjuterizzata Veterinarja Integrata (TRACES).

3. Parti ma għandhiex tuża esklużivament ċertifikazzjoni elettronika, sakemm:

(a) dan l-Anness ma jiġix emendat mill-Kumitat għall-Kummerċ biex jirreġistra l-ftehim tal-Parti l-oħra għal dak il-għan; jew

(b) l-awtorità kompetenti ([1]) tal-Parti l-oħra ma taqbilx, permezz ta' korrispondenza, ma' tali użu.

4. Fejn tintuża esklużivament trażmissjoni elettronika tad-data, għandu jiġi segwit il-proċess ta' kontinġenza li ġej:

(a) fil-każ ta' falliment tal-iskambju tad-data bejn is-sistemi ta' informazzjoni, trid tintbagħat email li jkun fiha kopja skennjata ta' ċertifikat (fuq karta) iffirmat mill-Parti esportatriċi lill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tal-Parti importatriċi sakemm jerġa' jibda l-iskambju tad-data;

(b) fil-każ ta' falliment sistemiku tas-sistema ta' informazzjoni fejn ma jkunux jistgħu jinħarġu ċertifikati tas-saħħa tal-esportazzjoni, il-Parti esportatriċi għandha tibgħat email jew tittrażmetti b'mezzi oħra, id-data u l-attestazzjonijiet rilevanti dwar il-kunsinna lill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tal-Parti importatriċi sakemm terġa' tiġi stabbilita l-kapaċità tal-iskambju tad-data.

([1]) Fil-każ tal-Unjoni, it-terminu "awtorità kompetenti" għall-finijiet ta' dan l-Anness għandha tinftiehem bħala l-Kummissjoni Ewropea, kif speċifikat fil-punt (c) tal-Anness 6-A(A) (Awtoritajiet kompetenti).

TAQSIMA 3

RISPONS GĦALL-KRIŻIJIET

F'każ ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi, iridu jiġu miftiehma derogi għat-Taqsima 2 bejn l-awtoritajiet kompetenti.

ANNESS 6-F

KONTROLLI U TARIFFI TAL-IMPORTAZZJONI

ANNESS 9-A

AĊĊETTAZZJONI TAL-VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ (DOKUMENTI)

1. Oqsma miftiehma:

(a) aspetti tas-sikurezza ta' tagħmir elettriku u elettroniku kif iddefiniti fil-punt 2;

(b) aspetti tas-sikurezza ta' makkinarju kif iddefiniti fil-punt 3;

(c) il-kompatibbiltà elettromanjetika tat-tagħmir kif iddefinita fil-punt 4;

(d) l-effiċjenza enerġetika, kif iddefinita fil-punt 5, inklużi r-rekwiżiti tal-ekodisinn; u

(e) ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikoluż fit-tagħmir elettriku u elettroniku.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "aspetti tas-sikurezza ta' tagħmir elettriku u elettroniku" tfisser l-aspetti tas-sikurezza ta' tagħmir għajr makkinarju li jiddependi fuq kurrenti elettriċi sabiex jaħdem kif suppost, u tagħmir għall-ġenerazzjoni, it-trasferiment u l-kejl ta' tali kurrenti u li huwa ddisinjat għall-użu b'vultaġġ attribwit ta' bejn 50 u 1 000 V għall-kurrent alternat u bejn 75 u 1 500 V għall-kurrent dirett, kif ukoll tagħmir li intenzjonalment jemetti jew jirċievi mewġ elettromanjetiku ta' frekwenzi ta' anqas minn 3 000 GHz bil-għan ta' komunikazzjoni bir-radju jew ta' radjudetermi nazzjoni, bl-eċċezzjoni, fost l-oħrajn, ta':

(a) tagħmir għall-użu f'atmosfera splussiva;

(b) tagħmir għall-użu għal skopijiet radjoloġiċi jew mediċi;

(c) partijiet elettriċi għal-liftijiet tal-merkanzija u tal-passiġġieri;

(d) tagħmir tar-radju użat mid-dilettanti tar-radju;

(e) miters tal-elettriku;

(f) plaggs u żbokki tal-ħruġ għas-sokits għall-użu domestiku;

(g) kontrolli taċ-ċint tal-elettriku;

(h) ġugarelli;

(i) kitts ta' evalwazzjoni mibnija apposta maħsuba għall-professjonisti biex jintużaw biss f'faċilitajiet ta' riċerka u żvilupp għal dawn l-iskopijiet; u

(j) prodotti tal-kostruzzjoni għall-inkorporazzjoni permanenti f'bini jew f'xogħlijiet ta' inġinerija ċivili, li l-prestazzjoni tagħhom ikollha effett fuq il-prestazzjoni tal-bini jew tax-xogħol ta' inġinerija ċivili, bħal kejbils, allarmi tan-nar jew bibien elettriċi.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "aspetti tas-sikurezza ta' makkinarju" tfisser l-aspetti tas-sikurezza ta' assemblaġġ, li jikkonsisti f'mill-anqas parti waħda li tiċċaqlaq, imħaddma b'sistema ta' sewqan li tuża sors wieħed jew aktar ta' enerġija bħall-enerġija termali, elettrika, pnewmatika, idrawlika jew mekkanika, irranġati u kkontrollati sabiex jiffunzjonaw bħala entità sħiħa integrali, bl-eċċezzjoni ta' makkinarju ta' riskju għoli, kif definit minn kull Parti.

4. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "kompatibbiltà elettromanjetika tat-tagħmir" tfisser il-kompatibbiltà elettromanjetika (disturb u immunità) ta' tagħmir li jiddependi fuq kurrenti elettriċi jew kampijiet elettromanjetiċi sabiex jaħdem kif suppost, u tagħmir għall-ġenerazzjoni, it-trasferiment u l-kejl ta' tali kurrenti, bl-eċċezzjoni ta':

(a) tagħmir għall-użu f'atmosfera splussiva;

(b) tagħmir għall-użu għal skopijiet radjoloġiċi jew mediċi;

(c) partijiet elettriċi għal-liftijiet tal-merkanzija u tal-passiġġieri;

(d) tagħmir tar-radju użat mid-dilettanti tar-radju;

(e) strumenti tal-kejl;

(f) strumenti tal-użin mhux awtomatiċi;

(g) tagħmir inerentement benevoli; u

(h) kitts ta' evalwazzjoni mibnija apposta maħsuba għall-professjonisti biex jintużaw biss f'faċilitajiet ta' riċerka u żvilupp għal dawn l-iskopijiet.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "effiċjenza enerġetika" tfisser il-proporzjon tal-output ta' prestazzjoni, servizz, oġġetti jew enerġija mal-input tal-enerġija ta' prodott b'impatt fuq il-konsum tal-enerġija waqt l-użu, u fid-dawl tal-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi.

6. Dan l-Anness ma jkoprix inġenji tal-ajru, bastimenti, ferroviji, vetturi sħaħ (inklużi ta' magna ta' kombustjoni interna u elettriċi), kif ukoll tagħmir speċjalizzat marittimu, ferrovjarju, tal-avjazzjoni u tal-vetturi (inklużi ta' magna ta' kombustjoni interna u elettriċi). Dan l-Anness jinkludi t-tagħmir tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi , bl-eċċezzjoni taċ-ċarġers abbord.

7. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, il-Kumitat għall-Kummerċ tal-Oġġetti għandu jirrieżamina l-lista ta' oqsma f'dan l-Anness. Għall-finijiet ta' dan ir-rieżami, il-Kumitat għall-Kummerċ tal-Oġġetti għandu jinkludi rappreżentanti ta' kull Parti b'għarfien espert fil-kwistjonijiet koperti minn dan l-Anness. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjoni biex dan l-Anness jiġi emendat.

8. Fl-oqsma elenkati fil-punt 1 ta' dan l-Anness, kwalunkwe Parti tista' tintroduċi rekwiżiti għall-ittestjar jew iċ-ċertifikazzjoni obbligatorja minn parti terza tal-oqsma tal-prodotti msemmija f'dan l-Anness, dment li tali rekwiżiti jkunu ġġustifikati abbażi ta' objettivi leġittimi u jkunu proporzjonati għall-iskop li jagħtu lill-Parti importatriċi kunfidenza adegwata li l-prodotti jikkonformaw mar-regolamenti jew mal-istandards tekniċi applikabbli, b'kont meħud tar-riskji li joħloq in-nuqqas ta' konformità.

9. Parti li tipproponi li tintroduċi proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità kif imsemmija fil-punt 8, għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra fi stadju bikri u għandha tqis il-kummenti tal-Parti l-oħra fit-tfassil ta' kwalunkwe proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità bħal din.

ANNESS 9-B

VETTURI BIL-MUTUR U TAGĦMIR JEW PARTIJIET TAGĦHOM

Artikolu 1

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "WP.29" tfisser il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi fil-qafas tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (minn hawn 'il quddiem imsejħa "UNECE");

(b) "Ftehim tal-1958" tfisser il-Ftehim Dwar l-Adozzjoni ta' Regolamenti Tekniċi Armonizzati tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Vetturi bir-Roti, it-Tagħmir u l-Partijiet li jistgħu Jintramaw u/jew Jintużaw fuq Vetturi bir-Roti u l-Kundizzjonijiet għar-Rikonoxximent Reċiproku tal-Approvazzjonijiet Mogħtija Abbażi ta' dawn ir-Regolamenti tan-Nazzjonijiet Uniti, magħmul f'Ġinevra fl-20 ta' Marzu 1958, amministrat mid-WP.29;

(c) "Ftehim tal-1998" tfisser il-Ftehim li jikkonċerna l-Istabbiliment ta' Regolamenti Globali Tekniċi għal Vetturi bir-Roti, Tagħmir u Partijiet li jistgħu jiġu Ffittjati u/jew Jintużaw fuq Vetturi bir-Roti, magħmul f'Ġinevra fil-25 ta' Ġunju 1998, amministrat mid-WP.29;

(d) "Regolament tan-NU" tfisser regolament adottat f'konformità mal-Ftehim tal-1958;

(e) "GTR" tfisser regolament tekniku globali stabbilit u mqiegħed fir-Reġistru Globali f'konformità mal-Ftehim tal-1998;

(f) "SA 2017" tfisser l-edizzjoni tal-2017 tan-Nomenklatura tas-Sistema Armonizzata maħruġa mill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali; u

(g) "tagħmir jew partijiet immanifatturati mill-ġdid" tfisser tagħmir jew partijiet li:

(i) ikunu kompletament jew parzjalment magħmula minn partijiet miksuba minn tagħmir u partijiet li jkunu ntużaw qabel;

(ii) ikollhom prestazzjoni u kundizzjonijiet ta' ħidma simili meta mqabbla mat-tagħmir u l-partijiet ekwivalenti f'kundizzjoni ġdida; u

(iii) jingħataw l-istess garanzija bħat-tagħmir u l-partijiet ekwivalenti f'kundizzjoni ġdida.

2. It-termini użati f'dan l-Anness għandu jkollhom l-istess tifsira kif definita fil-Ftehim tal-1958 jew fl-Anness 1 tal-Ftehim dwar l-OTK.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni tal-prodott

Dan l-Anness japplika għall-kummerċ bejn il-Partijiet tal-kategoriji kollha ta' vetturi bil-mutur, tagħmir u partijiet tagħhom, kif definit fil-paragrafu 1.1 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata tal-UNECE dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3) ([1]), li jaqgħu, *inter alia,* taħt il-Kapitoli 40, 84, 85, 87 u 94 tas-Sistema Armonizzata 2017 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "prodotti koperti") ħlief għall-kategoriji ta' vetturi elenkati fl-Appendiċi 9-B-1 (Kategoriji ta' vetturi esklużi).

Artikolu 3

Objettivi

Fir-rigward tal-prodotti koperti, l-objettivi ta' dan l-Anness huma li:

(a) jelimina u jipprevjeni kwalunkwe ostaklu tekniku bla bżonn għall-kummerċ bilaterali;

(b) jippromwovi l-kompatibbiltà u l-konverġenza tar-regolamenti bbażati fuq standards internazzjonali;

([1]) ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6 tal-11 ta' Lulju 2017.

(c) jippromwovi r-rikonoxximent ta' approvazzjonijiet ibbażati, b'mod partikolari, fuq skemi ta' approvazzjoni applikati skont il-ftehimiet amministrati mid-WP.29 fil-qafas tal-UNECE u dawk ibbażati fuq approvazzjonijiet tat-tip tal-UE;

(d) isaħħaħ il-kundizzjonijiet kompetittivi tas-suq ibbażati fuq il-prinċipji ta' ftuħ, nondiskriminazzjoni u trasparenza;

(e) jippromwovi l-impenn reċiproku tal-Partijiet biex jiżguraw livelli massimi ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tas-sikurezza, tal-ambjent u tal-infrastruttura tat-trasport; u

(f) isaħħaħ il-kooperazzjoni biex irawwem żvilupp kontinwu ta' benefiċċju reċiproku fil-kummerċ u r-reġim regolatorju li jirregola l-vetturi bil-mutur.

Artikolu 4

Standards internazzjonali rilevanti

Il-Partijiet jirrikonoxxu li d-WP.29 huwa l-korp internazzjonali rilevanti tal-istandardizzazzjoni u li r-Regolamenti u l-GTRs tan-NU skont il-Ftehim tal-1958 u l-Ftehim tal-1998 huma l-istandards internazzjonali rilevanti għall-prodotti koperti.

Artikolu 5

Konverġenza regolatorja

1. (a) Fl-oqsma koperti mir-Regolamenti jew mill-GTRs tan-NU, jew fejn it-tlestija ta' Regolamenti jew GTRs tan-NU tkun imminenti, kull Parti għandha tużahom bħala bażi għar-regolamenti tekniċi, il-markar jew il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità domestiċi tagħha, ħlief meta Regolament jew GTR speċifiku tan-NU jkun ineffettiv jew mhux xieraq biex jintlaħqu l-objettivi leġittimi msemmija fl-Artikolu 2.2 tal-Ftehim dwar l-OTK jew tal-Ftehim tal-1958 u tal-Ftehim tal-1998.

(b) Parti li tintroduċi regolament tekniku, markar jew proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità domestika diverġenti kif imsemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu għandha, fuq talba tal-Parti l-oħra, tidentifika kwalunkwe parti mir-regolament tekniku, markar jew proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità domestika tagħha li tiddevja b'mod sostanzjali mir-Regolamenti jew mill-GTRs rilevanti tan-NU u tipprovdi spjegazzjoni tar-raġunijiet għal tali devjazzjoni.

2. Sa fejn Parti tkun introduċiet jew iżżomm regolamenti tekniċi, markar jew proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jiddevjaw mir-Regolamenti jew mill-GTRs tan-NU, kif permess mill-paragrafu 1, dik il-Parti għandha tagħmel ħilitha biex tirrieżamina tali regolamenti tekniċi, markar jew proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità kull meta jkun meħtieġ, bil-għan li żżid il-konverġenza tagħhom mar-Regolamenti jew mal-GTRs rilevanti tan-NU. Meta jkunu qegħdin jirrieżaminaw ir-regolamenti tekniċi, il-markar jew il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità tagħhom, kull Parti għandha tqis, inter alia, kwalunkwe żvilupp ġdid fir-Regolamenti jew fil-GTRs tan-NU u kwalunkwe bidla fiċ-ċirkustanzi li jkunu wasslu għal diverġenzi minn kwalunkwe Regolament jew GTR rilevanti tan-NU. Il-Parti li twettaq ir-rieżami għandha tinnotifika l-eżitu ta' dak ir-rieżami, inkluża l-informazzjoni xjentifika u teknika użata, lill-Parti l-oħra meta tintalab.

3. Kull Parti għandha toqgħod lura milli tintroduċi jew iżżomm regolamenti tekniċi, markar jew proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jkollhom l-effett li jipprojbixxu, jirrestrinġu jew iżidu l-piż għall-importazzjoni, u għat-tqegħid fis-servizz fis-suq domestiku tagħha, ta' prodotti tat-tip approvat skont ir-Regolamenti tan-NU għall-oqsma koperti minn dawk ir-Regolamenti tan-NU, sakemm tali regolamenti tekniċi, markar jew proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità ma jkunux previsti b'mod espliċitu minn dawk ir-Regolamenti tan-NU.

Artikolu 6

Aċċess għas-suq

1. Kull Parti għandha taċċetta, fis-suq tagħha, prodotti li jkunu koperti minn ċertifikat validu tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU maħruġ mill-Unjoni jew minn New Zealand, bħala partijiet kontraenti għall-Ftehim tal-1958, jew ċertifikat validu tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ([2]), bħala konformi mar-regolamenti tekniċi, il-markar u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità domestiċi tagħhom, mingħajr il-ħtieġa ta' aktar ittestjar, dokumentazzjoni, ċertifikazzjoni jew immarkar dwar tali ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip. Fil-każ tal-approvazzjonijiet ta' vetturi, kemm l-approvazzjonijiet tat-tip ta' vettura sħiħa tal-UE (EUWVTA) kif ukoll l-Approvazzjoni tat-Tip ta' Vettura Sħiħa Internazzjonali Universali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "U-IWVTA") tan-NU għandhom jitqiesu validi. Jistgħu jitqiesu bħala validi biss dawk iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU maħruġa minn Parti li tkun aderiet mar-Regolamenti rilevanti tan-NU u li jkunu ngħataw skont il-Ftehim tal-1958.

2. Parti għandha tkun obbligata biss li taċċetta ċertifikati validi tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU maħruġa skont l-aħħar verżjoni tar-Regolamenti tan-NU, jekk hija tapplika dawk ir-Regolamenti tan-NU. Parti tista' tikkunsidra wkoll li taċċetta ċertifikati validi tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU jekk hija ma tapplikax dawk ir-Regolamenti tan-NU, dment li l-prodotti tat-tip approvat jissodisfaw ir-rekwiżiti domestiċi applikabbli kollha tagħha.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala prova suffiċjenti tal-eżistenza ta' approvazzjoni tat-tip valida tal-UE jew tan-NU:

(a) għall-vetturi sħaħ, Ċertifikat ta' Konformità tal-UE ([3]) validu jew Dikjarazzjoni ta' Konformità tan-NU ([4]) valida li tiċċertifika l-konformità ma' U-IWVTA;

(b) għat-tagħmir u l-partijiet, marka valida tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew tan-NU mwaħħla mal-prodott; u

(c) għal tagħmir u partijiet li magħhom ma tistax titwaħħal marka tal-approvazzjoni tat-tip ([5]), ċertifikat validu tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew tan-NU.

4. Parti tista' tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti tagħha jivverifikaw li l-prodotti koperti jikkonformaw, kif xieraq, ma':

(a) ir-regolamenti tekniċi domestiċi kollha tal-Parti; jew

(b) ir-regolamenti tekniċi tal-UE jew tan-NU li fir-rigward tagħhom tkun ġiet attestata l-konformità, fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, b'Ċertifikat ta' Konformità validu tal-UE jew b'Dikjarazzjoni ta' Konformità valida tan-NU li tiċċertifika l-konformità ma' U-IWVTA, fil-każ ta' vetturi sħaħ, jew b'marka valida tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew tan-NU mwaħħla mal-prodott jew ċertifikat validu tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew tan-NU, fil-każ ta' tagħmir u partijiet.

Tali verifika għandha titwettaq permezz ta' kampjunar aleatorju fis-suq u f'konformità mar-regolamenti tekniċi skont il-punt (a) jew (b), skont il-każ.

5. Parti tista' titlob li fornitur jirtira prodott mis-suq tagħha jekk il-prodott ikkonċernat ma jikkonformax mar-regolamenti tekniċi msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 4.

Artikolu 7

Prodotti b'teknoloġiji ġodda jew b'karatteristiċi ġodda

1. L-ebda Parti ma għandha tipprevjeni jew tirrestrinġi l-aċċess għas-suq tagħha lil prodott kopert minn dan l-Anness u approvat mill-Parti esportatriċi għar-raġuni li l-prodott jinkorpora teknoloġija ġdida jew karatteristika ġdida li l-Parti importatriċi tkun għadha ma rregolatx.

([2]) Inklużi ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, tal-KE u tal-UE.
([3]) Inklużi ċ-Ċertifikati ta' Konformità tal-KE u tal-UE.
([4]) Fil-każ ta' Dikjarazzjoni ta' Konformità tan-NU, l-obbligu f'din id-dispożizzjoni jidħol fis-seħħ meta r-Regolament tan-NU Nru 0 dwar l-Approvazzjoni tat-Tip Internazzjonali ta' Vettura Sħiħa jkun daħal fis-seħħ.
([5]) Inklużi l-marki tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, tal-KE u tal-UE.

2. Minkejja l-paragrafu 1, Parti importatriċi tista' tirrestrinġi l-aċċess għas-suq tagħha jew titlob l-irtirar mis-suq tagħha ta' tali prodott mhux regolat li jinkorpora teknoloġija ġdida jew karatteristika ġdida jekk dik it-teknoloġija ġdida jew karatteristika ġdida:

(a) toħloq riskju għas-saħħa tal-bniedem, għas-sikurezza, għall-ambjent jew għall-infrastruttura tat-trasport; jew

(b) tkun inkonsistenti mal-istandards ambjentali jew mal-infrastruttura domestika eżistenti.

3. Parti importatriċi li tirrestrinġi l-aċċess għal, jew li titlob l-irtirar mis-suq tagħha skont il-paragrafu 2, għandha tinnotifika immedjatament id-deċiżjoni tagħha lill-Parti l-oħra. Il-Parti għandha tinkludi fin-notifika l-informazzjoni xjentifika jew teknika rilevanti kollha kkunsidrata fid-deċiżjoni tal-Parti.

Artikolu 8

Tagħmir jew partijiet manifatturati mill-ġdid

1. Parti ma għandhiex tagħti lil tagħmir jew partijiet manifatturati mill-ġdid tal-Parti l-oħra trattament li jkun anqas favorevoli minn dak li l-Parti tagħti lil tagħmir jew partijiet ekwivalenti f'kundizzjoni ġdida.

2. Għal aktar ċertezza, l-Artikolu 2.11 (Restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni) japplika għall-projbizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' tagħmir jew partijiet manifatturati mill-ġdid. Jekk Parti tadotta jew iżżomm projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' tagħmir jew partijiet użati, hija ma għandhiex tapplika tali miżuri għal tagħmir jew partijiet manifatturati mill-ġdid.

3. Parti tista' tirrikjedi li tagħmir jew partijiet manifatturati mill-ġdid jiġu identifikati bħala tali għad-distribuzzjoni jew għall-bejgħ fit-territorju tagħha u li t-tagħmir jew il-partijiet manifatturati mill-ġdid jissodisfaw rekwiżiti ta' prestazzjoni simili għal dawk li japplikaw għal tagħmir jew partijiet ekwivalenti f'kundizzjoni ġdida.

Artikolu 9

Miżuri oħra li jirrestrinġu l-kummerċ

Kull Parti għandha toqgħod lura milli tannulla jew tnaqqas il-benefiċċji li jakkumulaw għall-Parti l-oħra skont dan l-Anness permezz ta' miżuri regolatorji speċifiċi għall-prodotti koperti. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt li jiġu adottati miżuri meħtieġa għas-sikurezza fit-toroq, għall-protezzjonijiet għas-saħħa, għall-ambjent u għall-infrastruttura tat-trasport, u għall-prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa.

Artikolu 10

Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni rilevanti għall-implimentazzjoni ta' dan l-Anness fil-Kumitat għall-Kummerċ tal-Oġġetti.

2. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien, kif xieraq, biex imexxu 'l quddiem oqsma ta' interess reċiproku f'korpi internazzjonali rilevanti tal-istandardizzazzjoni.

Appendiċi 9-B-1

KATEGORIJI TA' VETTURI ESKLUŻI ([6])

L-Anness 9-B (Vetturi bil-mutur u tagħmir jew partijiet tagħhom) ma japplikax għall-vetturi li ġejjin:

Vetturi tal-kategorija L6 kif definiti fil-Paragrafu 2.1.6 tal-R.E.3.

Vetturi tal-kategorija L7 kif definiti fil-Paragrafu 2.1.7 tal-R.E.3.

Vetturi tal-kategorija M2 kif definiti fil-Paragrafu 2.2.2 tal-R.E.3.

Vetturi tal-kategorija M3 kif definiti fil-Paragrafu 2.2.3 tal-R.E.3.

Vetturi tal-kategorija N2 kif definiti fil-Paragrafu 2.3.2 tal-R.E.3.

Vetturi tal-kategorija N3 kif definiti fil-Paragrafu 2.3.3 tal-R.E.3.

Vetturi tal-kategorija O3 kif definiti fil-Paragrafu 2.4.3 tal-R.E.3.

Vetturi tal-kategorija O4 kif definiti fil-Paragrafu 2.4.4 tal-R.E.3.

Vetturi mmanifatturati f'volumi żgħar li ġew approvati għat-tip individwalment.

Vetturi użati tal-kategoriji: L1, L2, L3, L4, L5, L6, L7, M1, N1, O1 u O2, inklużi vetturi li jkunu ntużaw għall-iskop ta' dimostrazzjoni b'rabta mal-bejgħ ta' vetturi simili, li, fi kwalunkwe ħin qabel ma ġew offruti jew murija għall-bejgħ, f'konformità mar-Regola dwar it-Trasport fuq l-Art: Konformità mal-Istandards tal-Vetturi 2002 ([7]).

([6]) Għalkemm din il-lista ta' vetturi eskluži mhijiex koperta mill-Anness 9-B (Vetturi bil-mutur u tagħmir jew partijiet tagħhom), dan ma jfissirx li l-vetturi ma jistgħux jiġu importati jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti domestiċi.

([7]) Dawn il-vetturi ġew:

(a) irreġistrati skont:
  (i) l-Att tal-1962 dwar it-Trasport;
  (ii) l-Att tal-1986 dwar it-Trasport (l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar tal-Vetturi u s-Sewwieqa) jew il-Parti 17 tal-Att tal-1998 dwar it-Trasport fuq l-Art; jew
  (iii) kwalunkwe leġiżlazzjoni korrispondenti fi kwalunkwe pajjiż ieħor; jew

(b) użati għal skop mhux marbut mal-manifattura jew il-bejgħ tagħhom.

ANNESS 9-C

L-ARRANĠAMENT IMSEMMI FIL-PUNT (b) TAL-ARTIKOLU 9.10(5) GĦALL-ISKAMBJU SISTEMATIKU TA' INFORMAZZJONI FIR-RIGWARD TAS-SIKUREZZA TA' PRODOTTI MHUX TAL-IKEL U L-MIŻURI PREVENTIVI, RESTRITTIVI U KORRETTIVI RELATATI

Dan l-Anness għandu jistabbilixxi arranġament għall-iskambju sistematiku ta' informazzjoni bejn l-Unjoni u New Zealand relatata mas-sikurezza ta' prodotti tal-konsumatur mhux tal-ikel u miżuri preventivi, restrittivi u korrettivi relatati.

F'konformità mal-Artikolu 9.10(9) u (10) (Kooperazzjoni dwar is-sorveljanza tas-suq, is-sikurezza u l-konformità ta' prodotti mhux tal-ikel), l-arranġament imsemmi fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Anness għandu jispeċifika t-tip ta' informazzjoni li għandha tiġi skambjata, il-modalitajiet għall-iskambju u l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data personali.

ANNESS 9-D

L-ARRANĠAMENT IMSEMMI FL-ARTIKOLU 9.10(6) GĦALL-ISKAMBJU REGOLARI TA' INFORMAZZJONI RIGWARD IL-MIŻURI MEĦUDA DWAR PRODOTTI MHUX TAL-IKEL MHUX KONFORMI, GĦAJR DAWK KOPERTI MILL-PUNT (b) TAL-ARTIKOLU 9.10(5)

Dan l-Anness għandu jistabbilixxi arranġament għall-iskambju regolari ta' informazzjoni, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Unjoni u New Zealand b'mezzi elettroniċi, fir-rigward tal-miżuri meħuda dwar prodotti mhux tal-ikel mhux konformi, għajr dawk koperti mill-punt (b) tal-Artikolu 9.10(5) (Kooperazzjoni dwar is-sorveljanza tas-suq, is-sikurezza u l-konformità ta' prodotti mhux tal-ikel).

F'konformità mal-Artikolu 9.10(9) u (10) (Kooperazzjoni dwar is-sorveljanza tas-suq, is-sikurezza u l-konformità ta' prodotti mhux tal-ikel), l-arranġament imsemmi fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Anness għandu jispeċifika t-tip ta' informazzjoni li għandha tiġi skambjata, il-modalitajiet għall-iskambju u l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data personali.

ANNESS 9-E

INBID U SPIRTI

Artikolu 1

Objettiv

L-objettiv ta' dan l-Anness huwa li, fuq il-bażi tan-nondiskriminazzjoni u r-reċiproċità, jiffaċilita l-kummerċ fl-inbid u fl-ispirti prodotti fit-territorju ta' kull Parti.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni u kopertura

Dan l-Anness japplika għall-inbejjed ikklassifikati taħt l-intestatura SA 22.04 tas-Sistema Armonizzata u għall-ispirti kklassifikati taħt l-intestatura SA 22.08 tas-Sistema Armonizzata.

Artikolu 3

Eċċezzjoni ġenerali

Xejn f'dan l-Anness ma għandu jinftiehem li jipprevjeni l-adozzjoni jew l-infurzar minn kwalunkwe Parti ta' miżuri meħtieġa għall-protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bniedem jew tal-pjanti soġġett għar-rekwiżit li tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli bejn pajjiżi fejn jeżistu l-istess kundizzjonijiet, jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ internazzjonali.

Artikolu 4

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "tikketta" tfisser kwalunkwe ditta, marka, stampa jew materjal deskrittiv ieħor li jkun miktub, stampat, stensiljat, immarkat, imbuzzat jew impressjonat fuq, jew imwaħħal b'mod sod ma', kontenitur tal-inbid;

(b) "prattiki enoloġiċi" tfisser proċessi, trattamenti u tekniki ta' vinifikazzjoni bħal addittivi tal-inbid u għajnuniet għall-ipproċessar, iżda ma jinkludux it-tikkettar, l-ibbottiljar jew l-imballaġġ għall-bejgħ finali;

(c) "kamp ta' viżjoni uniku" tfisser kwalunkwe parti tal-wiċċ ta' kontenitur, minbarra l-bażi u t-tapp tiegħu, li tista' tidher mingħajr il-ħtieġa li jiddawwar il-kontenitur;

(d) "varjetà" tfisser il-kultivar ta' għeneb li minnu jsir inbid, kif espress f'termini komunement mifhuma u aċċettati li huma permessi għall-użu fil-Parti esportatriċi;

(e) "vendemmja" tfisser is-sena tal-ħsad tal-għeneb li jintuża biex isir inbid; u

(f) "inbid" tfisser il-prodott miksub esklussivament mill-fermentazzjoni alkoħolika totali jew parzjali ta' għeneb frisk, kemm jekk misħuq kif ukoll jekk le, jew ta' most tal-għeneb ([1]).

Artikolu 5

Regola ġenerali

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan l-Anness, l-importazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ([2]) tal-inbid u tal-ispirti għandhom jitwettqu f'konformità mal-liġi tal-Parti importatriċi.

([1]) Għal aktar ċertezza, it-terminu "inbid" tinkludi l-most tal-għeneb konċentrat u l-most tal-għeneb konċentrat rettifikat li huma permessi għal skopijiet ta' arrikkiment u ħlewwa kif ukoll il-frazzjonijiet tal-inbid li jistgħu jirriżultaw minn tekniki separattivi permessi.

([2]) Għal aktar ċertezza, għall-finijiet ta' dan l-Anness, it-terminu "kummerċjalizzazzjoni" ifisser "it-tqegħid fis-suq għall-bejgħ".

Artikolu 6

Definizzjonijiet tal-prodott u prattiki u proċessi enoloġiċi

1. L-Unjoni għandha tawtorizza l-importazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni fit-territorju tagħha għall-konsum mill-bniedem ta' nbid prodott fi New Zealand f'konformità ma':

(a) id-definizzjonijiet tal-prodott awtorizzati fi New Zealand mil-liġi tagħha elenkata fl-Appendiċi 9-E-1 (il-liġi ta' New Zealand kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1) (Definizzjonijiet tal-prodotti u prattiki u proċessi enoloġiċi)) ([3]);

(b) il-prattiki enoloġiċi awtorizzati fi New Zealand mil-liġi tagħha elenkata fl-Appendiċi 9-E-2 (il-liġi ta' New Zealand kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 6(1) (Definizzjonijiet tal-prodotti u prattiki u proċessi enoloġiċi)), sa fejn tali prattiki enoloġiċi huma rrakkomandati u ppubblikati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "OIV"); ([4]) u

(c) il-prattiki u r-restrizzjonijiet enoloġiċi li altrimenti huma aċċettati b'mod konġunt mill-Partijiet kif previst fl-Appendiċi 9-E-3 (Prattiki enoloġiċi ta' New Zealand) ([5]).

2. New Zealand għandha tawtorizza l-importazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni fit-territorju tagħha għall-konsum mill-bniedem ta' nbid prodott fl-Unjoni f'konformità ma':

(a) id-definizzjonijiet tal-prodotti awtorizzati fl-Unjoni mil-liġi tagħha elenkata fl-Appendiċi 9-E-4 (il-liġi tal-Unjoni kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 6(2) (Definizzjonijiet tal-prodotti u prattiki u proċessi enoloġiċi));

(b) il-prattiki u r-restrizzjonijiet enoloġiċi awtorizzati fl-Unjoni mil-liġi tagħha kif elenkat fl-Appendiċi 9-E-5 (il-liġi tal-Unjoni kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 6(2) (Definizzjonijiet tal-prodotti u prattiki u proċessi enoloġiċi)), sa fejn tali prattiki enoloġiċi huma rrakkomandati u ppubblikati mill-OIV; ([6]), ([7]) u

(c) il-prattiki u r-restrizzjonijiet enoloġiċi li altrimenti huma aċċettati b'mod konġunt mill-Partijiet kif previst fl-Appendiċi 9-E-6 (Prattiki enoloġiċi tal-Unjoni Ewropea) ([8]).

3. Parti (minn hawn 'il quddiem imsejjħa "il-Parti rikjedenti") tista' tipproponi lill-Parti l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjħa "il-Parti rikjesta") modifika fil-lista tal-prattiki enoloġiċi tal-Parti rikjedenti fl-Appendiċi 9-E-3 (Prattiki enoloġiċi ta' New Zealand) jew fl-Appendiċi 9-E-6 (Prattiki enoloġiċi tal-Unjoni Ewropea) billi tippreżenta talba bil-miktub, appoġġata minn fajl tekniku, lill-Parti rikjesta permezz tal-punt ta' kuntatt tagħha għal dan l-Anness.

4. Il-Partijiet għandhom jiddiskutu l-modifika proposta msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fil-Kumitat għall-Inbid u l-Ispirti u l-Kumitat għall-Kummerċ għandu jkollu s-setgħa li jadotta deċiżjoni biex l-Appendiċi 9-E-3 (Prattiki enoloġiċi ta' New Zealand) jew l-Appendiċi 9-E-6 (Prattiki enoloġiċi tal-Unjoni Ewropea) jiġu emendati kif meħtieġ.

([3]) Dan il-punt huwa mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti speċifiċi li jikkonċernaw l-isem tal-prodott "inbid" fl-Artikolu 9(1) (Speċifikazzjonijiet tal-informazzjoni obbligatorja tat-tikkettar – l-isem tal-prodott, il-qawwa alkoħolika proprja skont il-volum, l-identifikazzjoni tal-lott) ta' dan l-Anness.

([4]) Minkejja dan il-punt, l-Unjoni għandha tawtorizza l-importazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni fit-territorju tagħha ta' nbid prodott fi New Zealand bl-użu ta' proċessi fiżiċi ta' vinifikazzjoni f'konformità mal-liġi ta' New Zealand stabbilita fl-Appendiċi 9-E-2 (il-liġi ta' New Zealand kif elenkat fil-punt (b) tal-Artikolu 6(1) (Definizzjonijiet tal-prodotti u prattiki u proċessi enoloġiċi)).

([5]) Għal aktar ċertezza, il-punti (b) u (c) ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw individwalment jew b'mod kumulattiv, skont il-prattiki enoloġiċi applikati fl-inbid prodott fi New Zealand.

([6]) B'deroga minn dan il-punt, l-inbid prodott fl-Unjoni bl-użu ta' mannoproteini tal-ħmira jew ta' ferroċjanur tal-potassju jista' jiġi importat u kkummerċjalizzat fit-territorju ta' New Zealand dment li dan l-inbid jissodisfa l-limiti preskritti stabbiliti fil-Kodiċi tal-Istandards tal-Ikel tal-Awstralja u New Zealand għal dawn is-sustanzi sakemm il-limiti preskritti stabbiliti fil-Kodiċi tal-Istandards tal-Ikel tal-Awstralja u New Zealand ikunu differenti mir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti tal-OIV kif ippubblikati.

([7]) Minkejja dan il-punt, New Zealand għandha tawtorizza l-importazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni fit-territorju tagħha ta' nbid prodott fl-Unjoni f'konformità mal-proċessi fiżiċi ta' vinifikazzjoni u l-kundizzjonijiet u l-limiti tal-użu tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 3(1) u t-Tabella 1 tal-Parti A tal-Anness I, , tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934.

([8]) Għal aktar ċertezza, il-punti (b) u (c) ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw individwalment jew b'mod kumulattiv, skont il-prattiki enoloġiċi applikati fl-inbid prodott fl-Unjoni.

5. Jekk tinqala' xi kwistjoni dwar l-implimentazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 (Definizzjonijiet tal-prodott u prattiki u proċessi enoloġiċi) b'riżultat ta' żviluppi f'organizzazzjoni internazzjonali li tagħha l-Istati Membri, l-Unjoni jew New Zealand ikunu membri, il-Partijiet għandhom jiddiskutu l-kwistjoni fil-Kumitat għall-Inbid u l-Ispirti bil-għan li tinstab soluzzjoni sodisfaċenti għaż-żewġ naħat.

6. Il-Kumitat għall-Inbid u l-Ispirti għandu jwettaq rieżami ġenerali tal-operat tal-Artikolu 6 (Definizzjonijiet tal-prodott u prattiki u proċessi enoloġiċi) u tal-Appendiċijiet rilevanti fi żmien ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u mill-anqas darba kull ħames snin wara dan, sakemm il-kopresidenti tal-Kumitat għall-Inbid u l-Ispirti ma jaqblux mod ieħor.

Artikolu 7

Rekwiżiti ġenerali dwar it-tikkettar

1. Parti importatriċi tista' tirrikjedi li l-informazzjoni kollha fuq tikketta tkun ċara, preċiża, veritiera, kapaċi tiġi ssostanzjata u ma tiżgwidax lill-konsumatur.

2. Parti importatriċi tista' tirrikjedi li l-informazzjoni tat-tikkettar tidher f'waħda mil-lingwi użati uffiċjalment fit-territorju ta' dik il-Parti kif previst fil-liġi tagħha.

3. Parti importatriċi tista' tirrikjedi li l-informazzjoni obbligatorja tiġi ppreżentata b'karattri li ma jitħassrux u tkun miktuba jew stabbilita b'mod leġġibbli u ċar, inkluż sabiex l-informazzjoni tikkuntrasta b'mod distint mal-isfond u mat-test jew il-grafika ta' madwarha.

4. Parti importatriċi għandha tippermetti li l-informazzjoni fuq tikketta tiġi ripetuta fuq il-kontenitur, kemm jekk fl-istess forma kif ukoll jekk le.

5. Parti importatriċi tista' tipprojbixxi l-użu ta' ċerti indikazzjonijiet fuq it-tikketta meta tali projbizzjoni sservi objettiv leġittimu għas-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem.

6. Kull Parti għandha tippermetti li l-informazzjoni obbligatorja tintwera fuq tikketta supplimentari mwaħħla ma' kontenitur. It-tikketti supplimentari jistgħu jitwaħħlu ma' kontenitur wara l-importazzjoni iżda qabel ma l-prodott jiġi offrut għall-bejgħ fit-territorju tal-Parti importatriċi, dment li l-informazzjoni obbligatorja meħtieġa mill-Parti importatriċi tintwera b'mod sħiħ u preċiż.

Artikolu 8

Tqegħid tal-informazzjoni obbligatorja tat-tikkettar

1. Xejn f'dan l-Anness ma għandu jipprevjeni Parti importatriċi milli tirrikjedi li l-informazzjoni obbligatorja tat-tikkettar tiġi speċifikata fuq kontenitur.

2. Parti importatriċi ma għandhiex timponi rekwiżiti preċiżi ġodda tal-pożizzjoni għall-informazzjoni obbligatorja tat-tikkettar fuq l-inbid prodott fil-Parti l-oħra.

3. Minkejja l-paragrafu 2:

(a) Parti importatriċi tista' tirrikjedi li element wieħed jew aktar ta' informazzjoni obbligatorja tat-tikkettar jew ta' informazzjoni fakultattiva tat-tikkettar, jew it-tnejn, jidhru fl-istess kamp viżiv bħal, jew flimkien ma', jew f'ċerta prossimità ta', xulxin; u

(b) Parti importatriċi tista' tirrikjedi li l-informazzjoni obbligatorja tat-tikkettar ma tintweriex fuq il-bażi jew it-tapp, jew xi parti oħra ta' kontenitur li ma tkunx viżibbli għall-konsumatur.

Artikolu 9

Speċifikazzjonijiet tal-informazzjoni obbligatorja tat-tikkettar – isem il-prodott, il-qawwa alkoħolika proprja skont il-volum, l-identifikazzjoni tal-lott

1. L-Unjoni għandha tippermetti l-użu tat-terminu "inbid" bħala l-isem tal-prodott għall-inbid prodott fi New Zealand u importat u kkummerċjalizzat fl-Unjoni dment li l-inbid ikollu qawwa alkoħolika proprja ta' mhux anqas minn 7 % skont il-volum u qawwa alkoħolika totali ta' mhux aktar minn 20 % skont il-volum.

2. Parti importatriċi għandha tippermetti li l-kontenut reali ta' alkoħol skont il-volum jiġi indikat fuq it-tikketta f'termini perċentwali sa massimu ta' punt deċimali wieħed (pereżempju 12 %, 12,0 %, 12,1 %, 12,2 %).

3. Parti importatriċi għandha tippermetti li l-kontenut reali ta' alkoħol skont il-volum jiġi espress b'alc/vol (pereżempju, 12 % alc/vol, alc 12 % vol, 12 % vol).

4. Mingħajr preġudizzju għat-tolleranzi stabbiliti għall-metodu ta' analiżi ta' referenza użat, Parti importatriċi għandha tippermetti li l-qawwa alkoħolika proprja skont il-volum tal-inbejjed importati mill-Parti esportatriċi u indikata fuq it-tikketta tvarja minn dik mogħtija permezz ta' analiżi b'sa 0,8 % vol jew sa 0,5 % vol għall-inbejjed imqawwija.

5. Parti importatriċi tista' tirrikjedi l-forniment ta' identifikazzjoni tal-lott fuq it-tikketti tal-inbid.

6. Parti importatriċi għandha tipprojbixxi t-tħassir ([9]) tal-informazzjoni ta' identifikazzjoni tal-lott, sakemm l-awtorità rilevanti tal-Parti importatriċi ma tippermettix mod ieħor.

7. Parti ma għandhiex tippermetti t-tqegħid fis-suq għall-bejgħ fit-territorju tagħha ta' prodotti ppakkjati li ma jkunux konformi mar-rekwiżit previst fil-paragrafu 6.

Artikolu 10

Informazzjoni fakultattiva tat-tikkettar

1. Soġġett għall-Artikolu 7 (Rekwiżiti ġenerali dwar it-tikkettar), Parti importatriċi għandha tippermetti li t-tikketti jkun fihom informazzjoni minbarra l-informazzjoni obbligatorja f'konformità mal-liġi tagħha.

2. Minkejja l-punt (a) tal-Artikolu 8(3) (Tqegħid tal-informazzjoni obbligatorja tat-tikkettar), Parti importatriċi ma għandhiex tirrestrinġi t-tqegħid ta' informazzjoni fakultattiva.

Artikolu 11

Informazzjoni fakultattiva – vendemmja u varjetà

1. Parti importatriċi għandha tippermetti l-importazzjoni u l-bejgħ ta' nbid li jkun ittikkettat b'vendemmja jekk:

(a) l-inbid jikkonforma mal-liġi tal-Parti esportatriċi fir-rigward ta' vendemmja; u

(b) mill-anqas 85 % tal-inbid ikun derivat minn għeneb ta' dik il-vendemmja.

2. Għall-inbejjed prodotti fl-Unjoni li tradizzjonalment jinkisbu minn għeneb maqtugħ f'Jannar jew fi Frar, il-vendemmja li tidher fuq it-tikketta tista' tkun dik tas-sena kalendarja preċedenti.

3. Parti importatriċi għandha tippermetti l-importazzjoni u l-bejgħ ta' nbid li jkun ittikkettat bħala ta' varjetà waħda ta' għeneb jekk:

(a) l-inbid jikkonforma mal-liġi tal-Parti esportatriċi fir-rigward tal-kompożizzjoni varjetali; u

([9]) Għal aktar ċertezza, it-terminu "tħassir" jinkludi l-azzjonijiet li ġejjin: bdil, tneħħija, tħassir, obliterazzjoni, u oskurar.

(b) mill-anqas 85 % tal-inbid ittikkettat b'dan il-mod ikun miksub minn għeneb ta' dik il-varjetà.

4. Parti importatriċi għandha tippermetti l-importazzjoni u l-bejgħ ta' nbid li jkun ittikkettat bħala ta' varjetajiet multipli ta' għeneb jekk:

(a) l-inbid jikkonforma mal-liġi tal-Parti esportatriċi fir-rigward tal-kompożizzjoni varjetali;

(b) mill-anqas 85 % tal-inbid ittikkettat b'dan il-mod ikun miksub minn għeneb ta' dawk il-varjetajiet;

(c) kull varjetà elenkata tkun fi proporzjon akbar fl-inbid minn kwalunkwe varjetà li ma tkunx elenkata; u

(d) il-varjetajiet elenkati jkunu f'ordni dixxendenti tal-proporzjonijiet tagħhom fl-inbid u, jekk ikun meħtieġ mill-Parti importatriċi, f'karattri tal-istess daqs.

Artikolu 12

Ċertifikazzjoni

1. Sakemm ma jkunx meħtieġ għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem, Parti ma għandhiex tissottometti l-importazzjonijiet tal-inbid prodott fil-Parti l-oħra għal sistema aktar restrittiva ta' ċertifikazzjoni jew rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni aktar estensivi minn dawk previsti fil-liġi tagħha fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. L-Unjoni għandha tawtorizza l-importazzjonijiet ta' nbid prodott fi New Zealand f'konformità mad-dokument VI-1 simplifikat, li l-format u l-informazzjoni meħtieġa tiegħu huma speċifikati fl-Appendiċi 9-E-7 (Dokument VI-1 simplifikat), jew f'konformità maċ-Ċertifikat simplifikat speċifikat fl-Appendiċi 9-E-8 (Ċertifikat simplifikat).

3. Fil-każ ta' mistoqsija fir-rigward tar-riżultati tat-testijiet, kull Parti għandha tapplika l-metodi ta' analiżi ta' referenza rrakkomandati u ppubblikati mill-OIV jew, f'każ li dawk il-metodi ta' referenza ma jkunux jeżistu, metodu ta' analiżi li jikkonforma mal-istandards rakkomandati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, sakemm l-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' kull Parti ma jaqblux mod ieħor b'mod konġunt.

Artikolu 13

Informazzjoni dwar l-ikel

1. Parti ma għandha tirrikjedi l-ebda waħda minn dawn tidher fuq il-kontenitur, it-tikketta, jew l-imballaġġ tal-inbid:

(a) id-data tal-imballaġġ;

(b) id-data tal-ibbottiljar;

(c) id-data tal-produzzjoni jew tal-manifattura;

(d) id-data ta' skadenza;

(e) id-data tad-durabilità minima; jew

(f) id-data sa meta għandu jinbiegħ.

2. Minkejja l-punti (d) u (e), Parti tista' tirrikjedi l-wiri ta' data ta' skadenza jew ta' durabilità minima fuq prodotti li, minħabba l-imballaġġ jew iż-żieda ta' ingredjenti li jitħassru malajr, jista' jkollhom data ta' skadenza jew durabilità minima iqsar milli normalment ikun mistenni mill-konsumatur.

3. Parti tista' tirrikjedi wkoll il-wiri ta' data ta' durabilità minima fuq inbid li jkun għadda minn trattament ta' dealkoħolizzazzjoni u li jkollu qawwa alkoħolika proprja skont il-volum ta' anqas minn 10 %.

Artikolu 14

Preżentazzjoni u deskrizzjoni tal-ispirti

L-Artikolu 7 (Rekwiżiti ġenerali dwar it-tikkettar), l-Artikolu 9(5), (6) u (7) (Speċifikazzjonijiet tal-informazzjoni obbligatorja tat-tikkettar – isem il-prodott, il-qawwa alkoħolika proprja skont il-volum, l-identifikazzjoni tal-lott), u l-Artikolu 13(1) u (2) (Informazzjoni dwar l-ikel) ta' dan l-Anness għandhom japplikaw mutatis mutandis għall-preżentazzjoni u d-deskrizzjoni tal-ispirti.

Artikolu 15

Ħażniet eżistenti

Prodotti li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ikunu ġew prodotti jew ittikkettati f'konformità mal-liġi ta' Parti u l-obbligi tal-Partijiet lejn xulxin, iżda b'mod li ma jkunx konformi ma' dan l-Anness, jistgħu jitqiegħdu fis-suq fil-Parti l-oħra għall-bejgħ sakemm jispiċċaw il-ħażniet.

Artikolu 16

Il-Kumitat għall-Inbid u l-Ispirti

1. Dan l-Artikolu jikkomplementa u jispeċifika aktar l-Artikolu 24.4 (Kumitati speċjalizzati).

2. Il-Kumitat għall-Inbid u l-Ispirti għandu jiltaqa' fi żmien sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u minn hemm 'il quddiem fuq talba ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet. Il-laqgħat għandhom isiru f'data u ħin maqbula mill-kopresidenti tal-Kumitat għall-Inbid u l-Ispirti, iżda mhux aktar tard minn 90 jum wara t-talba.

3. Il-Kumitat għall-Inbid u l-Ispirti għandu, fir-rigward ta' dan l-Anness, ikollu l-funzjonijiet li ġejjin, kull meta jkun meħtieġ:

(a) iservi bħala pjattaforma għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Partijiet biex jiġi ottimizzat l-operat ta' dan l-Anness;

(b) iservi bħala forum għall-Partijiet biex jiddiskutu l-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(3) u (6) (Definizzjonijiet tal-prodotti u prattiki u proċessi enoloġiċi) kif ukoll kwalunkwe kwistjoni ta' interess reċiproku fis-settur tal-inbid u l-ispirti; u

(c) iwettaq rieżami ġenerali tal-operat tal-Artikolu 6 (Definizzjonijiet tal-prodott u prattiki u proċessi enoloġiċi) u tal-Appendiċijiet rilevanti f'konformità mal-Artikolu 6(7) (Definizzjonijiet tal-prodotti u prattiki u proċessi enoloġiċi); u

4. Il-Kumitat għall-Inbid u l-Ispirti jista' jiddeċiedi dwar modalitajiet speċifiċi bħall-proċeduri u l-kriterji għall-valutazzjoni ta' kwalunkwe modifika proposta fl-Appendiċi 9-E-3 (Prattiki enoloġiċi ta' New Zealand) jew fl-Appendiċi 9-E-6 (Prattiki enoloġiċi tal-Unjoni Ewropea).

Artikolu 17

Punti ta' kuntatt

Fi żmien 60 jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha taħtar punt ta' kuntatt biex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwistjonijiet koperti minn dan l-Anness u għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt għall-punt ta' kuntatt. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra minnufih fil-każ ta' kwalunkwe bidla f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

Appendiċi 9-E-1

IL-LIĠI TA' NEW ZEALAND KIF IMSEMMIJA FIL-PUNT (a) TAL-ARTIKOLU 6(1) (DEFINIZZJONIJIET TAL-PRODOTTI U PRATTIKI U PROĊESSI ENOLOĠIĊI)

Il-liġi ta' New Zealand kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1) (Definizzjonijiet tal-prodott u prattiki u proċessi enoloġiċi):

(i) l-Att tal-2003 dwar l-Inbid u l-leġiżlazzjoni sekondarja assoċjata; u

(ii) il-Kodiċi tal-Istandards tal-Ikel tal-Awstralja u New Zealand kif adottat skont l-Att tal-2014 dwar l-Ikel.

Appendiċi 9-E-2

IL-LIĠI TA' NEW ZEALAND KIF IMSEMMIJA FIL-PUNT (b) TAL-ARTIKOLU 6(1) (DEFINIZZJONIJIET TAL-PRODOTTI U PRATTIKI U PROĊESSI ENOLOĠIĊI)

Il-liġi ta' New Zealand kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 6(1) (Definizzjonijiet tal-prodott u prattiki u proċessi enoloġiċi):

(i) l-Att tal-2003 dwar l-Inbid u l-leġiżlazzjoni sekondarja assoċjata; u

(ii) il-Kodiċi tal-Istandards tal-Ikel tal-Awstralja u New Zealand kif adottat skont l-Att tal-2014 dwar l-Ikel.

Appendiċi 9-E-3

PRATTIKI ENOLOĠIĊI TA' NEW ZEALAND

Prattiki enoloġiċi ta' New Zealand kif imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 6(1) (Definizzjonijiet tal-prodott u prattiki u proċessi enoloġiċi) għall-inbid prodott fi New Zealand u importat fl-Unjoni:

Użu f'konformità mal-liġi ta' New Zealand:

— sulfat tal-ammonju;

— fosfat tad-diammonju;

— idroklorur tat-tijamina;

— karbonat tal-kalċju;

— karbonat tal-potassju;

— tartrat tal-kalċju;

— iż-żieda ta' most tal-għeneb, most tal-għeneb konċentrat jew most tal-għeneb konċentrat rettifikat għall-ħlewwa;

— proteini tal-pjanti;

— enzimi approvati għall-produzzjoni tal-ikel;

— liżożima;

— gomma arabika;

— karbonju enoloġiku/karbonju attivat;

— ċitrat tar-ram;

— iż-żieda ta' sukrożju, most tal-għeneb konċentrat jew most tal-għeneb konċentrat rettifikat biex tiżdied il-qawwa alkoħolika naturali tal-għeneb, tal-most tal-għeneb jew tal-inbid;

— qxur tal-ħmira;

— ħmira inattivata b'livelli garantiti ta' glutatijon;

— idroġenukarbonat tal-potassju;

— tartrat tal-potassju;

— karbossimetilċelluloża tas-sodju;

— aċidu fumariku; u

— fibri tal-pjanti selettivi.

Iż-żieda tal-ilma fil-produzzjoni tal-inbid hija eskluża, ħlief meta tkun meħtieġa minħabba neċessità teknika speċifika.

L-użu ta' dawn li ġejjin għat-tipi kollha ta' nbejjed frizzanti:

— Likur tad-dożaġġ li fih biss sukrożju, most tal-għeneb, most tal-għeneb fil-fermentazzjoni, most tal-għeneb konċentrat, most tal-għeneb konċentrat rettifikat, inbid u distillat tal-inbid.

Prattiki soġġetti għal-liġi tal-Parti importatriċi:

— l-użu tad-diossidu tal-kubrit u tas-sulfiti fl-inbid;

— l-użu ta' likur zokkri; u

— l-użu ta' karfa friska.

Maqbula b'limiti speċifikati:

— l-użu tal-perossidu tal-idroġenu sa massimu ta' 5 mg/kg; u

— l-użu tal-aċidu L-askorbiku jew tal-aċidu eritorbiku fl-inbid huwa permess sa livell massimu ta' 300 mg/L fil-prodott finali kif kummerċjalizzat.

Appendiċi 9-E-4

ID-DRITT TAL-UNJONI KIF IMSEMMI FIL-PUNT (a) TAL-ARTIKOLU 6(2) (DEFINIZZJONIJIET TAL-PRODOTTI U PRATTIKI U PROĊESSI ENOLOĠIĊI)

Id-dritt tal-Unjoni kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 6(2) (Definizzjonijiet tal-prodott u prattiki u proċessi enoloġiċi):

(i) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]), b'mod partikolari r-regoli dwar il-produzzjoni fis-settur tal-inbid, f'konformità mal-Artikoli 75, 81, u 91 ta' dak ir-Regolament, u l-Parti IV tal-Anness II u l-Parti II tal-Anness VII tiegħu; u

(ii) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([11]), b'mod partikolari l-Artikoli 47 u 52 sa 54 ta'dak ir-Regolament, u l-Annessi III, V u VI tiegħu.

([10]) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

([11]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 tas-17 ta' Ottubru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi u termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid, il-proċedura ta' oġġezzjoni, ir-restrizzjonijiet tal-użu, l-emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, it-tħassir tal-protezzjoni, u t-tikkettar u l-preżentazzjoni (ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2).

Appendiċi 9-E-5

ID-DRITT TAL-UNJONI KIF IMSEMMI FIL-PUNT (b) TAL-ARTIKOLU 6(2) (DEFINIZZJONIJIET TAL-PRODOTTI U PRATTIKI U PROĊESSI ENOLOĠIĊI)

Id-dritt tal-Unjoni kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 6(2) (Definizzjonijiet tal-prodott u prattiki u proċessi enoloġiċi):

(i) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013, b'mod partikolari l-prattiki u r-restrizzjonijiet enoloġiċi f'konformità mal-Artikoli 80 u 83 ta' dak ir-Regolament, u l-Anness VIII tiegħu; u

(ii) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934 ([12]).

([12]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda ż-żoni ta' vitikultura li fihom tista' tiżdied il-qawwa alkoħolika, il-prattiki enoloġiċi awtorizzati u r-restrizzjonijiet applikabbli għall-produzzjoni u l-konservazzjoni tal-prodotti tad-dielja, il-persentaġġ minimu tal-alkoħol għall-prodotti sekondarji u r-rimi tagħhom, u l-pubblikazzjoni tal-fajls tal-OIV (ĠU L 149, 7.6.2019, p. 1).

Appendiċi 9-E-6

PRATTIKI ENOLOĠIĊI TAL-UNJONI EWROPEA

Prattiki enoloġiċi tal-Unjoni kif imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 6(2) (Definizzjonijiet tal-prodott u prattiki u proċessi enoloġiċi) għall-inbid prodott fl-Unjoni u importat fi New Zealand:

— il-most tal-għeneb konċentrat, il-most tal-għeneb konċentrat rettifikat u s-sukrożju jistgħu jintużaw għall-arrikkiment u l-ħlewwa skont il-kundizzjonijiet speċifiċi u limitati rispettivament fil-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u fil-Parti D tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934, soġġett għall-esklużjoni tal-użu ta' tali prodotti f'forma rikostitwita fl-inbejjed koperti minn dan il-Ftehim;

— iż-żieda tal-ilma fil-produzzjoni tal-inbid hija eskluża, ħlief meta tkun meħtieġa minħabba neċessità teknika speċifika; u

— il-karfa friska tista' tintuża skont il-kundizzjonijiet speċifiċi u limitati stabbiliti fil-partita 11.2 tat-Tabella 2 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/934.

Prattiki soġġetti għal-liġi tal-Parti importatriċi:

— l-użu tad-diossidu tal-kubrit u tas-sulfiti fl-inbid; u

— l-użu ta' likur zokkri.

Appendiċi 9-E-7

DOKUMENT VI-1 SIMPLIFIKAT

Mudell ta' ċertifikat maħruġ mill-Ministeru għall-Industriji Primarji għall-inbid prodott fi New Zealand u importat fl-Unjoni ([1])

1. Esportatur (isem u indirizz)	PAJJIŻ TERZ TAL-ĦRUĠ: NEW ZEALAND VI-1 simplifikat Nru tas-Serje: DOKUMENT GĦALL-IMPORTAZZJONI TAL-INBID FL-UNJONI EWROPEA
2. Konsenjatarju (isem u indirizz)	3. Timbru tad-dwana (għall-użu uffiċjali tal-UE biss)
4. Mezzi tat-trasport u dettalji tat-trasport	5. Post tal-ħatt (jekk differenti minn 2)
6. Deskrizzjoni tal-prodott importat	7. Kwantità f'l/hl/kg ([2]) 8. Għadd ta' kontenituri ([3])

9. ĊERTIFIKAT

Il-prodott deskritt hawn fuq huwa maħsub għall-konsum dirett mill-bniedem u jikkonforma mad-definizzjonijiet tal-prodott u l-prattiki enoloġiċi awtorizzati f'konformità mat-termini tal-Anness 9-E (Inbid u spirti) għall-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand.

L-isem sħiħ u l-indirizz tal-korp kompetenti:

Timbru: Il-post u d-data:

Il-firma, l-isem u t-titlu tal-uffiċjal:

10. RAPPORT TA' ANALIŻI (li jiddeskrivi l-karatteristiċi analitiċi tal-prodott deskritt hawn fuq)

— Qawwa alkoħolika proprja:

— Diossidu tal-kubrit totali:

— Aċidità totali:

L-isem sħiħ u l-indirizz tal-korp jew dipartiment maħtur (laboratorju):

Timbru: Il-post u d-data:
Il-firma, l-isem u t-titlu tal-uffiċjal:

([1]) F'konformità mal-Artikolu 12 (Ċertifikazzjoni) tal-Anness 9-E (Inbid u spirti) għall-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand.
([2]) Ħassar fejn ma japplikax.
([3]) Kontenitur ifisser reċipjent għall-inbid li jesa' anqas minn 60 litru. L-għadd ta' kontenituri jista' jkun l-għadd ta' fliexken.

Attribuzzjoni (ir-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera u l-ħruġ ta' estratti)

Kwantità	11. In-numru u d-data tad-dokument doganali tar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera u tal-estratt	12. L-isem sħiħ u l-indirizz tal-konsenjatarju (estratt)	13. Timbru tal-awtorità kompetenti
Disponibbli			
Attribwit			
Disponibbli			
Attribwit			
Disponibbli			
Attribwit			
Disponibbli			
Attribwit			
14. Rimarki oħrajn			

Appendiċi 9-E-8

ĊERTIFIKAT SIMPLIFIKAT

Mudell ta' ċertifikat maħruġ mill-Ministeru għall-Industriji Primarji għall-inbid prodott fi New Zealand u importat fl-Unjoni ([1])

1. Esportatur (isem u indirizz)	PAJJIŻ TERZ TAL-ĦRUĠ: NEW ZEALAND Nru tas-Serje ([2]) : DOKUMENT GĦALL-IMPORTAZZJONI TAL-INBID FL-UNJONI EWROPEA
2. Konsenjatarju (isem u indirizz)	3. Timbru tad-dwana (għall-użu uffiċjali tal-UE biss)
4. Mezz tat-trasport u dettalji tat-trasport ([3])	5. Post tal-ħatt (jekk differenti minn 2)
6. Deskrizzjoni tal-prodott importat ([4])	7. Kwantità f'l/hl/kg ([5]) 8. Għadd ta' kontenituri ([6])
9. Ċertifikat Il-prodott deskritt hawn fuq huwa maħsub għall-konsum dirett mill-bniedem u jikkonforma mad-definizzjonijiet tal-prodott u l-prattiki enoloġiċi awtorizzati f'konformità mat-termini tal-Anness 9-E (Inbid u spirti) għall-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand. L-isem sħiħ u l-indirizz tal-korp kompetenti: Timbru Il-post u d-data: Il-firma, l-isem u t-titlu tal-uffiċjal:	

([1]) F'konformità mal-Artikolu 12 (Ċertifikazzjoni) tal-Anness 9-E (Inbid u spirti) għall-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand.
([2]) Dan huwa n-numru ta' traċċabilità tal-lott allokat mill-korp kompetenti ta' New Zealand.
([3]) Indika: it-trasport użat għall-konsenja sal-punt tad-dħul fl-Unjoni speċifika l-mezz tat-trasport (vapur, ajru, eċċ.), aġħti l-isem tal-mezz tat-trasport (il-vapur, in-numru tat-titjira, eċċ.).
([4]) Aġħti l-informazzjoni li ġejja:
— Id-deskrizzjoni kummerċjali (kif tidher fuq it-tikketta, bħall-isem tal-produttur, ir-reġjun tal-produzzjoni tal-inbid, il-marka kummerċjali, eċċ.);
— Isem il-pajjiż tal-oriġini: [indika "New Zealand"];
— L-isem tal-indikazzjoni ġeografika, dment li l-inbid jikkwalifika għal tali indikazzjoni ġeografika (eż. denominazzjoni ta' oriġini protetta, indikazzjoni ġeografika protetta);
— Il-qawwa alkoħolika proprja skont il-volum;
— Il-kulur tal-prodott (indika "aħmar", "roża" jew "abjad" biss);
— Il-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (kodiċi NM).
([5]) Ħassar fejn ma japplikax.
([6]) Kontenitur ifisser reċipjent għall-inbid li jesa' anqas minn 60 litru. L-għadd ta' kontenituri jista' jkun l-għadd ta' fliexken.

Attribuzzjoni (ir-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera u l-ħruġ ta' estratti)

Kwantità	10. In-numru u d-data tad-dokument doganali ta' rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera u tal-estratt	11. L-isem sħiħ u l-indirizz tal-konsenjatarju (estratt)	12. Siġill tal-awtorità kompetenti
Disponibbli			
Attribwit			
Disponibbli			
Attribwit			
Disponibbli			
Attribwit			
Disponibbli			
Attribwit			
13. Rimarki oħrajn			

Appendiċi 9-E-9

DIKJARAZZJONIJIET

Dikjarazzjoni dwar il-mannoproteini tal-ħmira u l-ferroċjanur tal-potassju

1. In-nota 1 f'qiegħ il-paġna għal-punt(b) tal-Artikolu 6(2) (Definizzjonijiet tal-prodott u prattiki u proċessi enoloġiċi) tipprevedi li l-inbid prodott fl-Unjoni u importat fi New Zealand għandu jissodisfa l-limiti preskritti fil-liġi ta' New Zealand għall-użu tal-mannoproteini tal-ħmira u tal-ferroċjanur tal-potassju sakemm dawn il-limiti jkunu differenti minn dawk rakkomandati fir-riżoluzzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid kif ippubblikati. Soġġett għall-paragrafu 2 ta' din id-Dikjarazzjoni, New Zealand se tagħmel ħiliṫha biex tfittex it-tneħħija tal-limiti preskritti għall-mannoproteini tal-ħmira u għall-ferroċjanur tal-potassju fil-Kodiċi tal-Istandards tal-Ikel tal-Awstralja u New Zealand.

2. New Zealand ma tistax tantiċipa l-eżitu jew il-perjodi ta' żmien tal-proċess imsemmi fil-paragrafu 1, minħabba li l-limiti preskritti huma stabbiliti minn Food Standards Australia New Zealand bħala parti mill-Food System konġunta mal-Awstralja.

Dikjarazzjoni konġunta dwar it-tikkettar tal-allerġeni fuq l-inbid u l-ispirti

1. Kull Parti tirrikonoxxi d-dritt tal-Parti l-oħra li tirregola l-informazzjoni tat-tikkettar għall-inbid u l-ispirti relatata mal-allerġeni.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 (Tqegħid tal-informazzjoni obbligatorja tat-tikkettar) tal-Anness 9-E (L-inbid u l-ispirti), il-Partijiet jirrikonoxxu li:

(a) l-Unjoni tista' tirrikjedi li d-dettalji obbligatorji relatati mal-allerġeni kif previst fir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]) jew fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 jiġu inklużi fid-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni tal-inbid u l-ispirti; u

(b) għal New Zealand, it-tikkettar tal-allerġeni huwa soġġett għar-reġim regolatorju konġunt ta' New Zealand mal-Awstralja skont l-Istandard tal-Ikel 1.2.3 tal-Kodiċi tal-Istandards tal-Ikel tal-Awstralja u New Zealand.

3. Il-Partijiet se jaħdmu b'mod kooperattiv bil-għan li jilħqu, jekk ikun possibbli, eżitu aċċettabbli b'mod reċiproku dwar ir-rekwiżiti tat-tikkettar tal-allerġeni.

Dikjarazzjoni dwar l-użu tat-termini "brut nature" u "extra brut" għall-inbejjed frizzanti prodotti fl-Unjoni

L-inbejjed frizzanti prodotti fl-Unjoni u importati fi New Zealand jistgħu jiġu deskritti bit-termini "natura brut" u "extra brut" fi New Zealand dment li tali użu ma jkunx falz jew qarrieqi għall-konsumaturi fi New Zealand skont l-Att tal-1986 dwar il-Kummerċ Ġust u dment li tali użu jissodisfa r-rekwiżiti skont l-Att tal-2014 dwar l-Ikel.

([13]) Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

ANNESS 10-A

MIŻURI EŻISTENTI

Noti introduttivi

1. L-iskedi ta' New Zealand u tal-Unjoni jistabbilixxu, skont l-Artikolu 10.10 (Miżuri mhux konformi) jew 10.18 (Miżuri mhux ta' konferma), il-miżuri eżistenti ta' New Zealand u tal-Unjoni li ma jikkonformawx mal-obbligi imposti minn:

(a) l-Artikolu 10.5 (Aċċess għas-suq) jew 10.14 (Aċċess għas-suq);

(b) l-Artikolu 10.6 (Trattament nazzjonali) jew 10.16 (Trattament nazzjonali);

(c) l-Artikolu 10.7 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) jew 10.17 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit);

(d) l-Artikolu 10.8 (Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi);

(e) l-Artikolu 10.9 (Rekwiżiti ta' prestazzjoni); jew

(f) l-Artikolu 10.15 (Preżenza lokali)

2. Ir-riżervi ta' Parti huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-GATS.

3. Kull entrata tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) "settur" tirreferi għas-settur ġenerali li fih issir l-entrata;

(b) "sottosettur" tirreferi għas-settur speċifiku li fih issir l-entrata;

(c) "klassifikazzjoni tal-industrija" tirreferi, fejn applikabbli, għall-attività koperta mill-entrata skont is-CPC, ISIC Rev. 3.1, jew kif deskritt espressament mod ieħor f'dik l-entrata;

(d) "obbligi kkonċernati" tispeċifika l-obbligu msemmi fil-paragrafu 1 li għalih issir entrata;

(e) "livell ta' gvern" tindika l-livell ta' gvern li jżomm il-miżura elenkata;

(f) "miżuri" tidentifika l-liġi, ir-regolament jew miżura oħra li għaliha ssir l-entrata. "Miżura" ċitata fl-element "miżuri":

(i) tfisser il-miżura kif emendata, issoktata jew imġedda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

(ii) tinkludi kwalunkwe miżura subordinata adottata jew miżmuma taħt l-awtorità ta' u konsistenti mal-miżura; u

(iii) fir-rigward tal-iskeda tal-Unjoni, tinkludi kwalunkwe liġi, regolament jew miżura oħra li timplimenta direttiva fil-livell tal-Istati Membri; u

(g) "deskrizzjoni" tistabbilixxi l-aspetti mhux konformi tal-miżura eżistenti li għaliha ssir l-entrata.

4. Fl-interpretazzjoni ta' entrata, għandhom jitqiesu l-elementi kollha tal-entrata. Entrata għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-obbligi rilevanti tat-Taqsimiet jew tas-Subtaqsimiet li magħhom issir l-entrata. Fil-każ ta' inkonsistenza bejn l-element tal-"miżuri" u l-elementi l-oħra ta' entrata, għandu jipprevali l-element tal-"miżuri".

5. Għall-finijiet tal-iskedi ta' New Zealand u tal-Unjoni:

(a) "ISIC Rev. 3.1" tfisser l-Istandard Internazzjonali ta' Klassifikazzjoni Industrijali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stabbilit fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Dokumenti Statistiċi, Serje M, Nru 4, ISIC Rev. 3.1, 2002;

(b) "CPC" tfisser il-Klassifikazzjoni Proviżorja Ċentrali tal-Prodotti (Statistical Papers, Series M, No. 77, Department of International Economic and Social Affairs, Statistical Office of the United Nations, New York, 1991).

6. Għall-finijiet tal-iskedi ta' New Zealand u tal-Unjoni, entrata għal rekwiżit biex ikun hemm preżenza lokali fit-territorju tal-Unjoni jew ta' New Zealand issir mal-Artikolu 10.15 (Preżenza lokali), u mhux mal-Artikolu 10.14 (Aċċess għas-suq) jew 10.16 (Trattament nazzjonali). Barra minn hekk, tali rekwiżit ma jsirx bħala entrata mal-Artikolu 10.56 (Aċċess għall-faċilitajiet essenzjali tal-forniturі ewlenin).

7. Entrata li ssir fil-livell tal-Unjoni tapplika għal miżura tal-Unjoni, għal miżura ta' Stat Membru fil-livell ċentrali jew għal miżura ta' gvern fi Stat Membru, sakemm l-entrata ma tkunx teskludi Stat Membru. Entrata għal Stat Membru tapplika għal miżura ta' gvern fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali f'dak l-Istat Membru. Għall-finijiet tal-entrati tal-Belġju, il-livell ċentrali tal-gvern ikopri l-gvern federali u l-gvernijiet tar-reġjuni u l-komunitajiet peress li kull wieħed minnhom għandu setgħat leġiżlattivi ekwipollenti. Għall-finijiet tal-entrati tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, livell reġjonali tal-gvern fil-Finlandja jfisser il-Gżejjer Åland. Entrata li ssir fil-livell ta' New Zealand tapplika għal miżura tal-gvern ċentrali jew ta' gvern lokali.

8. Il-lista ta' entrati f'dan l-Anness ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri ta' kwalifika, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzjar fejn dawn ma jikkostitwux limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 10.5 (Aċċess għas-suq), , 10.6 (Trattament nazzjonali), 10.14 (Aċċess għas-suq), 10.15 (Preżenza lokali) jew 10.16 (Trattament nazzjonali). Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu, , il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, li jiġi ssodisfat obbligu ta' servizz universali, li wieħed ikollu kwalifika rikonoxxuta f'settur regolat, li wieħed jgħaddi minn eżami speċifiku, inkluż eżami tal-lingwa, li jiġi ssodisfat rekwiżit ta' sħubija fi professjoni partikolari, bħal sħubija f'organizzazzjoni professjonali, li wieħed ikollu aġent lokali għas-servizz, jew li jkollu indirizz lokali, jew kwalunkwe rekwiżit ieħor mhux diskriminatorju li ċerti attivitajiet ma jistgħux jitwettqu f'żoni jew arji protetti. Filwaqt li mhumiex elenkati, tali miżuri jibqgħu japplikaw.

9. Għal aktar ċertezza, għall-Unjoni, l-obbligu li jingħata trattament nazzjonali ma jinvolvix ir-rekwiżit li jiġi estiż għall-persuni ta' New Zealand it-trattament mogħti fi Stat Membru, fl-applikazzjoni tat-TFUE, jew kwalunkwe miżura adottata skont it-TFUE, inkluż l-implimentazzjoni tagħha fl-Istati Membri, lil:

(a) persuni fiżiċi jew residenti ta' Stat Membru ieħor; jew

(b) persuni ġuridiċi kostitwiti jew organizzati skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor jew tal-Unjoni u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni.

10. It-trattament mogħti lil persuni ġuridiċi stabbiliti minn investituri ta' Parti f'konformità mal-liġi tal-Parti l-oħra (inkluż, fil-każ tal-Unjoni, il-liġi ta' Stat Membru) u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom f'dik il-Parti l-oħra, huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kundizzjoni jew obbligu, konsistenti mat-Taqsima B (Liberalizzazzjoni tal-investiment) tal-Kapitolu 10 (Kummerċ fis-servizzi u l-investiment), li setgħu ġew imposti fuq tali persuna ġuridika meta ġiet stabbilita f'dik il-Parti l-oħra, u li għandhom ikomplu japplikaw.

11. L-Iskedi ta' New Zealand u l-Unjoni japplikaw biss għat-territorji ta' New Zealand u tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 1.4 (Applikazzjoni territorjali) u huma rilevanti biss fil-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni, l-Istati Membri u New Zealand. Huma ma jaffettwawx id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni.

12. Għal aktar ċertezza, miżuri mhux diskriminatorji ma jikkostitwux limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 10.5 (Aċċess għas-suq) jew tal-Artikolu 10.14 (Aċċess għas-suq) għal kwalunkwe miżura:

(a) li tirrikjedi s-separazzjoni tas-sjieda tal-infrastruttura mis-sjieda tal-oġġetti jew tas-servizzi pprovduti permezz ta' dik l-infrastruttura biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta, pereżempju fl-oqsma tal-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjoni;

(b) li tirrestrinġi l-konċentrazzjoni tas-sjieda biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta;

(c) li tfittex li tiżgura l-konservazzjoni u l-protezzjoni tar-riżorsi naturali u tal-ambjent, inkluża limitazzjoni fuq id-disponibbiltà, l-għadd u l-ambitu tal-konċessjonijiet mogħtija, u l-impożizzjoni ta' moratorju jew projbizzjoni;

(d) li tillimita l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija minħabba restrizzjonijiet tekniċi jew fiżiċi, pereżempju l-ispettri u l-frekwenzi tat-telekomunikazzjoni; jew

(e) li tirrikjedi li ċertu perċentwal tal-azzjonisti, sidien, soċji, jew diretturi ta' intrapriża jkunu kkwalifikati jew jipprattikaw ċerta professjoni bħal avukati jew kontabilisti.

13. Fir-rigward tas-servizzi tal-kompjuter, kwalunkwe wieħed mis-servizzi li ġejjin għandu jitqies bħala servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati, irrispettivament minn jekk jitwasslux permezz ta' network, inkluż l-Internet:

(a) konsulenza, adattament, strateġija, analiżi, ippjanar, speċifikazzjoni, tfassil, żvilupp, installazzjoni, implimentazzjoni, integrazzjoni, ittestjar, debugging, aġġornament, appoġġ, assistenza teknika jew ġestjoni ta' jew għall-kompjuters jew għas-sistemi tal-kompjuter;

(b) programmi tal-kompjuter definiti bħala s-settijiet ta' struzzjonijiet meħtieġa biex il-kompjuters jaħdmu u jikkomunikaw (fihom u minnhom infushom), kif ukoll konsulenza, strateġija, analiżi, ippjanar, speċifikazzjoni, disinn, żvilupp, installazzjoni, implimentazzjoni, integrazzjoni, ittestjar, debugging, aġġornament, adattament, manutenzjoni, appoġġ, assistenza teknika, ġestjoni jew użu ta' programmi tal-kompjuter jew għalihom;

(c) ipproċessar tad-*data*, ħżin tad-*data*, servizzi ta' hosting tad-*data* jew ta' bażi tad-*data*;

(d) servizzi ta' manutenzjoni u tiswija għal makkinarju u tagħmir tal-uffiċċju, inklużi l-kompjuters; u

(e) servizzi ta' taħriġ għall-persunal tal-klijenti, relatati ma' programmi tal-kompjuter, il-kompjuters jew is-sistemi tal-kompjuter, u li mhumiex ikklassifikati band'oħra.

Għal aktar ċertezza, is-servizzi ffaċilitati mill-kompjuter u s-servizzi relatati, minbarra dawk elenkati fil-punti (a) sa (e), ma għandhomx jitqiesu bħala servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati fihom infushom.

14. Fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, b'differenza mis-sussidjarji barranin, il-fergħat stabbiliti direttament fi Stat Membru minn istituzzjoni finanzjarja mhux tal-Unjoni mhumiex, b'ċerti eċċezzjonijiet limitati, soġġetti għal regolamenti prudenzjali armonizzati fil-livell tal-Unjoni li jippermettu lil tali sussidjarji jibbenefikaw minn faċilitajiet imtejba biex jistabbilixxu stabbilimenti ġodda u jipprovdu servizzi transfruntiera madwar l-Unjoni. Għalhekk, dawn il-fergħat jirċievu awtorizzazzjoni biex joperaw fit-territorju ta' Stat Membru taħt kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk li japplikaw għall-istituzzjonijiet finanzjarji domestiċi ta' dak l-Istat Membru, u jistgħu jkunu meħtieġa jissodisfaw għadd ta' rekwiżiti prudenzjali speċifiċi bħal, fil-każ tas-servizzi bankarji u t-titoli, kapitalizzazzjoni separata u rekwiżiti oħra ta' solvenza, u rekwiżiti ta' rapportar u pubblikazzjoni tal-kontijiet jew, fil-każ tal-assigurazzjoni, rekwiżiti speċifiċi ta' garanzija u ta' depożiti, kapitalizzazzjoni separata, u l-lokalizzazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat tal-assi li jirrappreżentaw ir-riżervi tekniċi u mill-anqas terz tal-marġini ta' solvenza.

15. Fir-rigward tal-Artikolu 10.5 (Aċċess għas-suq), il-persuni ġuridiċi li jipprovdu servizzi finanzjarji u li huma kostitwiti skont il-liġijiet ta' New Zealand jew il-liġijiet tal-Unjoni jew ta' mill-anqas wieħed mill-Istati Membri, huma soġġetti għal limitazzjonijiet mhux diskriminatorji fuq il-forma legali ([1]).

16. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin huma użati fil-lista ta' riżervi f'dan l-Anness:

UE l-Unjoni, inklużi l-Istati Membri

AT L-Awstrija

BE Il-Belġju

BG Il-Bulgarija

CY Ċipru

([1]) Pereżempju, is-soċjetajiet u l-impriżi individwali ġeneralment mhumiex forom legali aċċettabbli għall-istituzzjonijiet finanzjarji fi New Zealand u fl-Unjoni. Din in-nota introduttiva mhijiex fiha nnifisha maħsuba biex taffettwa, jew inkella tillimita, għażla minn istituzzjoni finanzjarja tal-Parti l-oħra bejn fergħat jew sussidjarji.

CZ	Iċ-Ċekja
DE	Il-Ġermanja
DK	Id-Danimarka
EE	L-Estonja
EL	Il-Greċja
ES	Spanja
FI	Il-Finlandja
FR	Franza
HR	Il-Kroazja
HU	L-Ungerija
IE	L-Irlanda
IT	L-Italja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
LV	Il-Latvja
MT	Malta
NL	In-Netherlands
PL	Il-Polonja
PT	Il-Portugall
RO	Ir-Rumanija
SE	L-Iżvezja
SI	Is-Slovenja
SK	Ir-Repubblika Slovakka

Skeda tal-Unjoni

(*) Kumpanija ta' New Zealand tkun "kbira" fir-rigward ta' perjodu kontabilistiku jekk japplika mill-anqas wieħed mill-paragrafi li ġejjin:
(i) fid-data tal-bilanċ ta' kull wieħed miż-żewġ perjodi kontabilistiċi preċedenti, l-assi totali tal-entità u tas-sussidjarji tagħha (jekk ikun hemm) jaqbżu NZD 60 miljun; jew
(ii) f'kull wieħed miż-żewġ perjodi kontabilistiċi preċedenti, id-dħul totali tal-entità u tas-sussidjarji tagħha (jekk ikun hemm) jaqbeż NZD 30 miljun.

Settur	L-agrikoltura, inklużi s-servizzi inċidentali għall-agrikoltura
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5) Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Miżura	L-Att tal-2001 dwar ir-Ristrutturar tal-Industrija tal-Ħalib
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment L-Att tal-2001 dwar ir-Ristrutturar tal-Industrija tal-Ħalib (DIRA) u r-regolamenti jipprevedu l-ġestjoni ta' bażi tad-*data* nazzjonali għad-*data* dwar l-ittestjar tal-merħliet. Id-DIRA: (a) jipprevedi li l-Gvern ta' New Zealand jiddetermina l-arranġamenti biex il-bażi tad-*data* tkun ġestita minn entità oħra tal-industrija tal-ħalib. B'dan il-mod, il-Gvern ta' New Zealand jista': (i) iqis in-nazzjonalità u r-residenza tal-entità, tal-persuni li jkunu s-sidien jew jikkontrollaw l-entità, u tal-maniġment superjuri u tal-Bord tad-Diretturi tal-entità; u (ii) jirrestrinġi min jista' jkollu ishma fl-entità, inkluż abbażi tan-nazzjonalità; (b) jirrikjedi t-trasferiment ta' *data* minn dawk involuti fl-ittestjar tal-merħla tal-baqar tal-ħalib lill-Korporazzjoni għat-Titjib tal-Bhejjem (LIC) jew lill-entità suċċessur; (c) jistabbilixxi regoli dwar l-aċċess għall-bażi tad-*data* u jista' jiċħad dak l-aċċess fuq il-bażi li l-użu maħsub tal-bażi tad-*data* jista' jkun "ta' ħsara għall-industrija tal-ħalib ta' New Zealand", liema ċaħda tista' tqis in-nazzjonalità jew ir-residenza tal-persuna li tkun qed tfittex l-aċċess.

Settur	Servizzi ta' komunikazzjoni Telekomunikazzjonijiet
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.6) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Miżura	Il-Kostituzzjoni ta' Chorus Limited
Deskrizzjoni	Investiment Il-Kostituzzjoni ta' Chorus Limited tirrikjedi l-approvazzjoni tal-Gvern ta' New Zealand biex il-parteċipazzjoni azzjonarja ta' kwalunkwe entità barranija waħda taqbeż id 49.9 %. Mill-anqas nofs id-diretturi tal-bord huma meħtieġa li jkunu ċittadini ta' New Zealand.

Settur	L-agrikoltura, inklużi s-servizzi inċidentali għall-agrikoltura
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.5) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Miżura	L-Att tal-1953 dwar il-Kummerċjalizzazzjoni ta' Prodotti Primarji
Deskrizzjoni	Investiment Skont l-Att tal-1953 dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Prodotti Primarji, il-Gvern ta' New Zealand jista' jimponi regolamenti li jippermettu l-istabbiliment ta' awtoritajiet statutorji tal-kummerċjalizzazzjoni b'setgħat ta' kummerċjalizzazzjoni u akkwist ta' monopolju (jew setgħat anqas) għall-"prodotti primarji", li huma l-prodotti derivati mit-trobbija tan-naħal, it-tkabbir tal-frott, it-tkabbir tal-ħops, it-trobbija taċ-ċriev jew iċ-ċriev tal-kaċċa, jew il-mogħoż, li huma l-lanżit jew il-fibri mkabbra mill-mogħoż. Jistgħu jinħarġu regolamenti skont l-Att tal-1953 dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Prodotti Primarji fir-rigward ta' firxa wiesgħa tal-funzjonijiet, is-setgħat u l-attivitajiet tal-awtorità tal-kummerċjalizzazzjoni. B'mod partikolari, ir-regolamenti jistgħu jirrikjedu li l-membri tal-bord jew il-persunal ikunu nazzjonali ta' New Zealand jew residenti hemm.

Settur	Trasport bl-ajru
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.6) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Miżura	Il-Kostituzzjoni ta' Air New Zealand Limited
Deskrizzjoni	Investiment L-ebda nazzjonal barrani ma jista' jkollu aktar minn 10 % tal-ishma li jagħtu drittijiet tal-vot f'Air New Zealand sakemm ma jkollux il-permess tal-Azzjonist Kiwi ([1]). Barra minn hekk: (a) mill-anqas tliet membri tal-Bord tad-Diretturi jridu jkunu normalment residenti fi New Zealand; (b) aktar minn nofs il-Bord tad-Diretturi jridu jkunu ċittadini ta' New Zealand; (c) il-President tal-Bord tad-Diretturi jrid ikun ċittadin ta' New Zealand; u (d) il-post tal-Uffiċċju Prinċipali ta' Air New Zealand, u l-post prinċipali tan-negozju tagħha, għandu jkun fi New Zealand.

([1]) Is-Sehem Kiwi f'Air New Zealand huwa sehem wieħed privileġġat konvertibbli bi drittijiet speċjali ta' NZD 1 maħruġ lill-Kuruna. L-Azzjonist Kiwi huwa l-Maestà Tiegħu r-Re bid-Dritt ta' New Zealand.

Settur	Is-setturi kollha
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.5) Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.6) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Miżura	L-Att tal-2005 dwar l-Investiment Barrani L-Att tal-1996 dwar is-Sajd Ir-Regolamenti tal-2005 dwar l-Investiment Barrani
Deskrizzjoni	Investiment B'mod konsistenti mar-reġim tal-investiment barrani ta' New Zealand kif stabbilit fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att tal-2005 dwar l-Investiment Barrani, l-Att tal-1996 dwar is-Sajd u r-Regolamenti tal-2005 dwar l-Investiment Barrani, l-attivitajiet ta' investiment li ġejjin jeħtieġu l-approvazzjoni minn qabel mill-Gvern ta' New Zealand: (a) l-akkwiżizzjoni jew il-kontroll minn sorsi mhux governattivi ta' 25 % jew aktar ta' kwalunkwe klassi ta' ishma ([1]) jew tad-dritt tal-vot ([2]) f'entità ta' New Zealand fejn jew il-korrispettiv għat-trasferiment jew il-valur tal-assi jaqbeż NZD 200 miljun; (b) il-bidu tal-operazzjonijiet kummerċjali jew l-akkwiżizzjoni ta' negozju eżistenti minn sorsi mhux governattivi, inklużi l-assi tan-negozju, fi New Zealand, fejn l-infiq totali li għandu jiġġarrab fl-istabbiliment jew fl-akkwiżizzjoni ta' dak in-negozju jew ta' dawk l-assi jaqbeż NZD 200 miljun; (c) l-akkwiżizzjoni jew il-kontroll minn sorsi governattivi ta' 25 % jew aktar ta' kwalunkwe klassi ta' ishma ([3]) jew tad-dritt tal-vot ([4]) f'entità ta' New Zealand fejn jew il-korrispettiv għat-trasferiment jew il-valur tal-assi jaqbeż NZD 100 miljun; (d) il-bidu tal-operazzjonijiet kummerċjali jew l-akkwiżizzjoni ta' negozju eżistenti minn sorsi governattivi, inklużi l-assi tan-negozju, fi New Zealand, fejn l-infiq totali li għandu jiġġarrab fl-istabbiliment jew fl-akkwiżizzjoni ta' dak in-negozju jew ta' dawk l-assi jaqbeż NZD 100 miljun; (e) l-akkwiżizzjoni jew il-kontroll, irrispettivament mill-valur tad-dollaru, ta' ċerti kategoriji ta' art li huma meqjusa bħala sensittivi jew li jeħtieġu approvazzjoni speċifika skont il-leġiżlazzjoni ta' New Zealand dwar l-investiment barrani; u (f) kwalunkwe tranżazzjoni, irrispettivament mill-valur tad-dollaru, li tirriżulta f'investiment barrani fil-kwota tas-sajd. L-investituri barranin iridu jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fir-reġim tal-investiment barrani u kwalunkwe kundizzjoni speċifikata mir-regolatur u mill-Ministru jew mill-Ministri rilevanti. Din l-entrata għandha tinqara flimkien mal-Anness II – New Zealand – 11.

([1]) Għal aktar ċertezza, it-terminu "ishma" jinkludi ishma u tipi oħra ta' titoli.
([2]) Għal aktar ċertezza, it-terminu "dritt tal-vot" jinkludi s-setgħa li tiġi kkontrollata l-kompożizzjoni ta' 25 % jew aktar tal-korp tat-tmexxija tal-entità ta' New Zealand.
([3]) Għal aktar ċertezza, it-terminu "ishma" jinkludi ishma u tipi oħra ta' titoli.
([4]) Għal aktar ċertezza, it-terminu "dritt tal-vot" jinkludi s-setgħa li tiġi kkontrollata l-kompożizzjoni ta' 25 % jew aktar tal-korp tat-tmexxija tal-entità ta' New Zealand.

Settur	Is-setturi kollha
Obbligi kkonċernati	Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9)
Miżura	L-Att tal-2007 dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu L-Att tal-1985 dwar it-Taxxa fuq il-Prodotti u s-Servizzi L-Att tal-1968 dwar id-Dazji fuq il-Proprjetà u r-Rigali L-Att tal-1971 dwar it-Taxxa tal-Boll u taċ-Ċekkijiet L-Att tal-1971 dwar id-Dazji fuq il-Logħob L-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa
Deskrizzjoni	Investiment Kwalunkwe miżura eżistenti ta' tassazzjoni mhux konformi.

Settur	Servizzi finanzjarji Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Miżura	L-Att tal-1990 dwar l-Imposti fuq il-Komoditajiet L-Att tal-1995 dwar l-Emenda tal-Imposti fuq il-Komoditajiet L-Att tal-1999 u r-Regolamenti dwar ir-Ristrutturar tal-Industrija tal-Kiwi
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment Il-forniment ta' assigurazzjoni tal-għelejjel għall-qamħ jista' jkun ristrett f'konformità mal-Att tal-1995 dwar l-Emenda tal-Imposti fuq il-Komoditajiet (CLA). It-Taqsima 4 tas-CLA tipprevedi l-użu ta' fondi derivati minn imposta obbligatorja fuq il-komoditajiet fuq il-kultivaturi tal-qamħ għall-iskop ta' finanzjament ta' skema li tassigura l-għelejjel tal-qamħ kontra l-ħsara jew it-telf. Il-forniment ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni relatati mal-esportazzjoni tal-kiwi jista' jiġi ristrett f'konformità mal-Att tal-1999 dwar ir-Ristrutturar tal-Industrija tal-Kiwi u r-regolamenti relatati mal-kummerċjalizzazzjoni tal-esportazzjoni tal-kiwi.

Settur	Servizzi finanzjarji Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)
Obbligi kkonċernati	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Miżura	L-Att tal-2006 dwar il-KiwiSaver L-Att tal-2013 dwar it-Tmexxija tas-Swieq Finanzjarji
Deskrizzjoni	Investiment Il-maniġer tal-fond ta' skema KiwiSaver irreġistrata u t-trustee korporattiv ta' skema KiwiSaver irreġistrata li tkun skema ristretta jrid it-tnejn ikollhom mill-anqas direttur wieħed li jkun residenti ta' New Zealand għal skopijiet ta' taxxa.

ANNESS 10-B

MIŻURI FUTURI

Noti introduttivi

1. L-iskedi ta' New Zealand u tal-Unjoni jistabbilixxu, skont l-Artikolu 10.10 (Miżuri mhux konformi) jew l-Artikolu 10.18 (Miżuri mhux konformi), l-entrati magħmula minn New Zealand u l-Unjoni fir-rigward ta' miżuri eżistenti, jew miżuri aktar restrittivi jew ġodda li ma jikkonformawx mal-obbligi imposti minn:

(a) l-Artikolu 10.5 (Aċċess għas-suq) jew 10.14 (Aċċess għas-suq);

(b) l-Artikolu 10.6 (Trattament nazzjonali) jew 10.16 (Trattament nazzjonali);

(c) l-Artikolu 10.7 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) jew 10.17 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit);

(d) l-Artikolu 10.8 (Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi); jew

(e) l-Artikolu 10.9 (Rekwiżiti ta' prestazzjoni); jew

(f) l-Artikolu 10.15 (Preżenza lokali).

2. Ir-riżervi ta' Parti huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-GATS.

3. Kull entrata tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) "settur" tirreferi għas-settur ġenerali li fih issir l-entrata;

(b) "sottosettur" tirreferi għas-settur speċifiku li fih issir l-entrata;

(c) "klassifikazzjoni tal-industrija" tirreferi, fejn applikabbli, għall-attività koperta mill-entrata skont is-CPC, l-ISIC Rev. 3.1, jew kif deskritt espressament mod ieħor f'dik l-entrata;

(d) "obbligi kkonċernati" tispeċifika l-obbligu msemmi fil-paragrafu 1 li għalih issir entrata;

(e) "deskrizzjoni" tistabbilixxi l-ambitu tas-settur, is-sottosettur jew l-attivitajiet koperti mill-entrata; u

(f) "miżuri eżistenti" tidentifika, għall-finijiet ta' trasparenza, il-miżuri eżistenti li japplikaw għas-settur, is-sottosettur jew l-attivitajiet koperti mill-entrata.

4. Fl-interpretazzjoni ta' entrata, għandhom jitqiesu l-elementi kollha tal-entrata. Meta tinqala' inkonsistenza fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' entrata, l-element "deskrizzjoni" tal-entrata għandu jipprevali.

5. Għall-finijiet tal-iskedi ta' New Zealand u tal-Unjoni:

(a) "ISIC Rev. 3.1" tfisser l-Istandard Internazzjonali ta' Klassifikazzjoni Industrijali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stabbilit fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Dokumenti Statistiċi, Serje M Nru 4, ISIC Rev. 3.1, 2002; u

(b) "CPC" tfisser il-Klassifikazzjoni Proviżorja Ċentrali tal-Prodotti (Statistical Papers, Series M No. 77, Department of International Economic and Social Affairs, Statistical Office of the United Nations, New York, 1991).

6. Għall-finijiet tal-iskedi ta' New Zealand u tal-Unjoni, entrata għal rekwiżit biex ikun hemm preżenza lokali fit-territorju tal-Unjoni jew ta' New Zealand issir mal-Artikolu 10.15 (Preżenza lokali), u mhux mal-Artikolu 10.14 (Aċċess għas-suq) jew 10.16 (Trattament nazzjonali). Barra minn hekk, rekwiżit bħal dan ma jsirx bħala riżerva mal-Artikolu 10.6 (Trattament Nazzjonali).

7. Entrata li ssir fil-livell tal-Unjoni tapplika għal miżura tal-Unjoni, għal miżura ta' Stat Membru fil-livell ċentrali jew għal miżura ta' gvern fi Stat Membru, sakemm l-entrata ma tkunx teskludi Stat Membru. Entrata għal Stat Membru tapplika għal miżura ta' gvern fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali f'dak l-Istat Membru. Għall-finijiet tal-entrati tal-Belġju, il-livell ċentrali tal-gvern ikopri l-gvern federali u l-gvernijiet tar-reġjuni u l-komunitajiet peress li kull wieħed minnhom għandu setgħat leġiżlattivi ekwipollenti. Għall-finijiet tal-entrati tal-Unjoni u tal-Istati Membri, livell reġjonali ta' gvern fil-Finlandja jfisser il-Gżejjer Åland. Entrata li ssir fil-livell ta' New Zealand tapplika għal miżura tal-gvern ċentrali jew ta' gvern lokali.

8. Il-lista ta' entrati f'dan l-Anness ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri ta' kwalifika, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzjar fejn dawn ma jikkostitwux limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 10.5 (Aċċess għas-suq), 10.6 (Trattament nazzjonali), 10.14 (Aċċess għas-suq), Artikolu 10.15 (Preżenza lokali) jew 10.16 (Trattament nazzjonali) . Tali miżuri jistgħu jinkludu l-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, li jiġi ssodisfat obbligu ta' servizz universali, li wieħed ikollu kwalifika rikonoxxuta f'settur regolat, li wieħed jgħaddi minn eżami speċifiku, inkluż eżami tal-lingwa, li jiġi ssodisfat rekwiżit ta' sħubija ta' professjoni partikolari, bħal sħubija f'organizzazzjoni professjonali, li wieħed ikollu aġent lokali għas-servizz, jew li jkollu indirizz lokali, jew kwalunkwe rekwiżit ieħor mhux diskriminatorju li ċerti attivitajiet ma jistgħux jitwettqu f'żoni jew arji protetti. Filwaqt li mhumiex elenkati, tali miżuri jibqgħu japplikaw.

9. Għal aktar ċertezza, għall-Unjoni, l-obbligu li jingħata trattament nazzjonali ma jinvolvix ir-rekwiżit li jiġi estiż għal persuni ta' New Zealand it-trattament mogħti fi Stat Membru, fl-applikazzjoni tat-TFUE, jew kwalunkwe miżura adottata skont it-TFUE, inkluż l-implimentazzjoni tagħha fl-Istati Membri, lil:

(a) persuni fiżiċi jew residenti ta' Stat Membru ieħor; jew

(b) persuni ġuridiċi kostitwiti jew organizzati skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor jew tal-Unjoni u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni.

10. It-trattament mogħti lil persuni ġuridiċi stabbiliti minn investituri ta' Parti f'konformità mal-liġi tal-Parti l-oħra (inkluż, fil-każ tal-Unjoni, il-liġi ta' Stat Membru) u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom f'dik il-Parti l-oħra, huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kundizzjoni jew obbligu, konsistenti mat-Taqsima B (Liberalizzazzjoni tal-investiment) tal-Kapitolu 10 (Liberalizzazzjoni tal- kummerċ fis-servizzi u l-investiment), li setgħu ġew imposti fuq tali persuna ġuridika meta ġiet stabbilita f'dik il-Parti l-oħra, u li għandhom ikomplu japplikaw.

11. L-iskedi ta' New Zealand u tal-Unjoni japplikaw biss għat-territorji ta' New Zealand u tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 1.4 (Applikazzjoni territorjali) u huma rilevanti biss fil-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni, l-Istati Membri u New Zealand. Huma ma jaffettwawx id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni.

12. Għal aktar ċertezza, miżuri mhux diskriminatorji ma jikkostitwux limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 10.5 (Aċċess għas-suq) jew tal-Artikolu 10.14 (Aċċess għas-suq) għal kwalunkwe miżura:

(a) li tirrikjedi s-separazzjoni tas-sjieda tal-infrastruttura mis-sjieda tal-oġġetti jew tas-servizzi pprovduti permezz ta' dik l-infrastruttura biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta, pereżempju fl-oqsma tal-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjoni;

(b) li tirrestrinġi l-konċentrazzjoni tas-sjieda biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta;

(c) li tfittex li tiżgura l-konservazzjoni u l-protezzjoni tar-riżorsi naturali u tal-ambjent, inkluża limitazzjoni fuq id-disponibbiltà, l-għadd u l-ambitu tal-konċessjonijiet mogħtija, u l-impożizzjoni ta' moratorju jew projbizzjoni;

(d) li tillimita l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija minħabba limitazzjonijiet tekniċi jew fiżiċi, pereżempju l-ispettri u l-frekwenzi tat-telekomunikazzjoni; jew

(e) li tirrikjedi li ċertu perċentwal tal-azzjonisti, sidien, sħab, jew diretturi ta' intrapriża jkunu kwalifikati jew jipprattikaw ċerta professjoni bħal avukati jew kontabilisti.

13. Fir-rigward tas-servizzi tal-kompjuter, kwalunkwe wieħed mis-servizzi li ġejjin għandu jitqies bħala servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati, irrispettivament minn jekk jitwasslux permezz ta' network, inkluż l-internet:

(a) konsulenza, adattament, strateġija, analiżi, ippjanar, speċifikazzjoni, tfassil, żvilupp, installazzjoni, implimentazzjoni, integrazzjoni, ittestjar, debugging, aġġornament, appoġġ, assistenza teknika jew ġestjoni ta' jew għall-kompjuters jew għas-sistemi tal-kompjuter;

(b) programmi tal-kompjuter definiti bħala s-settijiet ta' struzzjonijiet meħtieġa biex il-kompjuters jaħdmu u jikkomunikaw (fihom u minnhom infushom), kif ukoll konsulenza, strateġija, analiżi, ippjanar, speċifikazzjoni, disinn, żvilupp, installazzjoni, implimentazzjoni, integrazzjoni, ittestjar, debugging, aġġornament, adattament, manutenzjoni, appoġġ, assistenza teknika, ġestjoni jew użu ta' programmi tal-kompjuter jew għalihom;

(c) ipproċessar tad-*data*, ħżin tad-*data*, servizzi ta' hosting tad-*data* jew ta' bażi tad-*data*;

(d) servizzi ta' manutenzjoni u tiswija għal makkinarju u tagħmir tal-uffiċċju, inklużi l-kompjuters; u

(e) servizzi ta' taħriġ għall-persunal tal-klijenti, relatati ma' programmi tal-kompjuter, il-kompjuters jew is-sistemi tal-kompjuter, u li mhumiex ikklassifikati band'oħra.

Għal aktar ċertezza, is-servizzi ffaċilitati mill-kompjuter u s-servizzi relatati, minbarra dawk elenkati fil-punti (a) sa (e), ma għandhomx jitqiesu bħala servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati fihom infushom.

14. Fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, b'differenza mis-sussidjarji barranin, il-fergħat stabbiliti direttament fi Stat Membru minn istituzzjoni finanzjarja mhux tal-Unjoni mhumiex, b'ċerti eċċezzjonijiet limitati, soġġetti għal regolamenti prudenzjali armonizzati fil-livell tal-Unjoni li jippermettu lil tali sussidjarji jibbenefikaw minn faċilitajiet imtejba biex jistabbilixxu stabbilimenti ġodda u jipprovdu servizzi transfruntiera madwar l-Unjoni. Għalhekk, dawn il-fergħat jirċievu awtorizzazzjoni biex joperaw fit-territorju ta' Stat Membru taħt kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk li japplikaw għall-istituzzjonijiet finanzjarji domestiċi ta' dak l-Istat Membru, u jistgħu jkunu meħtieġa jissodisfaw għadd ta' rekwiżiti prudenzjali speċifiċi bħal, fil-każ tas-servizzi bankarji u t-titoli, kapitalizzazzjoni separata u rekwiżiti oħra ta' solvenza, u rekwiżiti ta' rapportar u pubblikazzjoni tal-kontijiet jew, fil-każ tal-assigurazzjoni, rekwiżiti speċifiċi ta' garanzija u ta' depożiti, kapitalizzazzjoni separata, u l-lokalizzazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat tal-assi li jirrappreżentaw ir-riżervi tekniċi u mill-anqas terz tal-marġini ta' solvenza.

15. Fir-rigward tal-Artikolu 10.5 (Aċċess għas-suq), il-persuni ġuridiċi li jipprovdu servizzi finanzjarji u li huma kostitwiti skont il-liġi ta' New Zealand jew il-liġi tal-Unjoni jew ta' mill-anqas wieħed mill-Istati Membri, huma soġġetti għal limitazzjonijiet mhux diskriminatorji fuq il-forma legali ([1]).

16. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin jintużaw fil-lista ta' riżervi iktar 'l isfel:

UE l-Unjoni, inklużi l-Istati Membri

AT L-Awstrija

BE Il-Belġju

BG Il-Bulgarija

CY Ċipru

CZ Iċ-Ċekja

DE Il-Ġermanja

DK Id-Danimarka

EE L-Estonja

([1]) Pereżempju, is-soċjetajiet u l-impriżi individwali ġeneralment mhumiex forom legali aċċettabbli għall-istituzzjonijiet finanzjarji fi New Zealand u fl-Unjoni. Din in-nota introduttiva mhijiex fiha nnifisha maħsuba biex taffettwa, jew inkella tillimita, għażla minn istituzzjoni finanzjarja tal-Parti l-oħra bejn fergħat jew sussidjarji.

EL	Il-Greċja
ES	Spanja
FI	Il-Finlandja
FR	Franza
HR	Il-Kroazja
HU	L-Ungerija
IE	L-Irlanda
IT	L-Italja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
LV	Il-Latvja
MT	Malta
NL	In-Netherlands
PL	Il-Polonja
PT	Il-Portugall
RO	Ir-Rumanija
SE	L-Iżvezja
SI	Is-Slovenja
SK	Ir-Repubblika Slovakka

Skeda tal-Unjoni

Riżerva Nru 1 – Is-setturi kollha

Riżerva Nru 2 – Is-servizzi professjonali – minbarra dawk relatati mas-saħħa

Riżerva Nru 3 – Is-servizzi professjonali – relatati mas-saħħa u l-bejgħ tal-farmaċewtiċi

Riżerva Nru 4 – Is-servizzi kummerċjali – Is-servizzi ta' riċerka u żvilupp

Riżerva Nru 5 – Is-servizzi kummerċjali – Is-servizzi tal-proprjetà immobbli

Riżerva Nru 6 – Is-servizzi kummerċjali – Is-servizzi tal-kiri jew tal-lokazzjoni

Riżerva Nru 7 – Is-servizzi kummerċjali – Is-servizzi ta' aġenzija tal-ġbir u s-servizzi ta' rappurtar tal-kreditu

Riżerva Nru 8 – Is-servizzi kummerċjali – Is-servizzi ta' kollokament

Riżerva Nru 9 – Is-servizzi kummerċjali – Is-servizzi tas-sigurtà u ta' investigazzjoni

Riżerva Nru 10 – Is-servizzi kummerċjali – Servizzi kummerċjali oħra

Riżerva Nru 11 – It-telekomunikazzjoni

Riżerva Nru 12 – Il-kostruzzjoni

Riżerva Nru 13 – Is-servizzi ta' distribuzzjoni

Riżerva Nru 14 – Is-servizzi edukattivi

Riżerva Nru 15 – Is-servizzi ambjentali

Riżerva Nru 16 – Is-servizzi finanzjarji

Riżerva Nru 17 – Is-servizzi tas-saħħa u s-servizzi soċjali

Riżerva Nru 18 – Is-servizzi relatati mat-turiżmu u l-ivvjaġġar

Riżerva Nru 19 – Is-servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi

Riżerva Nru 20 – Is-servizzi tat-trasport u s-servizzi awżiljarji tat-trasport

Riżerva Nru 21 – L-agrikoltura, is-sajd u l-ilma

Riżerva Nru 22 – L-estrazzjoni minerarja u l-attivitajiet relatati mal-enerġija

Riżerva Nru 23 – Servizzi oħra mhux inklużi band'oħra

Riżerva Nru 1 – Is-setturi kollha

Settur:	Is-setturi kollha
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
	Preżenza lokali
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-Unjoni tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Stabbiliment

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

L-UE: Is-servizzi meqjusa bħala utilitajiet pubbliċi f'livell nazzjonali jew lokali jistgħu jkunu soġġetti għal monopolji pubbliċi jew għal drittijiet esklużivi mogħtija lil operaturi privati.

Jeżistu utilitajiet pubbliċi f'setturi bħalma huma s-servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika relatati, is-servizzi ta' R&Ż dwar ix-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi, is-servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi, is-servizzi ambjentali, is-servizzi tas-saħħa, is-servizzi tat-trasport u s-servizzi awżiljarji għall-modalitajiet kollha tat-trasport. Id-drittijiet esklużivi fir-rigward ta' tali servizzi spiss jingħataw lil operaturi privati, pereżempju operaturi b'konċessjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi, soġġetti għal obbligi speċifiċi ta' servizz. Minħabba li l-utilitajiet pubbliċi spiss jeżistu wkoll fil-livell subċentrali, l-iskedar dettaljat u eżawrjenti speċifiku għas-settur mhuwiex prattiku. Din ir-riżerva ma tapplikax għat-telekomunikazzjonijiet u għall-kompjuter u s-servizzi relatati.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-FI: Restrizzjonijiet fuq id-dritt għall-persuni fiżiċi, li ma jgawdux minn ċittadinanza reġjonali f'Åland, u għall-persuni ġuridiċi, li jakkwistaw u jkollhom proprjetà immobbli fil-Gżejjer Åland mingħajr ma jiksbu permess mill-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland. Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' stabbiliment u fuq id-dritt li jitwettqu attivitajiet ekonomiċi minn persuni fiżiċi, li ma jgawdux minn ċittadinanza reġjonali f'Åland, jew minn kwalunkwe intrapriża, mingħajr ma jiksbu permess mill-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland.

Miżuri eżistenti:

FI: Ahvenanmaan maanhankintalaki (l-Att dwar l-akkwist ta' art f'Åland) (3/1975), s. 2; u Ahvenanmaan itsehallintolaki (l-Att dwar l-Awtonomija ta' Åland) (1144/1991), s. 11.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

Fi FR: Skont l-Artikoli L151-1 u 153-1 sec tal-kodiċi finanzjarju u monetarju, l-investimenti barranin fi Franza fis-setturi elenkati fl-Artikolu R.151-3 tal-kodiċi finanzjarju u monetarju huma soġġetti għall-approvazzjoni minn qabel mill-Ministru għall-Ekonomija.

Miżuri eżistenti:

FR: Kif stabbilit fl-element ta' deskrizzjoni kif indikat aktar 'il fuq.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

Fi FR: Il-limitazzjoni tal-parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji li jkunu għadhom kemm ġew privatizzati għal ammont varjabbli, iddeterminat mill-gvern ta' Franza fuq bażi ta' każ b'każ, tal-ekwità offruta lill-pubbliku. Għall-istabbiliment f'ċerti attivitajiet kummerċjali, industrijali jew artiġjanali, hija meħtieġa awtorizzazzjoni speċifika jekk id-direttur maniġerjali ma jkunx detentur ta' permess ta' residenza permanenti.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fl-HU: L-istabbiliment għandu jieħu forma ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata, kumpanija b'ishma konġunti jew uffiċċju rappreżentattiv. Id-dħul inizjali bħala fergħa mhuwiex permess ħlief għas-servizzi finanzjarji.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-BG: Ċerti attivitajiet ekonomiċi relatati mal-isfruttament jew mal-użu ta' proprjetà tal-Istat jew pubblika huma soġġetti għal konċessjonijiet mogħtija skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Konċessjonijiet.

F'korporazzjonijiet kummerċjali li fihom l-Istat jew muniċipalità jkollhom sehem fil-kapital li jaqbeż il-50 %, kwalunkwe tranżazzjoni għad-disponiment ta' assi fissi tal-korporazzjoni, biex tikkonkludi kwalunkwe kuntratt għall-akkwist ta' parteċipazzjoni, lokazzjoni, attività konġunta, kreditu, garanzija ta' riċevibbli, kif ukoll biex iġġarrab kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn kambjali, hija soġġetta għal awtorizzazzjoni jew permess mill-Aġenzija għall-Intrapriżi Pubbliċi u l-Kontroll jew minn korpi statali jew reġjonali oħra, skont liema minnhom tkun l-awtorità kompetenti. Din ir-riżerva ma tapplikax għall-estrazzjoni minerarja u l-qtugħ mill-barrieri, li huma soġġetti għal riżerva separata fl-iskeda tal-Unjoni fl-Anness 10-A (Miżuri eżistenti).

Fl-IT: Il-Gvern jista' jeżerċita ċerti setgħat speċjali f'intrapriżi li joperaw fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà nazzjonali, u f'ċerti attivitajiet ta' importanza strateġika fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport u l-komunikazzjoni. Dan japplika għall-persuni ġuridiċi kollha li jwettqu attivitajiet meqjusa bħala ta' importanza strateġika fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà nazzjonali, mhux biss għall-kumpaniji privatizzati.

Jekk ikun hemm theddida ta' dannu serju għall-interessi essenzjali tad-difiża u s-sigurtà nazzjonali, il-Gvern għandu s-setgħat speċjali li ġejjin biex:

(a) jimponi kundizzjonijiet speċifiċi fuq ix-xiri ta' ishma;

(b) jagħmel veto għall-adozzjoni ta' riżoluzzjonijiet relatati ma' operazzjonijiet speċjali bħal trasferimenti, fużjonijiet, qsim u bidliet fl-attività; jew

(c) jiċħad l-akkwiżizzjoni ta' ishma, fejn ix-xerrej jipprova jżomm livell ta' parteċipazzjoni fil-kapital li jkun probabbli li jippreġudika l-interessi tad-difiża u s-sigurtà nazzjonali.

Kwalunkwe riżoluzzjoni, att jew tranżazzjoni (bħal trasferimenti, fużjonijiet, qsim, bidla fl-attività jew terminazzjoni) relatata ma' assi strateġiċi fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport u l-komunikazzjoni għandha tiġi nnotifikata mill-kumpanija kkonċernata lill-uffiċċju tal-Prim Ministru. B'mod partikolari, l-akkwiżizzjonijiet minn kwalunkwe persuna barra mill-Unjoni li jagħtu lil din il-persuna kontroll fuq il-kumpanija għandhom jiġu nnotifikati.

Il-Prim Ministru jista' jeżerċita s-setgħat speċjali li ġejjin biex:

(a) jagħmel veto għal kwalunkwe riżoluzzjoni, att jew tranżazzjoni li tikkostitwixxi theddida eċċezzjonali ta' dannu serju għall-interess pubbliku fis-sigurtà u l-operat tan-networks u l-provvisti;

(b) jimponi kundizzjonijiet speċifiċi sabiex jiġi ggarantit l-interess pubbliku; jew

(c) jiċħad akkwiżizzjoni f'każijiet eċċezzjonali ta' riskju għall-interessi essenzjali tal-Istat.

Il-kriterji li fuqhom għandha tiġi evalwata t-theddida reali jew eċċezzjonali u l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat speċjali huma stabbiliti fil-liġi.

Miżuri eżistenti:

IT: Il-Liġi 56/2012 dwar is-setgħat speċjali f'kumpaniji li joperaw fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà nazzjonali, l-enerġija, it-trasport u l-komunikazzjonijiet; kif ukoll

id-Digriet tal-Prim Ministru DPCM 253 tat-30.11.2012 li jiddefinixxi l-attivitajiet ta' importanza strateġika fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà nazzjonali.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

Fil-LT: Intrapriżi, setturi, żoni, assi u faċilitajiet ta' importanza strateġika għas-sigurtà nazzjonali.

Miżuri eżistenti:

LT: Il-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Oġġetti ta' Importanza għall-Iżgurar tas-Sigurtà Nazzjonali tar-Repubblika tal-Litwanja tal-10 ta' Ottubru 2002 Nru IX-1132 (kif emendata l-aħħar fis-17 ta' Settembru 2020, Nru XIII-3284).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

Fl-SE: Rekwiżiti diskriminatorji għall-fundaturi, il-maniġment superjuri u l-bordijiet tad-diretturi meta forom ġodda ta' assoċjazzjoni legali jiġu inkorporati fil-liġi Żvediża.

(b) Akkwist ta' proprjetà immobbli

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

Fl-HU: L-akkwist ta' proprjetajiet tal-Istat.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-HU: L-akkwist ta' raba' li jinħadem minn persuni ġuridiċi barranin u minn persuni fiżiċi mhux residenti.

Miżuri eżistenti:

HU: L-Att CXXII tal-2013 dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' art agrikola u forestali (il-Kapitolu II (il-Paragrafi 6-36) u l-Kapitolu IV (il-Paragrafi 38-59)); kif ukoll

l-Att CCXII tal-2013 dwar il-miżuri ta' tranżizzjoni u ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-Att CXXII tal-2013 dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' art agrikola u forestali (il-Kapitolu IV (il-Paragrafu 8-20)).

Fil-LV: L-akkwist ta' art rurali minn nazzjonali ta' New Zealand jew ta' pajjiż terz.

Miżuri eżistenti:

LV: Il-Liġi dwar il-privatizzazzjoni tal-art f'żoni rurali, l-artikoli 28, 29, 30.

Fis-SK: Kumpaniji jew persuni fiżiċi barranin ma jistgħux jakkwistaw art agrikola u forestali barra l-fruntieri taż-żona mibnija ta' muniċipalità u xi art oħra (eż. riżorsi naturali, lagi, xmajjar, toroq pubbliċi, eċċ.).

Miżuri eżistenti:

SK: L-Att Nru 44/1988 dwar il-protezzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi naturali;

l-Att Nru 229/1991 dwar ir-regolamentazzjoni tas-sjieda tal-art u proprjetà agrikola oħra;

l-Att Nru 460/1992 Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakka;

l-Att Nru 180/1995 dwar xi miżuri għal arranġamenti tas-sjieda tal-art;

l-Att Nru 202/1995 dwar il-Munita Barranija;

l-Att Nru 503/2003 dwar ir-restituzzjoni tas-sjieda tal-art;

l-Att Nru 326/2005 dwar il-Foresti; kif ukoll

l-Att Nru 140/2014 dwar l-akkwist tas-sjieda ta' art agrikola.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-BG: Persuni fiżiċi jew ġuridiċi residenti jew stabbiliti fil-Bulgarija għal aktar minn ħames snin jistgħu jiksbu s-sjieda ta' art agrikola. Persuni ġuridiċi stabbiliti għal anqas minn ħames snin jistgħu wkoll jiksbu s-sjieda ta' art agrikola jekk is-soċji fil-kumpanija, il-membri tal-assoċjazzjoni jew il-fundaturi tal-kumpanija b'ishma konġunti jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' residenza ta' ħames snin. Nazzjonali barranin, kif ukoll persuni ġuridiċi barranin stabbiliti f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat terz, jistgħu jiksbu d-dritt li jkollhom art fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 22 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, kif ukoll permezz ta' wirt skont il-liġi. Nazzjonali barranin, kif ukoll persuni ġuridiċi barranin stabbiliti f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' Stat terz, jistgħu jiksbu d-dritt li jkollhom art forestali fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 22, il-Paragrafu 2 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, kif ukoll permezz ta' wirt skont il-liġi (il-Liġi dwar il-Foresti, l-Artikolu 23, il-Paragrafu 5).

Miżuri eżistenti:

BG: Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, l-Artikolu 22, il-paragrafu 2 u l-Artikolu 23, il-paragrafu 5; u

il-Liġi dwar il-Foresti, l-Artikolu 10.

Fl-EE: Persuni li ma jkunux miż-ŻEE jew minn Pajjiż membru tal-OECD jistgħu jiksbu assi immobbli li jkun fih art agrikola jew forestali biss bl-awtorizzazzjoni tal-gvernatur tal-kontea u tal-kunsill muniċipali, u jridu jagħtu prova, kif preskritt mil-liġi, li l-assi immobbli, skont l-għan maħsub tiegħu, se jintuża b'mod effiċjenti, sostenibbli u bi skop.

Miżuri eżistenti:

EE: Kinnisasja omandamise kitsendamise seadus (l-Att dwar ir-Restrizzjonijiet fuq l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli), il-Kapitoli 2 u 3.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-LT: Kwalunkwe miżura li tkun konsistenti mal-impenji meħuda mill-Unjoni u li jkunu applikabbli fil-Litwanja f'GATS fir-rigward tal-akkwist ta' art. Il-proċedura, it-termini u l-kundizzjonijiet kif ukoll ir-restrizzjonijiet tal-akkwist tar-roqgħa art għandhom ikunu stabbiliti mil-Liġi Kostituzzjonali, il-Liġi dwar l-Art u l-Liġi dwar l-Akkwist ta' Art Agrikola.

Madankollu, il-gvernijiet lokali (muniċipalitajiet) u entitajiet nazzjonali oħra tal-Pajjiżi membri tal-OECD u tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana li jwettqu attivitajiet ekonomiċi fil-Litwanja, li huma speċifikati mil-liġi kostituzzjonali f'konformità mal-kriterji tal-Unjoniu integrazzjoni oħra li l-Litwanja tkun bdiet, huma permessi jakkwistaw irqajja' ta' art mhux agrikola meħtieġa għall-kostruzzjoni u l-operat ta' bini u faċilitajiet meħtieġa għall-attivitajiet diretti tagħhom.

Miżuri eżistenti:

LT: Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja;

Il-Liġi Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Litwanja dwar l-Implimentazzjoni tal-Paragrafu 3 tal-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja tal-20 ta' Ġunju 1996 Nru I-1392, redazzjoni ġdida tal-20 ta' Marzu 2003 Nru IX-1381, l-aħħar emenda fit-12 ta' Jannar 2018 Nru XIII-981;

il-Liġi dwar l-art tas-26 ta' April 1994 Nru I-446, redazzjoni ġdida tas-27 ta' Jannar 2004 Nru IX-1983, l-aħħar emenda fis-26 ta' Ġunju 2020 Nru XIII-3165;

il-Liġi dwar l-akkwist ta' art agrikola tat-28 ta' Jannar 2003 Nru IX-1314, redazzjoni ġdida mill-1 ta' Jannar 2018 Nru XIII-801, l-aħħar emenda fl-14 ta' Mejju 2020 Nru XIII-2935; u

il-Liġi dwar il-Foresti tat-22 ta' Novembru 1994 Nru I-671, redazzjoni ġdida tal-10 ta' April 2001 Nru IX-240, l-aħħar emenda fil-25 ta' Ġunju 2020 Nru XIII-3115.

(c) Rikonoxximent

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fl-UE: Id-Direttivi tal-Unjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi u kwalifiki professjonali oħra japplikaw biss għaċ-ċittadini tal-Unjoni. Id-dritt għall-prattika ta' servizz professjonali regolat fi Stat Membru partikolari ma jagħtix id-dritt li wieħed jipprattika dak is-servizz professjonali fi Stat Membru ieħor.

(d) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-UE: L-għoti ta' trattament differenzjali lil pajjiż terz skont kwalunkwe trattat ta' investiment internazzjonali jew ftehim ta' kummerċ ieħor fis-seħħ jew iffirmat qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Fl-UE: L-għoti ta' trattament differenzjali lil pajjiż terz skont kwalunkwe ftehim bilaterali jew multilaterali eżistenti jew futur li:

(a) joħloq suq intern fis-servizzi u l-investiment;

(b) jagħti d-dritt ta' stabbiliment; jew

(c) jirrikjedi l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni f'settur ekonomiku wieħed jew aktar.

Suq intern fis-servizzi u l-investiment ifisser żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment ħieles tas-servizzi, il-kapital u l-persuni jkun żgurat.

Id-dritt ta' stabbiliment ifisser obbligu li jitneħħew sostanzjalment l-ostakoli kollha għall-istabbiliment fost il-partijiet għall-ftehim bilaterali jew multilaterali bid-dħul fis-seħħ ta' dak il-ftehim. Id-dritt ta' stabbiliment għandu jinkludi d-dritt tan-nazzjonali tal-partijiet għall-ftehim bilaterali jew multilaterali li jistabbilixxu u joperaw intrapriżi bl-istess kondizzjonijiet previsti għan-nazzjonali skont il-liġi tal-parti fejn iseħħ tali stabbiliment.

L-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tfisser:

(a) l-allinjament tal-leġiżlazzjoni ta' waħda jew aktar mill-partijiet għall-ftehim bilaterali jew multilaterali mal-leġiżlazzjoni tal-Parti jew il-partijiet l-oħra għal dak il-ftehim; jew

(b) l-inkorporazzjoni ta' leġiżlazzjoni komuni fil-liġi tal-partijiet għall-ftehim bilaterali jew multilaterali.

Tali allinjament jew inkorporazzjoni għandha sseħħ, u għandha titqies li tkun seħħet biss fil-mument li tkun ġiet promulgata fil-liġi tal-parti jew tal-partijiet għall-ftehim bilaterali jew multilaterali.

Miżuri eżistenti:

UE: Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea;

il-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni;

il-Ftehimiet bilaterali bejn l-UE u l-Konfederazzjoni Żvizzera; kif ukoll

il-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi.

Fl-UE: L-għoti ta' trattament differenzjali relatat mad-dritt ta' stabbiliment lil nazzjonali jew intrapriżi permezz ta' ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri bejn l-Istati Membri li ġejjin: BE, DE, DK, EL, ES, FR, IE, IT, LU, NL, PT u kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi jew mill-Prinċipati li ġejjin: Andorra, Monaco, San Marino u l-Istat tal-Belt tal-Vatikan.

Fid-DK, FI, SE: Miżuri meħuda mid-Danimarka, l-Iżvezja u l-Finlandja bil-għan li jippromwovu l-kooperazzjoni Nordika, bħal:

(a) appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' R&Ż (il-Fond Industrijali Nordiku);

(b) finanzjament ta' studji tal-fattibbiltà għal proġetti internazzjonali (il-Fond Nordiku għall-Esportazzjonijiet tal-Proġetti); u

(c) għajnuna finanzjarja lil kumpaniji li jużaw teknoloġija ambjentali (il-Korporazzjoni Nordika għall-Finanzjament Ambjentali(NEFCO)). L-għan tan- NEFCO huwa li tippromwovi investimenti ta' interess ambjentali Nordiku, b'enfasi fuq l-Ewropa tal-Lvant.

Fil-PL: Il-kondizzjonijiet preferenzjali għall-istabbiliment jew il-forniment transfruntier ta' servizzi, li jistgħu jinkludu l-eliminazzjoni jew l-emenda ta' ċerti restrizzjonijiet inkorporati fil-lista ta' riżervi applikabbli fil-Polonja, jistgħu jiġu estiżi permezz ta' trattati dwar il-kummerċ u n-navigazzjoni.

Fil-PT: Eżenzjoni mir-rekwiżiti tan-nazzjonalità għall-eżerċizzju ta' ċerti attivitajiet u professjonijiet minn persuni fiżiċi li jipprovdu servizzi għal pajjiżi fejn il-Portugiż huwa l-lingwa uffiċjali (l-Angola, il-Brażil, Cabo Verde, il-Guinea-Bissau, il-Guinea Ekwatorjali, il-Mozambique, São Tomé u Príncipe u Timor Leste).

(e) Armi, munizzjon u materjal tal-gwerra

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Preżenza lokali:

Fl-UE: Il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' armi, munizzjon jew materjal tal-gwerra, jew il-kummerċ tagħhom. Il-materjal tal-gwerra huwa limitat għal kwalunkwe prodott li jkun intenzjonat jew magħmul esklussivament għall-użu militari b'rabta mat-twettiq ta' attivitajiet tal-gwerra jew ta' difiża.

Riżerva Nru 2 – Is-servizzi professjonali – minbarra dawk relatati mas-saħħa

Settur:	Servizzi professjonali – servizzi legali: servizzi ta' nutara u ta' bailiffs; servizzi ta' kontabilità u ta' żamma tal-kotba; servizzi ta' awditjar, servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni; servizzi ta' arkitettura u ta' ppjanar urban; servizzi ta' inġinerija; u servizzi ta' inġinerija integrata
Klassifikazzjoni tal-industrija:	Parti minn CPC 861, parti minn 87902, 862, 863, 8671, 8672, 8673, 8674, parti minn 879
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Servizzi legali

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-SE: Il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza legali u ta' awtorizzazzjoni, dokumentazzjoni, u ċertifikazzjoni legali pprovduti minn professjonisti legali li jaqdu funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara,"huissiers de justice" jew "officiers publics et ministériels" oħra, u fir-rigward ta' servizzi pprovduti minn bailiffs li huma maħtura permezz ta' att uffiċjali tal-gvern (parti minn CPC 861, parti minn 87902).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-BG: It-trattament nazzjonali sħiħ fir-rigward tal-istabbiliment u l-operat ta' kumpaniji, kif ukoll tal-forniment ta' servizzi, jista' jiġi estiż biss għal kumpaniji stabbiliti f'pajjiżi li magħhom ġew jew se jiġu konklużi arranġamenti preferenzjali, u għaċ-ċittadini tagħhom (parti minn CPC 861).

Fil-LT: Avukati minn pajjiżi barranin jistgħu jipparteċipaw bħala avukati fil-qorti biss f'konformità ma' ftehimiet internazzjonali (parti minn CPC 861), inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ir-rappreżentanza quddiem il-qrati.

(b) Servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba (CPC 8621 ħlief servizzi ta' awditjar, 86213, 86219, 86220)

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fl-HU: Attivitajiet transfruntiera għall-kontabilità u ż-żamma tal-kotba.

Miżuri eżistenti:

HU: L-Att C tal-2000; u l-Att LXXV tal-2007.

(c) Servizzi ta' awditjar (CPC – 86211, 86212 għajr servizzi ta' kontabilità u ta' żamma tal-kotba)

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fil-BG: Sabiex iwettaq awditu finanzjarju indipendenti, l-awditur (individwali jew kumpanija tal-awditjar) irid jiddaħħal fir-reġistru amministrat mill-Kummissjoni għas-Sorveljanza Pubblika tal-Awdituri Reġistrati (CPOSA). Awditur li jkun kiseb kapaċità legali f'pajjiż terz jista' jiġi rreġistrat bil-kundizzjonijiet li ġejjin u soġġett għar-reċiproċità:

(a) awditur individwali jrid jgħaddi minn eżamijiet fil-liġi kummerċjali, fiskali u tas-sigurtà soċjali Bulgara bil-Bulgaru (ekwivalenti għar-rekwiżiti għaċ-ċittadini Bulgari);

(b) kumpanija tal-awditjar barranija li tfittex li tiġi rreġistrata bħala awditur statutorju fil-Bulgarija trid tiżgura li tliet kwarti tal-membri tal-korpi maniġerjali u tal-awdituri rreġistrati li jwettqu awditi finanzjarji statutorji f'isem il-kumpanija jissodisfaw rekwiżiti ekwivalenti għal dawk tal-awdituri statutorji li huma ċittadini tal-Bulgarija, inkluż li jgħaddu mill-eżamijiet rilevanti, kif previst fl-Att dwar l-Awditi Finanzjarji Indipendenti (IFAA).

Miżuri eżistenti:

BG: L-Att dwar l-Awditi Finanzjarji Indipendenti.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

Fiċ-CZ: Persuna ġuridika li fiha mill-anqas 60 % tal-interessi kapitali jew tad-drittijiet tal-vot ikunu riżervati għal nazzjonali tar-Repubblika Ċeka jew tal-Istati Membri biss hija awtorizzata twettaq awditi fiċ-Ċekja.

Miżuri eżistenti:

CZ: Il-Liġi tal-14 ta' April 2009 Nru 93/2009 Coll. dwar l-Awdituri, kif emendata.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fl-HU: Forniment transfruntier ta' servizzi ta' awditjar.

Miżuri eżistenti:

L-Att C tal-2000; u l-Att LXXV tal-2007.

Fil-PT: Forniment transfruntier ta' servizzi ta' awditjar.

(d) Servizzi ta' arkitettura u ta' ppjanar urban (CPC 8674)

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-HR: Forniment transfruntier ta' ppjanar urban.

Riżerva Nru 3 – Is-servizzi professjonali – relatati mas-saħħa u l-bejgħ tal-farmaċewtiċi

Settur:	Servizzi professjonali relatati mas-saħħa u bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi, servizzi oħra pprovduti minn spiżjara
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 63211, 85201, 9312, 9319, 93121
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
	Preżenza lokali
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Servizzi mediċi u dentali; servizzi pprovduti minn qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, psikologi u persunal paramediku (CPC 63211, 85201, 9312, 9319, 932)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq u Trattament nazzjonali:

Fil-FI: Il-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, kemm jekk iffinanzjati mis-settur pubbliku jew mill-privat, inklużi s-servizzi mediċi u dentali, is-servizzi pprovduti minn qwiebel, fiżjoterapisti u persunal paramediku u s-servizzi pprovduti minn psikologi, minbarra s-servizzi pprovduti minn infermiera (CPC 9312, 93191).

Miżuri eżistenti:

FI: Laki yksityisestä terveydenhuollosta (l-Att dwar il-Kura tas-Saħħa Privata) (152/1990).

Fil-BG: Il-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, kemm jekk iffinanzjati mis-settur pubbliku jew mill-privat, inklużi s-servizzi mediċi u dentali, is-servizzi pprovduti minn infermiera, qwiebel, fiżjoterapisti u persunal paramediku u s-servizzi pprovduti minn psikologi (CPC 9312, parti minn 9319).

Miżuri eżistenti:

BG: Il-Liġi għall-Istabbiliment Mediku, l-Organizzazzjoni Professjonali ta' Infermiera Mediċi, Qwiebel u l-Att dwar l-Għaqda tal-Ispeċjalisti Mediċi Assoċjati.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq u Trattament nazzjonali:

Fiċ-CZ, MT: Il-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, kemm jekk iffinanzjati mis-settur pubbliku jew mill-privat, inklużi s-servizzi pprovduti minn tobba, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi, psikologi, kif ukoll servizzi oħra relatati (CPC 9312, parti minn 9319).

Miżuri eżistenti:

CZ: L-Att Nru 296/2008 Coll. dwar is-Salvagwardja tal-Kwalità u s-Sigurtà tat-Tessuti u ċ-Ċelloli Umani Intiżi għall-Użu mill-Bniedem (Att dwar it-Tessuti u ċ-Ċelloli Umani);

l-Att Nru 378/2007 Coll. dwar il-Farmaċewtiċi u dwar Emendi għal Xi Atti Relatati (l-Att dwar il-Farmaċewtiċi);

l-Att Nru 268/2014 Coll. dwar l-apparati mediċi u li jemenda l-Att Nru 634/2004 Coll. dwar it-tariffi amministrattivi, kif emendat sussegwentement;

l-Att Nru 285/2002 Coll. dwar id-Donazzjoni, it-Teħid u t-Trapjant ta' Tessuti u Organi u dwar l-Emenda għal Ċerti Atti (l-Att dwar it-Trapjanti);

l-Att Nru 372/2011 Coll. dwar is-servizzi tas-saħħa u dwar il-kundizzjonijiet tal-forniment tagħhom; kif ukoll

l-Att Nru 373/2011 Coll. dwar servizzi tas-saħħa speċifiċi).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tan-NL u l-SE: Il-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, kemm jekk iffinanzjati mis-settur pubbliku jew mill-privat, inklużi s-servizzi pprovduti minn professjonisti bħal tobba, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi u psikologi, jirrikjedi r-residenza. Dawn is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti biss minn persuni fiżiċi fiżikament preżenti fit-territorju tal-Unjoni. (CPC 9312, parti minn 93191).

Fil-BE: Il-forniment transfruntier tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, kemm jekk iffinanzjati mis-settur pubbliku jew mill-privat, inklużi s-servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel u s-servizzi pprovduti minn infermiera, fiżjoterapisti, psikologi u persunal paramediku. (parti minn CPC 85201, 9312, parti minn 93191).

Fil-PT (fir-rigward ukoll tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Fir-rigward tal-professjonijiet tal-fiżjoterapisti, tal-persunal paramediku u tal-podjatri, il-professjonisti barranin jistgħu jitħallew jipprattikaw abbażi tar-reċiproċità.

(b) Servizzi veterinarji (CPC 932)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-BG: Stabbiliment mediku veterinarju jista' jiġi stabbilit biss minn persuna fiżika jew ġuridika.

Il-prattika tal-mediċina veterinarja hija permessa biss għan-nazzjonali taż-ŻEE u għar-residenti permanenti (il-preżenza fiżika hija meħtieġa għar-residenti permanenti).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-BE, LV: Forniment transfruntier ta' servizzi veterinarji.

(c) Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi, servizzi oħra pprovduti minn spiżjara (CPC 63211)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-EL, IE, LU, LT u NL: L-għadd ta' fornituri intitolati biex jipprovdu servizz partikolari f'żona jew post lokali speċifiku jista' jkun ristrett fuq bażi mhux diskriminatorja. Għalhekk jista' jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, li jqis fatturi bħall-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, l-infrastruttura tat-trasport, id-densità tal-popolazzjoni jew il-firxa ġeografika.

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-BE, BG, EE, ES, IE u IT: Il-bejgħ bil-korrispondenza huwa possibbli biss minn Stati Membri taż-ŻEE, għalhekk huwa meħtieġ l-istabbiliment fi kwalunkwe wieħed minn dawk il-pajjiżi għall-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi speċifiċi lill-pubbliku ġenerali fl-Unjoni.

Fil-BE: Il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u ta' prodotti mediċi speċifiċi huwa possibbli biss minn spiżerija stabbilita fil-Belġju.

Fil-BG, EE, ES, IT u LT: Bejgħ bl-imnut transfruntier ta' prodotti farmaċewtiċi.

Fiċ-CZ: Il-bejgħ bl-imnut huwa possibbli biss mill-Istati Membri.

Fl-IE u fil-LT: Bejgħ bl-imnut transfruntier ta' prodotti farmaċewtiċi li jeħtieġu riċetta.

Fil-PL: L-intermedjarji fil-kummerċ ta' prodotti mediċinali jridu jkunu rreġistrati u jkollhom post ta' residenza jew uffiċċju reġistrat fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-FI: Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u ta' prodotti mediċi u ortopediċi.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-SE: Il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u l-forniment ta' prodotti farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali.

Miżuri eżistenti:

AT: Arzneimittelgesetz (l-Att dwar il-Medikazzjoni), BGBl. Nru 185/1983 kif emendat, §§ 57, 59, 59a; u

Medizinproduktegesetz (il-Liġi dwar il-Prodotti Mediċi), BGBl. Nru 657/1996 kif emendata, § 99.

BE: Arrêté royal du 21 janvier 2009 portant instructions pour les pharmaciens; u

Arrêté royal du 10 novembre 1967 relatif à l'exercice des professions des soins de santé.

CZ: L-Att Nru 378/2007 Coll. dwar il-Prodotti Farmaċewtiċi, kif emendat; u

l-Att Nru 372/2011 Coll. dwar is-Servizzi tas-saħħa, kif emendat.

FI: Lääkelaki (l-Att dwar il-Mediċini) (395/1987).

PL: Il-Liġi Farmaċewtika, l-Artikolu 73a (il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2020, il-punt 944, 1493).

SE: Il-Liġi dwar il-kummerċ fi prodotti farmaċewtiċi (2009:336);

ir-Regolament dwar il-kummerċ fi prodotti farmaċewtiċi (2009:659);

l-Att dwar il-Kummerċ ta' Ċerti Prodotti Mediċinali Mhux bir-Riċetta (2009:730); kif ukoll

L-Aġenzija Żvediża għall-Prodotti Mediċi adottat aktar regolamenti, id-dettalji jistgħu jinstabu fi (LVFS 2009: 9).

Riżerva Nru 4 – Is-servizzi kummerċjali – Is-servizzi ta' riċerka u żvilupp

Settur:	Servizzi ta' riċerka u żvilupp
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 851, 852, 853
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

Fir-RO: Il-forniment transfruntier ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp.

Miżuri eżistenti:

RO: Id-Digriet tal-Gvern Nru 6 / 2011; u

l-Ordni tal-Ministru tal-Edukazzjoni u r-Riċerka Nru 3548 / 2006; u d-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 134/2011.

Riżerva Nru 5 – Is-servizzi kummerċjali – Is-servizzi tal-proprjetà immobbli

Settur:	Servizzi ta' proprjetà immobbli
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 821, 822
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

Fiċ-CZ u fl-HU: Il-forniment transfruntier ta' servizzi ta' proprjetà immobbli.

Riżerva Nru 6 – Is-servizzi kummerċjali – Is-servizzi tal-kiri jew tal-lokazzjoni

Settur:	Servizzi ta' kiri jew ta' lokazzjoni mingħajr operaturi
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 832
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

Fil-BE u fi FR: Il-forniment transfruntier ta' servizzi ta' lokazzjoni jew ta' kiri mingħajr operatur li jikkonċernaw prodotti personali u tad-dar.

Riżerva Nru 7 – Is-servizzi kummerċjali – Is-servizzi ta' aġenzija tal-ġbir u s-servizzi ta' rappurtar tal-kreditu

Settur:	Servizzi ta' aġenzija tal-ġbir, servizzi ta' rapportar tal-kreditu
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 87901, 87902
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
	Preżenza lokali
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' ES, LV u SE, fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' aġenzija tal-ġbir u servizzi ta' rapportar tal-kreditu.

Riżerva Nru 8 – Is-servizzi kummerċjali – Is-servizzi ta' kollokament

Settur:	Servizzi kummerċjali – servizzi ta' kollokament
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 87201, 87202, 87203, 87204, 87205, 87206, 87209
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
	Preżenza lokali
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-HU u l-SE: Servizzi ta' forniment ta' persunal għall-għajnuna domestika, ħaddiema oħra kummerċjali jew industrijali, infermiera u persunal ieħor (CPC 87204, 87205, 87206, 87209).

Fil-BG, CY, CZ, DE, EE, FI, LT, LV, MT, PL, PT, RO, SI u SK: Servizzi ta' tiftix eżekuttiv (CPC 87201).

Fl-AT, BG, CY, CZ, EE, FI, LT, LV MT, PL, PT, RO, SI u SK: L-istabbiliment ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal ta' sostenn fl-uffiċċju u ħaddiema oħra (CPC 87202).

Fl-AT, BG, CY, CZ, DE, EE, FI, LT, LV, MT, PL, PT, RO, SI u SK: Servizzi ta' forniment ta' persunal ta' sostenn fl-uffiċċju (CPC 87203).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-BE, HU u SE: Il-forniment transfruntier ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal ta' sostenn fl-uffiċċju u ħaddiema oħra (CPC 87202).

Fl-IE: Il-forniment transfruntier ta' servizzi ta' tiftix eżekuttiv (CPC 87201).

Fi FR, IE, IT and NL: Il-forniment transfruntier ta' servizzi tal-persunal tal-uffiċċju (CPC 87203).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fil-DE: Biex jiġi ristrett l-għadd ta' fornituri ta' servizzi ta' kollokament.

Fi ES: Biex jiġi ristrett l-għadd ta' fornituri ta' servizzi ta' tiftix eżekuttiv u ta' servizzi ta' kollokament (CPC 87201, 87202).

Fi FR: Dawn is-servizzi jistgħu jkunu soġġetti għal monopolju tal-Istat (CPC 87202).

Fl-IT: Biex jiġi ristrett l-għadd ta' fornituri ta' servizzi ta' forniment ta' persunal tal-uffiċċju (CPC 87203).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-DE: Il-Ministeru Federali tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali jista' joħroġ regolamenti dwar il-kollokament u r-reklutaġġ ta' persunal mhux tal-Unjoni u mhux taż-ŻEE għal professjonijiet speċifikati (CPC 87201, 87202, 87203, 87204, 87205, 87206, 87209).

Miżuri eżistenti:

AT: §§97 u 135 tal-Att Awstrijak dwar il-Kummerċ (Gewerbeordnung), Il-Gazzetta tal-Liġi Federali Nru 194/1994 kif emendat; kif ukoll

l-Att dwar l-Impjieg Temporanju (Arbeitskräfteüberlassungsgesetz/AÜG), il-Gazzetta tal-Liġi Federali Nru 196/1988 kif emendat.

BG: L-Att dwar il-Promozzjoni tal-Impiegi, l-Artikoli 26, 27, 27a u 28.

CY: Il-Liġi dwar l-Aġenziji Privati tal-Impjiegi Nru 126(I)/2012 kif emendata, il-Liġi Nru 174(I)/2012.

CZ: L-Att dwar l-Impjiegi (435/2004).

DE: Gesetz zur Regelung der Arbeitnehmerüberlassung (AÜG);

Sozialgesetzbuch Drittes Buch (SGB III; il-Kodiċi Soċjali, il-Ktieb Tlieta) – Promozzjoni tal-Impjiegi; u

Verordnung über die Beschäftigung von Ausländerinnen und Ausländern (BeschV; l-Ordinanza dwar l-Impjiegi tal-Barranin).

DK: §§ 8a – 8f fid-digriet liġi Nru 73 tas-17 ta' Jannar 2014 u speċifikat fid-digriet Nru 228 tas-7 ta' Marzu 2013 (l-impjieg tal-baħħara); u l-Att tal-2006 dwar il-Permessi tal-Impjiegi. S1(2) u (3).

EL: Il-Liġi 4052/2012 (il-Gazzetta Uffiċjali tal-Gvern 41 A) kif emendata għal parti mid-dispożizzjoni tagħha bil-liġi Nru 4093/2012 (il-Gazzetta Uffiċjali tal-Gvern 222 A).

ES: Real Decreto-ley 8/2014, de 4 de julio, de aprobación de medidas urgentes para el crecimiento, la competitividad y la eficiencia, artículo 117 (tramitado como Ley 18/2014, de 15 de octubre).

FI: Laki julkisesta työvoima-ja yrityspalvelusta (l-Att dwar l-Impjieg Pubbliku u s-Servizz ta' Intrapriża) (916/2012).

HR: L-Att dwar is-Suq tax-Xogħol (OG 118/18, 32/20);

L-Att dwar ix-Xogħol (OG 93/14, 127/17, 98/19); u

L-Att dwar il-Barranin (OG 130/11m 74/13, 67/17, 46/18, 53/20).

IE: L-Att tal-2006 dwar il-Permessi tal-Impjiegi. S1(2) u (3).

IT: Id-Digriet Leġiżlattiv 276/2003, l-Artikoli 4, 5.

LT: Il-Kodiċi tax-Xogħol Litwan tar-Repubblika tal-Litwanja approvat bil-Liġi Nru XII-2603 tal-14 ta' Settembru 2016 tar-Repubblika tal-Litwanja, l-aħħar emenda fil-15 ta' Ottubru 2020 Nru XIII-3334; u

Il-Liġi dwar l-Istatus Legali tal-Barranin tar-Repubblika tal-Litwanja tad-29 ta' April 2004 Nru IX-2206, l-aħħar emenda fl-10 ta' Novembru 2020 Nru XIII-3412.

LU: Loi du 18 janvier 2012 portant création de l'Agence pour le développement de l'emploi (il-Liġi tat-18 ta' Jannar 2012 dwar il-ħolqien ta' aġenzija għall-iżvilupp tal-impjiegi – ADEM).

MT: L-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ, (Kap 343) (l-Artikoli 23 sa 25); u r-Regolamenti dwar l-Aġenziji tal-Impjieg (L.S. 343.24).

PL: L-Artikolu 18 tal-Att tal-20 ta' April 2004 dwar il-promozzjoni tal-impjiegi u l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol (Dz. U. tal-2015, il-Punt 149, kif emendat).

PT: Id-Digriet-Liġi Nru 260/2009 tal-25 ta' Settembru, kif emendat bil-Liġi Nru 5/2014 tat-12 ta' Frar;

il-Liġi Nru 28/2016 tat-23 ta' Awwissu, u

il-Liġi Nru 146/2015 tad-9 ta' Settembru (aċċess u forniment ta' servizzi minn aġenziji ta' kollokament).

RO: Il-Liġi Nru 156/2000 dwar il-protezzjoni ta' ċittadini Rumeni li jaħdmu barra mill-pajjiż, ippubblikata mill-ġdid;

id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 384/2001 għall-approvazzjoni tan-normi metodoloġiċi għall-applikazzjoni tal-Liġi Nru 156/2000, bl-emendi sussegwenti;

id-Digriet tal-Gvern Nru 277/2002, kif modifikat bid-Digriet tal-Gvern Nru 790/2004 u d-Digriet tal-Gvern Nru 1122/2010; kif ukoll

il-Liġi Nru 53/2003 – Il-Kodiċi tax-Xogħol, ippubblikata mill-ġdid, bl-emendi u s-suppliment sussegwenti u d-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 1256/2011 dwar il-kundizzjonijiet operattivi u l-proċedura ta' awtorizzazzjoni għal aġenzija tax-xogħol temporanju.

SI: L-Att dwar ir-regolamentazzjoni tas-suq tax-xogħol (Il-Gazzetta Uffiċjali tal-RS, Nru 80/2010, 21/2013, 63/2013, 55/2017); u

l-Att dwar l-Impjiegi, l-Impjieg Awtonomu u x-Xogħol tal-Barranin – ZZSDT (Il-Gazzetta Uffiċjali tal-RS, Nru 47/2015), ZZSDT-UPB2 (Il-Gazzetta Uffiċjali tal-RS, Nru 1/2018).

SK: L-Att Nru 5/2004 dwar is-Servizzi tal-Impjiegi; u

l-Att Nru 455/1991 dwar il-Liċenzjar tal-Kummerċ.

Riżerva Nru 9 – Is-servizzi kummerċjali – Is-servizzi tas-sigurtà u ta' investigazzjoni

Settur:	Servizzi kummerċjali – servizzi tas-sigurtà u investigazzjoni
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 87301, 87302, 87303, 87304, 87305, 87309
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
	Preżenza lokali
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Servizzi tas-sigurtà (CPC 87302, 87303, 87304, 87305, 87309)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-BG, CY, CZ, EE, LT, LV, MT, PL, RO, SI u SK: Il-forniment ta' servizzi tas-sigurtà.

Fid-DK, HR u HU: Il-forniment tas-sottosetturi li ġejjin: servizzi ta' gwardja (87305) fil-HR u fl-HU, servizzi ta' konsultazzjoni dwar is-sigurtà (87302) fil-HR, servizzi ta' gwardja tal-ajruporti (parti minn 87305) fid-DK u servizzi ta' karozzi blindati (87304) fl-HU.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-BE: In-nazzjonalità ta' Stat Membru hija meħtieġa għall-bordijiet tad-diretturi ta' persuni ġuridiċi li jipprovdu servizzi ta' gwardja u tas-sigurtà (87305) kif ukoll konsulenza u taħriġ relatati mas-servizzi tas-sigurtà (87302). Il-maniġment superjuri ta' kumpaniji li jipprovdu servizzi ta' gwardja u ta' konsulenza dwar is-sigurtà jeħtieġ li jkunu nazzjonali residenti ta' Stat Membru.

Fi ES: Il-forniment transfruntier ta' servizzi tas-sigurtà. Jeżistu rekwiżiti ta' nazzjonalità għall-persunal tas-sigurtà privata.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-FI: Il-liċenzji għall-forniment ta' servizzi tas-sigurtà jistgħu jingħataw biss lil persuni fiżiċi residenti fiż-ŻEE jew lil persuni ġuridiċi stabbiliti fiż-ŻEE.

Fi FR u fil-PT: Jeżistu rekwiżiti ta' nazzjonalità għal persunal speċjalizzat fil-PT, u għad-diretturi maniġerjali u d-diretturi fi FR.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-BE, FI, FR u PT: Il-forniment ta' servizzi tas-sigurtà minn fornitur barrani fuq bażi transfruntiera mhuwiex permess.

Miżuri eżistenti:

BE: Loi réglementant la sécurité privée et particulière, 2 Octobre 2017.

BG: L-Att dwar in-Negozju tas-Sigurtà Privata.

CZ: L-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ.

DK: Ir-Regolament dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni.

FI: Laki yksityisistä turvallisuuspalveluista 282/2002 (l-Att dwar is-Servizzi tas-Sigurtà Privati).

LT: Il-Liġi Nru IX-2327 tat-8 ta' Lulju 2004 dwar is-sigurtà tal-Persuni u tal-Assi.

LV: Il-Liġi dwar l-Attivitajiet tal-Gwardji tas-Sigurtà (it-Taqsimiet 6, 7, 14).

PL: L-Att tat-22 ta' Awwissu 1997 dwar il-protezzjoni tal-persuni u l-proprjetà (il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2016, il-punt 1432 kif emendat).

PT: Il-Liġi 34/2013 alterada p/ Lei 46/2019, 16 maio; u

l-Ordinanza 273/2013. alterada p/ Portaria 106/2015, 13 abril.

SI: Zakon o zasebnem varovanju (Il-Liġi dwar is-sigurtà privata).

(b) Servizzi ta' investigazzjoni (CPC 87301)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-AT u l-SE: Il-forniment ta' servizzi ta' investigazzjoni.

Riżerva Nru 10 – Is-servizzi kummerċjali – Servizzi kummerċjali oħra

Settur, sottosettur:	Servizzi kummerċjali – servizzi kummerċjali oħra (servizzi ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni, servizzi ta' duplikazzjoni, servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija u servizzi inċidentali għall-manifattura)
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 87905, 87904, 884, 887
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
	Preżenza lokali
	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Is-servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni (CPC 87905)

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-HR: Il-forniment transfruntier ta' traduzzjoni u interpretazzjoni ta' dokumenti uffiċjali.

(b) Is-servizzi ta' duplikazzjoni (CPC 87904)

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-HU: Il-forniment transfruntier ta' servizzi ta' duplikazzjoni.

(c) Is-servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija u s-servizzi inċidentali għall-manifattura (parti minn CPC 884, 887 minbarra s-servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-HU: Is-servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija, u l-forniment transfruntier ta' servizzi inċidentali għall-manifattura, bl-eċċezzjoni tas-servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni relatati ma' dawn is-setturi.

(d) Il-manutenzjoni u t-tiswija ta' bastimenti, tagħmir tat-trasport bil-ferrovija u inġenji tal-ajru u partijiet tagħhom (parti minn CPC 86764, CPC 86769, CPC 8868)

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-DE, EE u HU: Il-forniment transfruntier ta' servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport bil-ferrovija.

Fl-UE, bl-eċċezzjoni taċ-CZ, EE, HU, LU u SK: Il-forniment transfruntier ta' servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti tat-trasport fuq il-passaġġi tal-ilma interni.

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-EE, HU u LV: Il-forniment transfruntier ta' servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti marittimi.

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-AT, EE, HU, LV, u PL: Il-forniment transfruntier ta' servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' inġenji tal-ajru u partijiet tagħhom (parti minn CPC 86764, CPC 86769, CPC 8868).

Fl-UE: Il-forniment transfruntier ta' servizzi ta' perizji statutorji u ċertifikazzjoni ta' bastimenti.

Miżuri eżistenti:

UE: Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(e) Servizzi kummerċjali oħra relatati mal-avjazzjoni

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-UE: L-għoti ta' trattament differenzjali lil pajjiż terz skont ftehim bilaterali eżistenti jew futur li jirrigwarda:

(a) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru;

(b) is-servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni (CRS);

(c) il-manutenzjoni u t-tiswija ta' inġenji tal-ajru u partijiet tagħhom, jew

(d) il-kiri jew il-lokazzjoni ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-DE, fi FR: Tifi tan-nar mill-ajru, taħriġ fit-titjir, bexx, stħarriġ, immappjar, fotografija, u servizzi agrikoli, industrijali u ta' spezzjoni oħra li jsiru fl-ajru.

Fil-FI, SE: Tifi tan-nar mill-ajru.

Riżerva Nru 11 – It-telekomunikazzjoni

Settur:	Servizzi ta' trażmissjoni mxandra bis-satellita
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

Fil-BE: Servizzi ta' trażmissjoni mxandra bis-satellita.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (ĠU L 131 28.5.2009, p. 11).

Riżerva Nru 12 – Il-kostruzzjoni

Settur:	Servizzi tal-kostruzzjoni
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 51
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

Fil-LT: Id-dritt li tħejji d-dokumentazzjoni tad-disinn għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' importanza eċċezzjonali jingħata biss lil intrapriża tad-disinn irreġistrata fil-Litwanja jew lil intrapriża tad-disinn barranija li tkun ġiet approvata minn istituzzjoni awtorizzata mill-Gvern għal dawk l-attivitajiet. Id-dritt li twettaq attivitajiet tekniċi fl-oqsma prinċipali tal-kostruzzjoni jista' jingħata lil persuna mhux Litwana li tkun ġiet approvata minn istituzzjoni awtorizzata mill-Gvern tal-Litwanja.

Riżerva Nru 13 – Is-servizzi ta' distribuzzjoni

Settur:	Servizzi ta' distribuzzjoni
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 62117, 62251, 8929, parti minn 62112, 62226, parti minn 631
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Id-distribuzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-BG: Id-distribuzzjoni bl-ingrossa transfruntiera ta' prodotti farmaċewtiċi (CPC 62251).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-FI: Id-distribuzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi (CPC 62117, 62251, 8929).

Miżuri eżistenti:

BG: Il-Liġi dwar Prodotti Mediċinali fil-Mediċina tal-Bniedem; il-Liġi dwar l-Apparat Mediku.

FI: Lääkelaki (l-Att dwar il-Mediċini) (395/1987).

(b) Id-distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku

Fil-FI: Id-distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku (parti minn CPC 62112, 62226, 63107, 8929).

Miżuri eżistenti:

FI: Alkoholilaki (l-Att dwar l-Alkoħol) (1102/2017).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fl-SE: L-impożizzjoni ta' monopolju fuq il-bejgħ bl-imnut ta' likuri, inbid u birra (minbarra l-birra mhux alkoħolika). Attwalment Systembolaget AB għandha tali monopolju governattiv fuq il-bejgħ bl-imnut ta' likuri, inbid u birra (minbarra l-birra mhux alkoħolika). Ix-xorb alkoħoliku huwa xorb b'kontenut ta' alkoħol ta' aktar minn 2,25 % għal kull volum. Għall-birra, il-limitu huwa kontenut ta' alkoħol ta' aktar minn 3,5 % għal kull volum (parti minn CPC 631).

Miżuri eżistenti:

SE: L-Att dwar l-Alkoħol (2010:1622).

(c) Distribuzzjoni oħra (parti minn CPC 621, CPC 62228, CPC 62251, CPC 62271, parti minn CPC 62272, CPC 62276, CPC 63108, parti minn CPC 6329)

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-BG: Id-distribuzzjoni bl-ingrossa ta' prodotti kimiċi, metalli u ħaġar prezzjużi, sustanzi mediċi u prodotti u oġġetti għal użu mediku; tabakk u prodotti tat-tabakk u xorb alkoħoliku.

Il-Bulgarija tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tas-servizzi pprovduti minn sensara tal-komoditajiet.

Miżuri eżistenti:

BG: Il-Liġi dwar Prodotti Mediċinali fil-Mediċina tal-Bniedem;

il-Liġi dwar l-Apparat Mediku;

il-Liġi dwar l-Attività Veterinarja;

il-Liġi għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi u għall-Kontroll fuq is-Sustanzi Kimiċi Tossiċi u l-Prekursuri Tagħhom; u

il-Liġi dwar it-Tabakk u l-Prodotti tat-Tabakk. Il-Liġi dwar id-dazji tas-sisa u l-imħażen tat-taxxa u l-Liġi dwar l-inbid u l-ispirti.

Riżerva Nru 14 – Is-servizzi edukattivi

Settur:	Servizzi edukattivi
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 92
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
	Preżenza lokali
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE: Servizzi edukattivi li jirċievu finanzjament pubbliku jew appoġġ mill-Istat fi kwalunkwe forma. Fejn huwa permess il-forniment ta' servizzi edukattivi ffinanzjati privatament minn fornitur barrani, il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fis-sistema edukattiva tista' tkun soġġetta għal konċessjoni allokata fuq bażi mhux diskriminatorja.

Fl-AT, BE, BG, CY, EL, ES u SI: Fir-rigward tal-forniment ta' servizzi edukattivi oħra ffinanzjati mill-privat, jiġifieri minbarra dawk ikklassifikati bħala servizzi edukattivi primarji, sekondarji, ta' edukazzjoni għolja jew għall-adulti (CPC 929).

F'CY, FI, MT u RO: Il-forniment ta' servizzi edukattivi primarji, sekondarji, u għall-adulti ffinanzjati mill-privat (CPC 921, 922).

Fl-AT, BG, CY, FI, MT u RO: Il-forniment ta' servizzi ta' edukazzjoni għolja ffinanzjati mill-privat (CPC 923).

F'CY: Il-forniment ta' servizzi edukattivi għall-adulti (CPC 924).

Fil-FI: Il-forniment ta' servizzi edukattivi għall-adulti u servizzi edukattivi oħra, minbarra servizzi ta' tagħlim tal-lingwa Ingliża ffinanzjati mill-privat (parti minn CPC 924 u 929).

Fiċ-CZ u fis-SK: Il-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' stabbiliment li jipprovdi servizzi edukattivi ffinanzjati mill-privat iridu jkunu nazzjonali ta' dak il-pajjiż (CPC 921, 922, 923 għas-SK minbarra 92310, 924).

Fis-SI: Skejjel elementari ffinanzjati privatament jistgħu jiġu stabbiliti biss minn persuni Sloveni. Il-fornitur tas-servizz irid jistabbilixxi uffiċċju reġistrat jew fergħa. Il-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' stabbiliment li jipprovdi servizzi ta' edukazzjoni sekondarja jew għolja ffinanzjati mill-privat iridu jkunu nazzjonali Sloveni (CPC 922, 923)

Fl-SE: Fornituri ta' servizzi edukattivi li huma approvati minn awtoritajiet pubbliċi biex jipprovdu edukazzjoni. Din ir-riżerva tapplika għal fornituri ta' servizzi edukattivi ffinanzjati mill-privat b'xi forma ta' appoġġ mill-Istat, inklużi fornituri ta' servizzi edukattivi rikonoxxuti mill-Istat, fornituri ta' servizzi edukattivi taħt superviżjoni tal-Istat jew edukazzjoni li tintitola għal appoġġ tal-istudju (CPC 92).

Fis-SK: Ir-residenza fiż-ŻEE hija meħtieġa għall-fornituri ta' servizzi edukattivi kollha ffinanzjati mill-privat għajr is-servizzi edukattivi tekniċi u vokazzjonali post-sekondarji. Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi u l-għadd ta' skejjel li jiġu stabbiliti jista' jkun limitat mill-awtoritajiet lokali (CPC 921, 922, 923 minbarra 92310, 924).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-BG, IT u SI: Biex jiġi ristrett il-forniment transfruntier ta' servizzi edukattivi primarji ffinanzjati mill-privat (CPC 921).

Fil-BG u IT: Biex jiġi ristrett il-forniment transfruntier ta' servizzi edukattivi sekondarji ffinanzjati mill-privat (CPC 922).

Fl-AT: Biex jiġi ristrett il-forniment transfruntier ta' servizzi edukattivi għall-adulti ffinanzjati mill-privat permezz ta' xandir bir-radju jew bit-televiżjoni (CPC 924).

Miżuri eżistenti:

BG: L-Att dwar l-Edukazzjoni Preprimarja u Skolastika;

L-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja, il-Paragrafu 4 tad-dispożizzjonijiet addizzjonali; kif ukoll

l-Artikolu 22, l-Att dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali.

FI: Perusopetuslaki (l-Att dwar l-Edukazzjoni Bażika) (628/1998);

Lukiolaki (l-Att dwar l-Iskejjel Sekondarji Superjuri Ġenerali) (629/1998);

Laki ammatillisesta koulutuksesta (l-Att dwar it-Taħriġ u l-Edukazzjoni Vokazzjonali) (630/1998);

Laki ammatillisesta aikuiskoulutuksesta (l-Att dwar l-Edukazzjoni Vokazzjonali għall-Adulti) (631/1998); u

Ammattikorkeakoululaki (l-Att dwar il-Politekniċi) (351/2003); u Yliopistolaki (l-Att dwar l-Universitajiet) (558/2009).

IT: Id-Digriet Irjali 1592/1933 (il-Liġi dwar l-edukazzjoni sekondarja);

il-Liġi 243/1991 (Kontribuzzjoni pubblika okkażjonali għall-universitajiet privati);

ir-Riżoluzzjoni 20/2003 tas-CNVSU (Comitato nazionale per la valutazione del sistema universitario); kif ukoll

id-Digriet tal-President tar-Repubblika (DPR) 25/1998.

SK: L-Att 245/2008 dwar l-edukazzjoni;

l-Att 131/2002 dwar l-Universitajiet; kif ukoll

l-Att 596/2003 dwar l-Amministrazzjoni mill-Istat tal-Edukazzjoni u l-Awtonomija tal-Iskejjel.

Riżerva Nru 15 – Is-servizzi ambjentali

Settur:	Servizzi ambjentali: immaniġġjar tal-iskart u tal-ħamrija
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 9401, 9402, 9403, 94060
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

Fil-DE: Il-forniment ta' servizzi ta' mmaniġġjar tal-iskart minbarra servizzi ta' konsulenza, u fir-rigward tas-servizzi relatati mal-protezzjoni tal-ħamrija u l-immaniġġjar ta' ħamrija kkontaminata, minbarra s-servizzi ta' konsulenza.

Riżerva Nru 16 – Is-servizzi finanzjarji

Settur:	Servizzi finanzjarji
Klassifikazzjoni tal-industrija:	Mhux applikabbli
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
	Preżenza lokali
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Is-servizzi finanzjarji kollha

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE: id-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-forniment transfruntier tas-servizzi finanzjarji kollha minbarra:

Fl-UE (ħlief għall-BE, CY, EE, LT, LV, MT, PL, RO u SI):

(a) is-servizzi ta' assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni) u l-intermedjazzjoni assigurattiva diretta għall-assigurazzjoni ta' riskji relatati ma':

(i) it-trasport marittimu u l-avjazzjoni kummerċjali u t-tlugħ fl-ispazju u l-merkanzija (inklużi s-satelliti), b'assigurazzjoni li tkopri xi wħud minn dawn li ġejjin jew kollha: l-oġġetti li jkunu qed jiġu ttrasportati, il-vettura li tittrasporta l-oġġetti, u kwalunkwe responsabbiltà li tirriżulta minnhom; u

(ii) oġġetti fi tranżitu internazzjonali;

(b) ir-riassigurazzjoni u r-retroċessjoni;

(c) is-servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni;

(d) il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u s-software relatat minn forniturі ta' servizzi finanzjarji oħra; u

(e) is-servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra kif imsemmija fil-punt (a)(ii)(L) tal-Artikolu 10.63 (Definizzjonijiet) relatati ma' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra, iżda mhux intermedjazzjoni kif deskritta f'dak l-Artikolu.

Fil-BE:

(a) is-servizzi ta' assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni) u l-intermedjazzjoni assigurattiva diretta għall-assigurazzjoni ta' riskji relatati ma':

(i) it-trasport marittimu u l-avjazzjoni kummerċjali u t-tlugħ fl-ispazju u l-merkanzija (inklużi s-satelliti), b'assigurazzjoni li tkopri xi wħud minn dawn li ġejjin jew kollha: l-oġġetti li jkunu qed jiġu ttrasportati, il-vettura li tittrasporta l-oġġetti, u kwalunkwe responsabbiltà li tirriżulta minnhom; u

(ii) oġġetti fi tranżitu internazzjonali;

(b) ir-riassigurazzjoni u r-retroċessjoni;

(c) is-servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni; u

(d) il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u s-software relatat minn forniturі ta' servizzi finanzjarji oħra;

F'CY:

(a) is-servizzi ta' assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni) għall-assigurazzjoni ta' riskji relatati ma':

(i) it-trasport marittimu u l-avjazzjoni kummerċjali u t-tlugħ fl-ispazju u l-merkanzija (inklużi s-satelliti), b'assigurazzjoni li tkopri xi wħud minn dawn li ġejjin jew kollha: l-oġġetti li jkunu qed jiġu ttrasportati, il-vettura li tittrasporta l-oġġetti, u kwalunkwe responsabbiltà li tirriżulta minnhom; u

(ii) oġġetti fi tranżitu internazzjonali;

(b) l-intermedjazzjoni assigurattiva;

(c) ir-riassigurazzjoni u r-retroċessjoni;

(d) is-servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni;

(e) in-negozjar għan-nom proprju jew f'isem klijenti, sew jekk f'borża jew f'suq finanzjarju barra l-borża jew mod ieħor ta' titoli trasferibbli;

(f) il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u s-software relatat minn fornituri ta' servizzi finanzjarji oħra; u

(g) is-servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra kif deskritti fil-punt (a)(ii)(L) tal-Artikolu 10.63 (Definizzjonijiet), relatati ma' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra, iżda mhux intermedjazzjoni kif deskritta f'dak l-Artikolu.

Fl-EE:

(a) l-assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni);

(b) ir-riassigurazzjoni u r-retroċessjoni;

(c) l-intermedjazzjoni assigurattiva;

(d) is-servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni

(e) l-aċċettazzjoni ta' depożiti;

(f) kull tip ta' self;

(g) il-lokazzjoni finanzjarja;

(h) is-servizzi kollha ta' pagament u ta' trażmissjoni tal-flus; il-garanziji u l-impenji;

(i) in-negozjar għan-nom proprju jew f'isem klijenti, sew jekk f'borża, f'suq finanzjarju barra l-borża;

(j) il-parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' titoli, inkluż is-sottoskrizzjoni u t-tqegħid bħala aġent (kemm jekk pubblikament jew privatament) u l-forniment ta' servizzi relatati ma' tali ħruġ;

(k) is-senserija ta' flus;

(l) l-immaniġġjar ta' assi, bħall-immaniġġjar ta' flus kontanti u ta' portfoll, kull forma ta' mmaniġġjar ta' investiment kollettiv, is-servizzi ta' kustodja, depożitarji u fiduċjarji;

(m) is-servizzi ta' saldu u kklerjar għal assi finanzjarji, inklużi titoli, prodotti derivattivi, u strumenti negozjabbli oħra;

(n) il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u s-software relatat; u

(o) is-servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra kif imsemmija fil-punt (a)(ii)(L) tal-Artikolu 10.63 (Definizzjonijiet) relatati ma' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra, iżda mhux intermedjazzjoni kif deskritta f'dak l-Artikolu.

Fil-LT:

(a) is-servizzi ta' assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni) għall-assigurazzjoni ta' riskji relatati ma':

(i) it-trasport marittimu u l-avjazzjoni kummerċjali u t-tlugħ fl-ispazju u l-merkanzija (inklużi s-satelliti), b'assigurazzjoni li tkopri xi wħud minn dawn li ġejjin jew kollha: l-oġġetti li jkunu qed jiġu ttrasportati, il-vettura li tittrasporta l-oġġetti, u kwalunkwe responsabbiltà li tirriżulta minnhom; u

(ii) oġġetti fi tranżitu internazzjonali;

(b) ir-riassigurazzjoni u r-retroċessjoni;

(c) is-servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni;

(d) l-aċċettazzjoni ta' depożiti;

(e) kull tip ta' self;

(f) il-lokazzjoni finanzjarja;

(g) is-servizzi kollha ta' pagament u ta' trażmissjoni tal-flus; il-garanziji u l-impenji;

(h) in-negozjar għan-nom proprju jew f'isem klijenti, sew jekk f'borża, f'suq finanzjarju barra l-borża;

(i) il-parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' titoli, inkluż is-sottoskrizzjoni u t-tqegħid bħala aġent (kemm jekk pubblikament jew privatament) u l-forniment ta' servizzi relatati ma' tali ħruġ;

(j) is-senserija ta' flus;

(k) l-immaniġġjar ta' assi, bħall-immaniġġjar ta' flus kontanti u ta' portfoll, kull forma ta' mmaniġġjar ta' investiment kollettiv, is-servizzi ta' kustodja, depożitarji u fiduċjarji;

(l) is-servizzi ta' saldu u kklerjar għal assi finanzjarji, inklużi titoli, prodotti derivattivi, u strumenti negozjabbli oħra;

(m) il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u s-software relatat; u

(n) is-servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra kif imsemmija fil-punt (a)(ii)(L) tal-Artikolu 10.63 (Definizzjonijiet) relatati ma' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra, iżda mhux intermedjazzjoni kif deskritta f'dak l-Artikolu.

Fil-LV:

(a) is-servizzi ta' assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni) għall-assigurazzjoni ta' riskji relatati ma':

(i) it-trasport marittimu u l-avjazzjoni kummerċjali u t-tlugħ fl-ispazju u l-merkanzija (inklużi s-satelliti), b'assigurazzjoni li tkopri xi wħud minn dawn li ġejjin jew kollha: l-oġġetti li jkunu qed jiġu ttrasportati, il-vettura li tittrasporta l-oġġetti, u kwalunkwe responsabbiltà li tirriżulta minnhom; u

(ii) oġġetti fi tranżitu internazzjonali;

(b) ir-riassigurazzjoni u r-retroċessjoni;

(c) is-servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni;

(d) il-parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' titoli, inkluż is-sottoskrizzjoni u t-tqegħid bħala aġent (kemm jekk pubblikament jew privatament) u l-forniment ta' servizzi relatati ma' tali ħruġ;

(e) il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u s-software relatat minn forniturі ta' servizzi finanzjarji oħra; u

(f) is-servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra kif imsemmija fil-punt (a)(ii)(L) tal-Artikolu 10.63 (Definizzjonijiet) relatati ma' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra, iżda mhux intermedjazzjoni kif deskritta f'dak l-Artikolu.

F'MT:

(a) is-servizzi ta' assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni) għall-assigurazzjoni ta' riskji relatati ma':

(i) it-trasport marittimu u l-avjazzjoni kummerċjali u t-tlugħ fl-ispazju u l-merkanzija (inklużi s-satelliti), b'assigurazzjoni li tkopri xi wħud minn dawn li ġejjin jew kollha: l-oġġetti li jkunu qed jiġu ttrasportati, il-vettura li tittrasporta l-oġġetti, u kwalunkwe responsabbiltà li tirriżulta minnhom; u

(ii) oġġetti fi tranżitu internazzjonali;

(b) ir-riassigurazzjoni u r-retroċessjoni;

(c) is-servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni;

(d) l-aċċettazzjoni ta' depożiti;

(e) kull tip ta' self;

(f) il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u s-software relatat minn fornituri ta' servizzi finanzjarji oħra; u

(g) is-servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra kif imsemmija fil-punt (a)(ii)(L) tal-Artikolu 10.63 (Definizzjonijiet) relatati ma' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra, iżda mhux intermedjazzjoni kif deskritta f'dak l-Artikolu.

Fil-PL:

(a) is-servizzi ta' assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni) għall-assigurazzjoni ta' riskji relatati ma' oġġetti f'kummerċ internazzjonali;

(b) ir-riassigurazzjoni u r-retroċessjoni ta' riskji relatati ma' oġġetti f'kummerċ internazzjonali;

(c) is-servizzi ta' assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni u r-retroċessjoni) u l-intermedjazzjoni assigurattiva diretta għall-assigurazzjoni ta' riskji relatati ma':

(i) it-trasport marittimu u l-avjazzjoni kummerċjali u t-tlugħ fl-ispazju u l-merkanzija (inklużi s-satelliti), b'assigurazzjoni li tkopri xi wħud minn dawn li ġejjin jew kollha: l-oġġetti li jkunu qed jiġu ttrasportati, il-vettura li tittrasporta l-oġġetti, u kwalunkwe responsabbiltà li tirriżulta minnhom; u

(ii) oġġetti fi tranżitu internazzjonali;

(d) il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u s-software relatat minn fornituri ta' servizzi finanzjarji oħra; u

(e) is-servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra kif imsemmija fil-punt (a)(ii)(L) tal-Artikolu 10.63 (Definizzjonijiet) relatati ma' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra, iżda mhux intermedjazzjoni kif deskritta f'dak l-Artikolu.

Fir-RO:

(a) is-servizzi ta' assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni) u l-intermedjazzjoni assigurattiva diretta għall-assigurazzjoni ta' riskji relatati ma':

(i) it-trasport marittimu u l-avjazzjoni kummerċjali u t-tlugħ fl-ispazju u l-merkanzija (inklużi s-satelliti), b'assigurazzjoni li tkopri xi wħud minn dawn li ġejjin jew kollha: l-oġġetti li jkunu qed jiġu ttrasportati, il-vettura li tittrasporta l-oġġetti, u kwalunkwe responsabbiltà li tirriżulta minnhom; u

(ii) oġġetti fi tranżitu internazzjonali;

(b) ir-riassigurazzjoni u r-retroċessjoni;

(c) is-servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni;

(d) l-aċċettazzjoni ta' depożiti;

(e) kull tip ta' self;

(f) il-garanziji u l-impenji;

(g) is-senserija ta' flus;

(h) il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u s-software relatat; u

(i) is-servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra kif imsemmija fil-punt (a)(ii)(L) tal-Artikolu 10.63 (Definizzjonijiet) relatati ma' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra, iżda mhux intermedjazzjoni kif deskritta f'dak l-Artikolu.

Fis-SI:

(a) is-servizzi ta' assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni) u l-intermedjazzjoni assigurattiva diretta għall-assigurazzjoni ta' riskji relatati ma':

(i) it-trasport marittimu u l-avjazzjoni kummerċjali u t-tlugħ fl-ispazju u l-merkanzija (inklużi s-satelliti), b'assigurazzjoni li tkopri xi wħud minn dawn li ġejjin jew kollha: l-oġġetti li jkunu qed jiġu ttrasportati, il-vettura li tittrasporta l-oġġetti, u kwalunkwe responsabbiltà li tirriżulta minnhom; u

(ii) oġġetti fi tranżitu internazzjonali;

(b) ir-riassigurazzjoni u r-retroċessjoni;

(c) is-servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni;

(d) kull tip ta' self;

(e) l-aċċettazzjoni ta' garanziji u impenji minn istituzzjonijiet ta' kreditu barranin minn entitajiet legali domestiċi u kummerċjanti waħdiena;

(f) il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u s-software relatat minn forniturі ta' servizzi finanzjarji oħra; u

(g) is-servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljari oħra kif imsemmija fil-punt (a)(ii)(L) tal-Artikolu 10.63 (Definizzjonijiet) relatati ma' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra, iżda mhux intermedjazzjoni kif deskritta f'dak l-Artikolu.

(b) L-assigurazzjoni u s-servizzi relatati mal-assigurazzjoni

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-BG: L-assigurazzjoni tat-trasport, li tkopri l-oġġetti, l-assigurazzjoni tal-vetturi bħala tali u l-assigurazzjoni tar-responsabbiltà fir-rigward ta' riskji li jinsabu fil-Bulgarija ma jistgħux jiġu sottoskritti direttament minn kumpaniji tal-assigurazzjoni barranin.

Fil-DE: Jekk kumpanija tal-assigurazzjoni barranija tkun stabbiliet fergħa fil-Ġermanja, hija tista' tikkonkludi kuntratti ta' assigurazzjoni fil-Ġermanja relatati ma' trasport internazzjonali biss permezz tal-fergħa stabbilita fil-Ġermanja.

Miżuri eżistenti:

DE: Luftverkehrsgesetz (LuftVG); u

Luftverkehrszulassungsordnung (LuftVZO).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fi ES: Hija meħtieġa r-residenza, jew inkella sentejn esperjenza, għall-professjoni attwarjali.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-FI: Il-forniment ta' servizzi ta' sensara tal-assigurazzjoni huwa soġġett għal post tan-negozju permanenti fl-UE.

Assiguraturi li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fl-Unjoni jew li jkollhom fergħa fil-Finlandja biss jistgħu joffru servizzi ta' assigurazzjoni diretta, inkluża l-koassigurazzjoni.

Miżuri eżistenti:

FI: Laki ulkomaisista vakuutusyhtiöistä (l-Att dwar il-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni Barranin) (398/1995);

Vakuutusyhtiölaki (l-Att dwar il-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni) (521/2008); u

Laki vakuutusten tarjoamisesta (l-Att dwar id-Distribuzzjoni tal-Assigurazzjoni) (234/2018).

Fi FR: L-assigurazzjoni tar-riskji relatati mat-trasport fuq l-art tista' tiġi sottoskritta biss minn ditti tal-assigurazzjoni stabbiliti fl-Unjoni.

Miżuri eżistenti:

FR: Code des assurances.

Fl-HU: Persuni ġuridiċi tal-Unjoni u fergħat irreġistrati fl-Ungerija biss jistgħu jipprovdu servizzi ta' assigurazzjoni diretta.

Miżuri eżistenti:

HU: L-Att LX tal-2003.

Fl-IT: L-assigurazzjoni tat-trasport ta' oġġetti, l-assigurazzjoni tal-vetturi u l-assigurazzjoni tar-responsabbiltà fir-rigward ta' riskji li jinsabu fl-Italja jistgħu jiġu sottoskritti biss minn kumpaniji tal-assigurazzjoni stabbiliti fl-Unjoni, ħlief għat-trasport internazzjonali li jinvolvi importazzjonijiet fl-Italja. Il-forniment transfruntier ta' servizzi attwarjali.

Miżuri eżistenti:

IT: L-Artikolu 29 tal-kodiċi tal-assigurazzjoni privata (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 209 tas-7 ta' Settembru 2005), il-Liġi 194/1942 dwar il-professjoni attwarjali.

Fil-PT: L-assigurazzjoni tat-trasport bl-ajru u bil-baħar, li tkopri l-oġġetti, l-inġenji tal-ajru, il-buq u r-responsabbiltà tista' tiġi sottoskritta biss minn intrapriżi tal-Unjoni. Persuni fiżiċi ta', jew intrapriżi stabbiliti fl-Unjoni biss, jistgħu jaġixxu bħala intermedjarji għal tali negozji tal-assigurazzjoni fil-Portugall.

Miżuri eżistenti:

PT: L-Artikolu 3 tal-Liġi 147/2015, l-Artikolu 8 tal-Liġi 7/2019.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fis-SK: Nazzjonali barranin jistgħu jistabbilixxu kumpanija tal-assigurazzjoni fil-forma ta' kumpanija b'ishma konġunti jew jistgħu jwettqu negozju tal-assigurazzjoni permezz tal-fergħat tagħhom li jkollhom uffiċċju reġistrat fir-Repubblika Slovakka. L-awtorizzazzjoni fiż-żewġ każijiet hija soġġetta għal evalwazzjoni tal-awtorità superviżorja.

Miżuri eżistenti:

SK: L-Att 39/2015 dwar l-Assigurazzjoni.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-Investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ Transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fil-FI: Mill-anqas nofs il-membri tal-bord tad-diretturi u tal-bord superviżorju, u d-direttur maniġerjali ta' kumpanija tal-assigurazzjoni li tipprovdi assigurazzjoni statutorja tal-pensjoni għandu jkollhom il-post tar-residenza tagħhom fiż-ŻEE, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux taw eżenzjoni. Assiguraturi barranin ma jistgħux jiksbu liċenzja fil-Finlandja bħala fergħa biex iwettqu assigurazzjoni statutorja tal-pensjoni. Mill-anqas awditur wieħed għandu jkollu r-residenza permanenti tiegħu fiż-ŻEE.

Għal kumpaniji tal-assigurazzjoni oħra, ir-residenza fiż-ŻEE hija meħtieġa għal mill-anqas membru wieħed tal-bord tad-diretturi, il-bord superviżorju u d-direttur maniġerjali. Mill-anqas awditur wieħed għandu jkollu r-residenza permanenti tiegħu fiż-ŻEE. Aġent ġenerali ta' kumpanija tal-assigurazzjoni ta' New Zealand irid ikollu l-post ta' residenza tiegħu fil-Finlandja, sakemm il-kumpanija ma jkollhiex l-uffiċċju prinċipali tagħha fl-Unjoni.

Miżuri eżistenti:

FI: Laki ulkomaisista vakuutusyhtiöistä (l-Att dwar il-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni Barranin) (398/1995); Vakuutusyhtiölaki (l-Att dwar il-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni) (521/2008);

Laki vakuutusedustuksesta (l-Att dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni) (570/2005);

Laki vakuutusten tarjoamisesta (l-Att dwar id-Distribuzzjoni tal-Assigurazzjoni) (234/2018); u

Laki työeläkevakuutusyhtiöistä (l-Att dwar il-Kumpaniji li jipprovdu assigurazzjoni statutorja tal-pensjoni) (354/1997).

(c) Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-UE: Persuni ġuridiċi li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom fl-Unjoni biss jistgħu jaġixxu bħala depożitarji tal-assi tal-fondi ta' investiment. L-istabbiliment ta' kumpanija ta' ġestjoni speċjalizzata, li jkollha l-uffiċċju prinċipali u l-uffiċċju reġistrat tagħha fl-istess Stat Membru, huwa meħtieġ biex jitwettqu l-attivitajiet ta' ġestjoni ta' fondi komuni, inklużi fondi mutwi, u, fejn permess skont il-liġi nazzjonali, kumpaniji tal-investiment.

Miżuri eżistenti:

UE:

Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]); u

d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

Fl-EE: Għall-aċċettazzjoni ta' depożiti, hija meħtieġa l-awtorizzazzjoni mill-Awtorità għas-Superviżjoni Finanzjarja tal-Estonja u reġistrazzjoni skont il-liġi Estonjana bħala kumpanija b'ishma konġunti, sussidjarja jew fergħa.

Miżuri eżistenti:

EE: Krediidiasutuste seadus (l-Att dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu) § 206 u §21.

Fis-SK: Is-servizzi ta' investiment jistgħu jiġu pprovduti biss minn kumpaniji ta' ġestjoni li jkollhom il-forma ġuridika ta' kumpanija b'ishma konġunti b'kapital ta' ekwità skont il-liġi.

Miżuri eżistenti:

SK: L-Att 566/2001 dwar it-Titoli u s-Servizzi ta' Investiment; u

l-Att 483/2001 dwar il-Banek.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Fil-FI: Mill-anqas wieħed mill-fundaturi, il-membri tal-bord tad-diretturi, il-bord superviżorju, id-direttur maniġerjali tal-fornituri ta' servizzi bankarji u l-persuna intitolata li tiffirma l-isem tal-istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollhom r-residenza permanenti tagħhom fiż-ŻEE. Mill-anqas awditur wieħed għandu jkollu r-residenza permanenti tiegħu fiż-ŻEE.

Miżuri eżistenti:

FI: Laki liikepankeista ja muista osakeyhtiömuotoisista luottolaitoksista (l-Att dwar il-Banek Kummerċjali u Istituzzjonijiet Oħra ta' Kreditu fil-Forma ta' Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata) (1501/2001);

Säästöpankkilaki (1502/2001) (l-Att dwar it-Tfaddil Bankarju);

Laki osuuspankeista ja muista osuuskuntamuotoisista luottolaitoksista (1504/2001) (l-Att dwar il-Banek Kooperattivi u Istituzzjonijiet Oħra ta' Kreditu fil-Forma ta' Bank Kooperattiv);

Laki hypoteekkiyhdistyksistä (936/1978) (l-Att dwar Soċjetajiet ta' Ipoteki);

Maksulaitoslaki (297/2010) (l-Att dwar Istituzzjonijiet ta' Pagament);

Laki ulkomaisen maksulaitoksen toiminnasta Suomessa (298/2010) (l-Att dwar l-Operat ta' Istituzzjoni ta' Pagament Barranija fil-Finlandja); kif ukoll

Laki luottolaitostoiminnasta (l-Att dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu) (121/2007).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

([3]) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

([4]) Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

Fl-IT: Servizzi ta' "consulenti finanziari" (konsulent finanzjarju). Meta jipprovdu l-attività ta' bejgħ bieb bieb, l-intermedjarji jridu jużaw bejjiegħa finanzjarji awtorizzati li jkunu residenti fit-territorju ta' Stat Membru.

Miżuri eżistenti:

IT: L-Artikoli 91-111 tar-Regolament Consob dwar l-Intermedjarji (Nru 16190 tad-29 ta' Ottubru 2007).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-LT: Huma biss il-banek li għandhom uffiċċju reġistrat jew fergħa tagħhom fil-Litwanja u li huma awtorizzati jipprovdu servizzi ta' investiment fiż-ŻEE li jistgħu jaġixxu bħala d-depożitarji tal-assi ta' fond tal-pensjoni. Mill-anqas kap wieħed mill-amministrazzjoni ta' bank irid ikun jitkellem il-lingwa Litwana.

Miżuri eżistenti:

LT: Il-Liġi dwar il-Banek tar-Repubblika tal-Litwanja tat-30 ta' Marzu 2004 Nru IX-2085, kif emendata bil-Liġi Nru XIII-729 tas-16 ta' Novembru 2017;

il-Liġi dwar l-Impriżi ta' Investiment Kollettiv tar-Repubblika tal-Litwanja tal-4 ta' Lulju 2003 Nru IX-1709, kif emendata bil-Liġi Nru XIII-1872 tal-20 ta' Diċembru 2018;

il-Liġi dwar l-Akkumulazzjoni Addizzjonali Volontarja tal-Pensjoni tar-Repubblika tal-Litwanja tat-3 ta' Ġunju 1999 Nru VIII-1212 (kif riveduta fil-Liġi Nru XII-70 tal-20 ta' Diċembru 2012);

il-Liġi dwar il-Pagamenti tar-Repubblika tal-Litwanja tal-5 ta' Ġunju 2003 Nru IX-1596, l-aħħar emenda fis-17 ta' Ottubru 2019 Nru XIII-2488; u

il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Pagament tar-Repubblika tal-Litwanja tal-10 ta' Diċembru 2009 Nru XI-549 (verżjoni ġdida tal-Liġi: Nru XIII-1093 tas-17 ta' April 2018).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fil-FI: Għas-servizzi ta' pagament, jistgħu jkunu meħtieġa r-residenza jew id-domiċilju fil-Finlandja.

Riżerva Nru 17 – Is-servizzi tas-saħħa u s-servizzi soċjali

Settur:	Servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 93, 931, minbarra 9312, parti minn 93191, 9311, 93192, 93193, 93199
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
	Preżenza lokali
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Servizzi tas-saħħa – sptar, ambulanza, servizzi tas-saħħa residenzjali (CPC 93, 931, għajr 9312, parti minn 93191, 9311, 93192, 93193, 93199)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

L-UE: Għall-forniment tas-servizzi tas-saħħa kollha li jirċievu finanzjament pubbliku jew appoġġ mill-Istat fi kwalunkwe forma.

L-UE: Għas-servizzi tas-saħħa kollha ffinanzjati mill-privat, minbarra sptar, ambulanza, u servizzi ta' faċilitajiet residenzjali tas-saħħa ffinanzjati mill-privat, għajr servizzi ta' sptar. Il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fin-network tas-saħħa ffinanzjat mill-privat tista' tkun soġġetta għal konċessjoni fuq bażi mhux diskriminatorja. Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, l-infrastruttura tat-trasport, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.

Din ir-riżerva ma tirrigwardax il-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inklużi s-servizzi pprovduti minn professjonisti bħal tobba mediċi, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi u psikologi, li huma koperti minn riżervi oħra (CPC 931 minbarra 9312, parti minn 93191).

Fl-AT, PL u SI: Il-forniment ta' servizzi ta' ambulanza ffinanzjati mill-privat (CPC 93192).

Fil-BE: L-istabbiliment ta' servizzi ta' ambulanza u servizzi ta' faċilitajiet residenzjali tas-saħħa ffinanzjati mill-privat minbarra servizzi ta' sptar (CPC 93192, 93193).

Fil-BG, CY, CZ, FI, MT u SK: Il-forniment ta' servizzi ta' sptar, ambulanza u servizzi ta' faċilitajiet residenzjali tas-saħħa ffinanzjati mill-privat minbarra servizzi ta' sptar (CPC 9311, 93192, 93193).

Fil-FI: Il-forniment ta' servizzi oħra tas-saħħa tal-bniedem (CPC 93199).

Miżuri eżistenti:

CZ: L-Att Nru 372/2011 Coll. dwar is-Servizzi tal-Kura tas-Saħħa u l-Kondizzjonijiet tal-Forniment Tagħhom.

FI: Laki yksityisestä terveydenhuollosta (l-Att dwar il-Kura tas-Saħħa Privata) (152/1990).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni:

Fil-DE: Il-forniment tas-Sistema tas-Sigurtà Soċjali tal-Ġermanja, fejn is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti minn kumpaniji jew entitajiet differenti li jinvolvu elementi kompetittivi li b'hekk mhumiex "Servizzi mwettqa esklużivament fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva". Biex jingħata trattament aħjar fil-kuntest ta' ftehim kummerċjali bilaterali fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali (CPC 93).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-DE: Is-sjieda tal-isptarijiet immexxija mill-Forzi Ġermaniżi.

Biex jiġu nnazzjonalizzati sptarijiet iffinanzjati mill-privat ewlenin oħra (CPC 93110).

Fi FR: Għall-forniment ta' servizzi ta' analiżi u ttestjar tal-laboratorju ffinanzjati mill-privat.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fi FR: Il-forniment ta' servizzi ta' analiżi u ttestjar tal-laboratorju ffinanzjati mill-privat (parti minn CPC 9311).

Miżuri eżistenti:

FR: Code de la Santé Publique.

(b) Servizzi tas-saħħa u soċjali, inkluża l-assigurazzjoni tal-pensjoni

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-HU: Il-forniment transfruntier ta' servizzi tas-saħħa, servizzi soċjali, u attivitajiet jew servizzi li jiffurmaw parti minn pjan pubbliku tal-irtirar jew sistema statutorja tas-sigurtà soċjali. Din ir-riżerva ma tirrigwardax il-forniment tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inklużi s-servizzi pprovduti minn professjonisti bħal tobba mediċi, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi, u psikologi, li huma koperti minn riżervi oħra (CPC 931 minbarra 9312, parti minn 93191).

Fl-HU: Il-forniment transfruntier tas-servizzi kollha tal-isptar, tal-ambulanzi u s-servizzi tas-saħħa residenzjali minbarra s-servizzi ta' sptar, li jirċievu finanzjament pubbliku (CPC 9311, 93192, 93193).

(c) Servizzi soċjali, inkluża l-assigurazzjoni tal-pensjoni

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni:

Fl-UE: Il-forniment tas-servizzi soċjali kollha li jirċievu finanzjament pubbliku jew appoġġ mill-Istat fi kwalunkwe forma, u attivitajiet jew servizzi li jiffurmaw parti minn pjan pubbliku tal-irtirar jew sistema statutorja tas-sigurtà soċjali. Il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fin-network soċjali ffinanzjat mill-privat tista' tkun soġġetta għall-ksib ta' konċessjoni fuq bażi mhux diskriminatorja. Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, l-infrastruttura tat-trasport, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.

Fil-BE, CY, DE, DK, EL, ES, FR, IE, IT u PT: Il-forniment ta' servizzi soċjali ffinanzjati mill-privat minbarra s-servizzi relatati mad-djar ta' konvalexxenza u ta' mistrieħ u d-djar tal-anzjani.

Fiċ-CZ, FI, HU, MT, PL, RO, SK, u SI: Il-forniment ta' servizzi soċjali ffinanzjati mill-privat.

Fil-DE: Is-Sistema tas-Sigurtà Soċjali tal-Ġermanja, fejn is-servizzi huma pprovduti minn kumpaniji jew entitajiet differenti li jinvolvu elementi kompetittivi u għalhekk jistgħu ma jaqgħux taħt id-definizzjoni tas-"Servizzi mwettqa esklużivament fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva".

Miżuri eżistenti:

FI: Laki yksityisistä sosiaalipalveluista (l-Att dwar is-Servizzi Soċjali Privati) (922/2011).

IE: L-Att tal-2004 dwar is-Saħħa (S. 39); u

l-Att tal-1970 dwar is-Saħħa (kif emendat –S.61A).

IT: Il-Liġi 833/1978 Istituzzjoni tas-sistema tas-saħħa pubblika; u

id-Digriet Leġiżlattiv 502/1992 Organizzazzjoni u dixxiplina tal-qasam tas-saħħa; u l-Liġi 328/2000 Riforma tas-servizzi soċjali.

Riżerva Nru 18 – Servizzi relatati mat-turiżmu u l-ivvjaġġar

Settur:	Servizzi ta' gwidi turistiċi, servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 7472
Obbligi kkonċernati:	Trattament nazzjonali
	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fi FR: Li tkun meħtieġa n-nazzjonalità ta' Stat Membru għall-forniment tas-servizzi ta' gwidi turistiċi.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-LT: Sa fejn New Zealand tippermetti lin-nazzjonali tal-Litwanja jipprovdu servizzi ta' gwidi turistiċi, il-Litwanja se tippermetti lin-nazzjonali ta' New Zealand jipprovdu servizzi ta' gwidi turistiċi bl-istess kundizzjonijiet.

Riżerva Nru 19 – Is-servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi

Settur:	Servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 962, 963, 9619, 964
	Obbligi kkonċernati: Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
	Preżenza lokali
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Libreriji, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħra (CPC963)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-AT u, għal-liberalizzazzjoni tal-investiment, fil-LT: Il-forniment ta' servizzi ta' libreriji, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħra.

Fl-AT u LT: Tista' tkun meħtieġa liċenzja jew konċessjoni għall-istabbiliment.

Servizzi ta' divertiment, teatru, bands live u servizzi taċ-ċirku (CPC 9619, 964 ħlief 96492).

(b) Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-AT u l-SE: Il-forniment transfruntier ta' servizzi ta' divertiment, inklużi s-servizzi tat-teatru, tal-live bands, taċ-ċirku u tad-diskoteki.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'CY, CZ, FI, MT, PL, RO, SI u SK: Fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' divertiment, inklużi servizzi tat-teatru, tal-live bands, taċ-ċirku u tad-diskoteki.

Fil-BG: Il-forniment tas-servizzi ta' divertiment li ġejjin: ċirku, park tad-divertiment u servizzi simili ta' attrazzjoni, swali tal-ballu, diskoteki u servizzi ta' tagħlim taż-żfin u servizzi ta' divertiment oħra.

Fl-EE: Il-forniment ta' servizzi oħra ta' divertiment ħlief għas-servizzi ta' teatru taċ-ċinema.

Fil-LT u fil-LV: Il-forniment tas-servizzi kollha ta' divertiment minbarra s-servizzi ta' operat ta' teatru taċ-ċinema.

F'CY, CZ, LV, PL, RO u SK: Il-forniment transfruntier ta' servizzi sportivi u servizzi rikreattivi oħra.

(c) Aġenziji tal-aħbarijiet u tal-istampa (CPC 962)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fi FR: Il-parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji eżistenti li jippubblikaw pubblikazzjonijiet bil-lingwa Franċiża ma tistax taqbeż l-20 % tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot fil-kumpanija L-istabbiliment ta' aġenziji tal-istampa ta' New Zealand huwa soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regolamentazzjoni domestika. L-istabbiliment ta' aġenziji tal-istampa minn investituri barranin huwa soġġett għar-reċiproċità.

Miżuri eżistenti:

FR: Ordonnance n° 45-2646 du 2 novembre 1945 portant règlementation provisoire des agences de presse; u Loi n° 86-897 du 1 août 1986 portant réforme du régime juridique de la presse.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fl-HU: Il-forniment ta' servizzi ta' aġenziji tal-aħbarijiet u tal-istampa.

(d) Servizzi tal-logħob tal-azzard u tal-imħatri (CPC 96492)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

L-UE: Il-forniment ta' attivitajiet tal-logħob tal-azzard, li jinvolvu mħatri b'valur fi flus f'logħob tax-xorti, inkluż b'mod partikolari l-lotteriji, scratch cards, servizzi ta' logħob tal-azzard offruti f'każinos, arcades tal-logħob tal-azzard jew postijiet b'liċenzja, servizzi tal-imħatri, tat-tombla u tal-logħob tal-azzard operati minn organizzazzjonijiet tal-karità jew organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, u għall-benefiċċju tagħhom.

Riżerva Nru 20 – Is-servizzi tat-trasport u s-servizzi awżiljarji tat-trasport

Settur:	Servizzi tat-trasport
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
	Preżenza lokali
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) It-trasport marittimu – kwalunkwe attività kummerċjali oħra mwettqa minn bastiment

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

L-UE: In-nazzjonalità tal-ekwipaġġ ta' bastiment li jbaħħar jew li ma jbaħħarx.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-LV u MT: Persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Unjoni biss jistgħu jirreġistraw bastiment u joperaw flotta taħt il-bandiera nazzjonali tal-istat ta' stabbiliment (dan japplika għall-attività marittima kummerċjali kollha mwettqa minn bastiment li jbaħħar, inkluż is-sajd, l-akkwakultura, u s-servizzi inċidentali għas-sajd; it-trasport internazzjonali ta' passiġġieri u ta' merkanzija (CPC 721); u s-servizzi awżiljari għat-trasport marittimu).

L-UE: Għas-servizzi ta' alimentazzjoni għall-parti ta' dawn is-servizzi li ma taqax taħt l-esklużjoni tal-kabotaġġ marittimu nazzjonali.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

F'MT: Jeżistu drittijiet esklużivi għall-konnessjoni marittima mal-Ewropa kontinentali permezz tal-Italja ma' Malta (CPC 7213, 7214, parti minn 742, 745, parti minn 749).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fis-SK: L-investituri barranin irid ikollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fir-Repubblika Slovakka sabiex japplikaw għal liċenzja li tippermettilhom jipprovdu servizz (CPC 722).

(b) Servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

L-UE: Il-forniment ta' servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ. Għal aktar ċertezza, irrispettivament mill-kriterji li jistgħu japplikaw għar-reġistrazzjoni ta' bastimenti fi Stat Membru, l-Unjoni tirriżerva d-dritt li tirrikjedi li l-bastimenti rreġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-Istati Membri biss ikunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ (CPC 7452).

Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-LT u l-LV: Bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru biss jistgħu jipprovdu servizzi ta' mbuttar u rmunkar (CPC 7214).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-LT: Persuni ġuridiċi tal-Litwanja jew persuni ġuridiċi ta' Stat Membru b'fergħat fil-Litwanja li jkollhom Ċertifikat maħruġ mill-Amministrazzjoni Litwana tas-Sigurtà Marittima biss jistgħu jipprovdu servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ, ta' mbuttar u ta' rmunkar (CPC 7214, 7452).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-BE: Is-servizzi ta' maniġġ tal-merkanzija jistgħu jiġu operati biss minn ħaddiema akkreditati, eliġibbli biex jaħdmu f'żoni portwali indikati permezz ta' digriet irjali (CPC 741).

Miżuri eżistenti:

BE: Loi du 8 juin 1972 organisant le travail portuaire;

Arrêté royal du 12 janvier 1973 instituant une Commission paritaire des ports et fixant sa dénomination et sa compétence;

Arrêté royal du 4 septembre 1985 portant agrément d'une organisation d'employeur (Anvers);

Arrêté royal du 29 janvier 1986 portant agrément d'une organisation d'employeur (Gand);

Arrêté royal du 10 juillet 1986 portant agrément d'une organisation d'employeur (Zeebrugge);

Arrêté royal du 1er mars 1989 portant agrément d'une organisation d'employeur (Ostende); u

Arrêté royal du 5 juillet 2004 relatif à la reconnaissance des ouvriers portuaires dans les zones portuaires tombant dans le champ d'application de la loi du 8 juin 1972 organisant le travail portuaire, tel que modifié.

(c) Trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni u servizzi awżiljarji għat-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

L-UE: Trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni ta' passiġġieri u merkanzija (CPC 722) u servizzi awżiljarji għat-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni.

Għal aktar ċertezza, din ir-riżerva tkopri wkoll il-forniment ta' trasport ta' kabotaġġ f'passaġġi fuq l-ilma interni (CPC 722).

(d) Trasport bil-ferrovija u servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE: Trasport bil-ferrovija ta' passiġġieri u merkanzija (CPC 711).

Fil-LT: Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport bil-ferrovija huma soġġetti għal monopolju tal-Istat (CPC 86764, 86769, parti minn 8868).

Fl-SE (fir-rigward tal-aċċess għas-suq biss): Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport bil-ferrovija huma soġġetti għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi meta investitur ikun beħsiebu jistabbilixxi l-faċilitajiet infrastrutturali tiegħu stess ta' terminal. Kriterji ewlenin: il-limitazzjonijiet ta' spazju u kapacità (CPC 86764, 86769, parti minn 8868).

Miżuri eżistenti:

SE: L-Att dwar l-Ippjanar u l-Bini (2010:900).

(e) Trasport bit-triq (trasport tal-passiġġieri, trasport tal-merkanzija, servizzi ta' trasport internazzjonali bit-trakkijiet) u servizzi awżiljarji għat-trasport bit-triq

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

L-UE:

(i) ikun meħtieġ l-istabbiliment u jiġi limitat il-forniment transfruntier ta' servizzi tat-trasport bit-triq (CPC 712);

(ii) jiġi limitat il-forniment ta' kabotaġġ fi Stat Membru minn investituri barranin stabbiliti fi Stat Membru ieħor (CPC 712);

(iii) jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi ta' taksi fl-Unjoni li jistabbilixxi limitu fuq l-għadd ta' fornituri ta' servizz. Kriterji ewlenin: Id-domanda lokali kif prevista fil-liġijiet applikabbli (CPC 71221).

Miżuri eżistenti:

UE: Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]);

Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]); u

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7])

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fil-BE: Jista' jiġi stabbilit għadd massimu ta' liċenzji bil-liġi (CPC 71221).

Fl-IT: Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi ta' limousine. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kondizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.

Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi ta' karozzi tal-linja bejn belt u oħra. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kondizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.

Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għall-forniment ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija. Kriterji ewlenin: id-domanda lokali (CPC 712).

Fil-PT: Għat-trasport tal-passiġġieri, jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għall-forniment ta' servizzi ta' limousine. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda (CPC 712).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-BG, DE: Għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, id-drittijiet esklużivi jew l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw biss lil persuni fiżiċi tal-Unjoni u lil persuni ġuridiċi tal-Unjoni li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Unjoni. Hija meħtieġa l-inkorporazzjoni. Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità ta' Stat Membru għall-persuni fiżiċi (CPC 712).

F'MT: Għas-servizzi pubbliċi tal-karozzi tal-linja: In-network kollu huwa soġġett għal konċessjoni li tinkludi ftehim dwar obbligu ta' servizz pubbliku biex jaqdi l-ħtiġijiet ta' ċerti setturi soċjali (bħall-istudenti u l-anzjani) (CPC 712).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-FI: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizzi ta' trasport bit-triq, li mhijiex estiża għal vetturi rreġistrati barra mill-pajjiż (CPC 712).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fi FR: Il-forniment ta' servizzi ta' karozzi tal-linja bejn belt u oħra (CPC 712).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72).

([7]) Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88).

Fi ES: Għat-trasport tal-passiġġieri, japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi pprovduti taħt CPC 7122. Kriterji ewlenin: id-domanda lokali. Japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi ta' karozzi tal-linja bejn belt u oħra. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kondizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.

Fl-SE: Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport bit-triq huma soġġetti għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi meta fornitur ikun beħsiebu jistabbilixxi l-faċilitajiet ta' infrastruttura tat-terminals tiegħu. Kriterji ewlenin: il-limitazzjonijiet ta' spazju u kapacità (CPC 6112, 6122, 86764, 86769, parti minn 8867).

Fis-SK: Għat-trasport tal-merkanzija, jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: id-domanda lokali (CPC 712).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fil-BG: Ikun meħtieġ l-istabbiliment għas-servizzi ta' appoġġ għat-trasport bit-triq (CPC 744).

Miżuri eżistenti:

UE: Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009;

Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009; u

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009.

FI: Laki kaupallisista tavarankuljetuksista tiellä (l-Att dwar it-Trasport Kummerċjali bit-Triq) 693/2006;

Laki liikenteen palveluista (l-Att dwar is-Servizzi tat-Trasport) 320/2017; u

Ajoneuvolaki (l-Att dwar il-Vetturi) 1090/2002.

IT: Id-Digriet Leġiżlattiv 285/1992 (Il-Kodiċi tat-Triq u l-emendi sussegwenti), l-Artikolu 85;

id-Digriet Leġislattiv 395/2000, l-Artikolu 8 (Trasport bit-triq tal-passiġġieri);

il-Liġi 21/1992 (il-Liġi Qafas dwar it-trasport bit-triq pubbliku mhux skedat tal-passiġġieri);

il-Liġi 218/2003, l-Artikolu 1 (Trasport ta' passiġġieri permezz ta' karozzi tal-linja mikrija bix-xufier); u

l-Liġi 151/1981 (il-Liġi Qafas dwar it-trasport pubbliku lokali).

SE: L-Att dwar l-Ippjanar u l-Bini (2010:900).

(f) Trasport spazjali u kiri ta' inġenji spazjali

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

L-UE: Il-forniment ta' servizzi ta' trasport spazjali u l-forniment ta' servizzi ta' kiri ta' inġenji spazjali (CPC 733, parti minn 734).

(g) Eżenzjonijiet tan-nazzjon l-aktar iffavorit

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

(i) It-trasport (kabotaġġ) minbarra t-trasport marittimu

Fil-FI: L-għoti ta' trattament differenzjali lil xi pajjiż skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri li jeżentaw bastimenti rreġistrati taħt il-bandiera barranija ta' pajjiż ieħor speċifikat jew vetturi rreġistrati barranin mill-projbizzjoni ġenerali li jipprovdu trasport ta' kabotaġġ (inkluż trasport ikkombinat, bit-triq u bil-ferrovija) fil-Finlandja fuq il-bażi tar-reċiproċità (parti minn CPC 711, parti minn 712, parti minn 722).

(ii) Servizzi ta' sostenn għat-trasport marittimu

Fil-BG: Sa fejn New Zealand tippermetti lill-forniturі ta' servizzi mill-Bulgarija jipprovdu servizzi ta' maniġġ tal-merkanzija u servizzi ta' ħżin u magażinaġġ fil-portijiet marittimi u tax-xmajjar, inklużi servizzi relatati ma' kontejners u oġġetti f'kontejners, il-Bulgarija se tippermetti lill-forniturі ta' servizzi minn New Zealand jipprovdu servizzi ta' maniġġ tal-merkanzija u servizzi ta' ħżin u magażinaġġ fil-portijiet marittimi u tax-xmajjar, inklużi servizzi relatati ma' kontejners u oġġetti f'kontejners bl-istess kondizzjonijiet (parti minn CPC 741, parti minn 742).

(iii) Il-kiri jew il-lokazzjoni ta' bastimenti

Fil-DE: Il-kiri ta' bastimenti barranin minn konsumaturi residenti fil-Ġermanja jista' jkun soġġett għal kundizzjoni ta' reċiproċità (CPC 7213, 7223, 83103).

(iv) It-trasport bit-triq u bil-ferrovija

L-UE: Li jingħata trattament differenzjali lil pajjiż skont ftehim bilaterali eżistenti jew futur relatat mat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq (inkluż it-trasport ikkombinat – bit-triq jew bil-ferrovija) u t-trasport tal-passiġġieri, konkluż bejn l-Unjoni jew l-Istati Membri u pajjiż terz (CPC 7111, 7112, 7121, 7122, 7123). Dak it-trattament jista':

(A) jirriżerva jew jillimita l-forniment tas-servizzi ta' trasport rilevanti bejn il-Partijiet kontraenti jew fit-territorju tal-Partijiet kontraenti għal vetturi rreġistrati f'kull Parti kontraenti ([8]); jew

(B) jipprevedi eżenzjonijiet mit-taxxa għal dawn il-vetturi.

(v) It-trasport bit-triq

Fil-BG: Miżuri meħuda skont ftehim eżistenti jew futur, li jirriżervaw jew jirrestriġu l-forniment ta' dawn it-tipi ta' servizzi ta' trasport u jispeċifikaw it-termini u l-kundizzjonijiet ta' dan il-forniment, inklużi permessi ta' tranżitu jew taxxi preferenzjali tat-triq, fit-territorju tal-Bulgarija jew bejn il-fruntieri tal-Bulgarija (CPC 7121, 7122, 7123).

Fiċ-CZ: Miżuri meħuda skont ftehim eżistenti jew futur, u li jirriżervaw jew jillimitaw il-forniment ta' servizzi tat-trasport u jispeċifikaw il-kondizzjonijiet operattivi, inklużi permessi ta' tranżitu jew taxxi preferenzjali tat-triq għas-servizzi tat-trasport lejn, fi, ġewwa u 'l barra miċ-Ċekja lill-partijiet kontraenti kkonċernati (CPC 7121, 7122, 7123).

Fi ES: L-awtorizzazzjoni għall-istabbiliment ta' preżenza kummerċjali fi Spanja tista' tiġi miċħuda lil fornitur ta' servizzi li l-pajjiż ta' oriġini tiegħu ma jagħtix aċċess effettiv għas-suq lill-forniturі ta' servizzi ta' Spanja (CPC 7123).

Miżuri eżistenti:

ES: Ley 16/1987, de 30 de julio, de Ordenación de los Transportes Terrestres.

Fil-HR: Miżuri applikati skont ftehim eżistenti jew futur dwar it-trasport internazzjonali bit-triq u li jirriżervaw jew jillimitaw il-forniment ta' servizzi tat-trasport u jispeċifikaw il-kundizzjonijiet operattivi, inklużi permessi ta' tranżitu jew taxxi preferenzjali tat-triq għas-servizzi tat-trasport lejn, fi, ġewwa u 'l barra mill-Kroazja għall-partijiet ikkonċernati (CPC 7121, 7122, 7123).

Fil-LT: Miżuri meħuda skont ftehim bilaterali u li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet għas-servizzi tat-trasport u jispeċifikaw il-kundizzjonijiet operattivi, inklużi permessi bilaterali ta' tranżitu u ta' trasport ieħor għas-servizzi ta' trasport lejn, minn u 'l barra mit-territorju tal-Litwanja lill-partijiet kontraenti kkonċernati, u t-taxxi u l-imposti tat-triq (CPC 7121, 7122, 7123).

Fis-SK: Miżuri meħuda skont ftehim eżistenti jew futur, u li jirriżervaw jew jillimitaw il-forniment ta' servizzi tat-trasport u jispeċifikaw il-kondizzjonijiet operattivi, inklużi permessi ta' tranżitu jew taxxi preferenzjali tat-triq għas-servizzi tat-trasport lejn, fi, ġewwa u 'l barra mir-Repubblika Slovakka lill-partijiet kontraenti kkonċernati (CPC 7121, 7122, 7123).

([8]) Fir-rigward tal-Awstrija, il-parti tal-eżenzjoni tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward tad-drittijiet tat-traffiku tkopri l-pajjiżi kollha li magħhom jeżistu jew fil-futur jistgħu jiġu kkunsidrati ftehimiet bilaterali dwar it-trasport bit-triq jew arranġamenti oħra relatati mat-trasport bit-triq.

(i) It-trasport bil-ferrovija

Fil-BG, CZ u SK: Għal ftehimiet eżistenti jew futuri, u li jirregolaw id-drittijiet tat-traffiku u l-kundizzjonijiet tal-operat, u l-forniment ta' servizzi tat-trasport fit-territorju tal-Bulgarija, iċ-Ċekja u s-Slovakkja u bejn il-pajjiżi kkonċernati. (CPC 7111, 7112).

(ii) It-trasport bl-ajru – Servizzi awżiljarji għat-trasport bl-ajru

L-UE: L-għoti ta' trattament differenzjali lil pajjiż terz skont ftehim bilaterali eżistenti jew futur relatat ma' servizzi ta' groundhandling.

(iii) It-trasport bit-triq u bil-ferrovija

Fl-EE: meta tagħti trattament differenzjali lil pajjiż skont ftehim bilaterali eżistenti jew futur dwar it-trasport internazzjonali bit-triq (inkluż it-trasport ikkombinat bit-triq jew bil-ferrovija), tirriżerva jew tillimita l-forniment ta' servizzi tat-trasport lejn, fi, ġewwa u 'l barra mill-Estonja lill-Partijiet kontraenti għal vetturi rreġistrati f'kull Parti kontraenti, u tipprevedi eżenzjoni mit-taxxa għal tali vetturi (parti minn CPC 711, parti minn 712, parti minn 721).

(iv) Is-servizzi kollha tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija minbarra t-trasport marittimu u bl-ajru

Fil-PL: Sa fejn New Zealand tippermetti l-forniment ta' servizzi tat-trasport lejn u fit-territorju ta' New Zealand minn fornituri tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija tal-Polonja, il-Polonja se tippermetti l-forniment ta' servizzi tat-trasport minn fornituri tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija ta' New Zealand lejn u fit-territorju tal-Polonja bl-istess kundizzjonijiet.

Riżerva Nru 21 – L-agrikoltura, is-sajd u l-ilma

Settur:	Agrikoltura, kaċċa, forestrija; sajd, akkwakultura, servizzi inċidentali għas-sajd; ġbir, purifikazzjoni u distribuzzjoni tal-ilma
Klassifikazzjoni tal-industrija:	ISIC Rev. 3.1011, ISIC Rev. 3.1012, ISIC Rev. 3.1013, ISIC Rev. 3.1014, ISIC Rev. 3.1015, CPC 8811, 8812, 8813 għajr servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni; ISIC Rev. 3.1 0501, 0502, CPC 882
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit
	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
	Preżenza lokali.
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) L-agrikoltura, il-kaċċa u l-foresterija

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-BG: L-attivitajiet kummerċjali pertinenti għat-tmexxija ta' żoni msaġġra, il-qtugħ tal-injam, l-inventarju taż-żoni msaġġra, l-iżvilupp ta' pjanijiet u programmi għall-ġestjoni u l-iżvilupp spazjali ta' żoni msaġġra, kif ukoll il-ħruġ tad-dokumenti rilevanti, għandhom jitwettqu minn entitajiet merkantili elenkati f'reġistru pubbliku mal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Foresti u li jkollhom ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

Miżuri eżistenti:

BG: L-Artikolu 241, il-Liġi dwar il-Foresti; u

l-Artikoli 25, 36 u 36 (a) tal-Liġi dwar il-Kaċċa u l-Protezzjoni tal-Kaċċa.

Fil-HR: Attivitajiet agrikoli u tal-kaċċa.

Fl-HU: Attivitajiet agrikoli (ISIC Rev. 3.1011, 3.1012, 3.1013, 3.1014, 3.1015, CPC 8811, 8812, 8813 għajr servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni).

Miżuri eżistenti:

HR: L-Att dwar l-Art Agrikola (OG 20/18, 115/18, 98/19).

(b) Sajd, akkwakultura u servizzi inċidentali għas-sajd (ISIC Rev. 3.1 0501, 0502, CPC 882)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

L-UE:

1. B'mod partikolari fil-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd, u ta' ftehimiet dwar is-sajd ma' pajjiż terz, l-aċċess għal u l-użu tar-riżorsi bijoloġiċi u taż-żoni tas-sajd li jinsabu fl-ilmijiet marittimi li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru jew l-intitolamenti għas-sajd taħt liċenzja tas-sajd ta' Stat Membru, inklużi:

   (a) ir-regolamentazzjoni tal-ħatt l-art tal-qabdiet minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' New Zealand jew ta' pajjiż terz fir-rigward tal-kwoti allokati lilhom jew, fir-rigward biss ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru, ir-rekwiżit li proporzjon mill-qabda totali jinħatt l-art f'portijiet tal-Unjoni;

   (b) id-determinazzjoni ta' daqs minimu għal kumpanija sabiex din iżżomm kemm bastimenti tas-sajd artiġjanali kif ukoll kostali;

   (c) l-għoti ta' trattament differenzjali skont ftehim bilaterali eżistenti jew futur dwar is-sajd; u

   (d) ir-rekwiżit li l-membri tal-ekwipaġġ ta' bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru jkunu nazzjonali tal-Istati Membri.

2. Bastiment tas-sajd huwa intitolat biss li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru jekk:

   (a) ikun kompletament proprjetà ta':

      (i) kumpanija inkorporata fl-Unjoni; jew

      (ii) nazzjonal ta' Stat Membru;

   (b) l-operazzjonijiet ta' kuljum tiegħu jkunu diretti u kkontrollati minn ġewwa l-Unjoni; u

   (c) kwalunkwe noleġġatur, amministratur jew operatur tal-bastiment ikun kumpanija inkorporata fl-Unjoni jew nazzjonal ta' Stat Membru.

3. Liċenzja tas-sajd kummerċjali li tagħti d-dritt għas-sajd fl-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru tista' tingħata biss lil bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru.

4. L-istabbiliment ta' faċilitajiet tal-akkwakultura fil-baħar jew fl-ilmijiet interni.

5. Il-punti (a), (b), (c) (għajr fir-rigward tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) u (d) tal-paragrafu 1; il-punt (a)(i), il-punt (b) u (c) tal-paragrafu 2, u l-paragrafu 3 japplikaw biss għal miżuri li huma applikabbli għal bastimenti jew għal intrapriżi irrispettivament min-nazzjonalità tas-sidien benefiċjarji tagħhom.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-BG: Huma biss il-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Bulgarija li jistgħu jieħdu riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jew tax-xmajjar fl-ilmijiet tal-baħar interni u fil-baħar territorjali tal-Bulgarija. Bastiment barrani (bastiment ta' pajjiż terz) ma jistax ikun involut f'sajd kummerċjali fiż-żona ekonomika esklużiva tal-Bulgarija ħlief abbażi ta' ftehim bejn il-Bulgarija u l-Istat tal-bandiera. Waqt li jkunu għaddejjin miż-żona ekonomika esklużiva, il-bastimenti tas-sajd barranin ma jistgħux iżommu l-irkaptu tas-sajd tagħhom f'modalità operattiva.

Miżuri eżistenti:

BG: L-Artikolu 49, il-Liġi dwar l-ispazji marittimi, il-passaġġi fuq l-ilma interni u l-portijiet tar-Repubblika tal-Bulgarija.

Fi FR: In-nazzjonali ta' pajjiżi mhux tal-Unjoni ma jistgħux irabbu ħut, frott tal-baħar bil-qoxra jew alka fuq proprjetà marittima tal-Istat Franċiż.

(c) Ġbir, purifikazzjoni u distribuzzjoni tal-ilma

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

L-UE: Għal attivitajiet, inklużi servizzi relatati mal-ġbir, il-purifikazzjoni u d-distribuzzjoni tal-ilma lil utenti domestiċi, industrijali, kummerċjali jew utenti oħra, inklużi l-provvista tal-ilma tax-xorb u l-ġestjoni tal-ilma.

Riżerva Nru 22 – L-estrazzjoni minerarja u attivitajiet relatati mal-enerġija

Settur:	Estrazzjoni minerarja u qtugħ mill-barrieri – materjali li jipproduċu l-enerġija; estrazzjoni minerarja u qtugħ mill-barrieri – minerali tal-metall u estrazzjoni minerarja oħra; Attivitajiet relatati mal-enerġija – il-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' elettriku, gass, fwar u mishun għall-kont proprju; it-trasport ta' fjuwils permezz ta' pipelines; il-ħżin u l-magażinaġġ ta' fjuwils ittrasportati permezz ta' pipelines; u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija
Klassifikazzjoni tal-industrija:	ISIC Rev. 3.1 10, 1110, 12, 120, 1200, 13, 14, 232, 233, 2330, 40, 401, 4010, 402, 4020, parti minn 4030, CPC 613, 62271, 63297, 7131, 71310, 742, 7422, parti minn 88, 887.
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq Trattament nazzjonali Rekwiżiti ta' prestazzjoni Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi Preżenza lokali
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Attivitajiet ta' estrazzjoni minerarja u l-enerġija – ġenerali (ISIC Rev. 3.1 10, 1110, 13, 14, 232, 40, 401, 402, parti minn 403, 41; CPC 613, 62271, 63297, 7131, 742, 7422, 887 (minbarra servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni))

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

L-UE: Fejn Stat Membru jippermetti s-sjieda barranija ta' sistema ta' trażmissjoni tal-gass jew tal-elettriku, jew sistema ta' trasport bil-pipelines taż-żejt u tal-gass, fir-rigward ta' intrapriżi ta' New Zealand ikkontrollati minn persuni ta' pajjiż terz li jkun responsabbli għal aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet taż-żejt, tal-gass naturali jew tal-elettriku tal-Unjoni, sabiex tiġi ggarantita s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni kollha kemm hi, jew ta' Stat Membru individwali. Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni pprovduti bħala servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija.

Din ir-riżerva ma tapplikax għall-HR, HU u LT (għal-LT, CPC 7131 biss) fir-rigward tat-trasport bil-pipelines tal-fjuwils, lanqas għal-LV fir-rigward tas-servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija, u lanqas għas-SI fir-rigward tas-servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-gass (ISIC Rev. 3.1401, 402, CPC 7131, 887 minbarra s-servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni).

F'CY: Għall-manifattura ta' prodotti tal-petroleum raffinat sa fejn l-investitur ikun ikkontrollat minn persuna ta' pajjiż terz li jkun responsabbli għal aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet taż-żejt jew tal-gass naturali tal-Unjoni, kif ukoll tal-manifattura tal-gass, id-distribuzzjoni ta' fjuwils gassużi mill-mejns għan-nom proprju, il-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, it-trasport mill-pipelines tal-fjuwils, is-servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-elettriku u tal-gass naturali minbarra s-servizzi ta' konsulenza u ta' konsultazzjoni, is-servizzi bl-ingrossa tal-elettriku, is-servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' fjuwil tal-magni, elettriku u gass mhux ibbottiljat (ISIC Rev. 3.1232, 4010, 4020, CPC 613, 62271, 63297, 7131, u 887 minbarra s-servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni).

Fil-FI: In-networks ta' trażmissjoni u distribuzzjoni u s-sistemi tal-enerġija u tal-fwar u l-misħun. Restrizzjonijiet kwantitattivi fil-forma ta' monopolji jew drittijiet esklużivi għall-importazzjoni ta' gass naturali, u għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' fwar u misħun. Bħalissa, jeżistu monopolji naturali u drittijiet esklużivi (ISIC Rev. 3.1 40, CPC 7131, 887 minbarra servizzi ta' konsulenza u ta' konsultazzjoni).

Fi FR: Is-sistemi ta' trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass u t-trasport bil-pipelines taż-żejt u tal-gass (CPC 7131).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-BE: Servizzi ta' distribuzzjoni tal-enerġija, u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija (CPC 887 minbarra servizzi ta' konsultazzjoni).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-BE: Għas-servizzi ta' trażmissjoni tal-enerġija, fir-rigward tat-tipi ta' entitajiet legali u t-trattament ta' operaturi pubbliċi jew privati li lilhom il-Belġju ta drittijiet esklużivi. Huwa meħtieġ l-istabbiliment fl-Unjoni (ISIC Rev. 3.1 4010, CPC 71310).

Fil-BG: Għal servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija (parti minn CPC 88).

Fil-PT: Għall-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, il-manifattura tal-gass, it-trasport bil-pipelines tal-fjuwils, is-servizzi bl-ingrossa tal-elettriku, is-servizzi ta' bejgħ bl-imnut tal-elettriku u tal-gass mhux ibbottiljat, u s-servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-elettriku u tal-gass naturali. Konċessjonijiet għas-setturi tal-elettriku u tal-gass jiġu assenjati biss lil kumpaniji limitati bil-kwartieri ġenerali u l-ġestjoni effettiva tagħhom fil-Portugall (ISIC Rev. 3.1232, 4010, 4020, CPC 7131, 7422, 887 minbarra servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni).

Fis-SK: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni għall-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, il-manifattura tal-gass u d-distribuzzjoni ta' fjuwils gassużi, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-fwar u l-misħun, it-trasport bil-pipelines tal-fjuwils, il-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut tal-elettriku, il-fwar u l-misħun, u s-servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija, inklużi s-servizzi fl-oqsma tal-effiċjenza enerġetika, l-iffrankar tal-enerġija u l-awditjar tal-enerġija. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi u l-applikazzjoni tista' tiġi miċħuda biss jekk is-suq ikun saturat. Għal dawk l-attivitajiet kollha, awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna fiżika b'residenza permanenti fiż-ŻEE jew lil persuna ġuridika taż-ŻEE.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-BE: Bl-eċċezzjoni tal-estrazzjoni ta' minerali tal-metall u estrazzjoni minerarja u qtugħ ieħor mill-barrieri, intrapriżi kkontrollati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' pajjiż terz li jkun responsabbli għal aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet taż-żejt jew tal-gass naturali jew tal-elettriku tal-Unjoni jistgħu jiġu pprojbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Hija meħtieġa l-inkorporazzjoni (l-ebda fergħa) (ISIC Rev. 3.1 10, 1110, 13, 14, 232, parti minn 4010, parti minn 4020, parti minn 4030).

Miżuri eżistenti:

UE: Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]); u

id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]).

BG: L-Att dwar l-Enerġija.

CY: Il-Liġi dwar il-Petroleum (pipelines), il-Kapitolu 273 kif emendat;

il-Liġi dwar il-Petroleum, il-Kapitolu 272 kif emendat;

il-Liġijiet tal-2003 dwar il-Petroleum u l-Ispeċifikazzjonijiet tal-Fjuwil, il-Liġi 148(I)/2003 kif emendata; u

il-Liġijiet tal-2004 dwar ir-Regolamentazzjoni tas-Suq tal-Gass, il-Liġi 183(I)/2004 kif emendata.

FI: Sähkömarkkinalaki (l-Att dwar is-Suq tal-Elettriku) (386/1995); u

Maakaasumarkkinalaki (l-Att dwar is-Suq tal-Gass Naturali) (587/2017).

FR: Code de l'énergie.

PT: Id-Digriet Liġi 230/2012 u d-Digriet Liġi 231/2012, 26 ta' Ottubru – Gass Naturali;

id-Digriet Liġi 215-A/2012, u d-Digriet Liġi 215-B/2012, 8 ta' Ottubru – Elettriku; u

id-Digriet Liġi 31/2006, 15 ta' Frar – Żejt grezz/Prodotti tal-petroleum.

SK: L-Att 51/1988 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, l-Isplussivi u l-Amministrazzjoni Statali tal-Estrazzjoni Minerarja;

l-Att 569/2007 dwar ix-Xogħlijiet Ġeoloġiċi;

l-Att 251/2012 dwar l-Enerġija; u

l-Att 657/2004 dwar l-Enerġija Termali.

(b) Elettriku (ISIC Rev. 3.1 40, 401; CPC 62271, 887 (minbarra servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni))

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

F'CY: Il-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-provvista tal-elettriku: persuni jistgħu japplikaw għand l-Awtorità Regolatorja tal-Enerġija ta' Ċipru - Cyprus Energy Regulatory Authority (CERA) għal liċenzja biss (a) fil-każ ta' persuna fiżika jekk tkun nazzjonal tal-Unjoni jew residenti fl-Unjoni, jew (b) fil-każ ta' persuna ġuridika, jekk tkun stabbilita fl-Unjoni, kostitwita skont il-liġi ta' Stat Membru u jkollha l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħha fl-Unjoni.

Fil-FI: L-importazzjoni tal-elettriku. Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier, il-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut tal-elettriku.

Fi FR: Huma biss kumpaniji fejn 100 % tal-kapital ikun miżmum mill-Istat Franċiż, minn organizzazzjoni oħra tas-settur pubbliku jew minn Electricité de France (EDF), li jistgħu jkunu s-sidien u joperaw sistemi ta' trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni tal-elettriku.

([9]) Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

([10]) Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-BG: Għall-produzzjoni tal-elettriku u l-produzzjoni tas-sħana.

Fil-LT: Servizzi bl-ingrossa u bl-imnut u kummerċ ta' elettriku li joriġina minn sorsi nukleari mhux sikuri.

Fil-PT: L-attivitajiet ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku jitwettqu permezz ta' konċessjonijiet esklużivi ta' servizz pubbliku.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-BE: Awtorizzazzjoni individwali għall-produzzjoni tal-elettriku ta' kapaċità ta' 25 MW jew aktar teħtieġ stabbiliment fl-Unjoni, jew fi Stat ieħor li jkollu fis-seħħ reġim simili għal dak infurzat mid-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]), u fejn il-kumpanija jkollha rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija.

Il-produzzjoni tal-elettriku fit-territorju lil hinn mill-kosta tal-Belġju hija soġġetta għall-kisba ta' konċessjoni u obbligu ta' impriża konġunta ma' persuna ġuridika tal-Unjoni, jew ta' pajjiż li jkollu reġim simili għal dak tad-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]), b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet relatati mal-awtorizzazzjoni u l-għażla.

Barra minn hekk, il-persuna ġuridika għandu jkollha l-amministrazzjoni ċentrali tagħha jew l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru jew f'pajjiż li jissodisfa l-kriterji msemmija hawn fuq, fejn ikollha rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija.

Il-kostruzzjoni ta' linji tal-elettriku li jgħaqqdu l-produzzjoni lil hinn mill-kosta man-network ta' trażmissjoni ta' Elia teħtieġ awtorizzazzjoni u l-kumpanija trid tissodisfa l-kundizzjonijiet speċifikati qabel, ħlief għar-rekwiżit ta' impriża konġunta.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-BE: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni għall-forniment tal-elettriku minn intermedjarju li jkollu klijenti stabbiliti fil-Belġju li jkunu konnessi mas-sistema tal-grilja nazzjonali jew ma' linja diretta li l-vultaġġ nominali tagħha jkun ogħla minn 70 000 volt. Dik l-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna taż-ŻEE.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fi FR: Għall-produzzjoni tal-elettriku.

Miżuri eżistenti:

BE: Arrêté Royal du 11 octobre 2000 fixant les critères et la procédure d'octroi des autorisations individuelles préalables à la construction de lignes directes;

Arrêté Royal du 20 décembre 2000 relatif aux conditions et à la procédure d'octroi des concessions domaniales pour la construction et l'exploitation d'installations de production d'électricité à partir de l'eau, des courants ou des vents, dans les espaces marins sur lesquels la Belgique peut exercer sa juridiction conformément au droit international de la mer;

Arrêté Royal du 12 mars 2002 relatif aux modalités de pose de câbles d'énergie électrique qui pénètrent dans la mer territoriale ou dans le territoire national ou qui sont installés ou utilisés dans le cadre de l'exploration du plateau continental, de l'exploitation des ressources minérales et autres ressources non vivantes ou de l'exploitation d'îles artificielles, d'installations ou d'ouvrages relevant de la juridiction belge;

Arrêté royal relatif aux autorisations de fourniture d'électricité par des intermédiaires et aux règles de conduite applicables à ceux-ci; u

([11]) Id-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku (ĠU L 27, 30.1.1997, p. 20).

([12]) Id-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li thassar id-Direttiva 96/92/KE (ĠU L 176, 15.7.2003, p. 37).

Arrêté royal du 12 juin 2001 relatif aux conditions générales de fourniture de gaz naturel et aux conditions d'octroi des autorisations de fourniture de gaz naturel.

CY: Il-Liġi tal-2021 dwar ir-Regolamentazzjoni tas-Suq tal-Elettriku.

FI: Sähkömarkkinalak (l-Att dwar is-Suq tal-Elettriku) 588/2013.

FR: Code de l'énergie.

LT: Il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Miżuri meħtieġa għall-protezzjoni kontra t-Theddid impost minn Impjanti tal-Elettriku Nukleari mhux sikuri f'pajjiżi Tterzi tal-20 ta' April 2017 Nru XIII-306 (l-aħħar emenda fid-19 ta' Diċembru 2019, No XIII-2705).

PT: Id-Digriet Liġi 215-A/2012; kif ukoll

id-Digriet Liġi 215-B/2012, 8 ta' Ottubru – Elettriku.

(c) Fjuwils, gass, żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum (ISIC Rev. 3.1232, 40, 402; CPC 613, 62271, 63297, 7131, 71310, 742, 7422, parti minn 88, 887 (minbarra servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni))

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

F'CY: Għall-manifattura ta' prodotti tal-petroleum raffinat sa fejn l-investitur ikun ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika ta' pajjiż terz li jkun responsabbli għal aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet taż-żejt jew tal-gass naturali tal-Unjoni, kif ukoll għall-manifattura tal-gass, id-distribuzzjoni ta' fjuwils gassużi permezz tal-mejns għan-nom proprju, it-trasport bil-pipelines ta' fjuwils, servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-gass naturali minbarra servizzi ta' konsulenza u ta' konsultazzjoni, servizzi bl-ingrossa jew servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' fjuwil tal-magni u gass mhux ibbottiljat.

Fil-FI: Għall-prevenzjoni tal-kontroll jew is-sjieda ta' terminal tal-gass naturali likwifikat (LNG) (inklużi dawk il-partijiet tat-terminal tal-LNG użati għall-ħżin jew il-gassifikazzjoni mill-ġdid tal-LNG) minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi barranin għal raġunijiet ta' sigurtà tal-enerġija.

Fi FR: Għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali tal-enerġija, huma biss kumpaniji li fihom 100 % tal-kapital ikun miżmum mill-Istat Franċiż, minn organizzazzjoni oħra tas-settur pubbliku jew minn ENGIE, li jistgħu jkunu s-sidien u joperaw sistemi ta' trażmissjoni jew ta' distribuzzjoni tal-gass.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-BE: Għal servizzi ta' ħżin bl-ingrossa tal-gass, rigward it-tipi ta' entitajiet legali u t-trattament ta' operaturi pubbliċi jew privati li lilhom il-Belġju ta drittijiet esklużivi. Għas-servizzi ta' ħżin bl-ingrossa tal-gass huwa meħtieġ l-istabbiliment fl-Unjoni (parti minn CPC 742).

Fil-BG: Għat-trasport bil-pipelines, il-ħżin u l-magażinaġġ tal-petroleum u l-gass naturali, inkluża t-trażmissjoni ta' tranżitu (CPC 71310, parti minn CPC 742).

Fil-PT: Għall-forniment transfruntier ta' servizzi ta' ħżin u magażinaġġ ta' fjuwils trasportati permezz ta' pipelines (gass naturali). Barra minn hekk, il-konċessjonijiet relatati mat-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-ħżin taħt l-art tal-gass naturali u t-terminal ta' riċeviment, ħżin u rigassifikazzjoni tal-LNG jingħataw permezz ta' konċessjoni ta' kuntratti, wara sejħiet pubbliċi għall-offerti (CPC 7131, CPC 7422).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-BE: It-trasport bil-pipelines tal-gass naturali u fjuwils oħra huwa soġġett għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni. Awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuna stabbilita fi Stat Membru (f'konformità mal-Artikolu 3 tal-AR tal-14 ta' Mejju 2002).

Fejn l-awtorizzazzjoni tiġi mitluba minn kumpanija:

(a) il-kumpanija trid tkun stabbilita f'konformità mal-liġi Belġjana, jew il-liġi ta' Stat Membru ieħor, jew il-liġi ta' pajjiż terz, li jkun ħa impenji biex iżomm qafas regolatorju simili għar-rekwiżiti komuni speċifikati fid-Direttiva 98/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]); u

(b) il-kumpanija jrid ikollha s-sede amministrattiva tagħha, l-istabbiliment prinċipali tagħha jew l-uffiċċju prinċipali tagħha fi Stat Membru, jew pajjiż terz, li jkun ħa impenji biex iżomm qafas regolatorju simili għar-rekwiżiti komuni speċifikati fid-Direttiva 98/30/KE, dment li l-attività ta' dan l-istabbiliment jew uffiċċju prinċipali tirrappreżenta rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija tal-pajjiż ikkonċernat (CPC 7131).

Fil-BE: B'mod ġenerali, il-forniment tal-gass naturali lil klijenti (il-klijenti huma kemm kumpaniji tad-distribuzzjoni kif ukoll konsumaturi li l-konsum globali kkombinat tagħhom tal-gass li jirriżulta mill-punti kollha ta' provvista jilħaq livell minimu ta' miljun metru kubu fis-sena) stabbiliti fil-Belġju huwa soġġett għal awtorizzazzjoni individwali pprovduta mill-Ministru, ħlief fejn il-fornitur ikun kumpanija ta' distribuzzjoni li tuża n-network ta' distribuzzjoni tagħha stess. Tali awtorizzazzjoni tista' tingħata biss lil persuni tal-Unjoni.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

F'CY: Għall-forniment transfruntier ta' servizzi ta' ħżin u magażinaġġ ta' fjuwils ittrasportati permezz ta' pipelines, u l-bejgħ bl-imnut ta' żejt tal-fjuwil u gass ibbottiljat minbarra permezz ta' bejgħ bil-korrispondenza (CPC 613, CPC 62271, CPC 63297, CPC 7131, CPC 742).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fl-HU: Il-forniment ta' servizzi ta' trasport bil-pipelines jeħtieġ l-istabbiliment. Is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti biss permezz ta' Kuntratt ta' Konċessjoni mogħti mill-Istat jew mill-awtorità lokali. Il-forniment ta' dan is-servizz huwa rregolat mil-Liġi Ungeriża dwar il-Konċessjonijiet (CPC 7131).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fil-LT: Għat-trasport bil-pipelines ta' fjuwils u servizzi awżiljarji għat-trasport bil-pipelines ta' oġġetti minbarra fjuwil.

Miżuri eżistenti:

BE: Arrêté Royal du 14 mai 2002 relatif à l'autorisation de transport de produits gazeux et autres par canalisations; kif ukoll

Loi du 12 avril 1965 relative au transport de produits gazeux et autres par canalisations (l-Artikolu 8.2).

BG: L-Att dwar l-Enerġija.

CY: Il-Liġijiet tal-2004 dwar ir-Regolamentazzjoni tas-Suq tal-Gass, il-Liġi 183(I)/2004 kif emendata;

Il-Liġi dwar il-Petroleum (Pipelines), il-Kapitolu 273;

Il-Liġi dwar il-Petroleum, il-Kapitolu 272 kif emendat; kif ukoll

Il-Liġijiet tal-2003 dwar il-Petroleum u l-Ispeċifikazzjonijiet tal-Fjuwil, il-Liġi 148(I)/2003 kif emendata.

FI: Maakaasumarkkinalaki (l-Att dwar is-Suq tal-Gass Naturali) (587/2017).

FR: Code de l'énergie.

([13]) Id-Direttiva 98/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tirrigwarda regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali (ĠU L 204, 21.7.1998, p. 1).

HU: L-Att XVI tal-1991 dwar il-Konċessjonijiet.

LT: Il-Liġi dwar il-Gass Naturali tar-Repubblika tal-Litwanja tal-10 ta' Ottubru 2000 Nru VIII-1973.

PT: Id-Digriet Liġi 230/2012 u d-Digriet Liġi 231/2012, 26 ta' Ottubru – Gass Naturali;

id-Digriet Liġi 215-A/2012, u d-Digriet Liġi 215-B/2012, 8 ta' Ottubru – Elettriku; u

id-Digriet Liġi 31/2006, 15 ta' Frar – Żejt grezz/Prodotti tal-petroleum.

(d) In-nukleari (ISIC Rev. 3.1 12, 3.1 23, 120, 1200, 233, 2330, 40, parti minn 4010, CPC 887))

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-DE: Għall-produzzjoni, l-ipproċessar jew it-trasport ta' materjal nukleari u l-ġenerazzjoni jew id-distribuzzjoni ta' enerġija bbażata fuq materjal nukleari.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-AT u fil-FI: għall-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni jew it-trasport ta' materjal nukleari u l-ġenerazzjoni jew id-distribuzzjoni ta' enerġija bbażata fuq materjal nukleari.

Fil-BE: Għall-produzzjoni, l-ipproċessar jew it-trasport ta' materjal nukleari u l-ġenerazzjoni jew id-distribuzzjoni ta' enerġija bbażata fuq materjal nukleari.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni:

Fl-HU u fl-SE: Għall-ipproċessar ta' fjuwil nukleari u l-ġenerazzjoni tal-elettriku bbażata fuq materjal nukleari.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

Fil-BG: Għall-ipproċessar ta' materjali fissili u fużjonabbli jew il-materjali li huma derivati minnhom, kif ukoll għall-kummerċ bihom, għall-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir u sistemi f'faċilitajiet tal-produzzjoni tal-enerġija nukleari, għat-trasport ta' dawk il-materjali u l-materjal ta' rifjut u skart tal-ipproċessar tagħhom, għall-użu tar-radjazzjoni jonizzanti, u fir-rigward tas-servizzi l-oħra kollha relatati mal-użu tal-enerġija nukleari għal skopijiet paċifiċi (inklużi s-servizzi ta' inġinerija u ta' konsulenza u s-servizzi relatati ma' software, eċċ.).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fi FR: Il-manifattura, il-produzzjoni, l-ipproċessar, il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni jew it-trasport ta' materjal nukleari jridu jirrispettaw l-obbligi tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Miżuri eżistenti:

AT: Bundesverfassungsgesetz für ein atomfreies Österreich (l-Att Kostituzzjonali għal Awstrija mhux Nukleari), BGBl. I Nru 149/1999.

BG: L-Att dwar l-Użu Sikur tal-Enerġija Nukleari.

FI: Ydinenergialaki (l-Att dwar l-Enerġija Nukleari) (990/1987).

HU: L-Att CXVI tal-1996 dwar l-Enerġija Nukleari; kif ukoll

id-Digriet tal-Gvern Nru 72/2000 dwar l-Enerġija Nukleari.

SE: Il-Kodiċi tal-Ambjent Żvediż (1998:808); u

il-Liġi dwar l-Attivitajiet tat-Teknoloġija Nukleari (1984:3).

Riżerva Nru 23 – Servizzi oħra mhux inklużi band'oħra

Settur:	Servizzi oħra mhux inklużi band'oħra
Klassifikazzjoni tal-industrija:	CPC 9703, parti minn CPC 612, parti minn CPC 621, parti minn CPC 625, parti minn 85990
Obbligi kkonċernati:	Aċċess għas-suq
	Trattament nazzjonali
	Rekwiżiti ta' prestazzjoni
	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi
	Preżenza lokali
Kapitolu:	Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) Servizzi ta' funerali, kremazzjoni u servizzi ta' kummissjonant (CPC 9703)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fil-FI: Is-servizzi ta' kremazzjoni u l-operat jew il-manutenzjoni taċ-ċimiterji jistgħu jitwettqu biss mill-Istat, il-muniċipalitajiet, il-parroċċi, il-komunitajiet reliġjużi jew fondazzjonijiet jew soċjetajiet mingħajr skop ta' qligħ.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-DE: Persuni ġuridiċi stabbiliti skont il-liġi pubblika biss jistgħu joperaw ċimiterju. Il-ħolqien u l-operat ta' ċimiterji u servizzi relatati mal-funerali.

Fil-PT: Hija meħtieġa l-preżenza kummerċjali biex jiġu pprovduti servizzi ta' funerali u ta' kummissjonant. Hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE sabiex wieħed isir maniġer tekniku għal entitajiet li jipprovdu servizzi ta' funerali u ta' kummissjonant.

Fl-SE: Monopolju tal-Knisja Żvediża jew ta' awtorità lokali fuq is-servizzi ta' kremazzjoni u tal-funerali.

F'CY, SI: Servizzi ta' funerali, kremazzjoni u ta' kummissjonant.

Miżuri eżistenti:

FI: Hautaustoimilaki (l-Att dwar is-Servizz ta' Dfin) (457/2003).

PT: Id-Digriet Liġi 10/2015 tas-16 ta' Jannar, alterado p/ Lei 15/2018, 27 março.

SE: Begravningslag (1990:1144) (l-Att dwar id-Dfin); u

Begravningsförordningen (1990:1147) (l-Ordinanza dwar id-Dfin).

(b) Servizzi oħra relatati mal-kummerċ

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fil-FI: Huwa meħtieġ l-istabbiliment fil-Finlandja jew xi mkien ieħor fiż-ŻEE sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' identifikazzjoni elettronika.

Miżuri eżistenti:

FI: Laki vahvasta sähköisestä tunnistamisesta ja sähköisistä luottamuspalveluista 617/2009 (l-Att dwar l-Identifikazzjoni Elettronika B'Saħħitha u s-Servizzi Fiduċjarji Elettroniċi 617/2009).

(c) Servizzi ġodda

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Rekwiżiti ta' prestazzjoni u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

L-UE: Għall-forniment ta' servizzi ġodda minbarra dawk ikklassifikati fis-CPC.

Skeda ta' New Zealand

Noti ta' spjega

Għal aktar ċertezza, il-miżuri li New Zealand tista' tieħu f'konformità mal-Artikolu 10.64 (Konċessjoni prudenzjali), dment li dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu, jinkludu dawk li jirregolaw:

(a) il-liċenzjar, ir-reġistrazzjoni jew l-awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni finanzjarja jew Fornitur transfruntier ta' servizzi finanzjarji, u r-rekwiżiti korrispondenti;

(b) il-forma ġuridika, inklużi r-rekwiżiti ta' inkorporazzjoni legali għal istituzzjonijiet finanzjarji sistemikament importanti, il-limitazzjonijiet fuq l-attivitajiet ta' teħid tad-depożiti ta' fergħat ta' banek barranin, u r-rekwiżiti korrispondenti, u r-rekwiżiti relatati mad-diretturi u l-maniġment superjuri ta' istituzzjoni finanzjarja jew fornitur ta' servizzi finanzjarji transfruntiera;

(c) il-kapital, l-iskoperturi tal-partijiet relatati, il-likwidità, id-divulgazzjoni u rekwiżiti oħra ta' ġestjoni tar-riskju;

(d) is-sistemi ta' pagament, approvazzjoni u saldu (inklużi s-sistemi tat-titoli);

(e) il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu; u

(f) id-diffikultà jew il-falliment ta' istituzzjoni finanzjarja jew ta' fornitur ta' servizzi finanzjarji transfruntiera.

Settur	Is-setturi kollha
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (l-Artikolu 10.17) Preżenza lokali (l-Artikolu 10.15) Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)

Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin: (a) il-forniment ta' servizzi ta' infurzar tal-liġi pubblika u korrettivi; u (b) dawn li ġejjin, sa fejn ikunu servizzi soċjali stabbiliti għal għan pubbliku: (i) l-indukrar tat-tfal; (ii) is-saħħa; (iii) is-sigurtà u l-assigurazzjoni tal-introjtu; (iv) l-edukazzjoni pubblika; (v) l-akkomodazzjoni pubblika; (vi) it-taħriġ pubbliku; (vii) it-trasport pubbliku; (viii) l-utilitajiet pubbliċi; (ix) ir-rimi tal-iskart; (x) is-sanità; (xi) id-drenaġġ; (xii) immaniġġjar tal-ilma mormi; (xiii) immaniġġjar tal-iskart; (xiv) is-sigurtà soċjali u l-assigurazzjoni; u (xv) il-protezzjoni soċjali.

Settur	Servizzi finanzjarji
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (l-Artikolu 10.17 u l-Artikolu 10.7) Preżenza lokali (l-Artikolu 10.15) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8) Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-forniment ta' dawn li ġejjin: (a) assigurazzjoni soċjali obbligatorja għal korriment personali kkawżat minn aċċident, mard u infezzjoni ta' proċess gradwali relatati max-xogħol, u korriment fit-trattament; u (b) assigurazzjoni kontra d-diżastri għal proprjetà residenzjali għal kopertura ta' sostituzzjoni sa massimu statutorju definit.
Miżuri eżistenti	L-Att tal-2001 dwar il-Kumpens għall-Inċidenti L-Att tal-1993 dwar il-Kummissjoni għat-Terremoti

Settur	Servizzi finanzjarji
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16) Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi (a) New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-assigurazzjoni u s-servizzi relatati mal-assigurazzjoni, ħlief għal: (i) l-assigurazzjoni ta' riskju relatat ma': A. it-trasport marittimu u l-avjazzjoni kummerċjali u t-tlugħ fl-ispazju u l-merkanzija (inklużi s-satelliti), b'assigurazzjoni li tkopri xi wħud minn dawn li ġejjin jew kollha: il-merkanzija li tkun qed tiġi ttrasportata; il-vettura li tittrasporta l-merkanzija; u kwalunkwe responsabbiltà li tirriżulta minnhom; u B. merkanzija fi tranżitu internazzjonali; C. il-kreditu u l-garanzija; D. il-vetturi tal-art inklużi l-vetturi bil-mutur; E. ħruq u forzi naturali; F. ħsara oħra lill-proprjetà; G. ir-responsabbiltà ġenerali; H. telf finanzjarju mixxellanju; u I. id-differenza fil-kundizzjonijiet u d-differenza fil-limiti, fejn id-differenza fil-kundizzjonijiet jew id-differenza fil-limiti koperti tiġi pprovduta taħt polza ewlenija maħruġa minn assiguratur biex tkopri r-riskji f'ġuriżdizzjonijiet multipli; (ii) ir-riassigurazzjoni u r-retroċessjoni kif imsemmija fil-punt (B) tad-definizzjoni ta' "servizz finanzjarju" fl-Artikolu 10.63 (Definizzjonijiet); (iii) is-servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni, kif imsemmija fil-punt (D) tad-definizzjoni ta' "servizz finanzjarju" fl-Artikolu 10.63 (Definizzjonijiet); u (iv) l-intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni, bħas-senserija u l-aġenzija, kif imsemmija fil-punt (C) tad-definizzjoni ta' "servizz finanzjarju" fl-Artikolu 10.63 (Definizzjonijiet), tar-riskji tal-assigurazzjoni relatati mas-servizzi elenkati fil-punt (i). (b) Il-paragrafu (a) ma jippermettix lill-fornituri tas-servizzi elenkati fil-punti (a)(i)(C)-(I) jipprovdu servizz lil klijent konsumatur. (c) F'din l-entrata, għal New Zealand, "klijent konsumatur" ifisser: (i) persuna fiżika; jew (ii) klijent konsumatur kif definit fil-klawżola 3 tal-iskeda 5 tal-Att tal-2013 dwar it-Tmexxija tas-Swieq Finanzjarji. (d) New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tas-servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni), ħlief għal: (i) il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u s-software relatat, kif imsemmi fil-punt (K) tad-definizzjoni ta' "servizz finanzjarju" fl-Artikolu 10.63 (Definizzjonijiet); (ii) is-servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljarji oħra kif imsemmija fil-punt (a)(ii)(L) tal-Artikolu 10.63 (Definizzjonijiet) relatati ma' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra, iżda mhux l-intermedjazzjoni kif desdeskritta f'dak l-Artikolu;

	(iii) is-servizzi ta' mmaniġġjar ta' portafolji minn fornitur ta' servizzi finanzjarji tal-Unjoni lil: A. skema rreġistrata; jew B. kumpanija tal-assigurazzjoni. (e) Għall-finijiet tal-impenn meħud fil-punt (d)(iii): (i) "skema rreġistrata" tfisser skema rreġistrata kif definita skont l-Att tal-2013 dwar it-Tmexxija tas-Swieq Finanzjarji; (ii) "immaniġġjar tal-portafoll" tfisser l-immaniġġjar ta' portafoll f'konformità ma' mandat mogħti minn klijent fuq bażi diskrezzjonali ta' klijent klijent u fejn tali portafoll ikun jinkludi strument finanzjarju wieħed jew aktar; u (iii) is-servizzi ta' mmaniġġjar ta' portafolji ma jinkludux: A. servizzi ta' kustodja; B. servizzi ta' fiduċjarji; jew C. servizzi ta' eżekuzzjoni.

Settur	Servizzi finanzjarji Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.6) Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u l-investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-istabbiliment jew l-operat ta' kwalunkwe fond mutwu, suq jew faċilità oħra stabbilita għall-kummerċ fi, jew l-allokazzjoni jew il-ġestjoni ta', titoli fil-kumpanija kooperattiva tal-ħalib li jirriżultaw mill-amalgamazzjoni awtorizzata skont l-Att tal-2001 dwar ir-Ristrutturar tal-Industrija tal-Ħalib (jew kwalunkwe korp suċċessur).

Settur	Servizzi finanzjarji Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.6) Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u l-investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-istabbiliment jew l-operat ta' borża, suq tat-titoli jew suq tal-futuri. Għal aktar ċertezza, din ir-riżerva ma tapplikax għal istituzzjoni finanzjarja li tipparteċipa fi, jew li tfittex li tipparteċipa fi kwalunkwe borża, suq tat-titoli, jew suq tal-futuri bħal dan.

Settur	Servizzi finanzjarji Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u l-investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-assigurazzjoni u s-servizzi relatati mal-assigurazzjoni għall-bordijiet tal-kummerċjalizzazzjoni tal-industrija stabbiliti għal prodotti taħt il-kodiċijiet CPC li ġejjin: a) 01, minbarra 01110 u 01340 (prodotti tal-agrikoltura, tal-ortikultura u tal-ġardinaġġ tas-suq, minbarra l-qamħ u l-kiwi); b) 02 (annimali ħajjin u prodotti minn annimali); c) 211, minbarra 21111, 21112, 21115, 21116 u 21119 (laħam u prodotti tal-laħam, minbarra laħam taċ-ċanga, laħam tan-nagħaġ, tjur u ġewwieni); d) 213-216 (veġetali ppreparati u ppreservati, meraq tal-frott u meraq tal-ħxejjex, frott u ġewż ippreparati u ppreservati, żjut u xaħmijiet tal-annimali u veġetali); e) 22 (ħalib); f) 2399 (prodotti oħra tal-ikel); u g) 261, minbarra 2613, 2614, 2615, 02961, 02962 u 02963 (fibri tessili naturali ppreparati għall-għażil, eskluż is-suf).
Miżuri eżistenti	L-Att tal-1990 dwar l-Imposti fuq il-Komoditajiet

Settur	Servizzi finanzjarji Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u l-investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-assigurazzjoni u s-servizzi relatati mal-assigurazzjoni għall-bordijiet tal-kummerċjalizzazzjoni tal-industrija stabbiliti għal prodotti taħt il-kodiċijiet CPC li ġejjin: a) 01, minbarra 01110 u 01340 (prodotti tal-agrikoltura, tal-ortikultura u tal-ġardinaġġ tas-suq, minbarra l-qamħ u l-kiwi); b) 02 (annimali ħajjin u prodotti minn annimali); c) 211, minbarra 21111, 21112, 21115, 21116 u 21119 (laħam u prodotti tal-laħam, minbarra laħam taċ-ċanga, laħam tan-nagħaġ, tjur u ġewwieni); d) 213-216 (veġetali ppreparati u ppreservati, meraq tal-frott u meraq tal-ħxejjex, frott u ġewż ippreparati u ppreservati, żjut u xaħmijiet tal-annimali u veġetali); e) 22 (ħalib); f) 2399 (prodotti oħra tal-ikel); u g) 261, minbarra 2613, 2614, 2615, 02961, 02962 u 02963 (fibri tessili naturali ppreparati għall-għażil, eskluż is-suf).
Miżuri eżistenti	L-Att tal-1990 dwar l-Imposti fuq il-Komoditajiet

Settur	Servizzi finanzjarji
Obbligi kkonċernati	Preżenza lokali (l-Artikolu 10.15)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta': (a) l-assigurazzjoni u s-servizzi relatati mal-assigurazzjoni, ħlief għal: (i) l-assigurazzjoni ta' riskju relatat ma': A. it-trasport marittimu u l-avjazzjoni kummerċjali u t-tlugħ fl-ispazju u l-merkanzija (inklużi s-satelliti), b'assigurazzjoni li tkopri xi wħud minn dawn li ġejjin jew kollha: il-merkanzija li tkun qed tiġi ttrasportata; il-vettura li tittrasporta l-merkanzija; u kwalunkwe responsabbiltà li tirriżulta minnhom; u B. merkanzija fi tranżitu internazzjonali; (ii) ir-riassigurazzjoni u r-retroċessjoni kif imsemmija fil-punt (B) tad-definizzjoni ta' "servizz finanzjarju" fl-Artikolu 10.63 (Definizzjonijiet); u (iii) is-servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni, kif imsemmija fil-punt (D) tad-definizzjoni ta' "servizz finanzjarju" fl-Artikolu 10.63 (Definizzjonijiet); (b) is-servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni), ħlief: (i) il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja u l-pproċessar ta' *data* finanzjarja u s-software relatat, kif imsemmi fil-punt (K) tad-definizzjoni ta' "servizz finanzjarju" fl-Artikolu 10.63 (Definizzjonijiet); u (ii) is-servizzi ta' konsulenza u servizzi finanzjarji awżiljarji oħra kif imsemmija fil-punt (a)(ii)(L) tal-Artikolu 10.63 (Definizzjonijiet) relatati ma' servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra, iżda mhux l-intermedjazzjoni kif deskritta f'dak l-Artikolu.

Settur	Is-setturi kollha
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5) Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Preżenza lokali (l-Artikolu 10.15) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-ilma, inklużi l-allokazzjoni, il-ġbir, it-trattament u d-distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb.

Settur	Is-setturi kollha
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.15) Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (l-Artikolu 10.17 u l-Artikolu 10.7) Preżenza lokali (l-Artikolu 10.15) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta u żżomm kwalunkwe miżura biss bħala parti mill-att ta' devoluzzjoni ta' servizz li jiġi pprovdut fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Tali miżuri jistgħu jinkludu: (a) ir-restrizzjoni tal-għadd ta' fornituri ta' servizzi; (b) li tippermetti intrapriża, kompletament jew fil-maġġoranza proprjetà tal-Gvern ta' New Zealand, tkun l-uniku fornitur ta' servizzi jew waħda fost għadd limitat ta' fornituri ta' servizzi; (c) l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-kompożizzjoni tal-maniġment superjuri u tal-bordijiet tad-diretturi; (d) il-ħtieġa ta' preżenza lokali; u (e) l-ispeċifikazzjoni tal-forma ġuridika tal-fornitur ta' servizzi.

Settur	Is-setturi kollha
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5) Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (l-Artikolu 10.17 u l-Artikolu 10.7) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment Fejn il-Gvern ta' New Zealand ikun is-sid sħiħ jew ikollu kontroll effettiv fuq intrapriża, New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura rigward il-bejgħ ta' kwalunkwe sehem f'dik l-intrapriża jew kwalunkwe assi ta' dik l-intrapriża lil kwalunkwe persuna, inkluż l-għoti ta' trattament aktar favorevoli lil ċittadini ta' New Zealand.

Settur	Is-setturi kollha
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.5) Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.6) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)

Deskrizzjoni	Investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura li tistabbilixxi l-kriterji ta' approvazzjoni li għandhom jiġu applikati għall-kategoriji ta' investiment barrani li jeħtieġu approvazzjoni skont ir-reġim tal-investiment barrani ta' New Zealand. Għall-finijiet ta' trasparenza, dawk il-kategoriji, kif stabbiliti fl-Anness 10-A (Miżuri eżistenti) – New Zealand –huma: (a) l-akkwiżizzjoni jew il-kontroll minn sorsi mhux governattivi ta' 25 % jew aktar ta' kwalunkwe klassi ta' ishma ([1]) jew tad-dritt tal-vot ([2]) f'entità ta' New Zealand fejn jew il-korrispettiv għat-trasferiment jew il-valur tal-assi jaqbeż NZD 200 miljun; (b) il-bidu tal-operazzjonijiet kummerċjali jew l-akkwiżizzjoni ta' negozju eżistenti minn sorsi mhux governattivi, inklużi l-assi tan-negozju, fi New Zealand, fejn l-infiq totali li għandu jiġġarrab fl-istabbiliment jew fl-akkwiżizzjoni ta' dak in-negozju jew ta' dawk l-assi jaqbeż NZD 200 miljun; (c) l-akkwiżizzjoni jew il-kontroll minn sorsi governattivi ta' 25 % jew aktar ta' kwalunkwe klassi ta' ishma ([1]) jew tad-dritt tal-vot ([2]) f'entità ta' New Zealand fejn jew il-korrispettiv għat-trasferiment jew il-valur tal-assi jaqbeż NZD 100 miljun; (d) il-bidu tal-operazzjonijiet kummerċjali jew l-akkwiżizzjoni ta' negozju eżistenti minn sorsi governattivi, inklużi l-assi tan-negozju, fi New Zealand, fejn l-infiq totali li għandu jiġġarrab fl-istabbiliment jew fl-akkwiżizzjoni ta' dak in-negozju jew ta' dawk l-assi jaqbeż NZD 100 miljun; (e) l-akkwiżizzjoni jew il-kontroll, irrispettivament mill-valur tad-dollaru, ta' ċerti kategoriji ta' art li huma meqjusa bħala sensittivi jew li jeħtieġu approvazzjoni speċifika skont il-leġiżlazzjoni ta' New Zealand dwar l-investiment barrani; u (f) kwalunkwe tranżazzjoni, irrispettivament mill-valur tad-dollaru, li tirriżulta f'investiment barrani fil-kwota tas-sajd.
Miżuri eżistenti	L-Att tal-2005 dwar l-Investiment Barrani L-Att tal-1996 dwar is-Sajd Ir-Regolamenti tal-2005 dwar l-Investiment Barrani

([1]) Għal aktar ċertezza, it-terminu "ishma" jinkludi ishma u tipi oħra ta' titoli.
([2]) Għal aktar ċertezza, id-"dritt tal-vot" jinkludi s-setgħa li tiġi kkontrollata l-kompożizzjoni ta' 25 % jew aktar tal-korp tat-tmexxija tal-entità ta' New Zealand.

Settur	Is-setturi kollha
Obbligi kkonċernati	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (l-Artikolu 10.17 u l-Artikolu 10.7)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura li tagħti trattament differenzjali lil Parti jew lil non-Parti skont kwalunkwe ftehim internazzjonali bilaterali jew multilaterali fis-seħħ jew iffirmat qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Għal aktar ċertezza, dan jinkludi, fir-rigward ta' ftehimiet dwar il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ ta' oġġetti, servizzi jew investiment, kwalunkwe miżura meħuda bħala parti minn proċess aktar wiesa' ta' integrazzjoni ekonomika jew liberalizzazzjoni tal-kummerċ bejn il-partijiet għal tali ftehimiet.

	New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura li tagħti trattament differenzjali lil Parti jew lil non-Parti skont kwalunkwe ftehim internazzjonali fis-seħħ jew iffirmat qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim li jinvolvi: (a) l-avjazzjoni; (b) is-sajd; u (c) kwistjonijiet marittimi.

Settur	Is-setturi kollha
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Preżenza lokali (l-Artikolu 10.15)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-kontroll, il-ġestjoni jew l-użu ta': (a) żoni protetti, li huma żoni stabbiliti skont u soġġetti għall-kontroll tal-leġiżlazzjoni, inklużi r-riżorsi fuq l-art u l-interessi fl-art jew fl-ilma, li huma stabbiliti għal skopijiet ta' ġestjoni tal-wirt (kemm wirt storiku kif ukoll naturali), rikreazzjoni pubblika, u preservazzjoni tal-pajsaġġ; jew (b) speċijiet li huma proprjetà taħt promulgazzjoni mill-Kuruna jew li huma protetti minn jew taħt promulgazzjoni.
Miżuri eżistenti	L-Att tal-1987 dwar il-Konservazzjoni u l-promulgazzjonijiet elenkati fi: L-Iskeda 1 tal-Att tal-1987 dwar il-Konservazzjoni L-Att tal-1991 dwar il-Ġestjoni tar-Riżorsi L-Att tal-1974 dwar il-Gvern Lokali

Settur	Is-setturi kollha
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8) Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura ta' nazzjonalità jew residenza fir-rigward ta': a) it-trattament xieraq tal-annimali; u b) il-preservazzjoni tal-ħajja u s-saħħa tal-pjanti, tal-annimali u tal-bniedem, inkluż b'mod partikolari: (i) is-sikurezza alimentari tal-ikel domestiku u tal-ikel esportat; (ii) l-għalf tal-annimali; (iii) l-istandards tal-ikel;

	(iv) il-bijosigurtà; (v) il-bijodiversità; u (vi) iċ-ċertifikazzjoni tal-istat tas-saħħa tal-pjanti jew tal-annimali tal-merkanzija. New Zealand tirriżerva wkoll id-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura li tirrikjedi x-xiri fit-territorju tagħha ta' servizzi ta' konformità, monitoraġġ u servizzi simili biex tiżgura li r-rekwiżiti regolatorji relatati mal-kwistjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati: (i) it-trattament xieraq tal-annimali; (ii) is-sikurezza alimentari tal-ikel domestiku u tal-ikel esportat; (iii) l-għalf tal-annimali; (iv) l-istandards tal-ikel; (v) il-bijosigurtà; (vi) il-bijodiversità; (vii) iċ-ċertifikazzjoni tal-istat tas-saħħa tal-pjanti jew tal-annimali tal-merkanzija; (viii) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; u (ix) is-sostenibbiltà. Xejn f'din ir-riżerva ma għandu jinftiehem li jagħti deroga mill-obbligi tal-Kapitolu 6 (Miżuri sanitarji u fitosanitarji), jew mill-obbligi tal-Ftehim SPS jew tal-Ftehim Sanitarju. Xejn f'din ir-riżerva ma għandu jinftiehem li jagħti deroga mill-obbligi tal-Kapitolu 9 (Ostakli tekniċi għall-kummerċ), jew mill-obbligi tal-Ftehim TBT.

Settur	Is-setturi kollha
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5) Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura magħmula minn jew taħt promulgazzjoni fir-rigward tax-xatt u qiegħ il-baħar, l-ilmijiet interni kif definiti fid-dritt internazzjonali (inklużi l-qigħan, is-sottoswol u l-marġini ta' tali ilmijiet interni), il-baħar territorjali, iż-Żona Ekonomika Esklużiva, u l-blata kontinentali, inkluż għall-ħruġ ta' konċessjonijiet marittimi fil-blata kontinentali.
Miżuri eżistenti	L-Att tal-1991 dwar il-Ġestjoni tar-Riżorsi L-Att tal-2011 dwar iż-Żona Marina u Kostali (Takutai Moana) L-Att tal-1964 dwar il-Blata Kontinentali L-Att tal-1991 dwar il-Minerali tal-Kuruna L-Att tal-2012 dwar iż-Żona Ekonomika Esklużiva u l-Blata Kontinentali (Effetti Ambjentali)

Settur	Servizzi kummerċjali Servizzi tat-tifi tan-nar
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' prevenzjoni tan-nirien u ta' tifi tan-nar, eskluż s-servizzi ta' tifi tan-nar mill-ajru. Ir-riżerva fir-rigward tal-aċċess għas-suq (Investiment) tirrigwarda biss il-forniment ta' servizzi permezz ta' preżenza kummerċjali.
Miżuri eżistenti	L-Att tal-2017 dwar in-Nirien u l-Emerġenzi ta' New Zealand

Settur	Servizzi kummerċjali Riċerka u żvilupp
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5) Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin: (a) servizzi ta' riċerka u żvilupp imwettqa minn istituzzjonijiet terzjarji ffinanzjati mill-Istat jew minn Istituti ta' Riċerka tal-Kuruna meta tali riċerka ssir għal skop pubbliku; jew (b) servizzi ta' riċerka u żvilupp sperimentali dwar ix-xjenzi fiżiċi, il-kimika, il-bijoloġija, l-inġinerija u t-teknoloġija, ix-xjenzi agrikoli, ix-xjenzi mediċi, farmaċewtiċi u xjenzi naturali oħra, jiġifieri CPC 8510.

Settur	Servizzi kummerċjali Servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta': (a) servizzi ta' ttestjar u analiżi tal-kompożizzjoni u tal-purità (CPC 86761); (b) servizzi ta' spezzjoni teknika (CPC 86764); (c) servizzi oħra ta' ttestjar u analiżi tekniċi (CPC 86769); (d) servizzi ta' prospettar ġeoloġiku, ġeofiżiku u servizzi ta' prospettar xjentifiku ieħor (CPC 86751); u (e) servizzi ta' ttestjar tad-droga.

Settur	Servizzi kummerċjali Is-sajd u l-akkwakultura Servizzi relatati mas-sajd u l-akkwakultura
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5) Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (l-Artikolu 10.17 u l-Artikolu 10.7) Preżenza lokali (l-Artikolu 10.15) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tikkontrolla l-attivitajiet tas-sajd barrani, inkluż il-ħatt l-art tas-sajd, l-ewwel ħatt l-art ta' ħut ipproċessat fuq il-baħar, u l-aċċess għall-portijiet ta' New Zealand (privileġġi tal-port) b'mod konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar.
Miżuri eżistenti	L-Att tal-1996 dwar is-Sajd L-Att tal-2004 dwar ir-Riforma tal-Akkwakultura

Settur	Servizzi kummerċjali Enerġija Manifattura Kummerc bl-ingrossa Bejgħ bl-imnut
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5) Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (l-Artikolu 10.17 u l-Artikolu 10.7) Preżenza lokali (l-Artikolu 10.15) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta kwalunkwe miżura sabiex tipprojbixxi, tirregola, timmaniġġja jew tikkontrolla l-produzzjoni, l-użu, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ bl-imnut tal-enerġija nukleari, inkluż l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet għall-persuni biex jagħmlu dan.

Settur	L-agrikoltura, inklużi s-servizzi inċidentali għall-agrikoltura
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5) Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta': (a) iż-żamma ta' ishma fil-kumpanija kooperattiva tal-ħalib li jirriżultaw mill-amalgamazzjoni awtorizzata skont l-Att tal-2001 dwar ir-Ristrutturar tal-Industrija tal-Ħalib (jew kwalunkwe korp suċċessur); u (b) id-disponiment tal-assi ta' dik il-kumpanija jew tal-korpi suċċessuri tagħha.
Miżuri eżistenti	L-Att tal-2001 dwar ir-Ristrutturar tal-Industrija tal-Ħalib

Settur	L-agrikoltura, inklużi s-servizzi inċidentali għall-agrikoltura
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5) Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tal-esportazzjoni ta' kiwi frisk lejn is-swieq kollha għajr l-Awstralja.
Miżuri eżistenti	L-Att tal-1999 u r-Regolamenti dwar ir-Ristrutturar tal-Industrija tal-Kiwi

Settur	L-agrikoltura, inklużi s-servizzi inċidentali għall-agrikoltura
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5) Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)

Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin: (a) l-ispeċifikazzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment u l-operat ta' kwalunkwe skema ta' allokazzjoni approvata mill-gvern għad-drittijiet għad-distribuzzjoni ta' prodotti tal-esportazzjoni li jaqgħu fil-kategoriji SA koperti mill-Ftehim dwar l-Agrikoltura għal swieq fejn hemm fis-seħħ kwoti tariffarji, preferenzi speċifiċi għall-pajjiż jew miżuri oħra ta' effett simili; u (b) l-allokazzjoni tad-drittijiet ta' distribuzzjoni lill-fornituri ta' servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa skont l-istabbiliment jew l-operat ta' tali skema ta' allokazzjoni. Din l-entrata mhijiex maħsuba biex ikollha l-effett li tipprojbixxi kull investiment fil-forniment ta' servizzi ta' kummerċ u distribuzzjoni bl-ingrossa relatati ma' oġġetti fil-kapitoli tas-Sistema Armonizzata koperti mill-Ftehim dwar l-Agrikoltura. L-entrata tapplika fir-rigward tal-investiment sal-punt li s-setturi tas-servizzi speċifikati f'din ir-riżerva jkunu subsett ta' prodotti agrikoli soġġetti għal kwoti tariffarji, preferenzi speċifiċi għall-pajjiż jew miżuri oħra ta' effett simili.

Settur	L-agrikoltura, inklużi s-servizzi inċidentali għall-agrikoltura
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.5) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Deskrizzjoni	Investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura meħtieġa biex tagħti effett lill-istabbiliment jew l-implimentazzjoni ta' pjanijiet obbligatorji ta' kummerċjalizzazzjoni (imsejħa wkoll "strateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni tal-esportazzjoni") għall-kummerċjalizzazzjoni tal-esportazzjoni ta' prodotti derivati minn: (a) l-agrikoltura; (b) it-trobbija tan-naħal; (c) l-ortikoltura; (d) l-arborikultura; (e) il-kultivazzjoni tar-raba'; u (f) it-trobbija tal-annimali, fejn ikun hemm appoġġ fl-industrija rilevanti biex jiġi adottat jew attivat pjan ta' kummerċjalizzazzjoni kollettiva obbligatorju. Sabiex jiġi evitat kull dubju, il-pjanijiet obbligatorji ta' kummerċjalizzazzjoni, fil-kuntest ta' din ir-riżerva, jeskludu miżuri li jillimitaw l-għadd ta' parteċipanti fis-suq jew li jillimitaw il-volum tal-esportazzjonijiet. Ir-riżerva fir-rigward tal-aċċess għas-suq (Investiment) tirrigwarda biss il-forniment ta' servizz permezz ta' preżenza kummerċjali.
Miżuri eżistenti	L-Att tal-1987 dwar l-Awtorità tal-Esportazzjoni tal-Ortikultura ta' New Zealand

Settur	Servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali
Obbligi kkonċernati	Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (l-Artikolu 10.17 u l-Artikolu 10.7) Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-forniturikollha ta' servizzi u tal-investituri għall-forniment ta' servizzi tal-adozzjoni. Ir-riżerva fir-rigward tal-aċċess għas-suq (Investiment) tirrigwarda biss il-forniment ta' servizz permezz ta' preżenza kummerċjali.
Miżuri eżistenti:	L-Att tal-1995 dwar l-Adozzjoni L-Att tal-1997 dwar l-adozzjoni (Bejn il-pajjiżi)

Settur	Servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5) Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tas-servizzi tal-logħob tal-azzard, tal-imħatri u tal-prostituzzjoni.
Miżuri eżistenti	L-Att tal-2003 u r-Regolamenti dwar il-Logħob tal-Azzard L-Att tal-2003 dwar ir-Riforma tal-Prostituzzjoni L-Att tal-2003 dwar it-Tlielaq Ir-Regolamenti tal-2004 dwar it-Tlielaq (Prevenzjoni u Minimizzazzjoni tad-Danni) L-Ordni tal-2009 dwar it-Tlielaq (New Zealand Greyhound Racing Association Incorporated)

Settur	Servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi Servizzi ta' libreriji, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħra
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (l-Artikolu 10.17 u l-Artikolu 10.7) Preżenza lokali (l-Artikolu 10.15) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9)

Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta': (a) il-wirt kulturali ta' valur nazzjonali, inkluż il-wirt etnoloġiku, arkeoloġiku, storiku, letterarju, artistiku, xjentifiku jew teknoloġiku, kif ukoll il-kollezzjonijiet li huma dokumentati, ippreservati u esibiti minn mużewijiet, galleriji, libreriji, arkivji u istituzzjonijiet oħra li jiġbru l-patrimonju; (b) l-arkivji pubbliċi; (c) is-servizzi tal-libreriji u tal-mużewijiet; u (d) is-servizzi għall-preservazzjoni ta' siti storiċi jew sagri jew ta' bini storiku.

Settur	Trasport Servizzi marittimi
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (l-Artikolu 10.17 u l-Artikolu 10.7) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' dawn li ġejjin: (a) il-ġarr bil-baħar ta' passiġġieri jew ta' merkanzija bejn port li jinsab fi New Zealand u port ieħor li jinsab fi New Zealand u traffiku li joriġina u jintemm fl-istess port fi New Zealand (kabotaġġ marittimu), bl-eċċezzjoni tal-moviment ta' kontejners vojta; (b) is-servizzi ta' alimentazzjoni; (c) l-istabbiliment ta' kumpanija rreġistrata bil-għan li topera flotta taħt il-bandiera ta' New Zealand; u (d) ir-reġistrazzjoni ta' bastimenti fi New Zealand.

Settur	Servizzi ta' distribuzzjoni
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura għal skopijiet ta' saħħa pubblika jew ta' politika soċjali fir-rigward tas-servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut ta' prodotti tat-tabakk u xorb alkoħoliku.

Settur	Is-setturi kollha
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.6) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9)
Deskrizzjoni	Investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura ta' tassazzjoni fir-rigward tal-bejgħ, ix-xiri jew it-trasferiment ta' proprjetà residenzjali (inklużi l-interessi li jirriżultaw minn lokazzjonijiet, arranġamenti ta' finanzjament u kondiviżjoni tal-profitti, u l-akkwist ta' interessi f'intrapriżi li għandhom proprjetà residenzjali). Għal aktar ċertezza, il-proprjetà residenzjali ma tinkludix proprjetà immobbli kummerċjali mhux residenzjali.

Settur	Is-setturi kollha
Obbligi kkonċernati	Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Deskrizzjoni	Investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura biex tirrikjedi li: (a) membru wieħed ta' Bord tad-Diretturi jkun nazzjonal ta' New Zealand; jew (b) minoranza ta' Bord tad-Diretturi tkun nazzjonal ta' New Zealand, fejn dak ir-rekwiżit ma jfixkilx materjalment il-kapaċità tal-investitur li jeżerċita kontroll fuq l-intrapriża tiegħu, dment li r-rekwiżit ikun bil-għan li tiġi żgurata l-konformità ma' liġijiet jew regolamenti li mhumiex inkonsistenti ma' dan il-Ftehim.
Miżuri eżistenti	L-Att tal-1993 dwar il-Kumpaniji L-Att tal-2008 dwar is-Soċjetajiet Limitati

Settur	Is-setturi kollha
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Preżenza lokali (l-Artikolu 10.15) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8) Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm miżuri li tqis meħtieġa biex tipproteġi jew tippromwovi d-drittijiet, l-interessi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-Māori fir-rigward tal-kummerċ abilitat b'mezzi elettroniċi, inkluż fit-twettiq tal-obbligi tagħha skont te Tiriti o Waitangi / it-Trattat ta' Waitangi, dment li tali miżuri ma jintużawx bħala mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata kontra persuni tal-Parti l-oħra jew bħala restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ fis-servizzi u l-investiment.

	Il-Partijiet jaqblu li l-interpretazzjoni ta' te Tiriti o Waitangi / it-Trattat ta' Waitangi, inkluż fir-rigward tan-natura tad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minnu, ma għandhiex tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet dwar is-soluzzjoni tat-tilwim ta' dan il-Ftehim.

Settur	Servizzi ta' komunikazzjoni Servizzi postali u ta' kurrier
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment
	New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura li timponi fuq operaturi postali li jinvolvu ruħhom f'imġiba antikompetittiva, kundizzjonijiet addizzjonali għall-operazzjoni fis-suq jew it-tneħħija tar-reġistrazzjoni. New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura li tippermettilha tirrestrinġi l-ħruġ ta' bolol postali bil-kliem "New Zealand" ([1]). Ir-riżerva fir-rigward tal-aċċess għas-suq (Investiment) tirrigwarda biss il-forniment ta' servizz permezz ta' preżenza kummerċjali.

([1]) Il-ħruġ ta' bolol bil-kliem "New Zealand" lil operaturi maħtura tal-Unjoni Postali Universali ħlief fejn il-kliem "New Zealand" jifforma parti mill-isem tal-operatur li joħroġ il-bolol.

Settur	Servizzi ta' distribuzzjoni Servizzi tal-aġenti kummerċjali
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' setturi li ma jaqgħux taħt il-Kodiċijiet CPC li ġejjin: (a) CPC 62113-62115; (b) CPC 62117-62118; (c) CPC 62111 ħlief 02961-02963 (suf tan-nagħaġ); (d) CPC 62112 ħlief CPC 21111, 21112, 21115, 21116 u 21119 (ġewwieni li jittiekel ta' annimali tal-ifrat u tan-nagħaġ) u 02961-02963 (suf tan-nagħaġ); u (e) CPC 62116 ħlief 2613-2615 (suf tan-nagħaġ). Fir-rigward ta' setturi li jaqgħu taħt il-kodiċijiet CPC li ġejjin: (a) CPC 62111 fir-rigward biss ta' 02961-02963 (suf tan-nagħaġ); (b) CPC 62112 fir-rigward biss ta' CPC 21111, 21112, 21115, 21116 u 21119 (ġewwieni li jittiekel ta' annimali tal-ifrat u tan-nagħaġ) u 02961-02963 (suf tan-nagħaġ); u (c) CPC 62116 fir-rigward biss ta' 2613-2615 (suf tan-nagħaġ).

	New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura li tirrigwarda d-distribuzzjoni tal-esportazzjoni relatata ma': (a) l-allokazzjoni ta' drittijiet ta' distribuzzjoni relatati mal-esportazzjonijiet ta' prodotti lejn swieq tal-esportazzjoni fejn kwoti tariffarji, preferenzi speċifiċi għall-pajjiż u miżuri oħra ta' effett simili jpoġġu limitazzjonijiet fuq l-għadd ta' fornituri ta' servizzi, il-valur totali tat-tranżazzjonijiet ta' servizzi jew l-għadd ta' operazzjonijiet ta' servizzi; u (b) l-istrateġiji obbligatorji ta' kummerċjalizzazzjoni tal-esportazzjoni fejn ikun hemm appoġġ fi ħdan l-industrija rilevanti. Dawn l-istrateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni tal-esportazzjoni ma jinkludux miżuri li jillimitaw l-għadd ta' parteċipanti fis-suq jew li jillimitaw il-volum tal-esportazzjonijiet. Ir-riżerva fir-rigward tal-aċċess għas-suq (Investiment) tirrigwarda biss il-forniment ta' servizz permezz ta' preżenza kummerċjali.

Settur	Servizzi ta' distribuzzjoni Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' setturi li ma jaqgħux taħt il-Kodiċijiet CPC li ġejjin: (a) CPC 6223-6226, u 6228; (b) CPC 6221 ħlief 02961-02963 (suf tan-nagħaġ); (c) CPC 6222 ħlief CPC 21111, 21112, 21115, 21116 u 21119 (ġewwieni li jittiekel ta' annimali tal-ifrat u tan-nagħaġ); u (d) CPC 62277 ħlief 2613-2615 (suf tan-nagħaġ). Fir-rigward ta' setturi li jaqgħu taħt il-kodiċijiet CPC li ġejjin: (a) CPC 6221 fir-rigward biss ta' 02961-02963 (suf tal-ovini); (b) CPC 6222 fir-rigward biss ta' CPC 21111, 21112, 21115; (c) CPC 21116 u 21119 (ġewwieni li jittiekel tal-ovini u ta' annimali tal-ifrat); u (d) CPC 62277 fir-rigward biss ta' 2613-2615 (suf tal-ovini). New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura li tirrigwarda d-distribuzzjoni tal-esportazzjoni relatata ma': (a) l-allokazzjoni ta' drittijiet ta' distribuzzjoni relatati mal-esportazzjonijiet ta' prodotti lejn swieq tal-esportazzjoni fejn kwoti tariffarji, preferenzi speċifiċi għall-pajjiż u miżuri oħra ta' effett simili jpoġġu limitazzjonijiet fuq l-għadd ta' fornituri ta' servizzi, il-valur totali tat-tranżazzjonijiet ta' servizzi jew l-għadd ta' operazzjonijiet ta' servizzi; u (b) l-istrateġiji obbligatorji ta' kummerċjalizzazzjoni tal-esportazzjoni fejn ikun hemm appoġġ fi ħdan l-industrija rilevanti. Dawn l-istrateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni tal-esportazzjoni ma jinkludux miżuri li jillimitaw l-għadd ta' parteċipanti fis-suq jew li jillimitaw il-volum tal-esportazzjonijiet.

	Ir-riżerva fir-rigward tal-aċċess għas-suq (Investiment) tirrigwarda biss il-forniment ta' servizz permezz ta' preżenza kummerċjali.

Settur	It-trasport bl-ajru u bil-baħar Bejgħ u kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi ta' trasport bl-ajru u bil-baħar
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' prodotti koperti taħt CPC 01, 02, 211, 213 sa 216, 22, 2399 u 261 (ħlief għal kummerċjalizzazzjoni u bejgħ relatati ma' CPC 21111, 21112, 21115, 21116 u 21119 (ġewwieni li jittiekel ta' annimali tal-ifrat u tan-nagħaġ), CPC 2613 u 2615 (suf tan-nagħaġ), u CPC 02961 sa 02963 (suf tan-nagħaġ)). Ir-riżerva fir-rigward tal-aċċess għas-suq (Investiment) tirrigwarda biss il-forniment ta' servizz permezz ta' preżenza kummerċjali.

Settur	Trasport marittimu Trasport internazzjonali
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-istabbiliment ta' kumpanija rreġistrata bil-għan li topera flotta taħt il-bandiera ta' New Zealand. Din ir-riżerva tirrigwarda servizzi koperti taħt CPC 7211 (trasport tal-passiġġieri, minbarra kabotaġġ) u 7212 (trasport tal-merkanzija, minbarra kabotaġġ). Ir-riżerva fir-rigward tal-aċċess għas-suq (Investiment) tirrigwarda biss il-forniment ta' servizz permezz ta' preżenza kummerċjali.

Settur	Servizzi professjonali
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tas-sottosetturi li ġejjin: (a) servizzi ta' bejgħ bl-irkant; (b) servizzi ta' insolvenza u riċevitura; (c) servizzi ta' kartografija;

	(d) servizzi ta' franchising; (e) servizzi ta' aġenti tal-privattivi; (f) servizzi ta' aġenti tat-trademarks; (g) servizzi ta' surveying tal-kwantità; (h) servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika; (i) servizzi ta' stampar u pubblikazzjoni; u (j) riċerka u żvilupp dwar ix-xjenzi soċjali u umanistiċi. Ir-riżerva fir-rigward tal-aċċess għas-suq (Investiment) tirrigwarda biss il-forniment ta' servizz permezz ta' preżenza kummerċjali.

Settur	Servizzi kummerċjali
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tas-sottosetturi li ġejjin: (a) servizzi ta' lokazzjoni jew ta' kiri li jikkonċernaw il-kontejners; (b) il-liċenzjar ta' proprjetà intellettwali, inklużi t-trademarks; (c) il-liċenzjar ta' prodotti tar-riċerka u l-iżvilupp; (d) il-liċenzjar ta' divertiment, oriġinali letterarji jew artistiċi; (e) l-esplorazzjoni u l-evalwazzjoni ta' minerali; (f) servizzi tas-sistemi tas-sigurtà; (g) servizzi ta' gwardji; (h) servizzi ta' investigazzjoni; (i) servizzi ta' konsulenza dwar is-sigurtà; (j) servizzi ta' vetturi blindati; u (k) servizzi oħra tas-sigurtà. Ir-riżerva fir-rigward tal-aċċess għas-suq (Investiment) tirrigwarda biss il-forniment ta' servizz permezz ta' preżenza kummerċjali.

Settur	Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' servizzi ta' manutenzjoni u tiswija għal: (a) prodotti, makkinarju u tagħmir tal-metall iffabbrikati; (b) makkinarju u tagħmir ieħor; (c) apparat elettrodomestiku; (d) tagħmir u apparat tat-telekomunikazzjoni;

	(e) strumenti mediċi, ta' preċiżjoni u ottiċi; (f) elettronika għall-konsumatur; (g) makkinarju kummerċjali u industrijali; (h) liftijiet u skalaturi; u (i) tagħmir ieħor. Ir-riżerva fir-rigward tal-aċċess għas-suq (Investiment) tirrigwarda biss il-forniment ta' servizz permezz ta' preżenza kummerċjali.

Settur	Servizzi tas-saħħa
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tas-sottosetturi li ġejjin: (a) servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali privati; u (b) servizzi pprovduti minn qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku. Ir-riżerva fir-rigward tal-aċċess għas-suq (Investiment) tirrigwarda biss il-forniment ta' servizz permezz ta' preżenza kummerċjali.

Settur	Servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi. Ir-riżerva fir-rigward tal-aċċess għas-suq (Investiment) tirrigwarda biss il-forniment ta' servizz permezz ta' preżenza kummerċjali.

Settur	Servizzi tat-trasport
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tas-sottosetturi li ġejjin: (a) servizzi ta' pilotaġġ u rmiġġ; (b) kiri ta' bastimenti bl-ekwipaġġ għal servizzi ta' trasport marittimu; (c) servizzi ta' mbuttar u rmunkar (marittimi);

	(d) servizzi lokali tat-trasport bl-ilma tal-passiġġieri; (e) servizzi ta' kiri ta' bastimenti tal-ilma bl-operatur; (f) il-forniment transfruntier ta' servizzi marittimi ta' mmaniġġjar tal-kontejners ([1]) mit-territorju tal-Unjoni għal ġot-territorju ta' New Zealand. Din ir-riżerva ma tapplikax għal (i) trażbord (bord għal abbord jew permezz tal-moll) jew (ii) l-użu ta' tagħmir għall-immaniġġjar tal-merkanzija abbord. (g) il-manutenzjoni u t-tiswija tal-bastimenti; (h) is-servizzi ta' salvataġġ u ta' varar mill-ġdid; (i) it-trasport fuq il-passaġġi tal-ilma interni; (j) it-trasport tal-merkanzija għat-trasport fuq il-passaġġi tal-ilma interni; (k) it-trasport tal-passiġġieri (passaġġi tal-ilma interni); (l) is-servizzi ta' mbuttar u rmunkar għat-trasport fuq il-passaġġi tal-ilma interni; (m) il-kiri ta' bastimenti bl-ekwipaġġ għat-trasport fuq il-passaġġi tal-ilma interni; (n) is-servizzi ta' appoġġ għat-trasport fuq il-passaġġi tal-ilma interni; (o) il-kontroll, l-ispezzjoni u s-sorveljanza tal-ajruporti u tal-ħeliports; (p) is-servizzi ta' trasport spazjali tal-passiġġieri; (q) is-servizzi ta' trasport spazjali tal-merkanzija; (r) is-servizzi ta' appoġġ għat-trasport spazjali; (s) is-servizzi ta' appoġġ għas-servizzi tat-trasport bil-ferrovija; (t) is-servizzi tat-trasport bit-triq għall-posta; (u) il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir tat-trasport bit-triq; (v) is-servizzi tal-parkeġġi; (w) is-servizzi ta' appoġġ għas-servizzi tat-trasport bit-triq; (x) il-forniment ta' ilma desalinizzat lil bastimenti rmiġġati f'portijiet jew f'ibħra territorjali; u (y) il-bini u t-tiswija ta' bastimenti, u s-servizzi tal-magni tal-baħar. Ir-riżerva fir-rigward tal-aċċess għas-suq (Investiment) tirrigwarda biss il-forniment ta' servizz permezz ta' preżenza kummerċjali.

([1]) It-terminu "servizzi marittimi ta' mmaniġġjar tal-kontejners" ifisser attivitajiet eżerċitati minn kumpaniji ta' burdnara, inklużi l-operaturi ta' terminal, iżda mhux inklużi l-attivitajiet diretti tal-ħaddiema fil-baċiri tat-tarzna meta din il-forza tax-xogħol tkun organizzata b'mod indipendenti mill-kumpaniji tal-burdnara jew tal-operaturi ta' terminal. L-attivitajiet jinkludu l-organizzazzjoni u s-superviżjoni ta':

(a) it-tagħbija u l-ħatt ta' kontejners għal fuq u minn fuq bastiment;

(b) l-irbit u l-ħall ta' kontejners; u

(c) ir-riċeviment u l-konsenja, u ż-żamma sigura, tal-kontejners qabel it-trasportazzjoni jew wara r-rilaxx.

Settur	Servizzi tal-utilitajiet
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tas-sottosetturi li ġejjin: (a) is-servizzi tal-enerġija; (b) is-servizzi taż-żejt u idrokarburi oħra; (c) is-servizzi li jappoġġaw lill-industrija taż-żejt; (d) is-servizzi relatati mar-riżorsi taż-żejt u tal-gass; (e) is-servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija; u (f) id-distribuzzjoni tal-elettriku, tal-gass u tal-ilma (għan-nom proprju). Ir-riżerva fir-rigward tal-aċċess għas-suq (Investiment) tirrigwarda biss il-forniment ta' servizz permezz ta' preżenza kummerċjali.

Settur	Servizzi oħra
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tas-sottosetturi li ġejjin: (a) l-industriji tal-artiġjanat; (b) is-servizzi ta' riċerka tas-suq u ta' sħarriġ tal-opinjoni pubblika (CPC 8640); (c) is-servizzi ta' ppakkjar (CPC 8760); (d) is-servizzi taċ-ċimiterji u tal-kremazzjoni (CPC 9703); (e) id-disinn ta' ġojjellerija; (f) is-servizzi ta' appoġġ għall-akkwakultura; (g) is-servizzi pprovduti lil organizzazzjonijiet u korpi ekstraterritorjali (CPC 9900); (h) is-servizzi domestiċi (CPC 87204); (i) is-servizzi ta' trattament kożmetiku, ta' manicure u ta' pedicure (CPC 97022); (j) is-servizzi ta' hairdressing u ta' barbiera (CPC 97021); (k) is-servizzi tas-sbuħija u tal-benesseri fiżiku (CPC 97029); (l) is-servizzi ta' għoti ta' grants; (m) is-servizzi ta' tbassir tat-temp u meteoroloġiċi; (n) is-servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet politiċi (CPC 95920); (o) is-servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet oħra ta' sħubija (CPC 9599); (p) is-servizzi pprovduti minn trade unions (CPC 9520); (q) is-servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet tad-drittijiet umani; (r) is-servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet tan-negozju, ta' min iħaddem u professjonali (CPC 951);

	(s) is-servizzi ta' disinn speċjalizzat (ħlief servizzi ta' disinn intern); (t) l-oriġinali tad-disinn; u (u) is-servizzi kombinati ta' amministrazzjoni tal-uffiċċji. Ir-riżerva fir-rigward tal-aċċess għas-suq (Investiment) tirrigwarda biss il-forniment ta' servizz permezz ta' preżenza kummerċjali.

Settur	Servizzi oħra mhux inklużi band'oħra
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Preżenza lokali (l-Artikolu 10.15) Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ġodda minbarra dawk ikklassifikati fis-CPC.

Settur	Is-setturi kollha – il-moviment ta' persuni fiżiċi
Obbligi kkonċernati	Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14)
Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-forniment ta' servizz bil-preżenza ta' persuni fiżiċi, soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima D (Dħul u soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi għal skopijiet professjonali) tal-Kapitolu 10 (Liberalizzazzjoni tal-kummerċ fis-servizzi u l-investiment) li mhijiex inkonsistenti mal-obbligi ta' New Zealand skont il-GATS.

Settur	Is-setturi kollha
Obbligi kkonċernati	Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6) Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit (l-Artikolu 10.17 u l-Artikolu 10.7) Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8) Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9)

Deskrizzjoni	Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura meħtieġa biex tipproteġi teżori nazzjonali jew siti speċifiċi ta' valur storiku jew arkeoloġiku, jew miżuri meħtieġa biex jappoġġaw arti kreattiva ([1]) ta' valur nazzjonali.

([1]) It-terminu "arti kreattiva" jinkludi n-ngā toi Māori (l-arti Māori), l-arti tal-ispettaklu – inklużi t-teatru, iż-żfin, u l-mużika, il-haka (żfin tradizzjonali Māori), il-waiata (kant jew chant) – l-arti viżiva u l-artiġjanat – bħall-pittura, l-iskultura, il-whakairo (tinqix), ir-raranga (insiġ), u t-tā moko (tatwaġġ tradizzjonali Māori) – il-letteratura, l-arti tal-lingwa, il-kontenut kreattiv online, il-prattika tradizzjonali indiġena u l-espressjoni kulturali kontemporanja, u l-midja interattiva diġitali u x-xogħol ibridu tal-arti, inklużi dawk li jużaw teknoloġiji ġodda biex jittraxxendu d-diviżjonijiet diskreti tal-forom tal-arti. It-terminu "arti kreattiva" jinkludi dawk l-attivitajiet involuti fil-preżentazzjoni, l-eżekuzzjoni u l-interpretazzjoni tal-arti; u l-istudju u l-iżvilupp tekniku ta' dawn il-forom u attivitajiet tal-arti.

ANNESS 10-C

VIŻITATURI PROFESSJONALI GĦAL FINIJIET TA' STABBILIMENT, ĦADDIEMA BI TRASFERIMENT INTRA-AŻJENDALI U VIŻITATURI PROFESSJONALI GĦAL ŻMIEN QASIR

1. L-Artikoli 10.21 (Viżitaturi professjonali għall-finijiet ta' stabbiliment u ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali u 10.22 (Viżitaturi professjonali għal żmien qasir) ma japplikawx għal kwalunkwe miżura eżistenti mhux konformi elenkata f'dan l-Anness, sal-punt tan-nuqqas ta' konformità.

2. Parti tista' żżomm, tkompli, ġġedded minnufih, timmodifika jew temenda miżura elenkata f'dan l-Anness, dment li l-modifika jew l-emenda ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura mal-Artikolu 10.21 (Viżitaturi professjonali għall-finijiet ta' stabbiliment u ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali), kif kienet teżisti immedjatament qabel il-modifika jew l-emenda.

3. Minbarra l-lista ta' impenji f'dan l-Anness, kull Parti tista' tadotta jew iżżomm miżura relatata mar-rekwiżiti ta' kwalifika, mal-proċeduri ta' kwalifika, mal-istandards tekniċi, mar-rekwiżiti ta' liċenzjar jew mal-proċeduri ta' liċenzjar li ma tikkostitwix limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 10.21 (Viżitaturi professjonali għall-finijiet ta' stabbiliment u ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali) jew 10.22 (Viżitaturi professjonali għal żmien qasir). Miżura bħal din tista' tinkludi l-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, li jinkiseb rikonoxximent tal-kwalifiki f'settur regolat, li wieħed jgħaddi minn eżami speċifiku bħal eżami tal-lingwa, li jiġi ssodisfat rekwiżit ta' sħubija fi professjoni partikolari bħal sħubija f'organizzazzjoni professjonali jew kwalunkwe rekwiżit ieħor mhux diskriminatorju li ċerti attivitajiet ma jistgħux jitwettqu f'żoni jew arji protetti. Filwaqt li mhumiex elenkati f'dan l-Anness, tali miżuri jibqgħu japplikaw.

4. L-iskedi ta' New Zealand u tal-Unjoni fil-paragrafi 9 u 10 japplikaw biss għat-territorji ta' New Zealand u tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 1.4 (Applikazzjoni territorjali) u huma rilevanti biss fil-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni, l-Istati Membri u New Zealand. Huma ma jaffettwawx id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni.

5. Għal aktar ċertezza, għall-Unjoni, l-obbligu li jingħata trattament nazzjonali ma jinvolvix ir-rekwiżit li jiġi estiż għall-persuni ta' New Zealand it-trattament mogħti fi Stat Membru, fl-applikazzjoni tat-TFUE, jew ta' kwalunkwe miżura adottata skont dak it-TFUE, inkluż l-implimentazzjoni tagħha fl-Istati Membri, lil:

(a) persuni fiżiċi jew residenti ta' Stat Membru ieħor; jew

(b) persuni ġuridiċi kostitwiti jew organizzati skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor jew tal-Unjoni u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni.

6. L-impenji għalviżitaturi professjonali għal finijiet ta' stabbiliment, u ħaddiema bi trasferimenti intra-azjendali u viżitaturi professjonali għal żmien qasir ma japplikawx f'każijiet fejn l-intenzjoni jew l-effett tal-preżenza temporanja tagħhom tkun li jinterferixxu ma', jew b'xi mod ieħor jaffettwaw l-eżitu ta', kwalunkwe tilwima jew negozjati dwar ix-xogħol jew il-ġestjoni.

7. Ir-rekwiżiti l-oħra kollha tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Unjoni u tal-Istati Membri rigward il-miżuri tad-dħul, is-soġġorn, ix-xogħol u s-sigurtà soċjali għandhom ikomplu japplikaw, inklużi r-regolamenti dwar il-perjodu ta' soġġorn, il-pagi minimi kif ukoll il-ftehimiet kollettivi dwar il-pagi, anke jekk mhumiex elenkati f'dan l-Anness.

8. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin huma użati fil-lista ta' impenji pprovduta fil-paragrafu 10:

AT L-Awstrija

BE Il-Belġju

BG Il-Bulgarija

CY Ċipru

CZ	Iċ-Ċekja
DE	Il-Ġermanja
DK	Id-Danimarka
EE	L-Estonja
EL	Il-Greċja
ES	Spanja
UE	L-Unjoni, inklużi l-Istati Membri
FI	Il-Finlandja
FR	Franza
HR	Il-Kroazja
HU	L-Ungerija
IE	L-Irlanda
IT	L-Italja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
LV	Il-Latvja
MT	Malta
NL	In-Netherlands
PL	Il-Polonja
PT	Il-Portugall
RO	Ir-Rumanija
SE	L-Iżvezja
SI	Is-Slovenja
SK	Ir-Repubblika Slovakka

9. L-impenji ta' New Zealand huma ([1]):

Viżitaturi professjonali għal finijiet ta' stabbiliment

Is-setturi kollha	Tul permissibbli tas-soġġorn: sa 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar.

Ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali

Is-setturi kollha	Tul permissibbli tas-soġġorn: dħul għal perjodu sa massimu ta' tliet snin.

Viżitaturi professjonali għal żmien qasir

Is-setturi kollha L-attivitajiet kollha msemmija fl-Anness 10-D (Lista ta' attivitajiet ta' viżitaturi professjonali għal żmien qasir)	Tul permissibbli tas-soġġorn: sa 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar.

10. L-impenji tal-Unjoni huma:

Viżitaturi professjonali għal finijiet ta' stabbiliment

Is-setturi kollha	AT, CZ: Viżitatur professjonali għal finijiet ta' stabbiliment jeħtieġ li jkun jaħdem għal intrapriża għajr organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, inkella: Mingħajr restrizzjonijiet. SK: Viżitatur professjonali għal finijiet ta' stabbiliment jeħtieġ li jkun jaħdem għal intrapriża għajr organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, inkella: Mingħajr restrizzjonijiet. Huwa meħtieġ permess tax-xogħol, inkluż test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. CY: Tul permissibbli tas-soġġorn: sa 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar. Viżitatur professjonali għal finijiet ta' stabbiliment jeħtieġ li jkun jaħdem għal intrapriża għajr organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, inkella: Mingħajr restrizzjonijiet.

Ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali

Is-setturi kollha	AT, CZ, SK: Ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali jeħtieġ li jkunu impjegati minn intrapriża għajr organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, inkella: Mingħajr restrizzjonijiet. FI: Il-persunal superjuri jeħtieġ li jkun impjegat minn intrapriża għajr organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ. HU: Persuni fiżiċi li kienu soċji f'intrapriża ma jikkwalifikawx biex jiġu trasferiti bħala ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali.

([1]) Minkejja l-impenji stabbiliti f'dan il-paragrafu, New Zealand tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-ekwipaġġi tal-bastimenti.

Viżitaturi professjonali għal żmien qasir

L-attivitajiet kollha msemmija fl-Anness 10-D (Lista ta' attivitajiet ta' viżitaturi professjonali għal żmien qasir)	CY, DK, HR: Huwa meħtieġ permess tax-xogħol, inkluż test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, jekk il-viżitatur professjonali għal żmien qasir jipprovdi servizz. LV: Huwa meħtieġ permess tax-xogħol għal operazzjonijiet/attivitajiet li għandhom jitwettqu fuq il-bażi ta' kuntratt. MT: Huwa meħtieġ permess tax-xogħol. Ma jitwettaq l-ebda test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. SI: Huwa meħtieġ permess ta' residenza u tax-xogħol wieħed għall-forniment ta' servizzi li jaqbeż 14-il jum kull darba u għal ċerti attivitajiet (riċerka u disinn; seminars ta' taħriġ; xiri; tranżazzjonijiet kummerċjali; traduzzjoni u interpretazzjoni). Mhux meħtieġ test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. SK: Fil-każ ta' forniment ta' servizz fit-territorju tas-Slovakkja, huwa meħtieġ permess tax-xogħol, inkluż test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, meta jinqabżu sebat ijiem f'xahar jew 30 jum f'sena kalendarja.
Riċerka u disinn	AT: Huwa meħtieġ permess tax-xogħol, inkluż test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal attivitajiet ta' riċerka ta' riċerkaturi xjentifiċi u statistiċi.
Riċerka fil-kummerċjalizzazzjoni	AT: Huwa meħtieġ permess tax-xogħol, inkluż test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jitneħħa għal attivitajiet ta' riċerka u analiżi sa sebat ijiem f'xahar jew 30 jum f'sena kalendarja. Hija meħtieġa lawrja universitarja. CY: Huwa meħtieġ permess tax-xogħol, inkluż test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Fieri kummerċjali u esibizzjonijiet	AT, CY: Huwa meħtieġ permess tax-xogħol, inkluż test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, għal attivitajiet ta' aktar minn sebat ijiem f'xahar jew 30 jum f'sena kalendarja.
Servizz ta' wara l-bejgħ jew ta' wara l-kiri	AT: Huwa meħtieġ permess tax-xogħol, inkluż test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jitneħħa għal persuni fiżiċi li jħarrġu ħaddiema biex jipprovdu servizzi u li jkollhom għarfien speċjalizzat. CY: Huwa meħtieġ permess tax-xogħol meta jinqabżu sebat ijiem f'xahar jew 30 jum f'sena kalendarja.
	CZ: Huwa meħtieġ permess tax-xogħol jekk ix-xogħol jaqbeż sebat ijiem kalendarji konsekuttivi jew total ta' 30 jum f'sena kalendarja. ES: Huwa meħtieġ permess tax-xogħol. L-installaturi, dawk li jsewwu u dawk li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni għandhom ikunu impjegati bħala tali mill-persuna ġuridika li tforni l-oġġett jew is-servizz jew minn intrapriża li tkun membru tal-istess grupp bħall-persuna ġuridika oriġinarja għal mill-anqas tliet xhur immedjatament qabel id-data tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għad-dħul u għandu jkollhom mill-anqas tliet snin esperjenza professjonali rilevanti, fejn applikabbli, miksuba wara l-età maġġuri. FI: Skont l-attività, jista' jkun meħtieġ permess ta' residenza. SE: Huwa meħtieġ permess tax-xogħol, ħlief għal (i) persuni fiżiċi li jieħdu sehem f'taħriġ, ittestjar, preparazzjoni jew tlestija ta' konsenji, jew attivitajiet simili fil-qafas ta' tranżazzjoni kummerċjali, jew (ii) fitters jew għalliema tekniċi b'rabta ma' installazzjoni jew tiswija urġenti ta' makkinarju sa massimu ta' xahrejn, fil-kuntest ta' emerġenza. Mhux meħtieġ test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

Tranżazzjonijiet kummerċjali	AT, CY: Huwa meħtieġ permess tax-xogħol, inkluż test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, għal attivitajiet ta' aktar minn sebat ijiem f'xahar jew 30 jum f'sena kalendarja. FI: Il-persuna fiżika jeħtieġ li tkun qiegħda tipprovdi servizzi bħala impjegat ta' persuna ġuridika tal-Parti l-oħra.
Persunal fit-turiżmu	CY, ES, PL: Mingħajr restrizzjonijiet. FI: Il-persuna fiżika jeħtieġ li tkun qiegħda tipprovdi servizzi bħala impjegat ta' persuna ġuridika tal-Parti l-oħra. SE: Huwa meħtieġ permess tax-xogħol, ħlief għax-xufiera u l-persunal ta' xarabanks tat-turisti. Mhux meħtieġ test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Traduzzjoni u interpretazzjoni	AT: Huwa meħtieġ permess tax-xogħol, inkluż test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. CY, PL: Mingħajr restrizzjonijiet.

ANNESS 10-D

LISTA TA' ATTIVITAJIET TA' VIŻITATURI PROFESSJONALI GĦAL ŻMIEN QASIR

Għall-finijiet tal-Kapitolu 10 (Liberalizzazzjoni tal-kummerċ fis-servizzi u l-investiment), l-attivitajiet ta' viżitaturi professjonali għal żmien qasir huma:

(a) laqgħat u konsultazzjonijiet: persuni fiżiċi li jattendu laqgħat jew konferenzi, jew ikunu impenjati f'konsultazzjonijiet ma' soċji kummerċjali;

(b) seminars ta' taħriġ: persunal ta' intrapriża li jidħol fit-territorju ta' Parti biex jirċievi taħriġ informali f'tekniki u prattiki tax-xogħol li jkunu rilevanti għall-operat tal-intrapriża, dment li t-taħriġ riċevut ikun limitat għal tagħlim teoretiku, osservazzjoni u familjarizzazzjoni biss, u ma jwassalx għall-għoti ta' kwalifika formali;

(c) fieri kummerċjali u esibizzjonijiet: persunal li jattendi fiera kummerċjali bil-għan li jippromwovi l-kumpanija tiegħu jew il-prodotti jew is-servizzi tagħha;

(d) bejgħ: rappreżentanti ta' fornitur ta' servizzi jew oġġetti li jieħdu ordnijiet jew li jinnegozjaw il-bejgħ ta' servizzi jew oġġetti jew jidħlu fi ftehimiet biex ibigħu servizzi jew oġġetti għal dak il-fornitur, imma li ma jikkonsenjawx oġġetti jew ifornu servizzi huma stess. Il-viżitaturi professjonali għal żmien qasir ma jinvolvux ruħhom f'bejgħ dirett lill-pubbliku ġenerali;

(e) xiri: xerrejja li jixtru oġġetti jew servizzi għal intrapriża, jew persunal maniġerjali u superviżorju li jinvolvi ruħu fi tranżazzjoni kummerċjali mwettqa fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(f) servizz ta' wara l-bejgħ jew ta' wara l-kiri: installaturi, persunal tat-tiswija u tal-manutenzjoni, u superviżuri, li jkollhom għarfien speċjalizzat essenzjali għal obbligu kuntrattwali ta' bejjiegħ jew ta' lokatur ta' Parti, u li jwettqu servizzi jew iħarrġu ħaddiema biex iwettqu servizzi, skont garanzija jew kuntratt ieħor ta' servizz assoċjat mal-bejgħ jew mal-lokazzjoni ta' tagħmir jew makkinarju kummerċjali jew industrijali, inklużi servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati, mixtrija jew mikrija minn intrapriża li tinsab barra t-territorju tal-Parti l-oħra, matul il-perjodu kollu tal-garanzija jew tal-kuntratt ta' servizz;

(g) tranżazzjonijiet kummerċjali: persunal maniġerjali u superviżorju u persunal tas-servizzi finanzjarji (inklużi assiguraturi, bankiera u sensara tal-investiment) involuti fi tranżazzjoni kummerċjali għal intrapriża li tinsab fit-territorju tal-Parti l-oħra; u

(h) persunal fit-turiżmu: aġenti turistiċi u tal-ivvjaġġar, gwidi turistiċi jew operaturi turistiċi li jattendu jew jipparteċipaw f'konvenzjonijiet.

ANNESS 10-E

FORNITURI TA' SERVIZZI KUNTRATTWALI U PROFESSJONISTI INDIPENDENTI

1. Kull Parti għandha tippermetti l-forniment ta' servizzi fit-territorju tagħha minn fornituri ta' servizzi kuntrattwali jew professjonisti indipendenti tal-Parti l-oħra permezz tal-preżenza ta' persuni fiżiċi, f'konformità mal-Artikolu 10.23 (Fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti), għas-setturi elenkati f'dan l-Anness u soġġett għal-limitazzjonijiet rilevanti.

2. Il-lista ta' hawn taħt tikkonsisti fl-elementi li ġejjin:

(a) l-ewwel kolonna tindika s-settur jew is-sottosettur li għalih il-kategorija ta' fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti hija liberalizzata; u

(b) it-tieni kolonna tiddeskrivi l-limitazzjonijiet applikabbli.

3. Minbarra l-lista ta' impenji f'dan l-Anness, kull Parti tista' tadotta jew iżżomm miżura relatata mar-rekwiżiti ta' kwalifika, il-proċeduri ta' kwalifika, l-istandards tekniċi, ir-rekwiżiti ta' liċenzjar jew il-proċeduri ta' liċenzjar li ma tikkostitwix limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 10.23 (Fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti). Miżura bħal din tista' tinkludi l-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, li jinkiseb rikonoxximent tal-kwalifiki f'settur regolat, li wieħed jgħaddi minn eżami speċifiku bħal eżami tal-lingwa, li jiġi ssodisfat rekwiżit ta' sħubija fi professjoni partikolari bħal sħubija f'organizzazzjoni professjonali jew kwalunkwe rekwiżit ieħor mhux diskriminatorju li ċerti attivitajiet ma jistgħux jitwettqu f'żoni jew arji protetti. Filwaqt li mhumiex elenkati f'dan l-Anness, tali miżuri jibqgħu japplikaw.

4. Il-Partijiet ma jieħdu l-ebda impenn għal fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti f'setturi li mhumiex elenkati.

5. Għal finijiet tal-identifikazzjoni ta' setturi u sottosetturi individwali, "CPC" tfisser il-Klassifikazzjoni Proviżorja Ċentrali tal-Prodotti (Statistical Papers, Series M, No. 77, Department of International Economic and Social Affairs, Statistical Office of the United Nations, New York, 1991.

6. F'setturi fejn jiġu applikati testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi, il-kriterji ewlenin għal dawk it-testijiet se jkunu l-valutazzjoni ta':

(a) għal New Zealand, is-sitwazzjoni tas-suq rilevanti fi New Zealand; u

(b) għall-Unjoni, is-sitwazzjoni tas-suq rilevanti fl-Istat Membru jew fir-reġjun fejn għandu jiġi pprovdut is-servizz, inkluż fir-rigward tal-għadd ta' fornituri ta' servizz li diġà jkunu qed jipprovdu servizz meta ssir il-valutazzjoni, u l-impatt fuqhom.

7. L-iskedi ta' New Zealand u tal-Unjoni fil-paragrafi 14 u 15 japplikaw biss għat-territorji ta' New Zealand u tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 1.4 (Applikazzjoni territorjali) u huma rilevanti biss fil-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni, l-Istati Membri u New Zealand. Huma ma jaffettwawx id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni.

8. Għal aktar ċertezza, għall-Unjoni, l-obbligu li jingħata trattament nazzjonali ma jinvolvix ir-rekwiżit li jiġi estiż għall-persuni ta' New Zealand it-trattament mogħti fi Stat Membru, fl-applikazzjoni tat-TFUE, jew ta' kwalunkwe miżura adottata skont it-TFUE, inkluż l-implimentazzjoni tagħhafl-Istati Membri, lil:

(a) persuni fiżiċi jew residenti ta' Stat Membru ieħor; jew

(b) persuni ġuridiċi kostitwiti jew organizzati skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor jew tal-Unjoni u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni.

9. L-impenji għall-fornituri ta' servizzi kuntrattwali u għall-professjonisti indipendenti ma japplikawx f'każijiet fejn l-intenzjoni jew l-effett tal-preżenza temporanja tagħhom ikun li jinterferixxu ma', jew b'xi mod ieħor jaffettwaw l-eżitu ta', kwalunkwe tilwima jew negozjati ta' xogħol jew ta' ġestjoni.

10. Ir-rekwiżiti l-oħra kollha tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Unjoni u l-Istati Membri rigward il-miżuri tad-dħul, is-soġġorn, ix-xogħol u s-sigurtà soċjali għandhom ikomplu japplikaw, inklużi r-regolamenti dwar il-perjodu ta' soġġorn, il-pagi minimi kif ukoll il-ftehimiet kollettivi dwar il-pagi, anke jekk mhumiex elenkati f'dan l-Anness.

11. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin huma użati fil-lista ta' impenji pprovduta fil-paragrafu 15:

AT L-Awstrija

BE Il-Belġju

BG Il-Bulgarija

CY Ċipru

CZ Iċ-Ċekja

DE Il-Ġermanja

DK Id-Danimarka

EE L-Estonja

EL Il-Greċja

ES Spanja

UE L-Unjoni, inklużi l-Istati Membri

FI Il-Finlandja

FR Franza

HR Il-Kroazja

HU L-Ungerija

IE L-Irlanda

IT L-Italja

LT Il-Litwanja

LU Il-Lussemburgu

LV Il-Latvja

MT Malta

NL In-Netherlands

PL Il-Polonja

PT Il-Portugall

RO Ir-Rumanija

SE L-Iżvezja

SI Is-Slovenja

SK Ir-Repubblika Slovakka

CSS Fornituri ta' servizzi kuntrattwali

PI Professjonisti indipendenti

12. Soġġett għal-lista ta' impenji fil-paragrafi 14 u 15, il-Partijiet jieħdu impenji f'konformità mal-Artikolu 10.23 (Fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti) fir-rigward tal-kategorija ta' fornituri ta' servizzi kuntrattwali fis-setturi u s-sottosetturi li ġejjin:

New Zealand

(a) servizzi ta' konsulenza legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u d-dritt barrani (parti minn CPC 861);

(b) servizzi ta' kontabilità, awditjar u żamma tal-kotba (CPC 862);

(c) servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni (parti minn CPC 863);

(d) servizzi ta' ppjanar urban u servizzi arkitettoniċi tal-pajsaġġ (CPC 8674);

(e) servizzi mediċi u dentali (CPC 9312);

(f) servizzi ta' qwiebel (parti minn CPC 93191);

(g) servizzi pprovduti minn infermiera, fiżjoterapisti, u persunal paramediku (parti minn CPC 93191);

(h) servizzi ta' riċerka u żvilupp (CPC 851-853);

(i) servizzi ta' reklamar (CPC 871);

(j) riċerka tas-suq u stħarriġ tal-opinjoni (CPC 864);

(k) servizzi ta' konsulenza maniġerjali (CPC 865);

(l) servizzi relatati mal-konsulenza maniġerjali (CPC 866);

(m) servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi (CPC 8676);

(n) servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika relatati (CPC 8675);

(o) servizzi ta' estrazzjoni minerarja (konsulenza u konsultazzjoni biss) (parti minn CPC 883, CPC 5115);

(p) servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni (CPC 87905**);

(q) servizzi tat-telekomunikazzjoni (CPC 752);

(r) servizzi postali u ta' kurrier (konsulenza u konsultazzjoni biss) (parti minn CPC 751);

(s) servizzi ta' assigurazzjoni u servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni relatati mal-assigurazzjoni (parti minn CPC 812);

(t) servizzi finanzjarji oħra (servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni) (partijiet minn CPC 8131**, 8133**);

(u) servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni dwar it-trasport (partijiet minn CPC 74490**, 74590**, 74690**); u

(v) servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni dwar il-manifattura (parti minn CPC 884-885).

L-Unjoni

(a) servizzi ta' konsulenza legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi tal-ġuriżdizzjoni domestika;

(b) servizzi ta' kontabilità u ta' żamma tal-kotba;

(c) servizzi ta' konsulenza dwar tassazzjoni;

(d) servizzi arkitettoniċi u ppjanar urban u servizzi ta' arkitettura tal-pajsaġġ;

(e) servizzi ta' inġinerija u servizzi ta' inġinerija integrata;

(f) servizzi mediċi u dentali;

(g) servizzi veterinarji;

(h) servizzi ta' qwiebel;

(i) servizzi pprovduti minn infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku;

(j) servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati;

(k) servizzi ta' riċerka u żvilupp;

(l) servizzi ta' reklamar;

(m) riċerka tas-suq u stħarriġ tal-opinjoni;

(n) servizzi ta' konsulenza maniġerjali;

(o) servizzi relatati mal-konsulenza maniġerjali;

(p) servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi;

(q) servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika relatati;

(r) servizzi ta' estrazzjoni minerarja;

(s) manutenzjoni u tiswija tal-bastimenti;

(t) manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport bil-ferrovija;

(u) manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-mutur, muturi, snowmobiles u tagħmir tat-trasport bit-triq;

(v) manutenzjoni u tiswija ta' inġenji tal-ajru u partijiet tagħhom;

(w) manutenzjoni u tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux tal-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux tat-trasport u mhux tal-uffiċċju) u ta' oġġetti personali u tad-dar;

(x) servizzi ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni;

(y) servizzi tat-telekomunikazzjoni;

(z) servizzi postali u ta' kurrier;

(aa) kostruzzjoni u servizzi ta' inġinerija relatati;

(bb) xogħol ta' investigazzjoni ta' siti;

(cc) servizzi ta' edukazzjoni għolja;

(dd) servizzi relatati mal-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija;

(ee) servizzi ambjentali;

(ff) servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni relatati ma' servizzi ta' assigurazzjoni u relatati mal-assigurazzjoni;

(gg) servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni relatati ma' servizzi finanzjarji oħra;

(hh) servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni dwar it-trasport;

(ii) servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u ta' operaturi turistiċi;

(jj) servizzi ta' gwidi turistiċi; u

(kk) servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni dwar il-manifattura.

IP

13. Soġġett għal-lista ta' impenji fil-paragrafi 14 u 15, il-Partijiet jieħdu impenji f'konformità mal-Artikolu 10.23 (Fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti) fir-rigward tal-kategorija ta' professjonisti indipendenti fis-setturi u s-sottosetturi li ġejjin.

New Zealand:

Fir-rigward biss tas-setturi tas-servizzi stabbiliti fl-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi ta' New Zealand fid-WTO (kif stabbiliti bħalissa fil-GATS/SC/62, fil-GATS/SC/62/Supl.1 u fil-GATS/SC/62/Supl.2) u tas-setturi tas-servizzi addizzjonali li ġejjin:

1. SERVIZZI KUMMERĊJALI

A. Servizzi Professjonali

a. servizzi legali (dritt internazzjonali u barrani);

f. servizzi ta' inġinerija integrata; u

g. konsulenza relatata mal-ippjanar urban u s-servizzi ta' arkitettura tal-pajsaġġ.

B. Servizzi tal-kompjuter u ervizzi relatati

e. manutenzjoni u tiswija ta' makkinarju u tagħmir tal-uffiċċju, inklużi l-kompjuters; u

f. servizzi oħra tal-kompjuter.

F. Servizzi Kummerċjali Oħra

c. servizzi ta' konsulenza maniġerjali;

d. servizzi relatati ma' konsulenza maniġerjali;

f. servizzi inċidentali għat-trobbija tal-annimali;

k. servizzi ta' kollokament u forniment ta' persunal;

p. servizzi fotografiċi;

s. servizzi ta' konvenzjoni; u

t. oħrajn (rappurtar ta' kreditu, servizzi ta' aġenziji tal-ġbir, disinn intern, servizzi ta' tweġib tat-telefon u duplikazzjoni).

5. SERVIZZI EDUKATTIVI

E. Servizzi edukattivi oħra

a. taħriġ lingwistiku pprovdut f'istituzzjonijiet lingwistiċi speċjalizzati privati; u

b. tagħlim fis-suġġetti mgħallma fil-livelli primarji u sekondarji, ipprovdut minn istituzzjonijiet speċjalizzati privati li joperaw barra mis-sistema skolastika obbligatorja ta' New Zealand.

6. SERVIZZI AMBJENTALI

a. immaniġġjar tal-ilma mormi;

b. immaniġġjar tal-iskart;

c. servizzi sanitarji u servizzi simili;

d. protezzjoni tal-arja ambjentali u l-klima: konsulenza biss;

e. tnaqqis tal-istorbju u l-vibrazzjonijiet: konsulenza biss; u

f. protezzjoni tal-bijodiversità u l-pajsaġġ: konsulenza biss.

G. Servizzi ambjentali u anċillari oħra: konsulenza biss.

L-Unjoni

(a) servizzi ta' konsulenza legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi tal-ġuriżdizzjoni domestika;

(b) servizzi arkitettoniċi u ppjanar urban u servizzi ta' arkitettura tal-pajsaġġ;

(c) servizzi ta' inġinerija u servizzi ta' inġinerija integrata;

(d) servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati;

(e) servizzi ta' riċerka u żvilupp;

(f) riċerka tas-suq u stħarriġ tal-opinjoni;

(g) servizzi ta' konsulenza maniġerjali;

(h) servizzi relatati mal-konsulenza maniġerjali;

(i) servizzi ta' estrazzjoni minerarja;

(j) servizzi ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni;

(k) servizzi tat-telekomunikazzjoni;

(l) servizzi postali u ta' kurrier;

(m) servizzi ta' edukazzjoni għolja;

(n) servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni relatati ma'servizzi relatati mal-assigurazzjoni;

(o) servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni relatati ma' servizzi finanzjarji oħra;

(p) servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni dwar it-trasport; u

(q) servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni dwar il-manifattura.

14. L-impenji ta' New Zealand huma:

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tal-impenji
Is-setturi kollha	Fornitur ta' servizzi kuntrattwali jrid jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin: (a) soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi; (b) fornitur ta' servizzi kuntrattwali li jidħol fi New Zealand irid ikollu kuntratt ta' impjieg validu ma' persuna ġuridika ta' Parti u jirċievi ħlas, waqt li jkun fi New Zealand, li jkun mill-anqas ekwivalenti għal dak li ħaddiem komparabbli ta' New Zealand li jipprovdi servizzi fl-istess qasam jew f'qasam simili jkun mistenni li jirċievi; (c) fornitur ta' servizzi kuntrattwali jrid jiġi impjegat b'kondizzjonijiet li jkunu ekwivalenti għall-istandards minimi ta' impjieg ta' New Zealand; u (d) l-għadd ta' persuni koperti mill-kuntratt ta' servizzi ta' fornitur ta' servizzi kuntrattwali ma għandux ikun akbar milli meħtieġ biex jiġu pprovduti s-servizzi kif stipulat fil-kuntratt. Professjonist indipendenti jrid jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin: (a) soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi; (b) kwalifika f'livell terzjarju li tirriżulta minn tal-anqas tliet snin ta' edukazzjoni post-sekondarja formali, rikonoxxuta bħala komparabbli mal-istandard domestiku fi New Zealand fil-qasam li fih il-professjonist indipendenti jkun jixtieq jipprovdi s-servizzi professjonali tiegħu ([1]).

([1]) Għal aktar ċertezza, dawn il-kwalifiki jridu jiġu rikonoxxuti mill-awtorità xierqa ta' New Zealand fejn skont il-liġi ta' New Zealand tali rikonoxximent ikun kundizzjoni tal-forniment ta' dak is-servizz fi New Zealand.

15. L-impenji tal-Unjoni huma:

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tal-impenji
Is-setturi kollha	CSS: UE: CSS irid jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin: (a) il-persuna fiżika trid tkun involuta fil-forniment ta' servizz bħala impjegata ta' persuna ġuridika, li tkun kisbet kuntratt ta' servizz li ma jaqbiżx it-12-il xahar; (b) il-persuna fiżika jrid ikollha, fid-data tal-applikazzjoni għad-dħul u s-soġġorn temporanju, mill-anqas tliet snin ta' esperjenza professjonali fis-settur tal-attività li jkun is-suġġett tal-kuntratt ([1]); (c) il-persuna fiżika jrid ikollha lawrja universitarja jew kwalifika li turi għarfien ta' livell ekwivalenti ([2]); u

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tal-impenji
	(d) l-għadd ta' persuni koperti mill-kuntratt ta' servizz ma għandux ikun akbar milli meħtieġ biex jitwettaq il-kuntratt, kif jista' jkun mitlub mil-liġi tal-Parti fejn jiġi pprovdut is-servizz. PI: UE: L-għadd ta' persuni koperti minn kuntratt ta' servizz ma għandux ikun akbar milli meħtieġ biex jitwettaq il-kuntratt, kif jista' jkun mitlub mil-liġi tal-Parti fejn jiġi pprovdut is-servizz. CSS u PI: Fl-AT: Is-soġġorn massimu għandu jkun għal perjodu kumulattiv ta' mhux aktar minn sitt xhur fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar jew għad-durata tal-kuntratt, skont liema jkun l-anqas. Fiċ-CZ: Is-soġġorn massimu għandu jkun għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il xahar konsekuttivi jew għad-durata tal-kuntratt, skont liema minnhom ikun l-anqas.
Servizzi legali għal pariri legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi tal-ġuriżdizzjoni domestika (parti minn CPC 861)	CSS: Fl-AT, BE, CY, DE, EE, EL, ES, FR, HR, IE, IT, LU, NL, PL, PT, SE: Xejn. Fil-BG, CZ, DK, FI, HU, LT, LV, MT, RO, SI, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. PI: Fl-AT, CY, DE, EE, FR, HR, IE, LU, LV, NL, PL, PT, SE: Xejn. Fil-BE, BG, CZ, DK, EL, ES, FI, HU, IT, LT, MT, RO, SI, SK: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Servizzi ta' kontabilità u ta' żamma tal-kotba (CPC 86212 għajr "servizzi ta' awditjar", 86213, 86219 u 86220)	CSS: Fl-AT, BE, DE, EE, ES, HR, IE, IT, LU, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fil-BG, CZ, CY, DK, EL, FI, FR, HU, LT, LV, MT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni (CPC 863) ([3])	CSS: Fl-AT, BE, DE, EE, ES, FR, HR, IE, IT, LU, NL, PL, SI, SE: Xejn. Fil-BG, CZ, CY, DK, EL, FI, HU, LT, LV, MT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-PT: Mingħajr restrizzjonijiet. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tal-impenji
Servizzi ta' arkitettura u Servizzi ta' ppjanar urban u ta' arkitettura tal-pajsaġġ (CPC 8671 u 8674)	CSS: Fil-BE, CY, EE, ES, EL, FR, HR, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fil-FI: Xejn, ħlief: Il-persuna fiżika trid turi li għandha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut. Fil-BG, CZ, DE, HU, LT, LV, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. Fl-AT: Servizzi ta' ppjanar biss, fejn: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. PI: F'CY, DE, EE, EL, FR, HR, IE, LU, LV, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fil-FI: Xejn, ħlief: Il-persuna fiżika trid turi li għandha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut. Fil-BE, BG, CZ, DK, ES, HU, IT, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fl-AT: Servizzi ta' ppjanar biss, fejn: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Servizzi ta' inġinerija u Servizzi ta' inġinerija integrata (CPC 8672 u 8673)	CSS: Fil-BE, CY, EE, ES, EL, FR, HR, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fil-FI: Xejn, ħlief: Il-persuna fiżika trid turi li għandha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut. Fil-BG, CZ, DE, HU, LT, LV, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. Fl-AT: Servizzi ta' ppjanar biss, fejn: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. PI: F'CY, DE, EE, EL, FR, HR, IE, LU, LV, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fil-FI: Xejn, ħlief: Il-persuna fiżika trid turi li għandha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut. Fil-BE, BG, CZ, DK, ES, HU, IT, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fl-AT: Servizzi ta' ppjanar biss, fejn: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tal-impenji
Servizzi mediċi (inklużi psikologi) u dentali (CPC 9312 u parti minn 85201)	CSS: Fl-SE: Xejn. F'CY, CZ, DE, DK, EE, ES, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SI: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fi FR: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għall-psikologi, fejn: Mingħajr restrizzjonijiet. Fl-AT: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għas-servizzi ta' psikologi u dentali, fejn: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-BE, BG, EL, FI, HR, HU, LT, LV, SK: Mingħajr restrizzjonijiet. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi veterinarji (CPC 932)	CSS: Fl-SE: Xejn. F'CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SI: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. F'AT, BE, BG, HR, HU, LV, SK: Mingħajr restrizzjonijiet. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi tal-qwiebel (parti minn CPC 93191)	CSS: Fl-IE, SE: Xejn. Fl-AT, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FR, IT, LT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SI: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-BE, BG, FI, HR, HU, SK: Mingħajr restrizzjonijiet. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi pprovduti minn infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku (parti minn CPC 93191)	CSS: Fl-IE, SE: Xejn. Fl-AT, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FR, IT, LT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SI: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-BE, BG, FI, HR, HU, SK: Mingħajr restrizzjonijiet. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tal-impenji
Servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati (CPC 84)	CSS: Fil-BE, DE, EE, EL, ES, FR, HR, IE, IT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fil-FI: Xejn, ħlief: Il-persuna fiżika trid turi li għandha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut. Fl-AT, BG, CZ, CY, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi ħlief għal soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. PI: Fil-DE, EE, EL, FR, IE, LU, LV, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fil-FI: Xejn, ħlief: Il-persuna fiżika trid turi li għandha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut. Fl-AT, BE, BG, CZ, CY, DK, ES, HU, IT, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-HR: Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi ta' riċerka u żvilupp (CPC 851, 852 minbarra s-servizzi ta' psikologi ([4]), u 853)	CSS: UE ħlief fin-NL, SE: Huwa meħtieġ ftehim ta' ospitar ma' organizzazzjoni tar-riċerka approvata ([5]). UE ħlief fiċ-CZ, DK, SK: Xejn Fiċ-CZ, DK, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. PI: UE ħlief fin-NL, SE: Huwa meħtieġ ftehim ta' ospitar ma' organizzazzjoni tar-riċerka approvata ([6]). UE ħlief fil-BE, CZ, DK, IT, SK: Xejn Fil-BE, CZ, DK, IT, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Servizzi ta' reklamar (CPC 871)	CSS: Fil-BE, DE, EE, ES, FR, HR, IE, IT, LU, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ, CY, DK, EL, FI, HU, LT, LV, MT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief NL. Fin-NL: Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tal-impenji
Servizzi ta' riċerka tas-suq u stħarriġ tal-opinjoni (CPC 864)	CSS: Fil-BE, DE, EE, ES, FR, IE, IT, LU, NL, PL, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ, CY, DK, EL, FI, HR, LV, MT, RO, SI, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-PT: Xejn, ħlief għas-servizzi ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika (CPC 86402), fejn: Mingħajr restrizzjonijiet. Fl-HU, LT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għas-servizzi ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika (CPC 86402), fejn: Mingħajr restrizzjonijiet. PI: Fil-DE, EE, FR, IE, LU, NL, PL, SE: Xejn. Fl-AT, BE, BG, CZ, CY, DK, EL, ES, FI, HR, IT, LV, MT, RO, SI, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-PT: Xejn, ħlief għas-servizzi ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika (CPC 86402), fejn: Mingħajr restrizzjonijiet. Fl-HU, LT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għas-servizzi ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika (CPC 86402), fejn: Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi ta' konsulenza maniġerjali (CPC 865)	CSS: Fil-BE, DE, EE, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ, CY, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. PI: F'CY, DE, EE, EL, FI, FR, IE, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BE, BG, CZ, DK, ES, HR, HU, IT, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
servizzi relatati mal-konsulenza maniġerjali (CPC 866)	CSS: Fil-BE, DE, EE, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ, CY, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. Fl-HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għas-servizzi ta' arbitraġġ u konċiljazzjoni (CPC 86602), fejn: Mingħajr restrizzjonijiet. PI: F'CY, DE, EE, EL, FI, FR, IE, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BE, BG, CZ, DK, ES, HR, IT, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fl-HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għas-servizzi ta' arbitraġġ u konċiljazzjoni (CPC 86602), fejn: Mingħajr restrizzjonijiet.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tal-impenji
Servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi (CPC 8676)	CSS: Fil-BE, DE, EE, EL, ES, FR, HR, IE, IT, LU, NL, PL, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ, CY, FI, HU, LT, LV, MT, PT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief NL. Fin-NL: Xejn.
Servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika relatati (CPC 8675)	CSS: Fil-BE, EE, EL, ES, HR, IE, IT, LU, NL, PL, SI, SE: Xejn. Fl-AT, CZ,CY, DE, DK, FI, HU, LT, LV, MT, PT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-DE: Xejn, ħlief għal servejers maħtura pubblikament, fejn: Mingħajr restrizzjonijiet. Fi FR: Xejn, ħlief għal operazzjonijiet ta' "stħarriġ" relatati mal-istabbiliment ta' drittijiet tal-proprjetà u l-liġi tal-artijiet, fejn: Mingħajr restrizzjonijiet. Fil-BG: Mingħajr restrizzjonijiet. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief NL. Fin-NL: Xejn.
Estrazzjoni minerarja (CPC 883, servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	CSS: Fil-BE, DE, EE, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ,CY, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. PI: Fil-DE, EE, EL, FI, FR, HR, IE, LV, LU, MT, NL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BE, BG, CZ, CY, DK, ES, HU, IT, LT, PL, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti (parti minn CPC 8868)	CSS: Fil-BE, EE, EL, ES, FR, HR, IT, LV, LU, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ, CY, DE, DK, FI, HU, IE, LT, MT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief NL. Fin-NL: Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tal-impenji
Manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport bil-ferrovija (parti minn CPC 8868)	CSS: Fil-BE, EE, EL, ES, FR, HR, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ, CY, DE, DK, FI, HU, IE, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief NL. Fin-NL: Xejn.
Manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-mutur, muturi, snowmobiles u tagħmir tat-trasport bit-triq (CPC 6112, 6122, parti minn 8867 u parti minn 8868)	CSS: Fil-BE, EE, EL, ES, FR, HR, IT, LV, LU, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ, CY, DE, DK, FI, HU, IE, LT, MT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief NL. Fin-NL: Xejn.
Manutenzjoni u tiswija ta' inġenji tal-ajru u partijiet tagħhom (parti minn CPC 8868)	CSS: Fil-BE, EE, EL, ES, FR, HR, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ, CY, DE, DK, FI, HU, IE, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief NL. Fin-NL: Xejn.
Manutenzjoni u tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux tal-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux tat-trasport u mhux tal-uffiċċju) u ta' oġġetti personali u tad-dar (7) (CPC 633, 7545, 8861, 8862, 8864, 8865 u 8866)	CSS: Fil-BE, EE, EL, ES, FR, HR, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ, CY, DE, DK, HU, IE, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-FI: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief fil-kuntest ta' kuntratt ta' wara l-bejgħ jew ta' wara l-kiri; fejn: it-tul tas-soġġorn ikun limitat għal sitt xhur; għal manutenzjoni u tiswija ta' prodotti personali u tad-dar (CPC 633): Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief NL. Fin-NL: Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tal-impenji
Servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni (CPC 87905, għajr attivitajiet uffiċjali jew ċertifikati)	CSS: Fil-BE, CY, DE, EE, EL, ES, FR, HR, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ, DK, FI, HU, IE, LT, LV, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. PI: F'CY, DE, EE, FR, LU, LV, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BE, BG, CZ, DK, EL, ES, FI, HU, IE, IT, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-HR: Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi tat-telekomunikazzjoni (CPC 7544, servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	CSS: Fil-BE, DE, EE, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ, CY, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. PI: Fil-DE, EE, EL, FI, FR, HR, IE, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BE, BG, CZ, CY, DK, ES, HU, IT, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Servizzi postali u ta' kurrier (CPC 751, servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	CSS: Fil-BE, DE, EE, EL, ES, FR, HR, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ, CY, FI, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. PI: Fil-DE, EE, EL, FR, HR, IE, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BE, BG, CZ, CY, DK, ES, FI, HU, IT, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
Kostruzzjoni u servizzi ta' inġinerija relatati (CPC 511, 512, 513, 514, 515, 516, 517 u 518. BG: CPC 512, 5131, 5132, 5135, 514, 5161, 5162, 51641, 51643, 51644, 5165 u 517)	CSS: UE: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief fil-BE, CZ, DK, ES, NL u SE. Fil-BE, DK, ES, NL, SE: Xejn. Fiċ-CZ: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief NL. Fin-NL: Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tal-impenji
Xogħol ta' investigazzjoni ta' siti (CPC 5111)	CSS: Fil-BE, DE, EE, EL, ES, FR, HR, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ,CY, FI, HU, LT, LV, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi ta' edukazzjoni għolja (CPC 923)	CSS: UE ħlief fin-LU, SE: Mingħajr restrizzjonijiet. Fil-LU: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għall-professuri tal-università, fejn: Xejn. Fl-SE: Xejn, ħlief għal fornituri ta' servizzi edukattivi ffinanzjati pubblikament u ffinanzjati mill-privat b'xi forma ta' appoġġ mill-Istat, fejn: Mingħajr restrizzjonijiet. PI: UE ħlief fl-SE: Mingħajr restrizzjonijiet. Fl-SE: Xejn, ħlief għal fornituri ta' servizzi edukattivi ffinanzjati pubblikament u ffinanzjati mill-privat b'xi forma ta' appoġġ mill-Istat, fejn: Mingħajr restrizzjonijiet.
Agrikoltura, kaċċa u forestrija (CPC 881, servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	CSS: UE ħlief fil-BE, DE, DK, ES, FI, HR u SE: Mingħajr restrizzjonijiet. Fil-BE, DE, ES, HR, SE: Xejn. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-FI: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għal servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni relatati mal-forestrija, fejn: Xejn. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi ambjentali (CPC 9401, 9402, 9403, 9404, parti minn 94060, 9405, parti minn 9406 u 9409)	CSS: Fil-BE, EE, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ, CY, DE, DK, EL, HU, LT, LV, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tal-impenji
Servizzi ta' assigurazzjoni u relatati mal-assigurazzjoni (servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	CSS: Fil-BE, DE, EE, EL, ES, FR, HR, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ,CY, FI, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi ħlief għal soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. Fl-HU: Mingħajr restrizzjonijiet. PI: Fil-DE, EE, EL, FR, HR, IE, LV, LU, MT, NL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BE, BG, CZ, CY, DK, ES, FI, IT, LT, PL, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fl-HU: Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi finanzjarji oħra (servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	CSS: Fil-BE, DE, ES, EE, EL, FR, HR, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ, CY, FI, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. Fl-HU: Mingħajr restrizzjonijiet. PI: Fil-DE, EE, EL, FR, HR, IE, LV, LU, MT, NL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BE, BG, CZ, CY, DK, ES, FI, IT, LT, PL, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fl-HU: Mingħajr restrizzjonijiet.
Trasport (CPC 71, 72, 73, u 74, servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	CSS: Fil-DE, EE, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ, CY, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. Fil-BE: Mingħajr restrizzjonijiet. PI: F'CY, DE, EE, EL, FI, FR, HR, IE, LV, LU, MT, NL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ, DK, ES, HU, IT, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-PL: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għat-trasport bl-ajru, fejn: Xejn. Fil-BE: Mingħajr restrizzjonijiet.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tal-impenji
Servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u operaturi turistiċi (inklużi l-maniġers tal-vjaġġi ([8])) (CPC 7471)	CSS: Fl-AT, CY, CZ, DE, EE, ES, FR, HR, IT, LU, NL, PL, SI, SE: Xejn. Fil-BG, EL, FI, HU, LT, LV, MT, PT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. Fil-BE, IE: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għall-maniġers tal-vjaġġi, fejn: Xejn. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet.
Servizzi ta' gwidi turistiċi (CPC 7472)	CSS: Fin-NL, PT, SE: Xejn. Fl-AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LV, LU, MT, RO, SK, SI: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fi ES, HR, LT, PL: Mingħajr restrizzjonijiet. PI: UE: Mingħajr restrizzjonijiet.
Manifattura (CPC 884, u 885, servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni biss)	CSS: Fil-BE, DE, EE, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BG, CZ, CY, HU, LT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. PI: Fil-DE, EE, EL, FI, FR, HR, IE, LV, LU, MT, NL, PT, SI, SE: Xejn. Fl-AT, BE, BG, CZ, CY, DK, ES, HU, IT, LT, PL, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

([1]) Miksuba wara li tkun laħqet l-età maġġuri.

([2]) Fejn il-lawrja jew il-kwalifika ma tkunx inkisbet fil-Parti fejn jiġi pprovdut is-servizz, dik il-Parti tista' tevalwa jekk tali lawrja jew kwalifika tkunx ekwivalenti għal lawrja universitarja meħtieġa fit-territorju tagħha.

([3]) Din ma tinkludix il-pariri legali u r-rappreżentanza legali dwar kwistjonijiet ta' taxxa, li hija koperta taħt servizzi legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi tal-ġuriżdizzjoni domestika.

([4]) Parti minn CPC 85201, li taqa' taħt servizzi mediċi u dentali.

([5]) Għall-Istati Membri kollha ħlief id-DK, l-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tar-riċerka u l-ftehim ta' ospitar iridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti skont id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (ĠU EU L 132, 21.5.2016, p. 21).

([6]) Għall-Istati Membri kollha ħlief id-DK, l-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tar-riċerka u l-ftehim ta' ospitar iridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti skont id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (ĠU EU L 132, 21.5.2016, p. 21)..

([7]) Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' makkinarju u tagħmir tal-uffiċċju inkluż il-kompjuters (CPC 845) jaqgħu taħt servizzi tal-kompjuter.

([8]) Forniturі ta' servizzi li l-funzjoni tagħhom hija li jakkumpanjaw grupp turisitiku ta' minimu ta' 10 persuni fiżiċi, mingħajr ma jaġixxu bħala gwidi f'postijiet speċifiċi.

ANNESS 10-F

MOVIMENT TA' PERSUNI FIŻIĊI GĦAL SKOPIJIET PROFESSJONALI ([1])

Artikolu 1

Impenji proċedurali relatati mad-dħul u s-soġġorn temporanju

Kull Parti għandha tiżgura li l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn temporanju skont l-impenji rispettivi tagħhom f'dan il-Ftehim isegwi prattika amministrattiva tajba. Għal dak il-għan:

(a) kull Parti għandha tiżgura li:

(i) it-tariffi imposti mill-awtoritajiet kompetenti tagħha għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn temporanju ma jfixklux jew idewmu bla bżonn il-kummerċ ta' oġġetti jew servizzi, jew l-istabbiliment jew l-operat, skont dan il-Ftehim;

(ii) l-applikazzjonijiet kompluti għall-għoti ta' dħul u soġġorn temporanju jiġu pproċessati malajr kemm jista' jkun;

(iii) l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu ħilithom biex jipprovdu, mingħajr dewmien żejjed, informazzjoni bi tweġiba għal kwalunkwe talba raġonevoli minn applikant dwar l-istatus ta' applikazzjoni;

(iv) jekk l-awtoritajiet kompetenti tagħha jkunu jeħtieġu informazzjoni addizzjonali mill-applikant sabiex jipproċessaw applikazzjoni, huma jagħmlu ħilithom biex jinnotifikaw lill-applikant mingħajr dewmien żejjed;

(v) l-awtoritajiet kompetenti tagħha jinnotifikaw applikant bl-eżitu tal-applikazzjoni tiegħu minnufih wara li tkun ittieħdet deċiżjoni;

(vi) jekk applikazzjoni tiġi approvata, l-awtoritajiet kompetenti tagħha jinnotifikaw lill-applikant dwar il-perjodu ta' soġġorn u termini u kundizzjonijiet rilevanti oħra;

(vii) jekk applikazzjoni tiġi miċħuda, l-awtoritajiet kompetenti tagħha, fuq talba jew fuq inizjattiva proprja, jagħmlu disponibbli lill-applikant informazzjoni dwar kwalunkwe proċedura ta' appell jew rieżami disponibbli; u

(viii) hija tagħmel ħilitha biex taċċetta u tipproċessa applikazzjonijiet f'format elettroniku; u

(b) soġġett għad-diskrezzjoni tal-awtoritajiet kompetenti ta' Parti, id-dokumenti meħtieġa mill-applikanti għal applikazzjoni għall-għoti ta' dħul u soġġorn temporanju ta' viżitaturi għal żmien qasir għal skopijiet professjonali għandhom ikunu proporzjonati mal-għan li għalih jingħabru.

Artikolu 2

Impenji proċedurali addizzjonali li japplikaw għal ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali ([2])

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jadottaw deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għad-dħul jew is-soġġorn temporanju ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali, jew it-tiġdid tagħha, u tinnotifika bil-miktub d-deċiżjoni lill-applikant, f'konformità mal-proċeduri ta' notifika skont il-liġi tagħha, malajr kemm jista' jkun iżda:

(a) fil-każ tal-Unjoni, mhux aktar tard minn 90 jum wara d-data li fiha tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni kompluta; u

([1]) Id-definizzjonijiet previsti fl-Artikolu 10.3 (Definizzjonijiet) u fl-Artikolu 10.20(3) (Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet) japplikaw għal dan l-Anness.

([2]) Il-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu ma japplikawx għall-Istati Membri li mhumiex soġġetti għad-Direttiva 2014/66/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiż terz fil-qafas ta' trasferiment intra-azjendali, (ĠU L 157, 27.5.2014, p. 1).

(b) fil-każ ta' New Zealand:

(i) fi żmien 15-il jum tax-xogħol wara li tasal applikazzjoni kompluta u ppreżentata f'konformità mal-liġi tagħha; jew

(ii) jekk ma tkunx tista' tittieħed deċiżjoni f'dak il-perjodu ta' żmien, tipprovdi perjodu ta' żmien indikattiv li fih tkun se tittieħed id-deċiżjoni.

2. Kull Parti għandha tiżgura li, jekk l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni mogħtija b'appoġġ għal applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-awtoritajiet kompetenti tagħha jagħmlu ħilithom biex jinnotifikaw lill-applikant fi żmien raġonevoli bl-informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa u jistabbilixxu skadenza raġonevoli biex din tiġi pprovduta. Il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi sospiż sakemm l-awtoritajiet kompetenti jkunu rċevew l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa.

3. L-Unjoni għandha testendi għall-membri tal-familja ta' persuni fiżiċi ta' New Zealand, li jkunu ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali lejn l-Unjoni, id-dritt ta' dħul u soġġorn temporanju mogħti lil membri tal-familja ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2014/66/UE.

4. New Zealand għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju tas-sieħeb u ta' kwalunkwe wild dipendenti li jakkumpanja ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali tal-Unjoni li jkun ingħata dħul u soġġorn temporanju. Il-perjodu ta' soġġorn temporanju għal dak is-sieħeb u, fejn rilevanti, l-ulied dipendenti, għandu jkun l-istess bħal dak mogħti lill-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "sieħeb" tfisser kwalunkwe konjuġi jew sieħeb ċivili ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali mill-Unjoni, inkluż bi żwieġ, unjoni ċivili, jew unjoni jew sħubija ekwivalenti, rikonoxxuta bħala tali f'konformità mal-liġi ta' New Zealand. Għal aktar ċertezza, dan jinkludi kwalunkwe sieħeb mhux miżżewweġ jew tal-istess sess tal-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali; u

(b) "ulied dipendenti" tfisser ulied taħt l-età ta' 20 sena li jkunu dipendenti fuq il-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali u li jkunu rikonoxxuti bħala ulied dipendenti f'konformità mal-liġi ta' New Zealand fejn:

(i) il-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali jkollu d-dritt legali li jneħħihom mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom; jew

(ii) iż-żewġ ġenituri tal-ulied ikunu se jingħataw dħul u soġġorn temporanju f'konformità ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 3

Kooperazzjoni dwar ir-ritorn u r-riammissjoni

Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-moviment imsaħħaħ ta' persuni fiżiċi li jirriżulta mill-Artikoli 1 u 2 jeħtieġ kooperazzjoni sħiħa dwar ir-ritorn u r-riammissjoni ta' persuni fiżiċi li ma jissodisfawx jew li ma jkunux għadhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet għad-dħul, il-preżenza jew ir-residenza fit-territorju tal-Parti l-oħra.

ANNESS 13

LISTI TA' OĠĠETTI TAL-ENERĠIJA, IDROKARBURI U MATERJA PRIMA

LISTA TA' OĠĠETTI TAL-ENERĠIJA SKONT IL-KODIĊI SA

karburanti solidi (kodiċijiet SA 27.01, 27.02 u 27.04)

żejt mhux raffinat (kodiċi SA 27.09)

prodotti taż-żejt (kodiċijiet SA 27.10, 27.13 – 27.15)

gass naturali kemm jekk likwifikat kif ukoll jekk le (kodiċi SA 27.11)

enerġija elettrika (kodiċi SA 27.16)

bijogass (kodiċi SA 38.25)

LISTA TA' IDROKARBURI SKONT IL-KODIĊI SA

żejt mhux raffinat (kodiċi SA 27.09)

gass naturali (kodiċi SA 27.11)

LISTA TA' MATERJA PRIMA SKONT IL-KODIĊI SA

Kapitolu ([1])	Intestatura
25	Melħ; kubrit; trabijiet u ħaġar; materjali tat-tikħil, ġir u siment
26	Minerali (ores), gagazza u rmied (minbarra l-uranju u t-torju (kodiċi SA 26.12)
27	Karburanti minerali, żjut minerali u prodotti tad-distillazzjoni tagħhom; sustanzi bituminużi; xemgħat minerali
28	Kimiċi inorganiċi; komposti organiċi jew inorganiċi ta' metalli prezzjużi, ta' elementi kimiċi metalliċi rari (rare-earth metals), ta' elementi radjuattivi jew ta' isotopi
29	Kimiċi organiċi
31	Fertilizzanti
71	Perli naturali jew kultivati, ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż, metalli prezzjużi, metalli miksijin b'metall prezzjuż, u oġġetti tagħhom (minbarra l-greenstone (kodiċi SA 71.03))
72	Ħadid u azzar
74	Ram u oġġetti tiegħu
75	Nikil u oġġetti tiegħu
76	Aluminju u oġġetti tiegħu
78	Ċomb u oġġetti tiegħu
79	Żingu u oġġetti tiegħu
80	Landa u oġġetti tagħha
81	Metalli oħrajn ta' valur baxx; ċermiti; oġġetti tagħhom

([1]) Tinkludi l-prodotti kollha mhux ipproċessati u semiproċessati koperti f'dawn il-kapitoli.

ANNESS 14

IMPENJI TA' AĊĊESS GĦAS-SUQ TAL-AKKWIST PUBBLIKU

TAQSIMA A

Skeda tal-Unjoni Ewropea

L-aċċess għas-suq mogħti lill-fornituri u lill-fornituri ta' servizzi minn New Zealand flimkien mal-aċċess għas-suq diġà kopert mill-GPA jinkludi dan li ġej:

1. l-akkwist mill-awtoritajiet kontraenti tal-gvern ċentrali tal-Istati Membri elenkati fl-Anness 1 tal-Appendiċi I tal-GPA tal-Unjoni li ġew immarkati b'asterisk u b'asterisk doppju;

2. l-akkwist minn awtoritajiet kontraenti reġjonali ([1]) tal-Istati Membri;

3. l-akkwist minn entitajiet akkwirenti li joperaw fil-qasam tal-faċilitajiet ta' ajruport koperti taħt l-Anness 3 tal-Appendiċi I tal-Unjoni tal-GPA; u

4. l-akkwist minn entitajiet akkwirenti li joperaw fil-qasam tal-forniment ta' port marittimu jew intern jew faċilitajiet oħra ta' terminal koperti taħt l-Anness 3 tal-Appendiċi I tal-Unjoni tal-GPA.

Fir-rigward tal-paragrafi 1, 3 u 4 ta' dan l-Anness, dawn l-impenji jkopru l-akkwist ta' oġġetti, servizzi u servizzi ta' kostruzzjoni kif stabbilit fl-Annessi 4, 5 u 6 tal-Appendiċi I tal-Unjoni tal-GPA.

L-impenn skont il-paragrafu 2 huwa ristrett għall-akkwist ta' oġġetti relatati mas-saħħa kif definit fl-Unjoni mill-Kodiċijiet ta' Vokabolarju Komuni tal-Akkwist (CPV) ([2]) li jibdew b'244 u 331.

Il-limiti applikabbli huma:

Fir-rigward tal-punt 1:	Oġġetti u servizzi: SDR 130 000
	Servizzi tal-kostruzzjoni SDR 5 000 000
Fir-rigward tal-punt 2:	SDR 200 000
Fir-rigward tal-punt 3 u 4:	Oġġetti u servizzi: SDR 400 000
	Servizzi tal-kostruzzjoni SDR 5 000 000

([1]) Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "Awtoritajiet kontraenti reġjonali" għandha tinftiehem bħala l-awtoritajiet kontraenti tal-unitajiet amministrattivi li jaqgħu taħt NUTS 1 u 2, kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), ĠU L 154, 21.06.2003, p. 1, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-22 ta' Ottubru 2008 li jadatta numru ta' strumenti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, fir-rigward tal-proċedura regolatorja bi skrutinju Adattament għall-proċedura regolatorja bi skrutinju — L-Ewwel Parti (ĠU L 311, 21.11.2008, p. 1).

([2]) Cf. Ir-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 dwar il-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist (CPV) (ĠU L UE L 340, 16.12. 2002).

TAQSIMA B

Skeda ta' New Zealand

SUBTAQSIMA 1

Entitajiet tal-gvern ċentrali

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) ikopri l-akkwist mill-entitajiet elenkati f'din it-Taqsima, soġġett għal-limiti li ġejjin:

Oġġetti: SDR 130 000

Servizzi: SDR 130 000

Servizzi ta' Kostruzzjoni: SDR 5 000 000

Lista ta' entitajiet:

1. Il-Ministeru għall-Industriji Primarji;
2. Id-Dipartiment tal-Konservazzjoni;
3. Id-Dipartiment tal-Korrezzjonijiet;
4. Il-Crown Law Office;
5. Il-Ministeru tan-Negozju, l-Innovazzjoni u l-Impjiegi;
6. Il-Ministeru għall-Kultura u l-Wirt;
7. Il-Ministeru tad-Difiża;
8. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni;
9. L-Uffiċċju ta' Rieżami tal-Edukazzjoni;
10. Il-Ministeru għall-Ambjent;
11. Il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ;
12. L-Uffiċċju tas-Sigurtà tal-Komunikazzjonijiet tal-Gvern;
13. Il-Ministeru tas-Saħħa;
14. Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni;
15. Id-Dipartiment tal-Affarijiet Interni;
16. Il-Ministeru tal-Ġustizzja;
17. Land Information New Zealand;
18. Te Puni Kōkiri - Il-Ministeru tal-Iżvilupp Māori;
19. Is-Servizz Doganali ta' New Zealand;
20. Il-Ministeru għall-Popli tal-Paċifiku;
21. Id-Dipartiment tal-Prim Ministru u l-Kabinett;
22. L-Uffiċċju għall-Frodi Serju;
23. Il-Ministeru tal-Iżvilupp Soċjali;
24. Il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku;
25. Statistics New Zealand;
26. Il-Ministeru tat-Trasport;
27. It-Teżor;

28. Oranga Tamariki – Il-Ministeru għat-Tfal;

29. Il-Ministeru għan-Nisa;

30. New Zealand Defence Force;

31. New Zealand Police;

32. Il-Ministeru tad-Djar u l-Iżvilupp Urban;

33. Pike River Recovery Agency.

Nota għas-Subtaqsima 1

L-aġenziji kollha subordinati għall-entitajiet tal-gvern ċentrali elenkati hawn fuq huma koperti.

SUBTAQSIMA 2

Entitajiet tal-gvern subċentrali

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) ikopri l-akkwist mill-entitajiet elenkati f'din is-Subtaqsima, soġġett għal-limiti li ġejjin:

Oġġetti: SDR 200 000

Servizzi: SDR 200 000

Servizzi ta' Kostruzzjoni: SDR 5 000 000

Lista ta' entitajiet:

1. Health New Zealand (Nota 1);

2. Il-Kunsill ta' Auckland (Nota 2);

3. Il-Kunsill tal-Belt ta' Wellington (Nota 2);

4. Il-Kunsill tal-Belt ta' Christchurch (Nota 2);

5. Il-Kunsill Reġjonali ta' Waikato (Nota 2);

6. Il-Kunsill Reġjonali ta' Bay of Plenty (Nota 2);

7. Il-Kunsill Reġjonali ta' Greater Wellington (Nota 2);

8. Il-Kunsill Reġjonali ta' Canterbury (Nota 2);

9. Il-Kunsill Distrettwali ta' Carterton (Nota 2);

10. Il-Kunsill Distrettwali ta' Central Hawke's Bay (Nota 2);

11. Il-Kunsill Distrettwali tal-Far North (Nota 2);

12. Il-Kunsill Distrettwali ta' Gisborne (Nota 2);

13. Il-Kunsill tal-Belt ta' Hamilton (Nota 2);

14. Il-Kunsill Distrettwali ta' Hastings (Nota 2);

15. Il-Kunsill Distrettwali ta' Hauraki (Nota 2);

16. Il-Kunsill Reġjonali ta' Hawke's Bay (Nota 2);

17. Il-Kunsill Reġjonali ta' Horizons (Nota 2);

18. Il-Kunsill Distrettwali ta' Horowhenua (Nota 2);
19. Il-Kunsill tal-Belt ta' Hutt (Nota 2);
20. Il-Kunsill Distrettwali ta' Kaipara (Nota 2);
21. Il-Kunsill Distrettwali ta' Kapiti Coast (Nota 2);
22. Il-Kunsill Distrettwali ta' Manawatu (Nota 2);
23. Il-Kunsill Distrettwali ta' Masterton (Nota 2);
24. Il-Kunsill Distrettwali ta' Matamata-Piako (Nota 2);
25. Il-Kunsill tal-Belt ta' Napier (Nota 2);
26. Il-Kunsill Distrettwali ta' New Plymouth (Nota 2);
27. Il-Kunsill Reġjonali ta' Northland (Nota 2);
28. Il-Kunsill Distrettwali ta' Ōpōtiki (Nota 2);
29. Il-Kunsill Distrettwali ta' Ōtorohanga (Nota 2);
30. Il-Kunsill tal-Belt ta' Palmerston North (Nota 2);
31. Il-Kunsill tal-Belt ta' Porirua (Nota 2);
32. Il-Kunsill Distrettwali ta' Rangītikei (Nota 2);
33. Il-Kunsill ta' Rotorua Lakes (Nota 2);
34. Il-Kunsill Distrettwali ta' Ruapehu (Nota 2);
35. Il-Kunsill Distrettwali ta' South Taranaki (Nota 2);
36. Il-Kunsill Distrettwali ta' South Waikato (Nota 2);
37. Il-Kunsill Distrettwali ta' South Wairarapa (Nota 2);
38. Il-Kunsill Distrettwali ta' Stratford (Nota 2);
39. Il-Kunsill Reġjonali ta' Taranaki (Nota 2);
40. Il-Kunsill Distrettwali ta' Tararua (Nota 2);
41. Il-Kunsill Distrettwali ta' Taupō (Nota 2);
42. Il-Kunsill tal-Belt ta' Tauranga (Nota 2);
43. Il-Kunsill Distrettwali ta' Thames-Coromandel (Nota 2);
44. Il-Kunsill tal-Belt ta' Upper Hutt (Nota 2);
45. Il-Kunsill Distrettwali ta' Waikato (Nota 2);
46. Il-Kunsill Distrettwali ta' Waipa (Nota 2);
47. Il-Kunsill Distrettwali ta' Whanganui (Nota 2);
48. Il-Kunsill Distrettwali ta' Western Bay of Plenty (Nota 2);
49. Il-Kunsill Distrettwali ta' Whangarei (Nota 2);
50. Il-Kunsill Distrettwali ta' Ashburton (Nota 2);
51. Il-Kunsill Distrettwali ta' Central Otago (Nota 2);

52. Il-Kunsill Distrettwali ta' Clutha (Nota 2);

53. Il-Kunsill tal-Belt ta' Dunedin (Nota 2);

54. Environment Southland (Nota 2);

55. Il-Kunsill Distrettwali ta' Gore (Nota 2);

56. Il-Kunsill Distrettwali ta' Grey (Nota 2);

57. Il-Kunsill Distrettwali ta' Hurunui (Nota 2);

58. Il-Kunsill tal-Belt ta' Invercargill (Nota 2);

59. Il-Kunsill Distrettwali ta' Marlborough (Nota 2);

60. Il-Kunsill tal-Belt ta' Nelson (Nota 2);

61. Il-Kunsill Distrettwali ta' Otago (Nota 2);

62. Il-Kunsill Distrettwali ta' Queenstown Lakes (Nota 2);

63. Il-Kunsill Distrettwali ta' Selwyn (Nota 2);

64. Il-Kunsill Distrettwali ta' Southland (Nota 2);

65. Il-Kunsill Distrettwali ta' Tasman (Nota 2);

66. Il-Kunsill Distrettwali ta' Waimakariri (Nota 2);

67. Il-Kunsill Distrettwali ta' Waitaki (Nota 2);

68. Il-Kunsill Reġjonali ta' West Coast (Nota 2);

69. Auckland Transport (Note 2).

Noti għas-Subtaqsima 2

1. Għal aktar ċertezza, l-akkwist imwettaq minn Health New Zealand permezz tal-aġent tiegħu healthAlliance Limited huwa kopert.

2. Il-kopertura ta' dawn l-entitajiet hija limitata għall-akkwist ta' oġġetti, servizzi u servizzi ta' kostruzzjoni relatati ma' proġetti tat-trasport iffinanzjati, kompletament jew parzjalment, mill-Aġenzija tat-Trasport ta' New Zealand li għalihom l-valur tal-akkwist ikun daqs jew jaqbeż il-limitu applikabbli speċifikat hawn fuq. Għal aktar ċertezza, il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) ma japplika għall-ebda akkwist ieħor minn dawn l-entitajiet.

SUBTAQSIMA 3

Entitajiet oħrajn

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) ikopri l-akkwist mill-entitajiet elenkati f'din is-Subtaqsima, soġġett għal-limiti li ġejjin:

Oġġetti: SDR 400 000

Servizzi: SDR 400 000

Servizzi ta' Kostruzzjoni: SDR 5 000 000

Lista ta' entitajiet:

1. Il-Korporazzjoni għall-Kumpens għall-Inċidenti (Nota 1);
2. L-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili ta' New Zealand;
3. L-Awtorità għall-Effiċjenza u l-Konservazzjoni tal-Enerġija;
4. Kāinga Ora – Djar u Komunitajiet;
5. Maritime New Zealand;
6. L-Istitut tal-Antartiku ta' New Zealand;
7. Fire and Emergency New Zealand (Nota 5);
8. L-Awtorità tal-Kwalifiki ta' New Zealand;
9. Il-Bord tat-Turiżmu ta' New Zealand;
10. New Zealand Trade and Enterprise;
11. L-Aġenzija tat-Trasport ta' New Zealand;
12. Ōtākaro Limited (Nota 4);
13. Sport and Recreation New Zealand (Nota 2);
14. Il-Kummissjoni għall-Edukazzjoni Terzjarja;
15. Education New Zealand;
16. Callaghan Innovation;
17. Il-Kummissjoni dwar it-Terremoti (Nota 6);
18. L-Awtorità għall-Ħarsien tal-Ambjent; (Nota 6);
19. L-Aġenzija għall-Promozzjoni tas-Saħħa;
20. Il-Kummissjoni għall-Kwalità u s-Sigurtà tas-Saħħa;
21. Il-Kunsill għar-Riċerka dwar is-Saħħa ta' New Zealand;
22. Is-Servizz tad-Demm ta' New Zealand (Nota 7);
23. Il-Kummissjoni għall-Aċċess bil-Mixi ta' New Zealand;
24. L-Awtorità tal-Aġenti tal-Proprjetà Immobbli (Nota 8);
25. Il-Bord tar-Reġistrazzjoni tal-Ħaddiema Soċjali;
26. WorkSafe New Zealand;
27. Il-Gwardjani tas-Superannwazzjoni ta' New Zealand (Nota 9);
28. Il-Mużew ta' New Zealand Te Papa (Nota 10);
29. Il-Kummissjoni għall-Infrastruttura ta' New Zealand;
30. Il-Kummissjoni tal-Lotteriji ta' New Zealand;
31. Il-Kummissjoni dwar it-Tibdil fil-Klima;
32. Il-Kummissjoni Elettorali (Nota 11);

33. L-Awtorità tas-Swieq Finanzjarji;
34. Education Payroll Limited (Nota 12);
35. Research and Education Advanced Network New Zealand Limited;
36. Tāmaki Redevelopment Company Limited (Nota 13);
37. Airways Corporation of New Zealand Limited;
38. Meteorological Service of New Zealand Limited;
39. KiwiRail Holdings Limited;
40. Transpower New Zealand Limited (Nota 3);
41. L-Awtorità tal-Fond ta' Superannwazzjoni tal-Gvern;
42. Is-Servizz tad-Dirgħajn u r-Riġlejn Artifiċjali ta' New Zealand;
43. Il-Kummissarju għas-Saħħa u d-Diżabilità;
44. Il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem;
45. Il-Kummissjoni għall-Produttività ta' New Zealand;
46. Crown Irrigation Investments Limited;
47. New Zealand Growth Capital Partners Limited;
48. City Rail Link Limited;
49. Crown Infrastructure Partners Limited;
50. New Zealand Green Investment Finance Limited;
51. Il-Kunsill tal-Akkreditazzjoni;
52. Il-Kunsill tal-Arti ta' New Zealand;
53. Il-Kummissjoni tax-Xandir;
54. Heritage New Zealand;
55. Il-Kummissjoni tal-Films ta' New Zealand (Nota 14);
56. L-Orkestra Sinfonika ta' New Zealand (Nota 14);
57. Il-Public Trust (Nota 15);
58. Il-Kummissarju tal-Irtirar;
59. L-Aġenzija għall-Finanzjament tax-Xandir Māori (Nota 16);
60. Il-Kummissjoni għal-Lingwa Māori (Nota 16);
61. L-Aġenzija għall-Ġestjoni Farmaċewtika (Nota 17);
62. L-Awtorità għall-Istandards fix-Xandir;
63. Il-Kummissarju għat-Tfal;
64. Il-Kummissjoni għall-Kummerċ;
65. Il-Kummissjoni ta' Rieżami ta' Każijiet Kriminali (Nota 8)
66. Drug Free Sport New Zealand;

67. Il-Kummissjoni tal-Liġi;

68. L-Awtorità tal-Elettriku;

69. Il-Bord tar-Rappurtar Estern;

70. L-Awtorità Indipendenti dwar il-Kondotta tal-Pulizija (Nota 8);

71. Il-Kummissjoni għas-Saħħa u l-Benesseri Mentali;

72. L-Uffiċċju tal-Klassifikazzjoni tal-Films u l-Letteratura (Nota 8);

73. Il-Kummissarju għall-Privatezza;

74. Il-Bord għall-Akkwiżizzjonijiet;

75. Il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni ta' Inċidenti tat-Trasport (Nota 8);

76. Radio New Zealand Limited (Nota 14);

77. Television New Zealand Limited;

78. Crown Asset Management Limited;

79. The Network for Learning Limited;

80. Predator Free 2050 Limited;

81. Southern Response Earthquake Services Limited;

82. L-Awtorità tas-Saħħa Māori: (Nota 16).

Noti għas-Subtaqsima 3

1. Il-Korporazzjoni għall-Kumpens għall-Inċidenti: Il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) ma jkoprix l-akkwist tal-ġestjoni ta' fondi tal-pensjoni, l-assigurazzjoni pubblika u l-kollokamenti ta' fondi, l-investimenti jew is-servizzi finanzjarji relatati ma' titoli jew ma' negozjar f'borża.

2. Sport and Recreation New Zealand: Il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) ma japplikax għall-akkwist ta' oġġetti u servizzi li fihom informazzjoni kunfidenzjali relatata mat-titjib tal-prestazzjoni sportiva kompetittiva.

3. Transpower New Zealand Limited: L-akkwisti li ġejjin huma esklużi mill-kopertura:

(a) Servizzi ta' stringing elettriku (parti mill-firxa totali ta' attivitajiet koperti minn CPC Prov. 5134);

(b) Servizzi ta' żebgħa tat-torrijiet (parti mill-firxa totali ta' attivitajiet koperti minn CPC Prov. 5173); u

(c) Għal aktar ċertezza, proġetti ffinanzjati direttament minn klijenti tas-settur privat fejn dawk il-proġetti ma jitwettqux ħlief għall-finanzjament ipprovdut minn dawk il-klijenti.

4. Ōtākaro Limited: L-akkwist kollu huwa kopert, inkluż l-akkwist li twettaq mill-Awtorità għall-Irkupru mit-Terremot ta' Christchurch u li ġie trasferit lil Ōtākaro Limited mad-diżimpenn tagħha, u għandhom japplikaw l-obbligi kollha fil-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) speċifikament relatati mal-entitajiet tas-Subtaqsima 1. Għal aktar ċertezza, il-limiti huma SDR 130 000 għall-Oġġetti u s-Servizzi u SDR 5 000 000 għas-Servizzi tal-Kostruzzjoni, u hija koperta kwalunkwe aġenzija subordinata għal Ōtākaro Limited.

5. Fire and Emergency New Zealand: Il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) għandu jkopri biss l-akkwist li twettaq mill-Kummissjoni għas-Servizzi tan-Nar ta' New Zealand. Biex jiġi evitat kull dubju, l-akkwisti li ġejjin huma esklużi mill-kopertura: kwalunkwe akkwist minn Fire and Emergency New Zealand li qabel kien jitwettaq mill-Awtoritajiet tat-Tifi tan-Nar Rurali, il-Kumitati tat-Tifi tan-Nar Rurali u/jew l-Awtoritajiet Territorjali (għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħhom skont l-Att tal-1977 dwar in-Nirien fil-Foresti u Rurali).

6. Il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) ma jkoprix l-akkwist tal-ġestjoni ta' fondi tal-pensjoni, l-assigurazzjoni pubblika u l-kollokamenti ta' fondi, l-investimenti jew is-servizzi finanzjarji.

7. Is-Servizz tad-Demm ta' New Zealand: Ħlief għall-akkwist ta' servizzi ta' frazzjonament tal-plażma.

8. Ħlief għal servizzi legali, servizzi ta' arbitraġġ u konċiljazzjoni.

9. Il-Gwardjani tas-Superannwazzjoni ta' New Zealand: Il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) ma jkoprix l-akkwist tal-ġestjoni ta' fondi tal-pensjoni, il-kollokamenti ta' fondi, l-investimenti jew is-servizzi finanzjarji.

10. Il-Mużew ta' New Zealand Te Papa: Il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) ma jkopri l-ebda akkwist għall-iskop ta' trasport ta' esebiti tal-mużewijiet jew ta' xogħlijiet tal-arti.

11. Il-Kummissjoni Elettorali: Il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) ma jkoprix l-akkwist ta' servizzi biex tiġi amministrata l-elezzjoni ġenerali.

12. Education Payroll Limited: Il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) ma jkoprix l-akkwist għall-manutenzjoni tal-pagi tal-iskejjel.

13. Tāmaki Redevelopment Company Limited: Il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) ma jkoprix l-akkwist relatat mal-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb.

14. Ħlief għall-akkwist relatat mal-akkwiżizzjoni, l-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-koproduzzjoni ta' programmi u materjali tal-programmi.

15. Public Trust: Ħlief għas-servizzi legali, inklużi s-servizzi ta' għajnuna legali, ipprovduti minn trustees jew maħtura minn gwardjani jew amministraturi.

16. Id-dritt li tingħata preferenza lil fornituri Māori huwa speċifikament riżervat.

17. L-Aġenzija għall-Ġestjoni Farmaċewtika: Għal aktar ċertezza, l-attivitajiet relatati mal-funzjonijiet ta' din l-aġenzija fir-rigward tal-finanzjament tal-farmaċewtiċi u tal-apparat mediku mhumiex koperti.

18. Għall-entitajiet elenkati fis-Subtaqsimiet 1, 2 u 3, il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) għandu jkopri biss dawk l-entitajiet elenkati u ma jestendix għal aġenziji subordinati jew sussidjarji, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

SUBTAQSIMA 4

Prodotti

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) ikopri l-akkwist tal-oġġetti kollha mill-entitajiet elenkati fis-Subtaqsimiet 1, 2 u 3.

SUBTAQSIMA 5

Servizzi

1. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) ikopri l-akkwist tas-servizzi kollha mill-entitajiet elenkati fis-Subtaqsimiet 1, 2 u 3.

2. Il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) ma jkopri l-akkwist tal-ebda wieħed mis-servizzi li ġejjin kif identifikati f'konformità mal-Klassifikazzjoni Ċentrali Proviżorja tal-Prodotti (CPC Prov.) kif stabbilit fid-dokument MTN.GNS/W/120:

(a) servizzi ta' riċerka u żvilupp (CPC Prov. 851-853);

(b) servizzi tas-saħħa pubblika (CPC Prov. 931, inklużi 9311, 9312 u 9319);

(c) servizzi edukattivi (CPC Prov. 921, 922, 923, 924 u 929); jew

(d) servizzi soċjali (CPC Prov. 933 u 913).

SUBTAQSIMA 6

Servizzi tal-kostruzzjoni

Lista ta' Servizzi tal-Kostruzzjoni (Diviżjoni 51, CPC Prov.):

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) ikopri l-akkwist tas-servizzi kollha tal-kostruzzjoni fid-Diviżjoni 51 tal-Klassifikazzjoni Ċentrali Proviżorja tal-Prodotti (CPC Prov.) kif stabbilit fid-dokument MTN.GNS/W/120.

SUBTAQSIMA 7

Noti ġenerali

1. In-noti ġenerali li ġejjin japplikaw mingħajr eċċezzjoni għall-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku), inkluż għas-Subtaqsimiet 1 sa 6 ta' dan l-Anness.

2. Il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku) ma jkoprix:

(a) għal aktar ċertezza, il-forniment governattiv ta' oġġetti u servizzi lil persuni jew awtoritajiet governattivi mhux koperti speċifikament taħt is-Subtaqsimiet 1 sa 6;

(b) l-akkwist ta' oġġetti jew servizzi fir-rigward ta' kuntratti għall-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni jew l-arredament ta' chanceries barra mill-pajjiż;

(c) l-akkwist ta' oġġetti jew servizzi barra mit-territorju ta' New Zealand għall-konsum barra mit-territorju ta' New Zealand;

(d) għal aktar ċertezza skont il-punt (b) tal-Artikolu II:3 tal-GPA, arranġamenti ta' sponsorizzazzjoni kummerċjali;

(e) kwalunkwe akkwist magħmul minn entità koperta taħt is-Subtaqsimiet 1 sa 6 f'isem organizzazzjoni li ma tkunx entità koperta mis-Subtaqsimiet 1 sa 6;

(f) l-akkwist minn entità koperta taħt is-Subtaqsimiet 1 sa 6 minn entità oħra koperta taħt is-Subtaqsimiet 1 sa 6, ħlief fejn jissejħu offerti, f'liema każ, għandu japplika il-Kapitolu 14 (Akkwist pubbliku); jew

(g) kwalunkwe akkwist għall-finijiet ta' żvilupp, protezzjoni jew preservazzjoni ta' teżori nazzjonali ta' valur artistiku, storiku u arkeoloġiku tal-wirt kulturali.

3. Għal aktar ċertezza, l-entità akkwirenti tista' tapplika proċeduri limitati ta' offerti skont il-punti (b)(ii) u (b)(iii) tal-Artikolu XIII:1 tal-GPA fir-rigward ta' proposti uniċi mhux mitluba ([3]).

([3]) Kif definit u ttrattat skont id-dokument ta' gwida tal-Gvern ta' New Zealand, "Unsolicited Unique Proposals – How to deal with uninvited bids" (Proposti Uniċi Mhux mitluba – Kif tittratta offerti mhux mistiedna) (Mejju 2013), aġġornat minn żmien għal żmien.

ANNESS 18-A

KLASSIJIET TAL-PRODOTTI ([1])

1. “Laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati” tfisser prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 2 u l-intestatura 16.01 jew 16.02 tas-Sistema Armonizzata;

2. “Ħops” tfisser prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 12.10 tas-Sistema Armonizzata;

3. “Prodotti tal-ħut friski, iffriżati u pproċessati” tfisser prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 3 u prodotti li fihom il-ħut li jaqgħu taħt l-intestatura 16.03, 16.04 jew 16.05 tas-Sistema Armonizzata;

4. “Butir” tfisser prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 04.05 tas-Sistema Armonizzata;

5. “Ġobon” tfisser prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 04.06 tas-Sistema Armonizzata;

6. “Prodotti veġetali friski u pproċessati” tfisser prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 7 tas-Sistema Armonizzata u prodotti li fihom veġetali li jaqgħu taħt il-Kapitolu 20 tas-Sistema Armonizzata ([2]);

7. “Frott frisk u pproċessat” tfisser prodotti tal-frott li jaqgħu taħt il-Kapitolu 8 tas-Sistema Armonizzata u prodotti li fihom il-frott li jaqgħu taħt il-Kapitolu 20 tas-Sistema Armonizzata;

8. “Ġewż frisk u pproċessat” tfisser prodotti tal-ġewż li jaqgħu taħt il-Kapitolu 8 tas-Sistema Armonizzata u prodotti li fihom il-ġewż li jaqgħu taħt il-Kapitolu 20 tas-Sistema Armonizzata;

9. “Ħwawar” tfisser prodotti tal-ħwawar li jaqgħu taħt il-Kapitolu 9 tas-Sistema Armonizzata;

1885	Ir-Rumanija	Dealurile Vrancei	Inbejjed
1886	Ir-Rumanija	Dealurile Zarandului	Inbejjed
1887	Ir-Rumanija	Drăgășani	Inbejjed
1888	Ir-Rumanija	Horincă de Cămârzan	Spirti
1889	Ir-Rumanija	Huși	Inbejjed
1890	Ir-Rumanija	Iana	Inbejjed
1891	Ir-Rumanija	Iasi	Inbejjed
1892	Ir-Rumanija	Lechința	Inbejjed
1893	Ir-Rumanija	Magiun de prune Topoloveni	Frott u ġewż frisk u pproċessat
1894	Ir-Rumanija	Mehedinți	Inbejjed
1895	Ir-Rumanija	Miniș	Inbejjed
1896	Ir-Rumanija	Murfatlar	Inbejjed

	Stat Membru	Isem l-indikazzjoni ġeografika	Klassi tal-Prodott
1897	Ir-Rumanija	Nicorești	Inbejjed
1898	Ir-Rumanija	Novac afumat din Țara Bârsei	Ħut frisk, molluski, krustaċji u prodotti derivati minnhom
1899	Ir-Rumanija	Odobești	Inbejjed
1900	Ir-Rumanija	Oltina	Inbejjed
1901	Ir-Rumanija	Pălincă	Spirti
1902	Ir-Rumanija	Panciu	Inbejjed
1903	Ir-Rumanija	Panciu	Inbejjed
1904	Ir-Rumanija	Panciu	Inbejjed
1905	Ir-Rumanija	Pietroasa	Inbejjed
1906	Ir-Rumanija	Recaș	Inbejjed
1907	Ir-Rumanija	Salam de Sibiu	Laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati
1908	Ir-Rumanija	Sâmburești	Inbejjed
1909	Ir-Rumanija	Sarica Niculițel	Inbejjed
1910	Ir-Rumanija	Sebeș-Apold	Inbejjed
1911	Ir-Rumanija	Segarcea	Inbejjed
1912	Ir-Rumanija	Ștefănești	Inbejjed
1913	Ir-Rumanija	Târnave	Inbejjed
1914	Ir-Rumanija	Târnave	Inbejjed
1915	Ir-Rumanija	Telemea de Ibănești	Ġobnijiet
1916	Ir-Rumanija	Terasele Dunării	Inbejjed
1917	Ir-Rumanija	Țuică de Argeș	Spirti
1918	Ir-Rumanija	Țuică Zetea de Mediești Aurit	Spirti
1919	Ir-Rumanija	Viile Carașului	Inbejjed
1920	Ir-Rumanija	Viile Timișului	Inbejjed
1921	Ir-Rumanija	Vinars Murfatlar	Spirti
1922	Ir-Rumanija	Vinars Segarcea	Spirti
1923	Ir-Rumanija	Vinars Târnave	Spirti
1924	Ir-Rumanija	Vinars Vaslui	Spirti

	Stat Membru	Isem l-indikazzjoni ġeografika	Klassi tal-Prodott
1925	Ir-Rumanija	Vinars Vrancea	Spirti
1926	Is-Slovenja	Bela krajina	Inbejjed
1927	Is-Slovenja	Belokranjec	Inbejjed
1928	Is-Slovenja	Bizeljčan	Inbejjed
1929	Is-Slovenja	Bizeljsko Sremič	Inbejjed
1930	Is-Slovenja	Brinjevec	Spirti
1931	Is-Slovenja	Cviček	Inbejjed
1932	Is-Slovenja	Dolenjska	Inbejjed
1933	Is-Slovenja	Doljenski sadjevec	Spirti
1934	Is-Slovenja	Domači rum	Spirti
1935	Is-Slovenja	Goriška Brda	Inbejjed
1936	Is-Slovenja	Kranjska klobasa	Laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati
1937	Is-Slovenja	Kras	Inbejjed
1938	Is-Slovenja	Kraški pršut	Laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati
1939	Is-Slovenja	Metliška črnina	Inbejjed
1940	Is-Slovenja	Pelinkovec	Spirti
1941	Is-Slovenja	Podravje	Inbejjed
1942	Is-Slovenja	Posavje	Inbejjed
1943	Is-Slovenja	Prekmurje	Inbejjed
1944	Is-Slovenja	Primorska	Inbejjed
1945	Is-Slovenja	Slovenska Istra	Inbejjed
1946	Is-Slovenja	Štajerska Slovenija	Inbejjed
1947	Is-Slovenja	Štajersko prekmursko bučno olje	Żjut u xaħmijiet tal-annimali
1948	Is-Slovenja	Teran	Inbejjed
1949	Is-Slovenja	Vipavska dolina	Inbejjed
1950	Is-Slovakkja	Južnoslovenská / Južnoslovenské / Južnoslovenský	Inbejjed
1951	Is-Slovakkja	Karpatská perla	Inbejjed
1952	Is-Slovakkja	Malokarpatská / Malokarpatské / Malokarpatský	Inbejjed

	Stat Membru	Isem l-indikazzjoni ġeografika	Klassi tal-Prodott
1953	Is-Slovakkja	Nitrianska / Nitrianske / Nitriansky	Inbejjed
1954	Is-Slovakkja	Skalický rubín	Inbejjed
1955	Is-Slovakkja	Slovenská / Slovenské / Slovenský	Inbejjed
1956	Is-Slovakkja	Spišská borovička	Spirti
1957	Is-Slovakkja	Stredoslovenská / Stredoslovenské / Stredoslovenský	Inbejjed
1958	Is-Slovakkja	Vinohradnícka oblasť Tokaj	Inbejjed
1959	Is-Slovakkja	Východoslovenská / Východoslovenské / Východoslovenský	Inbejjed
1960	Il-Finlandja	Suomalainen Marjalikööri / Suomalainen Hedelmälikööri / Finsk Bärlikör / Finsk Fruktlikör / Likur Finlandiż magħmul mill-berries / Likur Finlandiż magħmul mill-frott	Spirti
1961	Il-Finlandja	Suomalainen Vodka / Finsk Vodka / Vodka of Finland	Spirti
1962	L-Iżvezja	Svensk Aquavit / Svensk Akvavit / Swedish Aquavit	Spirti
1963	L-Iżvezja	Svensk Punsch / Swedish Punch	Spirti
1964	L-Iżvezja	Svensk Vodka / Swedish Vodka	Spirti
1965	(Multi) il-Belġju, in-Netherlands	Maasvallei Limburg	Inbejjed
1966	(Multi) France, Italy	Génépi des Alpes / Genepì delle Alpi	Spirti
1967	(Multi) il-Belġju, il-Ġermanja, in-Netherlands	Genièvre aux fruits / Vruchtenjenever / Jenever met vruchten / Fruchtgenever	Spirti
1968	(Multi) il-Belġju, Franza, in-Netherlands	Genièvre de grains / Graanjenever / Graangenever	Spirti
1969	(Multi) il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, in-Netherlands	Genièvre / Jenever / Genever	Spirti
1970	(Multi) il-Belġju, in-Netherlands	Jonge jenever / jonge genever	Spirti
1971	(Multi) l-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja	Korn / Kornbrand	Spirti
1972	(Multi) il-Belġju, in-Netherlands	Oude jenever / oude genever	Spirti

	Stat Membru	Isem l-indikazzjoni ġeografika	Klassi tal-Prodott
1973	(Multi) Ċipru, il-Greċja	Ouzo / Ούζο (trażlitterazzjoni għall-alfabett Latin: Ouzo)	Spirti
1974	(Multi) l-Ungerija, l-Awstrija	Pálinka	Spirti
1975	(Multi) il-Kroazja, is-Slovenja	Istarski pršut / Istrski pršut	Laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati

([1]) Il-protezzjoni għal dan l-isem hija mfittxija fil-lingwa Ċeka biss.

([2]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Bayerisches Bier" ma għandhiex tipprevjeni li t-terminu "Bayerisches Bier" ikompli jintuża u jintuża b'mod simili minn kwalunkwe persuna, inkluż is-suċċessur jew iċ-ċessjonarju tiegħu, għal perjodu massimu ta' ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jekk dik il-persuna tkun għamlet użu kummerċjali minn dak it-terminu b'mod kontinwu minn qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Kwalunkwe użu bħal dan tat-terminu "Bayerisches Bier" wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ma għandux jiżgwida lill-konsumatur dwar l-oriġini tal-oġġett.

([3]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Münchener Bier" ma għandhiex tipprevjeni li t-terminu "Münchener Bier" ikompli jintuża u jintuża b'mod simili minn kwalunkwe persuna, inkluż is-suċċessur jew iċ-ċessjonarju tiegħu, għal perjodu massimu ta' ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jekk dik il-persuna tkun għamlet użu kummerċjali minn dak it-terminu b'mod kontinwu minn qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Kwalunkwe użu bħal dan tat-terminu "Münchener Bier" wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ma għandux jiżgwida lill-konsumatur dwar l-oriġini tal-oġġett.

([4]) Il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi Irlandiżi bin-numri 174, 175 u 176 hija mitluba skont id-dixxiplini tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29 31.1.2020, p. 7).

([5]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Feta" ma għandhiex tipprevjeni li t-terminu "Feta" ikompli jintuża u jintuża b'mod simili minn kwalunkwe persuna, inkluż is-suċċessur jew iċ-ċessjonarju tiegħu, għal perjodu massimu ta' disa' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jekk dik il-persuna tkun għamlet użu kummerċjali minn dak it-terminu b'mod kontinwu minn qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Kwalunkwe użu bħal dan tat-terminu "Feta" wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ma għandux jiżgwida lill-konsumatur dwar l-oriġini tal-oġġett.

([6]) Minkejja l-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Alicante", l-isem varjetali "Alicante Bouschet" jista' jkompli jintuża fi New Zealand, inkluż fit-tikkettar, sakemm il-konsumatur ma jiġix żgwidat dwar in-natura tat-terminu jew l-oriġini preċiża tal-prodott.

([7]) Minkejja l-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Cariñena", l-isem varjetali "Carignan" jista' jkompli jintuża fi New Zealand, inkluż fit-tikkettar, sakemm il-konsumatur ma jiġix żgwidat dwar in-natura tat-terminu jew l-oriġini preċiża tal-prodott.

([8]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Jerez / Xérès / Sherry" ma għandhiex tipprevjeni li t-termini "Jerez", "Xérès" jew "Sherry" ikompli jintużaw u jintużaw b'mod simili minn kwalunkwe persuna, inkluż is-suċċessur jew iċ-ċessjonarju tiegħu, għal perjodu massimu ta' ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jekk dik il-persuna tkun għamlet użu kummerċjali mit-termini b'mod kontinwu minn qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Kwalunkwe użu bħal dan tat-termini "Jerez", "Xérès" jew "Sherry" wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim irid ikun akkumpanjat minn indikazzjoni leġibbli u viżibbli tal-oriġini ġeografika tal-prodott ikkonċernat.

([9]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Gruyère" ma għandhiex tipprevjeni lill-utenti preċedenti* tat-terminu "Gruyère" fi New Zealand milli jkomplu jużaw dak it-terminu, jekk l-utent preċedenti jkun uża t-terminu *bona fide* għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Kwalunkwe użu bħal dan tat-terminu "Gruyère" wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim irid ikun akkumpanjat minn indikazzjoni leġibbli u viżibbli tal-oriġini ġeografika tal-prodott ikkonċernat.

* Il-lista ta' utenti preċedenti ġiet stabbilita u kondiviża qabel l-iffirmar ta' dan il-Ftehim.

([10]) Għal aktar ċertezza, il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Roquefort" ma tipprevenix l-użu tat-terminu kompost "Penicillium roqueforti" fi New Zealand meta jintuża biex jirreferi għall-kultura tal-moffa, sakemm il-konsumatur ma jiġix żgwidat dwar l-oriġini tal-oġġett.

([11]) Minkejja l-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Avola", l-isem varjetali "Nero d'Avola" jista' jibqa' jintuża fi New Zealand, inkluż fit-tikkettar, sakemm il-konsumatur ma jiġix żgwidat dwar in-natura tat-terminu jew l-oriġini preċiża tal-oġġett.

([12]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Gorgonzola" ma għandhiex tipprevjeni li t-terminu "Gorgonzola" ikompli jintuża u jintuża b'mod simili minn kwalunkwe persuna, inkluż is-suċċessur jew iċ-ċessjonarju tiegħu, għal perjodu massimu ta' ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jekk dik il-persuna tkun għamlet użu kummerċjali minn dak it-terminu b'mod kontinwu minn qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Kwalunkwe użu bħal dan tat-terminu "Gorgonzola" wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ma għandux jiżgwida lill-konsumatur dwar l-oriġini tal-oġġett.

([13]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Grappa" ma għandhiex tipprevjeni li t-terminu "Grappa" ikompli jintuża u jintuża b'mod simili minn kwalunkwe persuna, inkluż is-suċċessur jew iċ-ċessjonarju tiegħu, għal perjodu massimu ta' ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jekk dik il-persuna tkun għamlet użu kummerċjali minn dak it-terminu b'mod kontinwu minn qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Kwalunkwe użu bħal dan tat-terminu "Grappa" wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim irid ikun akkumpanjat minn indikazzjoni leġibbli u viżibbli tal-oriġini ġeografika tal-prodott ikkonċernat.

([14]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Parmigiano Reggiano" ma għandhiex tipprevjeni lill-utenti preċedenti* tat-terminu "Parmesan" fi New Zealand milli jkomplu jużaw dak it-terminu, jekk l-utent preċedenti jkun uża t-terminu *bona fide* għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Kwalunkwe użu bħal dan tat-terminu "Parmesan" wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim irid ikun akkumpanjat minn indikazzjoni leġibbli u viżibbli tal-oriġini ġeografika tal-prodott ikkonċernat.

* Il-lista ta' utenti preċedenti ġiet stabbilita u kondiviża qabel l-iffirmar ta' dan il-Ftehim.

([15]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Prosecco" ma għandhiex tipprevjeni li t-terminu "Prosecco" ikompli jintuża u jintuża b'mod simili minn kwalunkwe persuna, inkluż is-suċċessur jew iċ-ċessjonarju tiegħu, għal perjodu massimu ta' ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jekk dik il-persuna tkun għamlet użu kummerċjali minn dak it-terminu b'mod kontinwu minn qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Kwalunkwe użu bħal dan tat-terminu "Prosecco" wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim irid ikun akkumpanjat minn indikazzjoni leġibbli u viżibbli tal-oriġini ġeografika tal-prodott ikkonċernat.

([16]) Hija kundizzjoni ta' protezzjoni li l-indikazzjoni ġeografika "Zeeland" trid tintuża mill-qrib flimkien ma' indikazzjoni ċara li l-inbid joriġina fin-Netherlands u li l-protezzjoni ma tagħti l-ebda dritt esklussiv fl-użu tat-terminu "New Zealand".

([17]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Madeira", "Vinho da Madeira", "Madère", "Vin de Madère", "Madera", "Madeira Wein", "Madeira Wine", "Vino di Madera" u "Madeira Wijn" ma għandhiex tipprevjeni li t-termini "Madeira", "Vinho da Madeira", "Madère", "Vin de Madère", "Madera", "Madeira Wein", "Madeira Wine", "Vino di Madera" jew "Madeira Wijn" ikompli jintużaw u jintużaw b'mod simili minn kwalunkwe persuna, inkluż is-suċċessur jew iċ-ċessjonarju tiegħu, għal perjodu massimu ta' ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jekk dik il-persuna tkun għamlet użu kummerċjali mit-termini b'mod kontinwu minn qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Kwalunkwe użu bħal dan tat-termini msemmija fis-sentenza preċedenti wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim irid ikun akkumpanjat minn indikazzjoni leġibbli u viżibbli tal-oriġini ġeografika tal-prodott ikkonċernat.

([18]) Il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Porto", "Port", "vinho do Porto", "Port Wine", "vin de Porto", "Oporto", "Portvin", "Portwein" u "Portwijn" ma għandhiex tipprevjeni li t-termini "Porto", "Port", "vinho do Porto", "Port Wine", "vin de Porto", "Oporto", "Portvin", "Portwein" jew "Portwijn" ikompli jintużaw u jintużaw b'mod simili minn kwalunkwe persuna, inkluż is-suċċessur jew iċ-ċessjonarju tiegħu, għal perjodu massimu ta' disa' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jekk dik il-persuna tkun għamlet użu kummerċjali mit-termini b'mod kontinwu minn qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Kwalunkwe użu bħal dan tat-termini msemmija fis-sentenza preċedenti wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim irid ikun akkumpanjat minn indikazzjoni leġibbli u viżibbli tal-oriġini ġeografika tal-prodott ikkonċernat.

TAQSIMA B

LISTA TA' INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI – NEW ZEALAND

	Isem	Klassi tal-Prodott
1	Auckland	Inbejjed
2	Canterbury	Inbejjed
3	Central Hawke's Bay / Central Hawkes Bay	Inbejjed
4	Central Otago	Inbejjed
5	Gisborne	Inbejjed
6	Gladstone	Inbejjed
7	Hawke's Bay / Hawkes Bay	Inbejjed
8	Kumeu	Inbejjed
9	Marlborough	Inbejjed

	Isem	Klassi tal-Prodott
10	Martinborough	Inbejjed
11	Matakana	Inbejjed
12	Nelson	Inbejjed
13	New Zealand	Inbejjed
14	New Zealand	Spirti
15	North Island	Inbejjed
16	North Island	Spirti
17	Northland	Inbejjed
18	South Island	Spirti
19	South Island	Inbejjed
20	Waiheke Island	Inbejjed
21	Waipara Valley / Waipara	Inbejjed
22	Wairarapa	Inbejjed
23	Waitaki Valley North Otago / Waitaki Valley	Inbejjed

ANNESS 19

OĠĠETTI U SERVIZZI AMBJENTALI

Lista A. Lista ta' oġġetti ambjentali

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jiffaċilitaw il-kummerċ u l-investiment f'oġġetti li jikkontribwixxu għall-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-preservazzjoni tal-ambjent u jfakkru fl-impenji rispettivi tagħhom skont l-Artikolu 2.5 (Eliminazzjoni tad-dazji doganali) biex jilliberalizzaw il-kummerċ f'firxa wiesgħa ta' oġġetti. Il-lista ta' oġġetti ta' hawn taħt mhijiex eżawrjenti u turi l-oġġetti li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima permezz tal-użu effiċjenti tal-enerġija u d-disseminazzjoni ta' teknoloġiji rinnovabbli. Din il-lista hija mingħajr preġudizzju għall-impenji ta' kull Parti fl-Artikolu 2.5 (Eliminazzjoni tad-dazji doganali)

Effiċjenza enerġetika:

3507.90 – Enzimi

3919.90 – Film tat-twieqi – iżolazzjoni tal-bini

3920.62 – Film tat-twieqi – iżolazzjoni tal-bini

4504.10 – Sufra – materjali ta' iżolazzjoni tal-bini

4504.90 – Sufra – materjali ta' iżolazzjoni tal-bini

6806.10 – Gagazza minerali (slag wool) – materjali ta' iżolazzjoni tal-bini

6806.20 – Gagazza minerali (slag wool) – materjali ta' iżolazzjoni tal-bini

6806.90 – Gagazza minerali (slag wool) – materjali ta' iżolazzjoni tal-bini

6808.00 – Pannelli ta' fibra veġetali – materjali ta' iżolazzjoni tal-bini

7508.90 - Kejbil superkonduttiv

8502.39 – Ġeneraturi tal-elettriku għal sorsi oħra ta' enerġija rinnovabbli

Enerġija ġeotermali, idroelettrika, solari u eolika:

8418.61 – Pompi tas-sħana ġeotermali

8410.11 – Turbini idroelettriċi, żgħar

8410.12 – Turbini idroelettriċi, medji

8410.13 – Turbini idroelettriċi, kbar

8410.90 – Partijiet ta' turbini idroelettriċi

2804.61 – Polisiliċju – materja prima għall-produzzjoni tal-pannelli solari

2823.00 – Ossidi tat-titanju – materja prima għall-produzzjoni tal-pannelli solari

2921.11 – Perovskite – materja prima għall-produzzjoni tal-pannelli solari

2925.29 – Perovskite – materja prima għall-produzzjoni tal-pannelli solari

2933.39 – Materjal additttiv semikonduttur għall-produzzjoni tal-pannelli solari

3818.00 – Wejfer – parti mill-pannelli solari

3920.10 – Film użat fil-produzzjoni taċ-ċelloli fotovoltajċi

3920.91 – Film għall-protezzjoni taċ-ċelloli solari

3921.90 – Film tal-mirja solari

7005.10 – Folji tal-ħġieġ – komponent tal-pannelli solari

7007.19 – Folji tal-ħġieġ – komponent tal-pannelli solari

7009.91 – Mirja ta' konċentrazzjoni solari tal-ħġieġ

8419.19 – Ħiters tal-ilma

8486.10 – Magni għall-produzzjoni tal-wejfers solari

8486.20 – Magni għall-produzzjoni taċ-ċelloli solari

8486.90 – Partijiet – għall-produzzjoni tal-pannelli solari

8537.10 – Kontrolluri tal-ittrekkjar solari

8541.40 – Ċelloli fotovoltajċi

9001.90 – Elementi ottiċi għall-konċentrazzjoni tal-enerġija solari

9002.90 – Elementi ottiċi għall-konċentrazzjoni tal-enerġija solari

9013.80 – Eljostati (apparat li jikkontrolla l-pożizzjoni tal-pannelli solari fir-rigward tax-xemx)

9013.90 – Partijiet tal-eljostati

7308.20 – Torrijiet tat-turbini eoliċi

7308.90 – Partijiet tat-torrijiet tat-turbini eoliċi

8412.80 – Imtieħen tar-riħ, turbini

8412.90 – Partijiet tal-imtieħen tar-riħ – pali u btieten

8482.10 – Bolberings għall-użu fit-turbini eoliċi

8482.30 – Bolberings għall-użu fit-turbini eoliċi

8483.10 – Xaftijiet ta' trażmissjoni għat-turbini eoliċi

8483.40 – Kaxex tal-gerijiet tal-imtieħen tar-riħ

8483.60 – Kaxex tal-gerijiet tal-imtieħen tar-riħ

8502.31 – Ġeneraturi tal-elettriku għall-imtieħen tar-riħ

Lista B. Lista ta' servizzi ambjentali u attivitajiet ta' manifattura

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jiffaċilitaw il-kummerċ u l-investiment fis-servizzi ambjentali u fl-attivitajiet ta' manifattura u jfakkru fl-impenji rispettivi tagħhom skont il-Kapitolu 10 (Kummerċ fis-servizzi u l-investiment) għas-setturi li ġejjin, soġġett għar-riżervi elenkati fl-Annessi 10-A (Miżuri eżistenti) sa 10-F (Moviment ta' persuni fiżiċi għal skopijiet professjonali):

1. Servizzi ambjentali koperti mis-CPC Prov. 94:

   9401 – Servizzi tad-drenaġġ

   9402 – Servizzi tar-rimi tal-iskart

   9403 – Servizzi sanitarji u servizzi simili

   9404 – Servizzi ta' tindif tal-gassijiet tal-egżost

   9405 – Servizzi ta' tnaqqis tal-istorbju

   9406 – Servizzi ta' protezzjoni tan-natura u tal-pajsaġġ

   9409 – Servizzi oħra ta' protezzjoni tal-ambjent n.e.c.

2. Servizzi relatati mal-ekonomija ċirkolari, bħal:

62278 – Servizzi kummerċjali bl-ingrossa ta' skart u ruttam u materjali għar-riċiklaġġ

633 – Servizzi ta' tiswija ta' oġġetti personali u tad-dar

75410 – Telekomunikazzjonijiet – servizzi ta' kiri ta' tagħmir

83101 – Servizzi ta' lokazzjoni jew kiri li jikkonċernaw karozzi privati mingħajr operatur

83106 – Servizzi ta' lokazzjoni jew kiri li jikkonċernaw makkinarju u tagħmir agrikolu mingħajr operatur

83107 – Servizzi ta' lokazzjoni jew kiri li jikkonċernaw makkinarju u tagħmir tal-kostruzzjoni mingħajr operatur

83108 – Servizzi ta' lokazzjoni jew kiri li jikkonċernaw makkinarju u tagħmir tal-uffiċċju (inkl. kompjuters) mingħajr operatur

83109 – Servizzi ta' lokazzjoni jew kiri li jikkonċernaw makkinarju u tagħmir ieħor mingħajr operatur

8320 – Servizzi ta' lokazzjoni jew kiri li jikkonċernaw oġġetti personali u tad-dar

88493 – Riċiklaġġ fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt

886 – Servizzi ta' tiswija inċidentali għal prodotti, makkinarju u tagħmir tal-metall

3. Servizzi relatati mal-ambjent li jappoġġaw l-użu tal-prodotti ambjentali identifikati fil-Lista A ta' dan l-Anness, bħal:

512 – Xogħol ta' kostruzzjoni għall-bini

513 – Xogħol ta' kostruzzjoni għall-inġinerija ċivili

514 – Assemblaġġ u tqegħid ta' kostruzzjonijiet prefabbrikati

515 – Xogħol speċjali ta' kostruzzjoni

516 – Xogħol ta' installazzjoni

62275 – Servizzi kummerċjali bl-ingrossa ta' fittings u attrezzaturi ta' materjali tal-kostruzzjoni u ħġieġ ċatt

62283 – Servizzi kummerċjali bl-ingrossa ta' makkinarju u tagħmir tal-minjieri, tal-kostruzzjoni u tal-inġinerija ċivili

86711 – Servizzi arkitettoniċi konsultattivi u ta' qabel id-disinn

86712 – Servizzi ta' disinn arkitettoniku

86721 – Servizzi konsultattivi ta' inġinerija

86723 – Servizzi ta' disinn tal-inġinerija għal installazzjonijiet mekkaniċi u elettriċi għall-bini

86724 – Servizzi ta' disinn tal-inġinerija għall-kostruzzjoni ta' xogħlijiet tal-inġinerija ċivili

86725 – Servizzi ta' disinn tal-inġinerija għal proċessi u produzzjoni industrijali

86726 – Servizzi ta' disinn tal-inġinerija n.e.c.

86729 – Servizzi oħra ta' inġinerija

86733 – Servizzi ta' inġinerija integrata għall-kostruzzjoni ta' proġetti turnkey tal-manifattura

8675 – Servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika relatati mal-inġinerija

86762 – Servizzi ta' ttestjar u analiżi ta' proprjetajiet fiżiċi

86763 – Servizzi ta' ttestjar u analiżi ta' sistemi mekkaniċi u elettriċi integrati

885 – Servizzi inċidentali għall-manifattura ta' prodotti, makkinarju u tagħmir tal-metall

4. Attivitajiet ta' manifattura

Il-manifattura tal-oġġetti ambjentali identifikati fil-Lista A ta' dan l-Anness.

ANNESS 24

REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ

Regola 1

Rwol tal-Kumitat għall-Kummerċ

Il-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit skont l-Artikolu 24.1 (Kumitat għall-Kummerċ) huwa responsabbli għall-kwistjonijiet kollha kif imsemmija fl-Artikolu 24.2 (Funzjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ).

Regola 2

Kompożizzjoni u presidenza

1. Skont l-Artikolu 24.1 (Kumitat għall-Kummerċ), il-Kumitat għall-Kummerċ huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u ta' New Zealand fil-livell ministerjali jew il-persuni magħżula minnhom.

2. Il-Kumitat għall-Kummerċ fil-livell ministerjali għandu jkun kopresedut mill-Membru tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-kummerċ u mill-Ministru ta' New Zealand responsabbli għall-kummerċ.

Regola 3

Segretarjat

1. Uffiċjali mid-dipartiment responsabbli għall-Kummerċ għal kull Parti għandhom jaġixxu flimkien bħala segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ.

2. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra l-isem, il-pożizzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal li għandu jaġixxi bħala membru tas-segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ għal dik il-Parti. Dan l-uffiċjal jitqies li jkompli jaġixxi bħala membru tas-segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ għall-Parti sad-data li fiha l-Parti tkun innotifikat membru ġdid lill-Parti l-oħra.

Regola 4

Laqgħat

1. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jiltaqa' fuq bażi annwali, sakemm ma jkunx maqbul mod ieħor mill-kopresidenti, jew mingħajr dewmien żejjed fuq talba ta' waħda mill-Partijiet.

2. Il-laqgħat għandhom isiru f'data u f'ħin miftiehma b'mod alternat fi Brussell u f'Wellington, sakemm ma jkunx maqbul mod ieħor mill-kopresidenti. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jiltaqa' personalment jew b'mezzi xierqa oħra ta' komunikazzjoni, kif maqbul mill-kopresidenti.

3. Il-laqgħat għandhom jissejħu mill-kopresident tal-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.

Regola 5

Delegazzjonijiet

Perjodu ta' żmien raġonevoli qabel laqgħa, l-uffiċjali li jaġixxu bħala membri tas-segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ għal kull Parti għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni u ta' New Zealand rispettivament. Il-listi għandhom jispeċifikaw l-isem u l-funzjoni ta' kull membru tad-delegazzjoni.

Regola 6

Aġenda tal-laqgħat

1. Għandha titfassal aġenda proviżorja għal kull laqgħa mill-membru ospitanti tas-segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ abbażi ta' proposta magħmula mill-Parti li tospita l-laqgħa bi skadenza għall-Parti l-oħra biex tipprovdi kummenti.

2. Għal-laqgħat tal-Kumitat għall-Kummerċ fil-livell ministerjali, il-membru ospitanti tas-segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ għandu jipprovdi aġenda proviżorja lill-Parti l-oħra mill-anqas xahar qabel laqgħa. Għal-laqgħat tal-Kumitat għall-Kummerċ fil-livell ta' uffiċjali superjuri, il-membru ospitanti tas-segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ għandu jipprovdi aġenda proviżorja lill-Parti l-oħra mill-anqas 14-il jum qabel laqgħa.

3. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kumitat għall-Kummerċ fil-bidu ta' kull laqgħa. Punti li ma jidhrux fl-aġenda proviżorja jistgħu jitqiegħdu fl-aġenda b'kunsens.

Regola 7

Stedina ta' esperti

Il-kopresidenti tal-Kumitat għall-Kummerċ jistgħu, bi ftehim reċiproku, jistiednu esperti (jiġifieri uffiċjali mhux governattivi) biex jattendu l-laqgħat tal-Kumitat għall-Kummerċ sabiex jipprovdu informazzjoni dwar suġġetti speċifiċi u għal dawk il-partijiet biss tal-laqgħa fejn jiġu diskussi tali suġġetti speċifiċi.

Regola 8

Minuti

1. L-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa għandu jitfassal mill-membru tas-segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ tal-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa, fi żmien 15-il jum minn tmiem il-laqgħa, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-kopresidenti. L-abbozz tal-minuti għandu jiġi trażmess għall-kummenti lill-membru tas-segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ tal-Parti l-oħra.

2. Fejn ir-regoli preżenti japplikaw għal-laqgħat tal-kumitati speċjalizzati, il-minuti tal-laqgħa tal-kumitat speċjalizzat għandhom ikunu disponibbli għal kwalunkwe laqgħa sussegwenti tal-Kumitat għall-Kummerċ.

3. Il-minuti għandhom, bħala regola ġenerali, jiġbru fil-qosor kull punt fuq l-aġenda, u jispeċifikaw fejn applikabbli:

(a) id-dokumenti kollha ppreżentati lill-Kumitat għall-Kummerċ;

(b) kwalunkwe dikjarazzjoni li wieħed mill-kopresidenti tal-Kumitat għall-Kummerċ ikun talab li tiddaħħal fil-minuti; u

(c) id-deċiżjonijiet meħuda, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula, id-dikjarazzjonijiet maqbula u l-konklużjonijiet adottati dwar punti speċifiċi.

4. Il-minuti għandhom jinkludu lista tad-deċiżjonijiet kollha li jkun ħa l-Kumitat għall-Kummerċ bil-proċedura bil-miktub skont ir-Regola 9(2) mill-aħħar laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ.

5. Anness għall-minuti għandu jinkludi wkoll lista tal-ismijiet, it-titoli u l-kapaċità tal-individwi kollha li jkunu attendew il-laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ.

6. Il-membru ospitanti tas-segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ għandu jaġġusta l-abbozz tal-minuti abbażi tal-kummenti li jaslu u l-abbozz tal-minuti rivedut għandu jiġi approvat mill-Partijiet fi żmien 30 jum mid-data tal-laqgħa, jew sa kwalunkwe data oħra maqbula mill-kopresidenti. Ladarba jiġu approvati, is-segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ għandu jistabbilixxi żewġ kopji oriġinali tal-minuti u kull Parti għandha tirċievi kopja oriġinali tal-minuti.

Regola 9

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha fejn dan il-Ftehim jistipula hekk. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet b'kunsens, kif previst fl-Artikolu 24.5(2) (Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet).

2. Fil-perjodu ta' bejn il-laqgħat, il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet permezz tal-proċedura bil-miktub.

3. It-test ta' abbozz ta' deċiżjoni jew rakkomandazzjoni għandu jiġi ppreżentat bil-miktub minn kopresident lill-kopresident l-ieħor fil-lingwa ta' ħidma tal-Kumitat għall-Kummerċ. Il-Parti l-oħra għandu jkollha xahar, jew kwalunkwe perjodu itwal ta' żmien speċifikat mill-Parti proponenti, biex tesprimi l-qbil tagħha mal-abbozz ta' deċiżjoni jew rakkomandazzjoni. Jekk il-Parti l-oħra ma tesprimix il-qbil tagħha, id-deċiżjoni jew ir-rakkomandazzjoni proposta għandha tiġi diskussa u tista' tiġi adottata fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat għall-Kummerċ. L-abbozzi ta' deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet għandhom jitqiesu li ġew adottati ladarba l-Parti l-oħra tesprimi l-qbil tagħha u għandu jiġi rreġistrat fil-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ skont il-punt (c) tar-Regola 8(3).

4. Fejn il-Kumitat għall-Kummerċ ikollu s-setgħa skont dan il-Ftehim li jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet, tali deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu intitolati "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni" rispettivament. Is-segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ għandu jagħti lil kwalunkwe deċiżjoni jew rakkomandazzjoni numru tas-serje progressiv, id-data tal-adozzjoni u deskrizzjoni tas-suġġett tagħha. Kull deċiżjoni u rakkomandazzjoni għandha tipprovdi għad-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

5. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kumitat għall-Kummerċ għandhom jiġu stabbiliti f'żewġ kopji, jiġu awtentikati mill-kopresidenti u trażmessi waħda lil kull Parti.

Regola 10

Trasparenza

1. Il-Partijiet jistgħu jaqblu li jiltaqgħu fil-pubbliku.

2. Kull Parti tista' tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha jew online.

3. Kif previst fl-Artikolu 25.7 (Divulgazzjoni ta' informazzjoni), id-dokumenti kollha ppreżentati minn Parti lill-Kumitat għall-Kummerċ u li jiġu indikati bħala kunfidenzjali għandhom jitqiesu bħala kunfidenzjali, sakemm dik il-Parti ma tiddeċidix mod ieħor u tinnotifika lis-segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ dwar dan.

4. L-aġendi proviżorji tal-laqgħat tal-Kumitat għall-Kummerċ għandhom jiġu ppubblikati qabel ma ssir il-laqgħa tal-Kumitat għall-Kummerċ. Il-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat għall-Kummerċ għandhom jiġu ppubblikati wara l-approvazzjoni tagħhom f'konformità mal-Artikolu 8(6).

5. Il-pubblikazzjoni tad-dokumenti msemmija fil-paragrafi 2 u 4 għandha titwettaq f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* ta' kull Parti.

Regola 11

Lingwi

1. Il-lingwa ta' ħidma tal-Kumitat għall-Kummerċ għandha tkun l-Ingliż.

2. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jadotta deċiżjonijiet dwar l-emenda jew l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim fil-lingwi tat-testi awtentiċi ta' dan il-Ftehim. Id-deċiżjonijiet l-oħra kollha tal-Kumitat għall-Kummerċ għandhom jiġu adottati fil-lingwa ta' ħidma msemmija fil-paragrafu 1.

3. Kull Parti għandha tkun responsabbli għat-traduzzjoni tad-deċiżjonijiet u dokumenti oħra fil-lingwa uffiċjali tagħha, jekk meħtieġ skont din ir-Regola, u għandha tkopri l-ispejjeż assoċjati ma' tali traduzzjonijiet.

Regola 12

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tkopri kwalunkwe spiża li ġġarrab bħala riżultat tal-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kumitat għall-Kummerċ, b'mod partikolari fir-rigward tal-persunal, in-nefqa tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza u fir-rigward tan-nefqa fuq vidjokonferenzi jew telekonferenzi, u fuq il-posta u t-telekomunikazzjonijiet.

2. L-ispejjeż marbuta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti għandhom jitħallsu mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.

3. L-ispejjeż marbuta mal-forniment ta' servizzi ta' interpretazzjoni lejn u mil-lingwa ta' ħidma tal-Kumitat għall-Kummerċ waqt il-laqgħat għandhom jitħallsu mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.

Regola 13

Kumitati speċjalizzati

1. Skont l-Artikolu 24.4 (Kumitati speċjalizzati), il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jissorvelja l-ħidma tal-kumitati speċjalizzati u tal-korpi l-oħra kollha stabbiliti skont dan il-Ftehim.

2. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jiġi infurmat bil-miktub dwar il-punti ta' kuntatt maħtura mill-kumitati speċjalizzati jew minn korpi oħra stabbiliti skont dan il-Ftehim. Il-korrispondenza, id-dokumenti u l-komunikazzjoni rilevanti kollha bejn il-punti ta' kuntatt ta' kull kumitat speċjalizzat rigward l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jintbagħtu lis-segretarjat tal-Kumitat għall-Kummerċ fl-istess ħin.

3. Skont l-Artikolu 24.4(7) (Kumitati speċjalizzati), il-kumitati speċjalizzati għandhom jirrapportaw lill-Kumitat għall-Kummerċ dwar ir-riżultati, id-deċiżjonijiet u l-konklużjonijiet minn kull laqgħa tagħhom.

4. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor minn kull kumitat speċjalizzat skont l-Artikolu 24.4(5) (Kumitati speċjalizzati) ta' dan il-Ftehim, ir-regoli ta' proċedura stabbiliti f'dan l-Anness għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-kumitati speċjalizzati skont dan il-Ftehim.

Regola 14

Emenda għar-regoli ta' proċedura

Dawn ir-regoli ta' proċedura jistgħu jiġu emendati b'deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ f'konformità mar-Regola 9.

ANNESS 26-A

REGOLI TA' PROĊEDURA GĦAS-SOLUZZJONI TAT-TILWIM

I. Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet tal-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim) u ta' dan l-Anness, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "konsulent" tfisser individwu magħżul minn Parti biex jagħti pariri jew jassisti lil dik il-Parti b'rabta mal-proċedimenti tal-bord;

(b) "assistent" tfisser individwu li, skont it-termini tal-ħatra u taħt id-direzzjoni u l-kontroll ta' membru tal-bord, iwettaq riċerka jew jipprovdi assistenza lil dak il-membru tal-bord;

(c) "Parti lmentatriċi" tfisser kwalunkwe Parti li titlob l-istabbiliment ta' bord skont l-Artikolu 26.4 (Bidu tal-proċeduri ta' bord);

(d) "jum" tfisser jum kalendarju;

(e) "bord" tfisser bord stabbilit skont l-Artikolu 26.5 (Stabbiliment ta' bord);

(f) "membru tal-bord" tfisser membru ta' bord;

(g) "Parti li kontriha jsir l-ilment" tfisser il-Parti li allegatament tkun qed tikser id-dispożizzjonijiet ikkonċernati; u

(h) "rappreżentant ta' Parti" tfisser impjegat jew kwalunkwe individwu maħtur minn dipartiment tal-gvern, aġenzija jew kwalunkwe entità pubblika oħra ta' Parti li jirrappreżenta lill-Parti għall-finijiet ta' tilwima skont dan il-Ftehim.

II. Notifiki

2. Kwalunkwe talba, avviż, sottomissjoni bil-miktub jew dokument ieħor:

(a) tal-bord għandu jintbagħat liż-żewġ Partijiet fl-istess ħin;

(b) ta' Parti, li jkun indirizzat lill-bord, għandu jiġi kkupjat lill-Parti l-oħra fl-istess ħin; u

(c) ta' Parti, li jkun indirizzat lill-Parti l-oħra, għandu jiġi kkupjat lill-bord fl-istess ħin, kif xieraq.

3. Kwalunkwe talba, avviż, sottomissjoni bil-miktub jew dokument ieħor imsemmi taħt ir-Regola 2 għandu jsir permezz ta' email jew, fejn ikun xieraq, kwalunkwe mezz ieħor ta' telekomunikazzjoni li jipprovdi rekord tal-bgħit tiegħu. Sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor, tali notifika għandha titqies li ġiet ikkonsenjata fl-istess jum li tkun intbagħtet.

4. Talbiet, avviżi, sottomissjonijiet bil-miktub jew dokumenti oħra għandhom jiġu indirizzati lid-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ tal-Kummissjoni Ewropea tal-Unjoni u lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ ta' New Zealand, rispettivament.

5. Żbalji żgħar ta' natura klerikali f'talba, avviż, sottomissjoni bil-miktub jew dokument ieħor relatat mal-proċedimenti tal-bord jistgħu jiġu kkoreġuti permezz tal-konsenja ta' dokument ġdid li jindika b'mod ċar il-bidliet.

6. Jekk l-aħħar jum għall-konsenja ta' dokument jaħbat f'jum mhux tax-xogħol tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew tal-gvern ta' New Zealand, il-perjodu ta' żmien għall-konsenja tad-dokument għandu jintemm fl-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss.

III. Ħatra tal-membri tal-bord

7. Jekk skont l-Artikolu 26.5 (Stabbiliment ta' bord), membru tal-bord jintgħażel bil-polza, il-kopresident tal-Kumitat għall-Kummerċ tal-Parti lmentatriċi għandu jinforma minnufih lill-kopresident tal-Parti li kontriha jsir l-ilment bid-data, il-ħin u l-post tal-għażla bil-polza. Il-Parti li kontriha jsir l-ilment tista', jekk tagħżel dan, tkun preżenti waqt l-għażla. Fi kwalunkwe każ, l-għażla għandha ssir bil-Parti jew bil-Partijiet li jkunu preżenti.

8. Il-kopresident tal-Parti lmentatriċi għandu jinnotifika, bil-miktub, lil kull individwu li jkun intgħażel biex iservi bħala membru tal-bord, dwar l-għażla tiegħu. Kull individwu għandu jikkonferma d-disponibbiltà tiegħu liż-żewġ Partijiet fi żmien 10 ijiem wara d-data tal-konsenja ta' tali notifika.

9. Il-kopresident tal-Kumitat għall-Kummerċ tal-Parti lmentatriċi għandu jagħżel bil-polza l-membru tal-bord jew il-president, fi żmien 10 ijiem wara l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 26.5(2) (Stabbiliment ta' bord), jekk xi waħda mis-sottolisti msemmija fl-Artikolu 26.6(2) (Lista ta' membri tal-bord):

(a) ma tkunx stabbilita jew ikun fiha biss ismijiet ta' persuni li ma jkunux disponibbli fost dawk l-individwi li jkunu ġew proposti formalment minn Parti waħda jew miż-żewġ Partijiet għall-istabbiliment jew iż-żamma ta' dik is-sottolista partikolari; jew

(b) ma jkunx għad fiha mill-anqas tliet individwi fost dawk l-individwi li jifdal f'dik is-sottolista partikolari.

10. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 26.4(4) (Bidu tal-proċeduri ta' bord), il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw li, sa mhux aktar tard minn meta l-membri tal-bord kollha jkunu aċċettaw il-ħatra tagħhom f'konformità mal-Artikolu 26.5(5) (Stabbiliment ta' bord), huma jkunu qablu dwar ir-remunerazzjoni u r-rimborż tal-ispejjeż tal-membri tal-bord u tal-assistenti, u ħejjew il-kuntratti ta' ħatra meħtieġa bil-għan li dawn jiġu ffirmati minnufih. Ir-remunerazzjoni u l-ispejjeż tal-membri tal-bord għandhom ikunu bbażati fuq l-istandards tad-WTO. Ir-remunerazzjoni u l-ispejjeż ta' assistent jew tal-assistenti kollha ta' membru tal-bord ma għandhomx jaqbżu 50 % tar-remunerazzjoni ta' dak il-membru tal-bord.

IV. Laqgħa organizzazzjonali

11. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor, huma għandhom jiltaqgħu mal-bord fi żmien sebat ijiem wara l-istabbiliment tiegħu sabiex jiddeterminaw kwistjonijiet li l-Partijiet jew il-bord iqisu xierqa, inkluża l-iskeda tal-proċedimenti. Il-membri tal-bord u r-rappreżentanti tal-Partijiet jistgħu jieħdu sehem f'tali laqgħa bi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni, inkluż vidjokonferenza bit-telefon jew mezz elettroniku ieħor ta' komunikazzjoni.

V. Sottomissjonijiet bil-miktub

12. Il-Parti lmentatriċi għandha tippreżenta s-sottomissjoni bil-miktub tagħha mhux aktar tard minn 20 jum wara d-data tal-istabbiliment tal-bord. Il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha tippreżenta s-sottomissjoni bil-miktub tagħha mhux aktar tard minn 20 jum wara d-data li fiha tkun irċeviet is-sottomissjoni bil-miktub tal-Parti lmentatriċi.

VI. Operat tal-bord

13. Il-president tal-bord għandu jippresiedi fil-laqgħat kollha tiegħu. Il-bord jista' jiddelega lill-president l-awtorità biex jieħu deċiżjonijiet amministrattivi u proċedurali.

14. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim), il-bord jista' jwettaq l-attivitajiet tiegħu bi kwalunkwe mezz, inkluż bit-telefon, vidjokonferenza jew mezzi elettroniċi oħra ta' komunikazzjoni.

15. Il-membri tal-bord biss jistgħu jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet tal-bord, iżda l-bord jista' jippermetti li l-assistenti tagħhom ikunu preżenti waqt id-deliberazzjonijiet tiegħu.

16. L-abbozzar ta' kwalunkwe deċiżjoni u rapport għandu jibqa' r-responsabbiltà esklużiva tal-bord u ma għandux jiġi ddelegat.

17. Fejn tqum kwistjoni proċedurali li ma tkunx koperta mill-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim), il-bord, wara li jikkonsulta lill-Partijiet, jista' jadotta proċedura xierqa li tkun kompatibbli mal-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim).

18. Jekk il-bord iqis li jkun hemm bżonn li jiġi mmodifikat xi wieħed mill-perjodi ta' żmien għall-proċedimenti għajr il-perjodi ta' żmien stabbiliti fil-Kapitolu 26 (Soluzzjoni tat-tilwim) jew li jsir kwalunkwe aġġustament proċedurali jew amministrattiv ieħor, huwa għandu jinforma bil-miktub lill-Partijiet dwar il-perjodu ta' żmien jew l-aġġustament meħtieġ u r-raġunijiet għal dan. Il-bord jista' jadotta l-modifika jew l-aġġustament wara konsultazzjoni mal-Partijiet.

VII. Sostituzzjoni

19. Jekk Parti tqis li membru tal-bord ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Anness 26-B (Kodiċi ta' kondotta għall-membri tal-bord u l-medjaturi) u għal din ir-raġuni għandu jiġi sostitwit, dik il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra fi żmien 15-il jum wara d-data li fiha tkun kisbet evidenza suffiċjenti tal-allegat nuqqas tal-membru tal-bord li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Anness 26-B (Kodiċi ta' kondotta għall-membri tal-bord u l-medjaturi).

20. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw fi żmien 15-il jum wara d-data tan-notifika msemmija fir-Regola 19. Huma għandhom jinfurmaw lill-membru tal-bord dwar l-allegat nuqqas tiegħu u jistgħu jitolbu lill-membru tal-bord jieħu passi biex jirrimedja għal dak in-nuqqas. Huma jistgħu wkoll, jekk jaqblu dwar dan, ineħħu lill-membru tal-bord u jagħżlu membru tal-bord ġdid f'konformità mal-Artikolu 26.5 (Stabbiliment ta' bord).

21. Jekk il-Partijiet jonqsu milli jaqblu dwar il-ħtieġa li jinbidel membru tal-bord, għajr il-president tal-bord, kull Parti tista' titlob li din il-kwistjoni tiġi riferuta lill-president tal-bord, li d-deċiżjoni tiegħu għandha tkun finali. Jekk il-president tal-bord isib li l-membru tal-bord ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Anness 26-B (Kodiċi ta' kondotta għall-membri tal-bord u l-medjaturi), il-membru tal-bord għandu jitneħħa u għandu jintgħażel membru tal-bord ġdid f'konformità mal-Artikolu 26.5 (Stabbiliment ta' bord).

22. Jekk il-Partijiet jonqsu milli jaqblu dwar il-ħtieġa li jiġi sostitwit il-president, kwalunkwe Parti tista' titlob li din il-kwistjoni tiġi riferuta lil wieħed mill-membri li jifdal tal-grupp ta' individwi mis-sottolista ta' presidenti stabbilita skont l-Artikolu 26.6 (Listi ta' membri tal-bord). Ismu jew isimha għandu jittella' bil-polza mill-kopresident tal-Kumitat għall-Kummerċ mill-Parti rikjedenti, jew mid-delegat tal-president. Id-deċiżjoni tal-persuna magħżula dwar il-ħtieġa li jinbidel il-president għandha tkun finali. Jekk dik il-persuna ssib li l-president ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Anness 26-B (Kodiċi ta' kondotta għall-membri tal-bord u l-medjaturi), il-president għandu jitneħħa u għandu jintgħażel president ġdid f'konformità mal-Artikolu 26.5 (Stabbiliment ta' bord).

VIII. Seduti ta' Smigħ

23. Fuq il-bażi tal-iskeda stabbilita skont ir-Regola 11, wara konsultazzjoni mal-Partijiet u mal-membri l-oħra tal-bord, il-president tal-bord għandu jinnotifika lill-Partijiet id-data, il-ħin u l-post tas-seduta ta' smigħ. Tali informazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mill-Parti li fiha ssir is-seduta ta' smigħ, sakemm is-seduta ta' smigħ ma tkunx magħluqa għall-pubbliku.

24. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor, is-seduta ta' smigħ għandha ssir fi Brussell jekk il-Parti lmentatriċi tkun New Zealand u f'Wellington jekk il-Parti lmentatriċi tkun l-Unjoni. Il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha ġġorr l-ispejjeż amministrattivi tas-seduta ta' smigħ. F'ċirkostanzi debitament ġustifikati u fuq talba ta' Parti, il-bord jista' jiddeċiedi li jorganizza smigħ virtwali jew ibridu u jagħmel arranġamenti xierqa, filwaqt li jqis id-drittijiet ta' proċess ġust u l-ħtieġa li tiġi żgurata t-trasparenza, u wara li jikkonsulta liż-żewġ Partijiet.

25. Il-bord jista' jsejjaħ seduti ta' smigħ addizzjonali jekk il-Partijiet jaqblu dwar dan.

26. Il-membri tal-bord kollha għandhom ikunu preżenti matul is-seduta ta' smigħ kollha.

27. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor, il-persuni li ġejjin jistgħu jattendu s-seduta ta' smigħ, irrispettivament minn jekk is-seduta ta' smigħ tkunx miftuħa għall-pubbliku jew le:

(a) rappreżentanti u konsulenti ta' Parti; u

(b) assistenti, interpreti u persuni oħra li l-preżenza tagħhom tkun meħtieġa mill-bord.

28. Sa mhux aktar tard minn ħamest ijiem qabel id-data ta' seduta ta' smigħ, kull Parti għandha tagħti lill-bord u lill-Parti l-oħra lista tal-ismijiet tal-persuni li jkunu se jagħmlu argumenti jew preżentazzjonijiet orali fis-seduta ta' smigħ f'isem dik il-Parti u ta' rappreżentanti u konsulenti oħra li jkunu se jattendu s-seduta ta' smigħ.

29. Il-bord għandu jiżgura li l-Partijiet jiġu ttrattati fuq l-istess livell u jingħataw biżżejjed żmien biex jippreżentaw l-argumenti tagħhom.

30. Il-bord jista' jagħmel mistoqsijiet lil kwalunkwe waħda mill-Partijiet fi kwalunkwe ħin matul is-seduta ta' smigħ.

31. Il-bord għandu jirranġa biex traskrizzjoni jew reġistrazzjoni tas-seduta ta' smigħ tingħata lill-Partijiet mill-aktar fis possibbli wara s-seduta ta' smigħ. Fejn titħejja traskrizzjoni, il-Partijiet jistgħu jikkummentaw dwar it-traskrizzjoni u l-bord jista' jikkunsidra dawn il-kummenti.

32. Kull Parti tista' tagħmel sottomissjoni supplimentari bil-miktub dwar kwalunkwe kwistjoni li tkun qamet matul is-seduta ta' smigħ fi żmien 10 ijiem wara d-data tas-seduta ta' smigħ.

IX. Mistoqsijiet bil-miktub

33. Fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti, il-bord jista' jissottometti mistoqsijiet bil-miktub lil waħda mill-Partijiet jew lit-tnejn li huma. Kwalunkwe mistoqsija li ssir lil waħda mill-Partijiet għandha tiġi kkupjata lill-Parti l-oħra.

34. Kull Parti għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra kopja tat-tweġibiet tagħha għall-mistoqsijiet ippreżentati mill-bord. Il-Parti l-oħra għandu jkollha l-opportunità li tipprovdi kummenti bil-miktub dwar it-tweġibiet tal-Parti fi żmien sebat ijiem wara l-konsenja ta' tali kopja.

X. Kunfidenzjalità

35. Kull Parti u l-bord għandhom jittrattaw bħala kunfidenzjali kwalunkwe informazzjoni ppreżentata mill-Parti l-oħra lill-bord li l-Parti l-oħra tkun indikat bħala kunfidenzjali. Meta Parti tippreżenta lill-bord sottomissjoni bil-miktub li jkun fiha informazzjoni kunfidenzjali, hija għandha tipprovdi wkoll, fi żmien 15-il jum, sottomissjoni mingħajr l-informazzjoni kunfidenzjali, li għandha tiġi divulgata lill-pubbliku.

36. Ma hemm xejn f'dan l-Anness li għandu jipprekludi Parti milli tiżvela dikjarazzjonijiet tal-pożizzjonijiet proprji tagħha lill-pubbliku dment li, meta tagħmel referenza għall-informazzjoni ppreżentata mill-Parti l-oħra, hija ma tiżvela l-ebda informazzjoni indikata mill-Parti l-oħra bħala kunfidenzjali.

37. Il-bord għandu jiltaqa' f'sessjoni magħluqa meta s-sottomissjoni u l-argumenti ta' xi Parti jkun fihom informazzjoni kunfidenzjali. Il-Partijiet għandhom iżommu l-kunfidenzjalità tas-seduti ta' smigħ tal-bord meta s-seduti ta' smigħ ikunu magħluqa għall-pubbliku.

XI. Kuntatti *ex parte*

38. Il-bord ma għandux jiltaqa' jew jikkomunika ma' Parti fl-assenza tal-Parti l-oħra.

39. Membru tal-bord ma għandu jiddiskuti l-ebda aspett tas-suġġett tal-proċedimenti ma' Parti waħda jew maż-żewġ Partijiet fin-nuqqas tal-membri tal-bord l-oħra.

XII. Sottomissjonijiet *amicus curiae*

40. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, fi żmien ħamest ijiem wara d-data tal-istabbiliment tal-bord, il-bord jista' jirċievi sottomissjonijiet bil-miktub mhux mitluba minn persuna fiżika ta' Parti jew minn persuna ġuridika stabbilita fit-territorju ta' Parti li tkun indipendenti mill-gvernijiet tal-Partijiet, dment li dawn:

(a) jaslu għand il-bord fi żmien 10 ijiem wara d-data tal-istabbiliment tal-bord;

(b) ikunu konċiżi u fl-ebda każ ma jkunu itwal minn 15-il paġna, inkluż kwalunkwe anness, u ttajpjati bi spazju doppju;

(c) ikunu direttament rilevanti għal kwistjoni fattwali jew legali li tkun qed tiġi kkunsidrata mill-bord;

(d) ikun fihom deskrizzjoni tal-persuna li tkun qed tagħmel is-sottomissjoni, inkluż għal persuna fiżika n-nazzjonalità tagħha u għal persuna ġuridika l-post ta' stabbiliment tagħha, in-natura tal-attivitajiet tagħha, l-istatus legali tagħha, l-objettivi ġenerali u s-sors ta' finanzjament tagħha;

(e) jispeċifikaw in-natura tal-interess li l-persuna jkollha fil-proċedimenti tal-bord; u

(f) jiġu abbozzati fil-lingwa ta' ħidma ddeterminata f'konformità mal-Artikoli 44 u 45.

41. Is-sottomissjonijiet għandhom jiġu kkonsenjati lill-Partijiet għall-kummenti tagħhom. Il-Partijiet jistgħu jissottomettu kummenti lill-bord fi żmien 10 ijiem wara din il-konsenja.

42. Fir-rapport tiegħu, il-bord għandu jelenka s-sottomissjonijiet kollha li jkun irċieva skont ir-Regola 40. Fir-rapport tiegħu, il-bord ma għandux ikun obbligat li jindirizza l-argumenti li jkunu saru f'dawk is-sottomissjonijiet, madankollu, jekk jagħmel dan, huwa għandu jqis ukoll kwalunkwe kumment li jagħmlu l-Partijiet skont ir-Regola 41.

XIII. Każijiet urġenti

43. F'każijiet ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 26.10 (Deċiżjoni dwar l-urġenza), il-bord, wara li jikkonsulta lill-Partijiet, għandu jaġġusta, kif xieraq, il-perjodi ta' żmien imsemmija f'dan l-Anness. Il-bord għandu jinnotifika lill-Partijiet b'tali aġġustamenti.

XIV. Lingwa ta' ħidma, traduzzjoni u interpretazzjoni

44. Matul il-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 26.3 (Konsultazzjonijiet), u mhux aktar tard mil-laqgħa msemmija fir-Regola 11, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jaqblu dwar lingwa ta' ħidma komuni għall-proċedimenti quddiem il-bord.

45. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar lingwa ta' ħidma komuni, kull Parti għandha tagħmel arranġamenti u ġġorr il-kostijiet tat-traduzzjoni tas-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha fil-lingwa magħżula mill-Parti l-oħra. Il-bord għandu jikkunsidra b'mod pożittiv talba minn Parti waħda jew miż-żewġ Partijiet biex jimmodifika l-perjodi ta' żmien għall-preżentazzjoni tas-sottomissjonijiet bil-miktub jekk ikunu meħtieġa traduzzjonijiet. Il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha tagħmel arranġamenti għall-interpretazzjoni tas-sottomissjonijiet orali fil-lingwi magħżula mill-Partijiet.

46. Ir-rapporti u d-deċiżjonijiet tal-bord għandhom jinħarġu bil-lingwa jew lingwi magħżula mill-Partijiet. Jekk il-Partijiet ma jkunux qablu dwar lingwa ta' ħidma komuni, ir-rapport interim u finali tal-bord għandu jinħareġ f'waħda mil-lingwi ta' ħidma tad-WTO.

